

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 286

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

17 ta' Ottubru 2012

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

DEĊIŻONIJIET

2012/544/UE, Euratom:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew** 1

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew 3

2012/545/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima II — Il-Kunsill** 22

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi il-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima II — Il-Kunsill 23

2012/546/UE, Euratom:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni** 29

Prezz: EUR 10,50

(Ikompri fil-paġna li jmiss)

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji	31
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar ir-Rapporti speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-kuntest tal-kwittanza tal-Kummissjoni 2010	68
2012/547/UE, Euratom:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali għas-sena finanzjarja 2010	86
2012/548/UE, Euratom:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2010	88
2012/549/UE, Euratom:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi għas-sena finanzjarja 2010	90
2012/550/UE, Euratom:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2010	92
2012/551/UE, Euratom:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2010	94
2012/552/UE, Euratom:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew għas-sena finanzjarja 2010	96
2012/553/UE, Euratom:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Kummissjoni	98
2012/554/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima IV — Il-Qorti tal-Ġustizzja	100



II

(Atti mhux leġislattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew

(2012/544/UE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 – C7-0257/2011) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja – Taqsima I – Il-Parlament Ewropew – Sena Finanzjarja 2010 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Awditur Intern għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁵⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 147(1) tar-Regolament Finanzjarju, skont liema artikolu kull istituzzjoni tal-Unjoni għandha tiegħu l-passi kollha xierqa biex taġixxi fuq il-kummenti li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew,

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 167, 7.6.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁶⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁷⁾ PE 349.540/Bur/ann/def.

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2009 dwar il-linji gwida għall-proċedura baġitarja 2010 — it-Taqsimiet I, II, IV, V, VI, VII, VIII u IX ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2009 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2010 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-REGoli 77 u 80(3) u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0120/2012),
- A. billi l-verifika tal-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li, fir-rigward tan-nefqa amministrattiva tal-2010, l-istituzzjonijiet kollha implimentaw b'mod sodisfaċenti s-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju u 93 % tal-58 ħlas awditjat kienu ħielsa minn żbalji materjali,
- B. billi, fit-16 ta' Ġunju 2011, is-Segretarju Ġenerali ċċertifika li għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-baġit tal-Parlament Ewropew ġie implimentat b'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda u li l-qafas ta' kontroll li ġie applikat jagħti l-garanziji meħtieġa tal-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet sottostanti,
1. Jagħti l-kwittanza lill-President tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 327.

⁽²⁾ ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 244.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 – C7-0257/2011) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja — it-Taqsima I — Il-Parlament Ewropew — Sena Finanzjarja 2010 ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Awditur Intern għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁵⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁶⁾ (ir-Regolament Finanzjarju), u b'mod partikolari l-Artikoli 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 13 tar-Regoli Interni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew ⁽⁷⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 147(1) tar-Regolament Finanzjarju, skont liema artikolu kull istituzzjoni tal-Unjoni għandha tiegħu l-passi kollha xierqa biex taġixxi fuq il-kummenti li jakkumpanjaw id-deċiżjoni ta' kwittanza tal-Parlament Ewropew,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2009 dwar il-linji gwida għall-proċedura baġitarja 2010 — it-Taqsimiet I, II, IV, V, VI, VII, VIII u IX ⁽⁸⁾,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Mejju 2009 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2010 ⁽⁹⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 167, 7.6.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁶⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁷⁾ PE 349.540/Bur/ann/def.

⁽⁸⁾ ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 327.

⁽⁹⁾ ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 244.

- wara li kkunsidra r-Regoli 77 u 80(3) u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0120/2012),
- A. billi l-verifika tal-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li, fir-rigward tan-nefqa amministrattiva tal-2010, l-istituzzjonijiet kollha implimentaw b'mod sodisfaċenti s-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll meħtieġa mir-Regolament Finanzjarju u 93 % tal-58 ħlas awdiat kienu ħielsa minn żbalji materjali,
- B. billi, fit-16 ta' Ġunju 2011, is-Segretarju Ġenerali ċċertifika li għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-baġit tal-Parlament Ewropew ġie implimentat b'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda u li l-qafas ta' kontroll li ġie applikat jagħti l-garanziji meħtieġa tal-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet sottostanti;
- C. billi filwaqt li xi kwistjonijiet li tqajmu matul id-diskussjonijiet dwar il-kwittanza għall-2010 fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit marru lil hinn mill-kwistjonijiet speċifiċi għall-2010, u kienu inklużi f'mistoqsijiet ġenerali li saru mill-Kumitat, din ir-riżoluzzjoni tibqa' ffukata prinċipalment fuq l-implimentazzjoni tal-baġit u l-kwittanza għas-sena finanzjarja 2010, filwaqt li jirrikonoxxi li l-approċċi għall-kwistjonijiet baġitarji huma suġġetti għal diskussjoni usa' b'mod partikolari fil-grupp ta' ħidma li qed jiġi stabbilit biex iqis l-ispejjeż u t-tfaddil possibbli tal-Parlament Ewropew, u f'konformità mal-linji gwida tal-baġit tal-2013 adottati fit-8 ta' Frar 2012, li jfittex li jagħmel tfaddil fuq tul ta' żmien twil sinifikanti, permezz ta' evalwazzjoni indipendenti tal-baġit tal-Parlament Ewropew li jwassal għal proposti sa tmiem l-2012 segwit mill-implimentazzjoni mgħaġġla tagħhom;

L-isfidi għall-implimentazzjoni tal-baġit fl-2010

1. Jirrimarka li l-implimentazzjoni tal-baġit fl-2010 kienet problematika peress li dik kienet l-ewwel sena sħiħa ta' operazzjonijiet wara l-elezzjonijiet Ewropej tal-2009, u seħħet fil-kuntest ta' problemi finanzjarji kontinwi fl-Unjoni;
2. Josserva li l-baġit tal-Parlament (approprjazzjonijiet finali li jammontaw għal EUR 1 616 760 399, meta mqabbla ma' EUR 1 529 970 930 fl-2009) kien f'tit inqas minn parti waħda minn ħamsa (19,99 %; 19,67 % fl-2009, għaldaqstant inqas mis-sehem ta' 20 % tas-soltu) tal-Intestatura V (Nefqa amministrattiva) fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2010;
3. Jieħu nota tat-tweġiba tas-Segretarjat tal-Parlament, skont liema tweġiba l-ispejjeż annwali tas-sede tal-Parlament fi Strasburgu kienu jammontaw preċiżament għal EUR 51 500 000 fl-2010, li minnhom EUR 33 500 000 kienu spejjeż infrastrutturali u EUR 18 000 000 kienu spejjeż operattivi għat-12-il sessjoni parzjali ta' kull xahar; josserva li dawn l-ammonti uffiċjali huma ħafna inqas mill-istimi mressqa qabel, li kienu jvarjaw minn EUR 169 000 000 għal EUR 203 000 000; jinnota, madankollu, li fl-istimi tal-2006, l-Amministrazzjoni kienet ikkalkulat li kieku kellu jkun hemm sede unika, l-iffrankar annwali jkun ta' EUR 204 miljun, filwaqt li fl-2010 ċ-ċifra stmata kienet ta' EUR 180 miljun, li hija ċifra aktar baxxa minħabba li sadanittant kienu ntraw il-binjiet ta' Strasburgu u kien sar titjib fit-teknoloġija tal-informazzjoni, u jfakkar li fl-istimi tiegħu għall-2013, il-Parlament Ewropew ivvota, b'429 vot favur u 184 vot kontra, li jkollu sede unika sabiex jiffranka l-ispejjeż;
4. Jinnota li d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona żied is-setgħat, l-attivitajiet u l-ammont ta' xogħol legiſlattivi tal-Parlament, b'mod li rrikjeda bidliet kbar fl-organizzazzjoni u fil-metodi ta' ħidma tiegħu biex wieħed jibni fuq l-eċċellenza legiſlattiva u jkompli t-tnejjiet għat-ktabbir tal-Unjoni biex tinkludi l-Kroazja; jinnota wkoll li, biex wieħed jirreaġixxi għall-isfidi l-ġodda, ġew adottati miżuri biex tittejjeb il-kosteffikaċja permezz ta' żieda fil-produttività, ridistribuzzjoni tal-persunal u metodi ta' ħidma mtejbja;
5. Jinnota li kienet meħtieġa l-adozzjoni ta' baġit emendatorju (Nru 1/2010 adottat fid-19 ta' Mejju 2010) ta' EUR 9 397 164 biex tiġi ffinanzjata n-nefqa addizzjonali li rriżultat direttament mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona; jinnota wkoll li dan il-baġit emendatorju saħħaħ, b'mod partikolari, żewġ partiti baġitarji (Il-Partita 1 2 0 0 "Remunerazzjoni u allowances" u l-Partita 4 2 2 0/01 "L-assistenza parlamentari: assistenti lokali") biex tissaħħaħ l-assistenza lill-Membri fit-twettiq tal-kompiti legiſlattivi miżjuda tagħhom; madankollu jiddispaċih li din iż-żieda ma tnaqqas b'mod sostanzjali permezz ta' tfaddil iktar konsistenti;

6. Jinnota li s-sena rat konsolidament u aktar modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni, bi ffukar akbar fuq l-attivitajiet ewlenin, ir-ristrutturar tas-servizzi, użu aħjar ta' teknoloġiji moderni u iktar kooperazzjoni interstituzzjonali;
7. Jirrimarka li l-2010 kienet l-ewwel sena li fiha l-Istatut il-ġdid tal-Membri u l-Istatut tal-Assistenti (it-tnejn li huma fis-seħħ mill-14 ta' Lulju 2009) ġew implimentati għalkollox bid-dħul fis-seħħ ta' sett ta' modifiki għall-Miżuri Implimentattivi taż-żewġ Statuti, proposti mill-Grupp Temporanju ta' Valutazzjoni, u li dawn irrappreżentaw kompiti addizzjonali sinifikanti għall-amministrazzjoni tal-Parlament;
8. Jinnota l-adozzjoni mill-Bureau, fl-24 ta' Marzu 2010, ta' Strateġija tal-ICT għal terminu medju ta' żmien (u b'mod partikolari s-Sistema tal-Ġestjoni tal-Għarfien - KMS - li tagħmel parti minnha) u politika tal-bini għal terminu medju ta' żmien, li t-tnejn li huma għandhom dimensjoni finanzjarja notevoli;

Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

9. Jinnota li, fl-2010, il-Parlament irċieva dħul li jammonta għal EUR 243 094 204 (EUR 141 250 059 fl-2009), li kien jinkludi EUR 110 298 523 fi dħul assenjat;

Il-preżentazzjoni tal-kontijiet tal-Parlament

10. Jinnota ċ-ċifri li fuq il-bażi tagħhom ingħalqu l-kontijiet tal-Parlament għas-sena finanzjarja 2010, jiġifieri:

(EUR)

(a) Approprjazzjonijiet disponibbli

approprjazzjonijiet għall-2010:	1 616 760 399
riporti mhux awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2009:	10 100 000
riporti awtomatiċi mis-sena finanzjarja 2009:	180 265 823
approprjazzjonijiet li jikkorrispondu għad-dħul assenjat għall-2010:	110 298 523
riporti li jikkorrispondu għad-dħul assenjat mill-2009:	20 637 870
Total:	1 938 062 615

(b) L-użu ta' approprjazzjonijiet fis-sena finanzjarja 2010

impenji:	1 772 219 308
ħlasijiet li saru:	1 506 555 191
approprjazzjonijiet riportati awtomatikament inklużi dawk li ġejjin minn dħul assenjat:	341 046 482
approprjazzjonijiet riportati mhux awtomatikament:	9 240 000
approprjazzjonijiet kanċellati:	80 650 726

(c) Dħul tal-baġit

li wasal fl-2010:	243 094 204
-------------------	-------------

(d) Total tal-karta tal-bilanċ fil-31 ta' Diċembru 2010

	1 612 914 353
--	---------------

11. Jinnota li fl-2010, 96 % (93 % fl-2009) tal-appropriazzjonijiet finali ġew impenjati, b'rata ta' kanċellazzjoni ta' 4 % (6,7 % fl-2009), u li, bħal fis-senja preċedenti, intlaħaq livell għoli ħafna ta' implimentazzjoni baġitarja;

12. Jinnota madankollu r-riporti sinifikanti għall-2010 (EUR 190 365 823 ⁽¹⁾), konsegwenza, fil-biċċa l-kbira tagħhom, tan-natura partikolari tas-sena elettorali 2009, u jitlob li jkun hemm ippjanar aħjar tan-nefqa li jikkunsidra dan kollu fil-perjodu ta' qabel elezzjonijiet Ewropej futuri;
13. Jinnota li dan il-livell għoli globali ta' implimentazzjoni huwa parzjalment dovut għal żewġ trasferimenti mmirati li saru qabel tmiem is-sena finanzjarja 2010 (EUR 9 240 000 għax-xiri ta' Dar l-Ewropa f'Sofija u EUR 10 923 000 għal erba' proġetti kbar tal-IT); jilqa' l-fatt li, għat-tieni darba, ma saru l-ebda trasferimenti kollettivi bejn l-2010 u l-2011; iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tiegħu, madankollu, biex fil-futur timmira għall-oġettivi ta' pjanar u dixxiplina baġitarji aħjar u aktar ċari u jinnota li l-inklużjoni tal-bini, l-IT u kwalunkwe nefqa importanti oħra fil-baġit tipprovdi ċarezza finanzjarja totali; iqis li l-infiq il-kbir kollu għandu jkun previst totalment fil-baġit annwali u mhux jirriżulta mill-bżonn li jsir irkupru ta' ammonti mhux użati;

Id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni mis-Segretarju Ġenerali

14. Jilqa' b'sodisfazzjon id-dikjarazzjoni tas-Segretarju Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2011 fil-kapaċità tiegħu ta' Uffiċjal Awtorizzanti Prinċipali b'delega, fir-rigward tar-rapporti tal-attivitàjiet annwali tal-uffiċjali awtorizzanti għall-2010, li fiha ċċertifika li hu għandu assigurazzjoni raġonevoli li l-baġit tal-Parlament kien implimentat f'konformita' mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u li l-qafas ta' kontroll li ġie applikat jagħti l-garanziji meħtieġa tal-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet sottostanti;

Ir-rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija

15. Jinnota li s-servizzi ċentrali stabbilixxew, fuq il-bażi ta' taġhrif provdut mid-dipartimenti awtorizzanti, ir-rapport annwali ⁽²⁾ lill-awtorità baġitarja dwar kuntratti mogħtija fl-2010 u jinnota wkoll it-tqassim li ġej tal-kuntratti kollha mogħtija fl-2009 u fl-2010:

Tip ta' kuntratt	2010		2009	
	Għadd	Persentaġġ	Għadd	Persentaġġ
Servizzi	143	67 %	157	62 %
Provvisi	40	19 %	56	22 %
Xogħlijiet	27	12 %	34	14 %
Bini	4	2 %	5	2 %
Total	214	100 %	252	100 %

Tip ta' kuntratt	2010		2009	
	Valur (f'EUR)	Persentaġġ	Valur (f'EUR)	Persentaġġ
Servizzi	149 463 916	63 %	415 344 963	75 %
Provvisi	45 467 211	19 %	34 980 727	6 %
Xogħlijiet	22 128 145	9 %	36 045 314	6 %
Bini	22 269 303	9 %	70 394 138	13 %
Total	239 328 575	100 %	556 765 142	100 %

(Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2010, p. 5)

⁽¹⁾ Riporti awtomatiċi: EUR 180 265 823, riporti mhux awtomatiċi: EUR 10 100 000.

⁽²⁾ Disponibbli hawnhekk: <http://www.europarl.europa.eu/document/activities/cont/201109/20110913ATT26546/20110913ATT26546EN.pdf>

16. Jinnota t-tqassim tal-kuntratti mogħtija fl-2010 u fl-2009 skont it-tip ta' proċedura użata kif ġej:

Tip ta' proċedura	2010		2009	
	Għadd	Persentaġġ	Għadd	Persentaġġ
Miftuħa	72	34 %	73	29 %
Ristretta	5	2 %	13	5 %
Negożjata	137	64 %	166	66 %
Total	214	100 %	252	100 %

Tip ta' proċedura	2010		2009	
	Valur (f'EUR)	Persentaġġ	Valur (f'EUR)	Persentaġġ
Miftuħa	143 603 024	60 %	415 996 418	75 %
Ristretta	2 129 576	1 %	9 458 434	2 %
Negożjata	93 595 975	39 %	131 310 290	23 %
Total	239 328 575	100 %	556 765 142	100 %

(Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2010, paġni 6-7)

Proċeduri negożjati eċċezzjonali

17. Jilqa' l-fatt li, mill-2010, id-Direttorati Ġenerali kollha jfornu, f'anness mar-rapporti annwali tal-attività tagħhom, informazzjoni dettaljata dwar il-kuntratti mogħtija fil-qafas tal-proċedura negożjata eċċezzjonali, u jindikaw ir-raġunijiet għala ntużat din il-proċedura, flimkien ma' informazzjoni oħra meħtieġa fil-paragrafu 50 tar-riżoluzzjoni tal-5 ta' Mejju 2010 ⁽¹⁾ dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2008, Taqsima I - Il-Parlament Ewropew;
18. Jirrikonoxxi bħala ħaġa pożittiva l-inverżjoni tax-xejra fl-2010 (meta mqabbla mal-2009 u mas-snin preċedenti) fin-numru ta' proċeduri negożjati eċċezzjonali fir-rigward tal-kuntratti kollha ta' valur oġhla minn EUR 25 000 ⁽²⁾, kif muri fit-tqassim li ġej:

Direttorat Ġenerali	2010		2009	
	Għadd	% tat-total tal-kuntratti tad-DĠ	Għadd	% tat-total tal-kuntratti tad-DĠ
DĠ PRES	5	50,00 %	14	53,85 %
DĠ IPOL	2	5,56 %	0	0,00 %
DĠ EXPO	0	0,00 %	1	50,00 %
DĠ COMM	8	14,81 %	29	42,03 %
DĠ PERS	0	0,00 %	1	16,67 %
DĠ INLO	24	30,00 %	37	38,14 %
DĠ INTE	3	27,27 %	3	21,43 %

⁽¹⁾ ĠU L 252, 25.9.2010, p. 3.

⁽²⁾ Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2010, paragrafi 38 u 39.

Direttorat Ġenerali	2010		2009	
	Għadd	% tat-total tal-kuntratti tad-DĠ	Għadd	% tat-total tal-kuntratti tad-DĠ
DĠ TRAD	0	0,00 %	0	0,00 %
DĠ ITEC	7	53,85 %	4	36,36 %
DĠ FINS	0	0,00 %	0	0,00 %
Servizz Legali	0	0,00 %	0	0,00 %
Parlament, total	49	22,90 %	89	35,32 %

(Rapport annwali dwar il-kuntratti mogħtija mill-Parlament Ewropew, 2010, p. 11)

- Jistieden lid-Direttorati Ġenerali li għad għandhom ċifri kbar, partikolarment id-DĠ INLO, biex inaqqsu aktar l-għadd/proporzjon ta' dawn il-proċeduri; iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tkompli l-iskrutinju strett ta' dawn il-proċeduri, partikolarment fir-rigward ta' kunflitti ta' interess possibbli, u jiġu applikati sanzjonijiet intensifikati u disważivi għal kwalunkwe irregolarità misjuba; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jirrapporta kull sitt xhur dwar il-progress li jkun sar lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;
- Jilqa' favorevolment il-ħolqien min-naħa tad-DĠ PRES ta' taqsima għall-akkwist fi ħdan l-Unità għall-Programmazzjoni, il-Ġestjoni Baġitarja u l-Kuntratti, billi din se żżid it-trasparenza tal-akkwisti pubbliċi;

Ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri għall-2010

Konklużjonijiet ġenerali

- Jilqa' l-fatt li l-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri sab li l-ħlasijiet b'mod globali kienu ħielsa minn żbalji materjali u li l-Qorti tal-Awdituri ma sabet ebda dgħufijiet materjali meta vvalutat il-konformità tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll mar-Regolament Finanzjarju;

Il-ġestjoni tal-iskema ta' sussidju għal gruppi ta' viziaturi

- Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-proċeduri applikati fl-2010, li ma kinux jirrikjedu provi tal-ispejjeż effettivi tal-ivvjaġġar u li inkludew ħlasijiet fi flus kontanti lill-mexxejja tal-gruppi, ippreżentaw riskju ta' ħlas żejjed u llimitaw il-possibilità li jiġu applikati kontrolli interni għal dawn il-ħlasijiet, u jieħu nota tal-adozzjoni tal-bidliet riċenti għal din is-sistema; jindika iżda li l-Membri għad għandhom il-possibilità li jagħżlu li jirrikjedu l-ħlas fi flus kontanti għall-gruppi ta' viziaturi; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jitlob l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri dwar ir-regoli emendati;

L-impjegar ta' aġenti kuntrattwali

- Jinnota b'diżappunt li l-Qorti tal-Awdituri kkoncludiet li, ferba' mill-ħames każijiet awditjati, jiġifieri f'mhux inqas minn 80 %, id-dokumentazzjoni relatata mal-eżami tal-applikazzjonijiet, it-twertiq tal-intervisti u d-deċiżjonijiet li ttieħdu biex jingħażel il-persunal kuntrattwali ma kinux kompluti, mingħajr konsegwenzi negattivi fuq il-persunal involut u għalhekk mingħajr ma jkun pprovduti inċentivi biex is-sitwazzjoni titjieb; jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li minn issa 'l quddiem għandha tiġi żgurata dokumentazzjoni sħiħa għal skopijiet ta' kontroll intern;

L-akkwist

- Jiddispaċiħ li l-Qorti tal-Awdituri sabet żbalji, inkonsistenzi u dgħufijiet oħra fil-proċeduri tal-akkwist tal-Parlament li awditjat; jindika l-miżuri riċenti li ttieħdu biex jittejjbu dawn il-proċeduri u jinkoraġġixxi lill-amministrazzjoni tiegħu tagħmel aktar titjib f'dan il-qasam tal-ħidma; jilqa' l-iżvilupp tal-għodda tal-IT Webcontracts, stabbilita fl-2010, li tippermetti li jitwettagħ ix-xogħol tal-kuntratti onlajn;
- Jistieden lill-Bureau jerġa' jeżamina l-mekkaniżmi ta' kontroll kollha għall-akkwist pubbliku, bil-għan li jiggarrantixxi l-aktar prezzijiet kompetittivi għas-servizzi u l-oġġetti li huma offruti;

L-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-gruppi politiċi

26. Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri rigward ir-riport ta' approprjazzjonijiet mhux użati mill-gruppi politiċi u l-qsim ta' sena ta' elezzjoni Ewropea f'żewġ nofsijiet għall-iskopijiet tal-kalkolu tar-riport permess; huwa tal-fehma li, biex tiġi evitata ripetizzjoni futura tad-diffikultajiet li kien hemm fil-bidu tal-2010, kwalunkwe sena elettorali futura għandha tittieħed kollha kemm hi għall-kalkolu tar-riport għall-gruppi politiċi li ma jieqfux jiffunzjonaw wara elezzjoni;
27. Josserva li filwaqt li ġie indikat li l-mistoqsijiet bil-miktub imressqa miċ-ċittadini ġeneralment jirċievu tweġiba fi żmien ġimagħtejn, attwalment ma teżistix sistema li bis-saħħa tagħha l-mistoqsijiet tal-Membri lill-President jew lis-Segretarju Ġenerali jirċievu tweġiba fl-istess ammont ta' żmien;

Is-segwitu mis-Segretarju Ġenerali għar-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-2009

28. Jinnota b'sodisfazzjon il-prontezza u l-portata tat-tweġibiet bil-miktub fir-rigward tar-riżoluzzjoni tal-kwittanza tal-2009 mogħtija lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fis-6 ta' Ottubru 2011 u l-kwalità tal-iskambju ta' opinjonijiet bejn is-Segretarju Ġenerali u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit matul is-segwitu tal-eżerċizzju ta' kwittanza 2009 fil-11 ta' Ottubru 2011;
29. Jilqa' d-diversi reazzjonijiet għal numru ta' talbiet li saru fir-riżoluzzjoni hawn fuq imsemmija u jistenna b'ħerqa t-tlestija tas-segwitu tat-talbiet li ġejjin u li kienu espressi f'dik ir-riżoluzzjoni:
- (i) li ssir valutazzjoni komprensiva li tkopri l-bidliet fil-persunal kif ukoll l-iżvilupp tal-infiq fis-servizzi kollha kkonċernati mill-implimentazzjoni tal-Istatuti l-ġodda (tal-Membri u tal-Assistenti) u li din tiġi mgħoddija lill-kumitati kompetenti, flimkien ma' pjan ta' azzjoni u valutazzjoni tal-implikazzjonijiet finanzjarji diretti u indiretti għall-baġit tal-Parlament għall-ħames snin li ġejjin, inkluża d-dispożizzjoni għal spazju addizzjonali possibbli f'termini ta' uffiċċji, ġarr u spejjeż marbuta mar-rinnovazzjonijiet/modifiki (paragrafu 7);
 - (ii) li tasallu informazzjoni dwar l-ispejjeż tal-esternalizzazzjoni taċ-ċentri tal-kompjuter meta mqabbla mal-ispejjeż preċedenti fir-rapport ta' attività li jmiss tiegħu (paragrafu 37);
 - (iii) li tittieħed deċiżjoni formali dwar l-abolizzjoni tal-Premju għall-Ġurnaliżmu (paragrafu 93);
 - (iv) li jiġi rrapportat l-ammont totali ta' ffrankar li sar inkluż dak b'konsegwenza tar-razzjonalizzazzjoni ulterjuri tal-missjonijiet bejn it-tliet postijiet ta' ħidma (paragrafu 102);
 - (v) li jiġu proposti regoli rigorużi applikabbli għall-Membri kollha biex jiġi żgurat li l-allowance għan-Nefqa Ġenerali tkun trasparenti fil-każijiet kollha u li tintuża esklużivament għall-iskopijiet li kienet maħsuba għalihom;
30. Jitlob lis-Segretarju Ġenerali jirrapporta lill-kumitat kompetenti tal-Parlament, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2012, dwar l-azzjoni li ttieħdet jew li għandha tittieħed;

Ir-rapport annwali tal-Awditur Intern

31. Jilqa' l-fatt li ditta ta' awdituri esterni ċċertifikat li s-Servizz ta' Awditjar Intern huwa fl-ogħla livell ta' konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Prattika Professjonali tal-Awditjar Intern;
32. Jinnota li, fil-laqgħa tal-kumitat kompetenti li saret fl-24 ta' Jannar 2012, l-Awditur Intern ippreżenta r-rapport annwali tiegħu ffirmat fil-15 ta' Lulju 2011 u spjega li, fl-2010, wettaq il-ħidma ta' awditjar li ġejja fuq l-amministrazzjoni tal-Parlament:

— segwitu għall-awditjar tal-intitolamenti individwali tal-persunal;

- awditjar tal-Gruppi ta' Viżitaturi;
 - segwitu għall-awditjar tal-ispejjeż tal-missjonijiet tal-persunal;
 - segwitu għar-rieżami tal-kontrolli interni fuq kuntratti għal perjodi twal;
 - segwitu għar-rieżami tal-Governanza tal-IT - Ippjanar u Organizzazzjoni;
 - awditjar tal-istabbiliment tal-lista tas-salarji;
 - awditjar tal-Proċess tal-Akkwist Pubbliku u tal-Implimentazzjoni tal-Kuntratti f'DG ITEC;
 - segwitu għall-awditjar tal-Allowance għall-Assistenza Parlamentari;
33. Jinnota u jappoġġa l-fehmiet espressi mill-Awditur Intern rigward il-ħtieġa:
- li jitlestew l-azzjonijiet kollha li suppost diġà saru malajr kemm jista' jkun, u b'mod partikolari dawk kritiċi, biex jittejbu l-proċessi ta' governanza, l-ambjent ta' kontroll u l-attivitajiet ta' kontroll tad-DG Persunal fil-qasam tal-intitolamenti individwali tal-persunal u li jitlestew l-erba' azzjonijiet li għadhom pendenti fil-qasam tal-ispejjeż tal-missjonijiet tal-persunal identifikati fir-Rapport tal-Awditjar Intern 10/04 tas-6 ta' Mejju 2011 dwar is-segwitu għall-awditjar oriġinali tal-2008;- li jsiru bidliet għad-dispożizzjonijiet finanzjarji tar-regoli interni li jirregolaw l-akkoljenza tal-Gruppi ta' Viżitaturi biex il-finanzjament jiġi allinjat aktar mal-ispejjeż li fil-fatt ikollhom il-viżitaturi;
 - li jitlestew l-20 azzjoni li suppost diġà saru fil-qasam tal-governanza tal-IT;

In-natura u l-iskop tar-rapport tal-awditjar intern

34. Jirreferi għall-kummenti tiegħu, li jinsabu friżoluzzjonijiet preċedenti ta' kwittanza, dwar ir-rapporti tal-awditjar intern; jirrikonoxxi li r-rapporti tal-awditjar intern iservu bħala għodod għal titjib fis-sistemi u fil-prestazzjoni, u jistgħu biss jiġu interpretati kif suppost meta l-bidliet u r-riżultati jkunu kompluti, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tagħhom; jirrimarka madankollu li r-rieżami li għadu għaddej tar-Regolament Finanzjarju jitratta l-kwistjoni tad-disponibilità ta' dawn ir-rapporti fuq talba filwaqt li jikkonforma mas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rigward din il-kwistjoni;

IL-ĠESTJONI TAL-AMMINISTRAZZJONI TAL-PARLAMENT

Ir-rapporti tal-attivitajiet mid-Diretturi Ġenerali

35. Josserva b'sodisfazzjon li d-Diretturi Ġenerali kollha kienu f'pożizzjoni li jagħtu dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni bla riserva dwar l-implimentazzjoni tal-baġit mis-servizzi tagħhom fl-2010; hu konxju li r-rapporti tal-attivitajiet huma għodda ta' tmexxija interna li l-għan ewlieni tagħhom hu li jagħtu lis-Segretarju Ġenerali idea ġenerali ċara tal-ħidma tal-amministrazzjoni, u b'mod partikolari ta' kwalunkwe nuqqasijiet;

Il-Maniġer tar-Riskji

36. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Maniġer tar-Riskji daħal fil-kariga tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2010 u jirrapporta direttament lis-Segretarju Ġenerali; jilqa' l-pubblikazzjoni tal-Manwal tal-Ġestjoni tar-Riskji fis-16 ta' Diċembru 2011 u jtenni t-talba tiegħu li l-kumitat kompetenti tiegħu jirċievi r-rapport tal-attivitajiet annwali tal-Maniġer tar-Riskji tal-2010 u jinżamm infurmat dwar l-iżviluppi fl-implimentazzjoni tal-politika l-ġdida tal-Parlament dwar il-ġestjoni tar-riskji;
37. Jitlob li l-kumitat kompetenti tiegħu jiġi infurmat qabel l-aħħar ta' Settembru 2012 dwar l-approċċ u l-azzjoni meħuda biex jiġu identifikati u mmaniġġjati karigi sensitivi;

DĠ Presidenza (DĠ PRES)*Is-sigurtà*

38. Jinnota tnaqqis żgħir fil-baġit iddedikat għas-sigurtà minn EUR 45 980 000 għal EUR 45 590 000 bejn l-2009 u l-2010; jilqa' x-xejra kontinwa ta' tnaqqis fl-infiq baġitarju fl-2011 (approprazzjonijiet finali: EUR 42 830 000) meta mqabbla mal-2010 u l-adozzjoni mill-Bureau flulju 2011 tal-Kunċett tas-Sigurtà Globali li jipprovdi sigurtà aktar moderna u effiċjenti għall-Parlament;
39. Itenni t-talba tiegħu lis-Segretarju Ġenerali biex jintroduċi l-obbligu għall-Membri li juru l-baġġ tagħhom biex jidħlu u joħorġu mill-binjiet tal-Parlament; jipproponi li l-baġġijiet tal-Membri wkoll ikunu sottoposti għal kontroll elettroniku;
40. Jinsisti li t-tisħiħ tas-sigurtà tal-binjiet tal-Parlament u l-inħawi immedjati ta' madwarhom iridu jingħataw l-ogħla priyorità; jitlob li bħala parti minn dan ix-xogħol is-sigurtà fil-parkeġġi tal-karozzi għandha tittejjeb, u li l-aċċess għall-partijiet tal-binjiet li fihom l-uffiċini tal-Membri fil-Parlament imissu jiġi kkontrollat;
41. Jenfasizza li s-serq ġara f'uffiċċji tal-Membri waqt li kienu msakkrin, u dan juri li hemm livell baxx ta' sigurtà tal-uffiċċji; jistieden lis-Segretarju Ġenerali jieħu miżuri urġenti biex itejjeb is-sitwazzjoni attwali;
42. Jinsab imħasseb dwar il-livell baxx ta' sigurtà fil-parkeġġi tal-Parlament; josserva li bosta karozzi saritilhom il-ħsara apposta fil-parkeġġ ta' Brussell; jistieden lill-Bureau jieħu azzjonijiet xierqa biex itejjeb is-sitwazzjoni;
43. Itenni t-talba tiegħu lis-Segretarju Ġenerali biex iressaq, sat-30 ta' Ġunju 2012, proposti għal sistema ta' ffirmary aktar effikaċi, sigura u reżistenti għall-frodi (inkluż eżami tal-ħinjiet tal-ftuħ għall-iffirmary) u b'mod partikolari għal sistema futura possibbli ta' ffirmary elettroniku għall-Membri kemm għall-iffirmary tad-dokumenti (bħall-emendi) kif ukoll għar-reġistrazzjoni tal-preżenza tagħhom b'firma diġitali, minkejja li hu konxju li għandu jkun mistenni biss impatt minimu f'termini ta' spejjeż jew iffrankar;
44. Jinnota b'sodisfazzjon li wara d-deċiżjoni tal-Bureau tal-5 ta' Lulju 2010 l-internalizzazzjoni tas-servizzi ta' akkreditazzjoni issa qed tiġi finalizzata; jistenna li s-sistema l-ġdida ta' akkreditazzjoni tipprovdi servizz aħjar u aktar effiċjenti; iqis li huwa neċessarju li jitkomplew it-titjib u l-modernizzazzjoni tas-sigurtà tal-Parlament u, għal dak il-għan, tiġi professjonalizzata b'mod adegwat, essenzjalment permezz ta' proċeduri ta' selezzjoni u ta' reklutaġġ speċifiċi, kif ukoll permezz ta' korsijiet neċessarji ta' taħriġ professjonali intern, ulterjuri u ta' aġġornament; jistenna bil-ħerqa u b'interess l-iżvilupp tal-kunċett globali l-ġdid tas-sigurtà, speċjalment id-divrenzjar bejn żoni differenti, ħaġa li se ggħib titjib sostanzjali, speċjalment għal dak li għandu x'jaqsam mal-problemi relatati mas-sigurtà tal-uffiċċji tal-Membri;

Ir-ristrutturar

45. Jinnota li sar ristrutturar kbir tad-DĠ PRES fl-2010; jilqa' ċ-ċentralizzazzjoni tal-funzjonijiet finanzjarji, tal-ippjanar u tal-ġestjoni tal-akkwisti u tas-sigurtà f'Direttorat għar-Riżorsi li nħoloq f'Marzu 2010;

DĠ Politiki Interni (DĠ IPOL) u DĠ Politiki Esterni (DĠ EXPO)

46. Ifakkar fl-importanza politika tad-delegazzjonijiet fil-ħidma tal-Parlament ġewwa u barra l-Unjoni; jinnota, madankollu, id-diskrepanza li tidher kbira fl-ispejjeż għal kull Membru u għal kull ġurnata (li jvarjaw minn EUR 1 400 għal EUR 5 300) f'delegazzjonijiet differenti, b'mod partikolari daww barra l-Unjoni; jistieden lill-Bureau tiegħu, f'kollaborazzjoni mad-DĠ kollha kkonċernati, jiżviluppa prinċipji għal struttura ta' spejjeż aktar ekonomika u uniformi għaż-żjarat tad-delegazzjonijiet, b'mod partikolari filwaqt li jitqiesu l-importanza politika u t-tul tagħhom, u l-proporzjon ottimali bejn Membri u persunal; jitlob li tiġi żviluppata sistema informatika għall-konsolidament tal-baġit li tforni infomazzjoni dettaljata dwar il-baġit għal kull delegazzjoni u tippermetti t-titjib tal-ġestjoni tal-infiq; jappella biex għall-missjonijiet futuri tad-delegazzjonijiet tiġi preżentata dikjarazzjoni dettaljata tal-kostijiet għall-parteċipanti kollha;

DĠ Komunikazzjoni (DĠ COMM)

47. Huwa mħasseb li, ħlief fir-rigward tal-ispejjeż tal-Osservatorju Leġislattiv, il-linja baġitarja 3 2 4 2 (Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi) mhijiex trasparenti biżżejjeż; iqis li l-infiq fis-subpartita 3 2 4 2/01 b'mod partikolari għandu jintwera punt punt biex tittejjeb it-trasparenza fi snin futuri ta' kontabilità;

Iċ-ċentru tal-viżitaturi (Parlamentarium)

48. Jinnota li l-impenji mdaħħla fil-Partita 3 2 4 3 "Iċ-Ċentru għall-Viżitaturi" żdiedu b'mod sinifikanti (+ 227 %) f'kuntrast mas-sottoeżekuzzjoni fl-2009 u ammontaw għal EUR 12 725 985; jindika l-problema kbira bis-sikurezza tas-soffitti li dewmet il-proġett fl-2010 u ġiegħlet lill-amministrazzjoni tikkanċella EUR 1 000 000 li mbagħad ġew riportati awtomatikament mill-2009 għall-2010; josserva li l-kostijiet totali stmati jammontaw għal EUR 20 530 000, ammont li jirrappreżenta żieda ta' 15,3 % meta mqabbel mal-2007; jitlob li jiddaħħlu garanziji biex jiġi evitat li pjanijiet oħra li jimplikaw kostijiet ta' bosta miljuni ta' euro jirreġistraw żieda simili;
49. Jilqa' l-ftuħ taċ-Ċentru għall-Viżitaturi fl-14 ta' Ottubru 2011 (ippjanat oriġinarjament għall-elezzjonijiet Ewropej tal-2009); jikkundanna madankollu d-dewmien konsiderevoli u l-qbiż tal-istima tal-ispejjeż ta' dan il-proġett; jitlob li jsir rieżami tal-attività taċ-Ċentru tal-Viżitaturi wara tnaħ-il xahar minn meta jkun sar beda jiffunzjona, bil-għan li tiġi valutata r-reazzjoni tal-pubbliku, il-punti b'saħ-ħithom tiegħu u d-dgħufijiet tiegħu, kif ukoll il-proporzjon bejn il-kostijiet u l-benefiċċji tiegħu, biex jiġi garantit li jkun qiegħed jipprovdi valur għall-flus;

Id-Dar tal-Istorja Ewropea

50. Jinnota li fil-5 ta' Lulju 2010, il-Bureau adotta l-Istrateġija aġġornata ta' Komunikazzjoni tal-Parlament li inkludiet il-proġett tad-Dar tal-Istorja Ewropea u li, f'Settembru 2010, ġurija internazzjonali eżaminat il-proġett; jinnota wkoll li għal dan il-proġett ma sarx użu mill-Kapitolu baġitarju 1 0 6 "Riżerva għal proġetti prijoritarji li qed jiġu żviluppati" peress li l-appropriazzjonijiet kollha f'dak il-kapitolu (EUR 5 000 000) kienu ġew trasferiti fl-Artikolu 2 1 0 "L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet"; jinsisti sabiex jiġu kkomunikati l-implikazzjonijiet finanzjarji kumplessivi tal-proġett, partikolarment fid-dawl tal-kumplikazzjonijiet ikkawżati mix-xmara Maalbeek li tgħaddi taħt is-sisien tal-bini; itenni l-istennija tiegħu li l-pjan tal-ispejjeż li jinsab fil-Pjan Kummerċjali għandu jkun hemm konformità sħiħa miegħu;
51. Jiddispijaċih li d-deċiżjonijiet meħuda mill-Bureau u entitajiet oħra dwar id-Dar tal-Istorja Ewropea ma kinux ibbażati fuq il-kostijiet finali sħaħ "stmati" involuti fl-istabbiliment ta' proġett kompletament operattiv; jagħti parir lill-Bureau u lill-Kwesturi biex ma japprovaw l-ebda proġett jew inizjattiva fil-futur li għalihom ma tkunx ippreżentata stima finanzjarja totali għall-kostijiet diretti jew indiretti;

Il-gruppi ta' viżitaturi

52. Jirrikonoxxi l-importanza tal-iskema tal-viżitaturi biex jiżdied l-għarfien dwar il-Parlament u l-ħidma leġislattiva tiegħu; jinnota t-tibdil reċenti li sar fis-sistema tal-ħlas tal-gruppi tal-viżitaturi applikata mill-2010 u jitlob li ssir valutazzjoni tas-sistema l-għdida ta' ħlasijiet u l-iskema ta' rimborż li turi l-evoluzzjoni tal-ispejjeż u l-livell ta' kemm il-ħlasijiet jirriflettu l-ispejjeż effettivi li kellhom il-gruppi; jissuġġerixxi lill-Qorti tal-Awdituri li ssegwi dan u jistenna b'ħerqa l-kummenti tal-Awditur Intern dwar l-implimentazzjoni tas-sistema l-għdida;
53. Ihegġegħ lill-amministrazzjoni tal-Parlament tirrapporta lill-Parlament dwar l-esperjenza ġenerali tar-regoli emendati li jirregolaw il-kobor tal-gruppi uffiċjali tal-viżitaturi, u b'mod partikolari dwar l-effetti ta' dawn ir-regoli fuq l-organizzazzjoni u l-użu tal-kapaċità;
54. Jesprimi t-tħassib tiegħu — għal raġunijiet ovvi ta' sigurtà u b'kunsiderazzjoni għall-immagnaġni tal-Parlament — dwar il-fatt li l-istituzzjoni taġhti somom kbar fi flus kontanti lill-mexxejja tal-gruppi ta' viżitaturi;

Il-WebTV

55. Jiddispijaċi dwar il-fatt li EuroParlTV ma jistax jitqies storja ta' suċċess meta jitqies in-numru baxx ħafna ta' utenti diretti individwali tiegħu ⁽¹⁾ (esklużi l-ispettaturi permezz ta' ftehimiet ta' sħubija ma' stazzjonijiet tat-TV reġjonali) minkejja l-finanzjament konsiderevoli li rċieva fl-2010, li ammonta għal madwar EUR 9 000 000 (partita 3 2 4 6); jilqa' l-isforzi li saru biex dan il-baġit jitnaqqas b'14 % (għal EUR 8 000 000) fl-2011 u fis-snin ta' wara; jirrikonoxxi b'dispijaċir, madankollu, li ma jistax ikun iġġustifikat sussidju ulterjuri u jistieden lis-Segretarju Ġenerali jippreżenta proposti lill-kumitat kompetenti tiegħu għall-għeluq tal-operazzjoni;

Premjijiet

56. Jinnota li l-ispejjeż relatati mal-Premju LUX fl-2010 kienu EUR 380 666,18; huwa mħasseb li l-ispejjeż żdiedu għall-avveniment fl-2011 għal EUR 573 722,08 (b'iktar minn 50 %) u jistenna b'ħerqa li jara inverżjoni qawwija ta' din ix-xejra mill-2012 'il quddiem; jitlob speċifikament li l-attivitajiet li ġejjin jitnaqqsu għat-trażżin tal-ispejjeż:

- promozzjoni interna li tiswa ħafna flus fi ħdan il-bini tal-Parlament,
- attivitajiet promozzjonali waqt festivals ċinematografiċi internazzjonali,
- l-ispiża kbira assoċjata mal-ispejjeż sabiex jiġu organizzati avvenimenti "mini-LUX" fl-Istati Membri;

57. Jinnota n-nefqa fuq il-premji fil-perjodu 2009-2011:

	(EUR)		
	2009	2010	2011
Il-Premju għall-Ġurnaliżmu	105 000	118 059	154 205
Il-Premju Sakharov	300 000	654 542	652 348
Il-Premju Karlu Manju għaż-Żgħażagħ	24 000	34 000	35 000
Il-Premju LUX	320 000	380 666	573 722
Totali:	749 000	1 187 267	1 415 275

58. Jemmen li ż-żieda ta' 89 % fin-nefqa fuq il-premji bejn l-2009 u l-2011 utilizzat fondi li setgħu jintużaw aħjar band'oħra; jitlob li n-nefqa futura fuq il-premijiet tinġieb lura għal-livelli tal-2009;
59. Jinnota li l-ispejjeż relatati mal-Premju għall-Ġurnaliżmu fl-2010 kienu EUR 118 059, żieda ta' 18 % fuq iċ-ċifra tal-2009; huwa mħasseb li l-ispejjeż għall-avveniment fl-2011 żdiedu b'iktar minn kwart, u jitlob li titwettaq analiżi sħiħa tal-ispejjeż meta mqabbla mal-benefiċċji qabel ma jiġu żviluppati kwalunkwe inizjattivi f'dan il-qasam tar-relazzjonijiet mal-midja jew fi kwalunkwe qasam ieħor, issa li l-Premju twaqqaf;
60. Ma jqisx li l-premijiet huma attività prinċipali tal-Parlament u jitlob li ssir analiżi tal-ispejjeż meta mqabbla mal-benefiċċji qabel ma jiġu żviluppati inizjattivi għal xi premju ġdid, sabiex tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika fl-Istati Membri kollha, li qed tkompli sejra għall-agħar;

L-uffiċċji ta' informazzjoni/Djar l-Ewropa

61. Jinnota t-twaqqif ta' Direttorat għar-Riżorsi fid-DĠ fl-2010 biex iwettaq, inter alia, il-koordinament ċentralizzat tal-akkwisti pubbliċi, biex b'hekk l-uffiċċji deċentralizzati ta' informazzjoni jkunu jistgħu jiġu affettwati inqas bil-prattika taċ-ċaqliq ta' persunal ewlieni minn karigi sensitivi;

⁽¹⁾ Bejn 11 000 u 66 000 (b'medja ta' inqas minn 30 000) żjara fix-xahar fl-2010.

62. Jinnota li d-978 missjoni mit-32 uffiċċju ta' informazzjoni tal-Parlament għal Brussell u Strasburgu swew b'kolloxx EUR 944 330,- li fisser medja ta' EUR 701 — għal missjoni fi Brussell u EUR 1 064 — għal missjoni fi Strasburgu; jinnota li missjoni mil-Lussemburgu għal Brussell tiswa medja ta' EUR 250, filwaqt li missjoni mil-Lussemburgu għal Strasburgu tiswa medja ta' EUR 630; jitlob li fil-futur jiġi pprovdut ukoll bl-ispiża medja għal kull missjoni (paġna 68 tat-tweġbiet għall-kwestjonarju);

L-Uffiċċju ta' Kollegament ta' Washington

63. Jinnota l-ftuħ f'April 2010 tal-Uffiċċju ta' Kollegament tal-PE (EPLO) f'Washington u s-sistema ta' missjonijiet ta' sena għal erba' uffiċjali li bdiet tiġi applikata f'Ottubru 2010; josserva li, għalkemm il-ħolqien tal-Uffiċċju ta' Washington ma involviex il-ħolqien ta' karigi ġodda, inevitabbilment kien hemm spejjeż oħra; jixtieq li jkun infurmat dwar il-livell ta' dawn l-ispejjeż għall-2011 u l-2012; jitlob li jiġi ppreżentat rieżami tal-istruttura, l-attivitajiet u l-ispejjeż tiegħu lill-Bureau b'kopji għall-kumitat kompetenti rilevanti;

DĠ Persunal (DĠ PERS)

64. Jilqa' l-fatt li d-DĠ seta' jtejjeb il-prestazzjoni grazzi għall-esternalizzazzjoni ta' ċerti funzjonijiet (bħall-ġestjoni tal-crèche) u ż-żieda fl-użu tal-IT fil-ġestjoni tal-fajls tal-persunal; jilqa' l-implimentazzjoni tal-applikazzjoni tal-IT Streamline;
65. Jinnota l-impatt tad-deċiżjoni tal-Kunsill ta' Diċembru 2009 li jagħti aġġustament annwali fis-salarji ta' 1,85 % biss minflok it-3,7 % indikati u proposti mill-Kummissjoni, ħaġa li rriżultat f'impenji pendenti (fit inqas minn EUR 6 000 000 jew 1,4 %) fil-Partita 1 2 0 0 "Remunerazzjoni u allowances";
66. Jinnota li l-pjan ta' stabbiliment totali għall-Parlament kien stabbilit fil-livell ta' 6 285 kariga: 5 348 (jew 85,1 %) għas-Segretarjat tal-Parlament u 937 (jew 14,9 %) għall-Gruppi Politiċi, li jirrappreżentaw żieda ta' 3,35 % mill-2009 għall-2010 (+ 204 karigi) fl-1 ta' Diċembru 2009,
67. Jieħu nota tal-bidliet fl-istruttura tas-Segretarjat, li ġew adottati mill-Bureau fl-2009 u li daħlu fis-seħħ fil-bidu tal-2010, bi tħejjija għall-mandat parlamentari l-ġdid, b'mod partikolari bil-ħsieb li jissaħħu s-servizzi għall-Membri; josserva li dawn il-bidliet wasslu, b'mod partikolari, għar-ristrutturar tad-DĠ PRES, id-DĠ PERS u d-DĠ INLO, u involvew ukoll il-ħolqien ta' direttorat għar-riżorsi f'DĠ PRES, DĠ IPOL, DĠ EXPO u DĠ COMM, jiġifieri l-erba' direttorati ġenerali b'mandat essenzjalment politiku;
68. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2010, maġġoranza tal-persunal fis-Segretarjat (58,4 %) u fil-grupp funzjonali tal-amministraturi (51,7 %) kienu nisa; jilqa' l-fatt li, fil-livell tal-maniġment superjuri u dak tan-nofs, fl-2010 il-proporzjon tad-diretturi ġenerali nisa żdied (għal 36,4 %, jiġifieri erba' minn 11) kif għamel dak tal-kapijiet tal-unitajiet (għal 26,2 %);
69. Jindika d-diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' uffiċjali jew aġenti minn ċerti Stati Membri bħall-Ġermanja, ir-Renju Unit, l-Awstrija jew il-Pajjiżi l-Baxxi, li l-proporzjon tal-persunal tagħhom fis-Segretarjat tal-Parlament huwa konsiderevolment inqas mill-"piż demografiku" tal-pajjiż partikolari fl-Unjoni ⁽¹⁾, u josserva n-numru relattivament għoli ta' persunal li għandhom ċittadinanza Belġjana (13,6 %) jew Lussemburgiża (2,3 %) konsegwenza tal-postijiet ta' ħidma tal-Parlament; jitlob lill-Bureau jeżamina l-proċeduri u l-kundizzjonijiet ta' reklutaġġ biex jaċċerta x'parti jista' jkollhom biex joħolqu diffikultajiet fir-reklutaġġ tal-persunal;

⁽¹⁾ Proporzjon f'persunal/proporzjon fil-piż demografiku: il-Ġermanja: 6,4%/16,3 %, ir-Renju Unit: 4,4%/12,4 %, l-Awstrija: 1%/1,67 %, il-Pajjiżi l-Baxxi: 2,7%/3,3 %, Sorsi: Rapport Soċjali tal-PE 2010, Diċembru 2011 u Eurostat.

Il-missjonijiet fit-tliet postijiet ta' ħidma/Spejjeż tal-missjonijiet

70. Jinnota li, fl-2010, kien hemm 33 200 missjoni (vjaġġi uffiċjali) li jirrappreżentaw total ta' 98 629 jum ta' missjoni, li l-parti l-kbira tagħhom kienu jinvolvu vjaġġar bejn it-tliet postijiet ta' ħidma; itenni l-ħtieġa li jiġu evitati missjonijiet mhux meħtieġa bejn it-tliet postijiet ta' ħidma u l-ispejjeż li jinvolvu b'ġustifikazzjonijiet aktar sistematiċi u dokumentati u monitoraġġ aħjar; jitlob li s-Segretarju Ġenerali jirrapporta, bħala parti mill-proċedura ta' kwittanza, dwar l-iffrankar li jsir konsegwenza ta' aktar razzjonalizzazzjoni u dwar inizjattivi ulterjuri li ttieħdu jew li qed jiġu mfassla, li jwasslu għal inqas missjonijiet; huwa tal-fehma barra minn hekk li ġeneralment m'għandha ssir l-ebda laqgħa tal-kumitati fi Strasburgu, bl-eċċezzjoni ta' daww il-kumitati li l-aġenda tagħhom hija marbuta direttament mar-rapporti jew id-diskussjonijiet inklużi fl-aġenda tas-sessjoni parzjali ta' dik il-ġimgħa; iħeġġeġ lill-Qorti tal-Awdituri tanalizza ulterjorment il-proċedura eżistenti għall-missjonijiet u tipprovdi rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-effiċjenza tagħhom; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jeżamina speċifikament il-karigi bbażati barra Brussell, partikolarment għal daww il-membri tal-persunal li jmorru fuq diversi missjonijiet fi Brussell, biex ikun aċċertat jekk dawn jehtieġilhomx jiġu trasferiti; jissuġġerixxi li l-ftehim mal-awtoritajiet Lussemburġi, li jistabbilixxi n-numru ta' persunal tal-Parlament ibbażat fil-Lussemburgu mingħajr ma jikkunsidra l-ħtieġijiet li qed jiżviluppaw tal-Parlament, jista' jeħtieġlu reviżjoni;

L-Istatuti tal-Membri u tal-Assistenti

71. Jinnota b'sodisfazzjon li l-bidla għal din is-sistema l-ġdida ta' impjeg kienet fil-parti l-kbira tagħha newtrali għall-baġit, b'madwar 15-il membru tal-persunal jamministraw l-impjeg ta' madwar 1 400 assistent, u jistenna b'ħerqa li jirċievi kopja tar-rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dik is-sistema l-ġdida ta' impjeg, l-ispejjeż indiretti u diretti tagħha, inklużi l-benefiċċji għall-qgħad imħallsin mill-Kummissjoni;
72. Jinnota li l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri rigward in-nuqqasijiet fid-dokumentazzjoni u t-traċċabilità tal-ispejjeż għall-missjonijiet tal-assistenti b'karozzi privati għadu ma nstabx rimedju għalihom; iħeġġeġ lill-amministrazzjoni tal-Parlament issib soluzzjoni trasparenti u traċċabbli għal din il-kwisjoni, malajr kemm jista' jkun;

DĠ Infrastruttura u Loġistika (DĠ INLO)*Il-politika tal-bini/tal-proprjetà*

73. Jinnota l-politika tal-proprjetà għal terminu medju u twil (l-istrateġija tal-bini) adottata mill-Bureau fl-24 ta' Marzu 2010 u l-parametri ewlenin tagħha:
- (i) ix-xiri aktar milli l-kiri bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri;
 - (ii) il-ħlas bikri tal-ispejjeż marbuta mal-politika tal-proprjetà (jiġifieri s-self jitħallas l-aktar rapidament possibbli);
 - (iii) il-konċentrazzjoni ġeografika tal-bini fit-tliet postijiet ta' ħidma;
 - (iv) enfasi speċjali fuq il-manutenzjoni u r-rinnovazzjoni tal-bini;
 - (v) l-integrazzjoni tal-Parlament kemm jista' jkun mal-ambjent urban;
 - (vi) il-Parlament ikun l-aktar aċċessibbli possibbli għal persuni b'diżabilità u jiġu implimentati l-ogħla standards rigward is-sikurezza, is-saħħa u l-benessri tal-persuni;
 - (vii) il-Parlament jagħmel l-inqas ħsara possibbli lill-ambjent;
74. Jinnota li l-Kunsill Ewropew, filwaqt li bir-raġun qed jitlob li jkun hemm awsterità min-naħa tal-Parlament, qed ikompli jiċħad lill-istess Parlament l-opportunità li jwettaq iffrankar kunsiderevoli li jkun jirriżulta kieku ma jibqgħux isiru laqgħat fi Strasburgu;
75. Jinnota li l-ispejjeż tal-manutenzjoni, l-operazzjoni u t-tindif żdiedu għat-tliet postijiet ta' ħidma minn total ta' EUR 33 700 000 fl-2009 għal EUR 38 700 000 fl-2010, u t-tbassir juri aktar żidiet għas-snin 2011-2013 ħlief għal tnaqqis żgħir fl-ispejjeż fil-Lussemburgu fis-sena 2013; jinnota, barra minn hekk, li l-konsum tal-enerġija u tal-elettriku kellu żidiet inqas drammatiċi iżda konsistenti fl-istess perjodu ta' żmien;

76. Jinnota l-ħlasijiet ta' kera li naqsu b'mod sinifikanti fl-2010 (EUR 5 700 000 meta mqabbla ma' EUR 58 600 000 fl-2008 — l-ogħla somma f'dawn l-aħħar snin), jinnota l-fluttwazzjonijiet inqas estremi fl-ispejjeż tal-kiri (EUR 25 300 000 fl-2010, mqabbla ma' livell massimu ta' EUR 31 200 000 fl-2006 u livell minimu ta' EUR 19 900 000 fl-2007) u jinnota wkoll l-ammonti varjati minfuqa fuq il-bini minn livell massimu ta' EUR 165 900 000 fl-2006, għal żero fl-2009 u EUR 20 200 000 fl-2010;
77. Jinnota b'sodisfazzjon li, skont it-tweġibiet li waslu għall-kwestjonarju tal-kwittanza, l-estimi jindikaw li, jekk l-istituzzjoni kienet tikri l-bini kollu tagħha, kien ikollha tipprevedi, fil-baġit 2010 tagħha, spejjeż addizzjonali ta' EUR 163 000 000, ekwivalenti għal 10 % tal-baġit totali tagħha; jappoġġa, għalhekk, din il-politika ta' xiri minflok kiri, li kienet rakkomandata b'mod qawwi mill-Qorti tal-Awdituri għal bosta snin, l-iktar riċentament fir-Rapport Speċjali Nru 2/2007 tagħha dwar in-nefqa fuq il-bini;
78. Jinnota li x-xogħlijiet biex jitneħħa l-asbestos mit-tliet binjiet fi Strasburgu fl-2010, li swew EUR 2 464 701, kienu fil-parti l-kbira tagħhom irrimborżati mill-Belt ta' Strasburgu li kkontribwiet EUR 2 015 000;
79. Jinnota li, fis-27 ta' Jannar 2010, l-Istat tal-Belġju rrimborża s-somma ta' EUR 85 987 000 lill-Parlament, meta ħa fuqu l-ispejjeż tal-art li hija s-sit tal-bini Willy Brandt u József Antall u dawk tal-iżvilupp tas-saqaf tal-istazzjon ferrovjarju Bruxelles-Lussemburgu; jirrimarka li dan l-ammont iddaħħal fil-kontijiet bħala "dħul assenjat" bi qbil mar-Regolament Finanzjarju u nutza biex jiffinanzja l-proġetti tal-proprjetà;
80. Jinnota x-xiri fl-2010 tal-Bini REMARD fi Brussell (EUR 11 000 000) u d-deċiżjoni li tinxtara Dar l-Ewropa f'Sofija (EUR 9 240 000); jiddispjaċih li, minħabba s-suq ristrett, l-ispejjeż tal-manutenzjoni, ir-rinnovazzjoni u x-xiri huma għolja bla bżonn, u huwa diffiċli li tinżamm il-kunfidenzjalità tan-negożjati; iqis li rekwiżit propost skont ir-Regolament Finanzjarju rivedut sabiex l-istituzzjonijiet jippubblikaw il-pjanijiet tal-bini tagħhom għal numru ta' snin bil-quddiem jirriżulta fi spiża notevoli għall-istituzzjonijiet u għall-kontributori tat-taxxa;
81. Josserva li jekk ikun permess il-finanzjament dirett tal-bini fir-Regolament Finanzjarju rivedut, dan ikollu effett pożittiv peress li jippermetti lill-Parlament juża self mingħajr ma jitlob l-intervent ta' partijiet terzi, u b'hekk inaqqas l-ispejjeż u jżid it-trasparenza fl-istess ħin; jirrimarka li dan diġà huwa l-każ fir-rigward tal-finanzjament tal-bini KAD fil-Lussemburgu, li għalih intlaħaq qbil dwar sħubija mal-Bank Ewropew tal-Investment, li qed jipprovdi 50 % tal-fondi;
82. Jitlob f'dan ir-rigward dikjarazzjoni finanzjarja dettaljata tal-ispejjeż li diġà kien hemm, u dawk ipproġettati għall-20 sena li jmiss, fir-rigward tal-bini KAD fil-Lussemburgu, u jinsisti li l-ispejjeż totali mistennija għall-konstruzzjoni, l-ispejjeż operattivi stmati u spejjeż oħra li jirriżultaw b'rabta mal-konstruzzjoni u l-operat ta' dan il-bini, jiġu ppubblikati fid-dettall;
83. Jilqa' l-assigurazzjoni min-naħa tas-Segretarju Ġenerali li m'għadx hemm uffiċċji assenjati għal-lobbyists jew fondazzjonijiet, iżda jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2011, il-fondazzjoni Pegasus u l-Kangaroo Group kellhom uffiċċji għad-dispożizzjoni tagħhom fil-bini tal-Parlament;
84. Jiddispjaċih li organizzazzjonijiet akkreditati ta' lobbying okkupaw spazju għall-uffiċċji fl-2010, u b'hekk inħoloq trattament preferenzjali għal dawk l-organizzazzjonijiet fir-rigward tar-riżorsi tal-kontribwenti tal-UE;

Il-faċilitajiet tal-catering

85. Itenni t-talba tiegħu biex ikun hemm aktar għażliet diversi rigward il-fornituri tal-ikel fi ħdan il-bini tal-Parlament, billi ma jibqax ikun hemm monopolju ta' fornitur tal-ikel wieħed meta l-kuntratti attwali jaslu fi tmiemhom;

DĠ Traduzzjoni (DĠ TRAD) u DĠ Interpretazzjoni u Konferenzi (DĠ INTE)

86. Jinnota li ġew tradotti total ta' 1 721 191 paġna fl-2010 (1 033 176 minnhom — jew 60 % — internament) u jilqa' l-fatt li d-dokumenti kollha meħtieġa għall-votazzjonijiet kienu prodotti fil-ħin minn DĠ TRAD u 90 % tat-traduzzjonijiet b'mod globali rrispettaw l-iskadenzi stabbiliti, minkejja l-fatt li 65 % tat-talbiet għal traduzzjoni saru tard (jiġifieri ma rrispettawx l-għaxart ijiem ta' xogħol previsti fil-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu);
87. Jinnota b'sodisfazzjon li DĠ TRAD miexi lejn aktar produttività u użu aktar effikaċi tal-baġit tiegħu, filwaqt li jiżgura li jinżamm il-multilingwiżmu; jenfazizza, f'dan il-kuntest, li l-produttività interna żdiedet minn 1 500 paġna fis-sena għal 1 800 paġna; jilqa' l-fatt li kieku jiġu ppubblikati iċ-ċifri ta' produttività għal kull unità lingwistika;
88. Jinnota madankollu, li wara żieda ta' aktar minn 10 % fir-rata ta' konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwaliżmu bejn l-2008 u l-2009 (l-ewwel sena ta' implimentazzjoni tiegħu), ir-rata ta' konformità naqset bejn l-2009 u l-2010 ⁽¹⁾; jistieden lill-kumitati, id-delegazzjonijiet u l-gruppi politiċi jrispettaw b'mod strett l-iskadenzi stabbiliti fil-Kodiċi ta' Kondotta;
89. Jilqa' s-servizz il-ġdid ta' Interpretazzjoni *ad personam* (IAP) offrut minn DĠ INTE lill-Membri u stabbilit wara l-proġett pilota li nbeda fl-2010;

DĠ Finanzi (DĠ FINS)

90. Jinnota b'sodisfazzjon li kien hemm tnaqqis fil-ħin tal-ħlas tal-fatturi għal medja ta' 21 ġurnata fl-2010;

L-ispejjeż tat-trasport

91. Jinnota li, fl-2010, l-ispiża tal-ivvjaġġar tal-Membri u tal-persunal ammontat għal madwar EUR 107 000 000 ⁽²⁾ (jew 6,6 % tal-appropriazzjonijiet finali kollha) u li issa hemm fis-seħħ tnaqqis ta' 5 %; iqis li għandu jitqies il-potenzjal għal aktar tnaqqis permezz ta' mili tal-ajru miġbura flimkien; jitlob li tiġi ppreżentata analiżi tal-Artikolu 3 0 0 permezz ta' nota mehmuża mal-kontijiet tal-ispiża medja ta' vjaġġar għall kull uffiċjal għas-sitt rotot: Brussell-Lussemburgu; Lussemburgu-Brussell; Lussemburgu-Strasburgu; Strasburgu-Lussemburgu; Brussell-Strasburgu; Strasburgu-Brussell;

L-Aġenzija tal-Ivvjaġġar

92. Jinnota li l-appropriazzjonijiet finali għall-Aġenzija tal-Ivvjaġġar ammontaw għal EUR 1 438 000 fl-2010, b'rata ta' impenn għolja (94 %); jinnota wkoll li din tikseb prezzijiet innegozjati mil-linji tal-ajru, li jfisser li hemm prezz medju għall-aħjar servizz; jenfazizza madankollu li dan ma jfissirx li għal ġurnata jew vjaġġ speċifiku ma jkunx possibbli li jinstabu prezzijiet aħjar billi ssir prenotazzjoni diretta mal-operaturi tal-ivvjaġġar; jitlob li jsir stħarriġ indipendenti li jwassal għal evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Aġenzija tal-Ivvjaġġar, l-istruttura u l-operat tagħha; jistieden lill-kuntrattur tal-aġenzija tal-ivvjaġġar attwali jagħmel aktar sforzi biex jiżgura li l-aktar għażliet irħas jiġu dejjem proposti lill-membri u l-persunal; jistieden ulterjorment lid-direttorat responsabbli jissorvelja l-livelli ta' servizz ipprovduti mill-Aġenzija tal-Ivvjaġġar;
93. Jiddispijaċi li xi drabi l-Aġenzija tal-Ivvjaġġar ma toffrix l-aħjar prezz, meta mqabbla ma aġenziji tal-ivvjaġġar oħrajn, kemm fiżiċi kif ukoll onlajn; jitlob lid-DĠ Finanzi jiżviluppa mekkaniżmu adegwat ta' kontroll li jiżgura l-aħjar proporzjon ta' kwalità/prezz;
94. Huwa tal-fehma li jeħtieġ li tinkiseb data komparabbli dwar il-prezz tat-titjiriet sabiex jiġi ddeterminat l-aħjar prezz għal kull titjira partikolari;
95. Jemmen li l-Parlament għandu jieqaf jagħti kuntratti monopolistiki kull fejn ikun possibbli u li l-fatt li jkun hemm aktar minn aġenzija tal-ivvjaġġar waħda għad-dispożizzjoni tal-Membri u l-persunal iwassal għal inqas spejjeż u servizz aħjar għalihom;

⁽¹⁾ DĠ TRAD Rapport Annwali tal-Attività, paġna 8.

⁽²⁾ Is-somma tal-appropriazzjonijiet finali għall-partiti 1 0 0 4 (Spejjeż għall-vjaġġi regolari) u 1 0 0 5 (Spejjeż oħra għall-vjaġġi) u għall-artikolu 3 0 0 (Nefqiet għall-missjonijiet tal-istaff u vvaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' ħidma): EUR 106 718 500.

Trasferimenti kollettivi

96. Jilqa' l-fatt li, fl-aħħar tas-sena finanzjarja 2010, ma ntużatx il-proċedura tat-trasferiment kollettiv kif kien intalab mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tiegħu tul dawn l-aħħar snin, u b'hekk ġie evitat li jkun hemm differenza sinifikanti bejn il-baġit kif ippjanat għas-sena u l-implimentazzjoni tiegħu, kif ġara fi snin preċedenti, u jemmaen li l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni jħaffu l-iskrutinju u l-kwittanza baġitarja għal snin futuri jekk jippjanaw l-infiq tal-bini b'mod trasparenti permezz tal-proċedura baġitarja;

Il-Fondi tal-Pensjonijiet

97. Jinnota li, għalkemm fl-2010 l-valur tal-assi tal-Fond Volontarju tal-Pensjonijiet żdied bi 13,3 % hekk kif is-swieq tal-investiment komplew jirkupraw mill-kriżi finanzjarja globali tal-2008, il-fond volontarju tal-pensjonijiet kellu defiċit ta' EUR 178 960 000 fil-31 ta' Diċembru 2010, ħaġa li tqajjem tħassib dwar l-inadempjenza possibbli tal-fond; ifakkar li l-Parlament qed jiżgura l-ħlas tad-drittijiet tal-pensjoni għall- *ex* Membri kollha u għal uħud minn daww attwali ta' dan il-fond volontarju tal-pensjoni, meta u jekk dan il-fond ma jkunx jista' jissodisfa l-obbligi tiegħu; jixtieq li jkun infurmat kif u minn liema linja baġitarja l-Parlament se jirrispetta l-obbligi tiegħu f'dik l-eventwalità;
98. Jirrikonoxxi li żewġ terzi mill-ħlasijiet lejn il-fond saru direttament mill-Parlament pjuttost milli minn membri individwali; ifakkar lill-membri tal-fond li l-kontribuzzjonijiet tagħhom kienu volontarji, u jinsisti li l-Parlament m'għandux jagħmel kontribuzzjonijiet finanzjari ulterjuri biex jiġu onorati pagamenti jew jitnaqqas id-defiċit ta' fond li seta' ma kienx strutturat b'mod sodisfaċenti mill-bidu;
99. Jinnota, barra minn hekk, li l-obbligi li jirriżultaw mir-Regoli PEAM (Ħlas tal-Infiq u tal-Allowances lill-Membri) relatati mal-pensjonijiet tar-romol u l-pensjonijiet tal-invalidità (Anness II) jammontaw għal EUR 28 950 000); jindika li hemm somom, li ammontaw għal EUR 195 640 000, użati biex ikopru każijiet — li jinvolvu l-aktar lill-Membri Taljani u Franċiżi — fejn id-dispożizzjonijiet nazzjonali u daww tal-Parlament Ewropew fil-qasam tal-pensjonijiet kienu differenti (Anness III), u somom mill-iskema tal-Istatut stabbilita riċentament ta' EUR 152 210 000 (din iċ-ċifra tal-aħħar se tiżdied minn sena għall-oħra); jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li m'hemmx fondi biex ikopru din in-nefqa;

DĠ Innovazzjoni u Appoġġ Teknoloġiku (DĠ ITEC)

100. Jinnota d-deċiżjonijiet tal-Bureau tas-17 ta' Ġunju 2009 u tat-18 ta' Ottubru 2010 li jiġu estiżi ż-żoni ta' aċċess għan-netwerk mingħajr fili (Wi-Fi) fil-Parlament biex ikunu koperti l-Kamra, il-kmamar tal-kumitati, l-uffiċċji tal-Membri u l-ispazji pubbliċi kemm fi Brussell kif ukoll fi Strasburgu (l-ewwel fażi tal-proġett: EUR 7 878 000); jitlob lid-DĠ ITEC jagħmilha possibbli li Membri individwali jitolbu li ma jirċevux dokumenti stampati fil-futur għal-laqgħat tal-kumitat fejn jintuża l-eCommittee; jemmaen li dan jista' jaċċelera s-suċċess tal-proġett;
101. Jilqa' t-fassil grafiku mill-ġdid kontinwu tal-websajt tal-PE wara d-deċiżjoni tal-Bureau fit-22 ta' Novembru 2010 dwar "L-istrategġija għall-preżenza futura tal-Parlament Ewropew onlajn — It-fassil mill-ġdid tal-websajt tal-PE"; jitlob li jkun hemm titjib fl-appoġġ tal-websajt, b'mod partikolari billi jitwettqu testijiet regolari;
102. Jilqa' s-sistema AT4AM, li ġiet introdotta fl-2010, li tagħmilha aktar faċli għall-Membri jemendaw it-testi legiſlattivi u mhux legiſlattivi proposti;
103. Jinnota b'sodisfazzjon it-titjib fis-settur tal-IT mill-2010 'l quddiem li wassal għal: kapaċità akbar li jiġu ġestiti aspetti ewlenin internament, il-proċess ta' internalizzazzjoni tal-attivajiet, it-twaqqif tal-korpi ewlenin tal-governanza korporattiva (il-Kumitat għall-Istrategġija ta' Innovazzjoni tal-ICT u l-Kumitat ta' Tmexxija għall-Innovazzjoni tal-ICT), it-twaqqif tal-funzjoni tal-ippjanar tal-IT u tas-sistema ta' rappurtar dwar l-istatus tal-proġetti ta' żvilupp tal-IT u l-iżvilupp ta' metodoloġija trasparenti ta' ppjanar għal perjodu qasir; jilqa' l-użu estensiv tal-indikaturi tal-prestazzjoni minn dan id-DĠ; jesprimi l-ansjetà tiegħu dwar ir-riskju dejjem jikber tal-aċċess illegali għas-sistemi tal-ICT tal-Parlament u tal-manipolazzjoni tagħhom, u jikkunsidra, bħala kwistjoni tal-akbar urġenza, li trid titfassal strategġija effikaċi fuq perjodu twil għall-ħarsien tagħhom; jitlob lis-Segretarju Ġenerali jżommu infurmat dwar il-miżuri li ttieħdu għal dak il-għan;

104. Jistenna rapport sħiħ dwar kif jiġu żviluppata l-proġetti għal Softwer Liberu tal-Parlament fir-rigward tal-użu u l-utenti fil-Parlament, l-interazzjoni maċ-ċittadini u l-attivitajiet ta' akkwist; jissuġġerixxi investigazzjoni tal-obbligi tal-Parlament skont ir-Regola 103 fir-rigward ta' Softwer Liberu u Standards Miftuħa;

L-akkwisti pubbliċi fid-DĠ ITEC

105. Jinkoraġġixxi lil DĠ ITEC jagħmel ħiltu biex jipprepara aħjar il-proċeduri ta' akkwist, b'mod partikolari fil-każ ta' kuntratti qafas, li ta' spiss huma kumplessi, billi jstipula obbligi kuntrattwali fir-rigward tar-riżultati previsti fil-kuntratt u tal-eżiti, aktar milli sempliċi produzzjoni, u billi jiddefinixxi aħjar il-ħtiġijiet u l-oġettivi tal-Parlament; jissuġġerixxi li, aktar milli juża klawsoli ta' penali, il-Parlament għandu jitlob kumpens minn fornitur jew mingħand min jagħti s-servizz meta dawn jonqsu milli jissodisfaw l-obbligi tagħhom, jew inkella juża t-theddida ta' telf ta' xogħol futur, fil-każ ta' kuntratti qafas;

Tagħmir ġdid għall-votazzjonijiet u faċilitajiet ta' interpretazzjoni

106. Jinnota li t-tagħmir il-ġdid għall-votazzjoni fl-Emiċikli sewa EUR 2 135 623 u ġie ffinanzjat kollu kemm hu mill-appropriazzjoni tal-2010; jinnota wkoll li l-ispiża tal-manutenzjoni u tal-assistenza teknika għat-tagħmir għall-votazzjonijiet kienet ta' EUR 147 149 fl-2010;

Il-Gruppi Politiċi (partita baġitarja 4 0 0 0)

107. Jinnota li fl-2010 l-appropriazzjonijiet imdaħħla fil-partita baġitarja 4 0 0 0 intużaw kif ġej:

Grupp	2010					2009 (**)				
	Appropriazzjonijiet annwali (*)	Riżorsi proprji u appropriazzjonijiet riportati	Nefqa	Rata ta' użu tal-appropriazzjonijiet annwali	Ammonti riportati għall-perjodu ta' wara	Appropriazzjonijiet annwali	Riżorsi proprji u appropriazzjonijiet riportati	Nefqa	Rata ta' użu tal-appropriazzjonijiet annwali	Ammonti riportati għall-perjodu ta' wara (2010)
PPE (li qabel kien PPE-DE)	19 990	2 392	20 662	103,36 %	1 720	19 715	7 782	25 314	128,40 %	2 182
S&D (li qabel kien PSE)	14 011	4 629	13 359	95,35 %	5 281	14 235	6 999	16 750	117,67 %	4 483
ALDE	6 262	2 240	6 160	98,37 %	2 342	6 441	3 065	7 328	113,77 %	2 178
Verts/ALE	3 896	1 188	3 893	99,92 %	1 191	3 360	1 055	3 235	96,28 %	1 179
GUE/NGL	2 531	1 065	2 525	99,76 %	1 071	2 673	1 487	3 102	116,05 %	1 057
UEN	—	—	—	—	—	1 417	1 452	2 552	180,10 %	0
IND/DEM	—	—	—	—	—	775	1 023	1 048	135,23 %	0
ECR	3 648	398	3 362	92,16 %	684	1 788	3	1 415	79,14 %	376
EDF	2 201	419	1 799	81,74 %	821	1 113	1	701	62,98 %	413
Membri mhux affiljati	1 234	248	828	67,10 %	409	1 169	348	925	79,13 %	248
Total	53 773	12 579	52 588	97,80 %	13 519	52 686	23 215	62 370	118,38 %	12 116

(*) l-ammonti kollha huma f'eluf ta' EUR.

(**) is-sena 2009 kienet magħmula minn sentejn finanzjarji minħabba l-elezzjonijiet parlamentari f'Ġunju 2009. Iċ-ċifri għall-2009 fit-tabella jirrappreżentaw is-somma tal-ammonti 2009_1 u 2009_2.

Wara l-elezzjonijiet Ewropej fl-2009 il-gruppi UEN u IND/DEM ma baqgħux jeżistu u nħolqu żewġ gruppi ġodda, ECR u EDF.

108. Jilqa' l-impenn tal-amministrazzjoni tal-Parlament, iċċitat fir-Rapport tal-Qorti tal-Awdituri, biex tibda tintuża s-sena finanzjarja sħiħa biex jiġu kkalkulati r-riporti mill-gruppi politiċi fl-aħħar tas-snin elettorali, aktar milli żewġ nofsijiet separati ta' sena; jilqa' dak li jidher li hu titjib fit-tbassir finanzjarju indikat mill-fatt li l-ebda approprjazzjonijiet mhux użati ma ġew irritornati mill-gruppi politiċi għall-2010;

Il-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej

109. Jinnota li fl-2010 l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-partiti baġitarji 4 0 2 0 u 4 0 3 0 intużaw kif ġej⁽¹⁾:

Partit	Taqkira	Riżorsi Propriji (*)	Għotja tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tal-infiq eleġibbli (massimu 85 %)	Bilanċ pozzittiv (trasferiment għar-riżervi) jew telf tad-dħul
Partit Popolari Ewropew	PPE	1 413	4 959	6 372	85 %	429
Partit tas-Soċjalisti Ewropej	PSE	914	3 395	4 310	80 %	2
Partit Ewropew tal-Liberali, Demokratiċi u Riformalisti	ELDR	379	1 554	1 933	85 %	77
Partit Ewropew tal-Ħodor	EGP	365	1 055	1 420	85 %	170
L-Alleanza tal-Konservattivi u r-Riformalisti Ewropej	AECR	58	327	386	85 %	0
Partit tax-Xellug Ewropew	EL	200	708	908	71 %	- 90
Partit Demokratiku Ewropew	EDP/PDE	95	424	519	85 %	12
Alleanza Ewropea Ħielsa	EFA	77	339	416	85 %	17
Demokratiċi tal-UE	EUD	35	176	211	85 %	- 17
Moviment Politiku Kristjan Ewropew	ECPM	55	208	264	85 %	3
Total		3 591	13 145	16 739	83 %	603

(*) l-ammonti kollha huma feluf ta' EUR.

Fondazzjoni	Taqkira	Affiljata mal-partit	Riżorsi Propriji (*)	Għotja tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tal-infiq eleġibbli (massimu 85 %)
Ċentru għall-Istudji Ewropej	CES	PPE	615	2 928	3 543	83 %
Fondazzjoni għal Studji Progressivi Ewropej	FEPS	PSE	366	2 136	2 502	85 %
Forum Liberali Ewropew	ELF	ELDR	117	658	775	85 %
Fondazzjoni Ewropea tal-Ħodor	GEF	EGP	119	674	794	85 %
Inbiddu l-Ewropa	TE	EL	87	475	562	85 %
Istitut tad-Demokratiċi Ewropej	IED	PDE	36	197	233	85 %
Fondazzjoni għad-Demokrazija tal-UE	FEUD	EUD	20	122	142	85 %

(1) Sors: Il-minuti tal-Bureau tat-12 ta' Settembru 2011, punt 12 (nota tas-SG D(2011) 32179, PE469.487/BUR).

Fondazzjoni	Taqisira	Affiljata mal-partit	Riżorsi Propriji (*)	Għotja tal-PE	Dħul totali	Għotja tal-PE bħala % tal-infiq eleġibbli (massimu 85 %)
Ċentru Maurits Coppieters	CMC	EFA	27	156	183	85 %
Direzzjoni Ġdida	ND	AECR	92	404	496	84 %
Total			1 479	7 750	9 230	84 %

(*) L-ammonti kollha huma feluf ta' EUR.

110. Jinnota l-bidliet mill-2010 inkluż fiż-żjarat ta' ġestjoni fejn isir il-kontroll tal-kampjuni fir-rigward tal-baġit, ir-reklutaġġ, is-sejħiet għal offerti u sistemi oħra;

Parlament li jagħmilx ħsara lill-ambjent

111. Jinnota l-pjan ta' azzjoni dwar is-CO₂ adottat mill-Bureau fl-2010; jilqa' t-tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-enerġija fis-sede ta' Strasburgu tal-Parlament, li naqas b'74 % bejn l-2006 u l-2010; jiddispijaci, madankollu, li l-marka tal-karbonju tas-sit fi Strasburgu, li tirrappreżenta l-konsum tal-enerġija għas-sena 2010, kienet ta' 1 533 tunnellata ta' CO₂;
112. Huwa tal-fehma li għandha titqies il-possibilità li fil-baġit tal-Parlament isir kemm titjib ambjentali u kemm iffrankar permezz ta' metodi ta' ħidma differenti li huma aktar favorevoli għall-ambjent u irħas iżda li ma jnaqqasx mill-valur tax-xogħol tal-Parlament, inkluż l-użu ta' vidjokonferenzi;
113. Jilqa' l-introduzzjoni f'Diċembru 2010 ta' "sistema għall-ħlas ta' partijiet terzi" għal biljetti staġjonali tal-NMBS/SNCB ⁽¹⁾ fi Brussell, fejn il-Parlament jikkontribwixxi 50 % tal-ispiża ta' biljetti staġjonali annwali individwali sottoskritti mill-membri tal-persunal tiegħu; jinkoraġġixxi lill-amministrazzjoni tiegħu tagħmel l-arranġamenti meħtieġa biex tirmborża wkoll persunal li jehtigillhom jikkumbinaw trasport ferrovjarju ma' dak urban; huwa tal-fehma li dan jista' jkompli jippromwovi l-użu tat-trasport pubbliku u jnaqqas il-marka tal-karbonju tal-Parlament;
114. Jilqa' l-proġetti pilota fil-qasam tal-loġistika li saru fl-2010 (pereżempju x-xiri ta' vetturi b'emissjonijiet baxxi - standard EURO5, l-organizzazzjoni ta' taħriġ dwar sewqan ambjentalment responsabbli għas-sewwieqa u għall-persunal tal-ġarr, il-qsim tal-sniedaq għat-trasport tad-dokumenti tax-xogħol, biex b'hekk tnaqqsu b'madwar 33 % l-emissjonijiet tas-CO₂ f'dak il-qasam) bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni EMAS;
115. Jilqa' l-adozzjoni mill-Bureau fl-10 ta' Novembru 2010 tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Bini, it-Trasport u Parlament Aħdar li tirrevedi r-regoli li jirregolaw l-użu tal-karozzi uffiċjali mill-Membri, revizzjoni li ppermettiet lill-Parlament jimmodernizza l-flotta tiegħu b'vetturi li jniġġsu inqas u jorganizza trasport fi gruppi b"minibuses" VIP għall-ajruporti fi Brussell u Strasburgu;

Dibattitu separat fis-seduta plenarja dwar il-kwittanza tal-Parlament

116. Jistieden lill-Konferenza tal-Presidenti jipprogrammaw dibattitu dwar il-kwittanza tal-Parlament f'ħin differenti minn dak tad-dibattitu dwar ir-rapporti ta' kwittanza oħrajn sabiex il-Membri jkollhom l-opportunità jiddedikawliha l-attenzjoni esklużiva li kwittanza tal-istituzzjoni proprja tagħhom jistħoq-qilha;
117. Jissuġġerixxi lill-Bureau li għandu jpoġġi fuq l-aġenda tiegħu diskussjoni dwar ir-riżoluzzjoni ta' kwittanza wara l-adozzjoni tagħha mis-seduta plenarja.

⁽¹⁾ Il-Kumpanija Ferrovjarja Nazzjonali tal-Belġju.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima II — Il-Kunsill**

(2012/545/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropeja għas-sena finanzjarja 2010 — (COM(2011) 473 — C7-0258/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill għall-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditjar intern imwettaq fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu awditjati ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 31/2008 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegati tal-Membri tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ⁽⁷⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0095/2012),
1. Jiddiferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti u r-riżervi tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-Risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁶⁾ Deċiżjoni li toħroġ mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 (ĠU L 230, 28.8.2002, p. 7).

⁽⁷⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi il-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima II — Il-Kunsill

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0258/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kunsill għall-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditjar intern imwettaq fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu awditjati ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 31/2008 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill/Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija u tas-Sigurtà Komuni dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegati tal-Membri tal-Kunsill ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni tas-17 ta' Mejju 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ⁽⁷⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0095/2012),
1. Jiddiferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2010, skont is-setgħa tal-Parlament li juża ż-żewġ skadenzi tal-kalendarju tal-għoti ta' kwittanza sabiex, f'dan il-każ, jilħaq ftehim eventwali mal-Presidenza fil-kariga;
 2. Jieħu nota tal-fatt li, fir-rapport annwali tagħha tal-2010, il-Qorti tal-Awdituri stmat li, abbażi tax-xogħol tal-awditjar tagħha, il-ħlasijiet tas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010 għan-nefqa amministrattiva u nefqiet oħra tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kienu ħielsa, meta meqjusa flimkien, minn żbalji materjali; jenfasizza li r-rata ta' żball l-aktar probabbli hija valutata, fis-settur "nefqa amministrattiva", li b'mod ġenerali kienet 0,4 % (paragrafi 7.9 u 7.10);
 3. Jirrikonoxxi li rċieva għadd ta' dokumenti għall-proċedura ta' kwittanza 2010 (id-dikjarazzjonijiet finanzjarji finali tal-2010 li jinkludu l-kontijiet, rapport dwar l-attività finanzjarja u sommarju tal-awditjar intern għall-2010); għadu qed jistenna d-dokumenti meħtieġa kollha għal kwittanza (inkluż l-awditjar intern sħiħ tal-2010);

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁶⁾ Deċiżjoni li tohrōg mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2002 (ĠU L 230, 28.8.2002, p. 7).

⁽⁷⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

4. Jawspika li l-Parlament jirċievi r-Rapport Annwali ta' Attività sħiħ; jinsisti li r-Rapport Annwali ta' Attività jipprovdi wkoll tabella eżawrjenti tat-total tar-riżorsi umani għad-dispożizzjoni tal-Kunsill, imqasma skont il-kategorija, il-grad, is-sess, il-parteċipazzjoni fit-taħriġ professjonali u ċittadinanza;
5. Jenfasizza li fir-rapport annwali tagħha għall-2010, il-Qorti tal-Awdituri kkritikat il-finanzjament tal-proġett tal-bini "Residence Palace" minħabba xi antiċipi (paragrafu 7.19); jinnota li l-Qorti tal-Awdituri sabet li matul il-perjodu 2008-2010, is-somma totali tal-antiċipi mħallsa mill-Kunsill laqgħet is-somma ta' EUR 235 000 000; jinnota li t-total tħallas minn linji baġitarji mhux użati biżżejjed; jinnota li "mhux użati biżżejjed" huwa t-terminu politikament korrett għal "ibbaġitjar żejjed"; jenfasizza li fl-2010, il-Kunsill żied il-linja baġitarja "Akkwist ta' proprjetà immobbli" b'EUR 40 000 000;
6. Jinnota l-ispejgazzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li l-appropriazzjonijiet saru disponibbli permezz ta' trasferimenti baġitarji awtorizzati mill-awtorità tal-baġit skont il-proċeduri previsti fl-Artikoli 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju;
7. Jaqbel mal-Qorti tal-Awdituri li din il-proċedura tagħmel ħsara lill-prinċipju baġitarju tal-preċiżjoni, minkejja l-iffrankar miksub fil-ħlas tal-kera;
8. Jinnota t-tweġiba tal-Kunsill li l-ammonti għal-linji baġitarji għall-ispejjeż tal-interpretazzjoni u tal-ivvjaġġar tad-delegazzjonijiet għandhom ikunu aktar konformi mal-konsum reali u jitlob li jsir ippjanar baġitarju aħjar sabiex jiġu evitati l-prattiki attwali fil-futur;
9. Ifakkar lill-Qorti tal-Awdituri fit-talba tal-Parlament biex twettaq valutazzjoni fil-fond tas-sistemi superviżorji u ta' kontroll fil-Kunsill, simili għall-valutazzjonijiet li wettqet fil-Qorti tal-Ġustizzja, l-Ombudsman Ewropew u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data waqt it-tħejjija tar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010;
10. Jiddeplora d-diffikultajiet li nstabu fil-proċeduri ta' kwittanza għas-snin finanzjarji 2007, 2008 u 2009, li kienu dovuti għan-nuqqas ta' rieda tal-Kunsill li jieħu sehem fi djalogu miftuħ u formali mal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit kif ukoll li jwieġeb il-mistoqsijiet tal-Kumitat; ifakkar li l-Parlament irrifjuta li jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2009 għar-raġunijiet li ġew speċifikati fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-10 ta' Mejju 2011 ⁽¹⁾ u tal-25 ta' Ottubru 2011 ⁽²⁾;
11. Itenni l-fehma tiegħu li l-kontribwenti Ewropej għandhom kull dritt jistennaw li l-baġit tal-Unjoni kollu kemm hu, inklużi l-fondi kollha ġestiti b'mod awtonomu mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji indipendenti tagħha, għandu jkun soġġett għal skrutinju pubbliku sħiħ;
12. Jiddeplora l-fatt li l-Kunsill jemmen li - unikament fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea - mhux responsabbli għall-użu tiegħu tal-fondi mqiegħda għad-dispożizzjoni tiegħu;
13. Jinnota li d-difett fl-argument tal-Kunsill skont liema l-ġhoti tal-kwittanza lill-Kummissjoni għandu jkun interpretat bħala l-ġhoti tal-kwittanza lill-baġit tal-Unjoni kollu kemm hu, inklużi partijiet tal-baġit użati mill-Kunsill, jidher mill-adeżjoni inkonsistenti tiegħu għall-pożizzjoni li l-Kummissjoni m'għandux ikollha s-setgħa li tissorvelja u tiġġestixxi l-baġit tiegħu; jemmen li l-unika riżoluzzjoni loġika ta' dan il-kunflitt hija li l-Kunsill jew jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-kontroll tal-finanzi tiegħu, inkella li jieħu sehem bis-sħiħ fi proċedura ta' kwittanza standard li neċessarjament trid issewwi mutatis mutandis il-proċeduri kollha mill-istituzzjonijiet kollha l-oħra tal-Unjoni Ewropea;

⁽¹⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 25.

⁽²⁾ ĠU L 313, 26.11.2011, p. 13.

14. Itenni l-fatt li l-Parlament għadu qed jistenna t-tweġiba tal-Kunsill dwar l-azzjonijiet u t-talba għal dokumenti msemmija fiż-żewġ riżoluzzjonijiet imsemmija hawn fuq; jistieden lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jipprovi lill-kumitat responsabbli tal-Parlament għall-proċedura ta' kwittanza tweġibiet bil-miktub komprensivi għall-mistoqsijiet li ġejjin:
- (a) Rigward id-dibattiti ta' kwittanza tal-Kunsill preċedenti fil-kumitat kompetenti tal-Parlament, il-Kunsill ma attendiex dawn il-laqgħat regolarmen; madankollu, jitqies tal-ikbar importanza li l-Kunsill jattendi sabiex iwieġeb il-mistoqsijiet tal-membri tal-kumitat li jirreferu għall-kwittanza tal-Kunsill. Il-Kunsill jaqbel li jattendi dibattiti futuri dwar il-kwittanza lill-Kunsill fil-kumitat responsabbli tal-Parlament għall-proċedura ta' kwittanza?
 - (b) Il-Kunsill għaliex ibiddel il-preżentazzjoni/format tal-awditjar intern kull sena? L-awditjar intern għaliex hu daqshekk qasir, ġeneriku u ftit li xejn preċiż kull sena? Mill-kwittanza tal-2010 'l quddiem il-Kunsill jista' jippreżenta l-awditjar intern flingwa(i) oħra minbarra l-Franċiż?
 - (c) Twettaq awditjar estern? Jekk hu l-każ, jista' jarah il-Kumitat tal-Parlament responsabbli għall-proċedura ta' kwittanza? Jekk ma jeżistix awditjar estern, il-Kunsill għaliex għażel li ma jwettaqx wieħed?
 - (d) S'issa, l-attività tal-Kunsill implikat kofinanzjament mal-Kummissjoni, li ra żieda wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. X'sistemi ta' kontroll u awditjar ġew stabbiliti biex tiġi żgurata trasparenza sħiħa? Peress li t-Trattat ta' Lisbona żied il-kofinanzjament mal-Kummissjoni, il-Kunsill x'jifhem bi "tweġiba għall-mistoqsijiet xierqa"?
 - (e) fir-Rapport Annwali tal-2009 tagħha, il-Qorti tal-Awdituri sabet li fi tnejn minn kull sitt proċeduri ta' akkwist pubbliku li ġew awditjati, il-Kunsill ma rrispettax ir-regoli tar-Regolament Finanzjarju għall-pubblikazzjoni tar-riżultat tal-proċedura. Il-Kunsill eżamina iktar eżempji ta' akkwisti pubbliċi simili? Il-proċedura interna ġiet konformi sabiex jiġu evitati każijiet simili fil-futur?
 - (f) Il-persunal tar-Rappreżentati Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE): Indika l-persunal (il-persunal kollu, l-organigramma u oħrajn) — għadd ta' postijiet, grad — għar-RSUE fil-Kunsill għall-2009. B'liema mod u meta se jiġu allokati l-postijiet tal-persunal tar-RSUE bejn il-Kunsill u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE)? X'kien il-baġit tal-ivvjaġġar għal kull wieħed mir-RSUE? Kemm mill-persunal tar-RSUE ġew trasferiti fl-1 ta' Jannar 2011 għas-SEAE? Kemm se jibqgħu mal-Kunsill u għaliex?
 - (g) Il-Kunsill jenfasizza l-mistoqsijiet baġitarji dwar il-konsegwenzi tat-Trattat ta' Lisbona fil-punt 2.2 fir-rapport ta' attività finanzjarja - 11327/2010, FIN 278. Il-Kunsill solva l-problemi relatati man-nefġiet tas-Sur Solana? Liema parti tan-nefġiet taqa' taħt il-baġit tal-Kunsill u liema parti taqa' taħt il-baġit tal-Kummissjoni?
 - (h) X'kienu n-nefġiet operattivi, in-nefġiet amministrattivi, tal-persunal, tal-bini, eċċ. previsti mill-Kunsill għall-2009 sabiex jiġi stabbilit ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni (RGħ/VP)?
 - (i) Ir-RGħ/VP bdiet il-mandat tagħha fl-1 ta' Diċembru 2009. L-ispejjeż kif tqassmu bejn il-Kunsill u l-Kummissjoni (għall-persunal, l-ivvjaġġar, eċċ.)? Il-Kunsill kif ipprepara l-baġit għar-RGħ/VP għall-2010? Liema linji baġitarji u ammonti kienu riżervati għall-attivitàjiet tagħha?
 - (j) L-ispazju tal-uffiċċji li se jsir disponibbli fil-proċess tat-trasferiment tal-persunal lis-SEAE kif ser jaffettwa l-pjanijiet tal-Kunsill għall-bini? Saru xi arranġamenti għall-użu sussegwenti ta' spazju ta' uffiċċji bħal dan? X'inhil-ispiża antiċipata għat-trasferiment? Is-sejħiet għal offerti għat-trasferiment (jekk kien hemm) meta ġew ippubblikati?
 - (k) X'kienet in-nefqa amministrattiva u operattiva relatata mal-kompiti tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK)/il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), li kienu tal-inqas parzjalment ifffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni fl-2009? X'kien l-ammont totali tan-nefqa tal-PESK fl-2009? Il-Kunsill jista' jidentifika tal-inqas il-missjonijiet ewlenin u l-ispiża tagħhom fl-2009?
 - (l) X'kienet l-ispiża tal-laqgħat għall-gruppi ta' ħidma tal-Kunsill dwar il-PESK/PSDK fi Brussell u postijiet oħra u fejn saru dawn il-laqgħat?

- (m) X'kienet in-nefqa amministrattiva relatata mal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet militari tal-PESK/PSDK? X'shem tal-ammont totali tan-nefqa li rriżultat mill-operazzjonijiet militari tħallas mill-baġit tal-Unjoni?
- (n) X'kienet in-nefqa amministrattiva implimentata għall-operazzjoni tal-mekkaniżmu "ATHENA", kemm kienu meħtieġa karigi għal dak il-mekkaniżmu, u xi wħud mill-karigi involuti se jiġu trasferiti lis-SEAE? Dawk li jkollhom il-kariga għal min ikunu qed jaħdmu?
- (o) Hemm rata baxxa ta' okkupazzjoni ta' karigi fil-pjan ta' stabbiliment tal-Kunsill (91 % fl-2009, 90 % fl-2008). Din ir-rata konsistentement baxxa għandha xi riperkussjonijiet fuq il-funzjonament tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (SĠK)? Is-SĠK jista' jwettaq il-funzjonijiet kollha tiegħu bir-rata ta' okkupazzjoni attwali? Ir-rati iktar baxxi ta' okkupazzjoni huma speċifiċi għal xi servizzi partikolari? Liema huma r-raġunijiet tad-diskrepanza persistenti?
- (p) X'inhu l-għadd totali ta' karigi assenjati għall-kompitu ta' "koordinazzjoni tal-politika" u l-appoġġ amministrattiv (kif definit fir-rapporti annwali tal-iskrining tal-persunal tal-Kummissjoni)? X'inhu l-perċentwal ta' dawn il-karigi b'relazżjoni mal-għadd totali ta' karigi?
- (q) Biex jinkisbu l-oġġettivi amministrattivi fl-2009 l-Kunsill żied it-teleworking mal-proċeduri ta' xogħol tiegħu. Il-Kunsill kif jista' juri l-effiċjenza ta' din il-proċedura ta' xogħol? Barra minn hekk, jitlob lill-Kunsill jirrapporta dwar iktar miżuri li ttieħdu f'dan ir-rigward u partikolarment dawk għat-titjib tal-kwalità tal-ġestjoni finanzjarja kif ukoll l-impatt tagħhom;
- (r) Il-Kunsill żied il-karigi tiegħu bi 15 (8 AD u 7 AST) biex ikopri r-rekwiżiti tal-persunal tal-unità tal-lingwa Irlandiża. Kemm-il membru tal-persunal jaħdem b'lingwi oħra (membri tal-persunal għal kull lingwa)? Hemm diġà persunal impjegat għal u mill-pajjiżi applikanti? Jekk iva — kemm-il kariga hemm (separati skont il-pajjiż u l-lingwa)?
- (s) Il-"Grupp ta' Riflessjoni" ġie stabbilit fl-14 ta' Diċembru 2007, u l-membri tiegħu nħatru fil-15 u s-16 ta' Ottubru 2008. Liema kienu r-raġunijiet għaliex il-finanzjament meħtieġ ma setax jiġi previst u inkluż fil-Baġit tal-2009? Hu strettament newtrali għall-baġit li trasferiment fil-Baġit tal-2009 mir-riżerva ta' kontinġenza għal pożizzjoni baġitarja li tiffinanzja struttura konċepita fl-2007? Il-Kunsill alloka EUR 1 060 000 għall-"Grupp ta' Riflessjoni". Kemm-il kariga tista' tiġi allokata għal dan il-grupp?
- (t) In-nefġiet li jirrigwardaw l-ivvjaġġar tad-delegazzjonijiet għadhom jidhru problematiċi, (ara n-nota tal-Kunsill tal-15 ta' Ġunju 2010, SGS10 8254, inċiż II, paġna 4). Għaliex dawn in-nefġiet jidhru f'daqshekk linji baġitarji differenti?
- (u) L-awditjar intern għaliex għadu jsib li hu meħtieġ li jiżdiedu "l-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegati u l-ispejjeż tal-interpretazzjoni", wara kritika kbira fl-aħħar żewġ riżoluzzjonijiet mill-Parlament dwar il-kwittanza tal-Kunsill?
- (v) Il-Kunsill reġa' uża r-rata aktar baxxa ta' nfiq fl-interpretazzjoni biex jiġi pprovdut finanzjament żejjed għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegazzjonijiet; b'riżultat ta' dan, l-impenji attwali tal-2009 għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar kienu jammontaw għal ammont ħafna inqas mill-baġit inizjali, u inqas minn nofs l-ammont disponibbli wara t-trasferiment (EUR 36 100 000 inizjalment u EUR 48 100 000 disponibbli wara t-trasferiment meta mqabbla ma' EUR 22 700 000 impenjati). X'kienu r-raġunijiet għal dan it-trasferiment ta' EUR 12 000 000 (ara r-rapport tal-attività finanzjarja — 11327/2010, FIN 278 — punt 3.3.2, inċiż VI)? Għaliex it-trasferiment mill-interpretazzjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar tad-delegati hu stmat bħala EUR 12 000 000 mill-Kunsill fil-paġna 12 u EUR 10 558 362 fil-paġna 13? Għaliex intuża l-ammont li kien fadal mit-trasferiment mill-interpretazzjoni (l-ammont totali trasferit mill-interpretazzjoni hu ta' EUR 17 798 362)? Barra minn hekk, jitlob lill-Kunsill jispjega l-ammont kbir ta' ordnijiet ta' rkupru li saru qabel l-2009 u li ġew riportati għall-2009 (EUR 12 300 000) kif ukoll l-irkupru li sar mid-dikjarazzjonijiet relatati mal-2007 (EUR 6 300 000);

- (w) Fl-2009 l-Kunsill, kif kien għamel fl-2008, reġa' alloka ammont konsiderevoli tal-baġit tiegħu għall-binjiet, partikolarment, biex b'hekk iktar milli rdoppja l-allokazzjonijiet inizjali għall-akkwist tal-Bini Residence Palace (reġa' alloka EUR 17 800 000 minbarra EUR 15 000 000 ippjanati fil-baġit għall-2009). X'inhuma r-raġunijiet għal dan? Is-SĠK jista' jipprovdi ċifri konkreti tat-tfaddil li nkiseb b'riżultat ta' dan? X'kienet in-nefqa pplanata inizjalment għall-bini Residence Palace? Il-Kunsill hu tal-fehma li l-ispiża prevista inizjalment se tkun eżatta jew tista' tkun ogħla milli stmat? X'inhuma l-passi previsti għall-finanzjament tal-bini?
- (x) L-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kunsill — approprjazzjonijiet riportati: Il-Kunsill jista' jippreżenta l-ammont stmat u s-suġġett tal-fatturi li ma waslux sa Ġunju 2010 għas-sena 2009 u għalhekk ġew riportati?
- (y) Ir-riport għall-2010 tal-appropriazzjonijiet tad-dħul allokat dovut fl-2009 ammonta għal EUR 31 800 000. Dan hu madwar 70 % tad-dħul allokat għall-2009. X'inhuma r-raġunijiet għal dan il-proporzjon kbir ta' riport? X'ser jiġri jew x'ġara rigward dan id-dħul fl-2010?
- (z) Xi fisser "dotazzjoni teknika ta' EUR 25 000 000 għat-tnedija tal-Kunsill Ewropew 2010"? (ara r-rapport dwar l-attività finanzjarja — 11327/2010, FIN 278 — punt 3.1, inċiż IV);
- (aa) X'inhu l-livell ta' kunfidenzjalità tal-baġit tal-Kunsill speċifikat bid-diversi linji baġitarji?
- (ab) Il-Kunsill jista' jindika l-miżuri speċifiċi li ttieħdu biex tittejjeb il-kwalità tal-ġestjoni finanzjarja tal-Kunsill, partikolarment rigward il-punti li tqajmu fil-paragrafu 5 tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-25 ta' Novembru 2009 ⁽¹⁾, li takkumpanja d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza tal-Kunsill għas-sena finanzjarja 2007?
- (ac) Jistieden lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jagħti lill-Kumitat tal-Parlament responsabbli għall-proċedura ta' kwittanza d-dokumenti li ġejjin:
- il-lista sħiħa tat-trasferimenti baġitarji li jirrigwardaw il-baġit tal-2009 tal-Kunsill;
 - dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-ispejjeż tal-Kunsill għall-missjonijiet imwettqa mir-RSUE,
 - id-dikjarazzjoni tal-Istati Membri għall-2007 (ara r-rapport dwar l-attività finanzjarja — 11327/2010, FIN 278 — punt 3.2.2, inċiż II); kif ukoll
 - ir-rapport tal-"Grupp ta' Riflessjoni" sabiex ikun jista' jifhem għaliex rapport bħal dan jiswja EUR 1 060 000 (ara r-rapport dwar l-attività finanzjarja — 11327/2010, FIN 278 — punt 2);
15. Jinnota r-risposta tal-Kummissjoni tal-25 ta' Novembru 2011 għall-ittra tal-President tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, fejn il-Kummissjoni ddikjarat bħala xieraq li l-Parlament ikompli bl-għoti, bil-posponiment jew bir-rifjut tal-kwittanza lill-istituzzjonijiet l-oħra bħalma kien qiegħed isir sa issa;
16. Ifakkar li, fil-31 ta' Jannar 2012, il-President tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit baġat ittra lill-Presidenza attwali tal-Kunsill, fejn jenfasizza x-xewqa tiegħu li jistabbilixxi d-djalogu politiku u jikkomunika mistoqsijiet addizzjonali mill-Kumitat tal-Parlament rigward il-kwittanza tal-Kunsill; għaldaqstant, jittama li l-Kunsill jagħti lill-kumitat kompetenti għall-proċedura ta' kwittanza tweġiba għall-kwestjonarju — meħmuż mal-ittra tal-President - qabel id-dibattitu fil-plenarja;

⁽¹⁾ ĠU L 19, 23.1.2010, p. 9.

17. Madankollu, jiddispjaċih li l-Kunsill irrifjuta jattendi kull laqgħa uffiċjali tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit b'rabta mal-kwittanza tiegħu;
 18. Jenfasizza d-dritt tal-Parlament, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li jagħti kwittanza, skont il-proċedura prevista mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-kuntest u l-fini tagħha, li tikkonsisti fit-tressiq tal-implimentazzjoni tal-baġit kollu tal-Unjoni Ewropea għall-kontroll u l-iskrutinju parlamentari mingħajr eċċezzjoni, u li jagħti kwittanza b'mod awtonomu mhux biss fir-rigward tat-taqsimi tal-baġit implimentata mill-Kummissjoni, iżda wkoll fir-rigward tat-taqsimiet tal-baġit implimentati mill-istituzzjonijiet l-oħra, kif imsemmi fl-Artikolu 1 tar-Regolament Finanzjarju;
 19. Jinnota li l-Kunsill għandu jkun trasparenti u responsabbli għalkollox fir-rigward taċ-ċittadini Ewropej għall-fondi fdati lilu bħala istituzzjoni tal-Unjoni jinsisti li dan ifisser li l-Kunsill irid jipparteċipa bis-sħiħ u b'bona fide fil-proċess annwali tal-kwittanza:
 - billi jwieġeb fid-dettall għall-kwestjonarju annwali mħejji mill-Kumitat parlamentari rilevanti;
 - billi jwieġeb fid-dettall għall-kwestjonarju annwali mħejji mill-Kumitat parlamentari rilevanti;
 - billi jkun rappreżentat fil-laqgħat rilevanti kollha tal-Kumitat meta l-kwittanza tkun qed tiġi diskussa;
 20. Jemmen li l-kooperazzjoni interistituzzjonali bejn il-Parlament u l-Kunsill hija ta' importanza fundamentali fis-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni; f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kunsill jipprova t-tweġibiet għall-kwestjonarju pendenti mressaq mill-Parlament;
 21. Jitlob lill-Kunsill jiddiskuti l-kwittanza annwali tal-baġit ġenerali tal-Unjoni waqt parti pubblika tal-laqgħa tal-Kunsill.
-

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni**

(2012/546/UE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 – C7-0256/2011) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u għad-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ppubblikati ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2011 bl-isem "Sinteżi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2010" (COM(2011) 323),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditjar intern imwettaq fl-2010 (COM(2011) 643), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li ġie ppubblikat ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1189),
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾, u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom provduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (06081/1/2012 — C7-0053/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 76 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati l-oħra kkonċernati (A7-0098/2012),

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

- A. billi skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha teżegwixxi l-baġit u tamministra l-programmi u għandha tagħmel dan skont l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fuq ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba,
1. Jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hi parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi, u fir-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 dwar ir-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-kwittanza tal-Kummissjoni għall-2010 ⁽¹⁾;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investment, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0154 (Ara l-paġna 68 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 – C7-0256/2011) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u għad-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ppubblikati ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2011 bl-isem "Sinteżi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2010" (COM(2011) 323),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditjar intern imwettaq fl-2010 (COM(2011) 643), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li ġie ppubblikat ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1189),
- wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾ (ir-Rapport Annwali), u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom provduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (06081/1/2012 — C7-0053/2012), u jinnota li r-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għall-ewwel darba rrifutaw li jirrakkomandaw li tiġi approvata l-kwittanza,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 (06084/2012 – C7-0052/2012), u jinnota li r-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għall-ewwel darba rrifutaw li jirrakkomandaw li tiġi approvata l-kwittanza,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 145, 146 u 147 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) u (3) tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 76 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati l-oħra kkonċernati (A7-0098/2012),
- A. billi l-Ewropa qed taffaċċja kriżi baġitarja u finanzjarja serja li tista' twassal għal kriżi ta' fiduċja fl-Unjoni u billi huwa importanti immens li l-Unjoni tagħti eżempju mill-aħjar fil-qasam tal-ġestjoni pubblika tajba, permezz tal-Kummissjoni, li timplimenta l-baġit tal-Unjoni; billi ġestjoni pubblika tajba hija neċessarja sabiex l-Unjoni żżomm il-klassifikazzjoni AAA tagħha, li hija importanti, b'mod partikolari biex iżżomm mal-impenn tagħha li ttipprovi EUR 60 000 000 000 f'garanziji għall-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja,
- B. billi l-2010 kienet l-ewwel sena finanzjarja kompletament koperta mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona, bi proċeduri baġitarji ġodda u l-istabbiliment tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), kif ukoll il-Presidenza tal-Kunsill Ewropew apparti l-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill; billi kienet ukoll l-ewwel sena tal-istrateġija l-ġdida Ewropa 2020,
- C. billi l-governanza tajba timplika li l-għanijiet politiċi jiġu stabbiliti qabel ma jgħaddu strumenti legali biex jintlaħqu dawk l-għanijiet, u billi l-istrumenti legali eżistenti li ma jkunux għalkollox farmonija mal-għanijiet politiċi għandhom jiġu mmodifikati,
- D. billi għandu jkun hemm arranġamenti adegwati għat-trasparenza, ir-rendikont pubbliku u l-awditjar pubbliku meta jkunu involuti fondi pubbliċi, billi għas-sbatax-il sena konsekuttiva l-Qorti tal-Awdituri ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni pożittiva rigward il-baġit tal-Unjoni,
- E. billi l-Artikolu 287(1), it-tieni subparagrafu, tat-TFUE jirrikjedi li l-Qorti tal-Awdituri ttipprovi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni li biha tiċċertifika l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħtom u jipprovi wkoll li din id-dikjarazzjoni tista' tiġi kompletata b'valutazzjonijiet speċifiċi għal kull qasam maġġuri tal-attività tal-Unjoni,
- F. billi iktar minn 90 % tal-iżbalji kollha jinstabu barra l-Kummissjoni fil-livell tal-awtoritajiet tal-Istati Membri u fil-livell tal-benefiċjarji finali (Rapport Annwali, punt 1.22),
- G. billi fil-maġġoranza tal-każijiet fejn instabu iżbalji fil-qasam tal-Koeżjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni biex setgħu identifkawk u sewwew l-iżbalji qabel ma ċċertifkawk l-infiq lill-Kummissjoni (Rapport Annwali, punt 4.25),
- H. billi huwa neċessarju li ssir distinzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali li stabbilixxew sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jiffunzjonaw sew u awtoritajiet nazzjonali li huma responsabbli għal sistemi li huma biss parzjalment effikaċi biex jiġu evitati piżijiet addizzjonali għall-Istati Membri kollha,
- I. billi n-nuqqas ta' interess serju mill-Istati Membri fil-proċedura ta' kwittanza jista' jkun dovut għall-isforzi insuffiċjenti tal-Kummissjoni fl-identifikazzjoni b'mod pubbliku, mhux ekwivoku u sostanzjat ta' liema Stati Membri, reġjuni u programmi mhux qed jagħtu riżultati tajbin fil-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni,
- J. billi dikjarazzjonijiet nazzjonali obligatorji ta' ġestjoni maħruġa u ffirmati fil-livell ministerjali u awditjati kif xieraq minn awditur indipendenti huma mezz neċessarju biex jiġi miġġieled in-nuqqas ta' responsabbiltà ta' xi awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-użu u l-ġestjoni tal-flus tal-Unjoni,

⁽⁶⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

- K. billi ż-żieda fl-użu tal-prefinanzjament mill-Kummissjoni għandha implikazzjonijiet għall-approċċ tal-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri u billi l-Qorti tal-Awdituri tista' tadatta l-metodoloġija tagħha għaċ-ċirkostanzi l-ġodda biex tiżgura l-utilità tal-informazzjoni li l-Qorti tal-Awdituri tagħti lill-awtorità ta' kwittanza,
- L. billi l-Unjoni aktar minn qatt qabel teħtieġ korp ta' awdituri verament estern, b'saħħtu, indipendenti u effiċjenti, li naturalment ifisser – u b'rispett għall-kontribwenti – li l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri ma għandhom qatt ikunu maħtura fuq bażi politika iżda biss fuq bażi professjonali,
- M. billi l-użu ta' strumenti finanzjarji innovattivi u kumplessi għandu jiġi kontrobalanċjat bi trasparenza sħiħa, inkluża l-pubblikazzjoni ta' data komprensiva tal-benefiċjarji finali kollha, u regoli ċari dwar ir-rappurtar biex jiġi evitat kwalunkwe riskju għall-baġit u għar-reputazzjoni tal-Unjoni,
- N. billi l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni biex jiżguraw li l-approprijazzjonijiet jintużaw b'konformità mal-prinċipji ta' amministrazzjoni finanzjarja tajba,
- O. billi l-Istati Membri, anke jekk l-istruttura tagħhom tkun federali, jerfgħu r-responsabbiltà fil-konfront tad-dinja esterna u tal-Unjoni,
- P. billi kemm il-kwistjonijiet tal-konformità kif ukoll dawk tal-prestazzjoni għandhom jiġu indirizzati aħjar biex tissaħħaħ il-leġittimità tal-Unjoni,
- Q. billi l-iżvilupp kontinwu tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri tul is-snin kienet strumentali fl-identifikazzjoni ta' oqsma fejn il-ġestjoni mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni jeħtieġ li tittejjeb,
- R. billi l-Qorti tal-Awdituri reġgħet ma kinitx f'pożizzjoni li tagħti Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni pożittiva fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tal-ħlasijiet, ħaġa li ta' min jikkundannaha;

Azzjonijiet prijoritarji għall-Kummissjoni

1. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament Pjan ta' Azzjoni biex jintlaħqu l-azzjonijiet prijoritarji li ġejjin:
 - jingħalaq il-monitoraġġ tal-użu tal-Istrumenti ta' Inġinerija Finanzjarja (FEI), kif deskritt fil-punt 21 ta' din ir-riżoluzzjoni;
 - tittejjeb u tissaħħaħ l-affidabbiltà tal-katina tal-kontabbiltà, kif deskritt fil-punt 36 ta' din ir-riżoluzzjoni;
 - tiġi kkunsidrata mill-ġdid iż-żieda fl-użu tal-prefinanzjament, kif deskritt fil-punt 56 ta' din ir-riżoluzzjoni;
 - jinħoloq mekkaniżmu effikaċi ta' sanzjonijiet fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni, kif deskritt fil-punt 124 ta' din ir-riżoluzzjoni;

Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri

Il-kontijiet — opinjoni mingħajr riżervi

2. Jinnota li l-kontijiet annwali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2010 jippreżentaw b'mod ġust fl-aspetti materjali kollha l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2010, u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi ta' flus kontanti tagħha għas-sena li nġhalqet dakinhar;
3. Jinnota l-enfasi mqiegħda fuq il-bidla fil-politika tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni fir-rigward tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja (FEI), ħaġa li turi li r-riskji tad-dikjarazzjonijiet ħżiena materjali għadhom jeżistu, minkejja li l-kontijiet ingħataw opinjoni mhux modifikata mill-2007 'l hawn; jistieden lill-Kummissjoni terġa' teżamina annwalment jekk it-trattament il-ġdid adottat jirriflettix b'mod ġust ir-realtà sottostanti;

Il-legalità u r-regolarità tad-dħul — opinjoni mingħajr riżervi

4. Jinnota b'sodisfazzjon li d-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010, fl-aspetti materjali kollha huwa legali u regolari;

Il-legalità u r-regolarità tal-impenji — opinjoni mingħajr riżervi

5. Jinnota b'sodisfazzjon li l-impenji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010, fl-aspetti materjali kollha huma legali u regolari;

Il-legalità u r-regolarità tal-ħlasijiet — opinjoni mingħajr riżervi

6. Jiddispjaċih ħafna li l-ħlasijiet għadhom affettwati b'mod materjali minn żbalji;
7. Jifhem li l-bażi tal-opinjoni negattiva tal-Qorti tal-Awdituri hija l-osservazzjoni li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll huma biss parzjalment effikaċi u – konsegwenza ta' dan – il-ħlasijiet huma affettwati b'rata ta' żbalji li hija stmata li x'aktarx hi 3,7 %;
8. Ifakkar li l-aktar rata probabbli ta' żbalji għall-ħlasijiet fis-sena finanzjarja 2009 kienet stmata li kienet 3,3 %;
9. Huwa mħasseb dwar din iż-żieda peress li treġġa' lura x-xejra pożittiva osservata f'dawn l-aħħar ftit snin; jistieden lill-Kummissjoni tikseb tendenzi li juru tnaqqis konsistenti fir-rata ta' żbalji kif mitlub fir-rapporti ta' kwittanza preċedenti;
10. Jattribwixxi dan l-iżvilupp primarjament liż-żieda tar-rata ta' żbalji l-aktar probabbli fil-qasam tal-Koeżjoni, l-Enerġija u t-Trasport, li kellu żieda sinifikanti għal 7,7 %;

Kwistjonijiet orizzontali*Strumenti ta' Inġinerija Finanzjarja (FEIs)*

11. Ifakkar li l-Kummissjoni qed tippromwovi żieda fl-użu ta' FEIs fil-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss ⁽⁷⁾ minkejja l-fatt li l-Kummissjoni stess tikkunsidra l-FEIs huma strumenti ta' riskju għoli ⁽⁸⁾; jifhem li l-FEIs jikkomplementaw aktar milli jieħdu post il-finanzjamenti eżistenti u għandhom il-benefiċċju potenzjali li jistgħu jintużaw aktar minn darba;
12. Huwa mħasseb ħafna dwar in-nuqqas ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-FEIs attwali li jidher li jolqot l-oqsma tal-politika kollha (Rapport Annwali, punti 1.31 u 1.33);
13. Jiddeplora n-nuqqas ta' rekwiżiti ta' rapportar formali u jaġġraf l-isforzi tal-Kummissjoni biex tirċievi informazzjoni dwar l-użu attwali tal-FEIs mill-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR); jilqa' r-rapport ta' sinteżi tal-informazzjoni li nġabret mill-Kummissjoni dwar "Strumenti ta' Inġinerija Finanzjarja Implimentati mill-Istati Membri b'Kontribuzzjonijiet tal-FEŻR — is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru 2010" (Rapport ta' Sinteżi dwar l-FEIs) ippreżentat lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament; jinnota li nħolqu FEIs b'impenn totali ta' madwar EUR 8 100 000 000 u rċevew ħlasijiet ta' madwar EUR 5 200 000 000 mill-programmi operattivi 2007-2013 sal-aħħar tal-2010 (Rapport Annwali, punt 4.32);
14. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni rċeviet informazzjoni biss dwar bejn wieħed u ieħor 75 % tal-kontribuzzjonijiet totali impenjati għall-FEIs għall-impriżi ⁽⁹⁾; jinsab imħasseb li l-informazzjoni li waslet mill-Istati Membri varjat f'termini ta' komplettezza u preċiżjoni u li numru limitat ta' Stati Membri jew reġjuni ma tawx reazzjonijiet jew ma lestewx il-mudelli tar-rappurtar tal-monitoraġġ; jifhem li dan jaġġmilha impossibbli għall-Kummissjoni tkopri l-FEIs kollha sal-31 ta' Diċembru 2010;

⁽⁷⁾ COM(2011) 662.

⁽⁸⁾ SEC(2011) 1179, p. 24.

⁽⁹⁾ Rapport ta' Sinteżi dwar il-FEIs, p. 6.

15. Jenfasizza li:

— in-numru eżatt u d-daqs ta' fondi speċifiċi stabbiliti

(il-Kummissjoni stmat li fi Franza u fl-Italja jeżistu madwar 92 fond speċifiku, li għalihom ma rċeviet l-ebda rapport ta' monitoraġġ jew kien hemm disponibbli biss informazzjoni insuffiċjenti, barra mill-kważi 300 fond speċifiku li għalihom kien hemm informazzjoni disponibbli ⁽¹⁰⁾),

— l-indikaturi b'livelli ta' mira dwar l-effikaċja tal-FEIs

(pereżempju, in-numru ta' investimenti f'impriżi żgħar u medji, l-impjegi maħluqa jew issalvagwardjati, ir-riżorsi addizzjonali mobilizzati fil-livell tal-impriża jew fil-livell tal-fondi speċifiċi ⁽¹¹⁾), u

— l-indikaturi dwar l-effiċjenza u l-ekonomija tal-FEIs

(pereżempju, l-ispejjeż ta' ġestjoni u jekk jipprovdux inċentivi biex isir l-aħjar użu tal-flus, l-informazzjoni dwar l-irtirar mill-fondi u r-ritorn fihom, l-informazzjoni dwar dak li jibqa' mill-fondi wara l-perjodu ta' programmazzjoni ⁽¹²⁾)

huma elementi importanti u indispensabbli għall-evalwazzjoni tal-użu tal-FEIs u jiddispaċiħ ħafna li din l-informazzjoni għadha mhijiex disponibbli għalkollox;

16. Jinnota u jiddeplora l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri prinċipalment fil-qasam tal-Koeżjoni bħad-dotazzjonijiet żejda lill-FEIs li tippermetti l-ħrib mir-regola n + 2 (Rapport Annwali, eżempju 4.4(a)), dewmien u implimentazzjoni bil-mod tal-FEIs (Rapport Annwali, eżempju 4.4(b)), rekwiżiti irregolari fil-qasam tal-istralċ (Rapport Annwali, eżempju 4.4(c)), kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa permezz ta' ħlas bil-quddiem hekk kif l-istruttura ġuridika tal-FEI tkun għet stabbilita (Rapport Annwali, punt 4.34) u problemi fit-twettiq ta' awditjar adegwat tal-FEIs (Rapport Annwali, punti 4.35 u 4.36);

17. Jemmen li dawk l-osservazzjonijiet ġejjin minn bażi ġuridika mhux kompleta għall-FEIs; huwa mħasseb li r-regoli applikabbli għall-FEIs ma jistabilixxux inċentivi adegwati biex isir użu effikaċi tal-FEIs; huwa mħasseb ukoll li jħallu wisq lok għal flessibilità għall-Istati Membri; jilqa' madankollu t-tijib riċenti fl-iżvilupp ta' bażi legali għall-FEIs; jenfasizza l-lakuni l-iktar importanti li ġejjin tal-baży ġuridika li dak iż-żmien kien Regolament tal-Kunsill ⁽¹³⁾:

— dispożizzjonijiet insuffiċjenti biex jstimolaw l-implimentazzjoni rapida tal-FEIs;

— dispożizzjonijiet insuffiċjenti dwar ir-rekwiżiti tal-ingranaġġ u dawk ta' natura rinnovabbli għall-FEIs;

— dispożizzjonijiet insuffiċjenti biex jipprevjenu d-dotazzjonijiet żejda;

— dispożizzjonijiet insuffiċjenti biex jistabilixxu strutturi ta' drittijiet ta' ġestjoni li joffru inċentivi biex jintużaw il-FEIs bl-aktar mod effiċjenti;

— dispożizzjonijiet insuffiċjenti dwar dak li jibqa' mill-fondi fit-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni;

— kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà mhux ċari għall-kapital għan-negożju;

— possibbiltà ta' użu mhux ġustifikat ta' trattament preferenzjali tas-settur privat;

⁽¹⁰⁾ Rapport ta' Sinteżi dwar il-FEIs, p. 10.

⁽¹¹⁾ Rapport ta' Sinteżi dwar il-FEIs, p. 9.

⁽¹²⁾ Rapport ta' Sinteżi dwar il-FEIs, pp. 21 u 26.

⁽¹³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 tal-11 ta' Lulju 2006 li jistabilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25).

18. Jaqbel mal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri li riżorsi mogħtija lura u dħul miksub mill-istrumenti finanzjarji ma għandhomx jiġu riallokati xi mkien ieħor qabel l-għeluq tal-programm operazzjonali, iżda għandhom jingħataw lura lill-istrumenti finanzjarji rilevanti (Qorti tal-Awdituri, Opinjoni Nru 7/2011⁽¹⁴⁾, paġna 11); jistenna li din ir-rakkomandazzjoni titqies serjament matul il-proċedura leġiżlattiva rigward il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar l-istrumenti strutturali (COM(2011) 615 – 2011/0276(COD));
19. Huwa sodisfatt li l-Artikoli 130 u 131 tal-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit annwali tal-Unjoni (COM(2010) 815 - 2010/0395(COD)) se jagħmluha possibbli li jiġi stabbilit il-perjodu tal-istrumenti finanzjarji; jitlob lill-Kummissjoni għal sintesi tal-miżuri li jistgħu jevitaw ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni li jiġu mill-FELs;
20. Jinnota li l-FELs huma preżenti f'oqsma ta' politika oħra, ukoll; jagħraf ir-riskju ta' sovrappożizzjonijiet u implimentazzjoni inkonsistenti ta' dawn l-istrumenti mingħajr koordinament adegwat; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri, għalhekk, tagħmel awditjar tal-FELs b'mod orizzontali fl-oqsma tal-politika kollha;
21. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra bħala azzjoni prijoritarja l-monitoraġġ mill-qrib tal-użu tal-FELs fost affarijiet oħra billi:
- tevalwa b'mod oġġettiv u kritiku l-esperjenzi bil-FELs fil-politika tal-Koeżjoni għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013 sa issa, b'mod partikolari fir-rigward tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, inklużi t-tagħlimiet u l-konsegwenzi li nsiltu u biex tirrapporta lill-Parlament dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni;
 - tipprovdi valutazzjoni tar-riskju li tqis FELs differenti separatament kif ukoll tqis l-istruttura ta' riskju tal-benefiċjarju tal-FELs;
 - tlesti l-proċess tal-għbir ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar kwistjonijiet li mhumiex koperti kompletament, bħan-numru eżatt u d-daqs tal-fondi speċifiċi u l-indikaturi rilevanti dwar l-effikaċja, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-FEI; tiżviluppa mekkaniżmi li jsaħħu l-obbligu ta' rappurtar mill-Istati Membri;
 - tirrapporta b'mod annwali lill-Parlament, fil-kuntest tal-proċedura ta' kwittanza, dwar l-użu tal-FELs fl-Istati Membri, inklużi l-indikaturi dwar l-effikaċja, l-effiċjenza u l-ekonomija tal-FELs kif ukoll dwar kif il-Kummissjoni tikkoordina, tiżgura l-konsistenza u ttaffi ir-riskju ta' sovrappożizzjonijiet fl-oqsmi tal-politika;

Ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni u l-pożizzjonijiet meħuda mill-maniġment tagħha

22. Ifakkar li, skont l-Artikolu 317 tat-TFUE, il-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-Unjoni bħala responsabbiltà tagħha; jenfasizza li fejn il-Kummissjoni timplimenta l-baġit permezz ta' ġestjoni kondiviża, il-kompiti ta' implimentazzjoni għandhom ikunu delegati lill-Istati Membri, skont l-Artikolu 53b tar-Regolament Finanzjarju;
23. Jenfasizza għal darb'oħra⁽¹⁵⁾ li l-Kummissjoni għalhekk għandha r-responsabbiltà *primarja* fil-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni kkonċernati u li, konsegwentament, il-Kummissjoni għandha l-obbligu li tieħu miżuri li jimmiraw lejn l-iżgurar tal-legalità u tar-regolarità kif ukoll lejn ġestjoni finanzjarja tajba;
24. Jenfasizza li mhuwiex possibbli għall-Kummissjoni li tittrasferixxi r-responsabbiltà finanzjarja tagħha lill-Istati Membri, anki f'każijiet fejn id-dgħufija maniġerjali jew l-irregolarità għet identifikata fil-livell ta' Stat Membru;

⁽¹⁴⁾ ĠU C 47, 17.2.2012, p. 1.

⁽¹⁵⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-21 ta' April 2004 dwar il-kwittanza mogħtija lill-Kummissjoni għas-sena finanzjarja 2002 (ĠU L 330, 4.11.2004, p. 82).

25. Jikkunsidra li l-użu sinifikanti tat-terminu “ġestjoni kondiviża” għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipju fundamentali li l-Unjoni tiddelega f’it mis-setgħat tagħha lill-Istati Membri u li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jwettqu l-parti tagħhom tal-ħidma bi qbil mal-atti leġiżlattivi tal-Unjoni; jitlob l-implimentazzjoni sħiħa tal-Punt 44 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta’ Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ⁽¹⁶⁾; jemmen li s-sintesi annwali tal-awditjar u d-dikjarazzjonijiet disponibbli jridu jkunu pubbliċi sabiex jikkontribwixxu għat-titjib tal-immaniġġar tal-baġit tal-Unjoni Ewropea;
26. Jinnota li r-rabta soda bejn ir-responsabbiltà finali tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit u l-importanza tal-proċedura ta’ kwittanza; jenfasizza li r-responsabbiltà finali tal-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tkopri wkoll in-nuqqasijiet tas-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri;
27. Jenfasizza li r-responsabbiltà finanzjarja hi u se tibqa’ indiviżibbli u jfakkar fl-Artikolu 53b(4) tar-Regolament Finanzjarju, li jgħid li “sabiex ikun żgurat li l-fondi jkunu użati skont ir-regoli applikabbli, il-Kummissjoni għandha tapplika proċeduri ta’ approvazzjoni tal-kontijiet jew mekkaniżmi ta’ korrezzjoni finanzjarja li bihom tkun tista’ tassumi r-responsabbiltà finali għall-implimentazzjoni tal-baġit” (enfasi miżjuda);
28. Jenfasizza l-importanza tal-pożizzjonijiet meħuda mill-maniġment tal-Kummissjoni f’dan il-kuntest; jinnota, madankollu, l-osservazzjonijiet ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri dwar ir-Rapporti Annwali tal-Attività tal-Kummissjoni li ma kienx hemm gwida għall-kalkolu tar-rata ta’ żball residwu jew tar-riskju residwu; jinnota ukoll li dawn l-elementi saru aktar importanti għall-kwistjoni ta’ jekk hemmx bżonn ta’ riżerva (Rapport Annwali, punti 1.19 u 1.20); jinsab imħasseb li dan jirriżulta f’inkonsistenzi fl-applikazzjoni bejn id-Direttorati Ġenerali;
29. Jinnota wkoll l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar ir-Rapporti Annwali tal-Attività individwali li ġejjin:
- ir-riżerva li tirrigwarda l-miżuri għall-iżvilupp rurali fl-ambitu tal-assi 2 ma jmisshix tneħħiet (Rapport Annwali, punt 3.53), il-kalkolu tar-rati ta’ żball residwu għall-iskemi tal-ġhajnuna jippreżenta diversi nuqqasijiet (Rapport Annwali, punt 3.54);
 - l-ammont stmat li jinsab friskju kif ġie ppreżentat fir-Rapporti Annwali tal-Attività tad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali (DG REGIO) u d-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DG EMPL) jista’ jkun sottovalutat (Rapport Annwali, Anness 4.3);
 - il-kalkolu tar-rata ta’ żball residwu ppreżentat fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-Direttorat Ġenerali għat-Tkabir huwa limitat għal 30 % tal-ħlasijiet li twettqu (Rapport Annwali, punt 5.33);
 - ir-Rapport Annwali tal-Attività ta’ EuropeAid jagħti valutazzjoni parzjalment ġusta biss tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità (Rapport Annwali, punt 5.34);
 - ir-riżerva fir-rigward tal-Programm Qafas 6 fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-Direttorat Ġenerali għas-Soċjetà tal-Infommazzjoni u l-Mezzi tax-Xandir missha kienet miżmuma (Rapport Annwali, punt 6.47);
30. Ifakkar lill-Kummissjoni li r-riżervi kollha huma inklużi bħala anness għar-Rapport ta’ Sinteżi tal-Kummissjoni u jenfasizza li bl-adozzjoni tar-Rapport ta’ Sinteżi l-Kummissjoni “tassumi r-responsabbiltà politika kollha tal-maniġment min-naħa tad-Diretturi Ġenerali u l-Kapijiet tas-Servizz tagħha, abbażi tal-assigurazzjonijiet u r-riżervi li dawn tal-aħħar għamlu fir-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tagħhom” ⁽¹⁷⁾;
31. Jenfasizza li l-Kulleġġ u l-Kummissarji għalhekk jieħdu r-responsabbiltà finali għall-affidabbiltà u l-kompletezza tar-riżervi magħmula mid-Diretturi Ġenerali u l-Kapijiet tal-Unitajiet li jservu ta’ “Uffiċjali Awtorizzanti b’Delega” u jenfasizza li l-att ta’ delega bl-ebda mod ma jneħħi r-responsabbiltà finali mill-Kulleġġ u mill-Kummissarji;

⁽¹⁶⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽¹⁷⁾ Sinteżi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2010 (COM(2011) 323), p. 2.

32. Jinnota l-osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tal-opinjoni ġenerali tal-Awditur Intern; jemmen li fl-assenza ta' rieżami sostanzjali li jqis it-tħassib tal-Qorti tal-Awdituri, l-utilità tal-opinjoni ġenerali se tibqa' limitata;
33. Huwa mħasseb dwar l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tar-Rapporti Annwali tal-Attività u r-Rapport ta' Sinteżi (Rapport Annwali, punti 1.17 - 1.25); jemmen li dawk l-osservazzjonijiet jeħtieġ li jiġu indirizzati mingħajr dewmien biex jiġi ssalvagwardjat il-valur ta' dawk id-dokumenti bħala strumenti ta' rendikont; jirrikonoxxi, madankollu, li l-kalkolu ta' rata ta' żball residwu hija biss waħda mill-metodi użati mill-Kummissjoni biex ikun stmat l-ammont fir-riskju; jitlob lill-Kummissjoni tippovdi linji gwida konsistenti li għandhom jiġu implimentati mid-Direttorati Ġenerali kollha;
34. Jinnota l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-qafas tal-governanza korporattiva tal-UE ⁽¹⁸⁾ għas-settur privat; ikompli jinnota li l-Kummissjoni għamlet progress kbir fir-rigward ta' governanza korporattiva adegwata fi ħdan il-Kummissjoni wara l-avvenimenti li wasslu għar-riżenja tal-Kummissjoni Santer fl-1999;
35. Jinnota d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Governanza adottata fit-30 ta' Mejju 2007, li tkopri l-funzjonament intern tal-Kummissjoni u tispjega l-mod li bih hi mmexxija u kkontrollata u l-mod li bih tirrelata mal-partijiet interessati tagħha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb il-governanza korporattiva tagħha u tinforma lill-awtorità tal-kwittanza bl-azzjonijiet u l-miżuri meħuda billi:
- tinkludi dawk l-elementi ta' governanza korporattiva li huma meħtieġa jew proposti mil-liġi tal-kumpaniji tal-Unjoni li huma rilevanti għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni;
 - tieħu miżuri li jippermettu lill-President jiffirma l-kontijiet u li jippreżenta flimkien mal-kontijiet:
 - i. deskrizzjoni tar-riskji u l-inċertezzi li jistgħu jaffettwaw il-kisba tal-għanijiet tal-politika kif ukoll stqarrija li fiha l-President, flimkien mal-Kulleġġ tal-Kummissarji, jaċċetta r-responsabbiltà għall-ġestjoni tar-riskju; kif ukoll
 - ii. dikjarazzjoni formali ta' Governanza Korporattiva li turi b'mod ċar ma' liema standards internazzjonali għall-governanza korporattiva qed tkun konformi l-Kummissjoni kif ukoll spjegazzjonijiet oġġettivi u kompleti jekk hemm il-bżonn li titbiegħed mir-rakkomandazzjoni tal-kodiċi ta' governanza korporattiva (il-prinċipju ta' "konformità jew spjegazzjoni");
36. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra bħala azzjoni prijorarja t-titjib u t-tisħiħ tal-katina tal-responsabbiltà, fost affarijiet oħra billi:
- tippovdi lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit informazzjoni sħiħa rigward is-sintesi annwali tal-Istati Membri; jiddeplora l-fatt li sa issal-Kummissjoni ma tat ebda informazzjoni dwar is-sintesi annwali, peress li mingħajr ebda għarfien tal-kontenut tas-sintesi annwali dawn tal-aħħar ma jistgħux jitqiesu bħala dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' ġestjoni;
 - toħroġ dikjarazzjoni politika li fiha taċċetta r-responsabbiltà finali u totali għall-implimentazzjoni tal-baġit, inkluż il-parti tal-baġit li tiġi implimentata permezz ta' ġestjoni kondiviża;
 - iżżid il-firma tal-Kummissarju responsabbli fir-Rapport Annwali tal-Attività;
 - tistabbilixxi r-Rapporti Annwali tal-Attività skont il-prinċipju tal-oġġettività, u tevita stimi ottimistiċi;

⁽¹⁸⁾ COM(2011) 164.

- tipprovdi gwida obbligatorja, kompleta u rilevanti lid-Direttorati Ġenerali, b'mod partikolari fir-rigward tal-mod kif ir-rati ta' żball residwu u riskji residwi huma stmati skont il-prinċipja tal-prudenza;
- tipprovdi f'kull Rapport Annwali tal-Attività spjegazzjoni kompleta u affidabli tar-relazzjoni bejn ir-riskju residwu jew ir-rata ta' żball residwu u rata ta' żball tal-Qorti tal-Awdituri; jistieden lill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Qorti tal-Awdituri, biex tesplora l-possibilitajiet li tallinja l-metodoloġiji tagħha li bihom tikkalkula r-rata ta' żball residwu mal-metodoloġija tar-rata ta' żball l-aktar probabbli tal-Qorti tal-Awdituri;
- tirrieżamina l-metodoloġija tal-opinjoni tal-awditjar ġenerali tal-Awditur Intern u tindirizza d-dgħufijiet misjuba mill-Qorti tal-Awdituri;
- tanalizza jekk l-arranġamenti ta' governanza korporattiva tal-Kummissjoni jistgħux jkunu mtejbja iktar filwaqt li tiġi kkunsidrata l-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-qafas tal-governanza korporattiva tal-UE għas-settur privat imsemmija hawn fuq;

L-Iskejjel Ewropej

37. Jiddispaċi li minkejja mezzi baġitarji konsiderevoli previsti għall-iskejjel Ewropej, dawn tal-aħħar għadhom qed jonqsu milli jissodisfaw il-kompitu primarju tagħhom, li hu dak li jipprovdu postijiet biżżejjed fil-lingwi meħtieġa u fil-viċinanzi tal-postijiet tax-xogħol u tar-residenza tal-uffiċjali, iżda minflok estendew l-attivitajiet tagħhom biex jinkludu oqsma oħra ta' edukazzjoni;
38. Jirrikonoxxi li hemm problema essenzjali fl-istrutturi tat-teħid ta' deċiżjonijiet u ta' finanzjar tal-Konvenzjoni għall-Iskejjel Ewropej; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni biex tesplora mal-Istati Membri revizzjoni ta' dik il-Konvenzjoni u biex tirrapporta sal-31 ta' Diċembru 2012 dwar il-progress li jkun sar; sadanittant, jistieden lill-Kummissjoni biex tintensifika l-isforzi ħalli tikseb l-oġettivi msemmija qabel, permezz ta' użu aktar xieraq tal-mezzi baġitarji allokat;

L-amministrazzjoni tal-Kummissjoni

39. Jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika l-pjanijiet ta' rilokazzjoni tagħha, l-ispejjeż li din tinvolvi, kemm se jkun hemm spazju disponibbli għall-uffiċċji u kemm se jiżdied, kif ukoll l-għadd ta' persunal f'kull Direttorat Ġenerali li se jiġi milqut;
40. Jitlob li l-Kummissjoni tikkonkludi bla dewmien l-eżerċizzju ta' riklassifikazzjoni tal-aġenti temporanji kollha tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi b'kuntratt indeterminat, kif imħabbar mill-Kummissarju Šeřčoviċ fil-kwestjonarju ta' preparazzjoni ta' din il-kwittanza⁽¹⁹⁾;
41. Jinnota li fl-2010, matul il-proċedura dwar l-approvazzjoni tal-flexitime u ta' lif ta' kumpens bħala benefiċċju volontarju, il-Kummissjoni approvat madwar 90 000 jum addizzjonali ta' lif għall-persunal tagħha, li hu ekwivalenti għal 445 post — anki jekk l-Artikolu 56 tar-Regoli tal-Persunal jistqarr li l-ħin żejjed maħdum mill-persunal AD5/AST5 ma għandux jiġi kkumpensat; jitlob kjarifika dwar l-ispiża totali lill-kontribwent marbuta mal-lif ta' kumpens;

Ir-responsabbiltà tal-Istati Membri

42. Ifakkar li skont l-Artikolu 317 tat-TFUE l-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-Unjoni bħala responsabbiltà tagħha iżda wkoll f'kooperazzjoni mal-Istati Membri;
43. Jenfasizza li ż-żewġ oqsma tal-politika suxxettibli għall-ogħla rati ta' żball ("Koeżjoni, trasport u enerġija" u "Agrikoltura u riżorsi naturali") huma implimentati fl-ambitu tal-ġestjoni kondiviża, u jiddeplora l-fatt li l-iktar rati probabbli ta' żball stmati jammontaw għal 7,7 % u 2,3 % rispettivament;

⁽¹⁹⁾ Tweġiba tal-Kummissarju Šeřčoviċ għall-mistoqsija bil-miktub Nru 12 tas-smiġh tat-8 ta' Diċembru 2011 quddiem il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew.

44. Jilqa' f'dan il-kuntest l-analiżi tal-Kummissjoni tal-iżbalji rrapportati mill-Qorti tal-Awdituri għas-snin finanzjarji 2006-2009, li enfasizzat għall-ewwel darba l-fatt li, għall-FEŻR u għall-Fond ta' Koeżjoni, tliet Stati Membri (Spanja, l-Italja u r-Renju Unit) ikkontribwew 59 % għall-iżbalji kwantifikabbli kumulattivi li nstabu f'dan il-perjodu u li għall-FSE erba' Stati Membri (Spanja, il-Portugall, ir-Renju Unit u l-Ġermanja) ikkontribwew 68 % għall-iżbalji kwantifikabbli kumulattivi li nstabu f'dan il-perjodu fil-qasam tal-Politika ta' Koeżjoni⁽²⁰⁾; jinnota li, għall-FEŻR u għall-Fond ta' Koeżjoni, il-parti l-kbira tal-iżbalji fl-Italja ġew mir-reġjuni tal-Kalabrija, Kampanja u Pulja u li fi Spanja numru żgħir ta' programmi operattivi fir-reġjuni tal-Andalucía, Valencia u Castilla-La Mancha kkontribwew 75 % għall-iżbalji li nstabu fi Spanja⁽²¹⁾; jifhem, barra minn hekk, li Spanja u l-Italja ikkontribwew b'mod sinifikanti wkoll għar-rata ta' żbalji għas-sena finanzjarja 2010;
45. Jinnota li l-problemi fl-Italja fir-rigward tal-FEŻR "għandhom x'jaqsmu ma dgħufijiet sistematiċi misjuba fil-livell tal-awtoritajiet tal-awditjar u tal-ġestjoni", u "mal-applikazzjoni ta' regoli tal-akkwist pubbliku u l-għażla ta' proġetti, inkluż l-eliġibbiltà ta' proġetti retrospettivi"⁽²²⁾; jinnota wkoll li fi Spanja s-sors tal-problemi għandu l-għerūq tiegħu fis-sistema kumplessa ta' ġestjoni u kontrolli li "fil-prattika tista' twassal għal diviżjoni ta' responsabbiltajiet mhux ċara kif ukoll għal nuqqas ta' sorveljanza effettiva min-naħa tal-awtorità tal-ġestjoni"⁽²³⁾;
46. Ifakkar li l-Ministri tal-finanzi tal-Greċja, tal-Italja u ta' Spanja kienu mistiedna għal skambju ta' opinjonijiet fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew; jiddispiacij li l-ebda mill-Ministri tal-finanzi mistiedna ma deher biex jiddiskuti mal-membri tal-kumitat ir-riżultati tal-Qorti tal-Awdituri bil-għan li tittejjeb il-ġestjoni tal-Fondi Strutturali u eventwalment il-bażi ġuridika; jitlob lill-President tiegħu biex, fil-laqgħa li jmiss tal-Kapijiet ta' Stat, jindirizza r-rifjut ta' dawk il-Ministri tal-finanzi li jiddiskutu dawn il-kwistjonijiet importanti fil-pubbliku mal-kumitat responsabbli tal-Parlament;
47. Ifakkar lill-Kummissjoni dwar l-istediniet ripetuti biex tippreżenta proposta għall-introduzzjoni tal-obbligu ta' dikjarazzjonijiet nazzjonali ta' ġestjoni (NMDs) maħruġa, pubblikati u awditjati kif xieraq mill-awtorità ta' awditjar responsabbli, bħala parti mir-responsabbiltà aħħarija u ġenerali tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-NMDs għandhom jinkludu informazzjoni sħiħa dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni;
48. Jipproponi li s-sustanza tad-dikjarazzjonijiet nazzjonali ffirmati fil-livell tad-direttorati ġenerali għandha tkun konformi mal-istandards internazzjonali ta' awditjar u li dawk id-dikjarazzjonijiet għandhom jintużaw mill-Qorti tal-Awdituri fil-ħidma ta' awditjar tagħha u jkunu bbażati, fost affarijiet oħra, fuq id-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet li lilhom tiġi ddelegata s-setgħa ta' ġestjoni;
49. Jiġbed l-attenzjoni għall-preżenza ta' differenzi sinifikanti fir-rendiment amministrattiv tal-Istati Membri fil-qasam tad-dħul u n-nefqa fil-ġestjoni konġunta, speċjalment marbuta mas-sejba ta' irregolaritajiet, frodi u żbalji u s-segwitu finanzjarju kemm fil-qasam doganali kif ukoll fl-infiq tal-fondi tal-Unjoni; hu tal-fehma li jekk l-Istati Membri kollha juru rendiment korrett, fil-qasam doganali biss, dħul addizzjonali (nett) ta' mhux anqas minn EUR 100 000 000 jista' jkun previst mill-baġit tal-Unjoni; jinnota li s'sissal-Kummissjoni tissorvelja r-rendiment amministrattiv b'mod reattiv u każ b'każ u għaldaqstant ma twettaqx biżżejjed analiżi adegwata tat-tendenzi biex tidentifika l-oqsma ta' riskju; jistieden lill-Kummissjoni tapplika l-metodu tal-analiżi tat-tendenzi biex tidentifika r-riskji finanzjarji u tiegħu miżuri biex ittejjeb ir-rendiment amministrattiv tal-Istati Membri;

Il-Bulgarija u r-Rumanija

50. Jinnota bi tħassib kbir ir-rapport interim tal-Kummissjoni dwar il-progress imwettaq mill-Bulgarija fil-qafas tal-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Kontroll; huwa mħasseb dwar l-istat imwiegħer kontinwu tas-sistema legali Bulgara; jinnota li bħalissa hemm għaddejjin 27 proċedura kriminali kontra 28 imħallef; jitlob kjarifiki dwar sensiela ta' każijiet ta' allegazzjoni ta' frodi li jikkonċernaw fondi tal-Unjoni fil-Bulgarija, li kkawżaw sospensjoni tal-ħlasijiet fl-2008 li fihom l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku ssospenda l-investigazzjonijiet, anki jekk l-investigazzjonijiet dwar każijiet simili bbażati

⁽²⁰⁾ SEC(2011) 1179, p. 13.

⁽²¹⁾ Risposta tal-Kummissarju Johannes Hahn għal mistoqsija bil-miktub Nru 4 għas-smiġħ tad-19 ta' Diċembru 2011 fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew.

⁽²²⁾ SEC(2011) 1179, p. 20.

⁽²³⁾ SEC(2011) 1179, p. 21.

fuq l-istess fatti tkomplew fi Stat Membru ieħor; jinsab mistgħaġeb li, fil-każijiet kollha ta' frodi fil-fondi tal-Unjoni miġjuba quddiem il-qrati, il-prosekuzzjoni kriminali ġiet sostitwita minn sanzjonijiet amministrattivi, u li każ importanti ta' frodi li jikkonċerna l-fondi tal-Unjoni ilu wieqaf fl-istadju tal-appell fil-qorti għal aktar minn 18-il xahar; jiddeplora wkoll il-fatt li ma nġhatax kas tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni meta l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Identifikazzjoni u s-Sekwestru ta' Assi mill-Attività Kriminali (CEPACA) ma ġietx awtorizzata twettaq verifika proattiva tal-assi ta' uffiċjali anzjani u politiċi; huwa mħasseb li l-publikazzjoni unifikata, fil-pront u sistematika ta' sentenzi motivati mhijex in-norma fil-Bulgarija; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel pressjoni fuq l-awtoritajiet ġudizzjarji biex iżidu l-isforzi tagħhom biex iwettqu riforma u jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni mill-aktar fis; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Kummissjoni tgħid x'ammont ta' fondi ġew allokati biex jgħinu l-isforzi tal-Bulgarija favur ir-riforma, u tevalwa sa liema punt dawn il-fondi kisbu r-riżultati mwiegħda; jistenna li jara titjib serju matul is-sena li ġejja, b'aktar kunsiderazzjonijiet u sensiela ta' miżuri mfassla mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-gvern Bulgaru biex terġa' tiġi stabbilita l-integrità tas-sistema legali Bulgara;

51. Jinnota bi tħassib ir-rapport interim tal-Kummissjoni dwar il-progress imwettaq mir-Rumanija fil-qafas tal-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Kontroll; madankollu jinnota b'sodisfazzjon it-tendenza pożittiva 'l fuq fir-rekord tal-Aġenzija għall-Integrità Nazzjonali (ANI) fl-indagar ta' każijiet ta' arrikkiment inġust u fl-identifikazzjoni ta' kunflitti ta' interess; jinnota li l-finanzjament tal-ANI żdied bil-flus tal-Unjoni; madankollu huwa mħasseb li m'hemm l-ebda segwitu uniformi għall-każijiet tal-ANI u li s-segwitu sikwit idum; jilqa' l-fatt li d-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (DNA) kompli jagħmilha ta' servizz effikaċi ta' prosekuzzjoni f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli; jinnota ż-żieda fl-2011 fin-numru ta' każijiet ta' tqegħid taħt att ta' akkuża, deċiżjonijiet tal-qrati u kundanni u l-aċċellerazzjoni tal-każijiet fil-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja, li huma riflessi fiż-żieda ta' 85 % fid-deċiżjonijiet finali tal-qrati f'każijiet tad-DNA meta mqabbla mal-2011 ⁽²⁴⁾; huwa mħasseb dwar ir-riżultati ta' analiżi tas-sentenzi tal-qorti f'każijiet ta' korruzzjoni fil-livelli għoljin, li juru li 60 % tas-sentenzi huma sospiżi u li l-kundanni sikwit huma l-minimu previst mil-liġi; huwa sorpriż dwar il-prattika insodisfaċenti fir-rigward tal-pubblikazzjoni fil-pront ta' sentenzi motivati, li jinkoraġġixxi r-riskji ta' preskrizzjoni f'xi każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli minħabba dewmien fil-preżentazzjoni tar-rikorsi kkawżat mid-dewmien fit-tul tal-possibbiltà ta' rimedju; jistieden lill-Kummissjoni tgħid x'ammont ta' fondi ġew allokati biex jgħinu l-isforzi tar-Rumanija biex twettaq riforma ġudizzjarja; jistenna li jara aktar titjib matul is-sena li ġejja; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel pressjoni fuq il-gvern Rumenu biex jimplementa r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni; jistenna li l-Kummissjoni tkun stretta mal-gvern Rumenu u titolbu jiżgura li l-isforzi tal-gvern Rumenu biex jiżviluppa ġurisprudenza konsistenti fil-qasam tal-akkwisti pubbliċi jissaħħew; jistieden lill-Kummissjoni tinsisti b'persistenza u b'determinazzjoni mal-gvern Rumenu li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni jiġu osservati u li jitfassal pjan ta' implimentazzjoni li jkun aktar ċar u komprensiv fid-dawl tal-preparazzjoni għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali; jistenna li jissaħħew l-isforzi fir-rigward tal-konfiska ta' assi miksuba minn attivitajiet kriminali fir-Rumanija; jistenna wkoll li l-Kummissjoni tiegħu sensiela ta' miżuri, f'kooperazzjoni mal-gvern Rumenu, biex ittejjeb l-integrità tas-sistema legali Rumena;

Prefinanzjamenti

52. Jinnota li l-prefinanzjamenti huma kkunsidrati bħala neċessarji sabiex il-benefiċjarji jibdeu l-azzjoni miftiehma;
53. Jinnota l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-Kummissjoni żiedet b'mod sostanzjali l-użu tal-prefinanzjamenti bejn l-2005 u l-2010 (Rapport Annwali, punt 1.28); jinsab imħasseb li hemm nuqqas ta' approvazzjoni tal-prefinanzjamenti (Rapport Annwali, punt 1.29 u punt 86 tal-Opinjoni Nru 6/2010 tal-Qorti tal-Awdituri);
54. Huwa mħasseb rigward l-influenza li kellhom il-prefinanzjamenti prinċipalment fl-oqsma tal-politika "Għajnuna Esterna, Żvilupp u Tkabbir" u "Riċerka u Politiki Interni"; jinnota użu miżjud tal-prefinanzjamenti u rata ġenerali ta' żball ta' anqas minn 2 % f'dawn iż-żewġ oqsma tal-politika; jinnota, barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-prefinanzjamenti kienu ħielsa minn żbalji materjali iżda li l-ħlasijiet intermedji u finali jibqgħu milquta minn livell materjali ta' żball (Rapport Annwali, punti 5.35 u 6.48);

⁽²⁴⁾ Rapport tal-Kummissjoni dwar il-progress fir-Rumanija taħt il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika, COM(2012) 56, paġna 4.

55. Jemmen li jekk jitħallsu volumi kbar ta' prefinanzjamenti, il-Kummissjoni qed tieħu riskju finanzjarju ogħla, pereżempju f'każijiet ta' falliment ta' benefiċjarji, kif ukoll riskju ogħla għal-legalità u r-regolarità hekk kif l-aċċettazzjoni tal-kostijiet iddikjarati mill-benefiċjarji tiġi posposta għal aktar tard;
56. Jemmen li huwa iktar effiċjenti li jiġi evitat li jkun hemm irregolaritajiet milli li jiġi korrett ħlas mhux dovut *ex post* permezz tal-irkupri; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex bħala azzjoni prijoritarja terġa' tikkunsidra ż-żieda fl-użu tal-prefinanzjamenti kif ukoll tal-mekkaniżmi ta' kontroll u ta' awditjar billi:
- tinforma lill-Parlament rigward ir-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni żiedet l-użu tal-prefinanzjamenti bejn l-2005 u l-2010;
 - tadatta l-livell ta' prefinanzjamenti fil-programmi diversi għal livell li jiżgura l-fondi neċessarji sabiex il-benefiċjarju jibda l-proġett, filwaqt li jiġu salvagwardjati l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u jiġi informat il-Parlament kif jixraq;

L-impenji baġitarji pendenti

57. Ifakkar li l-impenji baġitarji pendenti huma approprazzjonijiet għall-impenji li saru, iżda ma kinux użati (jiġifieri mħallsa) u li jiġu prinċipalment mill-programmi multiannwali (eż. il-koeżjoni) fejn l-impenji jsiru fis-snin tal-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni filwaqt li l-ħlasijiet korrispondenti jsiru b'mod gradwali waqt il-perjodu kollu ta' programmazzjoni;
58. Jinnota li livell għoli ta' impenji pendenti jista' jindika diffikultajiet li qed isibu l-Istati Membri biex jassorbu l-ammonti allokat;
59. Jinnota li fl-2010, il-Qorti tal-Awdituri sabet li daww l-impenji pendenti żdiedu bi kważi 10 % għal madwar EUR 194 000 000 000 (Rapport Annwali, punt 1.43 u Tabella 1.2) li jirrappreżenta kważi tliet snin ta' nfiq bir-rata attwali;
60. Jemmen li, fir-rigward tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, hemm ir-riskju li:
- il-fondi impenjati jkollhom jintefqu iktar malajr mis-soltu, u għaldaqstant jiżdied ir-riskju ta' żball;
 - fit-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, l-Istati Membri jistgħu jippruvaw jassorbixx l-fondi impenjati kollha fejn jistgħu jikkofinanzjaw proġetti li diġà ġew implimentati u finanzjati mill-fondi nazzjonali (l-hekk imsejħin proġetti "retrospettivi" li m'għadewx mis-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-Unjoni u għalhekk huma iktar suxxettibbli għal żbalji);
61. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi informazzjoni dwar id-daqs tal-impenji pendenti għal kull Stat Membru kif ukoll dwar il-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Membri biex jiġu identifikati u indirizzati l-oqsma ta' riskju fir-rigward tal-assorbiment u r-regolarità;

Kontribuzzjoni baġitarja għall-aġenziji deċentralizzati u l-impriżi konġunti

62. Jinnota li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2010 ammontat għal aktar minn EUR 620 000 000 għall-aġenziji deċentralizzati u aktar minn EUR 500 000 000 għall-impriżi konġunti; jinnota xi diffikultajiet biex tinstab informazzjoni dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni lill-aġenziji; jitlob lill-Kummissjoni biex ta' kull sena tipprovdi lill-awtorità tal-kwittanza b'informazzjoni konsolidata dwar il-finanzjament totali annwali għal kull Aġenzija/Impriża Konġunta li jkun sar mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, bħal:
- il-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni mdaħħla fil-baġit għall-Aġenzija/Impriża Konġunta;
 - l-ammont ta' fondi li jkunu ġejjin mill-irkupru tal-eċċess;

- il-kontribuzzjoni kollha tal-Unjoni għall-Aġenzija/Impriża Konġunta;
 - l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) fejn dan ikun japplika;
63. Jistenna li l-Kummissjoni, f'dan iż-żmien ta' kriżi finanzjarja, tevita żidiet fil-baġits tal-Aġenziji, u li saħansitra tikkunsidra tnaqqas il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġits tagħhom, abbażi ta' evalwazzjoni tal-prijoritajiet tagħha;
64. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal linji gwida għal mudelli li jkunu jistgħu jintużaw mill-Aġenziji/Impriżi Konġunti kollha biex jistabbilixxu l-Programmi Annwali ta' Ħidma u r-Rapporti Annwali ta' Attività tagħhom, sabiex jiżguraw paraguni sinifikanti bejn ir-riżultati u l-għanijiet ippanati;
65. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament ħarsa ġenerali dettaljata dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi ta' verifika applikati biex jiġu evitati kunflitti ta' interessi u każijiet ta' "revolving doors" għall-Aġenziji/Impriżi Konġunti;

Il-baġit tal-Unjoni u l-kriżi finanzjarja u baġitarja

66. Huwa mħasseb rigward il-kriżi finanzjarja u baġitarja kontinwa fl-Istati Membri; iqis li din il-kriżi tinvolvi wkoll tipi differenti ta' riskji għall-baġit tal-Unjoni fil-modi li ġejjin:
- riskji finanzjarji fir-rigward ta' self mogħti lill-Istati Membri;
 - riskji finanzjarji fir-rigward ta' dħul;
67. Ifakkar li sitt Stati Membri (il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, il-Latvja, il-Portugall u r-Rumanija) huma kkunsidrati attwalment bħala "Stati Membri f'diffikultà" għaliex qegħdin jirċievu għajna fil-forma ta' self ta' faċilità għall-bilanċi tal-ħlasijiet (BOP), self mogħti permezz tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) jew għajna taħt il-faċilità ta' self tal-Greċja;
68. Jinnota li l-baġit tal-Unjoni jggarantixxi self mogħti permezz tal-faċilità tal-BOP (self imħallas sal-31 ta' Diċembru 2010 jammonta għal madwar EUR 12 000 000 000) u tal-EFSM (l-ebda żborżament sal-31 ta' Diċembru 2010) ⁽²⁵⁾; jinnota wkoll li l-ammont massimu ta' self pendenti possibbilment mogħti permezz tal-faċilità tal-BOP u tal-EFSM huwa EUR 50 000 000 000 (Artikolu 1(1), it-tieni sottoparagrafu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 ⁽²⁶⁾) u EUR 60 000 000 000 ⁽²⁷⁾, rispettivament; jenfasizza li t-total (EUR 110 000 000 000) huwa kważi l-istess bħal baġit annwali tal-Unjoni hekk kif il-ħlasijiet totali mill-baġit tal-Unjoni ammontaw għal madwar EUR 122 000 000 000 fl-2010 ⁽²⁸⁾;
69. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ma tatx biżżejjed attenzjoni għal dawn l-isfidi ġodda fl-Unjoni fir-rapport annwali tagħha tal-2010; jiddeplora, speċjalment, il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ma semmitx biżżejjed dawn ir-riskji għall-baġit tal-Unjoni; jenfasizza li fil-ħidma futura tagħha, il-Qorti tal-Awdituri trid tagħti rwol prominenti lill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;
70. Ifakkar li ma jeżistix fond ta' garanzija stabbilit li jipproteġi l-baġit minn appelli għal dawk il-garanziji; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tevalwa l-bżonn potenzjali biex jiġi stabbilit fond ta' garanzija biex ikopri telf potenzjali simili għall-Fond ta' Garanzija għall-Azzjonijiet Esterni bil-għan li jipproteġi l-baġit tal-Unjoni;

⁽²⁵⁾ Il-Kontinġent Annwali tal-Unjoni Ewropea (COM(2011) 473), p. 32 u 90.

⁽²⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jstabbilixxi faċilità li tipprovdi appoġġ finanzjarju għal żmien medju għall-bilanċi ta' bbiltà tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1) kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 431/2009 (ĠU L 128, 27.5.2009, p. 1).

⁽²⁷⁾ L-Artikolu 2(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jstabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1) jiffissa limitu massimu ta' 1,23 % li għalih il-Kummissjoni stmat li total ta' EUR 60 000 000 000 jistgħu jiġu attivati (COM(2010) 713, p. 4).

⁽²⁸⁾ Sors: Dijagramma IV tal-Anness għar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri tal-2010.

71. Jenfasizza li sat-30 ta' Settembru 2011, il-faċilità EFSM kienet iffirmit self ta' EUR 48 500 000 000 minn total ta' EUR 60 000 000 000; ihegġegħ lill-Qorti tal-Awdituri tipprovdi, sal-aħħar tal-2012, rapport dwar il-ħidma tal-EFSM u, b'mod partikulari, tal-mekkaniżmi ta' kontroll, stabbilti mill-Kummissjoni;
72. Ifakkar li d-dħul tal-baġit tal-Unjoni jinvolvi sorsi differenti; itenni li bla ħsara għal kull dħul ieħor, il-baġit għandu jkun finanzjat kollu kemm hu minn riżorsi proprji; jinnota li, b'mod partikolari r-riżorsi ta' introjtu nazzjonali gross (ING) li jammontaw għal 73 % tad-dħul totali jiġu mill-baġits nazzjonali tal-Istati Membri ⁽²⁹⁾;
73. Huwa tal-opinjoni li aktar kemm issir serja s-sitwazzjoni finanzjarja f'ċerti Stati Membri, aktar se jkun diffiċli għal dawk l-Istati Membri biex jikkontribwixxu għall-baġit tal-Unjoni; jemmaen li dan iqiegħed f'riskju d-dħul tal-baġit tal-Unjoni li jirriżulta mill-“Istati Membri li jinsabu f'diffikultà” li jistgħu jkunu mħeġġa jieħdu dejn pubbliku addizzjonali biex jiffinanzjaw il-baġit tal-Unjoni jew il-kofinanzjament nazzjonali ta' ċerti skemi ta' għajjuna;
74. Jinnota li r-riżorsi tal-ING li ġejjin minn “Stati Membri li jinsabu f'diffikultà” jammontaw għal madwar 6 % tar-riżorsi totali tal-ING għas-sena finanzjarja 2010 ⁽³⁰⁾;
75. Jinnota wkoll li r-rati ta' kofinanzjament tal-Istati Membri li jinsabu f'diffikultà kienu miżjuda għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), għall-Fondi Strutturali, għall-Fond ta' Koeżjoni u għall-Fond Ewropew tas-Sajd; jistenna li jkun hemm rati ogħla ta' kofinanzjament sabiex jippermettu investimenti akbar fl-Istati Membri li jinsabu f'diffikultà; jenfasizza, f'dan il-kuntest, il-kontroll u r-responsabbiltà superviżorja miżjuda tal-Kummissjoni;

Il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES).

76. Jikkritika l-fatt li l-Kunsill uża l-Artikolu 122 tat-TFUE fl-2010 biex jstabbilixxi l-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) minħabba li dak l-Artikolu huwa applikabbli biss għad-diżastri naturali u mhux għal katastrofijiet ekonomiċi; huwa mħasseb li l-EFSF la fiha element ta' kontroll demokratiku mill-Parlament u lanqas ma tagħti drittijiet ta' awditjar lill-Qorti tal-Awdituri; jikkritika b'saħħa l-fatt li l-EFSF lanqas għandu dispożizzjoni għal awditjar pubbliku estern;
77. Jinnota l-iffirmar riċenti tat-Trattat MES mill-Istati Membri; jenfasizza r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Marzu 2011 ⁽³¹⁾, li fiha wissa kontra t-twaqqif ta' Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà permanenti (MES) barra l-qafas istituzzjonali tal-Unjoni billi din id-deċiżjoni tinvolvi problemi għall-mekkaniżmu ta' kontroll tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni; jikkondividi t-tħassib tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar li t-Trattat m'għandux biżżejjed dispożizzjonijiet biex jiżgura awditjar estern effettiv;
78. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jagħtu l-konsiderazzjoni dovuta lill-kwis-tjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-MES:
- li jiġu żgurati, fil-by-laws tal-MES, arranġamenti xierqa għall-awditjar pubbliku estern tal-legalità, ir-regolarità kif ukoll il-prestazzjoni bi qbil ma' standards ta' awditjar aċċettati internazzjonalment filwaqt li jitqiesu d-dokumenti li ġejjin:
- i. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kumitat ta' Kuntatt tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (SAI) tal-Unjoni Ewropea mill-14 ta' Ottubru 2011 dwar id-Dikjarazzjoni tal-SAI taż-żona tal-euro dwar l-awditjar estern tal-MES (CC-R-2011-01) ⁽³²⁾,

⁽²⁹⁾ Sors: Dijagramma I tal-Anness għar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri tal-2010.

⁽³⁰⁾ Sors: Dijagramma V tal-Anness għar-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri tal-2010.

⁽³¹⁾ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Marzu 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li temenda l-Artikolu 136 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' stabbiltà għall-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (P7_TA(2011)0103).

⁽³²⁾ <http://eca.europa.eu/portal/pls/portal/docs/1/9406723.PDF>

- ii. Id-Dikjarazzjoni tal-Kumitat ta' Kuntatt tal-SAI tal-Unjoni Ewropea indirizzata lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kummissjoni Ewropea u lill-parlamenti u l-gvernijiet tal-Istati Membri tal-UE mill-14 ta' Ottubru 2011 dwar l-Impatt tas-Semestru Ewropew u żviluppi reċenti oħra fil-governanza ekonomika tal-UE fuq l-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri ⁽³³⁾,
- iii. Ittra mill-President tal-Qorti tal-Awditjar tal-Pajjiżi l-Baxxi ⁽³⁴⁾ dwar kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati fil-by-laws tal-MES fir-rigward tal-Artikolu 30 tat-Trattat dwar il-MES,
- li jiġu stabbiliti arranġamenti adegwati għall-kontabbiltà u t-trasparenza sħiħa tal-MES,
 - li tkun żgurata l-affidabbiltà tad-data u tal-istatistika,
 - li jkunu ċċarati r-responsabbiltà u l-arranġamenti ta' rappurtar tal-atturi kollha li għandhom obbligi li se jkunu involuti fl-istabbiliment tal-mekkaniżmu,
 - li l-Kummissjoni tiġi mħeġġa tirrapporta lill-Parlament u lill-Kunsill darbtejn fis-sena dwar ir-riskju li jkun hemm għall-baġit tal-Unjoni bil-garanzija tiegħu għall-EFSM u li jiġi mistoqsi lill-Kummissjoni kif, f'każ ta' inadempjenza, dawn il-flus jiġu trasferiti lill-baġit tal-Unjoni u mbagħad lill-EFSM;
79. Jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri jiddefinixxu l-iskrutinju politiku tal-Parlament ta' kwalunkwe emissjoni tal-eurobonds, b'mod ġenerali, u b'mod partikolari tal-mekkaniżmu ta' kriżi permanenti; huwa wkoll tal-fehma li l-Parlament għandu jkun involut fuq bażi ugwali fil-mekkaniżmu;

Trasparenza

80. Jenfasizza r-rwol vitali li t-trasparenza għandha fl-iżgurax tal-għoti ta' rendikont għall-użu tal-fondi pubbliċi u jfakkar li hija waħda mill-istrumenti ewlenin fl-ilħuq ta' inċiż legali u regolari; itenni t-talba tiegħu li l-ħlasijiet tal-għotjiet kollha li jsiru mill-fondi tal-Unjoni jiġu rreġistrati f'bażi ta' dejta online li l-utent ikun jista' juża b'faċilità filwaqt li titqies kif jixraq il-liġi dwar il-protezzjoni tad-data; jemmen li l-ħlas tal-fondi tal-Unjoni għandu jkun suġġett b'kundizzjoni espliċita għall-fatt li l-benefiċjarji jaċċettaw li d-dettalji bażiċi — inklużi l-ammont, l-isem ta' min jirċievi l-ħlas, u l-iskop - ikunu kwistjoni ta' informazzjoni pubblika;
81. Jinnota li s-sistema attwali fil-qasam ta' politika Koeżjoni ma tiżgurax it-trasparenza sħiħa tal-benefiċjarji tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni; jinnota li fil-qafas eżistenti, il-Kummissjoni tipprovdi portal b'aċċess għal-listi ta' benefiċjarji disponibbli fuq websajts nazzjonali, li huma aċċesibbli biss fil-lingwi nazzjonali rispettivi biss u ma jsegwix kriterji komuni; jistenna li r-regolament futur li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar l-istrumenti strutturali (COM(2011) 615 – 2011/ 276 (COD)) jiżgura li l-Istati Membri jipprovdu d-data dwar il-benefiċjarji finali tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni li għandha tiġi ppubblikata fil-websajt uffiċjali tal-Kummissjoni f'waħda mit-tliet lingwi ta' ħidma tal-Kummissjoni u bbażata fuq sett ta' kriterji komuni sabiex ikun hemm lok għal paragun u l-konstatazzjoni ta' żbalji; ifakkar fl-istedina lill-Kummissjoni biex tikkonsulta lill-American Recovery Accountability and Transparency Board u l-websajt tiegħu (www.recovery.gov);
82. Itenni s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Novembru 2010 fil-Kawżi Magħquda C-92/09 *Volker u Markus Schecke GbR* u C-93/09 *Hartmut Eifert*, li hija rilevanti għall-qasam tal-politika Agrikoltura u Riżorsi Naturali; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta malajr kemm jista' jkun proposta għal regolament ġdid li jirrikjedi lill-Istati Membri jipubblikaw informazzjoni dwar il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jirċievu fondi agrikoli Ewropej, filwaqt li titqies dik is-sentenza; huwa tal-fehma li l-informazzjoni dwar il-benefiċjarji għandha tkun disponibbli fil-websajt uffiċjali tal-Kummissjoni f'waħda mit-tliet lingwi ta' ħidma tal-Kummissjoni u bbażata fuq sett ta' kriterji komuni sabiex ikun hemm lok għall-paragun u l-konstatazzjoni ta' żbalji;

⁽³³⁾ <http://eca.europa.eu/portal/pls/portal/docs/1/9504723.PDF>

⁽³⁴⁾ Disponibbli fuq il-websajt tal-Qorti tal-Awdituri tal-Pajjiżi l-Baxxi http://www.courtsofaudit.com/english/News/2012/02/Letter_of_president_Netherlands_Court_of_Audit_on_ESM_Board_of_Auditors

Il-metodoloġija tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni

83. Huwa konxju li l-Qorti tal-Awdituri biħsiebha tipprovi lill-Parlament b'aktar informazzjoni dwar l-oqsma ta' politika "agrikoltura u riżorsi naturali" u "koeżjoni, enerġija u trasport"; jilqa' dik l-intenzjoni għaliex twassal għal aktar trasparenza u identifikazzjoni aktar preċiża tal-oqsma problematiċi tal-baġit; huwa tal-opinjoni li dan jippermetti lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Parlament u lill-partijiet interessati l-oħra biex jikkonċentraw aħjar l-attenzjoni tagħhom u jagħmlu rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' dawk l-oqsma li fihom trid tittejjeb il-ġestjoni; jixtieq, madankollu, jenfasizza li huwa importanti li tkun żgurata l-komparabbiltà minn sena għas-sena ta' wara;
84. Jilqa' l-valutazzjoni aktar fil-fond tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-pożizzjonijiet meħuda mill-maniġment tal-Kummissjoni kemm f'Kapitolu 1 kif ukoll fil-Kapitoli individwali tar-Rapport Annwali tal-2010; ifakkar li l-pożizzjoni meħuda mill-maniġment teħtieġ opinjoni oħra b'saħħitha mill-Qorti tal-Awdituri; iħeġġeġ lill-Qorti tal-Awdituri tkompli ssaħħaħ l-analiżi tagħha tal-pożizzjoni meħuda mill-maniġment tal-Kummissjoni u tirrapporta dwarha b'mod deskrittiv;
85. Jinnota ż-żieda fl-użu ta' prefinanzjamenti; jemmen li l-prefinanzjamenti huma suxxettibli għal livell iktar baxx ta' riskju għal-legalità u r-regolarità milli huma l-ħlasijiet intermedji jew finali għaliex l-ebda ġustifikazzjoni tal-ispejjeż mhi neċessarja għal prefinanzjament; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tikkunsidra li tadatta l-approċċ ta' awditjar tagħha sabiex tqis iż-żieda fl-użu tal-prefinanzjamenti sabiex tipprovi lill-Parlament b'informazzjoni akar utli ffukata fuq dawk it-tranżazzjonijiet li jinvolvu l-ogħla riskju;
86. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri tapplika metodoloġija komuni biex tikkwantifika l-iżbalji relatati mal-akkwist pubbliku fiż-żewġ oqsma ta' politika tal-Agrikoltura u r-riżorsi naturali, u l-Koeżjoni, l-Enerġija u t-Trasport; jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni ssegwi metodoloġiji differenti f'dawn iż-żewġ oqsma li t-tnejn li huma terġa' lanqas mhuma konformi mal-metodoloġija tal-Qorti tal-Awdituri; jinsab imħasseb li l-approċċi differenti f'dawn iż-żewġ oqsma jistgħu jdgħajfu l-kredibbiltà tal-kontroll u tal-awditjar tal-infiq b'ġestjoni kondiviża; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri jarmonizzaw it-trattament tal-iżbalji relatati mal-akkwist pubbliku f'dawn iż-żewġ oqsma ta' politika b'urġenza u biex jirrapportaw lura lill-kumitat kompetenti tal-Parlament dwar il-progress miksub sal-aħħar tal-2012;

Kwistjonijiet speċifiċi*Ir-rwol tal-Kummissarju responsabbli għall-kwistjonijiet ta' kontroll tal-baġit*

87. Jinnota li, fil-Kummissjoni tal-2004-2009, kien hemm Kummissarju li kien inkarigat full-time mill-kontroll baġitarju kif kien intalab qabel mill-Parlament; jiddispijaċih għall-fatt li fil-Kummissjoni attwali l-kwistjonijiet ta' kontroll baġitarju nqas ma' responsabilitajiet oħrajn ("tassazzjoni u unjoni doganali"); jipproponi li fil-Kummissjoni tal-2014-2019 jerġa' jiġi stabbilit Kummissarju għall-kontroll baġitarju full-time b'responsabbiltà fi kwistjonijiet relatati, fost l-oħrajn, mal-oqsma li ġejjin:

— l-awditjar intern,

— il-ġlieda kontra l-frodi,

— ħidma konġunta mal-Qorti tal-Awdituri u mal-kumitat relevanti tal-Parlament;

— kuntatt mal-awtoritajiet baġitarji u ta' awditjar relevanti fl-Istati Membri, u l-iżvilupp ta' qafas komprensiv ta' kontroll intern,

— is-sorveljanza u t-tijib tal-utilità tar-rapport ta' sinteżi annwali, inkluż ir-rieżami tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istati Membri,

— l-ikkummissjonar u l-valutazzjoni tal-ewalwazzjonijiet indipendenti tal-programmi, u l-iżvilupp tar-Rapport ta' Valutazzjoni, previst fl-Artikolu 318 tat-TFUE, f'għodda ta' valur għat-tijib fil-prestazzjoni;

Il-prestazzjoni: L-ilhug ta' riżultati mill-baġit tal-Unjoni

88. Jilqa' l-Kapitolu 8 l-ġdid dwar "L-ilhug ta' riżultati mill-baġit tal-UE" fir-Rapport Annwali li jinkludi l-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-awtovalutazzjoni tal-Kummissjoni tal-prestazzjoni fir-Rapporti Annwali tal-Attività tagħha;
89. Jinnota l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tal-kwalità tar-rappurtar tal-Kummissjoni dwar il-prestazzjoni, bħal:
 - "Bħalissal-Pjan ta' Ġestjoni ma jipprevedix objettivi u indikaturi biex jitkejlu l-ekonomija u l-effiċjenza" (Rapport Annwali, it-titlu ta' qabel il-punt 8.17);
 - "F'xi oqsma l-miri mhumiex kwantifikati jew speċifiċi biżżejjed" (Rapport Annwali, it-titlu ta' qabel il-punt 8.18);
 - "Passi importanti interim għal miri multiannwali mhumiex definiti f'xi oqsma" (Rapport Annwali, it-titlu ta' qabel il-punt 8.20);
 - "Id-deskrizzjoni tal-kisbiet tal-politika tat informazzjoni limitata dwar ir-riżultati u l-impatti" (Rapport Annwali, it-titlu ta' qabel il-punt 8.22);
90. Jikkunsidra li dawk is-sejbiet importanti juru li l-Parlament ma jistax jafda għalkollox ir-rappurtar tal-prestazzjoni tal-Kummissjoni; jemma li data affidabbli hija l-bażi tal-ġestjoni tajba, l-iżvilupp tal-politika u s-sorveljanza parlamentari; japprezza jekk il-Qorti tal-Awdituri tkompli tiżviluppa l-attivitajiet tagħha f'dan il-qasam biex tinkludi ċ-"ċertifikazzjoni" tad-data tal-prestazzjoni rrapportata mill-Kummissjoni fuq bażi regolari;
91. Jemma li l-prestazzjoni hija importanti daqs il-legalità u r-regolarità, u jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tikkunsidra jekk ikunx possibbli li tiġi inkluża l-informazzjoni ġdida dwar il-prestazzjoni tal-gruppi ta' politika differenti fil-kapitoli relatati fir-Rapport Annwali;
92. Jinnota li l-objettivi, l-indikaturi u l-għanijiet ippreżentati fil-Pjanijiet ta' Ġestjoni jiffokaw prinċipalment fuq l-effikaċja (Rapport Annwali, punt 8.15); jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb ir-rappurtar tagħha dwar il-prestazzjoni, inklużi l-indikaturi relatati mal-ekonomija u l-effiċjenza u biex tistabbilixxi objettivi adegwati għall-valutazzjoni tal-progress lejn il-kisba ta' għanijiet multiannwali;
93. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tiddefinixxi, fl-oqsma tal-ġestjoni kondiviża, flimkien mal-Istati Membri, l-indikaturi tal-prestazzjoni adegwati li għandhom jiġu applikati b'mod konsistenti, u biex tivverifika li r-rappurtar tal-Istati Membri tar-riżultati miksuba huwa obbligatorju, komplet, preċiż u pubbliku;
94. Jinnota l-opinjoni ripetuti kemm tal-Qorti tal-Awdituri kif ukoll tal-Kummissjoni li l-kwalità tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri u bejn il-programmi differenti;
95. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra b'mod sistematiku dawk id-differenzi fl-effikaċja tas-sistemi tal-kontroll u biex tagħmel disponibbli evalwazzjonijiet tal-isforzi ċari - jew nuqqas ta' sforz - mill-Istati Membri fl-osservazzjoni u fit-tiswija tal-irregolaritajiet sabiex jiżguraw li l-Istati Membri b'sistemi ta' sorveljanza u kontroll tajbin mhumiex fir-risku li jiġu skreditati;
96. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta r-Rapport ta' Valutazzjoni, previst fl-Artikolu 318 tat-TFUE fil-kumitat kompetenti tiegħu u fil-Plenarja fl-istess żmien meta jiġi ppreżentat ir-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri, u jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar ir-Rapport ta' Valutazzjoni f'dawn l-okkażjonijiet; jenfasizza li r-Rapport ta' Valutazzjoni għandu jiġi ppubblikat fi żmien li jippermetti kemm lill-Parlament kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri jivvalutawh adegwament;

97. Ifakkar li l-Artikolu 318 tat-TFUE jirrikjedi lill-Kummissjoni tippreżenta “rapport ta’ valutazzjoni tal-finanzi tal-Unjoni bbażat fuq ir-riżultati miksuba”; jinnota li l-Kummissjoni, fis-17 ta’ Frar 2012, adottat l-ewwel Rapport ta’ Valutazzjoni skont l-Artikolu 318 tat-TFUE, li jikkonċerna s-sena finanzjarja 2010;
98. Ifakkar ukoll li l-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-kwittanza lill-Kummissjoni għas-sena finanzjarja 2009 ⁽³⁵⁾, issuġġerixxa li:
- il-Kummissjoni għandha taħtar “evalwatur tal-prestazzjoni” sabiex tistabbilixxi sjieda ċara tar-rapport ta’ valutazzjoni (punt 199);
 - għandha tiġi stabbilita relazzjoni ċara u trasparenti bejn l-indikaturi tal-prestazzjoni, il-bażi legali/politika, l-ammont tan-nefqa u r-riżultati (punt 200);
 - Is-Servizz ta’ Awditjar Intern għandu jawditja l-metodoloġija użata għall-pubblikazzjoni tar-rapport kif ukoll jevalwa l-ħidma li tkun saret (punt 200);
 - l-indikaturi qofol tal-prestazzjoni użati mid- dipartimenti tal-Kummissjoni għandhom ikunu disponibbli pubblikament (punt 200);
99. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma kinitx kapaċi tindirizza bis-sħiħ dawn is-suġġerimenti fl-ewwel Rapport ta’ Valutazzjoni skont l-Artikolu 318 tat-TFUE; jinnota wkoll li l-ewwel Rapport ta’ Valutazzjoni huwa sommarju tar-rapporti ta’ valutazzjoni eżistenti f’żewġ oqsma tal-politika (l-Edukazzjoni u l-Kultura u r-Riċerka); jemmen li l-kopertura u l-kontenut tal-ewwel Rapport ta’ Valutazzjoni ma jissodisfaw dak li kien mistenni minn rapport ta’ valutazzjoni meħtieġ mit-TFUE;
100. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa l-kontenut tar-Rapport ta’ Valutazzjoni skont l-Artikolu 318 tat-TFUE u, b’mod partikulari, tidentifika l-valur miżjud tar-Rapport ta’ Valutazzjoni mqabbel ma’ valutazzjonijiet “normali” mwettqa skont ir-Regolament Finanzjarju (Artikolu 27) u r-regoli implimentattivi tiegħu (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 ⁽³⁶⁾, Artikolu 21);
101. Jappoġġja bis-sħiħ l-intenzjoni tal-Kummissjoni li “taħdem biex tiżgura li jkun hemm koordinazzjoni, skambju ta’ informazzjoni u koerenza msaħħa kemm fi ħdan il-Kummissjoni kif ukoll mal-Istati Membri dwar l-ipprogrammar, l-organizzazzjoni u l-użu tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fil-qafas finanzjarju li jmiss” ⁽³⁷⁾;
102. Jilqa’ l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri qed tippjana li tagħmel osservazzjonijiet dwar l-ewwel Rapport ta’ Valutazzjoni prodott skont l-Artikolu 318 tat-TFUE ⁽³⁸⁾;
103. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex teżamina mill-ġdid il-briefing u t-taħriġ mogħtija lill-persunal rigward “Titolu II: Drittijiet u obbligi tal-uffiċjali” tar-Regolamenti tal-Persunal biex ikun żgurat li l-persunal kollu jkun jaf sew it-termini tiegħu u b’mod partikolari l-obbligi skont l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal; jitlob li sa Settembru 2012 il-Kummissjoni tippreżenta lill-kumitat kompetenti tal-Parlament rapport dwar l-attivitajiet tagħha f’dan il-qasam;
104. Jitlob li sa Settembru 2012 il-Kummissjoni tippreżenta lill-kumitat kompetenti tal-Parlament rapport dwar l-attivitajiet tagħha biex tippromwovi kultura ta’ denunzjar (whistle-blowing) fost il-pubbliku ġenerali;

Il-Koeżjoni, l-enerġija u t-trasport — konklużjoni negattiva

105. Jiddeplora ż-żieda fir-rata ta’ żball għal 7,7 % fil-qasam ta’ politika “Koeżjoni, enerġija u trasport” minkeja ż-żieda fil-użu tal-interruzzjonijiet ta’ skadenzi tal-ħlasijiet; jinsab imħasseb ħafna li f’it mill-iżbalji setgħu nstabu u ġew korretti għal 58 % tat-tranżazzjonijiet milquta mill-iżbalji (Rapport Annwali, punt 4.25); jinsab imħasseb dwar il-fatt li, għal dak li jirrigwarda r-rati ta’ żbalji, qed isir riferiment għal sitwazzjoni “stabblu”, u dan juri sens dejjem akbar ta’ kompjaċenza;
106. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tippreżenta r-rati ta’ żbalji tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta’ Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew, l-enerġija u t-trasport b’mod separat u mhux fuq bażi aggregata;

⁽³⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 33.

⁽³⁶⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

⁽³⁷⁾ COM(2012) 40, p. 16.

⁽³⁸⁾ Programm ta’ Ħidma tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri 2012, p. 6.

107. Jiddeplora l-fatt li, sena wara sena, in-nuqqas ta' rispettt tar-regoli ta' akkwist pubbliku jammontaw għal proporzjon kbir tal-iżbalji; jara l-implikazzjonijiet usa' u jikkunsidra dawn bħala indikazzjoni li l-funzjonament tas-suq intern huwa fil-periklu; jistieden lill-Kummissjoni tkompli r-riforma li qed issir tal-akkwist pubblika billi tikkunsidra b'mod dovut dawn ir-riżultati inkwetanti u biex tagħti segwitu b'mod rigoruż tal-ksur hekk kif il-Qorti tal-Awdituri wkoll identifikat każijiet ta' traspożizzjoni ħażina tad-Direttivi tal-Unjoni fil-leġiżlazzjoni tal-akkwist pubbliku nazzjonali (Rapport Annwali, punt 4.27);
108. Jaqra bi tħassib kbir li l-awtoritajiet tal-awditjar huma biss parzjalment effikaċi; jinsab imħasseb ħafna mill-fatt li l-approċċi tal-awditjar tal-awtoritajiet tal-awditjar ivarjaw tant li r-riżultati tagħhom ma jstgħux jiġu aggregati biex tinkiseb opinjoni ġenerali skont il-Fond fil-livell nazzjonali (Rapport Annwali, punti 4.41); jistieden lill-Kummissjoni tiżvela kif issaħħa l-informazzjoni li tirċievi mill-awtoritajiet tal-awditjar u kif il-Kummissjoni tiżgura l-konsistenza sabiex tippovdi informazzjoni affidabbli lill-Parlament fir-Rapport Annwali tal-Attività tagħha;
109. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 287(4) tat-TFUE, tagħti opinjoni dwar l-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar fir-rigward tal-ġestjoni kondiviżi;
110. Jitlob lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament meta biħsiebha tafda fuq awtoritajiet tal-awditjar magħżula skont l-Artikolu 73 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 ⁽³⁹⁾ u b'hekk tnaqqas l-awditjar tagħha fil-post; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri ssegwi mill-qrib dan l-iżvilupp u tagħmel awditjar tiegħu;
111. Jinkoraġġixxi lill-Qorti tal-Awdituri teżamina l-possibbiltà li tirreaġixxi għall-problema kontinwa tal-multiannwalità tal-implimentazzjoni tal-fondi u l-annwalità tal-awdituri tal-Qorti; jenfasizza li matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, ir-rata ta' żbalji għandha t-tendenza tkun ogħla milli fil-fażi tal-għeluq meta l-infiq ikun għadda mil-livelli ta' kontroll kollha;

Ir-rwol superviżorju tal-Kummissjoni fil-qasam ta' politika tal-koeżjoni

112. Jiġhem li l-Kummissjoni għandha l-għażla (iżda mhux l-obbligu) li tissanzjona Stati Membri mhux konformi bi strumenti differenti:

	Interruzzjoni	Sospensjoni	Korrezzjonijiet finanzjarji aċċettati mill-Istati Membri	Korrezzjonijiet finanzjarji mhux aċċettati mill-Istati Membri
Effett	L-iskadenza għall-ħlas hija mdewma għal perjodu massimu ta' sitt xhur mill-uffiċjal awtorizzanti	Il-bbiltà huwa sospiż għal perjodu indefinit mill-Kulleġġ tal-Kummissarji	L-Istati Membri jitħallew jerġgħu jagħmlu użu tal-fondi "rilaxxati" li ma jirriżultawx f'telf ta' fondi għall-Istat Membru	Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni kollha jew parti minnha hija kkanċellata (tnaqqis nett)
Kundizzjonijiet	Il-provi juru nuqqas importanti fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll	Nuqqas gravi fis-sistema ta' ġestjoni u kontroll jew ta' spejjeż dikjarati huwa soġġett għal ksur gravi	L-Istat Membru jaċċetta l-korrezzjonijiet finanzjarji ġejjin mill-awdituri tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Awdituri jew ta' xi awditur ieħor tal-Unjoni	L-Istat Membru ma jaqbilx mal-korrezzjonijiet finanzjarji ġejjin mill-awdituri tal-Kummissjoni, tal-Qorti tal-Awdituri jew ta' xi awditur ieħor tal-Unjoni
Bażi ġuridika				
Regolament (KE) Nru 1083/2006	Artikolu 91	Artikolu 92	Artikolu 98	Artikolu 99

⁽³⁹⁾ ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25.

113. Jilqa' l-kjarifika mogħtija mill-Kummissjoni ⁽⁴⁰⁾ fir-rigward tad-distinzjoni bejn "nuqqas sinifikanti" u "nuqqas serju": josserva li l-valutazzjoni li twassal għal tali kwalifika hija bbażata fuq in-nota ta' gwida COCOF 08/0019/01-EN, billi jintużaw ir-rekwiżiti ewlenin hemmhekk indikati;
114. Jiddeplora l-fatt li l-Kummissjoni m'għandhiex is-setgħa timponi penali fuq l-Istati Membri jew reġjuni li kemm-il darba naqqsu li jimplimentaw il-Fondi Strutturali jew il-Fond tal-Koeżjoni b'mod tajjeb;

L-effikaċja tal-interruzzjonijiet u s-sospensjonijiet

115. Ifakkar li l-Parlament talab attivazzjoni sistematika tal-interruzzjonijiet u s-sospensjonijiet indipendenti minn konsiderazzjonijiet politiċi (riżoluzzjonijiet ta' kwittanza 2009 ⁽⁴¹⁾, punti 194-196);
116. Jinnota li għall-2010 l-Kummissjoni rrikorriet aktar għall-interruzzjonijiet hekk kif id-DĠ REGIO interrompa 49 skadenza tal-ħlasijiet (ara r-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ REGIO, paġni 42-44) u d-DĠ EMPL interrompa 14-il skadenza tal-ħlasijiet (ara r-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ EMPL, paġna 50); jinnota wkoll li l-Kummissjoni ma ssospendiet l-ebda ħlasijiet la għall-FEŻR u lanqas għall-Fond ta' Koeżjoni fl-2010, filwaqt li ssospendiet sitt ħlasijiet tal-FSE;
117. Jiddeplora l-fatt li r-rata ta' żball fil-koeżjoni, u b'mod partikolari fil-Politika Reġjonali, żdiedet minkejja ż-żieda fil-użu tal-interruzzjonijiet u minkejja l-fatt li l-Kummissjoni identifikat l-Istati Membri u r-reġjuni li jikkontribwixxu l-aktar għar-rata ta' żball; ifakkar lill-Kummissjoni fil-pjan ta' azzjoni tagħha għat-tisħiħ tar-rwol superviżorju tal-Kummissjoni fil-kuntest tal-ġestjoni kondiviża tal-azzjonijiet strutturali ⁽⁴²⁾; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza d-dgħufijiet fl-Istati Membri u r-reġjuni l-aktar milquta minn rati ta' żbalji għolja u tikkonforma mar-rwol superviżorju tagħha billi ssaħħaħ il-miżuri previsti mill-pjan ta' azzjoni;
118. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-ħlasijiet biss jekk provi suffiċjenti ta' awditjar adegwat miġbura fil-post juru li sar rimedju għad-dgħufijiet biex din is-setgħa ta' sanzjonar issir aktar effikaċi u bil-ħsieb li jiġi evitat kull riskju li l-ħlasijiet jitkomplew wisq malajr;
119. Jinnota li d-DĠ REGIO kompli 24 % (12 mid-49 ħlas interrotti fl-2010, li kollha kemm huma kienu ġew interrotti f'Ottubru 2010 ⁽⁴³⁾), mill-ħlasijiet interrotti f'Diċembru tal-2010; jemmen li t-tkomplija ta' ħlasijiet f'Diċembru taggrava l-iżbilanċ tal-ħlasijiet matul is-sena li jżid ir-riskju ta' żbalji fil-ġestjoni tal-ħlasijiet u jillimita l-ħin disponibbli għall-Qorti tal-Awdituri biex tagħmel awditu ta' dawk il-ħlasijiet; jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament f'liema minn dawn it-12-il każ il-finanzjament intilef skont ir-regola $n + 2/n + 3$ jekk il-ħlasijiet tkomplew fl-2011;

L-effikaċja tal-korrezzjonijiet finanzjarji

120. Jixtieq jenfasizza d-differenza importanti bejn korrezzjoni finanzjarja implimentata minn Stat Membru li ma tirriżultax fi tnaqqis nett u korrezzjonijiet finanzjarji implimentati mill-Kummissjoni permezz ta' ordnijiet ta' rkupru li jirriżultaw fi tnaqqis nett; jemmen li l-korrezzjonijiet finanzjarji implimentati minn Stat Membru għandhom 'karattru virtwali' b'effett ta' sanzjoni żgħir; jilqa' t-titjib li saru għal Nota 6 tal-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea u jistieden lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb l-informazzjoni pprovduta, pereżempju billi tqabbel il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri mal-ammont ta' ħlasijiet korrispondenti;

⁽⁴⁰⁾ Tweġiba għall-mistoqsija 21, dokument "Anness: mistoqsijiet lill-Kummissarju Šemeta" provduti mis-Segretarjat tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fis-16 ta' Diċembru 2011, wara s-smiġh tal-Kummissarju Šemeta fit-8 ta' Diċembru 2011 fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit.

⁽⁴¹⁾ Ara n-nota fqiegħ il-paġna 35.

⁽⁴²⁾ COM(2008) 97.

⁽⁴³⁾ Anness għar-risposti għall-mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissarju Johannes Hahn għas-smiġh tad-19 ta' Diċembru 2011 fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament.

121. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatti li ġejjin:

- il-korrezzjonijiet finanzjarji fl-2010 rriżultaw fi tnaqqis nett biss f'madwar 20 % tal-każijiet kollha (ara l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea, paġna 68) peress li l-proġetti indentifikati bħala mhux eliġibbli jistgħu jiġu sostitwiti minn proġetti oħrajn, possibbilment anki 'l-proġetti retrospettivi' għalkemm dawn jirrappreżentaw riskju ogħla f'termini ta' legalità u regolarità u m'għandhom l-ebda valur miżjud mill-Unjoni;
- f'ħafna mill-każijiet, il-korrezzjonijiet finanzjarji jindirizzaw dgħufijiet fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri u mhux fil-proġetti individwali, li jfisser li l-konsegwenzi finanzjarji tad-dgħufijiet tas-sistema s-soltu jħallas għalihom il-kontributor tat-taxxa nazzjoni li diġà kkontribwixxa għall-baġit tal-Unjoni;
- ir-rata tal-implimentazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji għal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 naqas minn 62 % għal 58 % (ara l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea, paġna 71), prinċiplament bħala riżultat tar-rati baxxi ta' implimentazzjoni fil-FEŻR u fil-Fond ta' Koeżjoni;

122. Huwa tal-fehma li dawn il-fatti jimminaw serjament l-effikaċja tal-korrezzjonijiet finanzjarji; jibża' li l-possibbiltà li jiġu sostitwiti l-ispejjeż mhux eliġibbli jagħmel pressjoni fuq l-Istati Membri sabiex jippreżentaw proġetti, possibbilment retrospettivi, oħra, li jistgħu jwasslu għal effett negattiv li jżid ir-riskju f'termini tal-legalità u r-regolarità tal-baġit tal-Unjoni;

Konklużjonijiet dwar ir-rwol superviżorju tal-Kummissjoni

123. Jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari d-DĠ REGIO, tagħmel użu sħiħ tal-istrumenti ta' sanzjoni eżistenti; huwa, madankollu, tal-fehma li l-qafas leġislativ 2007-2013 ma jipprovdiż biżżejjed inċentivi lill-Istati Membri sabiex jkunu konformi mar-regoli, u ma jipprovdiż lanqas lill-Kummissjoni bi strumenti effikaċi biżżejjed biex jikkumpensal-konformità jew jissanzjona n-nuqqas ta' konformità;

124. Jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, tikkunsidra bħala azzjoni prijoritarja l-appoġġ lill-Parlament fl-isforzi tiegħu fil-proċedura leġislativa ordinarja fir-rigward tal-proposta għal regolament li jstabilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar l-istrumenti strutturali (COM(2011) 615 – 2011/ 276(COD)) biex joħloq mekkaniżmi effikaċi ta' sanzjonijiet sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tieħu bis-sħiħ ir-responsabbiltà globali u finali tagħha għall-implimentazzjoni tal-baġit, liema responsabbiltà għandha, fost affarijiet oħra, tinkludi l-elementi li ġejjin:

- it-tnaqqis nett għandu jsir ir-regola għall-korrezzjonijiet finanzjarji imposti mill-Kummissjoni u l-possibbiltà li jiġu ddikjarati proġetti retrospettivi għandha tiġi abolita;
- l-Istati Membri jiġu mġiegħla jirkupraw l-ispejjeż mhux eliġibbli mill-benefiċjarji finali sa fejn jistgħu biex il-benefiċjarji finali jbatu l-konsegwenzi tal-ispejjeż mhux eliġibbli u mhux il-kontribwent nazzjonali, u l-informazzjoni dwar dawn l-irkupri mill-Kummissjoni tiġi mħgħoddija lill-Parlament jekk dan ikun possibbli;
- il-Kummissjoni tkun tista' tagħti inċentivi lill-Istati Membri mhux biss biex ikunu konformi mar-regoli iżda ukoll biex jimplimentaw il-politika ta' Koeżjoni b'mod effikaċi, effiċjenti u ekonomiku;
- jiġi żgurat li fixra sħiħa ta' sanzjonijiet (interuzzjonijiet, sospensjonijiet, korrezzjonijiet finanzjarji u pieni) tkun disponibbli għall-fondi kollha b'marġni minima ta' diskrezzjoni meta jiġi kkonstatat ksur tar-regoli;
- il-Kummissjoni tkun tista' timponi penali fuq Stati Membri jew twaqqaf programmi operattivi fi Stati Membri jew reġjuni li fallew b'mod ripetut fl-implimentazzjoni tajba tal-Fondi Strutturali u tal-Fond ta' Koeżjoni;
- jinbdew proċeduri legali jekk l-Istati Membri jonqsu b'mod persistenti li josservaw l-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 258 TFUE;
- jiġu trażmessi lill-Kummissjoni d-data rilevanti kollha u l-informazzjoni li l-Kummissjoni teħtieġ sabiex twettaq ir-rwol superviżorju tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-fondi mill-Istati Membri;

L-agrikoltura u r-riżorsi naturali — konklużjoni kkwalifikata

125. Jilqa' l-fatt li l-ħlasijiet diretti koperti mis-Sistema Integrata ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS) — li fl-2010 kienu responsabbli għal 77 % tal-infiq totali fil-PAK - kienu ħielsa minn żbalji materjali (Rapport Annwali, punt 3.55 u r-risposta tal-Kummissjoni rigward dan il-punt);
126. Jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni rnexxielha żżomm ir-rata ta' żball l-aktar probabbli fil-livell ta' 2,3 % (rapport Annwali, Anness 3.1) u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas iktar ir-rata ta' żball;
127. Ifakkar li s-SIAK għandha tiżgura li jsiru ħlasijiet korretti u traċċabbli lil bdiewa; josserva madankollu li l-effettività tal-SIAK hija milquta ħażin minn data mhux preċiża fil-bażijiet ta' data, kontroverifiki mhux kompluti jew mhux korretti jew segwitu mhux komplut ta' anomaliji (il-Qorti tal-Awdituri, Rapport Annwali, punt 3.29); jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-bażijiet ta' data kollha jkunu aġġornati u li l-anomaliji kollha jkunu segwiti sew;
128. Jinnota l-eżempju mogħti mill-Qorti tal-Awdituri ta' żball ta' eliġibbiltà taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) ⁽⁴⁴⁾ b'rabta ma' arranġament ta' tpartit bl-użu ta' stokkijiet ta' intervent; jinnota wkoll li l-ammont totali mħallas mill-baġit tal-Unjoni għat-trasport tad-9 894 tunnellata ta' butir involuti fl-arranġament kien ta' madwar EUR 900 000 ⁽⁴⁵⁾; huwa mħasseb serjament dwar il-ġestjoni finanzjarja tajba ta' dawn l-operazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li l-arranġamenti ta' skambju, jekk għandhom jitkomplew, ikunu trasparenti u kosteffikaċi;
129. Jinnota li l-infiq fuq l-iżvilupp rurali (madwar EUR 11 483 000 000 ⁽⁴⁶⁾) huwa partikolarment suxxet-tibbli għal żbalji peress li mit-80 tranżazzjoni li kienu inklużi fil-kampjun, 40 (50 %) kienu affettwati minn żbalji u li 21 (52 %) minn dawn it-tranżazzjonijiet kienu affettwati minn żbalji kwantifikabbli (Rapport Annwali, punt 3.19);
130. Jinnota li l-proċedura tal-għeluq tal-kontijiet irriżultat ġeneralment effikaċi fil-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-baġit tal-Unjoni billi eskudiet infiq li ma sarx f'konformità mar-regoli tal-Unjoni;
131. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli tnaqqas it-tul tal-proċedura tal-verifika tal-konformità filwaqt li tiżgura li jitħares id-dritt ta' difiża tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb il-konnessjoni bejn il-korrezzjonijiet finanzjarji imposti u l-ammont reali tal-ħlasijiet irregolari; jistieden lill-Istati Membri jikkooperaw mal-Kummissjoni billi jipprovdru l-informazzjoni meħtieġa kollha fil-waqt;
132. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri fir-Rapport Speċjali Nru 8/2011 tagħha dwar "Irkupri ta' ħlasijiet mhux dovuti taħt il-Politika Agrikola Komuni" fis-sens li s-sistemi relatati mal-irkupri u l-korrezzjonijiet finanzjarji tjebru f'dawn l-aħħar snin; itenni l-opinjoni tiegħu li l-fondi agrikoli mħallsa indebitament għandhom jiġu rkuprati mill-benefiċjarji finali kemm jista' jkun biex jiġi evitat li l-kontributor tat-taxxa jbati darbtejn; jistieden lill-Kummissjoni tieħu aktar miżuri biex telimina l-possibbiltà ta' interpretazzjoni u prattiki diverġenti fost l-Istati Membri u tikkontrolla rigorożament is-sistemi tal-Istati Membri għall-irkupri;
133. Jemmen b'mod qawwi li l-laqgħat tripartiti bejn il-Qorti tal-Awdituri, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiġu estiżi għall-qasam politiku tal-agrikoltura u r-riżorsi naturali biex tiġi faċilitata interpretazzjoni u applikazzjoni armonizzata tar-regoli rigward il-ġestjoni u l-kontroll tal-infiq u b'hekk jiġi evitat kemm jista' jkun nuqqas ta' ftehim;

⁽⁴⁴⁾ Rapport Annwali, Eżempju 3.1, paġna 79.

⁽⁴⁵⁾ Rapport Annwali, Nota ta' Qiegħ il-Paġna 23, paġna 79.

⁽⁴⁶⁾ Rapport Annwali, Tabella 3.1, paġna 72.

L-ghajjnuna esterna, l-iżvilupp u t-tkabbir – konklużjoni kkwalifikata

134. Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li s-sistemi superviżorji u ta' kontroll għall-Ghajjnuna Esterna, l-iżvilupp u t-Tkabbir kienu biss parzjalment effikaċi fl-iżgurar tar-regolarità tal-ħlasijiet (Rapport Annwali, punt 5.36);
135. Jinnota li r-rata ta' żball l-aktar probabbli stmata mill-Qorti tal-Awdituri kienet ta' 1,7 % (Rapport Annwali, punt 5.13); jiddispjaċih madankollu li nstab livell materjali ta' żbalji fi ħlasijiet interim u finali li skont il-Kummissarju Andris Piebalgs huwa madwar 5 % ⁽⁴⁷⁾ u jkun saħansitra ogħla kieku l-appoġġ tal-baġit kellu jkun eskluż mill-kalkolu; jinnota wkoll li l-iżbalji kwantifikabbli kollha nstabu fil-ħlasijiet interim u finali (Rapport Annwali, punt 5.13); jikkundanna l-fatt li żewġ terzi tal-iżbalji misjuba fil-ħlasijiet finali ma kinux ġew identifikati mill-kontrolli tal-Kummissjoni (Rapport Annwali, punt 5.16);
136. Jemmen li b'mod globali l-iktar rata probabbli ta' żball hija inqas mil-livell limitu ta' materjalità ta' 2 % minħabba l-proporzjon ta' prefinanzjamenti u appoġġ tal-baġit fl-infiq operattiv totali; jinnota li dan il-proporzjon żdied minn 66 % fis-sena finanzjarja 2008 għal 75 % fis-sena finanzjarja 2010 ⁽⁴⁸⁾;
137. Ifakkar li l-prefinanzjamenti għandhom profil tar-riskju differenti li ma jidhirx fl-awditjar tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni; jemmen li huwa iktar effiċjenti li jiġi evitat li jkun hemm irregolaritajiet milli li jiġi korrett ħlas mhux dovut *ex post* permezz tal-irkupri;
138. Ifakkar li r-riskji ewlenin marbuta mal-appoġġ tal-baġit (riskju għall-effikaċja tal-ghajjnuna kif ukoll riskji ta' frodi u korruzzjoni) ukoll ma jidhrux fl-awditjar tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja rigorożament dawn ir-riskji; iqis madankollu li l-appoġġ settorjali baġitarju jikkostitwixxi miżura effikaċi għall-bini ta' kapaċità fit-tul; jitlob lill-Kummissjoni tintroduċi appoġġ baġitarju biss taħt kundizzjonijiet rigorużi u definiti sew;
139. Jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li "Il-EuropeAid stabbilixxa strateġija ta' kontroll komprensiv u kompli jgħib titjib sinifikanti għat-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tiegħu." (Rapport Annwali, Anness 5.3);
140. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri tikkunsidra li "d-dikjarazzjoni tad-Direttur Ġenerali u r-rapport annwali tal-attività jagħtu biss valutazzjoni *parzjalment ġusta* tal-ġestjoni finanzjarja fir-rigward tar-regolarità għall-FEI u l-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea" (Rapport Annwali, punt 5.34, enfasi miżjuda).
141. Jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi lil EuropeAid tlesti malajr kemm jista' jkun il-ħidma fuq metodoloġija biex jiġi kkalkulat il-livell ta' "żball residwu" li jista' jibqa' wara li jkunu saru l-kontrolli kollha u biex taqşam ir-riżultati mad-Direttorati Ġenerali l-oħra għar-relazzjonijiet esterni bil-ħsieb li jsir it-titjib meħtieġ fil-pożizzjonijiet meħuda mill-maniġment tal-Kummissjoni fil-qasam tal-ghajjnuna esterna, l-iżvilupp u t-tkabbir;
142. Jitlob lill-Kummissjoni tawtorizza Viċi Kap ta' Delegazzjoni, fejn dan jeżisti, ġeneralment li ġej minn Stat Membru, jaqdi d-dmirijiet tal-Kap ta' Delegazzjoni fl-assenza tiegħu għal kull kwistjoni ħlief għall-implimentazzjoni tal-infiq operattiv ġestit mid-delegazzjoni tal-Unjoni, li tista' tiġi delegata biss lill-persunal tal-Kummissjoni;

⁽⁴⁷⁾ Risposta għal mistoqsija orali lill-Kummissarju Andris Piebalgs waqt is-smiġħ tat-12 ta' Jannar 2012 fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew.

⁽⁴⁸⁾ Kalkolu abbażi tar-risposta għall-mistoqsija bil-miktub Nru 2 lill-Kummissarju Andris Piebalgs għas-smiġħ tat-12 ta' Jannar 2012.

143. Jinnota l-kummenti tal-Qorti tal-Awdituri ppreżentati fl-eżempju 5.3 tar-Rapport Annwali; huwa mħasseb serjament dwar l-“interpretazzjoni flessibbli ta’ eliġibbiltà għal azzjonijiet kofinanzjati” jew “approċċ nazzjonali” ma’ organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti li jinvolvu r-riskju ta’ finanzjament doppju tal-istess spiża; jemma li dan għandu wkoll l-effett li jnaqqas ir-rata ta’ żball tal-Qorti tal-Awdituri; huwa inkwetat ħafna wkoll dwar il-“kriterji ta’ eliġibbiltà estiżi” applikabli skont il-Ftehim Finanzjarju u Amministrattiv ta’ Qafas mal-aġenziji tan-Nazzjonijiet Uniti (FAFA) u l-Ftehimiet Qafas ta’ Sħubija mas-sħab implimentattivi tal-Kummissjoni li wkoll jinvolvu r-riskju li l-istess spiża tiġi ffinanzjata darbtejn; jistieden b’mod qawwi lill-Kummissjoni twaqqaf iż-żewġ prattiki li huma; jistenna li l-aġenziji tan-NU jagħtu lill-organizzazzjonijiet intergovernattivi tad-donaturi drittijiet simili ta’ aċċess għar-rapporti ta’ awditu intern li minnhom igawdu l-Istati Membru tan-NU; jinnota f’dan il-kuntest li jeħtieġ isir aktar progress biex jitjieb ir-rappurtar dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni billi tingħata informazzjoni dwar ir-riżultati aktar milli dwar l-azzjonijiet;
144. Jilqa’ r-reviżjoni tal-mandat, mogħtija mill-Kummissjoni, li tippredvi garanzija baġitarja favur il-BEI li tkopri r-riskji ta’ telf għas-self u l-garanziji għall-proġetti barra mill-Unjoni; jenfasizza l-fatt li l-garanzija tal-Unjoni provduta lill-BEI hija bla dubju suġġetta għall-iskrutinju tal-Qorti tal-Awdituri;
145. Jinnota li l-informazzjoni dwar il-kuntratti mogħtija minn EuropeAid⁽⁴⁹⁾ u mid- DG ECHO⁽⁵⁰⁾ mhijiex qed issegwi l-istess mudell; jinkoraġġixxi l-Kummissjoni timplimenta mudell komuni għall-bażijiet ta’ data fejn jinsabu l-kuntratti mogħtija minn dawn id-DG, fejn l-informazzjoni minima provduta għandha tkun: in-numru tal-kuntratt/referenza, it-titlu tal-kuntratt, it-tema/is-settur tal-intervent, l-isem u n-nazzjonalità tal-kuntrattur, il-pajjiż tal-intervent, l-ammont, it-tip ta’ kuntratt u t-tul taż-żmien (billi jiġu provduti kemm id-data ta’ bidu kif ukoll id-data ta’ tmiem);
146. Jitlob li l-Kummissjoni twettaq rapport dettaljat dwar l-ispiża totali ta’ riklamar għat-tkabbir tal-UE (riklami fiċ-ċinema, fuq it-televiżjoni, l-Internet u media oħra), analiżi tal-ispejjeż mill-media individwali u l-pajjiżi fejn dehru r-riklami, u informazzjoni dettaljata dwar il-kumpanniji inkarigati mill-implimentazzjoni, mill-produzzjoni sax-xandir; jistenna wkoll rapport dwar l-attivitajiet ta’ riklamar l-oħra kollha tal-Kummissjoni fir-rigward tat-tkabbir, flimkien ma’ rapport daqstant dettaljat u analiżi tal-ispejjeż;
- L-ghajjnuna mill-Unjoni lil Haiti*
147. Ifakkar fit-terrimot f’Haiti u l-konsegwenzi diżastrużi tiegħu; jiddispijaċih dwar il-livell insuffiċjenti ta’ koordinament tal-ghajjnuna umanitarja u l-ghajjnuna għall-iżvilupp (il-kollegament tal-ghajjnuna ta’ solliev, ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp); huwa tal-fehma li l-provvista tal-ghajjnuna umanitarja għandha tkun bbażata fuq strateġija ta’ ħruġ; iqis li l-Kummissjoni għandha tillimita l-ghajjnuna l-isforzi u l-finanzjament tagħha fuq ir-riabilitazzjoni u l-iżvilupp;
148. Jiddispijaċih dwar il-koordinament insuffiċjenti bejn id-Delegazzjoni tal-Unjoni u r-rappreżentanza tal-ECHO; jappoġġa koordinament imsaħħaħ bejn l-atturi tal-Unjoni kollha fil-pajjiż; iħeġġeġ għalhekk lill-Kummissjoni tiżgura koerenza u kumplementarjetà aħjar bejn l-ghajjnuna umanitarja u l-ghajjnuna għall-iżvilupp kemm fil-livell ta’ politika kif ukoll fil-prattika;
149. Jiddeplora n-nuqqas ta’ sostenibbiltà ta’ xi proġetti u jenfasizza li l-proġetti għandhom prinċipalment ikunu intiżi għall-ħolqien ta’ impjiegi u l-iżgurar ta’ tkabbir sostenibbli u dawn jippermettu lill-Istat ta’ Haiti jżid d-dħul tiegħu sabiex jiddependi anqas fuq ghajjnuna minn barra; jitlob għaldaqstant lill-Kummissjoni biex tipprovdli l-Parlament b’lista tal-proġetti li twettqu f’Haiti f’dawn l-aħħar 15-il sena u b’valutazzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni attwali tagħhom biex tiġi stmata s-sostenibbiltà tagħhom;
150. Jirrimarka dwar in-nuqqas ta’ viżibbiltà tal-ghajjnuna tal-Unjoni f’Haiti; hu tal-fehma li, biex titjieb il-viżibbiltà, mhux biss tal-bandiera iżda wkoll l-isem tal-Unjoni Ewropea għandhom jidhru fuq dokumenti ta’ PR aktar milli sempliċiment fuq dawk tal-Kummissjoni jew tad-DG ECHO, li huma ħafna inqas identifikabbli għaċ-ċittadini ta’ Haiti;

⁽⁴⁹⁾ <http://ec.europa.eu/europeaid/work/funding/beneficiaries/index.cfm?lang=en&mode=SM&type=contract>

⁽⁵⁰⁾ http://ec.europa.eu/echo/files/funding/agreements/agreements_2010.pdf

Ir-riċerka u politiki interni oħrajn — konklużjoni kkwalifikata

151. Jinnota l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li s-sistemi superviżorji u ta' kontroll għar-Riċerka u Politiki Interni oħrajn kienu biss parzjalment effikaċi fl-iżgurar tar-regolarità tal-ħlasijiet (Rapport Annwali, punt 6.49);
152. Jinnota bħala karatteristika speċifika ta' dan il-grupp ta' politiki li l-parti l-kbira tal-infiq operattiv (72 %, Rapport Annwali, tabella 6.1) hija implimentata permezz ta' prefinanzjamenti - li jirrikjedu biss konformità ma' numru limitat ta' kundizzjonijiet għall-kuntrarju ta' ħlasijiet interim u finali - u li din l-ispeċifità għandha influwenza pożittiva fuq ir-rata globali ta' żball;
153. Huwa mħasseb, b'mod partikolari, dwar il-livell ta' prefinanzjamenti fil-programm tat-tagħlim tul il-ħajja li jippermetti prefinanzjamenti sa massimu ta' 100 % tal-ispiża bbaġitjata tal-proġett (Rapport Annwali, punt 6.9) u li 93 % tal-ħlasijiet kollha li saru għalih fl-2010 kienu prefinanzjamenti (Rapport Annwali, tabella 6.1);
154. Jinnota li nstab livell materjali ta' żbalji fil-ħlasijiet interim u finali lill-benefiċjarji u li l-iktar rata probabbli ta' żball stmata mill-Qorti tal-Awdituri hija 1,4 % (Rapport Annwali, punt 6.12) minħabba l-influwenza tal-prefinanzjamenti; jinnota wkoll li l-Qorti tal-Awdituri ma tippubblikax rata speċifika ta' żball għal ħlasijiet interim u finali;
155. Jifhem li l-Kummissjoni ⁽⁵¹⁾ tistma li r-rata ta' żball rappreżentattiv mingħajr il-prefinanzjamenti fuq bażi multiannwali hija 3,4 % għall-Programm Kwadru 6 u li r-rata proviżorja ta' żball rappreżentattiv għall-Programm Kwadru 7 hija ftit iktar minn 4 % fuq bażi multiannwali; jifhem ukoll li r-rata ta' żball residwu fuq bażi multiannwali, li hija l-livell ta' żbalji li jibqa' wara l-korrezzjonijiet u l-irkupri mis-servizzi tal-Kummissjoni wara li jkun sar l-awditjar tagħhom, tammonta għal madwar 2,4 % għall-Programm Kwadru 6 filwaqt li għall-Programm Kwadru 7 l-Kummissjoni għadu ma kellhiex biżżejjed żmien biex tara l-effetti kollha tal-irkupri u tal-korrezzjonijiet fuq bażi multiannwali;
156. Jenfasizza r-rwol importanti tal-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji fid-dawl tal-kriżi finanzjarja attwali; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ mogħti mill-faċilità lill-universitajiet u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka għall-investimenti tagħhom fil-PPP u proġetti għall-infrastruttura ta' riċerka ta' interess Ewropew sabiex jinthaqu l-oġġettivi tal-Ewropa 2020 fil-qasam tal-politiki pubbliki intelliġenti;
157. Jinnota li l-Kummissjoni qed tissimplifika kemm jista' jkun il-proċeduri ta' kontroll *ex ante* bil-ħsieb li tiffaċilita l-ipproċessar tal-ħlasijiet bil-konsegwenza li jkun jistgħu jsiru biss verifiki tar-rekwiżiti amministrattivi u aritmetiċi; huwa mħasseb li anke f'każ ta' dubju dwar l-eliġibbiltà tal-ispiża ddikjarata, twettqu biss verifiki *ex ante* limitati (Rapport Annwali, punt 6.17 u eżempju 6.2); jinsisti li tittieħed azzjoni sabiex tiġi rrimedjata din is-sitwazzjoni;
158. Jemmen li jrid jinstab bilanċ bejn il-faċilitazzjoni tal-ħlasijiet u l-kontroll tal-eliġibbiltà tal-ispiża ddikjarata; jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-istrateġija tagħha fir-rigward tal-kontrolli *ex ante* u tapplika approċċ ibbażat fuq ir-riskju biex tindirizza aħjar ir-riskji speċifiċi tad-dikjarazzjoni tal-ispiża u, fil-każ ta' riskju kbir, testendi l-proċeduri ta' kontroll *ex ante* għal verifiki mwettqa fil-post;
159. Huwa mħasseb ħafna li ċ-ċertifikati tal-awditjar għadhom parzjalment effikaċi biss (Rapport Annwali, punt 6.22); ifakkar li ċ-ċertifikati tal-awditjar huma wieħed mill-aktar elementi importanti tal-kontroll *ex ante* mill-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tagħmilha l-prattika komuni li jkun hemm komunikazzjoni formali mal-awdituri esterni billi tipprovdri reazzjonijiet u titlob spjegazzjonijiet f'każijiet ta' ċertifikati ta' awditjar mhux affidabbli;
160. Jilqa' l-fatt li l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-awditjar *ex ante* hija meqjusa effikaċi fl-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbalji (Rapport Annwali, punt 6.30); jilqa', barra minn hekk, il-fatt li l-proċeduri tal-Kummissjoni biex tirkupra l-fondi li ntefqu indebitament huma adegwati u li l-Kummissjoni għamlet użu akbar mill-miżuri korrettivi bħat-tmiem bikri tal-kuntratti u pjeni;

⁽⁵¹⁾ Risposti ta' segwitu għal mistoqsijiet lill-Kummissarju Máire Geoghegan-Quinn għas-smiġh tat-23 ta' Jannar 2012 fil-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew.

161. Huwa mħasseb serjament li l-kalkolu tar-rata ta' żball residwu hija bbażata fuq suppożizzjonijiet li mhux dejjem jikkorrispondu mar-realtà, bħall-"estrapolazzjoni" tal-iżbalji misjuba f'dikjarazzjoni waħda tal-ispiża tal-istess benefiċjarju; jaqbel mal-fehma tal-Qorti tal-Awdituri li tista' tiġi attribwita affidabbiltà limitata lir-rata ta' żball residwu (Rapport Annwali, punt 6.32); jemma li dan iqajjem dubji wkoll dwar l-affidabbiltà tar-riżervi li saru mid-Diretturi Ġenerali, peress li wieħed mill-indikaturi ewlenin użati biex tittieħed id-deċiżjoni dwar jekk issirix riżerva hija r-rata ta' żball residwu;

Fehmiet minn perspettivi ta' politika speċifiċi

Fehmiet minn perspettiva tal-politika għall-Iżvilupp

162. Jikkunsidra li l-kriżi baġitarja u ekonomika li għaddeja bħalissa u li qiegħdin iħabbtu wiċċhom magħha ħafna mill-Istati Membri tirrikjedi li l-UE, iktar minn qatt qabel, timmassimizza l-effiċjenza u l-impatt tal-ghajjnuna tagħha; f'dan l-isfond, jinsab imħasseb li l-Qorti tal-Awdituri sabet fir-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit 2010 li fl-2010 s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-Kummissjoni għall-ghajjnuna u l-iżvilupp estern reġġu kienu biss parzjalment effettivi biex jiżguraw ir-regolarità tal-ħlasijiet u li żewġ terzi tal-iżbalji kwantifikabbli nstabu fi ħlasijiet finali u li daww l-iżbalji ma nstabux mill-kontrolli tal-Kummissjoni;
163. Jirrikonoxxi, minkeja dan, l-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex ittejjeb it-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tagħha u biex ittejjeb il-kwalità tad-data mdaħħla fis-sistema ta' informazzjoni dwar il-ġestjoni CRIS; jilqa' l-fatt li, komplessivament, ħlasijiet ta' ghajjnuna u żvilupp estern fl-2010 kienu ħielsa minn żbalji materjali, u kellhom rata' stimata ta' żbalji aktar baxxa minn dik tal-2009; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tiżviluppa metodoloġija koerenti għad-direttorati għar-relazzjonijiet esterni biex tiġi kkalkulata r-rata ta' żball residwu, biex ittejjeb aktar il-qafas tagħha ta' verifika esterna u biex jitħarsu l-ogħla standards ta' kontroll possibbli;
164. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni, partikolarment, sabiex ittejjeb il-kwalità tal-kontrolli *ex ante*, tal-monitoraġġ u r-rappurtar, tas-sorveljanza u tal-funzjonijiet tal-verifika bbażati fuq ir-riskju tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, fejn il-maġġoranza tal-iżbalji nstabu, biex tissaħħaħ il-kapaċità tat-taqsimiet operazzjonali u finanzjarji tad-Delegazzjonijiet, biex jiżdiedu r-riżorsi disponibbli lid-Delegazzjonijiet għall-attivitajiet ta' monitoraġġ prinċipali u biex jiġi sistematizzat il-qafas ta' monitoraġġ, li jinkludi l-introduzzjoni ta' pjanijiet ta' monitoraġġ u valutazzjoni multiannwali u t-tisħiħ ta' gwida għall-monitoraġġ;
165. Jitlob lill-Kummissjoni biex issib soluzzjonijiet li jaħdmu għall-isfidi organizzattivi kkawżati mill-għaqda tad-DĠ DEV mad-DĠ AIDCO fl-aħħar tal-2010; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE, li beda jopera f'Diċembru tal-2010, sabiex jiffinalizzaw mingħajr dewmien l-arranġamenti li jiċċaraw ir-rwoli u r-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom fiċ-ċiklu ta' programmazzjoni u implementazzjoni tal-ghajjnuna esterna, li jinkludi lid-Delegazzjonijiet;
166. Jikkunsidra li l-istrumenti finanzjarji ġodda taħt il-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss 2014-2020 għandhom jirreflettu bis-sħiħ id-drittijiet leġislattivi u ta' skrutinju msaħħa tal-Parlament skont it-Trattat ta' Lisbona, u li l-Parlament għandu jkun involut fil-proċess ta' programmar fuq l-istess livell mal-Kunsill;
167. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tkompli ttejjeb l-effettività tal-ghajjnuna tal-Unjoni lis-settur tal-edukazzjoni bażika fl-Afrika sub-Saħarjana u l-Asja tan-Nofsinhar⁽⁵²⁾, b'mod partikolari billi tistabbilixxi indikaturi u miri realistċi biex tissorvelja r-riżultati effettivament, billi tiżgura li d-Delegazzjonijiet jassenjaw persunal b'għarfien espert u karigi għolja biżżejjed biex isostnu djalogu dwar il-politika tas-settur ma' gvernijiet sħab u donaturi oħra, u billi tiffoka iktar fuq il-kwalità tal-edukazzjoni u l-kapaċità tal-gvernijiet benefiċjarji li jlaħħqu maż-żieda fir-reġistrazzjoni fl-iskejjel;

⁽⁵²⁾ L-Għajjnuna għall-Iżvilupp tal-UE għall-Edukazzjoni Bażika fl-Afrika tas-sub-Sahara u fin-Nofsinhar tal-Asja (Ir-rapport speċjali Nru 12/2010).

168. Jinsab diżappuntat mill-każijiet ta' frodi fuq skala kbira li nstabu lejn l-aħħar tal-2010 mill-Fond Globali għall-Ġlieda kontra l-AIDS, it-Tuberkolożi u l-Malarja fil-Mali, il-Mawritanja, il-Ġibuti u ż-Żambja, u jinsab imħasseb dwar il-miżapproprjazzjoni potenzjali ta' somom sostanzjali ta' flus, bħal mill-kontribut tal-2010 tal-UE għall-Fond Globali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem iktar mill-qrib mal-Fond Globali biex tappoġġa u tissorvelja l-interventi tiegħu fil-livell tal-pajjiż sabiex tkun evitata r-ripetizzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni bħal dawn u jitjiebu l-obbligu ta' rendikont u l-effikaċja;
169. Itenni s-sejħa tiegħu għal involviment ikbar mill-parlamenti u konsultazzjoni ikbar mas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali f'pajjiżi sħab meta jtfasslu u jiġu eżaminati mill-ġdid id-dokumenti dwar l-Istrateġiji għall-Pajjiż u l-Programmi Indikattivi Multiannwali fil-kuntest tal-Istrument ta' finanzjament tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI);

Fehmiet minn perspettiva tal-politika għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

170. Jinnota li 18 % tan-nefqa għall-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni huma allokatu għall-impjiegi u l-affarijiet soċjali, bl-akbar parti min-nefqa f'dan il-qasam tal-politika, jiġifieri 94 %, iffinanzjata mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE);
171. Jilqa' l-fatt li fil-kuntest tar-riżorsi allokatu għall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), ir-rata ta' utilizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet għall-impenji kienet 100 % (EUR 10,8 biljun) u 87,9 % għall-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet (EUR 7,1 biljun); jirrikonoxxi li r-rata baxxa fir-rigward tal-ħlasijiet irriżultat mill-fatt li xi impenji ttieħdu biss fl-aħħar kwart tas-sena; jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni għal titjib tal-ġestjoni finanzjarja;
172. Jieħu nota tal-estimi tal-Qorti tal-Awdituri li r-rata ta' żbalji fl-2010 kienet ta' 7,7 % fir-rigward tal-infiq fl-oqsma tal-koeżjoni, l-enerġija u t-trasport; huwa sorpriż bl-osservazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li d-direttivi tal-Unjoni ma ġewx trasposti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-akkwist pubbliku; għalhekk jistenna li l-Kummissjoni tissorvelja aħjar t-traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u ttwettaq awditjar tal-ammissibbiltà tal-proġetti li jirċievu finanzjamenti; iqis li l-akkwist pubbliku japplika anqas għall-FSE;
173. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-Kummissjoni li permezz ta' taħriġ bilaterali u multilaterali jiġi żgurat li l-Istati Membri jħarrġu, jinfurmaw, jagħtu pariri u jiggwidaw fuq bażi kontinwa, lill-benefiċjarji u lill-entitajiet implimentattivi, sabiex titnaqqas ir-rata ta' żbalji tal-ħlasijiet; jiddispijaċih li l-Istati Membri milli jidher mhumiex fil-qagħda li jagħmlu hekk waħedhom;
174. Itenni t-talba tiegħu li l-Istati Membri jiġu obligati jirrapportaw dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti finanzjarji, u jingħaqad mat-talba tal-Qorti tal-Awdituri, li l-użu tal-FSE għandu jiġi kkontrollat regolament mill-Kummissjoni;
175. Ifakkar li l-użu proprju ta' fondi mill-Istati Membri jrid ikun żgurat u li l-interruzzjonijiet u s-sospenzjonijiet tal-ħlasijiet huma għodda effikaċi biex isir dan;
176. Huwa mħasseb dwar l-għadd kbir ta' żbalji misjuba mill-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tal-istrumenti ta' inġinerija finanzjarja;
177. Jiddispijaċih li r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontribut tal-FSE għall-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola sa issa ġew implimentati biss parzjalment mill-Kummissjoni;
178. Ifakkar li huwa komputu tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, inkarigat mill-amministrazzjoni tal-appropriazzjonijiet, li jieħu miżuri adegwati għall-prevenzjoni tal-frodi u l-korruzzjoni; jilqa' l-kooperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF); jitlob li tingħata assigurazzjoni li każijiet ta' frodi fil-FSE jiġu segwiti u sanzjonati anki mill-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali;

179. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni li tikseb mill-Istati Membri kollha rendikont dettaljat permezz ta' rapporti ta' kontroll annwali ta' awtoritajiet ta' verifika u rapporti annwali sommarji, u jikkunsidra essenzjali li l-Kummissjoni twessa' l-attività ta' verifika tagħha sabiex tikkomunika lill-Parlament il-valur miżjud ta' finanzjament tal-Unjoni;
180. Jenfasizza l-ħtiġijiet speċifiċi tal-gruppi mmirati u tal-mexxejja tal-proġetti fil-FSE; jipproponi li fil-kofinanzjament tal-proġetti jiġu inkorporati attivitajiet volontarji f'organizzazzjonijiet bla skop ta' lukru u investimenti in natura; jitlob li jsir stħarriġ aġġornat dwar l-ispejjeż amministrattivi tal-FSE fost il-mexxejja tal-proġetti abbażi tal-Istati Membri u l-proġetti;
181. Jenfasizza l-fatt li l-Fond ta' Globalizzazzjoni ffinanzja 21 proġett s'issa b'total ta' EUR 105 miljun, filwaqt li sa EUR 500 miljun f'approprjazzjonijiet jistgħu jiġu mobilizzati permezz ta' trasferimenti; jilqa' x-xejra dejjem akbar fost l-Istati Membri li jiżviluppaw u jressqu proġetti xierqa f'dan il-kuntest; ihegġegħ lill-Kummissjoni tappoġġa b'mod effikaċi lill-Istati Membri fl-iżvilupp u t-tressiq ta' proġetti għall-Fond ta' Globalizzazzjoni sabiex jgħinu l-ħaddiema jsibu xogħol ġdid u jiżviluppaw ħilet ġodda meta jitilfu l-impjeg tagħhom minħabba x-xejriet tal-kummerċ globali li qed jinbidlu jew minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali;
182. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tivverifika wkoll l-intestaturi baġitarji l-oħra tal-qasam tal-affarijiet soċjali u tal-impjegi u tistabbilixxi għalfejn l-appropriazzjonijiet allokatu mhumiex jiġu utilizzati għal-kollox;
183. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tippreżenta r-rati ta' żbalji tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u tal-FSE b'mod separat u mhux fuq bażi aggregata;
184. Jistenna li l-Kummissjoni tressaq rapporti dettaljati dwar il-proġetti pilota;

Fehmiet minn perspettiva tal-politika għas-Suq Intern u l-Ħarisen tal-Konsumatur

185. Jinnota b'sodisfazzjon iż-żieda fir-rata ta' eżekuzzjoni għall-kreditu ta' ħlasijiet fit-Titolu 12; jiġbed l-attenzjoni madankollu għar-rata baxxa ta' eżekuzzjoni tal-linja tal-baġit 17 02 04, li kellha impatt negattiv fuq ir-rata ta' eżekuzzjoni medja fil-qasam tal-politika tal-konsumatur; jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni toqgħod fuq mekkaniżmi ta' previżjoni iktar effiċjenti għall-ħtiġijiet ta' ħlas sabiex tittejjeb l-eżekuzzjoni tal-baġit; jilqa' l-progress li l-Kummissjoni għamlet fl-2011 f'dan ir-rigward;
186. Jenfasizza l-ħtieġa tal-promozzjoni ta' edukazzjoni finanzjarja tal-konsumatur sabiex il-konsumaturi jkunu f'pożizzjoni iktar b'saħħitha vis-à-vis s-servizzi finanzjarji; għalhekk, minkejja d-defiċjenzi fl-eżekuzzjoni li ġew enfasizzati qabel u b'kunsiderazzjoni għall-iżviluppi pożittivi reċenti f'dan ir-rigward, itenni l-appoġġ tiegħu għall-proġett pilota dwar it-trasparenza u l-istabbiltà fis-swieq finanzjarji stabbilit fl-2010; ihegġegħ lill-Kummissjoni tieħu passi għall-identifikazzjoni tal-aħjar modi biex jintefqu l-mezzi allokatu;
187. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni biex torganizza laqgħat ta' ħidma fl-Istati Membri sabiex tindirizza l-problemi li jiltaqgħu magħhom l-amministrazzjonijiet nazzjonali fl-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġislazzjoni tas-suq intern; jemmen li din l-inizjattiva se jkollha effett pożittiv fuq ir-rekord ta' implimentazzjoni;
188. Għal darba oħra jistieden lill-Kummissjoni tanalizza l-effettività tal-programmi ta' finanzjament attwali għall-SMEs u biex tesplora l-iżvilupp ta' strumenti koġunti finanzjarji ġodda;
189. Jilqa' l-importanza li l-Kummissjoni tagħti lill-promozzjoni tas-SOLVIT u tal-EU Pilot bħala mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni tal-problemi, u jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward; jenfasizza li s-SOLVIT wera ruħu effettiv fis-soluzzjoni ta' problemi li jaffettwaw iċ-ċittadini bħar-rikonossiment ta' kwalifiki professjonali u drittijiet marbuta mal-impjeg; ifakkar fl-appoġġ tiegħu għal linja tal-baġit separata u mezzi finanzjarji xierqa għas-SOLVIT, il-Portal l-Ewropa Tiegħek u l-għodod l-oħra kollha użati biex jiżguraw li s-suq intern jaħdem fil-prattika; jilqa' l-verżjoni ġdida tal-Portal l-Ewropa Tiegħek bħala websajt b'entrata waħda li tagħti aċċess għall-informazzjoni dwar id-drittijiet f'setturi differenti kif ukoll dwar is-servizzi ta' assistenza; huwa tal-fehma li għandha tingħata iktar informazzjoni mill-Portal l-Ewropa Tiegħek u li dan għandu jkun promoss fost firxa akbar ta' ċittadini u negozji tal-Unjoni;

190. Jilqa' l-appoġġ finanzjarju kontinwu għan-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net), kif ukoll l-istudju kkommissjonat biex jivvaluta l-effiċjenza tiegħu; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-konklużjonijiet ta' dak l-istudju u tiegħu azzjoni sabiex ittejjeb il-kwalità tas-servizzi offruti kif ukoll tiżgura finanzjament stabbli għall-ECC-Net; jenfasizza l-importanza li jiżdied l-għarfien min-naħa tal-konsumaturi rigward is-servizzi offruti mill-ECC-Net; jilqa' bi pjaċir l-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, bħall-kampanji tal-midja u miżuri għall-ottimizzazzjoni tal-magni tat-tiftix;
191. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ l-isforzi tagħha biex tiżgura li d-dikjarazzjonijiet tal-kontijiet tal-Istati Membri għall-iskopijiet tar-riżorsi proprji tradizzjonali jkunu preċiżi, u ttejjeb is-supervizzjoni doganali nazzjonali sabiex tevita żbalji fl-ammonti tar-riżorsi proprji tradizzjonali miġbura, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri (punt 2.21); ihegġegħ lill-Kummissjoni għaldaqstant, tagħmel sforzi ulterjuri sabiex tissimplifika l-qafas legali, speċjalment sabiex issolvi l-problemi li għad baqa' f'ċerti sistemi ta' kontroll;
192. Jissottolinja l-kumplessità tar-regoli bħala sors maġġuri ta' żbalji fil-Kapitolu "Riċerka u Politiki Oħra"; jitlob lill-Kummissjoni tesplora għażliet differenti biex ittejjeb il-bilanċ bejn is-simplifikazzjoni u l-kontroll sabiex tnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-SMEs; jenfasizza l-kumplessità tar-regoli tal-akkwist pubbliku u jirrakkomanda, għalhekk, is-simplifikazzjoni tagħhom sabiex titnaqqas l-incidenta ġenerali tal-iżbalji;
193. Huwa mħasseb dwar l-effikaċja parzjali tas-sistemi supervizzorji u ta' kontroll tal-Kummissjoni; jirrimarka li ċerti żbalji li nstabu mill-Qorti tal-Awdituri ma nstabux mill-Kummissjoni u, għalhekk, jissottolinja li jeħtieġ li jsiru sforzi biex jitjiebu s-sistemi attwali ta' kontroll;
194. Jagħraf l-isforzi magħmula mill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali Modernizzat; jinnota d-dewmien fil-proċess u jhegġegħ lill-Kummissjoni tistabbilixxi skadenza iktar realistika;
195. Jirrepeti t-talba tiegħu lill-Kummissjoni li għandha tibgħat lill-Parlament u lill-Kunsill, kull sena, deskrizzjoni aktar dettaljata tan-nefqa għal kull linja baġitarja mqabbla mar-rimarki magħmula fir-rigward tal-linja;
196. Minkejja l-kritika ġustifikata tal-Qorti tal-Awdituri⁽⁵³⁾, iqis il-Faċilità ta' Garanzija tal-SMEs bħala strument finanzjarju ewlieni għal aktar tisħiħ tal-potenzjal tal-imprezzi tal-artiġjanat u negozji bl-imnut; ihegġegħ lill-Kummissjoni timmassimizza l-valur miżjud tal-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs u tippromwovi aktar l-innovazzjoni u l-intraprenditorija tal-Unjoni fuq skala dinjija;
197. Jinnota r-Rapport Speċjali Nru 13/2011 dwar jekk il-kontroll tal-proċedura doganali 42 jimpedixxi u jsibx l-evazzjoni tal-VAT; sabiex jimpedixxi telf sinifikanti mill-baġits nazzjonali minħabba l-evazzjoni tal-VAT, jistieden lill-Kummissjoni timmodifika iktar il-qafas regolatorju tal-Unjoni; barra minn hekk, sabiex jiżgura ġestjoni uniformi tal-eżenzjoni tal-VAT mill-awtoritajiet doganali, jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-kollaborazzjoni u jiskambjaw informazzjoni b'mod iktar effiċjenti;
198. Ifakkar fir-responsabbiltà tal-Istati Membri skont l-Artikolu 317 tat-TFUE u d-dmir tagħhom li jirrinforzaw is-sistemi ta' kontroll fir-rigward, l-ewwel, tal-verifiki tal-ġestjoni qabel iċ-ċertifikazzjoni tan-nefqa lill-Kummissjoni u, it-tieni nett, tal-gwida tagħha dwar it-taqisriet annwali, li huma sors siewi ta' assigurazzjoni;
199. Rigward il-"Baġit għall-Ewropa 2020", jistieden lill-Kummissjoni tkompli taħdem mal-Parlament u mal-Kunsill u tiżgura li l-attivitajiet ta' programmar futuri fl-Unjoni jirrispettaw il-prinċipji tas-simplifikazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja tajba u l-obbligu ta' rendikont; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiffukaw fuq oġettivi li jkunu SMART, jiġifieri speċifiċi, li jistgħu jitkejlu u jinkisbu, realiċi u marbuta mal-ħin, biex jikkoinċidu mal-ippjanar tal-programmi ta' nfiq tal-Unjoni, u fl-istess ħin, iqisu r-riskji eventwali tal-implimentazzjoni;

⁽⁵³⁾ Ir-Rapport Speċjali Nru 4/2011 tal-Qorti tal-Awdituri dwar "Il-verifika tal-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs".

Fehmiet minn perspettiva tal-politika għat-Trasport u t-Turiżmu

200. Jinnota li l-baġit 2010, kif adottat b'mod definittiv u mbaġhad modifikat tul is-sena, kien jipprevedi — speċifikament għall-politiki fil-qafas tal-attività tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu — total ta' EUR 2 640 819 360 f'approprjazzjonijiet għall-impjenji u EUR 1 895 014 386 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet; jinnota wkoll li, minn dawn l-ammonti:
- EUR 1 012 440 000 f'approprjazzjonijiet għall-impjenji u EUR 890 594 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet kienu intiżi għan-Netzwerke Trans-Ewropej tat-Trasport (TEN-T),
 - EUR 16 876 000 f'approprjazzjonijiet għall-impjenji u EUR 15 375 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet kienu intiżi għas-sigurtà tat-trasport,
 - EUR 63 940 000 f'approprjazzjonijiet għall-impjenji u EUR 30 257 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet kienu intiżi għall-Programm Marco Polo,
 - EUR 165 788 360 f'approprjazzjonijiet għall-impjenji u EUR 128 447 410 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet kienu intiżi għall-aġenziji tat-trasport,
 - EUR 896 035 000 f'approprjazzjonijiet għall-impjenji u EUR 455 135 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet kienu intiżi għall-programm Galileo,
 - EUR 427 740 000 f'approprjazzjonijiet għall-impjenji u EUR 346 880 476 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet kienu intiżi għat-trasport, inkluż qasam ta' prijorità intiż għall-mobbiltà urbana sostenibbli, fi ħdan is-Seba' Programm Qafas għar-Riċerka u l-Iżvilupp,
 - EUR 4 600 000 f'approprjazzjonijiet għall-impjenji u EUR 3 520 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet kienu intiżi għat-turiżmu;
201. Jieħu nota tal-fatt li, waqt li kienet qed tiġi eżaminata l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, il-Qorti tal-Awdituri għażlet li tiffoka fuq il-politiki tal-koeżjoni u tal-enerġija aktar milli fuq il-politika tat-trasport;
202. Jilqa' r-rati għolja ta' użu tal-approprjazzjonijiet għall-impjenji għall-proġetti relatati mat-TEN-T; jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li finanzjament xieraq mill-baġits nazzjonali jkun disponibbli biex jissodisfa dan l-impenn tal-Unjoni; ifakkar li l-Parlament appoġġa livell oġhla ta' finanzjament min-naħa tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri, fir-rigward tal-proġetti transkonfinali għan-netwerk ewlenija, biex jagħmlu kull sforz sabiex jilhqgħu ftehimiet finanzjarji bilanċjati li jkunu xierqa għall-ambizzjonijiet iddikjarati tal-Unjoni;
203. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta, fuq bażi annwali, listi tal-proġetti tal-infrastruttura tat-turiżmu u tat-trasport, kofinanzjati mill-fondi ta' koeżjoni u reġjonali, kif hu diġà l-każ għall-fondi TEN-T, u, b'riżultat ta' dan, tagħmel l-informazzjoni dwar il-kofinanzjament tal-Unjoni aċċessibbli faċilment u trasparenti għal istituzzjonijiet oħra u għaċ-ċittadini;
204. Jilqa' r-rieżami ta' nofs iż-żmien tal-proġetti prijoritarji li jagħmlu parti mill-programm multiannwali TEN-T 2007-2013 imwettaq fl-2010 mid-DG Mobbiltà u Trasport (MOVE) sabiex jiġi evalwat il-progress li sar fit-twaqqif tan-netwerk; iqis li dak ir-rieżami stabbilixxa l-prinċipju li l-finanzjament ikun marbut ma' progress tanġibbli fil-proġetti, bl-għan li jsir l-aħjar użu possibbli tar-riżorsi finanzjarji disponibbli; jistieden lill-Kummissjoni testendi dan il-proċess ta' rieżami orjentat fuq ir-riżultati għal direttorati ġenerali oħra u politiki oħra tal-Unjoni, u jistieden lill-kumitati l-oħra tal-Parlament jingħaqdu miegħu u jagħmlu dan huma wkoll;
205. Jilqa' l-proposti tal-Kummissjoni rigward it-TEN-T kif ukoll l-istrument finanzjarju relatat magħhom (magħruf bħala "l-Mekkaniżmu għall-Interkonnessjoni fl-Ewropa"), jenfasizza l-valur miżjud Ewropej ta' użu mtejjeb tal-finanzjament, u jappoġġa l-impjenji baġitarji tagħha li huma adegwati għall-ambizzjoni tal-proposta l-ġdida; jappoġġa l-iżvilupp ta' sorsi ta' finanzjament innovattivi bl-għan li jkun żgurat li l-proġetti tal-infrastruttura tat-trasport Ewropej, li sintendi huma twal u jiswew ħafna, jitlestew fil-ħin;

206. Jilqa' l-inizjattiva "Self obligatorju għall-finanzjament tal-proġetti" u jitlob lill-Kummissjoni tiżgura s-segwitu tal-effikaċja ta' dan l-istrument għdid u tal-effetti multiplikaturi tiegħu; Jaqbel għalkollox mal-proposta li EUR 10 000 000 000 mill-Fond ta' Koeżjoni jiġu allokati għall-infrastruttura tat-trasport permezz tal-Mekkaniżmu għall-Interkonnessjoni fl-Ewropa, bl-għan li l-politiki strutturali u ta' koeżjoni jsiru aktar effikaċi u jiżdied il-valur miżjud tagħhom; jitlob biex is-sistemi użati għall-ġestjoni u l-kontroll tal-użu ta' approprijazzjonijiet mill-Fondi ta' Koeżjoni jittejjbu, bl-għan li jkun hemm rata ta' użu xierqa u effikaċi tal-finanzjament;
207. Iħossu diżappuntat dwar ir-rata baxxa ta' użu tal-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet għas-sikurezza tat-trasport (65 %); jinnota li l-ammont speċifikat fil-baġit tas-sena 2010 kien dak li ġie propost fl-abbozz preliminari tal-baġit tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni biex tippovdi spjegazzjoni dettaljata dwar ir-rata baxxa ta' użu ta' dawn l-approprijazzjonijiet kif ukoll dwar il-miżuri li se tipprevedi biex jiġi żgurat li l-problema ma terġax tirrepeti ruħha;
208. Jilqa' ż-żieda fir-rata ta' użu tal-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet allokati għas-sigurtà tat-trasport u għad-drittijiet tal-passiġġieri kif ukoll għall-programm Marco Polo II; jinnota madankollu li 14 % tal-approprijazzjonijiet ta' dan il-programm ġew mgħoddija lil linji baġitarji oħra; jinnota li wħud mill-approprijazzjonijiet mill-linja baġitarja tal-programm SESAR ġew trasferiti wkoll, u jiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza ta' dan il-programm f'termini tat-tisħiħ tal-politika industrijali tal-Unjoni;
209. Jilqa' r-rata ta' użu tal-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-programmi EGNOS u GALILEO li żammet il-progress irreġistrat fl-2009; jenfasizza l-importanza tal-investiment f'dan is-settur, li għandu effett indirett fuq il-politiki kollha tal-Unjoni u b'mod partikolari, fuq is-setturi tal-loġistika, it-trasport sostenibbli u s-sikurezza tat-trasport; jilqa' t-tnedija b'suċċess tal-ewwel żewġ satelliti operattivi Galileo fl-21 ta' Ottubru 2011, li hu pass essenzjali lejn l-implimentazzjoni b'suċċess taż-żewġ programmi; jitlob li jittieħdu passi biex ikun żgurat li l-applikazzjonijiet u s-servizzi innovattivi appoġġati permezz ta' dawn il-programmi tat-trasport jiġu finanzjati, żviluppatti u implimentati kif jixraq, u jkunu vijabbli, bil-għan ta' massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-programmi;
210. Jinnota r-Rapport Speċjali bit-titlu "Il-proġetti tat-turiżmu kofinanzjati mill-FEŻR kienu effikaċi?", li jgħid li t-turiżmu hu l-akbar industria tas-servizz fl-Unjoni; jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li skontha l-parti l-kbira tal-proġetti taw riżultati fuq diversi livelli, fosthom il-ħolqien u ż-żamma tal-impjiegi, l-implimentazzjoni ta' kapaċità ta' akkoljenza jew ta' attività turistika; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni u l-kontroll tal-finanzjament tal-FEŻR għal proġetti tat-turiżmu u tagħmel użu mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona biex tippromponi programm multiannwali tat-turiżmu; b'linji baġitarji finanzjati kif jixraq;
211. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti tal-Awdituri esprimiet il-fehma li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport huma legali u regolari fl-aspetti sinifikattivi kollha; jinsab imħasseb dwar l-ammont ta' approprijazzjonijiet għall-impjenji trasferiti (14,5 %); jistieden lill-Kummissjoni tippovdi spjegazzjoni dettaljata dwar dawn l-impjenji trasferiti;
212. Jitlob li mal-baġit ta' kull sena jiġi meħmuż rapport speċjali dwar il-bilanċ pożittiv trasferit minn snin preċedenti, li jispjega għalfejn l-approprijazzjonijiet imsemmija ma ntużawx, u kif u meta se jintużaw;

Fehmiet minn perspettiva tal-politika għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

213. Jiddispaċiħ mit-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tal-impjenji fil-baġit għall-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (94,8 % fl-2010 meta mqabbel ma' 97,7 % fl-2009), kif ukoll mill-ftit tat-tnaqqis li seħħ fil-livell tal-implimentazzjoni tal-ħlasijiet (88,7 % fl-2010 meta mqabbel ma' 89,6 % fl-2009);
214. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li sar progress sinifikanti fit-tnaqqas tal-livell ta' kaċellazzjonijiet ta' ħlasijiet (minn 8,5 % fl-2009 għal 2,8 % fl-2010); jiddeplora ż-żieda fil-livell tat-trasferimenti (minn 1,9 % fl-2009 għal 8,5 % fl-2010) prinċipalment minħabba trasferimenti fil-Fond għall-Fruntieri Esterni, fil-Fond Ewropew għar-Ritorn u fis-SIS II; jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tnaqqas il-livell ta' trasferiment ta' ħlasijiet fil-baġit għall-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja;

215. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rati għolja ta' implimentazzjoni ta' tlieta mill-erba' Fondi ta' "Solidarjetà u għestjoni tal-flussi migratorji"; jieħu nota tal-ġustifikazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni għar-rata aktar baxxa ta' implimentazzjoni tal-Fond għall-Fruntieri Esterni, jiġifieri li l-programmi annwali tal-ħames pajjiżi li qed jipparteċipaw għall-ewwel darba fl-2010 f'dak il-Fond ma ġewx adottati fl-2010.

Fehmiet minn perspettiva tal-politika għall-Kultura u l-Edukazzjoni

216. Jilqa' l-isforzi biex jiġu simplifikati iktar il-proċeduri u titjeb l-aċċessibilità rigward il-programmi tal-edukazzjoni u l-kultura, u jinnota li fl-2010, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) kellha disponibbli formoli elettroniċi għall-biċċa l-kbira tal-azzjonijiet u l-programmi, partikolarment għall-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja, il-Programm ta' Kultura u l-Programm Ewropa għaċ-ċittadini; jinsab kuntent bl-użu mifruż ta' somom b'rata fissa u d-deċiżjonijiet tal-għoti; jenfasizza l-importanza li jinsab il-bilanċ korrett bejn il-proċeduri flessibbli u l-kontrolli meħtieġa;
217. Jiddispjaċih li l-kontrolli primarji għall-Programm ta' Tagħlim Tul il-Ħajja ma ġewx implimentati kompletament mill-aġenziji nazzjonali, ħaġa li wasslet għal nuqqas ta' użu adegwat tal-finanzjament għall-programmi, minħabba data ta' rappurtar mhux koerenti u n-nuqqas ta' twettiq fil-ħin tal-għadd minimu ta' kontrolli; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tiżgura li l-aġenziji nazzjonali kollha jwettqu r-responsabilitajiet tagħhom;
218. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Kummissjoni tejbet is-sistemi ta' kontroll tagħha u li l-qasam tal-politika dwar il-Kultura u edukazzjoni, bħala parti mill-grupp ta' politika dwar ir-Riċerka u Politiki Interni oħrajn' ma kellux żbalji materjali;
219. Hu kuntent bit-titjeb sinifikanti fid-dewmien tal-ħlasijiet, u jinnota b'sodisfazzjon li l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura għamlet 94 % tal-ħlasijiet tagħha fil-ħin; ifakkar li kwalunkwe dewmien fil-ħlasijiet jaffettwa direttament id-drittijiet tal-benefiċjarji, b'mod partikolari dawk tal-impreżi żgħira u ta' daqs medju, u konsegwentement is-suċċess tal-programmi; ifakkar, madankollu, li l-parti ewlenija ta' għotja għandha titħallas mill-iktar fis possibbli u, fi kwalunkwe każ, matul il-perjodu tas-sussidju, sabiex ma tiżdiedx id-dipendenza tal-organizzazzjonijiet fuq il-banek li japprovaw is-self, peress li l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura tqis li l-interessi mhumiex "eliġibbli";
220. Jinnota li l-Kummissjoni għamlet sejħa għal offeriti fuq netwerk tat-televiżjoni pan-Ewropew, kif previst fil-baġits għall-2009 u l-2010; jinsab, għalhekk, imħasseb ħafna li fl-2010, il-Kummissjoni ddeċidiet li twaqqaf il-proġett u tibda tonfoq flus fuq xi ħaġa oħra, mingħajr il-kunsens tal-Parlament u l-Kunsill; jitlob li jinkixfu l-kuntratti u r-rakkomandazzjonijiet kollha relatati man-netwerk tat-televiżjoni u l-evalwazzjonijiet li jsiru mill-kumitat tal-għażla;

Fehmiet minn perspettiva tal-politika għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza fl-ikel

221. Iqis sodisfaċenti r-rati globali ta' implimentazzjoni tal-intestaturi baġitarji għall-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza fl-ikel Iqis sodisfaċenti r-rati globali ta' implimentazzjoni tal-intestaturi baġitarji għall-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza fl-ikel ifakkar f'dan il-kuntest li 0,76 % tal-baġit tal-Unjoni biss huwa intiż għal dawk l-istrumenti ta' politika li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza fl-ikel;

L-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika

222. Jenfasizza r-rata globali ta' eżekuzzjoni ammontat għal 99,26 % fil-qasam tal-ambjent u l-azzjoni klimatika; jinnota, barra minn hekk, li l-implimentazzjoni tal-ħlasijiet kienet fil-livell ta' 84,1 %;
223. Jilqa' l-ksib ta' 99,4 % tal-implimentazzjoni tal-baġit operattiv tal-LIFE+; jinnota li fl-2010 is-somma ta' EUR 240 000 000 ġiet allokata għall-għotjiet tal-proġetti, is-somma ta' EUR 9 300 000 appoġġat attivitajiet operattivi tal-NGOs, is-somma ta' EUR 42 500 000 kienet użata għal miżuri intiżi li jappoġġaw lill-Kummissjoni fir-rwol tagħha ta' inizjattiva u ta' monitoraġġ tal-iżvilupp ta' politiki u ta' leġiżlazzjoni u s-somma ta' EUR 14 500 000 kienet użata għal appoġġ amministrattiv;

224. Jenfasizza d-differenza bejn l-allokazzjonijiet nazzjonali indikattivi u l-allokazzjonijiet finali għal kull Stat Membru tal-fondi LIFE + kif ukoll id-differenza fin-numru ta' proposti riċevuti minn Stati Membri differenti; jinkoraġġixxi għal darb oħra l-Kummissjoni fl-isforzi tagħha biex tipprovdi taħriġ annwali lill-awtoritajiet nazzjonali u biex torganizza seminars f'kull Stat Membru sabiex tipprovdi informazzjoni ġenerali dwar l-oġġettivi tal-LIFE + u dwar il-mod ta' kif tiġi preparata proposta b'riżultat pożittiv;
225. Jirrikonoxxi n-nuqqas ta' bażi legali biex jiġi implimentat il-Programm ta' Azzjoni tal-UE biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima; jilqa' t-trasferiment tal-ammont sħiħ ta' EUR 15 000 000 lill-faċilità finanzjarja fi ħdan l-Inizjattiva ta' Finanzjament għall-Enerġija Sostenibbli, ħalli jiġu żviluppati strumenti finanzjarji adatti biex jixprunaw sew il-proġetti ta' effiċjenza enerġetika u l-proġetti għall-isfruttament tas-sorsi rinovabbli tal-enerġija;
226. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet mill-Qorti tal-Awdituri dwar verifiki *ex post* li twettqu mill-Kummissjoni bl-użu ta' kriterji bbażati fuq ir-riskju mill-2006; jilqa' l-fatt li d-DĠ ENVI iddeċieda li jbidel il-metodoloġija tat-teħid ta' kampjuni fl-2011 sabiex ir-riżultati jkunu bbażati wkoll fuq kampjun fortuwitu li jkun jista' jiġi ġġeneralizzat aktar faċilment għall-proġett kollu;
227. Jilqa' l-pjan ta' azzjoni maħsub mid-DĠ CLIMA sabiex jittejjbu l-miżuri nazzjonali ta' sigurtà peress li dan ġie meqjus neċessarju wara li ġie identifikat nuqqas ta' sigurtà sinifikanti fir-reġistri nazzjonali tas-sistema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (ETS);
228. Jinnota li seba' proġetti pilota u azzjoni preparatorja waħda ġew implimentati fil-kuntest tal-baġit 2010;
229. Jenfasizza l-fatt li r-rata ta' implimentazzjoni tal-kontribuzzjonijiet għall-attivitajiet ambjentali internazzjonali, li huma maħsuba li jkopru l-kontribuzzjonijiet obbligatorji u volontarji għall-konvenzjonijiet, protokollu u ftehimiet internazzjonali huma suġġetti għal varjazzjonijiet tar-rata tal-kambju peress li l-biċċa l-kbira tal-kontribuzzjonijiet huma mħallsa b'dollari Amerikani;

Is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza fl-Ikel

230. Jilqa' r-rata ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet għall-impenji fil-qasam tas-saħħa pubblika ta' 99,7 % (bl-esklużjoni tal-appropriazzjonijiet maħsuba għall-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini); jinnota r-rata ta' eżekuzzjoni tal-appropriazzjonijiet għall-impenji ta' 95,3 % fil-qasam tas-sikurezza fl-ikel, is-saħħa tal-annimali u l-benessri tagħhom u s-saħħa tal-pjanti;
231. Jenfasizza l-importanza tal-programm ta' saħħa pubblika; jilqa', għalhekk, ir-rata ta' implimentazzjoni sodisfaċenti ta' kważi 100 % fl-appropriazzjonijiet għall-impenji; huwa konxju tar-rata ta' implimentazzjoni aktar baxxa fl-appropriazzjoniet għall-ħlasijiet (95,1 %) minħabba d-dewmien fit-talbiet għall-ħlas mill-benefiċjarji tal-għotja jew minħabba l-estensjoni ta' ftehimiet kuntrattwali;
232. Jenfasizza l-importanza li titkompla s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-effetti dannużi tal-konsum tat-tabakk; jikkunsidra li l-implimentazzjoni sħiħa tal-ammont disponibbli fl-2010 tikkostitwixxi suċċess għall-kampanja HELP;
233. Jieħu nota tal-osservazzjoniet mill-Qorti tal-Awdituri dwar l-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi li hija entità amministrattiva tal-Kummissjoni; jitlob lill-Aġenzija Eżekuttiva tnaqqas b'mod sinifikanti l-ammonti ttrasferiti mis-snin finanzjarji preċedenti billi tirrevedi l-istrumenti ta' pjanar u ta' rappurtaġġ baġitarji sabiex tirrispetta l-prinċipju tal-annwalità tal-baġit tal-Unjoni; ħa nota wkoll tar-rapport annwali tal-Kummissjoni dwar il-verifiki interni mwettqa fl-2010 u jinkoraġġixxi l-Aġenzija Eżekuttiva f'kooperazzjoni mad-DĠ sieħeb tagħha biex taħdem fuq il-kwistjonijiet indirizzati bħall-governanza u l-arkitettura tal-informatika;
234. Jieħu nota tal-livell ta' implimentazzjoni ta' 95,3 % għall-kapitolu baġitarju 17 04 — Is-sikurezza fl-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali u s-saħħa tal-pjanti; huwa konxju tal-fatt li l-implimentazzjoni sħiħa ma kinitx possibbli minħabba n-numru żgħir ta' tifqigħat ta' mard tal-annimali u b'hekk il-fondi ta' emerġenza ma ntefqux kompletament, kif kien previst, u, it-tieni nett, ma kienx hemm bżonn li jinxtara tilqim ta' emerġenza;

235. Josserva, fir-rigward tal-miżuri ta' qerda, li l-klejms tal-ispejjeż finali ppreżentati għall-ħlas mill-Istati Membri ħafna drabi kienu anqas mill-istima inizjali; jinnota wkoll li kien hemm bżonn ta' aktar awditjar minħabba r-rati ta' żbalji preċedenti u dan il-fatt ukoll dewwem l-eżekuzzjoni ta' ħlas f'dan il-qasam;
236. Jiddispjaċih bir-riżultati anqas pożittivi għall-ħlasijiet relatati mal-miżuri tas-saħħa tal-pjanti minħabba dewmien min-naħa tal-Istati Membri fil-preżentazzjoni tad-dokumenti meħtieġa jew minħabba li d-dokumentazzjoni kienet inkompleta; jitlob lill-Istati Membri jtejbu l-proċeduri f'dan ir-rigward;

Fehmiet minn perspettiva tal-politika għall-Affarijiet Barranin

237. Josserva li l-maġġoranza tal-iżbalji mhux kwantifikabbli identifikati mill-Qorti tal-Awdituri tirrigwarda żbalji fil-proċeduri ta' akkwist u fil-proroga ta' kuntratti; itenni, bi qbil mal-proċeduri preċedenti ta' kwittanza, it-tħassib tiegħu dwar il-vulnerabbiltà sinifikanti ta' dawn iż-żewġ setturi għall-frodi u għall-ġestjoni ħażina;
238. Jieħu nota tal-fatt li s-sistemi ta' superviżjoni u kontroll għall-politiki tal-Azzjoni Esterna, l-Iżvilupp u t-Tkabbir jitqiesu biss parzjalment effikaċi, u jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jieħdu u jimplementaw il-miżuri neċessarji kollha biex itejbu r-regolarità tal-ħlasijiet;
239. Ifakkar li r-riskji ewlenin marbuta mal-appoġġ għall-baġit (jiġifieri r-riskju relatat mal-grad ta' effikaċja tal-ghajjnuna kif ukoll ir-riskji ta' frodi u korruzzjoni) ma jidhrux fl-awditjar dwar id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja bir-reqqa dawn ir-riskji;
240. Iqis li, barra mill-isforzi mitluba bil-għan li tiżdied ir-regolarità tal-ħlasijiet, il-Kummissjoni għandha twettaq, għall-interventi kollha, valutazzjonijiet sistematiċi mill-perspettiva tal-proporzjon kostijiet-benefiċċji, kif rakkomandat mill-Qorti tal-Awdituri fir-rapport speċjali tagħha⁽⁵⁴⁾; jinsisti fuq il-bżonn li l-Parlament jinżamm informat, bħala fergħa tal-awtorità baġitarja, bir-riżultati ta' tali valutazzjonijiet, inkluż l-eżitu tal-valutazzjonijiet li jkopru l-attivitajiet PESK;
241. Jenfasizza, iżda, li l-proporzjon kostijiet-benefiċċji fih innifsu ma jistax jitqies dejjem bħala kriterju suffiċjenti biex jivvaluta l-adegwatezza tal-assistenza tal-Unjoni f'pajjiż terz; huwa tal-fehma anzi li għandha tittieħed f'kunsiderazzjoni l-effikaċja tal-ghajjnuna għal dak li jirrigwarda l-oġġettivi tal-politika barranija tal-Unjoni li teħtieġ tkun evalwata sistematikament u għandha tinkludi kriterji supplementari, bħal pereżempju l-interessi strateġiċi tal-Unjoni, il-bżonn li tkun preżenti fil-post jew l-implimentazzjoni ta' proġetti u azzjonijiet intiżi li jippromwovu l-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni;
242. Jaqbel mal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri skont liema diversi oqsma ta' assistenza tal-Unjoni jistgħu, f'xi każijiet, ikunu ottimizzati u l-impatt tal-assistenza miżjud permezz ta' koordinament aħjar mal-Istati Membri, li l-azzjoni esterna tagħhom ma għandhiex titqies f'kompetizzjoni iżda kumplementari; jappella għalhekk għal aktar sforzi għal dak li jirrigwarda l-koordinament tad-donaturi fi ħdan l-Unjoni, mal-pajjiżi terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali;

Fehmiet minn perspettiva tal-politika għal-Iżvilupp Reġjonali

243. Jinnota li l-eżekuzzjoni baġitarja kienet tajba għall-politika Reġjonali: tħallas l-ammont ta' EUR 30 557 000 000, u li l-parti l-kbira tal-ħlasijiet fl-2010 kienu relatati prinċipalment u għall-ewwel darba mal-implimentazzjoni tal-programmi 2007-2013 (ħlasijiet interim ta' EUR 25 550 000 000, meta mqabbla ma' EUR 9 420 000 000 fl-2009);

⁽⁵⁴⁾ Rapport Speċjali Nru 1/2011 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Id-devoluzzjoni tal-ġestjoni tal-Kummissjoni tal-ghajjnuna esterna mill-kwartieri ġenerali tagħha, irriżultat fi twassil tal-ghajjnuna mtejjeb?"

244. Jiddispijaċi li l-politika regionali kienet parti minn grupp b'tendenza għall-iżbalji, fost l-oqsma ta' politika tal-infiq tal-Unjoni, b'49 % tal-243 ħlas awditjati mill-Qorti tal-Awdituri milquta minn żbalji; josserva, mandankollu, li ċerti żbalji biss se jkollhom impatt finanzjarju u li l-frekwenza ta' 49 % hija anqas minn dik irreġistrata fil-perjodu 2000-2006; jenfasizza li r-rata ta' żbalji naqset meta mqabbla mar-rati ta' żbalji li nstabu fil-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw, permezz ta' ġestjoni konġunta, li jiġi rreġistrat tnaqqis konsistenti fir-rata ta' żbalji;
245. Ifakkar li żball iseħħ meta tranżazzjoni ma titwettaqx f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali u regolatorji, bil-konsegwenza li n-nefqa dikjarata (u rimborżata) issir irregolari; jinnota ukoll li żball mhux bilfors jimplika li l-fondi jkunu sparixxew, intilfu jew inħlew, u lanqas li tkun seħħet frodi;
246. Jinnota li n-nuqqas ta' konformità kemm mar-regoli tal-akkwist pubbliku u mar-regoli ta' eliġibbiltà jirrappreżenta proporzjon għoli tar-rata stmata ta' żbalji (31 % u 43 % rispettivament); jieħu nota, f'dan il-kuntest, tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li jiġu identifikati oqsma għal aktar simplifikazzjoni; jitlob, għalhekk, li jkunu analizzati l-bżonn li tissaħħa l-assistenza teknika, u fi kwalunkwe każ, il-bżonn li tinżamm il-kapaċità operattiva sħiħa tas-sorveljanza finanzjarja; jenfasizza l-bżonn li l-Kummissjoni tissimplifika ir-regoli sabiex tiżgura proċeduri aktar favur l-utent u ma tiskoraġġixxi lil benefiċjarji potenzjali milli jipparteċipaw fi proġetti; jistieden lill-Istati Membri jissimplifikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali tagħhom li spiss iżidu piż amministrattiv mhux meħtieġ mir-regoli tal-Unjoni; iqis, għalhekk, li jenħtieġu sforzi metikolużi biex din ir-rata ta' żbalji tkompli tinnaqqas;
247. Jiddispijaċi dwar in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja, b'mod partikolarifir-rigward tan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti regolatorji fit-tweittiq tal-kontribuzzjoni mill-programmi operattivi għall-fondi li jimplementaw tali strumenti, kif ukoll in-nuqqasijiet fir-rappurtar u r-rekwiżiti ta' verifika fis-seħħ; josserva li l-potenzjal tal-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja għandu jiġi żviluppat aktar ħalli jkun hemm lok għall-iżvilupp ta' proġetti strateġiċi kwalitattivi, il-parteċipazzjoni tal-atturi privati, speċjalment l-SMEs, u l-użu ta' kapital fil-proġetti tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tissimplifika r-regoli ta' dawn l-istrumenti, peress li l-kumplessità attwali tagħhom tillimita l-użu tagħhom; jirakkomanda analiżi aktar profonda ħalli jiġi evalwat l-effett reali ta' dawn l-istrumenti u l-linji gwida dwar l-implimentazzjoni; jistieden lill-Istati Membri jikkonformaw ruħhom mal-obbligi ta' rappurtar tagħhom;
248. Jinnota li, f'għadd kbir ta' tranżazzjonijiet milquta minn żbalji, l-awtoritajiet tal-Istati Membri kellhom biżżejjed informazzjoni biex jindunaw b'dan u japplikaw miżuri korrettivi qabel iċ-ċertifikazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tinforza mill-ġdid l-assistenza tagħha lill-Awtoritajiet ta' Ġestjoni, permezz ta' workshops immirati, noti ta' gwida, distribuzzjoni tal-aħjar Prattiki u taħriġ ta' uffiċjali responsabbli għall-ġestjoni, fid-dawl tal-fatt li l-parti l-kbira tal-iżbalji jseħħu fil-kontroll tal-ewwel livell; jinnota li għandu jiġi stabbilit il-monitoraġġ kostanti tat-trasferiment reali ta' miżuri ta' taħriġ immirati għall-Awtoritajiet ta' Ġestjoni sabiex ikun verifikat li l-għarfien qed jiġi verament trasferit, b'attenzjoni partikolari għal dak li jkun qed iseħħ fil-livell lokali; jitlob li jiġu stabbiliti mekkaniżmi korrettivi, inkluża l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet f'każijiet ċari ta' negliġenza;
249. Jilqa' l-ispejgazzjoni mill-Kummissjoni li tiddikjara, għall-ewwel darba, li l-maġġoranza kbira tal-iżbalji huma kkonċentriati biss fi tliet Stati Membri u fbosta programmi operattivi biss;

Fehmiet minn perspettiva tal-politika għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

250. Ifakkar lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Kummissjoni li, skont l-Artikolu 8 tat-TFUE, il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tikkostitwixxi prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea fl-attivitajiet kollha tagħha; jitlob għalhekk lill-Qorti tal-Awdituri tevalwa l-implimentazzjoni tal-baġit mill-perspettiva tal-ġeneru, meta dan ikun applikabbli;
251. Jiddispijaċi li r-rapport annwali ma fih l-ebda osservazzjoni mill-Qorti tal-Awdituri, u lanqas ma fih ristposti mill-Kummissjoni fir-rigward tan-nefqa relatata mal-ġeneru;

252. Jenfasizza li verifika tal-baġit li tinkludi l-perspettiva tal-ġeneru hija prerekwiżit għat-tħejjija ta' baġit tal-ġeneru b'dimensjoni tal-ġeneru, peress li tista' tiżvela l-effetti tan-nefqa fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi, u, b'mod partikolari, jekk l-irġiel u n-nisa jibbenefikawx min-nefqa b'mod proporzjonat, u jekk il-baġit għandux jiġi aġġustat sabiex jissodisfa aħjar il-bżonnijiet differenti tal-irġiel u tan-nisa;

Fehmiet minn perspettiva tal-politika għall-Kummerċ Internazzjonali

253. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-iżgurar ta' ħarsien effikaċi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni huwa marbut mal-ghajjnuna makrofinanzjarja; iqis neċessarju li l-Kummissjoni ttipprovi kontrolli adegwati u li l-Qorti tal-Awdituri ttipprovi awditjar xieraq fir-rigward ta' dan l-istrument;
254. Jenfasizza li, insegwitu tal-istrategġija Ghajjnuna għall-Kummerċ, il-fondi tal-Unjoni għandhom jintużaw b'mod effikaċi u skont ir-regoli u r-regolamenti fis-seħħ, bil-għan li tkun żgurata integrazzjoni aħjar tal-benefiċjarji fis-sistema tal-kummerċ dinji bbażata fuq ir-regoli u tkun promossal-querda tal-faqar;
255. Jenfasizza li ċ-ċentri kummerċjali tal-Unjoni fiċ-Ċina, fit-Tajlandja u fl-Indja għandhom ikunu appoġġati; fl-istess ħin, hu tal-fehma li għandu jkun hemm fis-seħħ kontrolli biżżejjed sabiex ikun garantit il-funzjonament tajjeb u effikaċi ta' dawn iċ-ċentri;

Fehmiet minn perspettiva tal-Politika għas-Sajd

256. Jinnota l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽⁵⁵⁾, kif ukoll ir-Rapport Annwali 2010 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit ⁽⁵⁶⁾; jenfasizza li dawn iż-żewġ rapporti ftit li xejn jagħmlu rimarki dwar il-qasam tal-affarijiet marittimi u s-sajd;
257. Jirringrazzja d-DĠ MARE għad-dokumenti addizzjonali trażmessi u jqis soddisfaċenti r-rati globali tal-implimentazzjoni tal-linji tal-baġit fil-qasam tal-affarijiet marittimi u s-sajd għall-2010;
258. Jenfasizza r-rata globali ta' implimentazzjoni tal-baġit għall-appropriazzjonijiet ta' impenn ta' 97,20 % u r-rata globali għall-appropriazzjonijiet ta' bbiltà ta' 79,23 %; jinnota, madanakollu, implimentazzjoni skarsa għall-kapitolu 11 02, is-swieq tas-sajd, u jinnota l-punti fl-ispjegazzjoni li tat il-Kummissjoni li tikkonċerna speċifikament l-implimentazzjoni tal-programmi tas-sajd għaż-żoni l-aktar imbiegħda;
259. Jinnota b'sodisfazzjon l-intenzjoni tad-DĠ MARE li ttejjeb l-implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet disponibbli għall-azzjonijiet kofinanzjati mal-Istati Membri u jħeġġeġ lis-servizzi kkonċernati tal-Kummissjoni jkomplu jsegwu din it-triq;
260. Jinnota l-isforzi li għamlet id-DĠ MARE fil-qasam tal-awditjar intern u jitlob lill-Kummissjoni tkompli timmaniġġja bl-aktar mod effikaċi u rapidu l-proġetti u l-fajls fit-totalità tagħhom;
261. Jinnota ż-żamma tar-riżerva tad-DĠ MARE fir-rigward tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll għall-programmi operattivi tal-SFGS (Strument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd) fil-Ġermanja - impjant tal-ikkundizzjonar; jinnota li dan huwa programm qadim u kumpless, li beda fl-2001, u jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi dan il-fajl malajr, filwaqt li tħares l-interessi tal-Unjoni;
262. Jilqa' l-fatt li d-DĠ MARE saħħet l-effikaċja tal-kontrolli fil-qasam tal-ftehimiet internazzjonali u l-fatt li ġie miftiehem li l-ħlasijiet strettament relattivi għall-aspett kummerċjali (EUR 104 017 795, jiġifieri 72 % tat-total) jiġu separati minn dawk relattivi għall-appoġġ fis-settur (EUR 40 211 849, jiġifieri 28 % tat-total);

⁽⁵⁵⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽⁵⁶⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 3.

263. Jenfasizza li huwa meħtieġ li jkun hemm monitoraġġ effikaċi tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Unjoni li jipprovdu appoġġ settorjali fil-kuntest tal-ftehimiet internazzjonali, permezz tal-użu ta' tabelli matriċi li jkunu l-aktar dettaljati possibbli; jenfasizza, barra minn hekk, li jeħtieġ li jsir appell biex il-proporzjon tal-appoġġ settorjali jiżdied; huwa ċert li fiż-żmien propizju l-parti kummerċjali tal-ftehimiet għandha tiġi kkundizzjonata għal appoġġ settorjali effikaċi, segwit b'mod adegwat u sostanzjali;
 264. Jitlob li jkun hemm konnessjoni akbar mal-politika tas-sajd, peress li r-rwol huwa wieħed leġiżlattiv u baġitarju, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mal-ftehimiet internazzjonali tas-sajd u l-laqgħat differenti relattivi (pereżempju, il-kumitati konġunti jew in-negozjati bilaterali ma' pajjiżi terzi);
 265. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri biex tfassal rapporti speċjali rigward l-oqsma prijoritarji tal-politika komuni tas-sajd bħala segwitu għall-proposti leġiżlattivi u l-komunikazzjonijiet diversi li jinsabu fil-pakkett ta' riforma ta' din tal-aħħar, inkluż fir-rigward tad-dimensjoni esterna tal-politika.
-

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar ir-Rapporti speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-kuntest tal-kwittanza tal-Kummissjoni 2010**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0256/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾, u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet bażiċi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni ⁽⁵⁾ u r-riżoluzzjoni tiegħu bil-kummenti li hi parti integrali minn dik id-Deċiżjoni,
 - wara li kkunsidra r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 (06081/1/2012 – C7-0053/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 76 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0102/2012),
- A. billi skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha teżegwixxi l-baġit u tamministra l-programmi u għandha tagħmel dan skont l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, fuq ir-responsabilità tagħha stess, b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba,

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0153 (Ara l-paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽⁶⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

- B. billi r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri jipprovdu informazzjoni dwar kwistjonijiet ta' tħassib dwar l-implimentazzjoni tal-fondi u huma għalhekk utli għall-Parlament fl-eżerċizzju tar-rwol tiegħu tal-awtorità ta' kwittanza,
- C. billi l-kummenti tiegħu dwar ir-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri jikkostitwixxu parti integrali tad-Deċiżjoni tiegħu msemmija hawn fuq tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni,

Parti I Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2010 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu “Verifika tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet”

1. Jilqa' favorevolment ir-Rapport Speċjali Nru 7/2010 dwar il-verifika tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet fl-ambitu tal-politika agrikola, minħabba r-rilevanza fundamentali għall-kwalità tal-informazzjoni li l-Kummissjoni tgħaddi lill-Parlament matul il-proċedura ta' kwittanza;
2. Iqis li l-konklużjoni ewlenija tar-Rapport Speċjali Nru 7/2010 tirrigwarda l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-korrezzjonijiet retrospettivi għall-kontijiet annwali permezz tad-deċiżjonijiet ta' konformità, minkejja li sadattant il-Parlament ikkonċeda l-kwittanza u minkejja r-relativizzazzjoni konsegwenti tal-informazzjoni pprovduta matul il-proċedura ta' kwittanza;
3. Huwa konxju mill-fatt li l-uniku rimedju sħiħ possibbli għas-sitwazzjoni jkun f' modifika tas-sistema ta' monitoraġġ fl-ambitu tal-politika agrikola, fattibbli biss permezz ta' żieda konsiderevoli tal-piżijiet fuq il-benefiċjarji tal-fondi u fuq l-awtoritajiet amministrattivi;
4. Jikkonċentra għalhekk ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu l-aktar fuq kif jista' jsir titjib fis-sistema eżistenti; jagħmel riferiment ukoll, bl-iskop li jivvaluta l-fattibilità reali ta' din is-sistema, għar-Rapport Speċjali Nru 8/2011 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu “Irkupri ta' pagamenti mhux dovuti taħt il-Politika Agrikola Komuni” u jisħaq fuq il-kritika espressa mill-Qorti tal-Awdituri rigward il-fatt li s-sistema, fit-totalità tagħha, ma tħallix lanqas li jiġu kwantifikati l-pagamenti mhux dovuti eżegwiti fl-ambitu tal-politika agrikola;
5. Jaqbel mat-talba tal-Qorti tal-Awdituri favur riforma tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-kontijiet intiża li:
 - tnaqqas it-tul ta' żmien tal-proċeduri ta' korrezzjoni finanzjarja billi jiġu stabbiliti skadenzi preċiżi u proċeduri ta' appell fuq diversi livelli,
 - tiġi stabbilita relazzjoni ċara bejn l-ammonti rkuprati u l-pagamenti illegali li fil-fatt saru u tiġi eskluża l-possibilità ta' “negozjati” dwar l-ammont tal-korrezzjonijiet finanzjarji, billi dan huwa rkupru reali tal-pagamenti li saru bi ksur tar-regolamenti u mhux “sanzjoni”;
6. Iqis li, biex tkun garantita l-kredibilità tal-proċedura annwali tal-kwittanza u jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, huwa fundamentali li titjeb is-sistema attwali, u jinsisti li matul il-proċedura tal-kwittanza l-Kummissjoni tipprovdi tagħrif dwar:
 - x'ammonti, oqasma u snin ta' nfiq għad jistgħu jkunu suġġetti għal proċeduri ta' awditjar u kemm-il korrezzjoni finanzjarja (f'termini ta' ċifri minimi u massimi) tista' ssir fir-rigward ta' liema Stati Membri;
 - liema deċiżjonijiet ta' konformità fil-fatt jirreferu għal liema snin finanzjarji u kif dawn id-deċiżjonijiet jimmodifikaw iċ-ċifri tas-snin finanzjarji li għalihom diġà nġat kwittanza,
 - stima eżatta tan-numru ta' korrezzjonijiet ta' konformità meħtieġa li ma sarux u n-numru tal-korrezzjonijiet ta' konformità li mhumx iktar possibbli li jsiru minħabba r-regola tal-24 xahar;

7. Jirrikonoxxi l-miżuri li l-Kummissjoni ħadet biex ittejjeb l-affidabilità tal-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet ta' spezzjoni tal-Istati Membri li tintuża fl-approvazzjoni tal-kontijiet; jiġbed l-attenzjoni għall-konklużjoni drammatika tal-Qorti tal-Awdituri, meta tafferma li dawn l-awtoritajiet, fil-maġġoranza tal-każijiet, mhumiex kapaċi jwettqu l-miżuri tal-Kummissjoni; jitlob għaldaqstant impenn ikbar min-naħa tal-Kummissjoni biex tħarreġ lill-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni takkumpanja b'mod strutturat u tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni bejn aġenziji tal-pagamenti u korpi taċ-ċertifikazzjoni permezz tan-netwerks u s-seminars tagħhom, ixxerred l-eżempji ta' prattiki tajba u tħejji, permezz tal-interpretazzjoni, soluzzjonijiet komuni għall-kwistjonijiet ġuridiċi; iqis indispensabbli li jitwettaq awditjar abbażi tar-riskju anki fir-rigward tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni;
8. Iqis li t-titjib ulterjuri tad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni maħruġa mid-diretturi tal-aġenziji tal-pagamenti u mill-korpi taċ-ċertifikazzjoni huwa miżura indispensabbli għall-promozzjoni tar-rendikont; jappella għal sistema ta' kumpens għad-dikjarazzjonijiet korretti u sanzjonijiet għad-dikjarazzjonijiet ineżatti, partikolarment fil-każ ta' żbalji sistematiċi identifikati li ma ġewx iddikjarati minn qabel;
9. Jitlob fluss sistematiku ta' informazzjoni mill-amministrazzjonijiet eżekuttivi fl-aktar livell baxx lejn il-Kummissjoni, bil-għan li jippermettu li jitqiesu d-diffikultajiet esperjenzati fil-post fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni semplifikata u l-interpretazzjoni tagħha; jistieden lill-Kummissjoni tiggarrantixxi li l-uffiċjali tal-aġenziji tal-pagamenti nazzjonali u tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni ma jkunux penalizzati mill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom u mid-diretturi tagħhom talli rapportaw korrezzjonijiet lill-Kummissjoni;
10. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi lill-aġenziji tal-pagamenti u lill-korpi taċ-ċertifikazzjoni meta jkun hemm tibdil rapidu tal-persunal f'awditjar ibbażat fuq ir-riskji u tinkludi komunikazzjoni lill-awtorità ta' kwittanza fir-rapport annwali ta' attività; jinsisti li ssir analiżi tal-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni u li l-awtorità ta' kwittanza tkun infurmata dwar ir-rata ta' żball għal kull Stat Membru, bl-indikazzjoni tal-kawżi prinċipali tal-iżbalji;
11. Jappella għal rieżami tal-proċeduri li jintużaw għad-deċiżjonijiet ta' konformità, u biex il-grupp ta' esperti jibda ħidmietu iktar malajr bl-għan tal-konċiljazzjoni u ta' użu mmirat tal-konċiljazzjoni nnifisha;
12. Jirakkomanda li ċ-ċifri msemmijin fil-punt 6 jiġu inkorporati fit-taqsimha speċjali tar-riżoluzzjoni annwali dwar il-kwittanza u sottoposti għall-votazzjoni fil-plenarja;

Parti II Ir-Rapport Speċjali Nru 13/2010 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "L-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija l-Ġdid (ENPI) ġie varat b'suċċess u qiegħed jilħaq ir-riżultati fil-Kawkasu tan-Nofsinhar (l-Armenja, l-Azerbajġan u l-Ġeorġja)?"

13. Jilqa' pożittivament l-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri u r-rakkomandazzjonijiet li fih; jesprimi t-tħassib serju tiegħu għar-riżultati tal-awditjar, li jiżvelaw problemi gravi fl-implimentazzjoni tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) min-naħa tal-Kummissjoni;
14. Jinsab inkwetat ħafna bid-dgħufijiet fil-proċeduri ta' programmazzjoni żvelati mill-awditjar; jistieden lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, billi tirrazzjonalizza l-proċeduri, issaħħaħ ir-rabtiet bejn id-dokumenti ta' programmazzjoni strateġiċi (pjanijiet ta' azzjoni tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, Dokumenti ta' Strateġija għall-Pajjiż u Programmi Indikattivi Nazzjonali) u trendi ż-żmien tad-dokumenti aktar koerenti, bl-għan primarju li toffri lill-pajjiżi ġirien il-prospettiva ta' relazzjoni dejjem eqreb mal-Unjoni Ewropea;
15. Iqis bħala inaċċettabbli l-mod li bih il-Kummissjoni tirrikorri għall-appoġġ għall-baġit fl-ambitu tal-ENPI, billi tikkunsidrah bħala l-modalità ta' għajjnuna preferuta għat-tliet pajjiżi, fin-nuqqas ta' valutazzjoni dettaljata rigward l-effikaċja tal-istrumenti għad-dispożizzjoni; jenfasizza f'dan il-kuntest li l-appoġġ settorjali għall-baġit spiss huwa marbut ma' viżibilità skarsa u ma' motivazzjoni okkażjonali

min-naħa tal-gvernijiet u jesprimi tħassib kbir rigward il-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-idoneità ta' qasam għall-użu tal-appoġġ settorjali għall-baġit saret fattur importanti għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-ghajjnuna fil-programmi ta' azzjoni annwali għall-2007; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssegwi r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li tagħżel b'mod aktar selettiv l-appoġġ settorjali għall-baġit billi tqis l-għażliet disponibbli kollha fl-ENPI u tiżviluppa użu aktar ibbilanċjat tal-istrumenti differenti; jenfasisza l-bżonn li jiżied l-aċċess tal-NGOs u tas-settur privat tal-pajjiżi benefiċjarji għall-assistenza pprovduta;

16. Jinsab imħasseb bis-sejbiet tal-awditjar li l-programmazzjoni u t-fassil tal-assistenza ma kinux iggwidati biżżejjed minn djalogu strutturat mal-pajjiżi benefiċjarji, billi d-djalogu tmexxa prinċipalment mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni u l-iskambju dirett ta' opinjonijiet ġie limitat għal ftit ġranet ta' missjonijiet fil-post u mingħajr ma jintwera biċ-ċar fir-rapporti dak li ġie diskuss; huwa tal-fehma li l-offerta ta' appoġġ baġitarju settorjali lil pajjiżi produttur u esportatur taż-żejt, biex jagħmel użu ikbar ta' sorsi enerġetiċi rinnovabbli, ċertament ma setgħetx kienet motivazzjoni b'saħħitha għall-gvern; jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-provvedimenti meħtieġa biex issaħħaħ dan id-djalogu;
17. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jikkunsidraw ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri biex jipprevedu biżżejjed persunal, anki fil-post, fosthom esperti fil-qasam ta' appoġġ għall-baġit, u biex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-qafas ġenerali tal-amministrazzjoni pubblika fil-pajjiżi benefiċjarji permezz ta' miżuri komplementari għall-istrument tal-Ġemellaġġ;
18. Jilqa' l-programm pilota implimentat mill-Kummissjoni, li jimplika monitoraġġ immirat lejn ir-riżultati u li huwa espressament infassal għall-operazzjonijiet tal-Programm ta' Appoġġ għall-Politika Settorjali u jistenna rapport ta' evalwazzjoni tal-valur miżjud rikonoxxut fit-tliet pajjiżi;

Parti III Ir-Rapport Speċjali Nru 14/2010 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "Il-ġestjoni tal-Kummissjoni tas-sistema tal-kontrolli veterinarji għal importazzjonijiet tal-laħam wara r-riformi fil-leġiżlazzjoni tal-igiene tal-2004"

19. Jilqa' r-rapport speċjali tal-Qorti tal-Awdituri, ir-risposta tal-Kummissjoni u r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-effettività u l-konsistenza tal-kontrolli sanitarji u fitosanitarji fuq l-importazzjonijiet ta' ikel, għalf, annimali u pjanti (COM(2010) 785);
20. Jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri għall-ottimizzazzjoni tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kompetenzi tagħha ta' superviżjoni u koordinament;
21. Jappella, b'mod partikolari, għal titjib fl-oqsma li ġejjin, bħala kontribuzzjoni biex tiżdied is-sikurezza fl-ikel fl-importazzjonijiet tal-laħam u b'hekk titjeb il-protezzjoni taċ-ċittadini Ewropej mill-importazzjonijiet tal-ikel mhux sikuri, mingħajr ma jiġu traskurati r-rakkomandazzjonijiet mhux espliċitament imsemmija fl-ittri (a) sa (e):
 - (a) fir-rigward tal-ewwel rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kummissjoni hija mitluba tistinka biex twitti t-trattamenti differenti tal-Istati Membri fil-pajjiżi terzi, kif ukoll tieħu azzjoni kontra l-iżvantaġġi kompetittivi diskriminatorji li jirriżultaw;
 - (b) fir-rigward tat-tielet rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kummissjoni hija mitluba tagħti istruzzjonijiet lill-Istati Membri sabiex jużaw b'aktar effikaċja s-sistemi informattivi eżistenti u jintegrawhom aktar flimkien, sabiex jiġi garantit koordinament aħjar bejn il-postijiet tal-ispezzjoni fuq il-fruntiera (PIF) u l-awtoritajiet doganali;

- (c) fir-rigward tar-raba' rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kummissjoni hija mitluba toffri assistenza lill-Istati Membri bl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali ta' monitoraġġ u kontroll; huwa tal-fehma li, huwa u jżomm f'kunsiderazzjoni dovuta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, għandu jkun stabbilit sett bażiku ta' tipi ta' analiżijiet li jkopru l-iskoperta ta' kategoriji komuni ta' residwi ormonali (fosthom l-anaboliċi), il-kontaminanti ambjentali (dijossini u metalli tqal) eċċ. u l-applikazzjoni tagħhom għandha tkun obbligatorja; iqis li, bħala l-ewwel pass, jista' jingħata bidu għal sensibilizzazzjoni permezz tal-programm "għat-Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel" (BTSF) bil-għan li jiġu sensibilizzati f'dan is-sens l-awtoritajiet ta' kompetenza tal-Istati Membri; iqis li l-monitoraġġ tal-konformità mad-dispożizzjonijiet dwar il-ħlasijiet għandu jkun objettiv ieħor;
- (d) fir-rigward tas-seba' rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kummissjoni hija mitluba tippreżenta proposta lill-Parlament u lill-Kunsill li tippermetti li jittieħdu azzjonijiet legali kontra l-Istati Membri li jiksru b'mod regolari u għal perjodu twil ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 ⁽¹⁾, u b'hekk jikkompromettu s-sikurezza taċ-ċittadini Ewropej;
- (e) fir-rigward tat-tmien rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri, il-Kummissjoni hija mitluba tarmozza l-implimentazzjoni tal-kontrolli msaħħa u tidentifika formulazzjoni preċiża u ċara tar-regoli li jirregolaw il-kontrolli msaħħa fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera; il-Kummissjoni hija wkoll mitluba tqis il-possibilità li tippreskrivi lill-Istati Membri ċertu numru ta' testijiet ta' laboratorju fl-ambitu tal-kontrolli tal-merkanzija fil-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera;
22. Josserva li l-produtturi Ewropej ta' laħam u ikel iridu jirrispettaw standards produttivi u kwalitattivi rigorużi; huwa mħasseb ħafna bil-fatt li dawn l-istandards produttivi ma japplikawx għall-produtturi tal-pajjiżi terzi li jespertaw lejn l-Unjoni, kif ikkonstatat ukoll il-Qorti tal-Awdituri; jitolb lill-Kummissjoni tittratta din il-kwistjoni u tressaq immedjatament proposti lill-Parlament u lill-Kunsill dwar modi xierqa biex jittaffew l-impatti negattivi li jirriżultaw fuq il-kompetittività tal-produtturi Ewropej tal-laħam u tal-ikel;
- Parti IV Ir-Rapport Speċjali Nru 1/2011 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "Id-devoluzzjoni tal-ġestjoni tal-Kummissjoni tal-ġhajna esterna mill-kwartieri ġenerali tagħha rriżultat fi twassil tal-ġhajna mtejjeb?"**
23. Jilqa' r-rapport komprensiv ħafna u analitiku mħejji mill-Qorti tal-Awdituri, kif ukoll iż-żmien eċċelenti li fih saret il-valutazzjoni tar-riżultati tad-devoluzzjoni;
24. Jappoġġa s-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri li d-devoluzzjoni wasslet b'mod ċar għal żieda fil-ħeffa li biha jinkisbu riżultati, titjib fil-kwalità u ġestjoni finanzjarja mtejjba tal-ġhajna;
25. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tintegra l-kriterji u ssaħħaħ il-proċeduri għall-valutazzjoni tal-kwalità tal-proġetti ffinanzjati biex iżżid il-kwalità tal-ġhajna u tkompli tnaqqas in-numru tal-proġetti li ma jiksbox riżultati tajbin; jenfasizza li l-impatt tal-infiq fuq ġhajna huwa ta' importanza fundamentali għall-Parlament;
26. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra l-promozzjoni tal-konsultazzjonijiet lokali, fejn ikun possibbli, meta tiddeċiedi dwar proġetti ta' ġhajna u meta tissorvelja l-progress tagħhom;
27. Jistenna li l-Kummissjoni tieħu l-miżuri kollha neċessarji biex tegħleb id-dgħufijiet tas-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll, notevolment fil-livell tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni;

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-ġhalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

28. Jesprimi tħassib dwar il-problemi persistenti bil-persunal involut fil-politiki tal-għajnuna; iqis li r-rata għolja ta' tibdil tal-persunal fid-DĠ għall-Iżvilupp u Kooperazzjoni – EuropeAid kif ukoll għadd mhux biżżejjed ta' persunal bi kwalifiki xierqa fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għandu jiġi ttrattat mingħajr dewmien; huwa tal-fehma li, meta meħtieġ, il-Kummissjoni għandha tikkoopera mas-SEAE bil-għan li tiżgura, fi ħdan id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, kapaċità adegwata ta' riżorsi umani għall-ġestjoni tal-għajnuna; jistenna mill-Kummissjoni rapport dettaljat sa tmiem l-2012, li fih jiġu ppjanati u introdotti miżuri biex jegħlbu dawn in-nuqqasijiet
29. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tirrikjedi li d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jwettqu sistematikament żjarat ta' sorveljanza teknika u finanzjarja fejn isiru l-proġetti u tikkonċentra s-sistema ta' rappurtar intern iktar fuq ir-riżultati miksuba mill-interventi ta' għajnuna;
30. Jistieden lill-Kummissjoni, bil-parteċipazzjoni attiva tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, tanalizza u tidentifika possibilitajiet ta' inċentivazzjoni tal-programmi ta' għajnuna fil-pajjiżi sħab bl-involvement tal-Bank Ewropew tal-Investment kif ukoll tal-istituzzjonijiet nazzjonali u internazzjonali Ewropej li jiffinanzjaw l-iżvilupp;

Parti V Ir-Rapport Speċjali Nru 2/2011 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu “Segwitu tar-Rapport Speċjali Nru 1/2005 dwar il-ġestjoni tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi”

31. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni timplimenta bla aktar dewmien ir-rakkomandazzjonijiet ifformulati fir-Rapport Speċjali Nru 1/2005, billi sal-lum żewġ rakkomandazzjonijiet biss mill-erbatax aċċettati mill-Kummissjoni ġew implimentati bis-sħiħ; jistenna li jinżamm infurmat bis-sħiħ dwar il-progress li jsir fl-implimentazzjoni tat-tnax-il rakkomandazzjoni pendenti;
32. Jilqa' l-fatt li l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jirrikorri aktar għas-setgħat investigattivi tiegħu, pereżempju billi jwettaq kontrolli fil-post u intervisti jew billi jikkonċentra fuq il-każijiet l-aktar gravi u kumplessi; japprezza l-użu aħjar tas-sistema elettronika ta' ġestjoni tal-każijiet tal-OLAF u l-introduzzjoni tas-sistema ta' ġestjoni tal-ħin, jiddispijaċih, iżda, tal-fatt li t-tul ta' żmien medju tal-każijiet jibqa' 'l fuq minn sentejn u li fl-2009 l-attività investigattiva rrappreżentat biss 37 % ta' ħin l-OLAF kollu kemm hu;
33. Jistieden lill-OLAF itejjeb il-ġestjoni tal-ħin b'tali mod li jggarantixxi allokkazzjoni aħjar tal-kompiti, bil-għan li jitnaqqas iż-żmien iddedikat għall-kompiti tat-tip mhux investigattiv; huwa interessat jara r-riżultati reali tal-attivitàjiet mhux investigattivi mwettqa, li jikkorrispondu għal 63 % tal-ħin totali;
34. Josserva li, skont il-Figura 2 tar-Rapport Speċjali tal-Qorti Nru 2/2011, l-aspett marbut ma' “objettivi ċari u ppjanar” jirriżulta dak l-aktar dgħajef matul investigazzjoni; jirakkomanda għall-ġejjieni li jiġu stabbiliti b'mod xieraq objettivi ċari għal kull investigazzjoni billi jitqies il-fatt li l-bażi ta' kull investigazzjoni u l-ippjanar tar-riżorsi huma objettivi ċari;
35. Jirrimarka li, skont ir-Rapport Speċjali Nru 2/2011, “għad ma hemmx kontroll indipendenti dwar il-legalità ta' atti investigattivi li għadhom għaddejnin u lanqas ma hemm kodiċi li jggarantixxi li l-atti investigattivi jsegwu kors li huwa prevedibbli” minkejja l-avviżi ripetuti tal-OLAF fl-imgħoddi; jinnota barra minn hekk li minkejja r-rieda espliċita, espressa mill-Kummissjoni fil-proposta emendata għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1073/1999 (COM(2011) 135), li tintroduċi proċedura ta' revizzjoni, din mhijiex soluzzjoni li tista' tkun ekwiparata ma' kontroll indipendenti tal-legalità tal-investigazzjoni individwali, u tirriżulta saħansitra aktar dgħajfa f'dan ir-rigward mill-proposta inizjali; ifakkar li din hija talba fundamentali anki fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea; iqis, għaldaqstant, li huwa indispensabbli li jiġi garantit tali mekkaniżmu ta' kontroll, mhux biss għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni u tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati, iżda wkoll għall-ħarsien tad-drittijiet tal-investigaturi tal-OLAF mill-azzjonijiet ġudizzjarji inizjati minn dawk il-persuni jew minn dawk l-operaturi ekonomiċi; jenfasizza l-bżonn ta' mandat ċar għall-OLAF, anki fir-rigward tal-istituzzjonijiet l-oħrajn tal-Unjoni;

36. Jikkondividi l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-bżonn ta' dokument komprensiv uniku li jirrifletti b'mod ċar il-prestazzjoni tal-OLAF f'diversi setturi, u jippermetti li jitkejjel il-progress sena wara sena; jenfasizza l-importanza li ssir distinzjoni bejn ir-rapporti mfassla għal użu pubbliku u dawk imfassla għal użu intern; huwa tal-fehma li rapport dettaljat għad-dispożizzjoni tal-pubbliku huwa ta' importanza enormi, għaliex dan ikun jippermetti tqabbil affidabbli tal-prestazzjoni tal-OLAF f'termini ta' żmien u bejn diversi setturi;
37. Jiddispijaċih mill-fatt li mhux dejjem hu possibbli li jiġu evalwati r-riżultati tal-attivitajiet tal-OLAF, peress li l-informazzjoni hija ppreżentata f'dokumenti differenti abbozzati għal skopijiet diversi u indirizzati lil destinatari differenti; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi sistema għat-tixrid ta' informazzjoni li hija unifikata, ċara u komparabbli u li tippermetti evalwazzjoni sħiħa u oġġettiva tal-attivitajiet tal-OLAF;
38. Jenfasizza li mill-2004 ż-żmien iddedikat lill-valutazzjoni tal-informazzjoni rċevuta rdoppja, minn 3,5 xhur għal 7,1; huwa tal-fehma li l-fażi tal-valutazzjoni inizjali għandha tkun limitata biex turi jew tirrifjuta l-veridicità tal-allegazzjonijiet li jinsabu fl-informazzjoni inizjali; huwa tal-fehma li t-twerttiq ta' attivitajiet investigattivi matul il-fażi ta' valutazzjoni inizjali, li bħala konsegwenza mhux biss jikkawża inċertezza ġuridika, iżda jgħawweġ l-istatistika dwar l-aspetti differenti tal-investigazzjonijiet, għandu jiġi evitat; jissuġġerixxi li jingħata bidu għal investigazzjoni bl-użu tal-possibilitajiet investigattivi disponibbli jekk l-informazzjoni, miġbura matul il-valutazzjoni inizjali u bl-istrumenti ġuridiċi għad-dispożizzjoni fil-fażi msemmija, ma tippermettix lill-OLAF jiddeċiedi jekk jiftaħx każ jew le;
39. Jaqbel mal-Qorti li perjodi iqsar ta' investigazzjonijiet u li rapporti finali ta' kwalità aħjar jistgħu jikkontribwixxu għal sistema ta' sanzjoni aktar effettiva li tippermetti li jkun hemm proċeduri ta' rkupru, proċeduri dixxiplinari jew kriminali;
40. Jiddispijaċih mill-fatt li, minkejja l-ftehim ta' kooperazzjoni ffirmat fl-2008 bejn l-OLAF u Eurojust, li skontu l-OLAF huwa obligat jinnotifika lill-Eurojust dwar kull każ ta' frodi ssuspettat fost l-operaturi ekonomiċi f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-OLAF bagħat lill-Eurojust tali notifika f'ħames każijiet biss fl-2008 u f'każ wieħed biss fl-2009, numri li juru li l-kooperazzjoni bejn iż-żewġ awtoritajiet mhijiex qed taħdem, u jitlob li jittieħdu l-miżuri kollha sabiex tiġi intensifikata l-attività f'dan il-qasam;
41. Iħeġġeġ lill-OLAF isaħħaħ ulterjorment il-kooperazzjoni mal-Istati Membri fuq bażi ġuridika soda; jappoġġa f'dan ir-rigward l-idea ta' konsolidament ulterjuri tad-diversi bażijiet ġuridiċi attwali bl-iskop li tissaħħaħ il-kooperazzjoni; jaqbel mal-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri biex jiġu konklużi ftehimiet mas-servizzi investigattivi nazzjonali f'każ ta' nuqqas ta' leġiżlazzjoni speċifika sabiex jiġu ċċarati r-regoli dettaljati dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni;

Parti VI Ir-Rapport Speċjali Nru 3/2011 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "L-effiċjenza u l-effettività tal-kontribuzzjonijiet tal-UE mwassla permezz ta' Organizzazzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti f'pajjiżi milquta minn kunflitti"

42. Jilqa' pożittivament ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri u jappoġġa l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet preżentati mill-Qorti;
43. Japprezza l-fatt li l-ħidma man-Nazzjonijiet Uniti (NU) tippermetti lill-Kummissjoni tasal f'reġjuni tad-dinja fejn inkella ma tkunx tista' tasal waħedha; huwa konxju mir-riskju inerenti għoli involut mat-twassil tal-għajnuna f'reġjuni milquta mill-kunflitti; huwa, madankollu, imħasseb dwar id-dgħufijiet identifikati fir-rigward tal-effiċjenza tal-proġetti u d-dewmien fit-tlestija tagħhom; jilqa' favorevolment id-deċiżjonijiet reċenti tal-Bordijiet Eżekuttivi ta' Unicef, UNDP, UNOPS u UNFPA li jiddivulgaw lill-Kummissjoni r-rapporti ta' awditjar intern;
44. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarrantixxi t-trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-fondi tal-Unjoni li ntefqu min-NU fl-ambitu tal-proċedura tal-baġit annwali, tippjana aħjar in-nefqa man-NU u taċċelera l-proċeduri interni tagħha biex tilħaq riżultati aktar malajr;

45. Huwa tal-fehma li l-monitoraġġ korrett jiddependi inevitabbilment minn rappurtar adegwat; huwa serjament imħasseb bil-fatt li r-rappurtar għadu inadegwat minkejja l-bosta appelli biex titjeb is-sitwazzjoni min-naħa tal-Parlament f'riżoluzzjonijiet tal-kwittanza suċċessivi u l-bosta impenji meħuda mill-Kummissjoni u mill-aġenziji tan-NU biex jimplementaw malajr il-miżuri meħtieġa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta lill-Parlament, sa mhux aktar tard mit-tmiem ta' Marzu 2012, pjan ta' azzjoni bi stadji kuntrattwali ċari, maħsuba speċifikament bil-għan li jtejbju drastikament is-sistema ta' rappurtar għall-proġetti u l-programmi kollha ffinanzjati permezz tal-modalità tal-ġestjoni konġunta u ddelegati lill-aġenziji tan-NU;
46. Jistieden, fl-ambitu ta' proġetti ffinanzjati b'donaturi oħrajn permezz tal-Fond Fiduċjarju minn bosta donaturi, lill-Kummissjoni tkun taf il-perċentwal eżatt tal-proġett li jiġi ffinanzjat; huwa tal-opinjoni li sabiex ikun hemm mekkaniżmi ta' kontroll aħjar, il-flus għandhom ikunu ġestiti f'kont separat; jemmen li jekk l-ispeċifikazzjonijiet tal-proġett mhumiex sodisfaċenti, il-Kummissjoni trid ikollha l-possibilità li tirrifjuta l-proġett u dan japplika bl-istess mod f'każ li r-rappreżentanti tal-Unjoni ma jkunux involuti biżżejjed fil-perjodu ta' pplanar tal-programm;
47. Jikkondividi l-istess fehma bħall-Qorti tal-Awdituri li l-kontrolli tal-Kummissjoni dwar il-legalità u r-regolarità għandhom jiġu kkomplementati minn kontrolli adegwati dwar l-effikaċja u l-effiċjenza tal-proġetti; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni tiddefinixxi, flimkien mas-SEAE, objettivi ċari li jistgħu jitkejlu u tistabbilixxi miżuri ta' kontroll adegwati; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza li tinkiseb assigurazzjoni raġonevoli min-naħa tas-sieħba li jimplementaw; ifakkar li l-Parlament talab dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni mis-sieħba li jimplementaw u jinsisti fuq din it-talba; jitlob lill-Kummissjoni tifformalizza dawn id-dikjarazzjonijiet u tqegħedhom għad-dispożizzjoni tal-Parlament matul il-proċedura ta' kwittanza; jaqbel mar-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni biex jitwettqu kontrolli *ex ante* tal-pagamenti u tal-ftehimiet kuntrattwali sabiex tiġi aċċertata l-eliġibilità tal-ispejjeż proposti u dawk pretiżi; jinsisti li d-diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu ddokumentati fil-fajl; jenfasizza l-opinjoni tal-IAS li l-ispejjeż amministrattivi addizzjonali u spejjeż indiretti oħra pretiżi min-NU u mħallsa mill-Unjoni għandhom jiġu ddokumentati u ġġustifikati sew;
48. Jappoġġa l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri li għandhom jiġu valutati skadenzi realistiki għall-proġetti abbażi ta' ċerti ċirkostanzi bil-għan li tiġi evitata splużjoni taż-żmien u tal-ispejjeż, kif previst fil-Ftehim Qafas Finanzjarju u Amministrattiv bejn il-Komunità Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti (FAFA); ifakkar lill-Kummissjoni fir-responsabilità finali tagħha fil-qasam tal-implimentazzjoni tal-baġit; jitlob lill-Kummissjoni taġġorna lill-Parlament dwar l-użu tal-linji gwida riveduti Unjoni-NU dwar ir-rappurtar;
49. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika mekkaniżmu ta' tqabbil tal-ispejjeż biex jiġu identifikati u evitati fatturi eċċessivi u jiġu rifutati spejjeż indiretti addizzjonali li jirriżultaw minn subappaltar, li l-Qorti tal-Awdituri identifikat f'żewġ każijiet; jitlob lill-Kummissjoni twestaq investigazzjonijiet konġunti flimkien man-NU f'każ li jkun hemm dubji dwar il-kredibilità tal-proġetti;
50. Jiddispijaċih għall-fatt li huma biss ftit dawk il-proġetti eżaminati li jikkonċernaw il-Fondi Fiduċjarji minn bosta donaturi; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tippubblika rapport speċjali li jikkonċentra biss fuq il-ġestjoni ta' Fondi Fiduċjarji minn bosta donaturi;
51. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tinforma lill-Parlament f'każ ta' diffikultajiet kontinwi biex jinkiseb aċċess sħiħ għad-dokumenti ta' ħidma tal-awdituri tan-NU abbażi tal-ftehim FAFA; ifakkar li l-Parlament talab il-konċessjoni ta' tali aċċess; jitlob lill-Kummissjoni, f'każ li s-servizzi tagħha jibqgħu ma jkollhomx biżżejjed aċċess għal dawn id-dokumenti, tirtira l-pagamenti futuri fir-rigward tal-fajls korrispondenti, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tar-Regolament Finanzjarju li jintużaw f'każ ta' nuqqas ta' ġustifikazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni, fl-ambitu tal-eżerċizzju ta' kwittanza li jmiss, tirrapporta lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, abbażi tal-iżvolġiment tas-sitwazzjoni, kemm dwar l-aċċess għar-rapport tal-awditjar kif ukoll dwar il-kwalità tar-rappurtar; jitlob lill-Kummissjoni tastjeni milli tiddelega proġetti u programmi ġodda lill-aġenziji tan-NU f'każ li dawn il-miżuri ma jiġux implimentati;

Parti VII Ir-Rapport Speċjali Nru 4/2011 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "Il-verifika tal-Faċilità ta' Garanzija għall-SMEs"

52. Jilqa' pożittivament ir-Rapport Speċjali bħala l-ewwel analiżi ta' strument finanzjarju min-naħa tal-Qorti tal-Awdituri; josserva li l-faċilità ta' Garanzija għall-SMEs (faċilità SMEG) hija kkunsidrata l-aktar programm ta' suċċess mill-programmi kollha tal-UE bi strumenti finanzjarji; jistenna d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar jekk kienu hemm modifika tal-effett multiplikatur 1:10 tal-istrument finanzjarju stabbilit fl-2009, kif ukoll tar-rata ta' telf ta' madwar 0,045 % osservat mill-Qorti fi tmiem l-2009;
53. Jagħraf l-utilità tal-faċilità SMEG, minkejja l-kritika ġustifikata tal-Qorti tal-Awdituri dwar in-nuqqas ta' prova ta' valur miżjud tal-Unjoni u s-sinifikat purament lokali tal-appoġġ lill-impreżi tal-artiġjanat u l-ħwienet bl-immnut; jissuġġerixxi li, minħabba l-importanza tal-SMEs għall-istruttura ekonomika tal-Istati Membri u l-Unjoni kollha, jiġu ppreżentati t-13-il pajjiż koperti mill-programm u r-riżultati tagħhom jiġu analizzati, b'tali mod li minnhom jistgħu jinsiltu konklużjonijiet għal orjentament aktar preċiż tal-faċilità SMEG;
54. Jistenna li l-Kummissjoni tiddiskuti u ssolvi b'mod kredibbli l-kwistjoni tal-valur miżjud tal-Unjoni u t-telf nett, billi l-intervent Ewropew ma jstax ikun limitat li jkollu, bħala objettiv, il-ħolqien ta' strutturi għall-intervent nazzjonali jew is-sostituzzjoni tiegħu; jikkunsidra bħala serji l-kritika fundamentali tal-Qorti tal-Awdituri lill-faċilità SMEG u t-tħassib tal-Qorti li skont din tali sistema ta' iċċentivazzjoni għandha bażi wiesgħa wisq, u ma tiffinanzjax biss lill-SMEs b'aċċess limitat għall-kapital estern;
55. Jikkunsidra neċessarju dibattitu miftuħ dwar kif il-faċilità SMEG hija ffinanzjata; jiġbed l-attenzjoni fuq it-tnaqqis fil-linja tal-baġit ta' EUR 57 300 000 fl-2010 mill-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP); jitlob kjarifika dwar l-għadd ta' persunal tal-Kummissjoni u tal-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) involuti fil-ġestjoni tal-faċilità SMEG u l-ammont tal-ispejjeż amministrattivi; jitlob informazzjoni dwar il-kwantità ta' applikazzjonijiet fil-fatt miċħuda kuljum;
56. Jieħu nota tal-osservazzjonijiet ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri dwar sistema ta' ħlas imtejba u orjentata lejn ir-riżultati għas-servizzi finanzjarji pprovduti mill-FEI; jinnota li l-Kummissjoni naqset milli tagħti tagħrif dwar dan u jistenna li dan il-punt jiġi spjegat fid-dettall;
57. Jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri skont liema:
- il-programmi ta' sostenn għall-SMEs fil-ġejjieni għandhom ikunu bbażati fuq loġika ta' intervent espliċita,
 - għandhom jitjiebu l-indikaturi tal-prestazzjoni biex jippermettu lill-Kummissjoni tissorvelja aħjar l-ilħuq tal-objettivi tal-istrument,
 - għandhom jiġu definiti għanijiet aktar speċifiċi li jirriflettu aħjar l-objettivi tal-istrument finanzjarju, b'aġġornament tal-monitoraġġ biex jitkejjel il-progress f'termini ta' ilħuq ta' dawn l-għanijiet u b'miżuri xierqa biex jiġi minimizzat it-telf nett,
- jinnota b'sodisfazzjon li l-Kummissjoni aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet imsemmija hawn fuq, u jstieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament dwar il-passi li biħsiebha tiegħu u/jew li diġà ħadet;
58. Japprova r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u jstieden lill-Kummissjoni tiżgura li:
- għal kull faċilità sussegwenti, il-baży ġuridika u l-ftehim ta' ġestjoni jiġu finalizzati ħafna qabel il-bidu effettiv tal-perjodu ta' programmazzjoni,

— għal kull programm suċċessur, titwaqqaf sistema ta' punteġġi għall-valutazzjoni ta' applikazzjonijiet ta' intermedjarji potenzjali, u jiġu definiti rekwiżiti minimi għall-għażla tagħhom,

Josserva l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li teżamina ulterjorment dawk ir-rakkomandazzjonijiet, u jstieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament dwar il-konklużjonijiet tagħha u tesponi kwalunkwe azzjoni prevista biex tittratta dawk ir-rakkomandazzjonijiet;

Parti VIII Ir-Rapport Speċjali Nru 5/2011 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "Skema ta' Pagament Uniku (I-SPS): kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati biex titjeb il-ġestjoni finanzjarja soda tagħha"

59. Jilqa' r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri u jaqra b'interess kbir il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha; jifraħ lill-Qorti tal-Awdituri talli ppreżentat rapport f'waqtu dwar suġġett rilevanti;
60. Huwa tal-fehma li l-SPS mhix qed tikkontribwixxi b'mod suffiċjenti lejn l-għanijiet tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) kif stabbiliti fit-Trattati; għaldaqstant, jstieden lill-Kummissjoni tipproponi l-bidliet neċessarji fil-leġiżlazzjoni sabiex l-SPS tagħti kontribut tassew ottimali għall-għanijiet tal-PAK; huwa tal-fehma li l-SPS għandha tittejjeb sabiex l-għajnuna tkun immirata aħjar biex tilħaq lil bdiewa veri; iħeġġeġ lill-Kunsill jappoġġa lill-Parlament u lill-Kummissjoni fl-isforzi tagħhom li jtejb u l-effiċjenza u l-effikaċja tal-akbar skema unika ta' appoġġ Ewropea u b'hekk jgħin biex ikunu indirizzati aħjar il-flus tal-kontribwenti tal-Unjoni;
61. Huwa tal-fehma li hawn grad għoli wisq ta' flessibilità (pereżempju r-regoli dwar il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin, KAAT) u wisq lok għall-interpretazzjoni fir-regoli bażiċi tal-SPS; jstieden lill-Kummissjoni tiggwida b'mod aktar preċiż l-implimentazzjoni tal-atti ġuridiċi tal-Unjoni fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri, sabiex ikun evitat abbuż min-naħa tal-Istati Membri ta' dawn ir-regoli; jemmen, f'dan il-kuntest, li l-Kummissjoni għandha tingħata setgħat iddelegati adegwati biex timla l-lakuni u tirrimedja n-nuqqasijiet kemm jista' jkun malajr;
62. Huwa tal-fehma li l-mudell storiku serva l-iskop tiegħu u, għaldaqstant, għandu jiġi abbandunat mal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss; jappoġġa s-sitt rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri, li skontha l-għajnuna tal-SPS għandha tkun ibbażata fuq il-kundizzjonijiet attwali tal-biedja fir-reġjuni differenti tal-Unjoni; jemmen, barra minn hekk, li l-20 mudell attwali għandhom jitnaqqsu preferibilmement għal mudell uniku tal-Unjoni applikabbli fl-Istati Membri kollha;
63. Ifakkar li d-dħul ta' bdiewa ġodda fis-settur agrikolu huwa ta' importanza kbira għall-innovazzjoni tas-settur; huwa għalhekk imħasseb li l-Qorti tal-Awdituri sabet li xi Stati Membri li japplikaw l-SPS (5 minn 17) ma jagħmlux użu minn għażliet possibbli mir-riżerva nazzjonali biex jiffaċilitaw l-aċċess għan-negozju ta' bdiewa ġodda bil-għan li tingħata spinta għall-bidla ġenerazzjonali fiż-żoni rurali;
64. Huwa tal-fehma li l-SPS attwali taħdem b'tali mod li ma tistimolax innovazzjoni suffiċjenti fis-settur agrikolu, u barra minn hekk iżżomm lura nies ġodda milli jidħlu fis-settur;
65. Jinsab imħasseb b'mod partikolari peress li m'hemmx rabta diretta bejn l-għajnuna tal-SPS u l-ispejjeż imġarba mill-bdiewa biex jikkonformaw ma' kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin; jemmen li dan jirriżulta fi żbilanċ bejn il-volum tal-għajnuna u ambjent aħjar, il-benessri tal-annimali u s-sigurtà fl-ikel; madanakollu, jirrikonoxxi, li l-prinċipju ta' separazzjoni jirrestrinġi l-istabbilmement ta' tali konnessjoni;
66. Iqis li l-Kummissjoni, fil-proposta tagħha għall-PAK wara l-2013, għandha tiżgura li t-tqassim tal-għajnuna fost il-bdiewa jkun aktar ibbilanċjat;

Parti IX Ir-Rapport Speċjali Nru 6/2011 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu “Kienu effettivi l-proġetti ta’ turiżmu kofinanzjati mill-FEŻR?”

67. Jilqa’ s-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri, b’mod partikolari l-fatt li l-proġetti kollha kellhom riżultati pożittivi f’forma jew f’oħra u li l-maġġoranza kellhom suċċess taħt diversi intestaturi; jinnota wkoll li nstab li l-proġetti kienu ta’ benefiċċju għall-ekonomija lokali u/jew għenu biex jippreservaw elementi tal-wirt kulturali, storiku, artistiku jew ambjentali ta’ reġjun;
68. Japprova l-osservazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-ħolqien jew iż-żamma tal-impjiegi huma fatturi ewlenin fil-mixja lejn żvilupp sostenibbli bilanċjat tal-ekonomija u tal-impjiegi;
69. Jinnota bi tħassib li ġew stabbiliti għanijiet għal 58 % biss tal-proġetti fil-kampjun, filwaqt li t-42 % l-oħra tal-proġetti ma kellhomx objettivi f’termini ta’ prestazzjoni, u li ma sar ebda monitoraġġ tar-riżultati għall-biċċa l-kbira tal-proġetti fil-kampjun;
70. Jiddispaċih mill-fatt li kien diffiċli li tkun valutata l-prestazzjoni reali tal-proġetti jew kemm kellhom valur miżjud Ewropew minħabba li l-għanijiet tal-proġetti ma ġewx stabbiliti b’mod sistematiku, ma ġewx iddefiniti l-objettivi u l-indikaturi u ma sarx monitoraġġ sussegwenti u lanqas evalwazzjoni tar-riżultati;
71. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri lill-Awtoritajiet ta’ Ġestjoni bl-għan li jiġi żgurat li jiġu stabbiliti objettivi, għanijiet u indikaturi adegwati (pereżempju, in-numru ta’ impjiegi maħluqa, il-kapaċità tat-turiżmu addizzjonali maħluqa u ż-żieda fl-attività turistika) fl-istadji tal-applikazzjoni għal għotja u d-deċiżjonijiet dwarha sabiex ikunu jistgħu jintgħażlu l-proġetti li x’aktarx ikunu l-aktar effiċjenti, u biex tiġi żgurata l-evalwazzjoni tar-riżultati tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħeġġu din il-prattika;
72. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li tistieden lill-Kummissjoni tagħmel evalwazzjoni tal-għajnuna fis-settur tat-turiżmu, tqis kemm din tikkostitwixxi mezz kosteffikaċi biex tappoġġa lill-Istati Membri fit-trawwim tat-tkabbir ekonomiku, u tqis jekk tali appoġġ jistax jiġi indirizzat aħjar;
73. Jilqa’ l-isforzi tal-Kummissjoni biex tissemplifika l-proċess ta’ sussidji mill-FEŻR biex jiġi mminimizzat il-piż amministrattiv imġarrab mill-promoturi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress f’dan il-qasam;

Parti X Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2011 bit-titolu “L-appoġġ agroambjentali huwa mfassal u ġestit tajjeb?”

74. Jirrikonoxxi l-importanza tal-miżuri agroambjentali bħala element ewlieni tal-politiki tal-Unjoni li għandhom l-għan li jtaffu l-effetti negattivi tal-agrikoltura fuq l-ambjent; jirrikonoxxi li l-pagamenti agroambjentali jikkostitwixxu mod kif “jinkoraġġixxu lill-bdiewa u amministraturi oħra tal-art biex iservu s-soċjetà fl-intier tagħha billi jintroduċu jew ikomplu japplikaw metodi ta’ produzzjoni agrikola kompatibbli mal-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent, il-pajsaġġ u l-karatteristiċi tiegħu, ir-riżorsi naturali, il-ħamrija u d-diversità ġenetika”⁽¹⁾;
75. Jenfasizza, fl-istess waqt li n-nefqa pubblika għandha ssir b’tali mod li jiżgura l-massimu tal-kosteffikaċja u riżultati tanġibbli; jenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-impenji tal-Unjoni jitwettqu bl-aktar mod effikaċi (tnaqis tal-emissjonijiet ta’ gass b’effett ta’ serra sal-2020, l-istrateġija UE 2020 dwar il-biodiversità, eċċ.);
76. Huwa mħasseb dwar is-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-politika agroambjentali mhijiex imfassla u monitorata sabiex tagħti benefiċċji ambjentali tanġibbli, inkwantu l-objettivi tal-pagamenti agroambjentali mhumiex speċifiċi biżżejjed biex ikun valutat jekk intlaħqux, il-persjonijiet ambjentali ċċitati

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta’ Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1), premessa 35.

ma jipprovdux ġustifikazzjoni ċara tal-pagamenti agroambjentali, u s-suċċessi tal-politika agroambjentali ma jistgħux jiġu monitorjati faċilment; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi ta' żvilupp rurali b'objettivi ċari u jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta dawk il-programmi b'mod aktar rigoruż qabel tapprovahom; jenfasizza l-importanza ta' netwerk tal-Unjoni ta' evalwazzjoni tal-iżvilupp rurali li jkun ġestit tajjeb;

77. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-bdiewa ġeneralment jingħataw appoġġ tajjeb permezz ta' gwida xierqa; jinnota, madankollu, il-ħtieġa ta' titjib fit-tixrid tal-aħjar prattiki u ta' rispons dwar ir-riżultati; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw aħjar l-istrutturi eżistenti għal dan l-iskop, bħan-Netwerk Ewropew għall-Iżvilupp Rurali;
78. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-bdiewa huma ġeneralment appoġġati tajjeb permezz ta' gwida xierqa u jinnota l-ħafna każijiet tal-aħjar prattiki identifikati mill-Qorti tal-Awdituri; huwa mħasseb dwar il-fatt li l-Istati Membri ma jivvalutawx il-livell minimu ta' parteċipazzjoni meħtieġ biex jiġi żgurat li s-sottomiżuri jipprovdu l-effetti ambjentali mistennija u jekk l-ammonti ta' għajjnuna humiex adegwati sabiex jintlaħaq dan il-livell minimu; huwa tal-opinjoni li l-approċċ Leader lejn l-iżvilupp rurali jista' jintuża wkoll biex jiġi implimentat approċċ kollettiv;
79. Huwa mħasseb dwar id-dgħufijiet fir-rigward tal-istabiliment ta' ammonti ta' għajjnuna li sabet il-Qorti tal-Awdituri; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura, qabel ma tapprova l-programmi, li l-elementi kollha identifikati mill-Qorti tal-Awdituri bħala neċessarji biex jiġu stabbiliti b'mod xieraq l-ammonti ta' għajjnuna, jiġu kkunsidrati kif xieraq;
80. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-biċċa l-kbira tan-nefqa saret fuq sottomiżuri "orizzontali" li kienu implimentati fuq iż-żona kollha tal-programm mingħajr ma dan kien dejjem iġġustifikat fil-programmi ta' żvilupp rurali; iqis li huwa inaċċettabli li l-Istati Membri jagħmlu biss użu limitat ta' proċeduri ta' objettivi u ta' għażla; iqis li n-nuqqas ta' mira għandu f'kull każ ikun iġġustifikat fil-programmi;
81. Huwa mħasseb sew li l-ġestjoni tal-politika agroambjentali ma tqisx biżżejjed il-ħtiġijiet ambjentali speċifiċi, u b'hekk ma tagħtix l-aħjar valur għall-flus; iqis li huwa inaċċettabli li, skont is-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri, f'39 % tal-kuntratti awditjati, ma kien hemm l-ebda pressjonijiet ambjentali speċifiċi fiż-żona fejn kien ġie implimentat il-kuntratt, jew l-Istati Membri ma setgħux jidentifikaw problemi ta' dan it-tip; jistieden lill-Istati Membri biex jikkonċentraw fuq approċċ kollettiv fejn dan jiżgura l-effett ambjentali mixtieq;
82. Fil-kuntest tal-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss, jenfasizza li biex il-pagamenti agroambjentali jiksbu l-effetti mixtieqa f'termini ta' bijodiversità, preservazzjoni u żvilupp ta' sistemi tal-biedja u tal-forestrija b'valur naturali għoli u pajsaġġi agrikoli tradizzjonali, l-ilma u t-tibdil fil-klima, hemm bżonn li l-iskemi agroambjentali jkollhom prijoritajiet aktar speċifiċi fil-mira tagħhom;
83. Jilqa' l-approċċ li ntgħażel fil-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (COM(2011) 627/2), li se jqiegħed iktar enfasi fuq il-monitoraġġ kontinwu u indikaturi tal-prestazzjoni għal programmi tal-Iżvilupp Rurali;

Parti XI Ir-Rapport Speċjali Nru 8/2011 bit-titolu "Irkupri ta' pagamenti mhux dovuti taħt il-Politika Agrikola Komuni"

84. Jilqa' r-Rapport Speċjali tal-Qorti u jieħu nota tas-sejbiet tal-Qorti; jenfasizza l-kritika li ilha titressaq mill-Parlament li s-sistema ta' rkupru qiegħda taħdem parzjalment biss; jenfasizza li ċ-ċifri "li tjebru" tal-Kummissjoni rigward l-irkupru madankollu għadhom ifissru li l-benefiċjarji jżommu b'mod illegali 60 % tal-pagamenti li ma kellhomx jitħallsu; jinnota li fuq il-bażi taċ-ċifri ppreżentati mill-Qorti tal-Awdituri, dak il-perċentwal jitla' anke sa 90 %;

85. Jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-Kummissjoni għandha:
- titlob lill-Istati Membri jirrapportaw irregolaritajiet u rkupri oħra meta tkun tfasslet in-notifika ta' rkupru,
 - tintroduċi limitu ta' żmien uniformi bejn l-iskoperta ta' irregolarità potenzjali u n-notifika tal-ordni ta' rkupru lid-debitur, u b'hekk jittejbu l-armonizzazzjoni bejn l-Istati Membri u t-trażmissjoni ta' informazzjoni f'waqtha lill-OLAF,
 - toħroġ regoli ċari u mhux ambigwi relatati mal-applikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u r-rappurtar ta' imgħax fuq dejn pendenti,
 - tiċċara ċ-ċirkostanzi li fihom djun jistgħu jiġu ddikjarati bħala irrekuperabbli, partikolarment b'rabta ma' każijiet ta' falliment, u
 - tagħmel stima preċiża tal-flus li ma kellhomx jitħallsu lill-benefiċjarji finali kull sena, sabiex ikun stabbilit l-ammont ta' flus li kelli jkun irkuprat mingħand il-benefiċjarju finali, u tattribwixxi d-danni rkuprati b'mod preċiż skont is-sena wkoll li fiha kien hemm it-telf;
86. Jinnota li s-sistema tal-irkupru, globalment, tkopri biss parti żgħira mill-pagamenti u li mill-pagamenti fl-ambitu tal-PAK, smati għal EUR 500 000 000 000, tul dawn l-aħħar 10 snin, kienu rkuprati biss EUR 5 000 000 000 (1 %) (Ir-Rapport Speċjali Nru 7/2010); jinnota wkoll li għaldaqstant tiswa iktar flus iż-żamma ta' sistema ta' kontroll li tiffunzjona milli li jitħallsu l-korrezzjonijiet finanzjarji lill-Kummissjoni;
87. Jinnota l-pożizzjoni tal-Kummissjoni, li hija dik li tkompli tikkunsidra dawn ir-rakkomandazzjonijiet, u jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament liema azzjonijiet biħsiebha tiegħu sabiex takkomoda dawn ir-rakkomandazzjonijiet;
88. Jiddispijaċih li l-perċentwal ta' dejn ikkanċellat u li kellu jagħmel tajjeb għalih il-baġit tal-Unjoni kien ta' 87,8 % jew EUR 428 900 000 għall-perjodu 2006-2009; jitlob li l-Kummissjoni tapplika mekkaniżmu ta' sanzjonijiet jekk l-Istati Membri jiddikjaraw djun bħala irrekuperabbli fejn dan ma jkunx xieraq; jinsisti li dan jitlob definizzjoni ċara u Prattika tal-linji gwida mingħajr ma jkun hemm lok għal interpretazzjonijiet differenti;
89. Japprova r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u jstieden lill-Kummissjoni tiżgura li:
- il-mod kif jiġu ġestiti u rrapportati d-djun fl-Istati Membri jitejjeb, u tiżgura trattament konsistenti ta' dawk id-djun fl-Istati Membri kollha,
 - il-linji gwida jinħarġu f'waqthom biex jiġu indirizzati inkonsistenzi persistenti fil-kunċetti prinċipali ta' rappurtar u ta' kontabilità,
 - l-applikazzjoni tar-regola 50/50 tiġi riveduta, b'mod partikolari fejn jidħlu l-ammonti li potenzjalment jaħarbu l-approvazzjoni ta' konformità, u li r-regola tiġi applikata b'mod effikaċi,
 - ix-xogħol tal-korpi taċ-ċertifikazzjoni, meta jkunu qegħdin jivverifikaw il-kontijiet tad-debituri fl-Istati Membri, ikopri r-riskji enfasizzati,
 - proporzjon akbar ta' pagamenti li ma kellhomx isiru jiġi rkuprat mill-benefiċjarji,
 - is-segwitu tal-każijiet antiki tat-Task Force ta' Rkupru jiġi ffinalizzat u jiġi ttrattat b'mod omoġenju fl-Istati Membri kollha;

90. Jieħu nota tal-kjarifiki tal-Kummissjoni dwar dawk ir-rakkomandazzjonijiet, u jistieden lill-Kummissjoni tkompli teżamina dawk is-suġġerimenti; jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta lill-Parlament dwar il-konklużjonijiet tagħha, u tirrapporta jekk huwiex ippjanat li jittieħdu xi passi fil-kuntest ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet;
91. Jilqa' l-inizjattiva tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) li jistudja l-possibilità li jimmodifika r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1848/2006 tal-14 ta' Diċembru 2006 dwar l-irregolaritajiet u l-irkupru ta' somom ta' flus imħallsa bi żball b'konnessjoni mal-finanzjament tal-politika agrikola komuni kif ukoll l-organizzazzjoni ta' sistema ta' informazzjoni f'dan il-qasam⁽¹⁾, bl-għan tat-titjib tal-fluss u l-użu tal-informazzjoni eżistenti; jistieden lill-OLAF jirrapporta s-sejbiet tiegħu lill-Parlament;
92. Jitlob li jkun hemm trattament indaqs tad-djun pendenti (irkupri) fl-Istati Membri kollha u jinsisti li l-flus dovuti lill-Unjoni b'rabta ma' ksur tad-dritt tal-Unjoni verament jitħallsu lura, minkejja l-fatt li xi wħud minnhom qed ibatu mill-kriżijiet finanzjarji;
93. Jinnota li l-ammont li għandhom iħallsu l-Istati Membri skont ir-regola 50/50 (2006-2009) huwa EUR 424 000 000 u li 58 % minnu għandu jitħallas mill-Italja; jitlob li jifassal pjan ta' azzjoni għall-Italja sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni;
94. Ifakkar li għad hemm nuqqas ta' trasparenza rigward il-pubblikazzjonijiet tal-ammont imnaqqas mill-Istati Membri (effettivament flus tal-kontribwenti) u l-ammonti fil-fatt irkuprati mill-benefiċjarji fir-rendikonti finanzjarji ppreżentati lill-Parlament; jitlob li l-Kummissjoni ttiprovdi din l-informazzjoni lill-Parlament;
95. Jistieden lill-Qorti tippubblika rapport dwar l-istess suġġett għall-qasam tal-fondi strutturali;

Parti XII Ir-Rapport Speċjali Nru 9/2011 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "Kienu effettivi l-proġetti ta' gvern elettroniku appoġġati mill-FEŻR?"

96. Jilqa' r-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri u l-valutazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-proġetti ta' gvern elettroniku appoġġati mill-FEŻR ikkontribwew għall-iżvilupp ta' servizzi pubbliċi elettroniċi;
97. Jappoġġa r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, b'mod partikolari li:
 - l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw strateġiji għall-e-Government, li jkunu bbażati fuq ħtiġijiet identifikati, ikollhom objettivi ċari u jassenjaw ir-responsabilitajiet lil korpi li jwieġbu għall-ilħuq ta' dawn l-objettivi.
 - l-Awtoritajiet tal-Ġestjoni għandhom jagħżlu l-proġetti ta' gvern elettroniku għal appoġġ mill-FEŻR abbażi ta' valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji kwalitattivi u kwantitattivi probabbli tal-proġetti,
 - l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni fl-Istati Membri għandhom jiżguraw li proġetti ta' gvern elettroniku magħżula għal finanzjament FEŻR jiffokaw mhux biss fuq il-prodotti tal-proġett imma wkoll fuq il-bidliet fi proċessi jew l-organizzazzjoni meħtieġa biex jittieħed benefiċċju mis-sistemi żviluppati,
 - l-Awtoritajiet tal-Ġestjoni għandhom ikunu inkoraġġiti japplikaw l-aħjar Prattika, li hija disponibbli, pereżempju permezz tal-komunità ePractice, u jirrakkomanda l-użu ta' metodoloġija xierqa għall-ġestjoni tal-proġetti għal proġetti ta' gvern elettroniku li jkunu qed jirċievu finanzjament mill-FEŻR,
 - il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna tkompli l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-prinċipji u r-rakkomandazzjonijiet tal-Unjoni li jippermettu l-interoperabilità trans-Ewropea, b'mod partikolari l-prinċipji tal-FEI, jiġu applikati fi proġetti li jibbenefikaw minn finanzjament mill-FEŻR,

⁽¹⁾ ĠU L 355, 15.12.2006, p. 56.

- l-Awtoritajiet tal-Ġestjoni, meta jagħżlu l-proġetti tal-e-Government, għandhom jiżguraw li l-ispejjeż sinifikanti kollha, inkluża l-manutenzjoni, jkunu ġew previsti b'mod suffiċjenti fl-analiżi tal-kostijiet meta mqabbla mal-benefiċċji li għandha tkun imsejsa fuqha d-deċiżjoni ta' finanzjament,
- il-Kummissjoni għandha tkun mistiedna tkompli l-isforzi tagħha biex tiżgura li l-Awtoritajiet tal-Ġestjoni jimmonitorjaw u jevalwaw ir-riżultati u l-impatti tal-proġetti biex jintwera l-użu effikaċi tal-finanzjament tal-Unjoni u jiġu provduti opinjonijiet b'rispons sabiex jittejjeb it-tfassil ta' programmi futuri;

Parti XIII Ir-Rapport Speċjali Nru 10/2011 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu “Huma effettivi l-Iskemi tal-Ħalib għall-Iskejjel u tal-Frott għall-Iskejjel?”

98. Ifakkar fir-riżultat tal-evalwazzjoni esterna tal-1999 dwar l-Iskema Ħalib għall-Iskejjel u tal-osservazzjoni li saret mill-Qorti tal-Awdituri li ebda bidliet reali ma saru fl-iskema minn dak iż-żmien 'l hawn;
99. Jenfasizza li t-tkomplija sempliċi tal-Iskema Ħalib għall-Iskejjel attwali tkun ħela ta' flus il-kontribwenti u l-iskema għalhekk għandha tiġi sospiża sakemm ma tkunx riformata immedjatament u b'mod komprensiv;
100. Jenfasizza li 10 % biss tal-iskejjel li għandhom id-dritt li jipparteċipaw fl-Iskema Ħalib għall-Iskejjel qed jieħdu vantaġġ minnha fil-preżent; għalhekk, iqis li l-Istati Membri wrew l-appoġġ tagħhom għall-programm minkejja r-rata baxxa tas-sussidju u l-effett ta' piż totali possibbli tal-programm; iħeġġeġ lill-Istati Membri jstabilixxu programmi ta' nutrizzjoni nazzjonali għall-iskejjel, biex b'hekk l-Iskemi Ħalib għall-Iskejjel u Frott għall-Iskejjel jinbidlu ma' miżuri mmirati aħjar;
101. Jinsab konvint li, jekk jitkomplew, l-Iskemi Ħalib għall-Iskejjel u Frott għall-Iskejjel għandhom joperaw b'mod simili bil-għan li jkunu faċilitati l-koordinament u l-ħolqien ta' sinerġiji, peress li l-oġettivi tagħhom huma l-istess;
102. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmiraw li jilħqu t-tfal u l-istudenti li kieku jibbenefikaw l-aktar fuq bażi xjentifika (jiġifieri l-ħtiġijiet nutrizzjonali, il-faxxa tal-età, il-kundizzjoni tas-saħħa, il-grupp soċjali, eċċ.) minn dawk l-iskemi; jenfasizza li l-immirar iħaffef il-kejl tal-impatt ta' dawn l-iskemi;
103. Hu tal-fehma li l-prodotti għandhom ikunu mqassma b'xejn, u li d-distribuzzjoni fil-kantins għandha tiġi evitata;
104. Jinsisti li d-distribuzzjoni ta' prodotti li jaqgħu taħt dawk l-iskemi għandhom ikunu integrati fi strateġija nazzjonali u/jew reġjonali u jenfasizza li tali strateġija għandha tinkludi wkoll miżuri ta' akkumpanjament (jiġifieri miżuri edukattivi, informattivi li jinvolvu l-ġenituri u l-ġhalliema);
105. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jstabilixxu sistema ta' kofinanzjament għall-Iskema Ħalib għall-Iskejjel simili għal dik użata għall-Iskema Frott għall-Iskejjel; jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jqisu li jestendu l-kofinanzjament għall-miżuri ta' akkumpanjament; jemmen ukoll li l-pakketti finanzjarji nazzjonali mhux użati jistgħu jiġu riallokati bejn l-Istati Membri;
106. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħlqu sistemi effikaċi ta' monitoraġġ u ta' kontroll;

Parti XIV Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2011 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu "It-tfassil u l-ġestjoni tal-iskema ta' indikazzjonijiet ġeografiki jippermettulha li tkun effettiva?"

107. Jilqa' r-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri u jieħu nota tas-sejbiet tal-Qorti tal-Awdituri li:
- id-dispożizzjonijiet legali dwar is-sistema ta' indikazzjoni ġeografika ma jistabbilixxux ir-rekwiżiti minimi dwar il-kontrolli fuq l-ispeċifikazzjonijiet ta' prodotti u ma jindirizzawx kwistjonijiet bħall-kopertura minima tal-kontrolli, il-frekwenza tagħhom, il-metodoloġija għall-għażla tagħhom u l-partijiet involuti fl-istadji differenti tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni suġġetti għall-kontroll;
 - ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 ma jindirizzax il-kwistjonijiet tal-karattru obbligatorju u n-natura tal-kontrolli li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri sabiex jiġu evitati u jinstabu Prattiki mhux permessi fir-rigward tas-sistema ta' indikazzjoni ġeografika;
108. Huwa mħasseb li, skont l-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri, dan iwassal għal sitwazzjoni fejn is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri huma differenti f'għadd ta' elementi importanti u huwa tal-opinjoni li daww id-differenzi għandhom jitnaqqsu fil-futur; jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni (COM(2010) 733) mill-hekk imsejjaħ "pakkett ta' kwalità"; jitlob li jiġu stabbiliti struttura u sistema ta' kontroll adegwati li jggarantixxu kwalità għolja u kostanti tal-prodotti DPO u IĠP u li jipprevjenu u jiskopru b'mod effikaċi prattiki mhux permessi fl-Istati Membri kollha; madankollu, hu tal-opinjoni li dan ma għandux iwassal għall-ħolqien ta' livelli ta' kontroll addizzjonali, għad-definizzjoni ta' rekwiżiti ta' kontroll massimi u għal żieda ulterjori fil-burokrazzja;
109. Jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li jiġu inklużi l-verifiki fuq il-kontrolli imwettqa mill-Istati Membri b'konnessjoni mal-iskema ta' indikazzjoni ġeografika fil-pjan ta' verifiki regolari tal-Kummissjoni fl-Istati Membri u jistieden lill-Kummissjoni tirreaġixxi b'mod korrispondenti;
110. Ifakkar fil-konstatazzjoni tal-Qorti li l-iskrutinju tal-applikazzjonijiet fil-livell nazzjonali u f'dak tal-Kummissjoni jieħu wisq żmien u jitlob lill-Kummissjoni tissemlifika u tqassar il-proċeduri ta' reġistrazzjoni burokratiċi u li jieħdu wisq żmien sabiex trendi s-sistema ta' indikazzjoni ġeografika aktar attraenti għall-applikanti potenzjali li bħalissa huma skoraġġiti minħabba l-proċeduri ta' applikazzjoni li jieħdu wisq żmien;
111. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri sabet fil-verifika tagħha li hemm livell baxx ta' għarfien min-naħa tal-konsumaturi u tal-produtturi dwar l-iskema ta' indikazzjoni ġeografika; huwa mħasseb ukoll dwar il-fatt li ġie kkonstatat li l-għażliet użati attwalment x'aktarx ma jippermettux is-sensibilizzazzjoni fir-rigward tal-iskema ta' indikazzjoni ġeografika u mhumiex adegwati biex iħeġġu l-produtturi jipparteċipaw fiha; għaldaqstant, jitlob lill-Kummissjoni teżamina b'mod dettaljat is-sitwazzjoni, tiżviluppa strateġija ċara u tiddefinixxi l-miżuri u l-mezzi effikaċi intiżi sabiex jindirizzaw in-nuqqas attwali ta' għarfien dwar l-iskema ta' indikazzjoni ġeografika, il-prodotti u l-logos tagħha bħal pereżempju l-organizzazzjoni ta' kampanja fuq l-inizjattiva tagħha stess eċċ.;
112. Jappoġġa r-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li s-sistema ta' għajnuna reċiproka li tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-iskema ta' indikazzjoni ġeografika għandha tiġi stabbilita;
113. Ifakkar li s-sistema ta' indikazzjonijiet ġeografiki tal-UE tidistingwi bejn żewġ tipi ta' ismijiet protetti: denominazzjoni protetta ta' orijini (DPO) u indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP); jirrimarka li dawn id-deskrizzjonijiet qed iħawwdu lill-konsumaturi, peress li dawn ma jurux biċ-ċar id-differenza ta' bejniethom; jipproponi għalhekk indikaturi aktar ċari li jippermettu lill-konsumaturi jkunu jafu kif l-ismijiet protetti huma distinti f'termini tal-grad u tat-tip ta' konnessjoni li hemm bejn prodott u reġjun ġeografiku;

114. Huwa mħasseb dwar l-istqarrijiet għall-istampa reċenti li rrapportaw użu mhux xieraq u abbużiv tal-indikazzjonijiet ġeografiċi minn xi pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tieħu miżuri attivi fil-protezzjoni ta' prodotti reġistrati taħt l-iskema ta' indikazzjoni ġeografika tal-Unjoni anki fil-kuntest tal-kummerċ internazzjonali u taħdem biex tilħaq ftehimiet rispettivi ma' pajjiżi terzi;

115. Jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament bl-eżitu tal-azzjonijiet tagħha;

Parti XV Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2011 tal-Qorti tal-Awdituri bit-titolu “Il-proċeduri tal-Kummissjoni jassiguraw il-ġestjoni effettiva tal-kontroll tal-ġajjnuna mill-Istat?”

116. Jilqa' r-Rapport Speċjali u jappoġġa, b'mod ġenerali, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri birrimarki li ġejjin, u jinnota li biss tmien Stati Membri ntaqgħu għal din il-verifika;

117. Jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-Kummissjoni rreaġixxiet fil-pront u b'mod effikaċi għall-kriżi finanzjarja, u b'dan il-mod ikkontribwiet b'mod sostanzjali biex jiġi evitat il-falliment ta' istituzzjonijiet finanzjarji kbar li għandhom is-sede tagħhom fl-Unjoni;

118. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta pożizzjoni aktar proattiva fir-relazzjoni tagħha mal-Istati Membri, b'mod partikolari:

— taqmel aktar sforzi biex iżżid l-għarfien dwar ir-regoli tal-ġajjnuna mill-Istat billi xxerred l-aħħar Prattiki u ttiprovdi gwida aktar Prattika;

— tiżgura li, fejn japplika, l-ġajjnuna mill-Istat kollha tiġi nnotifikata kif jixraq, u tiżviluppa mezzi biex tiddixxiplina l-Istati Membri meta dan ma jsirx;

— tqiegħed għad-dispożizzjoni aktar riżorsi umani għall-kontroll tal-ġajjnuna mill-Istat mingħajr aktar dewmien;

119. Jinnota d-dgħufijiet fir-rigward tal-ħtieġa li jithaffet il-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet u li tiżdied it-trasparenza tiegħu, u jistieden lill-Kummissjoni tieħu passi biex tillimita t-tul ta' żmien tal-proċedura ta' investigazzjoni; jinnota n-numru kbir ta' Talbiet għall-Infurmazzjoni mibgħuta lill-Istati Membri u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tillimitahom biex tħaffet il-proċedura; jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-Parlament dwar il-medja taż-żmien meħtieġ biex jiġu ffinalizzati l-każijiet matul l-aħħar erba' snin għal kull Stat Membru individwali;

120. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tkompli tikkunsidra jekk il-lezzjonijiet li tgħallmet mit-trattament b'suċċess tal-kriżi finanzjarja jistgħux jintużaw ukoll biex tiġi ssemplifikata l-ħidma f'ċirkostanzi “normali” u tinforma lill-Parlament malajr kemm jista' jkun bit-tibdiliet possibbli mdaħħla qabel Settembru 2012;

121. Jenfasizza l-importanza li tiżgura ċ-ċertezza ġuridika għall-partijiet interessati; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni:

— tittratta malajr l-ilmenti mingħajr bażi,

— tħaffet il-proċedura tat-trattament tal-ilmenti b'mod ġenerali u talloka r-riżorsi neċessarji biex tkompli tnaqqas l-ammont ta' xogħol b'lura,

— tinforma kif jixraq lil min jaqmel l-ilment, lill-Istat Membru u lill-benefiċjarju dwar il-każijiet li jkun għaddejnin u dwar l-eżitu tal-investigazzjoni;

122. Jinnota d-dgħufijiet fl-użu tar-riżorsi umani disponibbli, u jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li timplimenta sistema mtejba għar-reġistrazzjoni tal-ħin; japprova s-suġġeriment tal-Qorti tal-Awdituri għal rappurtar tal-ġestjoni biex jiġi mmonitorjat b'mod effikaċi l-ħin imqatta' fuq każijiet partikolari u l-ammont ta' xogħol ta' dawk li jittrattaw il-każijiet; jistenna li sistema bħal din tkun operattiva sal-aħħar tal-2012;
123. Jenfasizza l-importanza tal-monitoraġġ tal-ghajjnuna mill-Istat; għalhekk iħeġġeġ lill-Kummissjoni tintensifika l-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħha, kemm ftermini ta' daqs tal-kampjun u kemm ftermini ta' kamp ta' applikazzjoni;
124. Jinnota d-dgħufijiet fil-proċess tal-ġbir tad-data, u jistieden lill-Kummissjoni ttejjeb l-effiċjenza u l-affidabilità tiegħu, u tirrapporta dwar il-progress fl-introduzzjoni tal-applikazzjoni SARI ⁽¹⁾ qabel itmiem tal-proċedura ta' kwittanza tal-2010;
125. Jistieden lill-Kummissjoni twessa' l-valutazzjoni tal-impatt *ex post* tagħha tal-ghajjnuna mill-Istat u tal-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat fuq il-kumpaniji, is-swieq u l-ekonomija globali.
126. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

⁽¹⁾ L-applikazzjoni SARI hija applikazzjoni ġdida tal-bażi tad-data ċentrali li permezz tagħha l-awtoritajiet li jagħtu l-ghajjnuna fl-Istati Membri jistgħu jikkodifikaw direttament l-infiq fl-ghajjnuna tagħhom (Ir-Rapport Speċjali 15/2011, p. 60).

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/547/UE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0256/2011) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u għad-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ppubblikati ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditjar intern imwettaq fl-2010 (COM(2011) 643), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li ġie ppubblikat ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1189),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom provduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 (06084/2012 — C7-0052/2012), u jinnota li r-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għall-ewwel darba rrifjutaw li jirakkomandaw li tingħata l-kwittanza,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassa l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 63.⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 66 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/56/KE tal-14 ta' Jannar 2005 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali għat-tmexxija tal-azzjoni komunitarja fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-awdjoviżwal u l-kultura fl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 76 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati l-oħra kkonċernati (A7-0098/2012),
- A. billi skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha teżegwixxi l-baġit u tamministra l-programmi u għandha tagħmel dan skont l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fuq ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba,
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hi parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minn dawk id-deċiżjonijiet lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva Edukattiva, Awdjoviżiva u Kulturali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 24, 27.1.2005, p. 35.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2010

(2012/548/UE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0256/2011) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u għad-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ppubblikati ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditjar intern imwettaq fl-2010 (COM(2011) 643), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li ġie ppubblikat ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1189),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom provduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 (06084/2012 — C7-0052/2012), u jinnota li r-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għall-ewwel darba rrifjutaw li jirakkomandaw li tingħata l-kwittanza,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 66 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 81.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/20/KE tat-23 ta' Diċembru 2003 li tistabbilixxi aġenzija eżekuttiva, l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti, biex timmaniġġa l-azzjoni tal-Komunità fis-settur tal-enerġija bl-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/372/KE tal-31 ta' Mejju 2007 li temenda d-Deċiżjoni 2004/20/KE sabiex tittrasforma l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Enerġija Intelliġenti f'Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regola 76 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati l-oħra kkonċernati (A7-0098/2012),
- A. billi skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha teżegwixxi l-baġit u tamministra l-programmi u għandha tagħmel dan skont l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fuq ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba,
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hi parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minn dawk id-deċiżjonijiet lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 5, 9.1.2004, p. 85.

⁽²⁾ ĠU L 140, 1.6.2007, p. 52.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi għas-sena finanzjarja 2010

(2012/549/UE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0256/2011) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u għad-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ppubblikati ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditjar intern imwettaq fl-2010 (COM(2011) 643), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li ġie ppubblikat ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1189),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġiba tal-Aġenzija ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom provduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 (06084/2012 — C7-0052/2012), u jinnota li r-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għall-ewwel darba rrifjutaw li jirrakkomandaw li tingħata l-kwittanza,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 66 tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 93.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

⁽⁷⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/858/KE tal-15 ta' Diċembru 2004 li twaqqaf aġenzija eżekuttiva bl-isem Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm dwar is-Saħħa Pubblika għat-tmexxija tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika — b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 tal-Kunsill ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/544/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 li temenda d-Deċiżjoni Nru 2004/858/KE sabiex tittrasforma L-Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm tas-Saħħa Pubblika fl-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regola 76 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni jiet tal-kumitati l-oħra kkonċernati (A7-0098/2012),
- A. billi skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha teżegwixxi l-baġit u tamministra l-programmi u għandha tagħmel dan skont l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fuq ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba,
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni li hi parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minn dawk id-deċiżjonijiet lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 369, 16.12.2004, p. 73.

⁽²⁾ ĠU L 173, 3.7.2008, p. 27.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/550/UE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 – C7-0256/2011) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u għad-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ppubblikati ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditjar intern imwettaq fl-2010 (COM(2011) 643), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li ġie ppubblikat ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1189),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Aġenzija ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom provduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 (06084/2012 – C7-0052/2012), u jinnota li r-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għall-ewwel darba rrifjutaw li jirakkomandaw li tingħata l-kwittanza,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassa l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1⁽³⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 69.⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 66 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/37/KE tal-14 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka għall-ġestjoni tal-programm speċifiku Komunitarju Ideat fil-qasam tar-riċerka fil-fruntieri tal-għarfien b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regola 76 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni jiet tal-kumitati l-oħra kkonċernati (A7-0098/2012),
- A. billi skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha teżegwixxi l-baġit u tamministra l-programmi u għandha tagħmel dan skont l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fuq ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba,
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hi parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III – Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minn daww id-deċiżjonijiet lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 9, 12.1.2008, p. 15.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/551/UE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0256/2011) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u għad-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ppubblikati ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditjar intern imwettaq fl-2010 (COM(2011) 643), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li ġie ppubblikat ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1189),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom provduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 (06084/2012 — C7-0052/2012), u jinnota li r-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għall-ewwel darba rrifjutaw li jirakkomandaw li tingħata l-kwittanza,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽⁷⁾, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 66 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/46/KE tal-14 ta' Diċembru 2007 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka għall-ġestjoni ta' ċerti oqsma tal-programmi Komunitarji speċifiċi Nies, Kapaċitajiet u Kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka b'applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 ⁽⁸⁾,

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 87.⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.⁽⁷⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.⁽⁸⁾ ĠU L 11, 15.1.2008, p. 9.

- wara li kkunsidra r-Regola 76 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjonijiet tal-kumitati l-oħra kkonċernati (A7-0098/2012),
- A. billi skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha teżegwixxi l-baġit u tamministra l-programmi u għandha tagħmel dan skont l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fuq ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba,
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hi parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minn dawk id-deċiżjonijiet lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/552/UE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0256/2011) ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u għad-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ppubblikati ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditjar intern imwettaq fl-2010 (COM(2011) 643), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li ġie ppubblikat ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1189),
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽³⁾,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom provduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 (06084/2012 — C7-0052/2012), u jinnota li r-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għall-ewwel darba rrifjutaw li jirrakkomandaw li tingħata l-kwittanza,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 145, 146 u 147 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassa l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 75.⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1653/2004 tal-21 ta' Settembru 2004 dwar regolament finanzjarju standard tal-aġenziji eżekuttivi skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 66 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/60/KE tas-26 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi l-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regola 76 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati l-oħra kkonċernati (A7-0098/2012),
- A. billi skont l-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha teżegwixxi l-baġit u tamministra l-programmi u għandha tagħmel dan, skont l-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri fuq ir-responsabbiltà tagħha stess, b'konsiderazzjoni tal-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba,
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hi parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minn dawk id-deċiżjonijiet lid-Direttur tal-Aġenzija Eżekuttiva tan-Netwerk tat-Trasport Trans-Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 297, 22.9.2004, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 32, 6.2.2007, p. 88.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Kummissjoni

(2012/553/UE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0256/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu għall-kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u għad-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni ppubblikati ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
 - wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2011 bl-isem "Sinteżi tal-kisbiet amministrattivi tal-Kummissjoni fl-2010" (COM(2011) 323),
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-awditjar intern imwettaq fl-2010 (COM(2011) 643), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li ġie ppubblikat ma' dak ir-rapport (SEC(2011) 1189),
 - wara li kkunsidra r-Rapport Annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mar-risposti tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾, u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tal-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom provduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (06081/1/2012 — C7-0053/2012), u jinnota li r-Renju Unit, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għall-ewwel darba rrifjutaw li jirrakkomandaw li tingħata l-kwittanza,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 (06084/2012 — C7-0052/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat Euratom,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 55, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta' Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) u (3) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 76 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-kumitati l-oħra kkonċernati (A7-0098/2012),
- A. billi skont l-Artikolu 318 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tippreżenta l-kontijiet li jirrelataw għall-implimentazzjoni tal-baġit u tistabbilixxi dikjarazzjoni finanzjarja tal-assi u djun tal-Unjoni,

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 11, 16.1.2003, p. 1.

1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010;
2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni li hi parti integrali mid-deċiżjonijiet dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima III — Il-Kummissjoni u aġenziji eżekuttivi, u fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 dwar ir-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest tal-kwittanza tal-Kummissjoni għall-2010 ⁽¹⁾;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investment, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0154 (ara l-paġna 68 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima IV — Il-Qorti tal-Ġustizzja**

(2012/554/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0259/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra tal-Artikolu 314(10), u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0088/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċizzjoni u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima IV — Il-Qorti tal-Ġustizzja

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0259/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Ġustizzja għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra tal-Artikolu 314(10), u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0088/2012),
1. Jenfasizza li r-rapport annwali tagħha tal-2010 l-Qorti tal-Awdituri kkonstatat li: "m'għandha l-ebda osservazzjoni x'taġhmel dwar il-Qorti tal-Ġustizzja." (paragrafu 7.23);
 2. Jilqa' pożittivament il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri stimat li, abbażi tax-xogħol tal-awditjar tagħha, il-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010 għan-nefqa amministrattiva u nefqa oħra tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kienu ħielsa minn żbalji materjali; ir-rata ta' żball l-aktar probabbli hija valutata, fis-settur "nefqa amministrattiva" ġeneralment għal 0,4 % (paragrafi 7.9 u 7.10);
 3. Iqis li fl-2010, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha approprjazzjonijiet għall-impenji li ammontaw għal total ta' EUR 331 000 000 (EUR 318 000 000 fl-2009), u li r-rata ta' implimentazzjoni ta' dawn l-approprijazzjonijiet kienet 97,9 % (98,5 % fl-2009); jenfasizza li l-baġit tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa purament amministrattiv, u jonfoq 75 % għall-persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni u 25 % għall-bini, l-għamara, it-tagħmir u n-nefġiet varji għall-operat amministrattiv;
 4. Ifakkar li fl-2009, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet sottoposta għal valutazzjoni bir-reqqa tas-sistemi ta' kontroll u ta' sorveljanza; jenfasizza li l-Qorti tal-Awdituri kkonstatat li s-sistemi ta' kontroll u ta' sorveljanza eżistenti ħadmu b'mod effikaċi biex jidentifikaw l-iżbalji u l-eċċezzjonijiet possibbli;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

5. Ifakkar ukoll li l-Qorti tal-Awdituri osservat, fl-2009, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma pprevedietx l-iskadenza ta' kuntratt qafas; jinnota l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rapport annwali ta' attività tagħha tal-2010 ⁽¹⁾ dwar il-legalità tal-proċedura magħżula; josserva li t-tisħiħ tal-ġestjoni tal-data dwar il-kuntratti fis-sistema integrata ta' ġestjoni SAP (strument ta' ġestjoni baġitarja u finanzjarja) għandu jippermetti li tiġi evitat sitwazzjoni simili fil-ġejjieni;
6. Jinnota b'sodisfazzjon li d-direttorat tal-interpretazzjoni implimentat ir-rakkomandazzjonijiet tal-awditur intern dwar il-ġestjoni tal-interpretazzjoni u tal-infiq relatat mal-interpreti esterni u li l-funzjonament tajjeb se jkun sottopost għal verifika ulterjuri;
7. Jieħu nota tal-fatt li d-Direttorat Ġenerali tal-Infrastruttura stabbilixxa pjan ta' azzjoni fl-2009 biex jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet ewlenin tal-awditur intern dwar il-ġestjoni u l-konservazzjoni tal-opri tal-arti; jixtieq jinżamm infurmat bil-progress milħuq fir-rapport annwali ta' attività 2011;
8. Jieħu nota tal-fatt li s-servizz kompetenti wettaq żewġ eżerċizzji ta' awditjar interni dwar il-ġestjoni tal-likwidità, tal-kontijiet bankarji u tal-implimentazzjoni tal-pagamenti kif ukoll dwar il-gratifikasi per diem; jixtieq jinżamm infurmat bl-istabbiliment tar-rakkomandazzjonijiet fil-qafas tar-rapport annwali ta' attività;
9. Jifraħ li l-iżvilupp tal-applikazzjoni "e-Curia", li tippermetti l-preżentazzjoni u n-notifika tal-atti proċedurali b'mezz elettroniku, jiġifieri li daħlet ffażi ta' prova fl-2010, ma' żewġ Stati Membri; l-applikazzjoni "e-Curia" se jra tippermetti, maż-żmien, it-tneħħija ta' parti kbira ta' skambju ta' korrispondenza, id-diġitalizzazzjoni tal-atti proċedurali deħlin u ħerġin u l-ottimizzazzjoni tal-flussi ta' xogħol interni;
10. Jinnota b'sodisfazzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni tal-interpretazzjoni fir-rapport annwali ta' attività tagħha tal-2010 kif kien talab il-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2011 ⁽²⁾ dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (paragrafu 14); jinnota żieda konsiderevoli fl-għadd ta' seduti (+ 27 %), marbuta prinċipalment mat-tkabbir u mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona:

Għadd ta' seduti ⁽³⁾

	2004	2005	2006	2007	2008	2009	2010
smigħ	350	411	366	369	517	454	520
laqgħat oħra	63	51	78	54	30	37	102
total ta' seduti	413	462	444	423	547	491	622

11. Jenfasizza, fil-kuntest tal-ġestjoni u tar-reklutaġġ tal-interpreti, l-importanza tal-kooperazzjoni interistituzzjonali;
12. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti tal-Ġustizzja ressqet lill-awtoritajiet baġitarji, f'April 2011, pjan aġġornat ta' investimenti immobiljarji 2011-2013, immexxi minn żewġ objettivi prinċipali: minn naħa, li titlaqqa' t-totalità tas-servizzi tal-Qorti tal-Ġustizzja f'post uniku u, min-naħa l-oħra, li ssir sid il-bini; josserva li l-kost tal-kostruzzjoni huwa stmat madwar EUR 355 300 000 li minnu għad iridu jiġu kkonsolidati madwar EUR 40 000 000 fi tmiem l-2010;

⁽¹⁾ Rapport Annwali ta' Attività 2010, p. 91.

⁽²⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 90.

⁽³⁾ Rapport Annwali ta' Attività 2010, p. 54.

13. Jinsab sodisfatt li l-istatistika ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja għas-sena 2010 tidentifika, b'mod globali, produttività qawwija u titjib tal-effikaċja f'dak li għandu x'jaqsam maż-żmien tal-proċeduri: 16,1 xhur għar-rinviji għal deċiżjoni preliminari, 16,7 xhur għar-rikorsi diretti (meta mqabbla ma' 17,1 xhur fl-2009), 14,3 xhur għall-appelli (meta mqabbla ma' 15,4 xhur fl-2009);
14. Jawspika li jkun jista' jara kontinwazzjoni ulterjuri tat-tendenza ta' tnaqqis fit-tul ta' żmien tal-proċeduri; iqis, f'dan ir-rigward, li r-riorganizzazzjoni interna u r-riassenjazzjoni tal-persunal speċjalizzat fil-qasam ta' kompetenza tagħhom tista' tkun ta' benefiċċju għal dan l-oġettiv;
15. Jinsab inkwetat biż-żieda qawwija tal-għadd ta' kawżi ġodda (631 fl-2010) quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li, fl-istess ħin, l-għadd ta' kawżi magħluqa baqa' stabbli; jikkonstata wkoll li l-għadd ta' kawżi pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tela' għal 799 għas-sena inkwistjoni u dan minkejja li t-tul ta' żmien medju tal-proċeduri jinsab fil-livell l-aktar baxx, jiġifieri 16,1 xhur għal kull proċedura:

Attivitajiet ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja ⁽¹⁾

kawżi	2006	2007	2008	2009	2010
ġodda	537	581	593	562	631
magħluqa	546	570	567	588	574
pendenti	731	742	768	742	799

16. Josserva bi tħassib iż-żieda qawwija tal-għadd ta' kawżi ġodda (636 fl-2010) quddiem it-Tribunal; jikkonstata li l-għadd ta' kawżi magħluqa qiegħed kemxejn jonqos; madankollu, l-għadd ta' kawżi pendenti quddiem it-Tribunal laħaq 1 300, u dan minkejja t-tnaqqis tat-tul ta' żmien medju ta' proċedura (27,2 xhur fl-2009; 24,7 xhur fl-2010);

Attivitajiet ġenerali tat-Tribunal ⁽²⁾

kawżi	2006	2007	2008	2009	2010
ġodda	432	522	629	568	636
magħluqa	436	397	605	555	527
pendenti	1 029	1 154	1 178	1 191	1 300

17. Jappoġġa, b'hekk, l-inizjattiva tal-Qorti tal-Ġustizzja li ppreżentat, fl-aħħar ta' Marzu 2011, liż-żewġ fergħat tal-awtorità leġiżlattiva, proposta ta' riforma tal-Istatut tagħha (ir-riforma kienet tipprevedi partikolarment il-ħatra ta' 12-il imhalef ieħor fit-Tribunal); din l-inizjattiva għandha titmexxa bl-aktar mod kosteffikaċi possibbli ta' implimentazzjoni; jittama li l-miżuri strutturali se jkunu jistgħu jiġu approvati fil-bidu tal-2012 fid-dawl tal-implimentazzjoni tagħhom malli jkun possibbli fl-istess sena;
18. Jispera li r-rapport annwali ta' attività jipprovdi wkoll tabella eżawrjenti tar-riżorsi umani kollha għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, imqasma skont il-kategorija, il-grad, is-sess, il-parteċipazzjoni fit-taħriġ professjonali u ċittadinanza; jifraħ diġà, madankollu, bin-natura eżawrjenti tal-informazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rapport annwali ta' attività tagħha dwar il-ġestjoni tal-persunal tagħha, kif ukoll bit-tweġiba lill-mistoqsijiet supplimentari tal-Parlament rigward dan is-suġġett; jitlob li din l-informazzjoni, minn issa 'l quddiem, tkun inklużi awtomatikament fir-rapport tagħha u li tinforma wkoll bir-riżultati tal-użu min-naħa tal-persunal tagħha kemm tat-telexogħol kif ukoll tal-ħinjiet flessibbli.

⁽¹⁾ Rapport Annwali ta' Attività 2010, p. 6.

⁽²⁾ Rapport Annwali ta' Attività 2010, p. 8.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima V — Il-Qorti tal-Awdituri

(2012/555/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0260/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra tal-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0091/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima V — Il-Qorti tal-Awdituri

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0260/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra tal-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0091/2012),
1. Jenfasizza li l-verifika tar-rendikonti finanzjarji tal-Qorti tal-Awdituri fl-2010 saru minn awditur estern; josserva li, fir-rapport tiegħu, l-awditur estern wasal għal din il-konklużjoni: "Fl-opinjoni tagħna, ir-rendikonti finanzjarji jagħtu stampa reali u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri fil-31 ta' Diċembru 2010, u l-likwidità tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill imsemmi, u r-Regoli tal-Kontabilità tal-Unjoni Ewropea." ⁽⁶⁾;
 2. Josserva iżda dan huwa awditjar "klassiku" li jeżamina "(...) jekk l-operazzjonijiet finanzjarji ġewx irreġistrati u żvelati b'mod tajjeb, jekk twettqux u ġewx ġestiti b'mod legali u regolari sabiex jiżguraw l-ekonomija, l-effiċjenza u l-effettività" (Rapport mill-Awditur Estern, punt 1, it-tielet subparagrafu); jawspika li l-awditjar futur iqis l-indikaturi tal-prestazzjoni u l-oġettivi;
 3. Jitlob li titjeb il-kwalità tas-sommarju dwar l-għadd u t-tip ta' awditjar intern li jsir kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet formulati u s-segwitu mogħti lil dawn ir-rakkomandazzjonijiet, jitlob ukoll li dan is-sommarju jkun aktar informattiv u rilevanti;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU C 267, 9.9.2011, p. 3.

4. Jikkonstata li fl-2010, il-Qorti tal-Awdituri kellha approprijazzjonijiet għall-impenji li ammontaw għal total ta' EUR 148 600 000 (EUR 188 000 000 fl-2009), u li r-rata ta' implimentazzjoni ta' dawn l-approprijazzjonijiet kienet 93 % (92,1 % fl-2009); jenfazizza li l-baġit tal-Qorti tal-Awdituri huwa purament amministrattiv, billi jonfoq 80 % għall-persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni u 20 % għall-bini, l-għamara, it-tagħmir u n-nefġiet varji għall-operat amministrattiv;
5. Josserva li r-rata ta' implimentazzjoni tat-titolu 1 "Persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni" żdiedet minn 87,6 % fl-2009 għal 92,3 % fl-2011; u li fl-2010 ntuża 98 % tal-approprijazzjonijiet tat-titolu 2 "Bini, għamara, tagħmir u nefġiet varji għall-operat amministrattiv";
6. Jilqa' l-fatt li, wara li għamlet riorganizzazzjoni, il-Qorti tal-Awdituri naqqset in-nefġa annwali f'servizzi ta' sigurtà b'EUR 500 000, filwaqt li bbenefikat minn servizz aktar effettiv u minn kontroll aħjar tar-riskju;
7. Jitlob lill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) iħaffef l-investigazzjonijiet relatati mal-allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet irrapportati mill-Qorti tal-Awdituri lill-OLAF fl-2010;
8. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri diġà rrevediet il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Membri tagħha u li l-Kodiċi issa jipprevedi li d-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-Membri jiġu ppubblikati fuq l-Internet;
9. Jikkonstata li l-Qorti tal-Awdituri ppubblikat fl-2010 żewġ rapporti annwali, 40 rapport annwali speċifiku (2009: 37), 14-il rapport speċjali (2009: 18) u sitt opinjonijiet (2009: 1); jissuġġerixxi bil-qawwa li l-Qorti tal-Awdituri tevalwa l-effetti u l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tagħha li jidhru fir-rapporti speċjali fi żmien raġonevoli u tinforma lill-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju bil-konklużjonijiet ta' din l-evalwazzjoni;
10. Iqis li l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni ta' kunflitti ta' interess huma ta' rilevanza kbira għall-użu effiċjenti u korrett tar-riżorsi kif ukoll għall-fiduċja tal-pubbliku fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni; jistenna r-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess fl-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, fl-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u fl-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, sal-aħħar ta' Ġunju 2012, kif kien ippjanat;
11. Jifraħ bil-kooperazzjoni professjonali u ġentili bejn il-Qorti tal-Awdituri u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit; jilqa' pożittivament f'dan ir-rigward l-azzjonijiet imwettqa mill-Qorti tal-Awdituri biex itejbu r-rwol tagħha fuq talba tal-Parlament, bil-għan li tħalli impatt akbar u profonda b'tali mod li dawn l-opinjonijiet u r-rapporti jkunu aktar effikaċi u utli u s-sistemi u l-proċeduri tagħhom ikunu aktar affidabbli u b'hekk jissaħħu s-sinerġiji bejn iż-żewġ istituzzjonijiet;
12. Ifaħħar il-kooperazzjoni tajba bejn il-Qorti tal-Awdituri u l-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju fir-rigward tal-kwittanza għall-Impriżi Konġunti għall-2010; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tagħti lill-awtorità ta' kwittanza rapport speċjali dwar l-effettività tal-ħolqien tal-Impriżi Konġunti u dwar il-valur miżjud li huma taw għall-eżekuzzjoni effiċjenti tal-programmi tal-Unjoni dwar ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u d-dimostrazzjoni;
13. Ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri kienet adottat strateġija ta' awditjar għall-perjodu 2009–2012 li ddefinjiet l-objettivi li ġejjin: (1) biex nilħqu l-massimu tal-impatt ġenerali mill-verifiki u (2) biex inżidu l-effiċjenza permezz tal-aqwa użu tar-riżorsi; jikkonstata b'sodisfazzjon li l-Qorti tal-Awdituri wettqet il-prijoritajiet li ġejjin fl-2010 ⁽¹⁾:
 - l-ilħuq tal-mira li jitwasslu bejn 12 u 15-il rapport tal-verifika tal-prestazzjoni kull sena,
 - l-iżvilupp ta' prodotti ġodda — dokument dwar riskji u sfidi għall-Kummissjoni l-ġdida (l-Opinjoni Nru 1/2010) u sistema ġdida stabbilita biex tirrapporta mill-2012 'il quddiem, dwar is-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti,

(1) Rapport ta' Attività Annwali 2010, p. 26.

- ir-reviżjoni tar-regoli interni tal-Qorti sabiex jiġi ssemplifikat it-teħid ta' deċiżjonijiet, bl-introduzzjoni ta' Awli, u sabiex tissaħħaħ it-tmexxija,
 - il-produzzjoni ta' sett sħiħ ta' indikaturi tal-prestazzjoni,
 - l-iżvilupp aktar tal-approċċ użat għall-verifika annwali tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE (id-DAS) abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' 'grupp ta' riflessjoni' intern sostnut minn esperti esterni,
 - l-allokazzjoni mill-ġdid ta' għadd ta' karigi mis-servizzi ta' sostenn, lejn il-verifika;
14. Jifraħ bil-fatt li l-għadd ta' karigi ddedikati lill-kompiti tal-awditjar żdied b'6 % ⁽¹⁾;
15. Josserva li fl-2010 l-Qorti tal-Awdituri kellha għadd ta' persunal li kien jammonta għal 889 uffiċjal, 48 aġent fuq kuntratt u 17-il espert nazzjonali ssekondat; 557 uffiċjal kienu fawli tal-verifika, li minnhom 123 fuffiċċji privati tal-Membri; jawspika li r-rapport annwali ta' attività fil-ġejjieni jipprovdi tabella eżawrjenti tat-total tar-riżorsi umani għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Awdituri, imqasma skont il-kategorija, il-grad, is-sess, il-parteċipazzjoni fit-taħriġ professjonali u ċittadinanza;
16. Iqis li, bil-għan tal-ottimizzazzjoni aħjar tal-attività tal-Qorti tal-Awdituri, għadd aktar sostanzjali ta' uffiċjali tal-Qorti għandhom ikunu speċjalizzati f'inkarigi ta' awditjar u jkunu jwettqu esklussivament dawn l-inkarigi; jistenna li fil-ġejjieni jara żieda fil-proporzjon ta' uffiċjali inkarigati minn dawn il-kompiti;
17. Josserva wkoll li l-Qorti tal-Awdituri għamlet total ta' 376 missjoni, li minnhom 351 fl-Istati Membri u 25 għand benefiċjarji oħrajn (Franza: 52, Ġermanja: 38, Renju Unit: 32, Italja: 30, Spanja: 26, Pajjiżi Baxxi: 23, Svezja: 15, Portugall: 14, Greċja: 13, Danimarka: 12, Lussemburgu: 11, Ungerija: 10, Polonja: 10);
18. Jitlob li l-Qorti tal-Awdituri tinkorpora fil-programmi ta' ħidma futuri tagħha, segwitu sistematiku ta' awditi speċifiċi preċedenti, wara li jkun għadda żmien suffiċjenti, sabiex tevalwa l-progress;
19. Huwa sodisfatt li l-Qorti tal-Awdituri tkejjel l-użu effiċjenti u effikaċi tar-riżorsi billi tapplika l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni; jieħu nota tal-progress kostanti; jawspika madankollu li l-Qorti tal-Awdituri tkompli żżid il-preżentazzjoni tas-sejbiet preliminari maħruġa fil-ħin (b'hekk tkun tista' tikkonferma l-preċiżjoni fattwali tas-sejbiet prinċipali ma' min qiegħed jiġi vverifikat) ⁽²⁾;
20. Josserva li l-abbozz tar-regolament finanzjarju tal-futur jipprevedi li l-aġenziji jkunu jistgħu jaħtru, wara konsultazzjoni mal-Qorti tal-Awdituri, awditur estern indipendenti, li jivverifika jekk l-implimentazzjoni tal-baġit tal-aġenzija tikkorrispondix mad-dispożizzjonijiet tar-regolament finanzjarju; jikkonstata li l-Qorti tal-Awdituri mbagħad tkun tikkunsidra r-rapport tal-awditur estern hija u tfassal l-opinjoni tagħha; josserva li l-Qorti tal-Awdituri nediet, fl-2011, proġett pilota mal-Eurofound (Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol);
21. Isegwi b'interess il-proġett pilota u l-eżitu tiegħu; jirrikonoxxi l-benefiċċji li din il-proċedura il-ġdida tista' tagħti billi tissemplifika l-ammont ta' xogħol tal-Qorti tal-Awdituri; iqis, madankollu, li r-riżultati għandhom primarjament ikunu evalwati f'termini ta' kwalità mqabbla ma' indikaturi ta' żmien u nefqa;

⁽¹⁾ Rapport ta' Attività Annwali 2010, p. 34.

⁽²⁾ Rapport ta' Attività Annwali 2010, p. 30.

22. Jinkoraġġixxi l-Qorti tal-Awdituri tipproċedi b'analiżi bir-reqqa tas-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll għall-Kunsill qabel l-aħħar tal-2012, kif imsemmi fir-riżoluzzjoni ta' kwittanza tal-Parlament tal-2009 ⁽¹⁾ (paragrafu 8);
23. Jistenna b'interess l-analiżi ta' segwitu mill-pari li l-Qorti tal-Awdituri biħsiebha tniedi fl-2012; jikkonferma l-intenzjoni tiegħu li jelabora rapport ta' inizjattiva dwar it-titjib li jaf jiġi propost lill-Qorti tal-Awdituri; jixtieq ikun mgħarraf dwar l-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-aħħar analiżi bejn il-pari;
24. Jikkonferma wkoll l-intenzjoni tiegħu li jipproponi r-reviżjoni tar-regoli għall-ħatra tal-kandidati għall-Qorti tal-Awdituri, b'tali mod li jitjebu l-kundizzjonijiet rikjesti minn adattament aħjar tal-Qorti għall-isfidi tal-lum u ta' għada.

⁽¹⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 94.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

(2012/556/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0261/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10), u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0092/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0261/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10), u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0092/2012),
1. Jinnota li fl-2010 l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) kellu approprjazzjonijiet ta' impenn ta' total ta' 127 200 000 EUR (122 000 000 EUR fl-2009), u li r-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 98 % (98 % fl-2009); jenfasizza li l-baġit tal-KESE huwa purament amministrattiv, b'70 % tiegħu jintefaqq fuq il-persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni u 30 % fuq il-bini, l-għamara, it-tagħmir u l-ispejjeż operazzjonali varji;
 2. Jistieden lill-KESE jillimita ż-żidiet tal-baġits tiegħu fis-snin li ġejjin għall-minimu assolut u jiffinanzja l-attivitajiet ġodda u estiżi tiegħu primarjament permezz ta' tfaddil;
 3. Ifakkar fit-talba li kien għamel fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2011 ⁽⁶⁾ dwar il-kwittanza għall-KESE għall-eżerċizzju 2009 biex dan jagħmel b'urġenża reviżjoni komprensiva tal-infiq fl-oqsma kollha ta' attività, sabiex jiżgura li l-infiq kollu qed jipprovi valur mill-flus minfuqa u sabiex jidentifika ffrankar possibbli li jista' jnaqqas il-piż minn fuq il-baġit f'dan il-perjodu ta' awsterità li minnu għaddejjja l-Unjoni;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 98.

4. Jilqa' l-fatt li fir-rapport annwali tagħha, il-Qorti tal-Awdituri stmat li, fuq il-bażi tal-awditjar tagħha, il-pagamenti relatati mas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2010 għall-ispejjeż amministrattivi u oħrajn tal-istituzzjonijiet u l-organi kienu globalment ħielsa minn żbalji materjali; jinnota li l-iktar żball probabli kien stmat, fil-qasam tal-"ispejjeż amministrattivi", li kien ġeneralment ta' 0,4 % (punti 7.9 u 7.10);
5. Jirrimarka li fir-rapport annwali tagħha għall-2010, il-Qorti tal-Awdituri għamlet osservazzjonijiet dwar ir-rimborż tal-ispejjeż tal-vjaġġi tal-membri tal-KESE u l-għoti ta' kuntratti bbażat fuq proċedura ristretta;
6. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Bureau tal-KESE ddeċieda, fis-6 ta' Diċembru 2011, li jirrifirma s-sistema ta' rimborżi tal-ispejjeż tal-membri, bl-għan partikulari li jirrimborża l-ispejjeż tal-vjaġġi biss skont l-ispejjeż reali, deċiżjoni li tikkonforma l-allowances ta' kuljum u għat-trasport ma' dawk li jħallas il-Parlament u li tippredvi allowances għall-kumpens tal-membri għall-ħin li jiddedikaw għall-funzjonijiet tagħhom u l-ispejjeż amministrattivi relatati, sakemm il-membri tal-KESE ma jirċievu l-ebda tip ta' remunerazzjoni jew pensjoni mill-baġit tal-Unjoni;
7. Iħeġġeġ u jistenna implimentazzjoni rapida tad-deċiżjoni tas-6 ta' Diċembru 2011 msemmija hawn fuq;
8. Huwa sorpriż bl-għadd kbir ta' titjiriet fatturati mill-membri tal-KESE fl-2010, u bid-distanza twila tagħhom (medja ta' 2 000 km); jitlob lill-KESE jipprovdi lista dettaljata tat-titjiriet kollha fatturati fl-2010, li tindika l-ajruport tat-tluq, il-waqfiet matul it-titjira, id-destinazzjoni, it-tul tat-titjira u l-ispiża li trid titħallas miċ-ċittadini Ewropej li qiegħdin iħallsu t-taxxa;
9. Jilqa' l-fatt li fil-laqgħa tal-Bureau tal-KESE tal-21 ta' Frar 2012, saru bidliet fir-rigward tal-konferma ta' preżenza u r-rimborż għall-parteċipazzjoni fil-vidjokonferenzi li kienu konformi ma' dak issuġġerit mill-Parlament (ġustifikazzjoni finali aktar soda għall-allowance prevista fl-Artikolu 12 u t-tħassir tal-punt dwar il-vidjokonferenzi); jistenna bil-ħerqa r-riżultati tan-negozjati bejn il-KESE tal-21 ta' Frar 2012 u l-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni definitiva u sodisfaċenti għal dawn il-kwistjonijiet kollha, li d-deċiżjoni dwarhom tiddependi mill-Kunsill;
10. Jinnota b'sodisfazzjon id-deċiżjoni tal-Bureau tal-KESE li tippredvi l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji tal-membri; jilqa' l-fatt li din id-deċiżjoni diġà ġiet implimentata;
11. Jilqa' l-interess riċenti u ikbar mill-membri tal-KESE fl-affarijiet finanzjarji u baġitarji, partikolarment fil-grupp baġitarju, li għab miegħu impenn sħiħ kemm sabiex ikun stabbilit baġit u kemm fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu; jixtieq jara tisħiħ fil-kooperazzjoni bejn il-membri tal-KESE u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament;
12. Jilqa' l-fatt li ż-żewġ Kumitati, il-Kumitat tar-Regġuni u l-KESE, finalment irnexxilhom jiksbu ċ-ċertifikat tal-EMAS (l-Iskema għall-immaniġġjar tal-ambjent u l-verifika) fis-27 ta' Diċembru 2011; jixtieq li jkun infurmat fuq bażi annwali x'progress ġie ppjanat u/jew sar għat-tnaqqis ulterjuri tal-impatt negattiv fuq l-ambjent minħabba l-attivitajiet tal-Kumitati;
13. Huwa sodisfatt bir-riżultati li juri r-rapport ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu dwar il-funzjonament tal-ftehim ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn il-Kumitat tar-Regġuni u l-KESE; josserva b'mod partikulari li l-ħolqien ta' servizzi konġunti ppermetta liż-żewġ Kumitati jiffrankaw mill-baġit; jittama li l-Kumitati jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa fl-oqsma tal-persunal (iktar armonizzazzjoni tar-regoli), tas-servizzi soċjali u mediċi u s-servizzi interni;
14. Jissuġġerixxi kompatibbiltà msaħħa tal-linji baġitarji prijoritarji taż-żewġ Kumitati; jemmen li din eventualment twassal għal żieda fl-iffrankar u għal tisħiħ addizzjonali tal-kooperazzjoni interistituzzjonali;

15. Jilqa' d-deċiżjoni tal-24 ta' April 2012 tal-KESE li jorganizza evalwazzjoni ta' xogħlu, kif diġà għamel il-Kumitat tar-Reġjuni (CAF ⁽¹⁾): Qafas Komuni ta' Evalwazzjoni, b'segwitu għar-rakkomandazzjoni ta' din ir-Riżoluzzjoni, kif adottata mill-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju fis-27 ta' Marzu 2012;
16. Jinnota wkoll b'sodisfazzjon li l-KESE ħa nota tal-osservazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u ntbagħtet tfakkira lill-uffiċjali tal-awtorizzazzjoni kollha b'sottodelega dwar l-elementi importanti li għandhom jiġu osservati fil-proċeduri tal-għoti ta' kuntratti; jinnota wkoll li l-KESE se jintensifika l-isforzi tiegħu biex jiġi żgurat li jkun hemm l-għarfien espert meħtieġ fl-akkwist pubbliku fil-kumitati ta' evalwazzjoni;
17. Jistieden lill-KESE jtejjeb il-kwalità tas-sommarju dwar l-attivitàjiet tas-servizz ta' awditjar intern sabiex il-Parlament ikun jista' jevalwa l-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u kontroll fil-KESE; jinsisti li s-sommarju għandu jkun informattiv u rilevanti; jistieden lill-KESE jibgħat mingħajr dewmien verżjoni kkoreġuta lill-kumitat kompetenti tiegħu;
18. Iqis li l-Anness D tar-rapport annwali ta' attività, li fih indikaturi ta' attività u prestazzjoni, huwa utli ħafna; huwa mħasseb mill-fatt li 12,3 % tas-servizzi ta' interpretazzjoni mitluba kienu kkanċellati, bi spiża ta' 913 344 EUR; jixtieq li jkun infurmat liema miżuri urġenti ttieħdu biex jirranġaw din is-sitwazzjoni;
19. Jitlob ippjanar finanzjarju u ġestjoni baġitarja aħjar sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet simili fil-futur;
20. Jistenna li r-rapport annwali ta' attività fil-futur jinkludi wkoll tabella komprensiva tar-riżorsi umani kollha li qiegħdin għad-dispożizzjoni tal-KESE, imqassma skont il-kategorija, il-grad, il-ġeneru, il-parteċipazzjoni fit-taħriġ professjonali u n-nazzjonalità;
21. Itenni t-talba tiegħu lill-Ombudsman li jinforma lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit dwar ir-riżultati tal-investigazzjonijiet marbuta tal-proċeduri tal-promozzjoni tal-persunal;
22. Jitlob li l-opinjoni kollha tal-KESE jiġu mehmuża mal-fajls rilevanti.

⁽¹⁾ Common Assessment Framework, European Institute for Public Administration, Maastricht 2006.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VII — Kumitat tar-Regġuni**

(2012/557/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0262/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kumitat tar-Regġuni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra tal-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0090/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Regġuni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kumitat tar-Regġuni għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VII — Il-Kumitat tar-Regġuni

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0262/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kumitat tar-Regġuni għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu verifikati ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra tal-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0090/2012),
1. Jenfasizza li fir-rapport annwali 2010 l-Qorti tal-Awdituri identifikat żbalji rigward ir-reklutaġġ ta' aġent permanenti u l-proċeduri ta' akkwist għal servizz ta' interpretazzjoni;
 2. Huwa sodisfatt bl-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kumitat tar-Regġuni (KtR) dwar l-iżbalji identifikati kif ukoll id-deċiżjonijiet meħuda biex jiġi evitat li dawn is-sitwazzjonijiet jerġgħu jiġru (titjib fil-proċedura ta' reklutaġġ ta' uffiċjal li ġej minn istituzzjoni oħra kif ukoll sorveljanza u monitoraġġ tal-istimi tal-valuri tal-kuntratti bis-saħħa ta' dokument standard u finalment, il-perfezzjonament tas-sistema ta' sorveljanza u ta' monitoraġġ tal-offerti permezz ta' kaxxa tal-ittri b'aċċess ristrett);
 3. Jifraħ li l-Qorti tal-Awdituri stimat li, abbażi tax-xogħol tal-awditjar tagħha, il-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010 għan-nefqa amministrattiva u nefqa oħra tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kienu ħielsa minn żbalji materjali; ir-rata ta' żball l-aktar probabbli hija valutata, fis-settur "nefqa amministrattiva" ġeneralment għal 0,4 % (punti 7.9 u 7.10);
 4. Jilqa' d-deċiżjoni tal-KtR li jiżviluppa u jimplementa format standard għad-dokumentazzjoni tal-estimi f'każ ta' proċeduri nnegozjati;
 5. Jikkonstata li fl-2010, il-KtR kellu approprjazzjonijiet għall-impenji li ammontaw għal total ta' EUR 90 800 000 (EUR 88 000 000 fl-2009), u li r-rata ta' implimentazzjoni ta' dawn l-appropriazzjonijiet żdiedet (99,4 % fl-2010 u 98,37 % fl-2009); jenfasizza li l-baġit tal-KtR huwa purament amministrattiv, billi jonfoq 72 % għall-persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni u 28 % għall-bini, l-għamara, it-tagħmir u nefqiet varji għall-operat amministrattiv;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

6. Jistieden lill-KtR jillimita ż-żidiet tal-baġits futuri tiegħu sal-minimu neċessarju u jirrikorri l-ewwel għall-iffrankar u għar-razzjonalizzazzjoni tal-infiq eżistenti biex jiffinanzja l-attivitajiet il-ġodda li joħloq u dawk li jiżviluppa;
7. Jistieden lill-KtR jwettaq rieżami komprensiv tal-infiq abbażi tal-prinċipju tal-ibbaġitar fuq bażi żero biex jiġi identifikat iffrankar, aktar milli jkun hemm żieda perċentwali nominali b'mod konformi mal-inflazzjoni għall-baġits eżistenti matul kull ċiklu baġitarju;
8. Josserva b'sodisfazzjon li, fuq talba tal-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2011 ⁽¹⁾ dwar il-kwittanza għas-sena finanzjarja 2009, il-KtR saħħa il-proċedura baġitarja tiegħu li issa hi magħmula minn 4 stadji: it-tnejn mill-amministrazzjoni tal-KtR, il-valutazzjoni tal-abbozz preliminari mill-Kumitat għall-Affarijiet Finanzjarji u Amministrattivi (CFAA), it-teħid ta' pożizzjoni tal-Bureau u tal-Assemblea Plenarja tal-KtR dwar l-abbozz tal-baġit u l-eżami intermedju tal-implimentazzjoni (mid-term review);
9. Jifraħ li ż-żewġ Kumitati, il-KtR u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE), irnexxielhom sa fl-aħħar jiksbu ċ-ċertifikat EMAS (Skema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi tal-Unjoni Ewropea) fis-27 ta' Diċembru 2011; jixtieq ikun infurmat dwar it-total tal-enerġija użata li ġejja minn sorsi rinnovabbli;
10. Huwa sodisfatt bir-riżultati indikati fir-rapport ta' valutazzjoni intermedja dwar il-funzjonament tal-ftehim ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn il-KtR u l-KESE; josserva prinċipalment li l-ħolqien ta' servizzi konġunti ppermetta liż-żewġ Kumitati jiffrankaw f'termini ta' baġit; jawspika li l-Kumitati jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet fl-oqsma tal-persunal (aktar armonizzazzjoni tar-regoli), is-servizzi soċjali u mediċi u fis-servizzi interni; jixtieq ikun infurmat qabel il-proċedura ta' kwittanza li jmiss dwar l-ammont ta' ffrankar li sar;
11. Jifraħ lill-KtR għall-kwalità tas-sommarju dwar l-attivitajiet tas-servizz ta' awditjar intern; jitlob li l-verifiki dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet ta' stabbiliment (li għadhom għaddejjin) u dwar il-ġestjoni tal-linji baġitarji jsiru fl-inqas żmien possibbli kif anki jissaħħu l-monitoraġġ tar-rakkomandazzjonijiet dwar il-ħolqien ta' standards ta' kontroll intern u r-rilevanza taċ-ċirkwiti finanzjarji;
12. Jifraħ lill-KtR bil-pjan ta' titjib wara l-awtovalutazzjoni tal-ġestjoni tal-organizzazzjoni tiegħu (CAF ⁽²⁾): qafas ta' awtovalutazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika), intiż li:
 - itejjeb l-impatt u l-monitoraġġ tal-attivitajiet konsultattivi u politiċi,
 - jakkumpanja b'mod aħjar l-azzjonijiet politiċi u jtejjeb ir-relazzjonijiet interistituzzjonali kif ukoll is-subij internazzjonali,
 - isahha il-kooperazzjoni ma' u bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, u l-assoċjazzjonijiet tagħhom,
 - jeżamina l-potenzjal ta' ksib ta' effikaċja għall-mekkaniżmi politiċi tal-KtR, inkluż tnaqqis possibbli fl-ispejjeż tal-ivvjaġġar, bis-saħħa tal-uż tal-vidjokonferenzi,
 - iżid l-appoġġ propost lill-membri tal-KtR għal dak li għandu x'jaqsam mal-komunikazzjoni dwar il-KtR lir-rappreżentanti taċ-ċittadini,
 - jorganizza regolarment seminars għall-persunal maniġerjali fil-preżenza tal-President tal-KtR;

jixtieq jinżamm infurmat minn din l-inizjattiva fir-rapport annwali ta' attività;

⁽¹⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 102.

⁽²⁾ Common Assessment Framework, European Institute for Public Administration, Maastricht 2006.

13. Japprezza l-kwalità kostanti tar-rapport annwali ta' attività; jawspika li dan ir-rapport jkunu komplut, fil-ġejjieni, b'tabella eżawrjenti tat-total tar-riżorsi umani għad-dispożizzjoni tal-KtR, imqassma skont il-kategorija, il-grad, is-sess, il-parteċipazzjoni fit-taħriġ professjonali u ċittadinanza;
 14. Jerġa' jikkonferma l-pożizzjoni tiegħu skont liema, għall-finijiet ta' trasparenza, id-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji, inklużi l-aġġornamenti regolari, tal-membri tal-istituzzjonijiet kollha għandhom ikunu aċċessibbli fuq l-Internet; f'dan il-kuntest jieħu nota b'sodisfazzjon tad-deċiżjoni tal-Bureau tal-KtR ta' Diċembru 2011 ta' publikazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi finanzjarji tal-membri fuq l-Internet, fil-parti tas-sit fejn tinsab l-informazzjoni dwar il-membri;
 15. Jikkonstata li t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, u dan isaħħaħ ir-rwol tal-KtR; f'dan il-kuntest jifraħ lill-KtR, partikolarment ta' xogħlu f'dawk li huma l-istrateġija "Ewropa 2020" u l-governanza f'diversi livelli;
 16. Huwa tal-fehma li r-rapport annwali tal-impatt tal-KtR huwa strument utli biex jivvaluta x-xogħol tal-Kumitat;
 17. Jitlob li l-opinjoni kollha mogħtija mill-KtR jiġu mehmuża mad-dossiers rilevanti.
-

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew

(2012/558/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0263/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Ombudsman Ewropew għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0089/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lill-Ombudsman Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t' hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċizzjoni u r-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0263/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Ombudsman Ewropew għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10) u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u partikularment l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0089/2012),
1. Jenfasizza li fir-rapport annwali tagħha għall-2010, il-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li "m'għandha l-ebda osservazzjoni x'taġhmel dwar l-Ombudsman Ewropew" (punt 7.31); ifakkar, madankollu, li l-Qorti tal-Awdituri kienet talbet lill-Ombudsman Ewropew (minn hawn 'l quddiem "l-Ombudsman") li jabbozza dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ tal-persunal temporanju: kien jixtieq li kieku l-Qorti tal-Awdituri tinfirmah bir-riżultati;
 2. Jinnota li fl-2010, l-Ombudsman kellu għad-dispożizzjoni approprjazzjonijiet ta' impenn ta' total ta' 9 332 275 EUR (9 000 000 EUR fl-2009) u li r-rata ta' implimentazzjoni ta' dawn l-appropriazzjonijiet kienet ta' 89,65 %, li hu persentaġġ inferjuri għall-medja tal-istituzzjonijiet l-oħra u żewġ punti taħt ir-rata ta' implimentazzjoni tiegħu tas-sena ta' qabel (91,98 % fl-2009); jinnota madankollu li r-rata ta' implimentazzjoni varjabbli tiddependi prinċipalment fuq il-fluttwazzjoni tal-persunal u jenfasizza li l-baġit tal-Ombudsman huwa purament amministrattiv, b'79 % tiegħu jintefaq fuq il-persuni li jaħdmu mal-istituzzjoni, 15 % fuq il-bini, l-għamara, it-tagħmir u l-ispejjeż operazzjonali varji, u 6 % fuq il-funzjonijiet ġenerali li taqdi l-istituzzjoni;
 3. Jitlob ippjanar finanzjarju aħjar li jiżgura implimentazzjoni tal-baġit iktar effiċjenti;
 4. Jilqa' l-fatt li l-Ombudsman iffissa indikaturi ewlenin għall-prestazzjoni fil-pjan ta' azzjoni għas-sena 2010 kif ukoll tabella ta' valutazzjoni li se tippermetti l-kejl tal-isforzi tas-servizz bis-saħħa ta' sistema ta' benchmarking; jilqa' l-progress li sar matul is-sena;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

5. Jittama madankollu li jiżdied iktar in-numru u l-persentaġġ ta' każijiet fejn id-deċiżjoni ta' ammissibbiltà tittieħed fi żmien xahar; jindika li din ir-rata bħalissa hi ta' 66 %;
6. Jittama wkoll li n-numru u l-persentaġġ ta' inkjesti magħluqa f'inqas minn sena jkompli jiżdied; jindika li din ir-rata bħalissa hi ta' 66 %;
7. Jilqa' l-fatt li kienet stabbilita proċedura ġdida għar-reklutaġġ ta' aġenti temporanji kif ukoll għall-kalkolu tad-drittijiet individwali;
8. Jilqa' l-awditjar intern li sar mis-Servizz tal-Awditjar Intern fl-2010, li qies il-kummenti li saru fl-2009 u kkonkluda li s-sistema ta' ġestjoni u kontroll kienet effikaċi, suġġett għall-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma;
9. Ifakkar li r-rapport annwali dwar l-attività tal-Ombudsman fl-2010 reċentement kien is-suġġett ta' rapport fuq inizzjattiva proprja li l-Parlament adotta fis-27 ta' Ottubru 2011 ⁽¹⁾; għalhekk ma jixtieqx iżid iktar kummenti;
10. Jixtieq li lir-rapport annwali dwar l-attività tal-Ombudsman għall-2011, jinkludi, jekk ikun il-każ, kapitolu dwar is-segwitu għar-riżoluzzjoni dwar il-kwittanza tal-Parlament u tabella komprensiva tar-riżorsi umani kollha għad-dispożizzjoni tal-Ombudsman, imqasma skont il-kategorija, il-grad, il-ġeneru, il-parteċipazzjoni fit-taħriġ professjonali u n-nazzjonalità.

⁽¹⁾ Testi adottati minn din id-data, P7_TA(2011)0467.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima IX — Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

(2012/559/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011)0 73 — C7-0264/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10), u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0093/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri, lill-Ombudsman Ewropew u lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima IX — Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 473 — C7-0264/2011) ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) għall-awtorità ta' kwittanza dwar il-verifiki interni mwettqa fis-sena 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri għas-sena 2010 dwar l-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-istituzzjonijiet ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽⁴⁾ dwar l-affidabilità tal-kontijiet kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom hija bbażata, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri għas-sena finanzjarja 2010 skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 314(10), u l-Artikoli 317, 318 u 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikulari l-Artikoli 50, 86, 145, 146 u 147 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0093/2012),
1. Jinnota li, fir-rapport annwali tagħha għall-2010, il-Qorti tal-Awdituri osservat li: "Waqt li n-natura speċjalizzata tal-funzjonijiet magħmula mill-Uffiċċju KEPD tista' tiġġustifika l-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni interna [organizzata fl-oqsma legali, teknoloġiċi, tar-riżorsi umani u l-assistenza amministrattiva fl-2009], din il-politika m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala n-norma. L-aħjar Prattika hija li jintużaw is-servizzi tal-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO), li jorganizza kompetizzjonijiet miftuħa fuq bażi regolari." (punt 7.32);
 2. Huwa sodisfatt li fl-2009-2010 l-KEPD organizza, b'kooperazzjoni stretta mal-EPSO, kompetizzjoni ġenerali fil-qasam tal-protezzjoni tad-data biex jirrekluta persunal speċjalizzat ħafna;
 3. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri smat li, abbażi tax-xogħol tal-awditjar tagħha, il-pagamenti għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2010 għan-nefqa amministrattiva u nefqa oħra tal-istituzzjonijiet u tal-korpi kienu kumplessivament ħielsa minn żbalji materjali; jinnota li l-iktar żball probabbli kien smat, fil-qasam tal-"ispejjeż amministrattivi", li kien ġeneralment ta' 0,4 % (paragrafi 7.9, 7.10 u 7.32);

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010.

⁽²⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 1.

⁽³⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU C 332, 14.11.2011, p. 134.

⁽⁵⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

4. Ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri kienet talbet lill-KEPD, waqt l-eżerċizzju 2009, biex jistieden lill-membri tal-persunal tiegħu jipproduċu, f'intervalli regolari, id-dokumenti li juru s-sitwazzjoni personali tagħhom; jinnota li sadanittant il-KEPD ikkoreġa l-iżbalji li nstabu fil-qafas tad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-2009 fl-2010 u l-2011, u stabilixxa strumenti li jippermettulu jtejjeb il-ġestjoni tal-allowances; jenfasizza li l-Qorti tal-Awdituri se tivverifika l-progress fir-rapport annwali tagħha għall-2011;
 5. Jinnota li fl-2010, il-KEPD kellu approprjazzjonijiet ta' impenn ta' total ta' 7 104 351 EUR (7 000 000 EUR fl-2009), u li r-rata ta' implimentazzjoni ta' dawn l-appropriazzjonijiet kienet ta' 82,73 % (81,44 % fl-2009); jenfasizza li l-baġit tal-KEPD huwa purament amministrattiv, bl-ispjaza tkun ta' 65 % għall-persuni marbuta mal-istituzzjoni (intestatura 1) u 35 % għall-bini, l-għamara, it-tagħmir u spejjeż operazzjonali mixellanji (intestatura 2);
 6. Jistieden lill-KEPD jipprepara baġits annwali li jaqblu mal-bżonnijiet tiegħu (mill-intestatura 1 intużaw biss 75 % fl-2010) u biex jiżgura implimentazzjoni aħjar tal-baġit (punt 7.35);
 7. Jinnota b'sodisfazzjon li r-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapporti tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Kummissjoni dwar l-eżerċizzju 2009 kienu implimentati kif ġej:
 - sistema interna ġdida ta' verifika finanzjarja żdiedet mal-pjan finanzjarju marbut mal-fluss tax-xogħol (workflow),
 - kien innominat konsulent dwar il-kontabilità,
 - iddaħħal regjistru ċentrali għall-eċċezzjonijiet, u
 - qed tiġi adottata sistema ta' verifika *a posteriori*;
 8. Jieħu nota tal-bidliet profondi introdotti fl-organizzazzjoni tal-persunal fl-2010 u jitlob li jkun infurmat dwar ir-riżultati tat-tabella tal-persunal il-ġdida; f'dan il-kuntest, japprezza li l-KEPD jinkludi fir-rapport annwali dwar l-attività tiegħu wkoll is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament;
 9. Jinnota li l-istabbiliment ta' sistema elettronika sigura tal-ġestjoni tal-każijiet tikkostitwixxi progress; jixtieq ikun infurmat dwar l-iżviluppi fir-rapport annwali dwar l-attività li jmiss;
 10. Jinnota li l-KEPD se jistabbilixxi sistema ta' indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin fil-pjan ta' ġestjoni għas-sena 2012, kif ukoll tabella ta' valutazzjoni li se tippermetti l-kejl tal-isforzi tas-servizz bis-saħħa ta' sistema ta' benchmarking; dan il-pjan se jkun evalwat bħala parti mir-rapport ta' attività annwali għall-2012;
 11. Jinnota li r-rapport annwali tal-attivitajiet għas-sena 2011 se jkun fih kapitolu dwar is-segwitu tar-riżoluzzjoni dwar il-kwittanza tal-Parlament;
 12. Jittama li rapport annwali dwar l-attività għas-sena 2011 jinkludi wkoll tabella komprensiva tar-riżorsi umani kollha għad-dispożizzjoni tal-KEPD, imqassma skont il-kategorija, il-grad, il-ġeneru, il-parteċipazzjoni fit-taħriġ professjonali u n-nazzjonalità.
-

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/560/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni maħruġin ma' dan ir-rapport ((SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra r-rendikonti finanzjarji u l-kontijiet tad-dħul u tal-infiq tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 471 — C7-0273/2011),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2011 dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-2010,
- wara li kkunsidra l-informazzjoni finanzjarja dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (COM(2011) 334),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet li jaqgħu taħt it-Tmien, id-Disa' u l-Għaxar Fond Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Kummissjoni ⁽¹⁾ u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurarazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi pprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 rigward il-kwittanza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-baġit tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010 (05458/2012 — C7-0047/2012, 05459/2012 — C7-0048/2012, 05460/2012 — C7-0049/2012),
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽³⁾ u revedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi u territorji barranin mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni dwar it-Territorji Barranin") ⁽⁵⁾, emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/249/KE ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehim Intern tal-20 ta' Diċembru 1995, bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni tal-ghajjnuniet tal-Komunità skont it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni AKP-KE ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 251.

⁽²⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 262.

⁽³⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4.

⁽⁵⁾ ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1 u ĠU L 324, 7.12.2001, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 109, 26.4.2007, p. 33.

⁽⁷⁾ ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehim Intern tat-18 ta' Settembru 2000, bejn ir-Rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-ġestjoni tal-ghajjnuna Komunitarja skont il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmat f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u dwar l-allokazzjoni tal-ghajjnuniet finanzjarji destinati għall-pajjiżi u għat-territorji barranin li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-raba' parti tat-Trattat KE ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għall-koperazzjoni għall-iffinanzjar tal-iżvilupp skont ir-raba' Konvenzjoni AKP-KE ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 142 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 76 u 77, it-tielet inċiż, u l-Anness VI, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0100/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, id-disa' u l-għaxar fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investment, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.

⁽²⁾ ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.

⁽³⁾ ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw dan ir-rapport ((SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra r-rendikonti finanzjarji u l-kontijiet tad-dħul u tal-infiq tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 471 — C7-0273/2011),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2011 dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-2010,
- wara li kkunsidra l-informazzjoni finanzjarja dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (COM(2011) 334),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet li jaqgħu taħt it-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Kummissjoni ⁽¹⁾ u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 rigward il-kwittanza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-baġit tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010 (05458/2012 — C7-0047/2012, 05459/2012 — C7-0048/2012, 05460/2012 — C7-0049/2012),
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽³⁾ u revedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi u territorji barranin mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni dwar it-territorji barranin") ⁽⁵⁾, emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/249/KE ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehim Intern tal-20 ta' Diċembru 1995, bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-amministrazzjoni tal-għajjuniet tal-Komunità taħt it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-raba' Konvenzjoni AKP-KE ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 251.

⁽²⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 262.

⁽³⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4.

⁽⁵⁾ ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1 u ĠU L 324, 7.12.2001, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 109, 26.4.2007, p. 33.

⁽⁷⁾ ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehim Intern tat-18 ta' Settembru 2000, bejn ir-Rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-ġestjoni tal-ghajjnuna Komunitarja skont il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmat f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u dwar l-allokazzjoni tal-ghajjnuniet finanzjarji destinati għall-pajjiżi u għat-territorji barranin li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-raba' parti tat-Trattat KE ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Lulju 2011 dwar iż-żieda tal-impatt tal-politika ta' żvilupp tal-UE ⁽²⁾ u dwar il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Mejju 2008 dwar is-segwitu tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2005 dwar l-Effettività tal-Għajjnuna ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' Settembru 2006 dwar kooperazzjoni aktar u aħjar: il-pakkett għall-2006 dwar għajjnuna effettiva tal-UE ⁽⁵⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Għajjnuna fl-Iżvilupp (DAC) tal-OECD dwar l-effettività tal-ghajjnuna, li huwa rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi ta' Ġunju 2009,
 - wara li kkunsidra l-“Konsensus ta' Tuneż: Nimmiraw lejn Żvilupp Effettiv” tal-4 u l-5 ta' Novembru 2010 li huwa aġenda Afrikana għall-żvilupp effettiv,
 - wara li kkunsidra d-dokument ta' eżitu dwar il-laqgħa ta' livell għoli tal-OECD dwar l-Effettività tal-Għajjnuna li saret f'Busan f'Diċembru 2011,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għall-koperazzjoni biex jiġi ffinanzjat l-iżvilupp skont ir-raba' Konvenzjoni AKP-KE ⁽⁶⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽⁷⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 142 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽⁸⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 76 u 77, it-tielet inċiż, u l-Anness VI, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0100/2012),
- A. billi l-għan ewlieni tal-ftehim ta' Cotonou bħala l-qafas tar-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-pajjiżi tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u l-pajjiżi u t-territorji barranin (OCT) hu li jnaqqas u eventwalment jelimina l-faqar, f'konsistenza mal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi tal-AKP u tal-OCT fl-ekonomija globali;

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.

⁽²⁾ Testi adottati P7_TA(2011)0320.

⁽³⁾ Testi adottati P7_TA(2011)0317.

⁽⁴⁾ ĠU C 279 E, 19.11.2009, p. 100.

⁽⁵⁾ ĠU C 306 E, 15.12.2006, p. 373.

⁽⁶⁾ ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.

⁽⁷⁾ ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

⁽⁸⁾ ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1.

- B. billi l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) huwa l-ikbar strument finanzjarju tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp mal-Istati tal-AKP,
- C. billi minkejja t-talba ripetuta tal-Parlament biex il-FEŻ jimxi skont il-baġit, il-Kummissjoni pproponiet li l-FEŻ jibqa' barra mill-baġit tal-Unjoni għall-perjodu 2014-2020 fil-Komunikazzjoni tagħha tad-29 ta' Ġunju 2011 "Baġit għall-Ewropa 2020" (COM(2011) 500), li jfisser li l-FEŻ se jkompli jkun implimentat mhux skont ir-Regolament Finanzjarju ġenerali iżda f'konformità ma' regoli finanzjarji speċifiċi,
- D. billi l-ammont totali tal-ghajjnuna li tgħaddi permezz tal-FEŻ qed tiżdied b'mod konsiderevoli peress li l-ammont tal-ghajjnuna tal-Unjoni skont l-għaxar FEŻ għall-perjodu 2008-2013 ġie ffixxat għal EUR 22 682 000 000, jiġifieri żieda nominali ta' 37 % fis-sena meta mqabbla mal-allokazzjonijiet finanzjarji tad-disa' FEŻ u, filwaqt li l-ħlasijiet mill-FEŻ irduppjaw mill-2000 sal-2010, il-problema tal-kapaċità ta' assorbiment għadha tippersisti,
- E. billi sena wara li ġie stabbilit is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) li jaqsam ir-responsabbiltà tal-ġestjoni tal-Ghajjnuna Ewropea għall-Iżvilupp mal-Kummissjoni, dan kien ikkritikat għal ineffiċjenza kif ukoll għal problemi strutturali serji u tranżizzjonali fid-Delagazzjonijiet tal-Unjoni;
- F. billi x-xenarju tal-ghajjnuna għall-iżvilupp qiegħed jevolvi kostantement u billi l-ghajjnuna għall-iżvilupp hija parti minn kuntest akbar fejn il-kummerċ, il-flus mibgħuta lejn il-pajjiżi u sorsi oħra ta' dħul illum saru, għal ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, aktar importanti mill-ħlasijiet totali tal-Ghajjnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA);
- G. billi t-trasparenza u r-responsabilizzazzjoni — minn banda bejn il-pajjiżi donaturi u l-pajjiżi sħab u mill-banda l-oħra bejn l-istat sieħeb u ċ-ċittadini tiegħu — huma prerekwiżiti biex ikun hemm ghajjnuna effettiva; billi fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi u fl-Aġenda ta' Akkra dwar l-Effiċjenza tal-Ghajjnuna (AAA), id-donaturi u l-pajjiżi sħab qablu li jipprovdu informazzjoni dettaljata f'waqtha dwar il-flussi tal-ghajjnuna attwali u futuri bl-għan li l-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw ikunu jistgħu jħejju l-baġit tagħhom u jawditjaw il-kontijiet tagħhom b'mod aktar preċiż;
- H. billi l-ghajjnuna għall-iżvilupp sikwit tingħata f'kuntest ta' istituzzjonijiet statali dgħajfa, seħħ frekwenti ta' korruzzjoni u sistemi ta' kontroll intern insuffiċjenti fl-istat riċevitur u billi l-awditu tal-baġit ta' żvilupp tal-Unjoni huwa, għaldaqstant, ta' importanza partikulari;
- I. billi l-2010 kienet sena ta' sfidi severi għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp globali minħabba, pereżempju l-kriżi tad-dejn finanzjarju globali, prezzijiet tal-ikel li għolew, u t-terremot ta' Haiti;
1. Ifakkar li l-FEŻ huwa implimentat permezz ta' proġetti u ta' appoġġ baġitarju, billi fl-2010 66 % tal-fondi ntużaw għal proġetti u 34 % għal appoġġ baġitarju; ifakkar li fl-2010 49 % tal-pagamenti mill-FEŻ kienu ġestiti b'amministrazzjoni ċentralizzata, jiġifieri l-Kummissjoni implimentat l-attivitajiet tal-ghajjnuna b'mod dirett, 11 % tal-pagamenti kienu ġestiti b'amministrazzjoni konġunta, jiġifieri permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Bank Dinji; 40 % tal-pagamenti kienu ġestiti b'amministrazzjoni mhux ċentralizzata, jiġifieri l-Kummissjoni fdat ċerti kompiti ta' implimentazzjoni lill-awtoritajiet tal-pajjiżi benefiċjarji;
 2. Jinnota b'sodisfazzjon ir-rekord għoli ta' pagamenti gross u r-rata ta' impenn ta' kważi 50 % sa nofs l-għaxar FEŻ, li jfisser li l-mira li jkun impenjat b'mod sħiħ l-għaxar FEŻ sa tmiem is-sena 2013 għad tista' tintlaħaq; jinsab imħasseb, madankollu, dwar ir-rati baxxi ħafna ta' impenn tal-pakketti regionali (20 %) u tal-Pajjiżi u Territorji Extra-Ewropej (3 %) sa nofs l-għaxar FEŻ; jitlob li l-Kummissjoni taċċelera urġentement l-implimentazzjoni tal-Programmi Indikattivi Reġjonali u l-programmi tal-OCT;
 3. Itenni t-tħassib tiegħu li l-Parlament m'għandux id-dritt ta' skrutinju tal-operazzjonijiet tal-FEŻ bl-istess mod li għandu għal strumenti oħra ta' ghajjnuna bħall-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI); iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposti konkreti biex jitjib l-iskrutinju Parlamentari fuq il-FEŻ billi tallinjah mad-DCI; jenfasizza wkoll l-importanza tas-sorveljanza tal-FEŻ mill-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE;

Il-ġestjoni baġitarja tal-FEŻ

4. Jikkonferma mill-ġdid li l-pożizzjoni tiegħu tappoġġja l-baġitizzazzjoni tal-FEŻ; jemmen bis-sħiħ li dan huwa pass indispensabbli lejn it-tisħiħ tal-kontroll demokratiku, ir-responsabilità, u t-trasparenza ta' fondi kif ukoll lejn aktar koerenza fil-politika tal-Unjoni fir-rigward tal-pajjiżi tal-AKP; jenfasizza li l-baġitizzazzjoni tnaqqas l-ispejjeż ta' tranżazzjoni u tissimplifika r-rekwiżiti ta' rappurtar u ta' kontabilità billi jkun hemm biss sett wieħed ta' regoli amministrattivi u strutturi ta' teħid ta' deċiżjonijiet minflok tnejn; jistenna li l-Kummissjoni tiżgura li l-baġitizzazzjoni ma ssirx askapitu ta' telf ta' prevedibilità tal-finanzjament tal-AKP;
5. Jiddispijaciha ħafna li l-Kummissjoni, fil-komunikazzjoni tagħha "Baġit għall-Ewropa 2020" ma ppropo-nietx li l-FEŻ jiġi inkorporat fil-baġit tal-Unjoni fil-qafas finanzjarju 2014-2020; jinsisti li malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard mill-2020, meta jiskadi l-ftehim Cottonou, il-FEŻ għandu jkun integrat fil-baġit tal-Unjoni; iħeġġeġ bis-sħiħ lill-Kummissjoni tipprepara mingħajr aktar dewmien l-integrazzjoni tal-kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-AKP fil-baġit;
6. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jirrispondu b'mod pożittiv għall-proposta tal-Kummissjoni u biex jaqblu li l-FEŻ jiġi integrat bis-sħiħ fil-baġit tal-Unjoni mill-2020 'il quddiem; jemmen li din il-miżura missha ilha li saret; jistenna li l-Kummissjoni tirrispetta dan l-impenn u tiegħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tibda tipprepara ħalli ddaħħal il-FEŻ fil-baġit;
7. Jenfasizza li l-inkorporazzjoni tal-FEŻ fil-baġit tal-Unjoni ma jimplikax li n-nefqa totali tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tista' titnaqqas;

Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni*L-affidabbiltà tal-kontijiet*

8. Jilqa' l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontabilità annwali finali tat-tmien, id-disa' u l-għaxar FEŻ tippreżenta b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-FEŻ sa mill-31 ta' Diċembru 2010;
9. Ifakkar fl-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri fejn tinsisti li għad hemm frekwenza għolja ta' żbalji ta' kodifikazzjoni; jinnota l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li għalkemm dawn l-iżbalji ma kellhomx impatt materjali fuq il-kontabilità annwali fl-2010, jistgħu potenzjalment jaffettwaw l-affidabbiltà tad-data tal-ġestjoni finanzjarja tal-EuropeAid;
10. Jinnota li l-pjan ta' azzjoni tal-EuropeAid qed jimmira li jtejjeb il-kwalità tal-informazzjoni dwar il-kuntratti fis-sistema tiegħu ta' ġestjoni ta' informazzjoni u kontabilità (CRIS), kif ukoll jinnota l-inizjattiva tal-kontabilità li tgħin l-utenti sabiex jikkodifikaw u jikklassifikaw b'mod tajjeb l-informazzjoni tal-kontabilità; jistenna t-tnedija ta' reviżjoni tal-modulu ta' verifika ta' CRIS fl-2012; jitlob lill-Kummissjoni biex tirraporta lill-kumitati kompetenti tal-Parlament dwar jekk sarx progress fit-tnaqqis mistenni fl-iżbalji ta' kodifikazzjoni persistenti u aktar titjib fil-kwalità tad-dħul ta' data;
11. Jinnota b'sodisfazzjon li l-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti (ABAC-FEŻ) Prattikament tlestiet; jinnota li s-sistema l-ġdida tal-kontabilità ssaħħaħ l-ambjent tal-kontabilità u ttejjeb il-kwalità tal-kodifikazzjoni;

Ir-Regolarità tat-tranżazzjonijiet

12. Jinnota b'soddisfazzjon li, skont il-Qorti tal-Awdituri, id-dħul u l-impjenji ma fihomx żbalji materjali imma jinsab imħasseb ferm dwar il-frekwenza qawwija ta' żbalji mhux kwantifikabbli li jaffettwaw l-impjenji fejn tirrigwarda l-konformità mar-regoli għal sejħiet ta' offerti u skenzenzi legali għall-firem tal-kuntratti.

13. Jinsab imħasseb dwar l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet u li juru li l-pagamenti kienu affettwati materjalment mill-iżbalji; ifakkar li l-kalkolu tal-Qorti tal-Awdituri tar-rata ta' iżbalji l-aktar probabbli għall-pagamenti mit-tmien, id-disa' u l-għaxar FEŻ huwa ta' 3,4 % li hi ogħla mil-limitu minimu ta' materjalità ta' 2 % u mill-fatt li nstabu iżbalji kwantifikabbli u mhux kwantifikabbli għat-tipi kollha ta' proġetti, ħlief għal kuntratti ta' forniment;
14. Jinnota li t-tipi prinċipali ta' iżbalji kwantifikabbli li li għad hemm fil-pagamenti tal-proġetti huma dawn li ġejjin: (a) ta' preċiżjoni: iżbalji ta' kalkulazzjoni, (b) ta' okkorrenza: nuqqas ta' fatturi jew ta' dokumenti ta' sostenn oħra għal servizzi li nġataw jew oġġetti pprovduti, (c) eliġibbiltà: nefqa li saret barra mill-perjodu ta' implimentazzjoni jew li kienet relatata ma' oġġetti mhux previsti fil-kuntratt u pagament mhux dovut tal-VAT jew in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' penaltijiet obbligatorji;
15. Jinsab imħasseb speċjalment dwar iż-żieda fi proġetti li ma tawx rendiment tajjeb fl-2010 (12,6 % meta mqabbla mal-11 % tal-2009) ⁽¹⁾ u l-frekwenza persistentement għolja ta' iżbalji fl-impenji li jaqgħu taħt ġestjoni deċentralizzata;
16. Jiddeplora l-frekwenza għolja persistenti ta' iżbalji mhux kwantifikabbli li qed jaffettwaw il-pagamenti; jinnota li l-iżbalji mhux kwantifikabbli jirrigwardaw l-aktar il-garanziji ta' rendiment, in-nuqqas ta' konformità mal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u dawk kontraenti għan-nefqa amministrattiva, id-dokumenti ta' sostenn mhux suffiċjenti u l-inkonsistenzi mar-regoli kuntrattwali;
17. Jinnota li fil-fehma tal-Kummissjoni l-iżbalji mhux kwantifikabbli ma kellhomx impatt finanzjarju; jieħu nota taż-żieda kbira fid-dispożizzjoni tal-EuropeAid għat-taħriġ online, kif ukoll tal-laqgħat ta' qabel il-ħatra għall-Kapijiet tad-Delegazzjoni li għadhom kif inħatru, eċċ., bħala strateġija biex jitnaqqsu l-iżbalji mhux kwantifikabbli; jistenna li l-Kummissjoni turi jekk dan iwassalx għal tnaqqis fin-numru ta' iżbalji mhux kwantifikabbli; jistieden lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-kontrolli *ex ante* ħalli tevita iżbalji mhux kwantifikabbli u l-possibilità ta' telf li jirriżulta min-nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar il-garanziji bankarji;

L-Iżbalji Residwi

18. Ifakkar li l-EuropeAid għadu qed jaħdem fuq indikatur prinċipali għall-impatt finanzjarju kkalkulat ta' iżbalji residwi wara li twettqu l-kontrolli *ex ante* u *ex post* kollha; jinnota l-affermazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li r-rata netta tal-iżbalji residwi tagħha hija inqas mir-rata ta' iżbalji kkalkolata mill-Qorti tal-Awdituri; ifakkar fl-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri li tiddikjara li l-verifika tal-Qorti tal-Awdituri ma tappoġġjax l-affermazzjoni tad-Direttur Ġenerali tal-EuropeAid li tgħid li hu għar assigurazzjoni raġonevoli li l-pagamenti mħallsa mill-EuropeAid permezz tal-FEŻ probabilmment ma kienux milquta minn iżbalji materjali;
19. Jiddispjaċih minħabba n-nuqqas ta' konformità bejn il-kalkolu tal-Qorti tal-Awdituri tar-rata ta' iżbalji l-aktar probabbli skont l-approċċ annwali tal-Qorti tal-Awdituri u l-metodoloġija attwali, minn naħa l-waħda, u l-prattika tal-Kummissjoni li tirreferi għar-rata netta tal-iżbalji residwi li tkopri aktar minn sena, min-naħa l-oħra; jemmen li l-approċċ mibni fuq ir-rata tal-iżbalji residwi fil-forma preżenti tiegħu ma jipprovdix data komparabbli għall-proċedura ta' kwittanza annwali; jinnota b'sodisfazzjon li l-Kummissjoni taqbel mal-Qorti tal-Awdituri li trid tinstab iktar evidenza kwantifikata; jistieden lill-Kummissjoni biex tlesti l-proċess għall-iżvilupp tal-indikatur prinċipali ħalli jiġi kkalkulat l-impatt finanzjarju tal-iżbalji residwi fil-limitu taż-żmien stabbilit, jiġifieri sal-2013;

L-evalwazzjoni globali tal-effettività tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll

20. Jiddispjaċih dwar il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li juru li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll globali tal-FEŻ ġestiti mill-Kummissjoni huma biss parzjalment effettivi; jinnota li l-monitoraġġ u s-sorveljanza mis-Servizzi Ċentrali tal-EuropeAid kienu effettivi, filwaqt li kienu biss parzjalment effettivi għad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni;

⁽¹⁾ Rapport annwali dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fondi ta' Żvilupp Ewropej fl-2010, p. 11.

21. Jiddispijaċi għall-fatt li l-iżvantaġġi tas-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni huma rikorrenti; ifakkar li l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri kienu jinkludu kontrolli mhux dokumentati sew u mhux effettivi tal-amministrazzjonijiet tal-Uffiċċjal Awtorizzanti Nazzjonali fil-pajjiżi beneficijarji tal-FEŻ, nuqqas ta' kapaċità istituzzjonali, restrizzjonijiet tar-riżorsi u rati għoljin ta' tibdil tal-persunal fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni; għaldaqstant jappella għat-tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali fl-amministrazzjoni tal-Uffiċċjal Awtorizzanti Nazzjonali billi jingħata taħriġ finanzjarju addizzjonali u gwida mmirata biex jingħelbu dawn id-dgħufijiet fil-ġestjoni finanzjarja;
22. Jinnota li fl-aħħar tliet rapporti annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-FEŻ ġew irrappurtati restrizzjonijiet tal-istaff u riżorsi umani inadegwati li jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-proċessi tal-awditu tal-Unjoni; jinsab ferm imħasseb dwar din il-problema rikorrenti;
23. Jenfasizza li għadd adegwat ta' staff kompetenti huwa prerekwiżit għall-implimentazzjoni effiċjenti u l-monitoraġġ u segwitu ta' kwalità għolja tal-ghajjnuna għall-iżvilupp tal-Unjoni; f'dan ir-rigward jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jagħtu prijorità suffiċjenti lill-aspetti tar-riżorsi umani tal-organizzazzjonijiet tagħhom kif ukoll lill-kosteffiċjenza, sabiex ma jikkompromettux il-kapaċità ta' xi delegazzjoni għall-kompiti ta' monitoraġġ u kontroll;
24. Jinnota l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-kontrolli *ex ante* kemm mill-uffiċjali awtorizzanti tas-servizzi ċentrali tal-EuropeAid u kemm fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni kienu biss parzjalment effettivi; ifakkar li l-kontrolli *ex ante* tal-EuropeAid jiddependu ħafna minn sorveljanzi jew awditi esterni u minn verifiki tan-nefqa; jiddispijaċi li minħabba l-frekwenza għolja ta' żbalji, il-Qorti tal-Awdituri sabet li l-assigurazzjoni li tista' tinħareġ hija biss limitata; jinnota li l-Kummissjoni introduċiet termini ta' referenza standard obligatorji għall-awdituri sabiex jindirizzaw din il-kwistjoni;
25. Jinnota b'sodisfazzjon li l-ambjent ta' kontroll kemm tas-Sistema Ċentrali tal-EuropeAid kif ukoll tad-Delegazzjoni tal-Unjoni kienu effettivi; jinsab imħasseb dwar id-dgħufijiet rikorrenti fis-sistemi ta' monitoraġġ u sorveljanza tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni bħal dokumentazzjoni nieqsa jew mhux adegwata, u l-użu ta' proċeduri għall-akkwisti mhux korretti mill-organizzazzjonijiet implimentattivi; jinnota li l-"Pakkett ta' Għodda ta' Ġestjoni Finanzjarja għal dawk li jirċievu fondi tal-UE għal azzjonijiet esterni" ġie finalizzat u tqassam sabiex itejjeb l-għarfien tal-organizzazzjonijiet implimentattivi dwar il-ġestjoni finanzjarja u r-regoli ta' eliġibbiltà;
26. Jinnota li l-Kummissjoni qed tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb is-sistemi ta' sorveljanza u kontroll tal-EuropeAid, jistenna li r-reviżjoni attwali tas-sistemi ta' kontroll tal-EuropeAid (il-Pjan ta' Azzjoni għal Piramida Msaħħa tal-Kontroll tal-EuropeAid) tipprovi riżultati pożittivi f'termini ta' obbligu, effiċjenza u kosteffiċakja; jistieden lill-Kummissjoni biex tinforma lill-kumitati kompetenti tal-Parlament dwar il-miżuri li saru biex jinstab rimedju għall-problemi msemmija hawn fuq;
27. Jilqa' l-introduzzjoni, f'Ġunju tal-2010, tal-format ġdid għar-rappurtar annwali tad-Delegazzjonijiet dwar ir-riformi tal-Ġestjoni tal-Finanzi Pubbliċi (PFM) fil-pajjiżi destinatari u jħeġġeġ lid-Delegazzjonijiet japplikaw dan il-qafas ġdid b'mod konsistenti;
28. Jilqa' l-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li r-Rapport tal-Attività Annwali huwa ċar u informativ, partikolarment permezz tal-użu ta' indikaturi kwantitattivi u joffri stampa ċara tal-implimentazzjoni u tar-riżultati;
29. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni iżżid il-livell ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-FEŻ fil-livell nazzjonali u dak reġjonali fil-pajjiżi tal-AKP u tiżgura viżibilità aħjar għall-attivitajiet esteri ffinanzjati mill-Unjoni;

Il-Kompetenzi tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) fl-implimentazzjoni tal-ghajjnuna għall-iżvilupp tal-Unjoni

30. Jinnota li l-2010 kienet sena li fiha s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) issawwar u beda jopera; itenni t-tħassib tiegħu li d-diviżjoni inizjali tal-kompetenzi bejn il-persunal tal-Kummissjoni u tas-SEAE fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni wassal għal konfużjoni u kritika ġustifikata, jitlob sabiex ikun hemm effettività mtejba tal-ghajjnuna għall-iżvilupp Ewropea biex jingħeleb il-mod frammentat li bih qed tiġi ġestita;

31. Jistieden lill-Kummissjoni biex issegwi u tirraporta dwar l-operat ta' din is-sistema ġdida; jinnota l-fatt li l-kwistjonijiet li kellhom b'żonn ta' kjarifika bejn is-SEAE u l-Kummissjoni qed jiġu indirizzati fl-"Arranġamenti tax-xogħol bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' relazzjonijiet esterni"; jitlob lill-Kummissjoni biex tressaq id-dokument lill-kumitati kompetenti tal-Parlament meta jitlesta, flimkien ma' rendikont tal-kwistjonijiet pendenti bejn il-Kummissjoni u s-SEAE u strateġija biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, kif ukoll il-kjarifika formali fir-rigward ta' flessibilità potenzjali fl-użu tar-riżorsi umani fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni;

L-appoġġ baġitarju

32. Ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri fir-Rapport Annwali tagħha dwar il-FEŻ fir-rigward tas-sena finanzjarja 2010 sabet li l-pagamenti ta' appoġġ baġitarju kienu effettwati minn frekwenza għolja ta' żbalji mhux kwantifikabbli fl-2010 — 35 %, l-istess perċentwali għolja bħal tal-2009, u dan juri livell għoli persistenti ta' żbalji fil-pagamenti għall-appoġġ baġitarju; jinnota li sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni l-Kummissjoni saħħet id-dispożizzjonijiet għat-taħriġ tagħha u ppreżentat il-Pakkett ta' Għodda ta' Ġestjoni Finanzjarja għal dawk li jirċievu fondi tal-UE għal azzjonijiet esterni; jistieden lill-Kummissjoni tkompli taħdem fuq din il-kwistjoni u tirraporta jekk dawn il-miżuri tejbux is-sitwazzjoni;
33. Ifakkar li l-appoġġ baġitarju ntuża mill-Kummissjoni bħala modalità ta' għajjnuna għal kważi għoxrin sena; jinnota li għad hemm lok għal titjib fl-aspetti bħal fit-tfassil, fl-effiċjenza u fl-effettività tal-implimentazzjoni, tal-kontroll u tar-rappurtar;
34. Jirrikonoxxi l-vantaġġi potenzjali ta' appoġġ baġitarju; jemmen, madankollu, li din mhijiex is-soluzzjoni għal kull sitwazzjoni; jikkunsidra li l-modalità ta' għajjnuna hija ta' valur biss jekk tipprovd i biżżejjed trasparenza, responsabilità u effettività;
35. Jagħraf l-isforz magħmul u t-titjib miksub mill-Kummissjoni biex turi l-eliġibilità għall-appoġġ baġitarju b'mod aktar formalizzat u strutturat, pereżempju billi introduċiet il-qafas rivedut biex tevalwa l-progress fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi jew il-gwida dwar l-appoġġ baġitarju lil pajjiżi fraġli, eċċ.;
36. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonċentra fuq l-effettività tal-programmi billi tivverifika r-riżultati mal-indikaturi, tippubblika l-kundizzjonijiet u l-indikaturi ta' rendiment fid-Dokumenti ta' Strateġija tal-Pajjiżi u tiżgura li r-rapporti tad-Delegazzjonijiet juru b'mod formalizzat u strutturat il-progress li jkun sar fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi billi tiffissa b'mod ċar il-kriterji li magħhom irid jitqabbel il-progress, il-progress imwettaq u r-raġunijiet għalix il-programm ta' riforma ma jkunx ġie implimentat kif ipplanat;
37. Jilqa' l-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li l-għadd preċedentement għoli ta' żbalji mhux kwantifikabbli li jikkonċernaw id-dimostrazzjoni tal-progress fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi naqas sostanzjalment wara l-introduzzjoni ta' qafas rivedut għall-monitoraġġ u rappurtar tal-progress fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi f'Ġunju 2010; jistieden lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tnaqqas b'mod dejjem i l-iżbalji mhux kwantifikabbli;
38. Jinnota l-komunikazzjoni tat-13 ta' Ottubru 2011 tal-Kummissjoni dwar "L-Approċċ futur għall-appoġġ baġitarju tal-UE għal Pajjiżi Terzi" (COM(2011) 638) li tgħid, pereżempju, li l-Kummissjoni se tintroduċi kriterju tal-eliġibilità ġdid dwar "it-trasparenza u s-sorveljanza tal-baġit";
39. Ifakkar li, f'konformità mal-Artikolu 25(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, l-appoġġ baġitarju jista' jingħata jekk il-ġestjoni tan-nefqa pubblika tal-pajjiżi sħab tkun trasparenti, affidabbli u effettiva biżżejjed; f'dak il kuntest, juri t-tħassib tiegħu dwar ir-riskji kkawżati mill-interpretazzjoni "dinamika" tal-kriterji ta' eliġibilità min-naħa tal-Kummissjoni; jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-isforzi tagħha biex tissostanzja d-deċizzjonijiet tagħha dwar l-eliġibilità tal-appoġġ baġitarju u biex tiżgura li l-ftehimiet ta' finanzjament kollha jagħtu bażi komprensiva u ċara

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1905/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp (ĠU L 378, 27.12.2006, p. 41).

għall-evalwazzjoni tal-konformità mal-kundizzjonijiet ta' pagament; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiddetermina b'mod aktar ġustifikat u aktar trasparenti l-ammonti li għandhom ikunu allokatu lill-programmi individwali tal-appoġġ baġitarju;

40. Jenfasizza r-responsabbilizzazzjoni doppja għall-appoġġ baġitarju: bejn il-pajjiż donatur u l-pajjiż sieħeb u bejn l-istat sieħeb u ċ-ċittadini tiegħu; għaldaqstant jenfasizza l-interess kondiviż taċ-ċittadini li jħallu t-taxxa fl-Unjoni u fil-pajjiżi sħab f'awditjar trasparenti u korrett u l-ħtieġa kontinwa għal appoġġ imtejjeb għall-iżvilupp tal-kapaċità ta' kontroll tal-pajjiżi sħab infushom;
41. Ifakkar li l-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi hi waħda mill-kriterji biex jiġi pprovdut appoġġ baġitarju lill-102 pajjiżi benefiċjarji attwali ⁽¹⁾; jistieden lill-Kummissjoni tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar ir-raġunijiet li jiġġustifikaw li hemm disponibbli biss 28 Rapport tan-Nefqa Pubblika u tal-Kontabilità Finanzjarja (PEFA) fil-websajt tal-Kummissjoni ⁽²⁾;
42. Jistenna li l-Kummissjoni u l-Istati Membri joħolqu reġistru pubbliku li fih jiġu elenkati b'mod trasparenti ftehimiet dwar l-appoġġ baġitarju, proċeduri u indikaturi tal-iżvilupp ⁽³⁾;
43. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tippovdi rapporti regolari dwar it-tweqqif tal-għanijiet stabbiliti għall-appoġġ baġitarju tal-Unjoni u dwar problemi speċifiċi li ltaqgħet magħhom f'ċerti pajjiżi li jirċievuh; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-appoġġ baġitarju jitnaqqas jew jiġi kkanċellat meta ma jintlaħqux miri ċari;
44. Iqis li l-Green Paper ⁽⁴⁾, immedija fl-2010, bħala kontribut pożittiv għar-riflessjoni dwar kif l-appoġġ baġitarju jista' jsir strument iktar effiċjenti u effettiv għat-tnaqqis tal-faqar;
45. Ihegġegħ lill-Kummissjoni mill-ġdid tgħin lill-pajjiżi sħab jiżviluppaw il-kapaċitajiet tal-kontroll parlamentari u tal-awditjar u jżidu t-trasparenza u l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni, b'mod partikolari meta l-għajnuna tingħata permezz tal-appoġġ baġitarju, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 25(1)(b), tar-Regolament (KE) Nru 1905/2006 u; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tirrapporta b'mod regolari dwar il-progress miksub;

Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2010 tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-ġestjoni mill-Kummissjoni, tal-Appoġġ Baġitarju Ġenerali fil-pajjiżi tal-AKP, tal-Amerika Latina u tal-Asja

46. Jilqa' l-verifika tal-Qorti tal-Awdituri u r-rakkomandazzjonijiet kostruttivi li ħarġu minnha;
47. Huwa tal-opinjoni li l-Appoġġ Baġitarju Ġenerali (ABĠ) huwa strument ta' valur għoli għall-għoti tal-għajnuna jekk jintuża b'mod tajjeb, għaliex jista' jżid is-sjieda u r-responsabbiltà tal-gvernijiet benefiċjarji, kif ukoll il-bżonn għal skrutinju aħjar mill-parlamenti u l-involvement tas-soċjetà ċivili f'pajjiżi benefiċjarji, filwaqt li jitwessa' kemm il-bażi kif ukoll il-bżonn għal djaloga politiku b'saħħtu bejn l-Unjoni u l-pajjiżi benefiċjarji;
48. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li l-Kummissjoni ma ġestietx b'mod adegwat ir-riskji ewlenin li jaffetwaw id-dispożizzjoni effettiva tal-ABĠ għoxrin sena wara li bdiet toffri għajnuna permezz ta' dan l-istrument; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex issegwi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri sabiex issaħħaħ il-ġestjoni tar-riskju tagħha, permezz ta' valutazzjoni tajba tar-riskji fiduċjarji u tal-iżvilupp, partikolarment permezz ta' użu aħjar tal-informazzjoni disponibbli;

⁽¹⁾ Twegħiba għall-mistoqsija bil-miktub numru 23, indirizzata lill-Kummissarju Piebalgs fl-ambitu tal-Kwittanza 2010 tal-FEŻ, għas-seduta ta' smiġħ tat-12 ta' Jannar 2012.

⁽²⁾ http://ec.europa.eu/europeaid/what/economic-support/public-finance/pefa_assessments_en.htm.

⁽³⁾ Kif intalab fir-risoluzzjoni dwar il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi li qed jiżviluppaw, Testi adottati tal-5 ta' Lulju 2011, P7_TA(2011)0317, paragrafu 52.

⁽⁴⁾ Green Paper tal-kummissjoni tad-19 ta' Ottubru 2010: "Il-futur tal-appoġġ baġitarju tal-UE lil pajjiżi terzi" (COM(2010) 586).

49. Jaqbel mal-fehma tal-Kummissjoni li f'ċerti każijiet, approċċ dinamiku għall-ABĠ jista' jwassal għal riżultati politiki importanti, meta l-appoġġ baġitarju jingħata lil pajjiżi li juru nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi iżda li huma impenjati lejn ir-riforma u juru progress fl-implimentazzjoni tar-riformi; jinsab, madankollu, imhassew ħafna li 12 mill-pajjiżi tal-AKP, li mhumiex f'sitwazzjoni fraġli u li għalihom ġie pjanat l-ABĠ fid-dokumenti ta' strateġija tal-pajjiż għall-għaxar FEŻ u ħames pajjiżi tal-Amerika Latina li għandhom programmi tal-ABĠ, huma kklassifikati fil-Corruption Perception Index tal-2009 minn Transparency International bħala pajjiżi li għandhom livell ta' korruzzjoni għoli ħafna li jfisser li għabu inqas minn tliet punti fuq skala minn 10 (nadif ħafna) għal zero (korrott ħafna); iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tiżviluppa metodi ta' monitoraġġ adegwati, stretti u trasparenti u biex tiżgura li hemm biżżejjed persunal adegwat preżenti fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni qabel ma tinvolvi ruħha fl-ABĠ f'pajjiżi benefiċjarji li għandhom riskji fiduċjarji daqshekk għolja; f'dan il-kuntest, jistieden lis-SEAE sabiex jeżerċita bis-siħ ir-rwol politiku tiegħu permezz ta' parteċipazzjoni attiva fl-iżvilupp tal-għanijiet politiki tal-pajjiżi benefiċjarji fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u li jiżgura l-progress lejn il-kisba ta' dawn l-għanijiet;
50. Jinsab imhassew dwar il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri li ma kienx hemm biżżejjed attenzjoni fir-rigward tal-bżonn li jissaħħu l-korpi tas-supervizzjoni bħall-parlamenti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-pajjiżi benefiċjarji, għaliex it-tiħiħ tas-supervizzjoni parlamentari u t-titjib tal-involviment tas-soċjetà ċivili huma parti essenzjali tal-għanijiet tal-bini tal-ħiliet fir-rigward tal-ABĠ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tinvesti iktar fit-titjib tal-istituzzjonijiet, l-istat tad-dritt, id-demokrazija u l-governanza tajba tal-pajjiżi benefiċjarji;
51. Jistieden lill-Kummissjoni taħdem biex għanijiet bħal dawn tal-programmi tal-ABĠ tagħha jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-pajjiż sieħeb, fid-dawl tal-fatt li l-għan globali tal-programmi ABĠ huwa li jkun hemm appoġġ għall-implimentazzjoni tal-istrateġija għall-iżvilupp nazzjonali ta' pajjiż;
52. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex:
- juru determinazzjoni komuni ħalli jwettqu rwol politiku siħi u b'saħħtu fid-djalogu tagħhom mal-pajjiżi benefiċjarji, għaliex dan ir-rwol huwa essenzjali għas-suċċess tal-ABĠ, b'mod partikolari meta jgħorr miegħu l-impatt potenzjali enormi tal-politika komuni tal-Unjoni, kondiviża mill-Istati Membri kollha,
 - itejbu l-koordinazzjoni tagħhom tal-proċeduri,
 - isaħħu l-impenn tagħhom lejn l-għanijiet tal-ABĠ,
 - jevitaw li jibagħtu messaġġi diversi lill-pajjiżi benefiċjarji, anki jekk dan jidher li huwa diffiċli għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni daqs kemm huma diffiċli t-talbiet ġustifikabbli lill-pajjiżi benefiċjarji tal-ABĠ, fir-rigward tal-governanza tajba u l-istat tad-dritt;
53. Jinsab imhassew dwar il-konklużjoni tal-Qorti tal-Awdituri li t-tfassil u l-implimentazzjoni tal-erba' komponenti tal-programmi tal-ABĠ (jiġifieri l-provediment ta' fondi, is-sostenn għall-bini tal-ħiliet, il-kundizzjonijiet u d-djalogu) ma jiżgurawx l-akbar użu tal-impatt potenzjali tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni biex issewgi r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri billi tiddetermina l-ammonti li għand iridu jiġu allokati għall-programmi tal-ABĠ individwali li jkunu aktar appoġġjati u aktar trasparenti, billi tiffoka l-bini tal-ħiliet tagħha fir-rigward tal-kundizzjonijiet tal-eliġibilità u l-kundizzjonijiet speċifiċi għall-ħlasijiet, u billi ssaħħa l-approċċ tagħha għad-djalogu;
54. Jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu sehem b'mod aktar sistematiku fi djalogu mal-pajjiżi benefiċjarji dwar kull aspett tal-ABĠ u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-kompetenza esperta tal-persunal tagħha fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni sabiex jiġi msaħħa dan id-djalogu; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-persunal tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni li qed jimplementaw l-ABĠ ikollhom aċċess adegwat għar-riżorsi umani u l-informazzjoni;
55. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex ittejjeb ir-rappurtar tagħha dwar l-effettività tal-programm tal-ABĠ tagħha, b'mod partikolari billi tistabbilixxi metodu ta' valutazzjoni kwantitattiv adegwat u monitoraġġ sistematiku tal-progress bl-użu ta' indikaturi ċari u għanijiet li jistgħu jitkejlu;

56. Itenni t-talbiet tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tlesti rapport annwali dwar l-użu tal-appoġġ baġitarju sabiex tiġi mtejba l-identifikazzjoni tal-punti qawwija u d-dgħufijiet tal-programmi ta' appoġġ baġitarju eżistenti;
57. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lid-donaturi l-oħrajn biex jikkooperaw sabiex iwettqu evalwazzjoni konġunta b'mod regolari biex tiġi vvalutata l-effettività tal-għajnuna mogħtija permezz tal-programmi tal-ABĠ firrigward tat-tnaqqis tal-faqar.

Il-Prioritajiet għall-Iżvilupp, il-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp b'Impatt ogħla

58. Jenfasizza li l-ġestjoni tajba, id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u tnaqqis tal-faqar iridu jkunu miri integrati tal-organizzazzjonijiet implimentattivi fil-pajjiżi fejn qed jingħata l-appoġġ tal-FEŻ;
59. Ifakkar il-ġrajjet tar-Rebbiegħa Għarbija fl-2011 u l-importanza ta' fokus fuq il-prinċipji demokratiċi u l-appoġġ għall-bini tad-demokrazija fl-għajnuna kollha għall-iżvilupp;
60. Itenni l-impenn tiegħu lejn il-prinċipji tal-effettività tal-għajnuna msejsa fuq sħubija ġenwina, kif definita fi ħdan id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-OECD u l-AAA;
61. Jinnota b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni "Inżidu l-impatt tal-politika tal-UE għall-iżvilupp: Aġenda għall-Bidla" (COM(2011) 637) tat-13 ta' Ottubru 2011, li tippreskrivi appoġġ kontinwu għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp uman; jinsisti li mill-inqas 20 % tal-għajnuna tal-Unjoni tiġi allokata għall-edukazzjoni bażika u sekondarja u s-saħħa bażika; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tqiegħed aktar enfasi fuq is-saħħa materna, peress li dan hu Għan ta' Żvilupp tal-Millennju li l-progress għalih kien diżappuntanti;
62. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lill-appoġġ għat-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa billi tiffoka, b'mod partikolari, fuq l-ifqar persuni, ittejjeb il-kwalità tat-tagħlim u tgħin biex tistabbilixxi qafas ta' politika li jiffavorixxi l-fqar u li jkun sensittiv għal kwistjonijiet tal-ġeneru; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tiżgura viżibbiltà aħjar tal-attivitajiet iffinanzjati mill-Unjoni f'pajjiżi oħra;
63. Jilqa' l-fatt li l-għajnuna għall-iżvilupp m'għadhiex is-sors ewlieni ta' dħul għal ħafna mill-ifqar pajjiżi tad-dinja; jenfasizza li l-effikaċja tal-għajnuna tesiġi li pajjiżi foqra jkunu jistgħu jimmobilizzaw dħul domestiku u jiddeplora l-fatt li l-ammont ta' kapital maħruġ b'mod illeċitu minn pajjiżi li qed jiżviluppaw huwa akbar mill-ammont ta' dħul ta' kapital f'dawn il-pajjiżi, pereżempju minħabba l-korruzzjoni u l-evazzjoni tat-taxxa fuq skala kbira, jenfasizza li din hi problema serja u sostanzjali li qed ixxekekkel it-trażżin tal-faqar u ttawwal id-dipendenza fuq l-għajnuna;
64. Jenfasizza wkoll li l-iżvilupp soċjali u ekonomiku fit-tul jirrikjedi sorsi ta' dħul sostenibbli, aktar milli għajnuna; f'dan ir-rigward iqis li relazzjonijiet kummerċjali sodi u li jiffunzjonaw tajjeb b'konformità mal-prinċipji tad-WTO huma essenzjali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-pajjiżi tal-AKP biex isibu soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet pendenti relatati mal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika proposti u l-kummerċ ħieles bejn l-Ewropa u r-reġjun tal-AKP;
65. Jinsab imħasseb dwar il-proċeduri ta' kontroll attwali tal-Kummissjoni fejn il-fondi tal-Unjoni huma ġestiti permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali skont ftehimiet ta' amministrazzjoni konġunta; jirrimarka li t-termini għall-kontroll u s-segwitu tal-fondi tal-UE taħt amministrazzjoni konġunta u l-implimentazzjoni tagħhom urew dgħufijiet serji; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-imsieħba kollha tagħha jipprovduha b'aċċess faċli u mhux burokratiku għar-rapporti interni tal-verifika tagħhom;
66. Ifakkar fil-każ tal-Afganistan, fejn is-sitwazzjoni ta' sigurtà hija waħda diffiċli ħafna, tant li l-persunal tal-Kummissjoni ma jistgħux ikomplu jivvjaġġaw b'mod liberu, u dan jillimita ħafna t-tweġġiq ta' diversi proċeduri ta' kontroll intern standardizzati;

67. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jkun hemm rabta bejn l-ghajjnuna ta' urġenza, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp (LRRD) bil-għan li jissaħħu r-rabtiet bejn l-ghajjnuna ta' urġenza, l-irkupru u l-iżvilupp u biex tiġi żgurata tranżizzjoni mingħajr intoppi mill-ghajjnuna umanitarja għall-ghajjnuna għall-iżvilupp; jenfasizza li għad hemm wisq xogħol xi jsir biex jittejjbu l-koordinazzjoni, l-effiċjenza, l-effikaċja u l-konsistenza tal-LRRD;
68. Ihegġegħ lill-Kummissjoni sabiex tiżgura li l-finanzjament tal-FEŻ ikun koordinat ma' strumenti oħra (Il-Faċilità tal-Ikel, il-Programm Tematiku tas-Sigurtà tal-Ikel), l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem, il-Programm Tematiku ta' Atturi Mhux Statali/Awtoritajiet Lokali, l-Istrument għall-Istabbiltà, il-Proġett Pilota tal-Mikrofinanzjament Rurali); jistieden lill-Kummissjoni tiżgura koerenza u kumplementarjetà aħjar bejn l-ghajjnuna umanitarja u l-ghajjnuna għall-iżvilupp kemm fil-livell ta' politika kif ukoll fil-prattika, u tagħti aktar importanza lit-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri u t-tħejjija għad-diżastri, kif ukoll biex issaħħaħ ir-reżistenza tal-populazzjoni li tinsab friskju;
69. Jindika li l-UE teħtieġ firxa wiesgħa ta' għodda tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp adattata għal kundestri differenti għax ma teżistix soluzzjoni waħda tajba għall-kulħadd fl-ghajjnuna għall-iżvilupp; b'mod partikolari, jenfasizza l-ħtieġa għal għodda u metodi ta' ħidma speċifiċi għat-trattament ma' stati li fallex jew pajjiżi mingħajr demokrazija bħall-Eritrea, li qed tirrifjuta l-ghajjnuna għall-poplu minkejja kriżi kbira tal-ikel;
70. Jemmen li l-kriżi tal-ikel akuta li għaddejja bħalissa fil-Qarn tal-Afrika hija wkoll il-konsegwenza traġika tal-falliment fil-koerenza u l-kumplementarjetà bejn l-ghajjnuna internazzjonali umanitarja u l-ghajjnuna għall-iżvilupp u spekulazzjoni abbużiva fuq prodotti tal-ikel; jirrimarka li għall-kuntrarju tad-diżastri naturali, din kienet kriżi li stabbilixxiet ruħha ftit ftit u li eskalat gradwalment f'diżastru umanitarju; ifakkar li sfortunatament in-nixfiet u l-iskarsezza tal-ikel huma ta' karattru kroniku fil-Qarn tal-Afrika u li l-awtosuffiċjenza tal-bdiewa lokali jeħtieġ tiġi msaħħa biex tkun żgurata s-sostenibbiltà;
71. Jemmen li l-proċess tar-rieżami ta' nofs it-terminu għadu mhux komplut mill-pajjiżi msieħba kollha ⁽¹⁾, minkejja l-fatt li kien skedat għall-2010–2011; jistenna li l-Kummissjoni, malajr kemm jista' jkun, tlesti u ttiprovdi l-informazzjoni dwar l-eżitu tal-proċess ta' revizzjoni fuq il-websajt uffiċjali tagħha;

L-ghajjnuna tal-Unjoni lil Haiti

72. Ifakkar it-terremot ta' Haiti u l-konsegwenzi diżastrużi tiegħu; jiddeplora l-livell insuffiċjenti ta' koordinazzjoni tal-ghajjnuna umanitarja u l-ghajjnuna għall-iżvilupp (ir-rabta bejn l-ghajjnuna ta' emerġenza, ir-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp); hu tal-fehma li d-dispożizzjoni tal-ghajjnuna umanitarja għandha tkun ibbażata fuq strateġija ta' ħruġ; iqis li l-Kummissjoni għandha tindirizza l-isforzi u l-finanzjament tagħha għar-rijabilitazzjoni u l-iżvilupp;
73. Jiddeplora l-koordinazzjoni insuffiċjenti bejn id-delegazzjoni tal-Unjoni u r-rappreżentanza tal-ECHO; jappoġġa koordinament rinforzat bejn l-atturi kollha tal-Unjoni fil-pajjiż; ihegġegħ għaldaqstant lill-Kummissjoni sabiex tiżgura koerenza u kumplementarjetà aqwa bejn l-ghajjnuna umanitarja u l-ghajjnuna għall-iżvilupp, kemm fil-livell ta' politika kif ukoll fil-prattika;
74. Jiddeplora n-nuqqas ta' sostenibilità ta' xi proġetti u jenfasizza li l-proġetti għandhom jimmiraw prinċipalment li joħolqu l-impjegi u t-tkabbir sostenibbli biex jagħtu lok lill-Istat ta' Haiti li jżid id-dħul tiegħu u b'hekk jiddependi inqas fuq l-ghajjnuna barranija; jitlob għaldaqstant lill-Kummissjoni biex ttiprovdi l-Parlament b'lista tal-proġetti li twettqu f'Haiti u b'valutazzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni attwali tagħhom biex tiġi stmata s-sostenibbiltà tagħhom;
75. Jindika n-nuqqas ta' viżibilità tal-ghajjnuna tal-Unjoni f'Haiti; hu tal-fehma li biex tittejjeb il-viżibilità, mhux biss il-bandiera iżda wkoll l-isem tal-Unjoni Ewropea għandhom jidhru fuq dokumenti ta' PR aktar milli daww tal-Kummissjoni jew tad-DĠ ECHO, li huma ħafna inqas identifikabbli għaċ-ċittadini ta' Haiti;

⁽¹⁾ Twegħiba għall-mistoqsija bil-miktub numru 31, indirizzata lill-Kummissarju Piebalgs fl-ambitu tal-Kwittanza 2010 tal-FEŻ, għas-seduta ta' smigħ tat-12 ta' Jannar 2012.

Ir-Rapport Speċjali Nru 12/2010 tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-għajnuna għall-iżvilupp tal-Unjoni għall-edukazzjoni bażika fl-Afrika tas-sub-Sahara u fin-Nofsinhar tal-Asja

76. Jilqa' dan ir-rapport eċċellenti tal-Qorti tal-Awdituri li jipprovdi analiżi estensiva tal-kisbiet tal-appoġġ tal-Unjoni għall-edukazzjoni bażika; iżda jiġbed l-attenzjoni ukoll għan-nuqqasijiet tal-programm, li jeżistu biss parzjalment minħabba l-azzjonijiet li ttieħdu mill-Kummissjoni;
77. Jirrikonoxxi bis-siġħ id-diffikultajiet li ltaqgħet magħhom il-Kummissjoni hija u timplimenta dan il-programm waqt il-ħidma tagħha f'xi wħud mill-ifqar pajjiżi fir-regġuni kkonċernati u meta ta' spiss tipprova tilħaq lill-ifqar nies fil-popolazzjonijiet tagħhom; jaqbel li huwa suċċess notevoli li 45 % tal-indikaturi nkisbu u li 30 % kienu qed jagħmlu progress evidenti; jixtieq li l-Kummissjoni tindika, jekk sadattant, dawk il-figuri komplewx jitjiebu;
78. Japprova kompletament il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri u ħa nota tat-tweġibiet mill-Kummissjoni;
79. Ifakkar fir-risoluzzjonijiet ta' kwittanza tiegħu ta' qabel, li jsemmu li problema kbira fl-implimentazzjoni tal-programmi għall-iżvilupp speċifiċi hija n-nuqqas ta' persunal ikkwalifikat fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u l-appoġġ mogħti mill-Kwartieri Ġenerali tal-Kummissjoni: jistieden lill-Kummissjoni biex tiddiskuti dan mal-kumitati kompetenti tal-Parlament sabiex tinstab soluzzjoni aktar permanenti għal din il-problema;
80. Jistieden lill-Kummissjoni tindirizza n-nuqqasijiet li nnutat il-Qorti tal-Awdituri b'mod sistematiku; jixtieq jiġi infurmat dwar dan li ġej:
- (a) dwar il-kwalità tal-edukazzjoni (kwistjoni indirizzata f'dokument ta' ħidma mill-persunal li ġie ppubblikat fi Frar 2010 — SEC(2010) 121): jekk għal mument ninsew li huwa xi ftit jew wisq tard meta nqisu li l-programm ilu li tnieda, tistax il-Kummissjoni tindika x'miżuri oħra qed jittieħdu għall-monitoraġġ u għat-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni?
- (b) f'xi pajjiżi koperti mir-Rapport Speċjali Nru 12/2010, issemmew każijiet ta' frodi u ta' amminis-trazzjoni ħażina tar-riżorsi tal-gvern, inklużi għalliem "inviżibbli"; x'għajnuna qed tingħata mill-Kummissjoni biex tgħin lil dawn il-pajjiżi jeliminaw dawn il-forom ta' frodi?
- (c) wieħed mill-istrumenti/għodda bażiċi għall-implimentazzjoni ta' programm ta' suċċess hija d-disponibbiltà ta' data statistika u ta' evalwazzjonijiet adegwati tas-sistema edukattiva attwali; il-Qorti tal-Awdituri tiġbed l-attenzjoni li dawn l-istatistiċi u l-evalwazzjonijiet mhumiex disponibbli jew aġġornati f'numru ta' pajjiżi; x'miżuri ħadet il-Kummissjoni biex issib rimedju għal din il-problema?
- (d) hekk kif indikat il-Qorti tal-Awdituri, il-parteċipazzjoni tal-bniet fl-edukazzjoni bażika tiddependi fuq numru kbir ta' miżuri li mhumiex relatati mal-edukazzjoni bħal pereżempju faċilitajiet sanitarji separati, eċċ., għalkemm f'xi wħud minn dawn il-pajjiżi sar xi progress; x'miżuri speċifiċi ħadet il-Kummissjoni f'kull wieħed minn dawk il-pajjiżi biex iżżid il-parteċipazzjoni tal-bniet fl-edukazzjoni bażika, u liema minn dawk il-pajjiżi hu meqjus li skejtel li jkun fihom bniet biss jistgħu jipprovdu soluzzjoni?

Il-Faċilità ta' Investiment

81. Ifakkar li l-fondi allokatu għall-Faċilità ta' Investiment mill-għaxar FEŻ ammontaw għal EUR 1 530 000 000 għall-AKP u l-OCTs; jinnota li l-ammont totali tal-operazzjonijiet iffirmati mill-portafoll tal-Faċilità ta' Investiment kien ta' EUR 374 230 000 fis-sena finanzjarja 2010; ifakkar li l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) jamministra l-Faċilità ta' Investiment, strument rinnovabbli li jgħorr ir-riskji finanzjarji mill-FEŻ u li jimmira li jżid l-investment privat speċjalment fil-pajjiżi tal-AKP;

82. Jiddeplora l-fatt li l-Faċilità ta' Investiment mhijiex koperta mid-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri jew mill-proċedura ta' kwittanza tal-Parlament għalkemm l-operazzjonijiet isiru mill-BEI fisem u għar-riskju tal-Unjoni, bl-użu tar-riżorsi tal-FEŻ. iqis dan bħala mhux mixtieq għal raġunijiet politiċi u ta' kontabilità; jenfasisza li dawn id-dispożizzjonijiet inaqqsu l-kamp ta' applikazzjoni tal-poteri ta' kwittanza tal-Parlament, speċjalment jekk jiġi kkunsidrat li r-riżorsi tal-FEŻ jiġu mill-fondi pubbliċi tal-kontribwenti tat-taxxa Ewropej;
83. Jenfasisza li l-operazzjonijiet kollha tal-BEI ifffinanzjati mill-FEŻ iridu jkunu f'konformità sħiħa mal-Artikolu 208 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li hu dwar it-tnaqqis u l-eliminazzjoni tal-faqar bħala l-għan ewlieni tal-politika għall-iżvilupp tal-Unjoni; jemmen li hi biss politika għall-iżvilupp favur il-foqra li tista' tkun effettiva u sostenibbli;
84. Jemmen li l-politiċi ta' tkabbir ekonomiku ma jstgħux jirnexxu mingħajr il-promozzjoni ta' standards soċjali u ambjentali u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmi ta' protezzjoni soċjali;
85. Jistieden lill-BEI biex il-proġetti finanzjarji tiegħu jgħaqqadhom b'mod aktar dirett mat-tnaqqis tal-faqar u l-kisba tal-MDGs, id-drittijiet tal-bniedem, ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, il-prinċipji ambjentali u tax-xogħol deċenti, id-demokrazija, il-governanza tajba u l-ħolqien tal-kumpaniji, permezz tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
86. Jistieden lill-BEI biex isaħħaħ id-diliġenza dovuta fir-rigward tal-aspetti soċjali (inkluż ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem) fiċ-ċiklu tal-proġett, kemm permezz ta' analiżi *ex ante* u speċjalment permezz tal-monitoraġġ tul l-implimentazzjoni u t-tlestija tal-proġett; jitlob li tingħata definizzjoni ta' 'indikaturi dwar rendiment li tagħraf aħjar il-valur miżjud u l-impatt tal-operazzjonijiet tal-BEI u t-tisħiħ tal-kompetenza esperta tal-persunal fi żvilupp sostenibbli dwar id-drittijiet tal-bniedem, u dwar kwistjonijiet soċjali/tal-ġeneru;
87. Jinnota li l-evalwazzjoni indipendenti ta' nofs iż-żmien tal-Faċilità tal-Investment tal-BEI u tal-attivitatiet tar-riżorsi proprji tal-BEI fil-pajjiżi tal-AKP turi li l-isforzi tal-BEI biex jissorvelja l-implimentazzjoni ta' proġetti, biex jiżgura preżenza lokali u jagħmel segwitu dwar l-aspetti ambjentali u soċjali jidhru li għadhom mhumiex biżżejjed; jistieden lill-BEI biex itejjeb il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ tiegħu;
88. Jinnota b'sodisfazzjoni il-progress fir-Rapport Annwali tal-2010 tal-BEI dwar il-Faċilità ta' Investiment f'termini ta' ffukar fuq ir-riżultati; jikkunsidra madankollu li għad hemm ħafna lok għal titjib tar-rapporti annwali f'termini tal-preżentazzjoni ta' informazzjoni kompluta, rilevanti u oġġettiva fir-rigward ta' riżultati, l-għanijiet stabbiliti, l-għanijiet miksuba u r-raġunijiet għal nuqqasijiet possibbli, kif ukoll l-evalwazzjonijiet imwettqa u rendikont tar-riżultati tal-evalwazzjoni, inklużi d-dgħufijiet u l-kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati; jilqa' l-attitudni ta' kooperazzjoni tal-BEI waqt il-ħidma preparatorja tar-riżoluzzjoni ta' kwittanza;
89. Ifakkar li 14 % tal-fondi mill-Faċilità ta' Investiment (EUR 390 000 000) jgħaddu permezz tal-istituzzjonijiet finanzjarji ta' żvilupp bilaterali Ewropej jew proġetti konġunti;
90. Jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza fir-rigward tal-benefiċjarji finali tal-fondi mill-Faċilità ta' Investiment; jistieden lill-BEI biex japplika diliġenza dovuta stretta u msaħħa, waqt li jivverifika l-preżenza ta' konsultazzjoni pubblika lokali xierqa, dwar aspetti relatati mal-iżvilupp ta' proġetti koperti mill-garanziji tal-Unjoni, qabel ma tingħata l-approvazzjoni għal proġett, inkluża l-prestazzjoni ta' intermedjarji finanzjarji fl-użu ta' self mogħti mill-BEI dwar dawn l-aspetti; huwa tal-opinjoni li, fir-rigward ta' self lil pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-BEI għandu japplika diliġenza dovuta stretta u msaħħa f'konformità mal-proċeduri standardizzati, skont l-aqwa Prattiki Internazzjonali, f'dak li jirrigwarda l-ġlieda kontra l-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni Nru 1080/2011/UE tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 li tagħti garanzija tal-UE lill-Bank Ewropeu tal-Investment kontra t-telf minn self u garanziji għal self għal proġetti 'l barra mill-Unjoni (ĠU L 280, 27.10.2011, p. 1).

91. Jinsab imħasseb ħafna dwar rapporti ta' organizzazzjoni mhux governattiva f'każijiet allegati fejn il-fondi tal-BEI ghaddeu lil kumpaniji, li t-tmexxija tagħhom kienet jew qed tiġi investigata jew kienet akkużata b'korruzzjoni u ħasil tal-flus; jitlob lill-BEI iżomm ruħu infurmat dwar is-sustanza ta' każijiet ta' dan it-tip;
 92. Jinnota li l-BEI jiżgura l-komplementarjetà bejn il-proġetti finanzjati mill-BEI u mill-Kummissjoni billi jikkonsulta mal-Kummissjoni f'fażi kmieni ħafna, qabel ma l-BEI jibda japplika d-diliġenza dovuta tiegħu għall-proġetti; ifakkar li l-Kummissjoni hija membru mingħajr vot fil-Kumitat tal-Faċilità ta' Investiment u ttiprovdi l-opinjoni tagħha dwar kull proposta speċifika;
 93. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tagħmel monitoraġġ mill-qrib u tikkontrolla l-implimentazzjoni tal-Faċilità ta' Investiment, u sabiex tinforma l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament b'mod regolari dwar il-konklużjonijiet tagħha;
 94. Ifakkar li l-Ftehim Tripartitiku bejn il-Kummissjoni, il-BEI u l-Qorti tal-Awdituri jiddefinixxi r-rwol tal-Qorti tal-Awdituri fil-kontroll tal-FEŻ ġestiti mill-BEI; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri sabiex tipproduċi Rapport Speċjali dwar l-Effettività u l-Effiċjenza tal-FEŻ ġestiti mill-BEI mill-perspettiva tat-tnaqqis tal-faqar;
 95. Jinnota li l-BEI iħallas remunerazzjoni varjabbli lill-persunal tiegħu fil-forma ta' bonusijiet annwali; jistieden lill-BEI sabiex jippublika b'mod annwali informazzjoni dettaljata fis-sit tiegħu dwar l-ammont tal-bonusijiet annwali tal-persunal amministrattiv tiegħu, inklużi dawk ta' kull membru tal-Bord tad-Diretturi, tal-Kumitat ta' Ġestjoni u tal-Kumitat tal-Awditjar;
 96. Jinnota barra minn hekk li l-Bord tad-Diretturi attwali tal-BEI jikkonsisti f'seba' nisa u dsatax-il raġel; iħeġġeġ lill-Istati Membri jinnominaw kandidati nisa biex jimlew iż-żewġ postijiet vakanti attwali biex tinkiseb rappreżentanza aktar bilanċjata fuq il-Bord.
-

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tat-Tmien, id-Disa' u l-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010

(2012/561/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-segwitu ta' kwittanza għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736), u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanjaw dan ir-rapport ((SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra r-rendikonti finanzjarji u l-kontijiet tad-dħul u tal-infiq tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010 (COM(2011) 471 — C7-0273/2011),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Kummissjoni tas-27 ta' April 2011 dwar il-ġestjoni finanzjarja tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp fl-2010,
- wara li kkunsidra l-informazzjoni finanzjarja dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (COM(2011) 334),
- wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-attivitajiet li jaqgħu taħt it-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropej għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Kummissjoni ⁽¹⁾ u r-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri,
- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni ⁽²⁾ dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet, kif ukoll il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet bażiċi, ipprovduta mill-Qorti tal-Awdituri skont l-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 rigward il-kwittanza lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-baġit tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010 (05458/2012 — C7-0047/2012, 05459/2012 — C7-0048/2012, 05460/2012 — C7-0049/2012),
- wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp tal-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 ⁽³⁾ u revedut fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 ⁽⁴⁾,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi u territorji barranin mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni ta' Assoċjazzjoni dwar it-territorji barranin") ⁽⁵⁾, emendata mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/249/KE ⁽⁶⁾,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 33 tal-Ftehim Intern tal-20 ta' Diċembru 1995, bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri li jiltagħgu fi ħdan il-Kunsill, dwar il-finanzjament u l-ġestjoni tal-għajnuniet tal-Komunità skont it-Tieni Protokoll Finanzjarju għar-Raba' Konvenzjoni AKP-KE ⁽⁷⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 251.

⁽²⁾ ĠU C 326, 10.11.2011, p. 262.

⁽³⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

⁽⁴⁾ ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4.

⁽⁵⁾ ĠU L 314, 30.11.2001, p. 1 u ĠU L 324, 7.12.2001, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 109, 26.4.2007, p. 33.

⁽⁷⁾ ĠU L 156, 29.5.1998, p. 108.

- wara li kkunsidra l-Artikolu 32 tal-Ftehim Intern tat-18 ta' Settembru 2000, bejn ir-Rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar u l-ġestjoni tal-għajnuna Komunitarja skont il-Protokoll Finanzjarju għall-Ftehim ta' Sħubija bejn l-Istati tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha ffirmat f'Cotonou (Benin) fit-23 ta' Ġunju 2000 u dwar l-allokazzjoni tal-għajnuniet finanzjarji destinati għall-pajjiżi u għat-territorji barranin li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-raba' parti tat-Trattat KE ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 74 tar-Regolament Finanzjarju tas-16 ta' Ġunju 1998 applikabbli għall-koperazzjoni għall-iffinanzjar tal-iżvilupp skont ir-raba' Konvenzjoni AKP-KE ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 119 tar-Regolament Finanzjarju tas-27 ta' Marzu 2003 applikabbli għad-disa' Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 142 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 215/2008 tat-18 ta' Frar 2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regoli 76 u 77, it-tielet inċiż, u l-Anness VI, tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0100/2012),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali finali tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp huma kif annessi fit-Tabella 2 tar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri;
 2. Japprova l-ghelug tal-kontijiet tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-Bank Ewropew tal-Investment, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 355.

⁽²⁾ ĠU L 191, 7.7.1998, p. 53.

⁽³⁾ ĠU L 83, 1.4.2003, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 78, 19.3.2008, p. 1.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/562/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7—0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tal-28 ta' Novembru 1994 li jwaqqaf Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0125/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn isfel;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 117.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****li tinkludi l-kummenti li jaġhmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tal-28 ta' Novembru 1994 li jwaqqaf Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0125/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri affermat li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea ("iċ-Ċentru") għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li l-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011, il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u billi, fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza, il-Parlament inter alia talab liċ-Ċentru:
- jiżviluppa aktar il-valutazzjoni tar-rendiment tiegħu billi jtejjeb ir-rabtiet bejn l-azzjonijiet strateġiċi u l-azzjonijiet previsti fil-Programm ta' Ħidma Annwali tiegħu u billi jeżamina mill-ġdid l-indikaturi għall-monitoraġġ tar-rendiment tiegħu sabiex ikun konformi mal-kriterji SMART,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 117.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 125.

- jieħu miżuri aktar effikaċi biex jirrimedja għaż-żieda kostanti fil-bilanċ favorevoli; fl-2009 l-bilanċ favorevoli kien jammonta għal EUR 24 000 000, filwaqt li fl-2008 kien EUR 26 700 000, fl-2006 kien EUR 16 900 000, fl-2005 kien EUR 10 500 000 u fl-2004 kien EUR 3 500 000,
 - jinforma l-awtorità ta' kwittanza bil-passi li tressqu biex is-sistema ta' kontabbiltà ABAC titħaddem b'mod effettiv,
- C. billi l-baġit definittiv taċ-Ċentru għall-2010 kien ta' EUR 55 928 077 meta mqabbel ma' EUR 62 630 000 fl-2009, li jfisser tnaqqis ta' 11,98 %,
- D. billi l-volum ta' traduzzjonijiet fl-2010 kien l-ogħla minn meta twaqqaf iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, li jfisser żieda ta' 20,1 % tan-numru ta' paġni tradotti meta mqabbel mal-2009,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota, mir-Rapport ta' Attività Annwali taċ-Ċentru u mir-Rendikont Finanzjarju Annwali għall-2010, li l-baġit oriġinali għall-2010, ta' EUR 48 100 000, kien suġġett ta' żewġ baġits ta' emenda; jagħraf, b'mod partikolari, li l-aħħar żewġ baġits ta' emenda kellhom żewġ skopijiet:
 - li jinkludu l-bilanċ favorevoli baġitarju mis-snin preċedenti, ta' EUR 24 000 000, sabiex jitħallsu l-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-iskema ta' pensjonijiet lill-Kummissjoni għas-snin 1998-2009, fosthom somma totali ta' EUR 18 400 000 u biex jingħata rimborż lill-akbar aġenzija klijent taċ-Ċentru, l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni tas-Suq Intern, b'bilanċ ekonomiku għall-2009 ta' EUR 6 121 255;
 - biex jerġa jiġi b'bilanċjat il-baġit bis-somma ta' EUR 8 000 000, wara ż-żieda sinifikanti fit-tbassir tal-klijenti;
2. Jagħraf, mir-Rapport Annwali ta' Attività taċ-Ċentru li, minħabba numru akbar ta' paġni tradotti fl-2010, id-dħul taċ-Ċentru żdied għal EUR 51 200 000 fl-2010, żieda ta' 13,71 % meta mqabbla mal-2009; jinnota wkoll minn dan ir-rapport li r-rata ta' implimentazzjoni taċ-Ċentru għan-nefqa telgħet għal EUR 43 040 000, i.e. 86,79 % tal-appropriazzjonijiet, li tfisser żieda ta' 18,27 % meta mqabbla mal-2009;
3. Ifakkar li, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2965/94 dwar it-twaqqif tiegħu, id-dħul u l-infiq taċ-Ċentru li jidhru fil-baġit tiegħu għandhom ikunu bilanċjati; jinnota li għas-sena finanzjarja 2010 il-bilanċ favorevoli akkumulat taċ-Ċentru għall-2009 ammonta għal EUR 24 000 000; jieħu nota, madankollu, li prinċipalment permezz ta' trasferimenti ta' fondi għall-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni u r-rimborż lill-klijenti tiegħu, iċ-Ċentru rnexxielu jnaqqas dan il-bilanċ favorevoli għal EUR 9 200 000; jirrikonoxxi, barra minn hekk, miċ-Ċentru, li l-Bord ta' Tmexxija fl-2011 ddeċieda li juża dawn id-EUR 9 200 000 biex joħloq riserva għal investiment eċċezzjonali (EUR 4 300 000) u riserva għall-istabilizzazzjoni tal-prezzijiet (EUR 4 900 000);
4. Jilqa' r-risoluzzjoni għat-tilwim li ilu għaddej bejn iċ-Ċentru u l-Kummissjoni dwar il-kwistjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-iskema ta' pensjoni tal-Unjoni;
5. Jilqa' d-deċiżjoni fuq imsemmija tal-Bord ta' Tmexxija, adottata fl-2011, biex joħloq riserva ta' EUR 4 300 000 għal investimenti fil-programm CDT elettroniku li għandu jibda jiffunzjona matul is-snin 2012-2013 u riserva ta' EUR 4 900 000 għall-istabilizzazzjoni tal-prezzijiet, sabiex ikun hemm kumpens għat-tnaqqis potenzjali tad-dħul tiegħu minħabba tnaqqis antiċipat ta' talbiet għal traduzzjoni mill-klijenti tiegħu;
6. Jilqa' l-fatt li, wara t-talba tal-awtorità tal-kwittanza, il-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2010 saru disponibbli pubblikament fuq il-websajt taċ-Ċentru;

Il-proċeduri tal-akkwist

7. Jistieden li-Ċentru jassigura konformità mal-Artikolu 60 tar-Regolament Finanzjarju tiegħu billi jistabbilixxi deċiżjonijiet ta' finanzjament għan-nefqa operattiva; jitlob li-Ċentru biex b'mod partikolari jistabbilixxi kontrolli aktar b'saħħithom fil-proċess ta' ppjanar tal-akkwist;
8. Jirrikonoxxi mir-Rapport Annwali tal-Attività ta-Ċentru li ċ-Ċentru nieda żewġ proċeduri ġodda għall-għoti ta' servizzi ta' traduzzjoni/reviżjoni fil-qasam tal-ferrovija u dak marittimu;
9. Jinnota wkoll li kienu ffirmati total ta' 47 kuntratt qafas;

Ir-Riżorsi Umani

10. Jirrikonoxxi li, minħabba li tmien membri tal-persunal li kellhom punti ogħla ma kienux promossi filwaqt li xi membri oħra fl-istess grad kienu promossi, l-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal ma kienx rispettata, minħabba li attwalment ġew inkorporati elementi diskrezzjonali addizzjonali fid-deċiżjoni finali biex ingħatat il-promozzjoni; jinnota li, skont id-dikjarazzjoni ta-Ċentru, is-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) irrikonoxxi li d-deċiżjonijiet dwar il-karriera u l-promozzjoni tal-uffiċjali u tal-persunal temporanju adottati mill-Bord tat-Tmexxija fis-7 ta' Frar 2008 kienu suġġetti għal interpretazzjoni u li wara l-valutazzjoni finali tal-IAS dwar l-"Implimentazzjoni tal-promozzjoni tal-persunal" maħruġa mill-IAS f'Settembru 2010, iċ-Ċentru adatta l-interpretazzjoni tiegħu ma' dik tal-IAS filwaqt li l-kriterji addizzjonali li ntużaw preċedement għall-promozzjoni ġew abbandunati;
11. Jirrikonoxxi, barra minn hekk, l-osservazzjonijiet tar-Rapport Annwali tal-Attività li juru li ċ-Ċentru mexxa 22 proċedura ta' selezzjoni għal persunal temporanju u kuntrattwali, kif ukoll żewġ kompetizzjonijiet biex jistabbilixxi l-grad i-2010;
12. Jinnota li ċ-Ċentru implimenta servizz ta' orjentazzjoni professjonali sabiex jidentifika possibiltajiet għall-persunal u jippermetti orjentazzjoni ta' mobilità jew ta' karriera;

Ir-rendiment

13. Jilqa' ż-żieda ta' servizzi ta-Ċentru, f'termini ta' volum ta' traduzzjoni, għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni meta mqabbel mal-2009, u fosthom iż-żieda ta' 20,1 % tan-numru ta' dokumenti tradotti, filwaqt li l-baġit tnaqqas bi 11,98 % meta mqabbel mas-sena preċedenti;
14. Jinnota mir-Rapport Annwali tal-Attività ta-Ċentru li fl-2010 kien hemm sitt klienti ġodda li magħhom ġie ffirmat ftehim, i.e. l-Impriżi Konġunti Artemis, ENIAC, IMI u FCH, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil u l-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija u ġew stabbiliti l-ewwel kuntatti mal-Awtorità Bankarja Ewropea, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq u l-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol;
15. Jirrikonoxxi mir-Rapport Annwali tal-Attività ta-Ċentru li matul is-sena finanzjarja 2010 madwar 55 % tal-volum totali tal-paġni tradotti kien esternalizzat; jinnota barra minn hekk mir-rapport li ċ-Ċentru ħadem biex jikkonsolida t-tmexxija tal-ammont ta' xogħol ta' traduzzjoni tiegħu fl-2010 billi għaqqad flimkien is-sezzjonijiet tal-Ġestjoni tad-Domanda u l-Ġestjoni tal-Freelance; jirrikonoxxi, b'mod partikolari, li tlesta studju estern dwar il-validazzjoni tal-proporzjon bejn ix-xogħlijiet li saru internament u dawk li ġew esternalizzati u li l-mudell ta' kalkolu użat mi-Ċentru ġie validat;
16. Jilqa' l-isforzi ta-Ċentru li jtejjeb il-kwalità tat-traduzzjoni; jenfasizza l-fatt li 17-il proġett tat-terminoloġija ġew finalizzati sal-aħħar tal-2010, li tejbu l-bażi tad-data tat-terminoloġija; jappoġġa ċ-Ċentru fl-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' taħriġ għat-tradutturi tiegħu, ħaġa li tgħin biex titjieb il-produttività tagħhom;
17. Jistieden li-Ċentru biex janalizza l-fluss tad-data attwali u tal-għodda użati biex jiġi ppjanat il-baġit u jiġu stabbiliti l-kontrolli; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-ippjanar tal-baġit ta-Ċentru hu bbażat fuq għodda excel u manwali jew kontrolli bbażati fuq sistemi ta' data li jstgħu jwasslu għal żbalji ta' kalkolazzjoni u ppjanar tan-nefqa żbaljat, u finalment anke għal impatt negattiv fuq il-prezzijiet ta-Ċentru;

18. Jinkoraġġixxi liċ-Ċentru biex japplika rekwiżiti minimi għall-previżjoni tal-informazzjoni u jtejjeb il-kooperazzjoni u l-iskambju dwar it-tbassir ma' klijenti magħżula, sabiex jiġu evitati stimi għolja tannefqa u tal-prezz;

L-awditjar intern

19. Jinnota li 12-il rakkomandazzjoni "importanti ferm" mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) kienu għadhom miftuħa sal-31 ta' Diċembru 2010; jinsab imħasseb li l-implimentazzjoni ta' 7 minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet inżammet lura; jirrikonoxxi, b'mod partikolari, li dan id-dewmien jikkonċerna l-kwestjonijiet importanti li ġejjin:

- il-kwalità tat-tbassir tal-klijent;
- l-iżvelar tal-eżerċizzju tal-2008;
- il-valutazzjoni tas-Sistema Interna ta' Kontroll;

jistieden għalhekk liċ-Ċentru biex jispjega dan id-dewmien lill-awtorità tal-kwittanza u biex jirrimedja s-sitwazzjoni;

20. Jinnota li minn 12-il rakkomandazzjoni "importanti ferm" mill-IAS, iċ-Ċentru rrifjuta r-rakkomandazzjoni dwar ir-rappurtar finanzjarju; jitlob liċ-Ċentru jinforma lill-awtorità tal-kwittanza bir-raġunijiet għal din id-deċiżjoni;
21. Josserva li l-IAS wettqet awditjar tal-"Ibbaġittjar tal-infiq", iffinalizzat awditjar ta' segwitu dwar "il-ġestjoni tar-Riżorsi Umani" u l-"implimentazzjoni tal-istandards tal-kontrolli interni", kif ukoll wettqet valutazzjoni tar-riskju tal-IT;
22. Jinnota li mir-Rapport Annwali tal-Attività taċ-Ċentru li r-rapport ta' segwitu tal-awditjar finali wera li saru 41 rakkomandazzjoni, 29 minnhom għadhom ma twettqux, 10 ġew implimentati u 2 parzjalment aċċettati jew rifjutati;
23. Jirrikonoxxi li l-Kapaċità ta' Verifika Interna wettqet attivitajiet ta' konsultazzjoni formali dwar l-oqsma li ġejjin:
- parir dwar l-aħjar użu tal-istruttura organizzattiva u t-tnaqqis tal-ispejjeż relatati;
 - koordinazzjoni tal-eżerċizzju tal-valutazzjoni tal-impatt tal-IT;
 - faċilitazzjoni u parir dwar l-eżerċizzju tal-ġestjoni annwali tar-riskju taċ- Ċentru;
 - appoġġ u gwida dwar l-attività tal-Awditjar ta' Kwalità;
24. Jiġbed l-attenzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti dwar il-kwittanza preċedenti, kif stabbilit fl-Anness għal din ir-riżoluzzjoni;
25. Jirreferi, fir-rigward tal-osservazzjonijiet l-oħra li jakkumpanjaw din id-Deċiżjoni ta' kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 (*) dwar ir-rendiment, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

(*) Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea	2006	2007	2008	2009
Ir-rendiment	n.a.	<ul style="list-style-type: none"> Objettivi u indikaturi tar-rendiment ħafna drabi ma jistgħux jitkejlu Jinnota li fl-2007 ħallas lura EUR 9 300 000 lill-klijent 	<ul style="list-style-type: none"> Titjib fl-IT (FLOSYSWEB) Jinnota li fl-2008 ħallas lura EUR 11 450 000 lill-klijent 	Jistieden liċ-Ċentru biex jiżviluppa aktar il-valutazzjoni tar-rendiment tiegħu billi jtejjeb r-rabtiet bejn l-azzjonijiet strateġiċi u l-azzjonijiet previsti fil-Programm ta' Ħidma tiegħu u billi jeżamina mill-ġdid l-indikaturi għall-monitoraġġ tar-rendiment tiegħu sabiex ikun konformi mal-kriterji SMART,
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	n.a.	Il-Program għandu jkun ibbażat fuq rabta ċara u konsistenti bejn l-objettivi stabbiliti u l-implimentazzjoni tar-riżorsi baġitarji meħtieġa biex dawn jintlahaqu	<ul style="list-style-type: none"> Jistieden liċ-Ċentru biex jieħu miżuri aktar effettivi ħalli jirrimedja ż-żieda kostanti fil-bilanċ favorevoli tiegħu → 2008: EUR 26 700 000; 2006: EUR 10 500 000 Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-għan tal-flus kontanti taċ-Ċentru: EUR 48 405 006 Jistieden liċ-Ċentru biex fil-ġejjieni joffri lill-klijenti tiegħu servizzi li jkopru l-ispejjeż 	<ul style="list-style-type: none"> Jistieden liċ-Ċentru biex japplika sistematikament l-Artikolu 8.2 tar-Regolament Finanzjarju li jgħid li "approprijazzjonijiet għall-impenn għandhom ikopru l-ispiża totali tal-impjenji legali li tiegħu fis-sena finanzjarja attwali" Jistieden liċ-Ċentru jieħu miżuri aktar effettivi biex jirrimedja ż-żieda kostanti tal-bilanċ favorevoli, dan il-bilanċ hu marbut prinċipalment ma nuqqas ta' preċiżjoni fit-tbassir għal talbiet ta' traduzzjoni li jirċievi mill-klijenti tiegħu
Riżorsi Umani	<ul style="list-style-type: none"> Nuqqasijiet fil-proċeduri tar-reklutaġġ: l-ebda evidenza tar-regoli applikati għall-evalwazzjoni tal-fajl tal-kandidati Il-konflitt bejn iċ-Ċentru u l-Kummissjoni dwar is-sehem tal-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-persunal għadha ma ssolvietx 	n.a.	<ul style="list-style-type: none"> Iċ-Ċentru għandu jippjana l-proċeduri ta' reklutaġġ b'mod aktar realistiku u effettiv sabiex jirrispetta l-limiti ta' żmien u jilħaq il-ħtiġijiet li ġejjin minn żieda fil-persunal taċ-Ċentru (f'termini kwantitattivi u kwalitattivi) Il-konflitt bejn iċ-Ċentru u l-Kummissjoni dwar is-sehem tal-kontribuzzjonijiet ta' min iħaddem għall-persunal għadha ma ssolvietx 	<ul style="list-style-type: none"> Jistieden liċ-Ċentru jinkludi informazzjoni dwar funzjonijiet sensitivi fid-deskrizzjonijiet tal-impjeg u jiżgura li l-kontrolli ta' prevenzjoni implimentati jkunu identifikati Jinkoraġġixxi liċ-Ċentru jaġġorna r-regoli ta' implimentazzjoni għat-taħriġ u jiddefinixxi skeda għida għalihom
Il-Verifika Interna	n.a.	n.a.	n.a.	Jistieden liċ-Ċentru joħroġ proċedura komprensiva bil-miktub li tiddefinixxi r-rwoli, kalendarju u proċess tax-xogħol biex jiġu stabbiliti, validati u prenotati ordnijiet ta' rkupru għal tranżazzjonijiet li saru għall-klijenti

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010

(2012/563/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94 tat-28 ta' Novembru 1994 li jwaqqaf Ċentru tat-Traduzzjoni għall-korpi tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0125/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 117.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 314, 7.12.1994, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010

(2012/564/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KEE) Nru 337/75 tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0129/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 127.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Meju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KEE) Nru 337/75 tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0129/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri sŕarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali ("iċ-Ċentru") għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Meju 2011 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-risoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
 - talab liċ-Ċentru japplika l-prinċipji baġitarji tal-ispeċifikazzjoni u t-trasparenza b'mod aktar effikaċi,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 127.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 130.

- ħa nota li ċ-Ċentru reġa' ttrasferixxa approprjazzjonijiet (31 % tal-infiq amministrattiv — Titolu II) u ħassar approprjazzjonijiet tal-ħlasijiet (24 % tat-total tal-approprjazzjonijiet għal attivitajiet operattivi),
 - talab lid-Direttur taċ-Ċentru jipprovi informazzjoni aktar speċifika dwar il-kontenut tal-15-il rakkomandazzjoni, li nfetħu fil-31 ta' Diċembru 2008 u l-14-il rakkomandazzjoni ġdida li nfetħu fil-31 ta' Diċembru 2009, fiż-żewġ każijiet mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS),
 - talab liċ-Ċentru jinforma l-awtorità tal-kwittanza rigward il-passi li ttieħdu dwar il-proċedura għat-tneħħija tal-impenji sabiex titjeb it-trasparenza tal-assi tal-inventorju,
- C. billi l-baġit globali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2010 kien ta' EUR 18 300 000, li huwa 1,6 % anqas meta mqabbel ma' dak tas-sena preċedenti,
- D. billi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit taċ-Ċentru għall-2010 kienet ta' EUR 16 920 000, li tfisser żieda ta' 2 % meta mqabbla mal-2009,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota mill-kontijiet annwali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2010 (CAA), li f'nofs Diċembru 2010 iċ-Ċentru kien ingħata baġit supplimentari u ta' emenda b'valur ta' EUR 810 000 biex jiffinanzja l-istudji mitluba mid-DG Impjiegi fil-qasam tat-tbassir tal-ħiliet meħtieġa;
2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Bord Governattiv fl-opinjoni tiegħu dwar il-Kont Annwali definittiv taċ-Ċentru tal-2010 li l-baġit tal-2010 ffinanzjat mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea ġie implimentat b'99 %;
3. Jinnota wkoll mill-Kontijiet Annwali taċ-Ċentru li l-ispejjeż ta' rappreżentanza u l-ispejjeż għal-laqgħat żdiedu rispettivament b'233 % u 37 % meta mqabbla mal-2009; jirrikonoxxi li rċieva l-ġustifikazzjoni ta' dawn iż-żidiet ftali infiq permezz ta' ittra tat-23 ta' Frar 2012; jinnota li ż-żieda fl-ispejjeż ta' rappreżentanza ġiet iġġenerata mill-organizzazzjoni ta' riċeviment fl-okkażjoni tat-tluq tad-Direttur preċedenti; jistieden liċ-Ċentru jillimita l-ispejjeż ta' rappreżentanza u għal-laqgħat għal bżonnijiet reali;
4. Jinnota li ċ-Ċentru jirċievi kontribuzzjonijiet annwali minn żewġ Stati li mhumiex parti mill-UE li jibbenefikaw mix-xogħol taċ-Ċentru; jinnota li l-kontribuzzjoni tan-Norveġja u l-Islanda għall-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2010 kienet tammonta għal EUR 421 308; ifakkar li dawn il-fondi huma ġestiti bħala dħul assenjat, u għaldaqstant jeħtieġu li jiġu impenjati fi proġetti speċifiċi; jinnota li fl-2010 iċ-Ċentru ma laħaqx l-oġettiv għall-użu ta' dawn il-fondi; jenfasizza li, għas-sena finanzjarja 2009, il-Qorti tal-Awdituri diġà kkommentat dwar in-nuqqasijiet taċ-Ċentru fl-użu ta' dawn il-fondi; jirrikonoxxi li rċieva l-ispjegazzjoni ta' din is-sitwazzjoni permezz ta' ittra tat-23 ta' Frar 2012; jilqa', f'dan ir-rigward, il-fatt li, fl-2011, il-mira intlaħqet u 100 % tal-baġit previst ġie eżegwit; jieħu nota tad-dikjarazzjoni taċ-Ċentru li l-mira prevista tal-2010 ma ntlaħqitx minħabba l-posponiment ta' xogħlijiet fil-bini taċ-Ċentru; jieħu nota wkoll tal-impenn taċ-Ċentru li juża kompletament il-kontribuzzjonijiet tas-snin preċedenti tan-Norveġja u l-Islanda fl-2012; jitlob liċ-Ċentru jżomm l-awtorità tal-kwittanza informata dwar l-użu ta' dawn il-kontribuzzjonijiet;

Approprjazzjonijiet riportati

5. Jinnota mill-Kontijiet Annwali taċ-Ċentru li ċ-Ċentru ttrasferixxa approprjazzjonijiet ta' EUR 794 700 tat-Titolu I (Persunal) u t-Titolu II (Infiq amministrattiv) mill-2010 għall-2011; ifakkar li r-riporti awtomatiċi tal-apporjazzjonijiet jikkonċernaw biss l-ispiżi relatati mat-Titoli I u II;
6. Jinnota wkoll mill-Kontijiet Annwali taċ-Ċentru li li sar riport mhux awtomatiku b'valur ta' EUR 55 910 relatat man-nefqa taħt it-Titolu II;

7. Jinnota xi titjib peress li l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet li ġew ikkanċellati naqsu minn 24 % fl-2009 għal 14 % fl-2010; jilqa' wkoll l-impenn taċ-Ċentru biex ikompli jnaqqas ir-riporti tiegħu billi jissorvelja permezz ta' mudelli standardizzati tal-eżekuzzjoni tal-baġit (impennji, ħlasijiet) u l-progress tal-akkwist;
8. Jitlob, minkejja dan, liċ-Ċentru biex jagħmel iktar sforzi biex inaqas l-appropriazzjonijiet riportati sabiex jirrispetta l-prinċipju tal-annwalità b'mod aktar sħiħ; ifakkar liċ-Ċentru li dan jista' jsir permezz ta' titjib fl-irfinar tas-sistema ta' programmar u ta' sorveljanza tiegħu u billi jibda l-għoti tal-kuntratti aktar kmieni fis-sena kalendarja;

Trasferimenti

9. Jilqa' l-fatt li ċ-Ċentru kien kapaċi jiżgura l-awtorità tal-kwittanza li huwa applika effikament il-prinċipju tat-trasparenza billi rrapporta regolarment lill-Bord Governattiv tiegħu dwar it-trasferimenti kollha bejn il-linji tal-baġit matul is-sena; jinnota, partikolarment, li sal-20 ta' Settembru 2011, kienu saru ħames trasferimenti ta' appropriazzjonijiet għall-impenni (b'massimu ta' EUR 35 000) miċ-Ċentru bejn il-linji tal-baġit, u li l-Bord Governattiv ġie infurmat b'mod regolari dwar dawn it-trasferimenti; jitlob, madankollu, liċ-Ċentru biex kemm jista' jkun inaqas dawn it-trasferimenti sabiex jiġi applikat ukoll il-prinċipju tal-ispeċifikazzjoni;

Ir-Riżorsi Umani

10. Jirrikonoxxi li d-Direttur telaq liċ-Ċentru fil-15 ta' Ottubru 2010 fi tmiem il-mandat tiegħu biex jassumi pożizzjoni oħra fl-aġenzija Italjana għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, l-impjegji, u l-politika soċjali;
11. Jinnota fir-Rapport Annwali tal-Attività (AAR) għall-2010 li fil-31 ta' Diċembru 2010, iċ-Ċentru kien jimpjega 96 persunal, 5 anqas milli previst fil-pjan ta' stabbiliment tiegħu; jinnota li 24 persunal kuntrattwali u 5 esperti nazzjonali sekondati ġew miżjuda wkoll mal-ammont ta' persunal u l-proporzjon bejn id-distribuzzjoni tal-persunal operattiv u dak amministrattiv kien ta' 90/35;
12. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Bord Governattiv fl-opinjoni tiegħu dwar il-Kont Annwali definittiv taċ-Ċentru għall-2010 li l-proċeduri ta' reklutaġġ għall-ħames pożizzjonijiet miftuħa kollha kienu għad-dejjin jew ġew kompluti b'suċċess sal-31 ta' Diċembru 2010;
13. Jilqa' l-fatt li ċ-Ċentru fl-2010 ffinalizza għodda online għar-reklutaġġ (RECON - Ir-Reklutaġġ Online), li se jgħin liċ-Ċentru jżid il-veloċità u l-effikaċja tar-reklutaġġ tiegħu;

Il-prestazzjoni

14. Jinnota b'sodisfazzjon li ċ-Ċentru pprovda, kif mitlub mill-awtorità tal-kwittanza, iċ-ċarts Gantt għall-attivitajiet operattivi prinċipali tal-2011; ifakkar iċ-Ċentru li dawn iċ-ċarts jiddeskrivu, b'mod konċiż, l-ammont ta' żmien li kull membru tal-persunal iqatta' fuq proġett u jinkoraġġixxu approċċ immirat lejn il-kisba ta' riżultati;
15. Jinnota mir-Rapport Annwali tal-Attività taċ-Ċentru li s-sistema ta' kejl ta' prestazzjoni (PMS) għet implimentata b'mod sħiħ u jinkoraġġixxi liċ-Ċentru jkompli jiżviluppa valutazzjonijiet kwalitattivi biex jissupplimenta l-indikaturi aktar kwantitattivi tal-PMS;

L-awditjar intern

16. Jieħu nota miċ-Ċentru li dan għad irid jimplementa ċerti rakkomandazzjonijiet tal-IAS li saru fil-kuntest tal-awditjar tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani 2008 u tal-Etika 2009; jirrikonoxxi li rċieva l-ispejgazzjoni permezz ta' ittra tat-23 ta' Frar 2012; jilqa' l-fatt li fil-kuntest tal-awditjar tal-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani tal-2008, 13 mill-14-il rakkomandazzjoni ġew implimentati; jilqa' l-fatt, barra minn hekk, li fil-kuntest tal-awditjar tal-Etika tal-2009, 16 mis-17-il rakkomandazzjoni ġew implimentati; jitlob liċ-Ċentru jinforma l-awtorità tal-kwittanza dwar il-progress tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li baqa';

17. Jinnota mir-Rapport Annwali taċ-Ċentru li fl-2010 l-IAS ħa sehem f'valutazzjoni tar-riskju tal-ICT; jilqa' l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ippjanati miċ-Ċentru, fil-31 ta' Diċembru 2011, wara l-konstatazzjonijiet ta' din il-valutazzjoni tar-riskju tal-IT;
18. Jieħu nota wkoll li f'April 2010, l-IAS għamel awditjar ieħor dwar ir-Rapport tal-Attività Annwali taċ-Ċentru u t-twaqqif ta' element ta' assigurazzjoni fi ħdan iċ-Ċentru; jirrikonoxxi miċ-Ċentru li r-rapport finali tal-IAS ġie provdut liċ-Ċentru fil-5 ta' Lulju 2010 u li dan ir-rapport pprovda assigurazzjoni raġonevoli fir-rigward tal-twettiq tar-rapportar annwali, inkluża d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur; jilqa' l-informazzjoni provduta miċ-Ċentru permezz ta' ittra tat-23 ta' Frar 2012, fejn skont din is-seba' rakkomandazzjonijiet kollha tal-IAS ġew implimentati sal-aħħar ta' Diċembru 2011;
19. Jinnota fir-Rapport ta' Attività Annwali taċ-Ċentru li iċ-Ċentru beda jimplementa l-Istandards tal-Kontroll Intern (ICS) ġodda fl-2009 u li r-rekwiżiti bażiċi ġew sodisfati sa tmien l-2010 bl-eċċezzjonijiet tal-ICS 8 u l-ICS 10; jilqa' l-informazzjoni riċevuta permezz ta' ittra fit-23 ta' Frar 2012, fejn skont din ir-rekwiżiti bażiċi tal-ICS 8 ġew sodisfati kollha sa tmien l-2011; jieħu nota tal-impenn taċ-Ċentru li jissodisfa r-rekwiżiti bażiċi tal-ICS 10 fl-ewwel simestru tal-2012;

Il-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC)

20. Jinnota mir-Rapport tal-Attività Annwali taċ-Ċentru li l-pjan tal-awditjar tal-IAC għall-2010 kien ippjana diversi verifiki "ex post" u "in proċess", notabbilment għall-istudju tal-proċeduri tal-kuntratti u tal-għoti; jinnota wkoll li wara l-awditu IAC ta' proċeduri tal-għoti, iċ-Ċentru pproċeda billi jirkupra l-ammonti mħallsa lill-benefiċjarji tal-għotjiet nazzjonali, li jammontaw għal EUR 23 647,67;
21. Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-IAC ħalla iċ-Ċentru fil-31 ta' Awwissu 2010; huwa tal-opinjoni li r-rapporti tal-IAC jistgħu iwasslu għal aktar titjib fil-miżuri tal-kontroll intern dwar il-proċeduri tal-akkwist u tal-għoti;
22. Minkejja dan, jagħraf il-kummenti taċ-Ċentru dwar il-fatt li l-funzjonijiet tal-IAC llum huma koperti minn kuntratturi esterni (pereżempju l-awditu tas-software finanzjarju taċ-Ċentru (FIBUS) ġie kkuntrattat u konkluż fl-2011) jew minn gruppi interni ta' proġetti;
23. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu f'rapporti preċedenti dwar il-kwittanza, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
24. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħra li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 (*) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenzji.

(*) Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali	2006	2007	2008	2009
Il-prestazzjoni	mhux applikabbli	L-objettivi u l-indikaturi tal-prestazzjoni spiss ma jstgħux jiġu mkejla → iċ-Ċentru għandu jtejjeb il-Programm tiegħu. Għandu jstabbilixxi rabta ċara u konsistenti bejn l-objettivi stabbiliti u l-implimentazzjoni tar-riżorsi baġitarji meħtieġa biex dawn jintlaħqu	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden liċ-Ċentru jstabbilixxi objettivi SMART u indikaturi RACER, kif ukoll jaġmel ċart ta' Gannt → biex jipromwovi approċċ orjentat lejn il-ksib tar-riżultati — Jistieden liċ-Ċentru jstabbilixxi analiżi dijakronika tal-operazzjonijiet imwettqa f'din is-sena u fis-snin preċedenti — Jitlob liċ-Ċentru u l-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ jipubblikaw rapport ta' segwitu dwar il-ftehim ta' kooperazzjoni fir-rapport tal-attività tagħhom għall-2009. 	Jistieden liċ-Ċentru jippreżenta tqabblil ċar tal-operazzjonijiet li saru matul is-sena li għaliha għandha tingħata l-kwittanza u dawk li saru matul is-sena finanzjarja ta' qabel
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	<ul style="list-style-type: none"> — Il-prinċipju tal-ispeċifikazzjoni ma kienx osservat b'mod strett: 43 % tal-impenji kienu riportati għas-sena finanzjarja ta' wara Għal attivitajiet operattivi aktar minn 20 % tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet ġew kanċellati. Numru għoli ta' trasferimenti baġitarji — Kwistjonijiet ta' trasparenza fil-proċeduri ta' prokura: 	mhux applikabbli	Ċertu nuqqasijiet fil-programmi u s-sorveljanza ta' appropriazzjonijiet differenzjati għall-attivitàjiet operattivi: 25 % tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet kienu riportati	Talab liċ-Ċentru japplika l-prinċipji baġitarji tal-ispeċifikazzjoni u t-trasparenza b'mod aktar effikaċi
Ir-Riżorsi Umani	Kwistjonijiet ta' trasparenza: f'żewġ każijiet, iċ-Ċentru ma ċċekkjax korrettament l-esperjenza professjonali meħtieġa mitluba mill-kariga battala waqt il-fażi preselettiva	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Innota li iċ-Ċentru introduċa tibdiliet fil-proċeduri ta' reklutaġġ tiegħu wara rimarki mill-Qorti tal-Awdituri fir-rapport tagħha tal-2009 li jitlob liċ-Ċentru jkompli jtejjeb it-trasparenza; jilqa' l-inizjattiva taċ-Ċentru, sa minn Ġunju 2010, fir-rigward ta' domandi f'testijiet bil-miktub u intervisti qabel il-preselezzjoni

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali	2006	2007	2008	2009
Awditjar intern	Il-proċeduri ta' kontroll intern ma kinux kompluti	mhux applikabbli	Jitlob liċ-Ċentru jissodisfa 15 mit-30 rakkomandazzjoni magħmula mill-IAS: jiġifieri l-ġestjoni tar-riżorsi umani (il-prestazzjoni tal-persunal, l-istipular tal-oġġettivi personali u tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kumitat għall-Persunal)	<ul style="list-style-type: none"> — Talab lid-Direttur taċ-Ċentru jipprovdi informazzjoni aktar speċifika dwar il-kontenut tal-15-il rakkomandazzjoni li nfetħu fil-31 ta' Diċembru 2008 u l-14-il rakkomandazzjoni ġdida li nfetħu fil-31 ta' Diċembru 2009, fiż-żewġ każijiet mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS), — Jitlab liċ-Ċentru jinforma l-awtorità tal-kwittanza rigward il-passi li ttieħdu dwar il-proċedura għat-tneħħija tal-impenji sabiex itejbu t-trasparenza tal-inventorju tal-assi, Minbarra dan, iċ-Ċentru beda jiddokumenta l-proċessi ta' kontroll prinċipali

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010

(2012/565/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KEE) Nru 337/75 tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 1975 li jwaqqaf Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12a tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0129/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 127.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 39, 13.2.1975, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/566/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012—C7—0051/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011)4680 tat-30 ta' Ġunju 2011 li tagħti approvazzjoni għal deroga mitluba mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija minn Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija tat-12 ta' Lulju 2010 dwar ir-Rimborż ta' Spejjeż Privati (10/0257/KA),
- wara li kkunsidra l-awditjar estern ikkummissjonat mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Nru ta' Referenza tal-Kuntratt CEPOL/2010/001) dwar ir-rimborż ta' spejjeż privati,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tal-evalwazzjoni esterna ta' ħames snin tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Nru ta' Referenza tal-Kuntratt CEPOL/CT/2010/002),
- wara li kkunsidra r-Rapport ta' Attività Annwali 2009 tad-Direttorat Ġenerali Ġustizzja, Libertà u Sigurtà,
- wara li kkunsidra r-raba' rapport ta' progress tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Multiannwali (MAP) tiegħu għall-2010-2014,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 134.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-MAP tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-2010-2014,
 - wara li kkunsidra n-nota tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-4 ta' Lulju 2011 (Ref. Ares (2011) 722479) dwar it-tielet rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Pluriennali (MAP) tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-2010-2014,
 - wara li kkunsidra r-rapport u l-annessi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar "Kwittanza 2009: Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija",
 - wara li kkunsidra r-rapport u l-anness tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-applikazzjoni tal-Manwal tal-Akkwist Pubbliku tiegħu għall-perjodu bejn 1 ta' Lulju 2010 u l-1 ta' Lulju 2011,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0119/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t' hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7—0051/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011)4680 tat-30 ta' Ġunju 2011 li tagħti approvazzjoni għal deroga mitluba mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija minn Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija tat-12 ta' Lulju 2010 dwar ir-Rimborż ta' Spejjeż Privati (10/0257/KA),
- wara li kkunsidra l-awditjar estern ikkummissjonat mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Nru ta' Referenza tal-Kuntratt CEPOL/2010/001) dwar ir-rimborż ta' spejjeż privati,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tal-evalwazzjoni esterna ta' ħames snin tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Nru ta' Referenza tal-Kuntratt CEPOL/CT/2010/002),
- wara li kkunsidra r-Rapport ta' Attività Annwali 2009 tad-Direttorat Ġenerali Ġustizzja, Libertà u Sigurtà,
- wara li kkunsidra r-raba' rapport ta' progress tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Multiannwali (MAP) tiegħu għall-2010-2014,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 134.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-MAP tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-2010-2014,
 - wara li kkunsidra n-nota tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-4 ta' Lulju 2011 (Ref. Ares (2011) 722479) dwar it-tielet rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Pluriennali (MAP) tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-2010-2014,
 - wara li kkunsidra r-rapport u l-annessi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar "Kwittanza 2009: Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija",
 - wara li kkunsidra r-rapport u l-anness tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-applikazzjoni tal-Manwal tal-Akkwist tiegħu għall-perjodu bejn 1 ta' Lulju 2010 u l-1 ta' Lulju 2011,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0119/2012),
- A. billi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija ("il-Kulleġġ") twaqqaf fl-2001 u, b'effett mill-1 ta' Jannar 2006, ġie trasformat f'korp Komunitarju fit-tifsira tal-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju, u b'hekk jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas għall-aġenziji,
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri fir-rapporti tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ għas-snin finanzjarji 2006, 2007 u 2009, ikkwalifikat l-opinjoni tagħha fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti għar-raġuni li l-proċeduri ta' akkwist pubbliku ma kinux konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju,
- C. billi l-Qorti tal-Awdituri, fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2008, żieda enfasi fuq osservazzjonijiet importanti mal-opinjoni tagħha dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet, mingħajr ma kkwalifikatha espressament, u kkwalifikat l-opinjoni tagħha fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti,
- D. billi fid-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Ottubru 2010 l-Parlament ċaħad milli jagħti lid-Direttur tal-kulleġġ, kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2008,
- E. billi fid-Deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2011, il-Parlament iddeċieda li jipposponi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-ġhoti ta' kwittanza lid-Direttur tal-kulleġġ għall-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għall-2009⁽¹⁾, u mbagħad ta kwittanza fid-Deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011⁽²⁾,
- F. billi, għall-ewwel darba sa minn meta l-Kulleġġ sar aġenzija, il-Qorti tal-Awdituri, fir-rapporti tagħha dwar il-kontijiet finali tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2010, ma espresmiet l-ebda riservi dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u l-legalità u r-regolarità tat-transazzjonijiet sottostanti,
- G. billi fir-rapport tagħha dwar l-MAP tal-Kulleġġ għall-2010-2014, il-Qorti tal-Awdituri qalet li l-Kulleġġ kien qed jagħmel progress skont il-kompiti importanti stabbiliti fl-MAP tiegħu,
- H. billi fin-nota tiegħu tal-4 ta' Lulju 2011 lid-Direttur tal-Kulleġġ, l-IAS sqarr li, minkejja li d-deskrizzjoni fir-rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-MAP tal-Kulleġġ għadha pjuttost ġenerali, din tagħti stampa ġenerali ċara tal-istatus tal-kompiti importanti differenti u għadha għaldaqstant isservi ta' bażi sodisfaċenti biex tinforma l-partijiet konċernati differenti,

⁽¹⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 260.

⁽²⁾ ĠU L 313, 26.11.2011, p. 17.

- I. billi permezz tad-Deċiżjoni C(2011)4680 tat-30 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni tat deroga lill-Kulleġġ mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 74b tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002,
- J. billi l-baġit tal-Kulleġġ għall-2010 kien ta' EUR 7 800 000 meta mqabbel ma' EUR 8 800 000 fl-2009, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 11,4 %; billi l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni għall-baġit taċ-Ċentru għall-2010 kienet ta' EUR 7 800 000 ⁽¹⁾,

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja — Osservazzjonijiet Ġenerali

1. Jinnota li l-Kulleġġ qal li s-sena finanzjarja 2010 kienet ikkaratterizzata minn nuqqas ta' riżorsi finanzjarji suffiċjenti, bi tnaqqis ta' EUR 1 000 000 fil-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-Kulleġġ; iħossu sorpriż dwar din il-fehma, b'mod partikolari f'dan iż-żmien ta' kriżi, għax il-ġestjoni tajba tiżgura infiq korrett u kost-effiċjenti tal-baġit disponibbli, u meta jqs li 31,6 % tal-baġit tal-2010 tal-Kulleġġ ġie riportat għall-2011;
2. Jirrikonoxxi, madankollu, mill-Kummissjoni li fl-2009 il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni għall-Kulleġġ ammontat għal EUR 8 800 000, li minnhom EUR 7 800 000 kienu finanzjati mill-baġit tal-2009 u l-bilanċ ta' EUR 1 000 000 fil-fatt kien iffinanzjat mid-dħul assenjat tal-2007 li rriżulta mill-irkupru tas-surplus tal-Kulleġġ għas-sena 2007; jinnota mill-Kummissjoni li għall-2010 kien ġie propost tnaqqis fil-kontribuzzjoni tal-2010 tal-Unjoni lill-Kulleġġ għal-livell tal-appropriazzjonijiet ivvotati fl-2009, jiġifieri EUR 7 800 000 minħabba l-livell baxx ta' eżekuzzjoni tal-baġit 2008; iħeġġeġ lill-Kulleġġ jintroduċi distinzjoni ċara bejn l-elementi differenti tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-Kulleġġ fil-kontijiet finali annwali tiegħu;
3. Jinnota mill-kontijiet finali annwali tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2010 li seħħew xi nuqqasijiet fit-tnejn tal-baġits individwali u tal-impenji għal korsijiet u seminars, li rriżulta li appropriazzjonijiet fl-2010 ġew impenjati u mħallsa biex ikopru nfiq tal-2009; ifakkar lill-Kulleġġ li dan imur kontra l-prinċipju tal-annwalità; jitlob lill-Kulleġġ jieħu azzjoni biex jevita li jiġu ripetuti nuqqasijiet simili fil-ġejjieni;
4. Jinnota mir-Rapport ta' Attività Annwali 2010 tal-Kulleġġ li 99,56 % tal-appropriazzjonijiet għall-impenji ġew impenjati; jinnota wkoll li 46 % tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet intużaw iżda l-figuri finali tal-użu ta' Titolu III (Infiq Operattiv) ma kinux se jkunu disponibbli qabel tmiem l-2011; jinnota wkoll li l-kontijiet finali annwali 2010 tal-Kulleġġ jindikaw rata ta' appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet li tefqu ta' 59,12 % fl-2010;
5. Jirrikonoxxi l-miżuri meħuda mill-istruttura ta' maniġment u governanza ġdida tal-Kulleġġ biex titratta n-nuqqasijiet tagħha b'rispons għat-talba tal-Parlament għal azzjoni, wara l-irregolaritajiet serji fl-implimentazzjoni tal-baġit għall-2009;
6. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-fatt li minkejja li l-Qorti tal-Awdituri kkunsidrat li l-operazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali tal-Kulleġġ kienu legali u regolari, enfasizzat ukoll li, fir-rigward tal-infiq għall-organizzazzjoni ta' korsijiet u seminars, kien hemm nuqqas ta' rigorożità fil-proċess għall-approvazzjoni tal-Kulleġġ tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż relatati ma' dawn l-attivitajiet, b'mod partikolari rigward il-kompletezza tad-dokumentazzjoni ġustifikattiva; jinnota li skont it-tweġiba tal-Kulleġġ, ġew stabbiliti rekwiżiti obbligatorji, fid-Deċiżjoni 11/2011/GB tal-Bord ta' Tmexxija tal-Kulleġġ tal-10 ta' Marzu 2011, li tiġi ppreżentata lista tal-parteċipanti ffirmata b'mod komplut meta jiġu ppreżentati r-rapporti finanzjarji u d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż;
7. Jinnota li, skont id-Deċiżjoni 11/2011/GB, ir-regoli dwar ir-rimborżi għall-attivitajiet tal-Kulleġġ ġew riveduti ħafna u li ġew iċċarati miżuri differenti għall-implimentazzjoni stretta tar-regolamenti finanzjarji u approċċ rigorożament dixxiplinat dwar l-ispejjeż eliġibbli, inklużi dawk dwar ir-rappurtar obbligatorju;

(1) ĠU L 64, 12.3.2010, p. 1047.

8. Jiddeplora l-fatt li qabel l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 34/2010/GB tal-Bord ta' Tmexxija tal-Kulleġġ tad-29 ta' Settembru 2010, l-iskadenzi għar-rimborż tal-ispejjeż ma ġewx infurzati, biex b'hekk ma kien hemm ebda titjib sostanzjali fil-konformità ma' dawn l-iskadenzi; ifakkar li n-nuqqas ta' rispett ta' dawn l-iskadenzi huwa wieħed mill-fatturi ewlenin li jfixklu l-ġestjoni finanzjarja tajba; jieħu nota tal-fatt li, bi qbil mad-Deċiżjoni 34/2010/GB, mhu se jsir l-ebda rimborż ta' dikjarazzjonijiet li jaslu wara l-iskadenza; jitlob lill-Kulleġġ iżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar l-implimentazzjoni ta' Deċiżjoni 34/2010/GB;
9. Jirrikonoxxi d-dikjarazzjoni mill-Kulleġġ li l-Kummissjoni naqqset il-baġit tal-2010 tal-Kulleġġ b'EUR 1 000 000, iżda jenfasizza li l-ammont allokati għall-2010 huwa l-istess bħal dak tal-2009;

Approprijazzjonijiet riportati

10. Jinnota mill-kontijiet finali annwali tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2010 li EUR 2 469 984,20 mill-kreditu impenjati tal-2010, li jirrappreżentaw 31,6 % tal-baġit 2010 tal-Kulleġġ, ġew riportati għall-2011; ifakkar lill-Kulleġġ li dan imur kontra l-prinċipju tal-annwalità;
11. Jiddispijaċih li l-Qorti tal-Awdituri ma semmietx l-appropriazzjonijiet riportati tal-Kulleġġ fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2010;
12. Jinsab imħasseb li minkejja li l-Qorti tal-Awdituri rnexxielha tikseb assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Kulleġġ għas-sena finanzjarja 2010 huma, fl-aspetti materjali kollha, affidabbli, il-Qorti tal-Awdituri osservat li iktar minn EUR 1 600 000, ekwivalenti għal 48 % tal-appropriazzjonijiet riportati mill-2009, kellhom jiġu kkanċellati fl-2010; ifakkar lill-Kulleġġ li dan imur kontra l-prinċipju baġitarju tal-annwalità u jista' jiġi mnaqqas permezz ta' programmazzjoni u monitoraġġ aħjar tal-implimentazzjoni tal-baġit biex jitnaqqas ir-riport tal-appropriazzjonijiet; jitlob għaldaqstant lill-Kulleġġ jieħu azzjoni effettiva f'dan ir-rigward;
13. Jieħu nota, madankollu, tat-tweġiba tal-Kulleġġ li, biex tkun evitata ripetizzjoni tas-sitwazzjoni deskritta mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-riport tal-appropriazzjonijiet tal-2010 kien suġġett għal kriterji stretti biex jiġu minimizzati l-kanċellazzjonijiet fl-2011;
14. Jinnota mill-Kulleġġ li fl-2010 introduċa laqgħat ta' kull ġimgħa għall-maniġment finanzjarju biex jittejjbu l-implimentazzjoni u l-kontroll tal-baġit u li f'Ġunju 2011, l-impenji miftuħa kollha ġew rieżaminati biex ikun monitorjat aħjar l-użu tal-baġit u tiġi ottimizzata l-implimentazzjoni tal-baġit 2011; jitlob għaldaqstant lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri u l-IAS biex jassiguraw lill-Parlament dwar it-titjib li għamel il-Kulleġġ f'dan il-qasam u jindikaw li l-istrumenti kollha għall-programmazzjoni u l-monitoraġġ ġew stabbiliti;

Il-proċeduri ta' akkwist pubbliku

15. Jinnota li fit-8 ta' Ġunju 2010, il-Kulleġġ adotta manwal tal-akkwist pubbliku għall-użu intern, kif intalab jagħmel mill-Parlament fil-kwittanzi tiegħu lill-Kulleġġ għall-2008; jinnota wkoll li dan il-manwal daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2010 u li nħatar koordinatur tal-akkwist pubbliku;

Il-kompletezza tar-reġistri interni tal-ispejjeż tal-missjonijiet

16. Jitlob lill-Kulleġġ jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-implimentazzjoni effettiva tar-rakkomandazzjoni "importanti ħafna" mill-IAS dwar il-kompletezza tar-reġistri interni tal-ispejjeż tal-missjonijiet;

L-attivitajiet tal-Kulleġġ

17. Jinnota mill-Qorti tal-Awdituri li l-ispejjeż għall-organizzazzjoni ta' korsijiet u seminars jirrappreżentaw parti sinifikanti mill-baġit tal-Kulleġġ; Jirrikonoxxi li kien hemm nuqqas ta' strettezza fil-proċess tal-Kulleġġ għall-approvazzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' nfiq relatati ma' dan it-tip ta' attivitajiet, b'mod partikolari rigward il-kompletezza tad-dokumentazzjoni ġustifikattiva;

18. Jinnota mid-dikjarazzjoni tal-Kulleġ li dan tejjeb ir-rappurtar u l-kontroll tal-attivitajiet tiegħu u rreveda l-proċess għall-approvazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-infiq u d-dokumentazzjoni ġustifikattiva tagħhom, u partikolarment permezz ta':

- rekwiżiti obbligatorji li jiġu ppreżentati listi tal-parteċipanti ffirmati b'mod komplut meta jiġu preżentati rapporti finanzjarja u d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż,
- revizzjoni tar-regoli għar-rimborż tal-attivitajiet tal-Kulleġ, li ġew iċċarati,
- infurzar strett tal-iskadenza li warajha ma jiġux aċċettati talbiet għar-rimborż, introdotta fid-29 ta' Settembru 2010,
- l-organizzazzjoni ta' kors ta' taħriġ ġdid għal maniġers ta' korsijiet, biex jitjiebu aktar il-kontrolli fuq il-korsijiet kif ukoll il-kwalità tal-fajls tal-ħlasijiet,
- l-implimentazzjoni fl-2011 ta' verifiki *ex post* tal-korsijiet tal-Kulleġ,
- verifika ta' erba' attivitajiet fl-Isvezja fl-2010, u sitt attivitajiet fir-Renju Unit (waħda li saret fl-2010 u ħamsa li saru fl-2011),

jistieden lill-IAS jagħti evalwazzjoni bir-reqqa ta' dawn il-bidliet introdotti mill-Kulleġ lill-awtorità ta' kwittanza;

19. Jirrikonoxxi d-Deċizzjoni tal-Kummissjoni C(2011)4680 li tagħti approvazzjoni għat-talba tal-Kulleġ biex jimmodifika r-Regolament Finanzjarju tiegħu billi jintroduċi Artikolu (Artikolu 74c) li jinkludi deroga mir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 rigward l-esklużjoni għal sejħa għall-offerti għall-għażla ta' esperti edukattivi sabiex jintużaw esperti minn istituti nazzjonali tat-taħriġ tal-pulizija;

Żbalji fil-kontijiet

20. Jitlob lill-Kulleġ jaġġorna lill-Parlament dwar il-livell ta' implimentazzjoni tas-16-il Standard tal-Kontroll Intern (ICS) ġdid tal-Kummissjoni li ġew adottati mill-Bord ta' Tmexxija (GB) tal-Kulleġ u ħadu post l-ICS preċedenti;

Approprjazzjonijiet użati għall-finanzjament ta' infiq privat

21. Jirrikonoxxi li sar kontrol *ex post* estern fuq l-appropriazzjonijiet użati għall-finanzjament ta' infiq privat fl-2007 u fl-2008, u li l-eżaminaturi esterni jqisu li l-ebda fondi oħra ma huma rikuperabbli fir-rigward ta' din il-kwistjoni; jinnota mill-Kulleġ li l-Ordni ta' Rkupru li permezz tiegħu id-Direttur preċedenti intalab jirritorna s-somma ta' GBP 2 014,94 (EUR 2 196,72) ġie inkassat f'Diċembru 2011; jitlob lill-Kulleġ ikompli l-proċess ta' rkupru sakemm il-fondi kollha jkun rkuprati għalkollox;

Il-MAP tal-Kulleġ għas-snin 2010-2014

22. Jirrikonoxxi li l-IAS ievaluta l-implimentazzjoni tal-Pjan Multiannwali (MAP) 2010-2014 tal-Kulleġ, kif talbet l-awtorità ta' kwittanza; jinnota li sa tmiem Settembru 2010, 19 mill-44 kompitu importanti kienu twettqu, 18-il kompitu importanti kienu qed jitwettqu b'ritmu tajjeb fir-rigward tal-kalendarju ppjanata, u 7 oħra għad iridu jibdeu jiġu implimentati;

23. Jinnota wkoll l-istqarrija tal-IAS li d-deskrizzjoni ta' xi punti fil-MAP mhumiex ċari, u li r-rappurtar tal-progress mhux dejjem ikun preċiż biżżejjed li jippermetti komprensjoni ċara tat-tifsira tal-kompiti importanti speċifiċi f'termini ta' azzjonijiet konkreti; jirrikonoxxi barra minn hekk li l-IAS identifika duplikazzjoni f'uħud mill-kompiti importanti, u dan jagħmel diffiċli l-valutazzjoni tal-istatus ġenerali tal-azzjonijiet relatati; jirrikonoxxi d-dikjarazzjoni tal-Kulleġ li l-MAP ġie aġġornat skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-IAS, filwaqt li l-elementi ta' titjib ġew inkorporati fit-tielet rapport ta' progress li ġie approvat mill-Bord ta' Tmexxija fit-8 ta' Diċembru 2010; jistieden lill-IAS jikkonferma li r-rapport ta' progress aġġornat tal-MAP tal-Kulleġ jirrifletti b'mod adegwat ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu;

Verifika interna

24. Jirrikonoxxi mill-IAS li r-rakkomandazzjoni importantissima dwar il-kompletezza tar-reġistrazzjoni interna tal-infiq tal-missjonijiet ġiet rapportata mill-Kulleġġ li ġiet implimentata, u bħalissa qed tiġi rieżaminata mill-IAS; jitlob lill-Kulleġġ jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati tar-rieżami;
25. Jinnota li l-IAS wettaq awtovalutazzjoni tar-riskji tal-IT bil-għan li jidentifika u jevalwa r-riskji ewenin tal-IT fil-Kulleġġ; jinnota li l-IAS identifika r-riskji ewlenin rigward: l-istrateġija tal-IT, is-sistema e-net, il-ġestjoni tad-data u d-dipendenza fuq individwi; għaldaqstant jitlob lill-Kulleġġ jieħu azzjoni xierqa għall-indirizzar u l-prevenzjoni ta' dawn ir-riskji;
26. Jinnota li l-funzjoni tal-awditjar intern (IAC), entità konsultattiva tal-Bord ta' Tmexxija, ma sabet ebda żball materjali fil-kontijiet tal-Kulleġġ għall-2010 fl-awditjar tagħha;

Governanza u nuqqasijiet strutturali

27. Jenfasizza li l-ispejjeż tal-governanza tal-Kulleġġ huma kbar meta mqabbla mal-attivitajiet tagħha; jilqa', għaldaqstant, l-isforzi tal-Kulleġġ li jnaqqas l-ispejjeż tal-governanza diskussi waqt il-25 laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija f'Ġunju 2011, li fiha sar qbil li l-kumitati kollha tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jiġu aboliti fl-2012 u li l-gruppi ta' ħidma kollha tal-Bord ta' Tmexxija għandhom jiġu analizzati b'mod kritiku;
28. Jinnota wkoll mill-Kulleġġ li qed jiġu implimentati l-miżuri li ġejjin fil-qasam tal-governanza:
 - mill-2012, il-Bord ta' Tmexxija għandu jiltaqa' darbtejn f'sena biss, filwaqt li deċiżjonijiet urġenti li jinqalgħu bejn laqgħa u oħra għandhom jittieħdu permezz ta' proċedura bil-miktub u diskussi waqt laqgħat bl-Internet,
 - il-Bord ta' Tmexxija se jiffoka biss fuq il-kompiti assenjati lil mid-Deċiżjoni Fundatriċi tal-Kulleġġ, filwaqt li l-kompiti l-oħra li fil-passat ħolqu piż żejjed fuq il-Bord ta' Tmexxija issa għandhom jingħataw lid-Direttur,
 - kull Stat Membru huwa mħeġġeġ ġibgħat massimu ta' żewġ delegati għal kull laqgħa tal-Bord ta' Tmexxija,
 - il-Kulleġġ għandu jieħu ħsieb l-arranġamenti tal-ivvjaġġar għall-parteċipanti eleġibbli għal rimborż, biex ikun żgurat li jintużaw l-aktar mezzi ekonomiċi biex jinqatal-proċess ta' rimborż wara l-laqgħa;
29. Jistenna b'interess it-tressiq, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-proposta għal modifika tal-bażi legali tal-Kulleġġ, kif ukoll l-eżitu tan-negożjati bejn il-Parlament u l-Kunsill;
30. Jinnota barra minn hekk li r-rapport finali tal-evalwazzjoni esterna ta' ħames snin tal-Kulleġġ ikkonkluda li hemm każ għar-rilokazzjoni tal-Kulleġġ;
31. Jilqa' d-Deċiżjoni 24/2011/GB tal-Bord ta' Tmexxija tal-Kulleġġ tal-15 ta' Ġunju 2011 li xxolji l-kumitati eżistenti mill-1 ta' Jannar 2012, biex b'hekk naqqset id-duplikazzjoni fost strutturi differenti; jistieden lill-Bord ta' Tmexxija jieħu deċiżjonijiet drastiċi dwar il-gruppi ta' ħidma eżistenti; ifakkar li l-Artikolu 10(10) tad-Deċiżjoni 2005/681/ĠAI jistipula li l-Bord ta' Tmexxija jista' jiddeċiedi, "f'każijiet fejn huwa strettament meħtieġ", li jistabbilixxi gruppi ta' ħidma biex jagħmlu rakkomandazzjonijiet u li jżviluppa u jipproponi kwalunkwe komputu konsultattiv ieħor meqjus neċessarju mill-Bord ta' Tmexxija;
32. Jieħu nota tat-tweġiba mill-Kulleġġ li r-Regoli ta' Proċedura tiegħu ġew emendati biex jillimitaw in-numru ta' laqgħat regolari tal-Bord ta' Tmexxija għal waħda kull presidenza u li jirrestrinġu d-daqs tad-delegazzjonijiet nazzjonali, peress li kull Stat Membru huwa mħeġġeġ ġibgħat massimu ta' żewġ delegati għal kull laqgħa;

33. Jinnota li l-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ għandha tkompli tkun ibbażata fuq il-prestazzjoni tiegħu matul is-sena;
34. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti dwar il-kwittanza preċedenti, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
35. Jirreferi, fir-rigward tal-osservazzjonijiet l-oħra li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (Ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

Kulleġ Ewropew tal-Pulizija	2006	2007	2008	2009
Prestazzjoni	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Jinsab imħasseb li l-Qorti tal-Awdituri identifika nuqqasijiet kbar fir-regoli amministrattivi u finanzjarji li jirregolaw l-infiq fuq l-organizzazzjoni ta' korsijiet u seminars, prinċipalment minħabba li r-Regolament Finanzjarju rivedut tal-Kulleġ qatt ma daħal fis-seħħ — Jirrakkomanda li l-Kulleġ jipprovi aċċess dirett għall-baġit dettaljat tiegħu
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	<ul style="list-style-type: none"> — L-appropjazzjonijiet baġitarji ma ntużawx skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda — Is-sistema tal-akkwist ma kinitx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Regolament Finanzjarju — Il-Kulleġ ma stabbilixxiex is-sistemi u l-proċeduri meħtieġa biex ikun jista' jħejji rapport finanzjarju konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju Strutturali applikabbli li jgħodd għall-Aġenziji — Ir-Regolament Finanzjarju tal-Kulleġ jipprevedi l-ħtieġa għal regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-regolament 	<ul style="list-style-type: none"> — L-Aġenzija mhix konformi mal-prinċipju tal-unità u l-eżattezza tal-baġit (il-baġit ma jinkludix kontribuzzjoni ta' EUR 1 500 000 li l-Kulleġ irċieva mingħand il-Kummissjoni fl-2007 biex jimplimenta programm MEDA — L-Aġenzija ma tikkonformax mal-prinċipju tat-trasparenza — Il-livell għoli ta' riporti (EUR 1 700 000) u kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet jirriflettu diffikultajiet fil-ġestjoni tal-baġit — Il-kontijiet proviżorji u r-rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja ma sarux — Ir-Regolament Finanzjarju tal-Kulleġ jipprevedi l-ħtieġa għal regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-regolament — Is-sistema tal-akkwist ma kinitx konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Regolament Finanzjarju — Ġew identifikati każijiet fejn l-appropjazzjonijiet intużaw għall-finanzjament tal-ispejjeż privati ta' wħud mill-persunal tal-Kulleġ 	<ul style="list-style-type: none"> — L-Aġenzija ma kkonformatx mal-prinċipju tal-annwalità (jiġifieri aktar minn EUR 2 700 000 tal-appropjazzjonijiet għall-ħlasijiet tal-2008 kellhom jiġu riportati) — Ċertu nuqqasijiet fil-programmi u s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-baġit 	<ul style="list-style-type: none"> — Aktar minn EUR 3 800 000 miljun tal-appropjazzjonijiet tal-2009 (43 % tal-baġit totali) ġie riportat għall-2010. — 46 % tal-appropjazzjonijiet riportati mill-2008 kellhom jiġu kanċellati, u dan jindika nuqqasijiet serji u rikorrenti fil-programmazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit, u ma jaqbilx mal-prinċipju tal-annwalità — Għall-2008, 31 % tal-baġit kellu jiġi riportat. — Dewmien u żbalji sinifikanti fit-thejgħ tal-kontijiet proviżorji tal-2009

Kulleġ Ewropew tal-Pulizija	2006	2007	2008	2009
Il-proċedura tal-akkwist	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Tħassib dwar in-nuqqas ta' konformità persistenti mar-Regolament Finanzjarju fir-rigward tar-regoli tal-Akkwist Pubbliku. Ammont sinifikanti tal-baġit totali tal-kulleġ fih irregolaritajiet.
Riżorsi umani	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Diversi nuqqasijiet rigward l-għażla tal-persunal. — Iqis bħala inaċċettabbli: <ul style="list-style-type: none"> — il-livelli minimi li l-kandidati kellhom jilħqu ġeneralment ġew iffissati wara l-evalwazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-kandidati; — il-mistoqsijiet għall-intervisti sikwit tħejjew wara l-eżami tal-applikazzjonijiet; — id-dokumentazzjoni tal-proċeduri kienet inadegwata — jinsab imħasseb dwar prattiki li mhumiex permessi taħt ir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-UE, jew huma illegali
Il-Verifika Interna	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Nuqqas ta' standards ta' kontroll intern u monitoraġġ baġitarju mhux effettiv — Ġew identifikati każijiet fejn l-approprijazzjonijiet intużaw għall-finanzjament tal-ispejjeż privati ta' wħud mill-persunal tal-Kulleġġ 	<ul style="list-style-type: none"> — L-awditjar ta' kampjun ta' impenji wera li, fi tliet każi, ma kien hemm l-ebda sekwenza tal-awditjar għar-rittraċċar tal-eżekuzzjoni finanzjarja — Għadu ma sar ebda kontroll estern ta' dawn il-każi 	Jinnota li l-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ għandha tkun ibbażata aktar fuq il-prestazzjoni tiegħu matul is-sena.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/567/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabbilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2011)4680 tat-30 ta' Ġunju 2011 li tagħti approvazzjoni għal deroga mitluba mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija minn Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija tat-12 ta' Lulju 2010 dwar ir-Rimborż ta' Spejjeż Privati (10/0257/KA),
- wara li kkunsidra l-awditjar estern ikkummissjonat mill-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Nru ta' Referenza tal-Kuntratt CEPOL/2010/001) dwar ir-rimborż ta' spejjeż privati,
- wara li kkunsidra r-rapport finali tal-evalwazzjoni esterna ta' ħames snin tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (Nru ta' Referenza tal-Kuntratt CEPOL/CT/2010/002),
- wara li kkunsidra r-Rapport ta' Attività Annwali 2009 tad-Direttorat Ġenerali għall-Ġustizzja, Libertà u Sigurtà,
- wara li kkunsidra r-raba' rapport ta' progress tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Multiannwali (MAP) tiegħu għall-2010-2014,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-MAP tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-2010-2014,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 134.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- wara li kkunsidra n-nota tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-4 ta' Lulju 2011 (Ref. Ares (2011) 722479) dwar it-tielet rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni Pluriennali (MAP) tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għall-2010-2014,
 - wara li kkunsidra r-rapport u l-annessi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-implimentazzjoni tar-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar "Kwittanza 2009: Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija",
 - wara li kkunsidra r-rapport u l-anness tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija dwar l-applikazzjoni tal-Manwal tal-Akkwist Pubbliku tiegħu għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2010 u l-1 ta' Lulju 2011,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0119/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010

(2012/568/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jstabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0130/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (preċedentement imsemmija Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0130/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli tal-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2010 kif ukoll tal-legalità u tar-regolarità tat-tranżazzjonijiet relatati,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
- ħeġġeġ lill-Aġenzija ttejjeb il-Programm ta' Ħidma Annwali tagħha billi tinkludi objettivi speċifiċi li jistgħu jitkejlu kemm flivell ta' qasam politiku kif ukoll f'dak operattiv, billi jiġu stabbiliti indikaturi SMART,
 - ħeġġeġ lid-Direttur Eżekuttiv jottempera bis-sħiħ għall-obbligi tiegħu tal-inklużjoni fir-rapport tiegħu lill-awtorità tal-kwittanza li tiġbor fil-qasir ir-rapport tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS), ir-rakkomandazzjonijiet kollha li saru u l-azzjonijiet kollha meħuda abbażi ta' tali rakkomandazzjonijiet,
 - stieden lill-Aġenzija tirreżamina mhux biss is-Sistema ta' Kontroll Intern (ICS) tagħha, b'tali mod li tinfex id-dikjarazzjoni annwali ta' assigurazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv tagħha, iżda wkoll il-proċeduri amministrattivi u operattivi kollha tagħha, b'dokumentazzjoni sussegwenti tal-fluss tax-xogħol u l-kontroll fundamentali,
- C. billi l-baġit kumplessiv għall-Aġenzija għas-sena 2010 kien jammonta għal EUR 11 000 000 meta mqabbel ma' EUR 10 100 000 fl-2009, ammont li jirrappreżenta żieda ta' 8,9 %,
- D. billi l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kienet EUR 7 695 223, li tirrappreżenta żieda ta' 34,9 % meta mqabbla mal-kontribuzzjoni inizjali tagħha tal-2009 ⁽⁶⁾,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 135.⁽⁶⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 837.

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Ifakkar li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kienet EUR 7 695 223; josserva madankollu li EUR 714 777, li ġejjin mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv, żdiedu ma' dak l-ammont, ħaġa li fessret li, konsegwentement, il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni laqgħet l-ammont ta' EUR 8 410 000 għall-2010;
2. Jikkonstata mill-kontijiet annwali definittivi għall-2010 li l-Aġenzija impenjat 98,3 % tal-kontribuzzjoni mogħtija u ħallset 85,6 % tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet disponibbli (eskluzo n-nefqa minn sorsi oħra ta' dħul); jilqa' pożittivament il-fatt li l-Aġenzija pprovdiet lill-awtorità tal-kwittanza fir-Rapport Annwali ta' Attività tagħha għall-2010 d-data li turi r-rata ta' implimentazzjoni kumplessiva tal-baġit f'termini ta' impenji u ħlasijiet;
3. Jirrikonoxxi, barra minn hekk, mir-rapport tal-IAS li għas-sena finanzjarja 2010 r-riport awtomatiku tal-Aġenzija għall-2011 kien jammonta għal EUR 1 160 393 (impenji pendenti — RAL) u EUR 629 517,41 (kreditu ta' ħlas) u li r-riporti mhux awtomatiċi tal-Aġenzija kienu jammontaw għal-EUR 530 875,59; jinkoraġġixxi lill-Qorti tal-Awdituri tindika l-informazzjoni dwar ir-riporti fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2011;
4. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tirrispetta l-prinċipju tal-annwalità; josserva b'mod partikolari li wħud mill-impenji tal-baġit 2010 tal-Aġenzija jirrigwardaw in-nefqa għall-proġetti tal-2011; jiddispaċih li r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għall-2010 ma setax jipprovdil lill-awtorità tal-kwittanza b'dettalji ulterjuri dwar il-kwistjoni;

Sistema kontabilistika

5. Josserva li mill-kontijiet annwali definittivi għas-sena finanzjarja 2010 li l-kontijiet tal-baġit tal-Aġenzija huma mmexxija mis-sistema ABAC u l-kontijiet ġenerali huma amministrati mis-sistema SAP, li għandha interface diretta mas-Sistema Kontabilistika Ġenerali tal-Kummissjoni;
6. Iħeġġeġ lill-Aġenzija, madankollu, tallinja d-drittijiet ta' aċċess ABAC tal-uffiċjali awtorizzanti b'delega (AODs) b'deċiżjoni ta' delega;
7. Josserva, barra minn hekk, li l-Aġenzija wettqet eżerċizzju ta' reviżjoni tal-iskedi, tal-mudelli u tal-formoli operattivi kollha tagħha użati fil-proċeduri biex tidentifika oqsma li fihom huwa possibbli titjib u tevita d-duplikazzjoni;

Proċeduri ta' akkwist

8. Jitlob lill-Aġenzija tieħu l-miżuri meħtieġa intiżi li jggarantixxu li d-dokumenti ta' akkwist jiġu debitament iffirmati u ddatati; josserva li l-Qorti tal-Awdituri kkonstatat il-preżenza ta' dgħufijiet f'dan ir-rigward;

Riżorsi umani

9. Jinkoraġġixxi lill-Aġenzija żżid it-trasparenza fil-proċeduri ta' reklutaġġ tagħha; josserva li l-Qorti tal-Awdituri kkonstatat il-preżenza ta' dgħufijiet f'dan ir-rigward; jirrikonoxxi, b'mod partikolari, li fir-rigward tal-proċeduri ta' selezzjoni tal-persunal, la l-livelli li l-kandidati kellhom jilhqqu biex jiġu mistiedna għall-intervista tas-selezzjoni u lanqas dawk meħtieġa biex jitqiegħdu f'lista ta' riżerva ġew definiti minn qabel;
10. Jikkonstata li, mir-Rapport Annwali ta' Attività tal-Aġenzija, 10 mill-11-il post battal għal aġenti temporanji (TA) imtlew u dan wassal għal rata ta' impjeg ta' 98 % tal-postijiet previsti mit-tabella tal-persunal tal-2010 (52 minn 53 post ta' TA);
11. Jirrikonoxxi, mir-Rapport Annwali ta' Attività, li t-tibdil ta' persunal kien jirrigwarda biss it-tluq ta' 2 aġenti kuntrattwali u l-irtirar ta' aġent temporanju;
12. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat legali u regolari, taħt l-aspetti rilevanti kollha, it-tranżazzjonijiet sottostanti għall-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;

Prestazzjoni

13. Josserva li l-Aġenzija adottat programm ta' ħidma multiannwali għall-perjodu 2011-2015 fid-19 ta' Ottubru 2010; jisħaq fuq l-importanza ta' tali dokument sabiex l-Aġenzija tkun tista' tagħmel arranġamenti organizzattivi effikaċi biex timplimenta l-istrateġija tagħha u tilħaq l-oġġettivi tagħha;

14. Jistieden għal darb'oħra lill-Aġenzija tiżviluppa dijagramma ta' Gantt fil-programmazzjoni ta' kull attività operattiva, bil-għan li tindika sintetikament l-ammont ta' ħin li kull membru tal-persunal iqatta' fuq proġett u tinkoraġġixxi approċċ orjentat lejn il-ksib ta' riżultati; Jirrikonoxxi, madankollu, li l-Aġenzija tgħarraf lill-awtorità tal-kwittanza permezz ta' tabella li turi l-informazzjoni meħtieġa;
15. Jilqa' favorevolment l-inizjattiva tal-Kapaċità tal-Awditjar Intern (IAC) tal-Aġenzija li żviluppat kors ta' taħriġ intern u tat it-taħriġ meħtieġ relatat mad-deontoloġija u l-integrità fl-Aġenzija; jilqa' speċjalment il-fatt li t-taħriġ huwa obbligatorju għall-persunal kollu biex tiġi żgurata konsapevolezza tal-valuri etiċi u organizzattivi, b'mod partikolari l-imġiba etika, il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, il-prevenzjoni tal-frodi u r-rappurtar tal-irregolaritajiet;
16. Jissottolinja l-importanza tal-kompiti tal-Aġenzija u jilqa' pożittivament il-prestazzjoni effiċjenti u effikaċi tagħha, li l-Kumitat għas-Sajd seta' josserva waqt iż-żjara tiegħu lill-Aġenzija f'Ġunju 2010 u li se jerġa' jispezzjona fiż-żjara tiegħu li jmiss tal-2012;

Awditjar intern

17. Jilqa' favorevolment l-inizjattiva tal-Aġenzija li waqqfet fl-2008 funzjoni ta' Awditjar Intern (l-IAC msemmi hawn fuq) inkarigata biex tagħti sostenn u konsulenza lid-Direttur Eżekuttiv u lill-maniġment tal-Aġenzija dwar il-kontroll intern, il-valutazzjoni tar-riskju u l-awditjar intern; josserva li l-Aġenzija ma tużax IAC fuq bażi full-time iżda taqşam dan is-servizz mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) ta' Lisbona; jirrikonoxxi, għal dan l-għan, li ftehim dwar il-livell ta' servizz bejn l-Aġenzija u l-EMSA ġie ffirmat fis-17 ta' Ġunju 2008;
18. Jikkonstata mir-Rapport Annwali ta' Attività tal-Aġenzija li l-IAS, konformement mal-Pjan Strateġiku 2010-2012, wettaq awditjar tal-proċess ta' eżekuzzjoni tal-baġit kif ukoll eżerċizzju ta' valutazzjoni tar-riskju fil-qasam tat-teknoloġija tal-informazzjoni;
19. Jirrikonoxxi li fl-2010 l-IAS wettaq awditjar tal-eżekuzzjoni tal-baġit ħalli jivvaluta jekk l-ICS jipprovdi assigurazzjoni raġonevoli dwar il-konformità mal-baży ġuridika, l-effikaċja u l-effiċjenza tal-proċessi u l-affidabbiltà tal-informazzjoni li tappoġġa l-monitoraġġ tal-ġestjoni;
20. Jitlob lill-Aġenzija tieħu l-miżuri kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet li ġejjin:
 - id-drittijiet ta' aċċess ABAC tal-AODs,
 - l-ittardjar fil-pagamenti,
 - il-politika fil-konfront tat-trattament tal-eċċezzjonijiet u l-ħolqien ta' Regjistru ċentrali tal-Eċċezzjonijiet;
 josserva li ż-żewġ rakkomandazzjonijiet ferm importanti tal-IAS, jiġifieri l-adattament tad-drittijiet ta' aċċess għas-sistema ABAC għall-AODs u l-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' politika għall-ġestjoni tal-eċċezzjonijiet u Regjistru ċentrali tal-Eċċezzjonijiet, ġew irrapportati bħala implimentati mill-Aġenzija u attwalment jinsabu sottoposti għar-rieżami min-naħa tal-IAS; jistieden, iżda, lill-Aġenzija tgħarraf lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda u r-riżultati miksuba;
21. Jitlob lill-Aġenzija tieħu azzjoni immedjata fil-konfront tal-punti ta' hawn taħt u tgħarraf lill-awtorità tal-kwittanza bl-azzjonijiet meħuda:
 - implimentazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tar-riskju,
 - introduzzjoni ta' rieżamijiet regolari tal-ICS;
22. Jagħti attenzjoni lir-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti dwar il-kwittanza preċedenti, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
23. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽⁷⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽⁷⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (CFCA) (stabbilita fl-2007)	2007	2008	2009
Prestazzjoni	mhux disponibbli	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi analiżi dijakronika tal-operazzjonijiet imwettqa f'din is-sena u f'dik preċedenti — Jistieden ukoll lill-Aġenzija tqis li tagħmel dijagramma ta' Gantt parti mill-programmazzjoni għall kull attività operattiva — Jistieden lill-Aġenzija tfassal programm ta' ħidma multiannwali 	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi paragun tal-operazzjonijiet li twettqu matul is-sena li għalihom il-kwittanza għandha tiġi konċessa u matul is-sena finanzjarja preċedenti sabiex l-awtorità tal-kwittanza tkun tista' tivvaluta b'mod aktar effikaċi l-prestazzjoni tal-Aġenzija minn sena għall-oħra — Ihegġegħ lill-Aġenzija ttejjeb il-programm ta' ħidma annwali tagħha billi tinkludi objettivi speċifiċi li jistgħu jitkejlu kemm flivell ta' qasam politiku kif ukoll f'dak operattiv, billi jiġu stabbiliti indikaturi SMART, — Jistieden lill-Aġenzija tiżviluppa indikaturi tal-prestazzjoni fundamentali fi ħdan il-funzjonijiet ta' appoġġ amministrattiv — Jistieden lill-Aġenzija tqis li tagħmel dijagramma ta' Gantt parti mill-programm għall kull attività operattiva
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	Il-proċeduri ta' kontroll intern meħtieġa mill-Artikolu 38 tar-Regolament Finanzjarju biex jiġġarantixxu t-trasparenza u l-ġestjoni finanzjarja tajba għadhom ma ġewx dokumentati → assenza ta' standards ta' kontroll u assenza ta' proċeduri ta' akkwist	L-Aġenzija ma tirrispettax b'mod strett il-prinċipju ta' speċifikazzjoni: l-Aġenzija għandha b'żonn tirranġa n-nuqqasijiet fil-programmazzjoni tal-attivitajiet tagħha; bil-maqlub tar-Regolament Finanzjarju, xi impenji ġuridiċi (EUR 1 400 000) iddaħħlu qabel ma saru l-impenji baġitarji korrispondenti	mhux disponibbli
Riżorsi umani	mhux disponibbli	Jistieden lill-Aġenzija ttejjeb il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit, speċjalment fil-qasam tar-riżorsi umani	Jistieden lill-Aġenzija tirranġa d-dgħufijiet fl-ippjanar tar-reklutaġġ
Awditjar Intern	mhux disponibbli	Jistieden lill-Aġenzija tirrispetta il-15-il rakkomandazzjoni li għamel is-Servizz ta' Awditjar Intern relatati mal-iżvilupp ta' ġabra ta' indikaturi li tkopri l-attivitajiet kollha tal-Aġenzija, l-organizzazzjoni interna u l-istruttura proċedurali li sostni l-assigurazzjoni tal-ġestjoni, il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-b'żonn ta' proċeduri interni għat-tnaqqis tal-ittardjar fil-pagamenti tal-Aġenzija	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tgħarraf lill-awtorità tal-kwittanza bir-rakkomandazzjonijiet li jsiru mill-IAC u bl-azzjoni meħuda mill-Aġenzija — Ihegġegħ lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija jottempera bis-siġh għall-obbligu tiegħu tal-inklużjoni fir-rapport tiegħu lill-awtorità tal-kwittanza li tiġbor fil-qasir ir-rapport tal-IAS, ir-rakkomandazzjonijiet kollha li saru u l-azzjonijiet kollha meħuda abbażi ta' tali rakkomandazzjonijiet — Jistieden lill-Aġenzija tirrieżamina s-Sistema ta' Kontroll Intern, tirfed id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni annwali tad-Direttur Eżekuttiv tagħha u tirrieżamina l-proċeduri kollha tagħha, kemm amministrattivi kif ukoll operattivi, b'dokumentazzjoni sussegwenti tal-fluss tax-xogħol u l-kontroll fundamentali — Jinkoraġġixxi l-Aġenzija tistabbilixxi funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju għar-reġistrazzjoni tar-riskji u toħloq pjanijiet għat-taffija tal-kostijiet

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/569/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jstabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0130/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (preċedentement imsemmija Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar kwittanza b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010

(2012/570/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet finali annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 60 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0124/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 21.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet finali annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 —C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 60 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0124/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
- ħeġġeġ lill-Aġenzija timplimenta struttura bbażata fuq l-attività għall-baġit operattiv sabiex tistabbilixxi rabta ċara bejn il-programm ta' ħidma u l-previżjonijiet finanzjarji u ttejjeb il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-prestazzjoni,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 21.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 140.

- għibed l-attenzjoni għall-fatt li għal darb'oħra l-Aġenzija riportat għal 2010 livell għoli ta' approprijazzjonijiet għan-nefqa operattiva,
- talab li mal-baġit ta' kull sena jiġi mehmuż rapport dwar il-bilanċ pożittiv trasferit minn snin preċedenti, li jispjega għalfejn l-appropriazzjonijiet imsemmija ma ntużawx, u kif u meta se jintużaw,
- innota nuqqasijiet fil-proċeduri ta' għażla tal-persunal li jipperikolaw it-trasparenza ta' dawn il-proċeduri,

C. billi l-Aġenzija hija ffinanzjata minn drittijiet u ħlasijiet u kontribuzzjoni mill-Unjoni,

D. billi l-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010 kien ta' EUR 137 200 000 meta mqabbel ma' EUR 122 200 000 fl-2009, li jfisser żieda ta' 12,27 %; billi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kienet ta' EUR 34 197 000 ⁽¹⁾, li tfisser żieda ta' 0,87 % meta mqabbla mal-2009,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Ifakkar li żewġ terzi mill-baġit tal-Aġenzija jiġu minn miżati u imposti mħallsa mill-industrija, terz minn sussidji tal-Unjoni u l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni lill-Aġenzija għall-2010 ammontat għal EUR 32 879 000; jinnota madankollu li ma' din is-somma żdiedu EUR 1 318 000, li ġejjin mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv, u konsegwentement, il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni laħqet it-total ta' EUR 34 197 000;
2. Jinnota li l-baġit tal-Aġenzija żdied b'61 % minn EUR 85 200 000 għal EUR 137 200 000 mill-2007 sal-2010 u li l-għadd tal-persunal żdied minn 333 għal 524;
3. Jinnota li skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 593/2007 tal-31 ta' Mejju 2007 dwar drittijiet u ħlasijiet imposti mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ⁽²⁾, d-dħul mid-drittijiet jikkostitwixxi dħul assenjat li jista' jiġi riportat mill-Aġenzija sakemm ma jkunx intuża; jinnota li l-irċevuti tal-industrija jistgħu jkunu relatati ma' iktar minn sena finanzjarja waħda; jinnota li r-riżerva li tista' tintuża matul is-snin sussegwenti hija aġġustata fuq ir-riżultat tal-baġit għas-sena; jinnota li l-ammont tar-riżerva naqas f'dawn l-aħħar sentejn minn EUR 29 000 000 fl-aħħar tal-2008 għal EUR 21 000 000 fl-aħħar tal-2010;
4. Jinnota mill-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2010, li l-Aġenzija użat biss approprijazzjonijiet mhux differenzjati u li għalhekk l-appropriazzjonijiet għall-impenji kienu daqs l-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet; barra minn hekk jinnota li r-rata globali tal-implimentazzjoni tal-baġit kienet ta' 99,51 % għall-appropriazzjonijiet tal-2010;
5. Jistieden lill-Aġenzija biex tieħu miżuri adegwati ulterjuri sabiex tevita n-nuqqasijiet li jipperikolaw it-trasparenza tal-proċess ta' akkwist kif ukoll il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja fis-sod;

Kontabilità

6. Jaċċerta mill-kontijiet finali, li fl-2010 l-Aġenzija biddlet il-metodu tagħha tar-rikonossiment tad-dħul minn metodu bbażat fuq il-kost għal metodu bbażat fuq il-metodu tal-linja dritta propost fir-Regola numru 4 tal-Kontabilità tal-KE;
7. Jifhem mill-Aġenzija li l-bidla saret biex ittejjeb l-eżattezza u t-trasparenza dwar kif inhu bbażat id-dħul akkwistat u biex titqies ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri tal-2009 sabiex jiġi applikat metodu li jirrifletti b'mod aktar eżatt l-ammont ta' dħul allokat għal sena finanzjarja;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 613.

⁽²⁾ ĠU L 140, 1.6.2007, p. 3.

8. Jirrikonoxxi mir-Rapport Annwali ta' Attività tal-Aġenzija, li s-sistema tal-Ippjanar tar-Riżorsi għall-Intrapriżi ssaħħet iktar u ġiet użata sistematikament għat-tipi kollha ta' transazzjonijiet finanzjarji u l-għeluq ta' tmiem is-sena;

Il-proċedura tal-akkwist

9. Jinnota mir-Rapport Annwali ta' Attività li 23 proċedura ta' offeriti ta' valur għoli li jkopru kemm il-ħtiġijiet operattivi kif ukoll dawk amministrattivi kienu amministrati matul l-2010, li 20 minnhom ġew finalizzati u 29 kuntratt ta' valur għoli kienu ffirmati b'valur ta' bejn wieħed u ieħor EUR 14 000 000; barra minn hekk jinnota li 428 kuntratt ġew iffirmati wara l-proċeduri ta' akkwist ta' valur baxx li jammontaw għal bejn wieħed u ieħor EUR 1 650 000;
10. Jirrikonoxxi, b'mod partikolari, mill-Qorti tal-Awdituri li, għal żewġ proċeduri kbar tal-akkwist, il-metodu ta' evalwazzjoni ma ppermettix lill-offerti li tefgħu l-aqwa offerta finanzjarja jiksbu l-ogħla punteġġ ta' prezz; jinnota mill-Aġenzija li dawn iż-żewġ proċeduri tal-akkwist jirreferu għal:

— it-tiġdid ta' kuntratt ta' servizzi ta' tindif għal erba' snin li jammonta għal EUR 1 000 000;

— Kuntratt Qafas ta' massimu ta' erba' snin għal studji dwar rekwiżiti u standards għal ċertifikazzjoni rigward il-magni tal-inġenji tal-ajru b'valur massimu ta' EUR 2 500 000 li għalih il-kuntrattur magħżul ma kkompletax l-elementi kollha tal-kostijiet fl-applikazzjoni tiegħu;

jinnota li l-Aġenzija wiegħbet li l-ebda impatt negattiv fuq ir-riżultat m'għandu jiġi rrapportat u li madankollu se tqis il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti u fil-ġejjieni se tindirizza r-riskju identifikat billi tagħti saħansitra iktar attenzjoni lill-formuli tal-evalwazzjoni finanzjarja;

Ir-riżorsi umani

11. Jinnota li, għal darba oħra, l-awtorità ta' kwittanza sabet nuqqasijiet fil-proċeduri għall-għażla tal-persunal li jipperikolaw it-trasparenza ta' dawk il-proċeduri; jirrikonoxxi mill-Qorti tal-Awdituri li ma kien hemm l-ebda evidenza li l-limiti biex wieħed jiġi mistieden għall-intervista jew biex jitpoġġa fuq il-lista ta' riżerva ġew definiti qabel ma bdiet l-eżaminazzjoni tal-applikazzjonijiet; jinnota li dan jista' jaħbi sitwazzjoni ta' nepotiżmu jew kunflitt ta' interessi; jitlob li jsir dak kollu possibbli sabiex ikunu evitati l-kunflitti ta' interessi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-Aġenzija tapplika korrettement ir-regoli tal-Unjoni; jenfasizza l-importanza tat-trasparenza tal-proċedura tal-għoti tal-kuntratti pubbliċi u tal-proċeduri ta' reklutaġġ;
12. Jinnota li l-Aġenzija ma infurmatx lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-azzjonijiet li ttieħdu biex il-proċeduri tal-għażla tal-esperti/istaff tagħha jsiru aktar trasparenti kif mitlub fl-2009, għalkemm jifhem li l-kwistjoni ġiet indirizzata fl-2010 wara li l-Qorti tal-Awdituri reġgħet enfazzat il-kwistjoni fir-rapport tagħha; jenfasizza, għal darb'oħra, li l-impatt ta' dawn in-nuqqasijiet huwa saħansitra aktar kruċjali meta jitqies li l-Aġenzija għandha l-oġettivi li ġejjin: li toħroġ speċifikazzjonijiet ta' ċertifikazzjoni, tieħu deċiżjonijiet rigward l-ajrunavigabbiltà u ċertifikazzjoni ambjentali, u twettaq spezzjonijiet ta' standardizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri;
13. Jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija lill-Qorti li fil-linji gwida tagħha għall-membri tal-bord indikat b'mod ċar il-limitu minimu li l-kandidati għandhom jilhqqu sabiex jiġu mistiedna għall-intervista (50 %) jew sabiex jitpoġġew fil-lista tar-riżerva (65 %) iżda li hi żomm id-dritt li tiddeċiedi x'jikkostitwixxi n-numru massimu raġonevoli ta' kandidati li għandhom jiġu mistiedna skont il-pożizzjoni li jkunu kisbu fil-lista;
14. Ifakkar lill-Aġenzija dwar l-importanza li tiżgura taħriġ adegwat u kriterji ta' kwalifikazzjoni għat-timijiet ta' spezzjoni u mexxejja tat-tims; jistieden lill-Aġenzija tieħu passi konkreti u tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwarhom;
15. Jinnota li, mill-2009 sal-2010, n-numru tal-persunal fl-Aġenzija żdied minn 509 għal 578, inklużi aġenti temporanji u kontrattwali;

Kunflitt ta' interess

16. Jinnota li l-membri tal-persunal tekniku tal-Aġenzija jeħtieġu jiġu normalment rekrutati minn awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni u l-industrija tal-avjazzjoni; jifhem li l-membri tal-persunal irid ikollhom biżżejjed esperjenza teknika aġġornata ta' ħidma fil-qasam tal-avjazzjoni sabiex iwettqu verifika teknika tal-konformità mad-dokumenti ta' ċertifikazzjoni ta' konformità sabiex ikunu jistgħu jiżguraw il-livell adegwat ta' sikurezza fl-avjazzjoni kif mitlub mil-leġislażżjoni Ewropea applikabbli; madankollu jinsab imħasseb li din is-sitwazzjoni tista' tikkawża kunflitti ta' interess jekk membru tal-persunal rekrutat minn manifattur tal-inġenji tal-ajru jaħdem u jieħu deċiżjonijiet fi ħdan l-Aġenzija dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-inġenju tal-ajru li hu seta' kien qed jaħdem fuqu waqt li kien impjegat mal-manifattur u, sitwazzjoni li jekk wieħed ma jindunax biha u jimmanigjaha adegwatament, tista' tirriżulta f'kunflitt tal-interessi; jirrikonoxxi madankollu li l-Aġenzija stabbiliet proċedura ta' ċertifikazzjoni fejn l-imparzjalità tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet hija ggarantita permezz tal-kolleġjalità tal-evalwazzjonijiet tekniċi u tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet innifsu; jifhem ukoll li l-Aġenzija tinsab fil-proċess li tistabbilixxi politika li tapplika għall-Aġenzija kollha fil-qasam tal-kodiċijiet tal-kondotta li tinkludi l-identifikazzjoni, il-prevenzjoni, il-monitoraġġ u t-trattament tal-konsegwenzi ta' każijiet ta' kunflitt ta' interessi potenzjali li se tgħin lill-Aġenzija tkompli ttejjeb l-identifikazzjoni u t-trattament ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interessi b'tali mod li s-sikurezza tal-avjazzjoni ma titqiegħedx f'periklu fl-ebda mument;
17. Jistieden lill-Aġenzija tikkunsidra b'mod xieraq l-isfond professjonali tal-membri tal-persunal tagħha sabiex tevita kull kunflitt ta' interess; huwa tal-opinjoni li l-politika tal-kunflitti tal-interessi tal-Aġenzija għandha tispejga sa liema punt u taħt liema kundizzjonijiet impjegat tal-Aġenzija jista' jkun involut fiċ-ċertifikazzjoni ta' inġenju tal-ajru li kien hađem fuqu qabel ma sseieħ mal-Aġenzija;
18. Jistieden lill-Aġenzija tadotta proċessi effettivi li jindirizzaw kif dovut każijiet potenzjali ta' allegazzjonijiet ta' kunflitti ta' interessi fl-Aġenzija; jistieden ukoll lill-Aġenzija tippubblika fuq il-websajt tagħha d-dikjarazzjoni tal-interessi u l-isfond professjonali tal-esperti, il-persunal maniġerjali u l-Membri tal-Bord tagħha u ta' kwalunkwe persuna oħra li l-attività tagħha hi relatata mal-proċess ta' ċertifikazzjoni; jindika li l-Aġenzija għandha ssegwi l-linji gwida tal-OKŻE fil-qasam tal-kunflitti ta' interessi;
19. Jinnota li l-Aġenzija hija involuta f'deċiżjonijiet ta' importanza vitali għaċ-ċittadini kollha u b'kunsiderazzjoni għall-viżibilità tagħha minħabba l-importanza tagħha għall-industrija, l-awtorità ta' kwittanza qed tistenna bil-ħerqa li tirċievi u tiddiskuti s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet mir-Rapport Speċjali dwar sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess li għandu jkun rilaxxat mill-Qorti tal-Awdituri qabel tmiem Ġunju 2012;

Il-Prestazzjoni

20. Jistieden lill-Aġenzija tkompli timplimenta l-istruttura eżistenti bbażata fuq l-attività għall-baġit operattiv sabiex tistabbilixxi rabta ċara bejn il-programm ta' ħidma u l-previżjonijiet finanzjarji u tkompli ttejjeb il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-prestazzjoni,
21. Jistieden lill-Aġenzija tagħmel dijagramma ta' Gantt parti mill-programmazzjoni tal-attività operattiva tagħha fejn ikun relevanti; jisħaq ukoll fuq l-importanza li l-Aġenzija tfassal objettivi SMART u indikaturi RACER fil-programmazzjoni tagħha kif għamlet fil-Programm Annwali ta' Ħidma u r-Rapport Annwali ta' Attività tagħha sa mill-2008;

Kontroll Intern

22. Jinnota mir-Rapport Annwali ta' Attività li l-Aġenzija kkonsolidat is-Sistema Integrata ta' Ġestjoni tagħha fl-2010 u fiha nkludiet il-kunċett ta' "kontroll intern", li għandu l-għan li jiżgura li r-riskji jitnaqqsu b'mod korrett, sabiex tissaħħaħ l-abilità tal-Aġenzija biex tikseb objettivi operattivi, ta' kwalità, ta' konformità jew finanzjarji;
23. Jinnota li, f'Diċembru 2010, is-Sistema Integrata ta' Ġestjoni tal-Aġenzija kisbet ċertifikazzjoni kontra l-Istandard tal-Ġestjoni tal-Kwalità ISO 9001:2008 rikonoxxut internazzjonalment;

Proċess ta' spezzjonijiet tal-istandardizzazzjoni

24. Jistieden lill-Aġenzija tkompli ttejjeb id-dokumentazzjoni tal-ippjanar ta' spezzjoni u l-programmazzjoni tal-ispezzjoni; ifakkar lill-Aġenzija dwar l-importanza tad-dokumentazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju u l-kriterji użati meta tistabbilixxi l-ippjanar ta' spezzjoni tagħha sabiex tiġġustifika l-proċess intern tagħha tat-teħid ta' deċiżjonijiet għall-każijiet li jippreżentaw nuqqasijiet sinifikanti li jaffettwaw is-sikurezza taċ-ċittadini tal-Unjoni;

25. Jistieden lill-Aġenzija tkompli ttejjeb l-effikaċja tagħha fil-ġestjoni ta' tħassib ewlieni tas-sikurezza billi:
- timmonitorja l-informazzjoni,
 - tnaqqas it-tul ta' żmien tar-rappurtar u ta' implimentazzjoni,
 - tiddokumenta l-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet bejn l-Aġenzija u l-Kummissjoni,
 - timmitiga b'mod adegwat ir-riskji ta' kwalunkwe sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali;
26. Barra minn hekk jistieden lill-Aġenzija tikklassifika, timmonitorja u ssegwi s-sejbiet tagħha ta' spezzjoni kklassifikati bħala "Kummenti"; jinnota li l-Aġenzija żviluppat proċedura operattiva biex tiddefinixxi dawk is-sejbiet u tikkomunikahom lill-Kummissjoni; jitlob għalhekk lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza bl-azzjoni meħuda;

L-awditjar intern

27. Jirrikonoxxi li diversi rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna" mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) maħsuba biex inaqqsu r-riskji pendenti lill-Aġenzija għadhom miftuħa u attwalment taħt eżami mill-IAS;
28. Jinnota b'mod partikolari li fl-2010 l-IAS wettaq awditjar dwar il-Proċess ta' Spezzjoni tal-Istandardizzazzjoni sabiex jivvaluta u jipprovi assicurazzjoni indipendenti dwar is-sistema ta' kontroll intern relatata mal-proċess ta' spezzjoni tal-istandardizzazzjoni fl-Aġenzija, sabiex jissorvelja l-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Unjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni u jirrapporta lill-Kummissjoni; jinnota wkoll li l-Aġenzija diġà żviluppat pjan ta' azzjoni korrettiva li l-IAS qabel miegħu u li diġà pprovdiet lill-IAS għall-eżami minn naħa tiegħu l-evidenza tal-implimentazzjoni rigward dawk ir-rakkomandazzjonijiet imniżżla fil-paragrafi 25 sa 27 ta' dan ir-rapport;
29. F'dan ir-rigward jistieden lill-Aġenzija biex tkompli:
- tiddokumenta l-valutazzjoni tar-riskju tagħha wara l-programmi ta' spezzjoni annwali u ż-żjara ta' spezzjoni,
 - ittejjeb is-sorveljanza u r-rappurtar dwar in-nuqqasijiet sinifikanti li jqajmu tħassib dwar is-sikurezza,
 - issegwi u timmonitorja l-kummenti tagħha wara ż-żjarat ta' spezzjoni;
30. Jagħti attenzjoni lir-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti dwar il-kwittanza preċedenti, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
31. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

(1) Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (Ara l-paġna 388ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni	2006	2007	2008	2009
Il-Prestazzjoni	L-Aġenzija għandha tiċċekkja bir-reqqa l-konsistenza tal-previżjonijiet tan-nefqa: is-sistema ta' analiżi tal-kostijiet tal-Aġenzija wriet kostijiet ta' madwar EUR 48 000 000 u dħul ta' madwar EUR 35 000 000; iprogrammar insuffiċjenti	L-Aġenzija għandha tiċċekkja bir-reqqa l-konsistenza tal-previżjonijiet tan-nefqa li ser ikunu ppreżentati għal adozzjoni mill-awtorità tal-baġit	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi analiżi dijakronika tal-operazzjonijiet imwettqa f'din is-sena u f'dik preċedenti — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi objettivi SMART u indikaturi RACER — Jistieden lill-Aġenzija tagħmel dijakrogramma ta' Gantt 	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi objettivi SMART u indikaturi RACER — Jistieden lill-Aġenzija tikkunsidra l-fatt li tagħmel dijakrogramma ta' Gantt parti mill-programmazzjoni ta' kull attività operattiva, bil-għan li tindika sintetikament l-ammont ta' ħin li kull membru tal-persunal iqatta' fuq proġett — Ihegġegħ lill-Aġenzija timplimenta struttura bbażata fuq l-attività għall-baġit operattiv sabiex tistabbilixxi rabta ċara bejn il-programm ta' ħidma u l-previżjonijiet finanzjarji u ttejjeb il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-prestazzjoni, — Jistieden lill-Aġenzija tippreżenta tqabbil tal-operazzjonijiet li saru matul is-sena li għaliha għandha tingħata l-kwittanza u dawk li saru matul is-sena finanzjarja ta' qabel
Ir-Regolament dwar id-drittijiet u l-ħlasijiet	mhux applikabbli	L-Aġenzija m'għandhiex tfixxkel l-użu tar-regolament preċedenti dwar it-tariffa imposta mar-regolament il-ġdid.	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ fil-livell tal-proġetti ta' ċertifikazzjoni — Jistieden lill-Aġenzija tressaq pjan dettaljat biex tiggarrantixxi li s-sistema ta' drittijiet fissi annwali tista' ma tiġġenerax introjtu li jkun b'mod sinifikanti ogħla mill-kostijiet annwali tas-servizzi mogħtija 	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija ttejjeb is-sistema ta' monitoraġġ tagħha għal proġetti ta' ċertifikazzjoni biex tiżgura li, matul il-perjodu kollu tal-proġett, id-drittijiet imposti ma jvarjawx mill-kost reali b'mod sinifikanti; — Jistieden lill-Aġenzija tistima b'mod korrett, għall-istabbiliment tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-2010, l-ispiża relatata mal-ġesjoni ta' xogħlijiet ta' ċertifikazzjoni li jiġu esternalizzati lill-awtoritajiet tal-avjazzjoni nazzjonali.
Riporti tal-approprijazzjonijiet/kwistjonijiet ta' akkwist	Il-prinċipju baġitarju tal-annwalità ma kienx osservat: għall-kuntrarju tar-regolament finanzjarju tagħha, l-Aġenzija użat l-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet differenzjati riportati mill-2005 minkejja li kellha biżżejjed approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet għall-2006	Kwistjonijiet ta' trasparenza dwar il-kriterji tal-ġhothi u l-metodu tal-evalwazzjoni finanzjarju	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tirrimedja s-sistema tal-ippjanar tar-riżorsi tal-impriża li tirriżulta minn dewmien fl-iffirmar tal-kuntratt ta' servizz. (Jistieden lill-Aġenzija tippreżenta previżjoni ħafna iktar realistika lill-Kummissjoni u lill-Parlament matul is-snin li ġejjin) 	<ul style="list-style-type: none"> — L-Aġenzija riportat għall-2010 livell għoli ta' approprijazzjonijiet għall-infiq operattiv (65 % mit-Titolu III, Attività Operattivi. Il-persentaġġ tal-impenni riportati huwa ta' 13 %)

Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni	2006	2007	2008	2009
			<ul style="list-style-type: none"> Jitlob lill-Kummissjoni teżamina modi kif tiżgura li l-prinċipju ta' ġestjoni tal-flus kontanti bbażata fuq il-ħtiġijiet ikun implimentat bis-sħiħ, sabiex tiżgura li r-riżervi tal-flus kontanti tal-Aġenzija jinżammu kemm jista' jkun baxxi 	<ul style="list-style-type: none"> Jitlob li l-kuntratti jiġu ġestiti b'mod aktar eżatt u f'waqtu u li tiġi ppreżentata previżjoni ħafna aktar realista lill-Parlament u lill-Kummissjoni għas-sena finanzjarja li jmiss. Talab li mal-baġit ta' kull sena jiġi mehmuż rapport dwar l-appropriazzjonijiet li ma ntefqux riportati minn snin preċedenti, li jispjega għalfejn dawn il-flus ma ntużawx, u kif u meta se jintużaw.
Riżorsi Umani	mhux applikabbli	Jistieden lill-Aġenzija ttejjeb s-sistemi ta' reklutaġġ u ppjanar tar-riżorsi	Jistieden lill-Aġenzija ttejjeb s-sistemi ta' reklutaġġ u ppjanar tar-riżorsi	<ul style="list-style-type: none"> Jinnota nuqqasijiet fil-proċeduri ta' għażla tal-persunal li jipperikolaw it-trasparenza ta' dawn il-proċeduri. Il-Qorti tal-Awdituri rrappurtat li d-deċiżjonijiet tal-bordijiet tal-għażla ma kinux iġġustifikati u dokumentati b'mod suffiċjenti minħabba li l-limiti biex wieħed jiġi mistieden għal intervista jew imqiegħed fuq il-lista tar-riżerva ma ġewx stabbiliti bil-quddiem u l-minuti kienu nieqsa. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda biex tirrimedja din is-sitwazzjoni u tagħmel il-proċeduri ta' għażla tal-esperti/persunal tagħha iktar trasparenti.
Il-Verifika Interna	L-Aġenzija għadha ma implimentatx sistema effikaċi tal-ġestjoni tal-klejms, possibbilment inkluż interess fuq ħlas tard.	mhux applikabbli	Jistieden lill-Aġenzija tieħu passi biex tissodisfa 13 (2 huma kkunsidrati kritiċi) minn 28 rakkomandazzjoni magħmula mis-Servizz tal-Awditjar Intern → jiġifieri r-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw l-inċertezza baġitarja, in-nuqqas ta' analiżi tar-riskju, in-nuqqas ta' politika ta' evalwazzjoni u ta' promozzjoni, il-proċedura ta' qtugħ u n-nuqqas ta' proċedura biex jiġu rreġistrati eċċezzjonijiet li ġew magħluqa	Jirrikonoxxi li l-Aġenzija implimentat 20 mis-26 rakkomandazzjoni magħmula mill-IAS mill-2006

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/571/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet finali annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u b'mod partikolari l-Artikolu 60 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0124/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 21.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/572/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jstabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0123/2012),
1. Jagħti kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni u r-riżoluzzjoni li tiffirma parti integrali minnha lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 122.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-lkel (A7-0123/2012),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ("iċ-Ċentru") għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li l-operazzjonijiet li jaqgħu taħthom huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-risoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza stieden liċ-Ċentru, fost l-oħrajn:
- jagħmel, ftabella li għandu jehmeż mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri, paragun bejn dak li wettaq matul is-sena ta' kwittanza eżaminata u dak li wettaq waqt is-sena finanzjarja ta' qabel;

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 122.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 145.

- jindirizza l-livell għoli ta' riporti li għandu impatt negattiv fuq l-implimentazzjoni tal-baġit u qed imur kontra l-prinċipju tal-annwalità;
 - jissodisfa l-obbligu tiegħu li jibgħat lill-awtorità ta' kwittanza rapport imfassal mid-Direttur tiegħu li fih jiġbor sommarju tal-kontenut tar-rakkomandazzjonijiet tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS);
- C. billi l-baġit totali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2010 kien ta' EUR 57 800 000 meta mqabbel mal-EUR 49 200 000 fl-2009, li jirrappreżenta żieda ta' 17,5 %; billi l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni għall-baġit taċ-Ċentru għall-2010 kien ta' EUR 56 225 000,

Il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja

1. Ifakkar li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni liċ-Ċentru għall-2010 laqgħet EUR 53 078 000; jinnota madankollu li EUR 145 000, li ġejjin mill-irkupru ta' bilanċ favorevoli, żdiedu magħhom u li, għaldaqstant, jaġmli l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni għall-2010 ta' EUR 53 223 000;
2. Jenfasizza li skont l-adozzjoni definittiva tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, il-kontribuzzjoni totali liċ-Ċentru tammonta għal EUR 56 225 000 u kienet tikkonsisti f'dan li ġej:

— kontribuzzjoni ta' EUR 33 360 000 għat-Titoli I u II, u

— kontribuzzjoni ta' EUR 22 895 000 għat-Titolu III li minnhom tħallsu EUR 10 000 000;

jinnota, madankollu, li l-istess dokument jippreżenta kontribuzzjoni totali tal-Unjoni ta' EUR 53 223 000 għall-2010; jirrikonoxxi li l-istqarrija tal-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għaċ-Ċentru għall-2010 kienet ta' EUR 56 225 000 u li l-figura ta' EUR 53 223 000 hi r-riżultat tal-inkonsistenzi fit-test li jakkumpanja l-figuri tal-baġit; hu tal-fehma li dan jirrifletti l-ħtieġa li l-Kummissjoni ttiprovdi ta' kull sena lill-awtorità ta' kwittanza b'informazzjoni konsolidata dwar il-finanzjament totali annwali għal kull Aġenzija li jkun sar mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea;

3. Jieħu nota miċ-Ċentru li ntlaħaq it-tieni ftehim ta' għotja finanzjarja mad-Direttorat Ġenerali għat-Tkabir għal perjodu inizjali ta' sentejn u li żieda sussegwenti fil-baġit ta' EUR 400 000 għall-perjodu 2009-2010 ġiet implimentata fl-2010; jinnota li fl-2011 iċ-Ċentru kellu jippreżenta talba biex iġedded il-perjodu tal-għotja;
4. Jirrikonoxxi mill-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru li l-eżekuzzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja tal-2010 laqgħet il-95 % f'dawk li huma approprjazzjonijiet għall-impenji; madankollu jinsab imħasseb minħabba li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit f'dawk li huma ħlasijiet laħqu biss it-68 % tal-baġit totali; madankollu jemmen li diġà sar titjib meta mqabbel mad-59 % fl-2009 iżda jqis li hemm bżonn li jsiru aktar sforzi miċ-Ċentru f'dan ir-rigward;
5. Jenfasizza li l-implimentazzjoni ta' krediti ta' ħlas ittejjbet għal 92,7 % u dan jirrappreżenta ammont ta' krediti mhux użati ta' EUR 3 800 000; jinnota li dan in-nuqqas ta' eżekuzzjoni huwa relatat mal-fatt li ċ-Ċentru illimita t-talba tiegħu għal krediti ta' ħlas sabiex inaqqas l-ammont ta' likwidità fil-kont bankarju tiegħu fl-aħħar tas-sena, kif mitlub mill-Qorti tal-Awdituri u l-Kummissjoni;
6. Jinnota mir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet (RAA) taċ-Ċentru għall-2010 li d-Direttur, bħala l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni, iddelega responsabbiltà finanzjarja lil ħames Kapijiet tal-Unità, u għal perjodu ta' żmien, lill-Koordinatur tal-Uffiċċju tad-Direttur; jinnota, madankollu, li l-kuntratti kollha li jaqbz u l-EUR 250 000 għandhom bżonn il-firma tad-Direttur;

Riporti ta' approprazzjonijiet

7. Jirrikonoxxi mill-Qorti tal-Awdituri li fl-2010, l-ammont ta' EUR 15 600 000, ekwivalenti għal 27 % tal-baġit totali inkluż 50 % tat-Titolu III — Nefqa operattiva — ġie riportat għall-2011; iħeġġeġ għal darba oħra liċ-Ċentru biex jirrimedja immedjatament in-nuqqasijiet irrappurtati mill-Qorti tal-Awdituri dwar riporti; jenfasizza li livell għoli ta' riporti għandu impatt negattiv fuq l-implimentazzjoni tal-baġit;
8. Jinsab imħasseb li dan il-livell għoli ta' trasferiment 'l quddiem, imqabbel ma' livell baxx ta' nfiq dovut huwa eċċessiv u jmur kontra l-prinċipju tal-annwalità;

Sistema ta' kontabilità

9. Jinnota mir-Rapport taċ-Ċentru dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja (RBFM) li l-2010 kienet l-ewwel sena kompluta li ċ-Ċentru implimenta l-baġit tiegħu għal sena sħiħa permezz tal-ABAC WF (is-sistema integrata ta' baġit u ta' kontabilità tal-KE);
10. Jirrikonoxxi mir-RAA tiegħu li ċ-Ċentru rreveda l-proċeduri interni għall-pagamenti u l-impenji;

Akkwist

11. Josserva mir-RAA tiegħu li l-uffiċċju tal-akkwist tratta 50 proċedura miftuħa u 18-il proċedura negozjata kif ukoll 8 talbiet għal proposti; jitlob liċ-Ċentru jipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza b'riżultati għal kull proċedura tal-akkwist;
12. Jinnota li wara ħames snin ta' negozjati, ġie ffirmat Ftehim dwar is-Sede bejn iċ-Ċentru u l-Ministeru Svediż għall-Kura tal-Anzjani u s-Saħħa Pubblika;

Riżorsi Umani

13. Jirrikonoxxi li d-Direttur preċedenti ħalla ċ-Ċentru fi Frar 2010 biex jieħu kariga fl-Uffiċċju Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa;
14. Iħeġġeġ liċ-Ċentru jimplimenta miżuri suffiċjenti li jiggarantixxu t-trasparenza fil-proċeduri ta' reklutaġġ tiegħu; jinsab partikolarment imħasseb dwar il-konklużjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri: fejn jidher li la l-limiti li l-kandidati kellhom jilhq u biex jiġu mistiedna għal intervista, u lanqas dawk meħtieġa biex jitpoġġew fuq il-lista ta' riżerva ma ġew stabbiliti minn qabel; jinnota li dan jista' jgħatti sitwazzjoni ta' nepotiżmu jew kunflitt ta' interessi;
15. Jinnota mir-RBFM li n-numru totali ta' aġenti temporanji jaħdmu fiċ-Ċentru sal-31 ta' Diċembru 2010 kien ta' 175, minn 200 kariga previsti fl-Organigramma tal-2010;
16. Jagħraf ukoll mir-RBFM li fl-2010 r-rata tal-bdil tal-aġenti temporanji u dawk kuntrattwali kienet ta' 7 %;
17. Iqis iċ-Ċentru bħala korp tal-Unjoni importanti intiż biex isaħħaħ u jiżviluppa s-sorveljanza tal-mard fil-livell Ewropew, jevalwa u jikkomunika t-theddied attwali u emerġenti għas-saħħa tal-bniedem marbuta ma' mard infettiv u biex jiġi kondiviż l-għarfien dwar is-saħħa tal-Ewropa;

Prestazzjoni

18. Jirrikonoxxi li ċ-Ċentru bħalissa qed jaħdem mas-sħab tiegħu biex jimplimenta bidliet abbażi tal-lezzjonijiet meħuda mill-pandemija H¹N¹ tal-2009, sabiex titjeb ulterjorment il-prestazzjoni taċ-Ċentru għall-futur; jinnota madankollu l-kontribuzzjonijiet importanti taċ-Ċentru fil-miżuri meħuda għall-ġlieda kontra l-pandemija H¹N¹, permezz ta' gwidi preliminari li ħareġ fl-2009 dwar "L-użu ta' vaċċini speċifiċi għall-influenza pandemika";

L-awditjar intern

19. Josserva mir-RBFM li kienet saret reviżjoni tal-implimentazzjoni tas-Sistema tal-Kontroll Intern; jinsab imħasseb b'mod partikolari li tnejn mill-istandards għadhom ma ġewx implimentati, b'mod partikolari l-kontinwità tan-negozji u l-valutazzjoni tal-attivitajiet, u li erbgħa oħra ġew implimentati biss b'mod parzjali; iħeġġeġ għaldaqstant liċ-Ċentru jieħu azzjoni immedjata f'dan ir-rigward u jinforma lill-awtorità ta' kwittanza bl-istadju tal-implimentazzjoni ta' dawn l-istandards;
20. Jagħraf mir-RBFM li l-awditjar ippjanat għas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) dwar "Proċessi li jappoġġaw it-twaqqif tal-Programm ta' Ħidma Annwali, li jiffoka fuq is-Sistema tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni" ġie pospost għall-2011; jitlob għaldaqstant liċ-Ċentru jinforma l-awtorità ta' kwittanza bil-konklużjonijiet tal-IAS;
21. Jirrikonoxxi wkoll miċ-Ċentru li fi tmiem l-2010 l-awditjar tal-IAS ma rrapporta l-ebda konklużjoni kritika; madankollu sitt punti importanti kien għadhom miftuħa; ġie informat miċ-Ċentru li erbgħa minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw il-komunikazzjoni tas-saħħa, l-indikaturi tal-prestazzjoni, il-lista ta' kontroll użata mill-atturi finanzjarji u l-istima tal-ispejjeż tal-laqgħat taċ-Ċentru; iħeġġeġ liċ-Ċentru jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar iż-żewġ rakkomandazzjonijiet l-oħra li għad iridu jiġu implimentati miċ-Ċentru;
22. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu fir-rapporti ta' kwittanza preċedenti, kif stabbilit mill-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
23. Jirreferi, f'dan ir-rigward għall-kummenti l-oħra li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW FIS-SNIN PREĊEDENTI

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard	2006	2007	2008	2009
Prestazzjoni/Akkwist	— Ir-regoli tal-akkwist mhumiex infurzati b'mod strett: nuqqas ta' kriterji ta' selezzjoni ċari; għażla ħażina tal-proċedura; nuqqas ta' rispett għall-proċedura deskritta fl-avviż għall-offerti; nuqqas ta' dokumentazzjoni dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ	mhux disponibbli	— Jitlob liċ-Ċentru jistabbilixxi paragun bejn dak li wettaq matul is-sena ta' kwittanza eżaminata u dak li wettaq fis-sena finanzjarja ta' qabel, bil-għan li l-awtorità ta' kwittanza tkun tista' tevalwa b'mod aktar effettiv il-prestazzjoni taċ-Ċentru minn sena għall-oħra — Ma sar l-ebda ftehim dwar is-sede bejn iċ-Ċentru u l-Gvern Svediż minħabba li kien għad hemm wisq kwistjonijiet pendenti li kellhom b'zonn aktar negozjati	— Jitlob liċ-Ċentru jagħmel paragun bejn dak li wettaq matul is-sena ta' kwittanza eżaminata u dak li wettaq waqt is-sena finanzjarja ta' qabel
Riporti ta' approprijazzjonijiet	— Il-prinċipju tal-annwalità mhuwiex strettament osservat: Kważi 45 % tal-impjenti li daħlu għalihom matul is-sena ġew trasferiti. Barra minn hekk, matul it-tieni nofs tal-2006, saru ħafna trasferimenti tal-persunal → stimi impreċiżi tal-b'zonn għall-persunal	— Il-prinċipju tal-annwalità mhuwiex strettament osservat: nuqqasijiet fl-ipprogrammar, is-sorveljar u l-implimentazzjoni sussegwenti tal-baġit taċ-Ċentru — Meta l-emendi tal-baġit kienu deċiżi, ma saret l-ebda evalwazzjoni tal-impatt tagħhom fuq il-programm tax-xogħol u fuq il-kisba tal-objettivi	— Il-prinċipju tal-annwalità mhuwiex strettament osservat: nuqqasijiet fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni sussegwenti tal-baġit taċ-Ċentru — Jitlob lill-Kummissjoni teżamina modi li jiżguraw li jiġi implimentat il-prinċipju tal-b'zonnijiet ibbażat fuq il-ġestjoni tal-flus kontanti → Iċ-Ċentru jżomm livelli enormement għolja ta' riżervi ta' flus kontanti fuq perjodi twal (31 ta' Diċembru 2008: EUR 16 705 091)	— Jitlob għaldaqstant liċ-Ċentru biex jinforma lill-awtorità ta' kwittanza bil-miżuri li ttieħdu għar-rimedju ta' dan in-nuqqas; Livell għoli ta' riporti li għandu impatt negattiv fuq l-implimentazzjoni tal-baġit u jmur kontra l-prinċipju tal-annwalità
Ir-riżorsi umani	mhux disponibbli	mhux disponibbli	— Nuqqasijiet fl-ippjanar tal-proċeduri ta' reklutaġġ	mhux disponibbli

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard	2006	2007	2008	2009
L-awditjar intern	— Ittieħdu impenji legali mingħajr impenji baġitarji preċedenti, bi ksur tar-Regolament Finanzjarju	— L-Aġenzija ma kinitx f'konformità mar-Regolament Finanzjarju u l-prinċipju tal-ekonomija: fl-2007 iċ-Ċentru ħallas EUR 500 000 għar-rinnovament tal-bini prinċipali tiegħu, wara ftehim iffirmat miċ-Ċentru u s-sid tal-bini. Dan il-ftehim ma kienx jispeċifika n-natura tax-xogħolijiet li kellhom isiru, lanqas l-iskadenzi u l-kundizzjonijiet ta' pagament	— Iċ-Ċentru ma ssodsifax b'mod komprensiv l-obbligu tiegħu li jibgħat, lill-awtorità responsabbli għall-kwittanza, rapport imfassal mid-Direttur tiegħu li fiha jiġbor sommarju tan-numru ta' awditjar intern li saru mill-awditur intern	— Iċ-Ċentru ma ssodsifax b'mod komprensiv l-obbligu tiegħu li jibgħat, lill-awtorità ta' kwittanza, rapport imfassal mid-Direttur tiegħu li jiġbor sommarju tal-kontenut tar-rakkomandazzjoni tal-IAS

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għas-sena finanzjarja 2010

(2012/573/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jstabbilixxi Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0123/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 122.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 142, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/574/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, u b'mod partikolari l-Artikolu 97 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0126/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn isfel;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 33.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, u b'mod partikolari l-Artikolu 97 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0126/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri affermat li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (l-Aġenzija) għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li l-operazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari;
- B. billi fil-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-risoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
 - talab lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-passi meħuda għat-titjib tas-sistema ta' kontroll tagħha permezz tat-tisħiħ taċ-ċirkwiti finanzjarji, il-flussi tax-xogħol, il-pjani ta' azzjoni u l-ewalwazzjonijiet tar-riskju tagħha;
 - ħeġġeġ lill-Aġenzija biex effettivament tiżgura li:
 - il-komponenti kollha għad-deċiżjonijiet ta' finanzjament ikunu stabbiliti,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 33.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 150.

- l-informazzjoni meħtieġa f'kull livell fl-organizzazzjoni tkun iddefinita u indirizzata kif suppost,
 - il-Programm ta' Ħidma Annwali (AWP) juri r-riżorsi kollha disponibbli permezz tal-baġit,
 - id-dokumentazzjoni tal-proċeduri finanzjarji u l-listi ta' kontroll ikunu iffinalizzati u aġġornati;
 - stieden lill-Aġenzija sabiex tiżviluppa aktar l-ippjanar u l-monitoraġġ tal-akkwist pubbliku u l-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha sabiex tnaqqas il-proporzjon ta' approprijazzjonijiet li jkunu ttrasferiti għas-sena ta' wara;
- C. billi l-baġit kumplessiv għall-Aġenzija għas-sena 2010 kien jammonta għal EUR 75 500 000 meta mqabbel ma' EUR 70 400 000 fl-2009, ammont li jirrappreżenta żieda ta' 7,24 %;
- D. billi l-Aġenzija rċeviet kontribut temporanju ta' EUR 36 000 000 mill-Unjoni u mill-EFTA;

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri rrapportat li l-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kien ta' EUR 75 000 000 waqt li l-Aġenzija rrapportat baġit ta' EUR 75 500 000 għas-sena finanzjarja 2010;
2. Jirrikonoxxi mill-Aġenzija li hija ffinanzjata permezz ta' miżati mħallsa mill-industrija għar-reġistrazzjoni ta' sustanzi kimiċi u minn kontribuzzjoni potenzjali tal-Unjoni;
3. Ifakkar li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni lill-Aġenzija għall-2010 ammontat għal EUR 25 305 000; josserva madankollu li EUR 8 700 000, li ġejjin mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv, żdiedu ma' dak l-ammont, u għaldaqstant il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni tammonta għal EUR 34 005 000 għall-2010 ⁽¹⁾; jirrikonoxxi, barra minn hekk, li peress li normalment id-dħul mill-miżati jkun akkreditat lill-Aġenzija biss lejn l-aħħar tas-sena, il-kontribut tal-Unjoni tqies meħtieġ sabiex jippermetti l-ħlas tal-kost operazzjonali sa Ottubru 2010;
4. Jinnota li l-Aġenzija tirreferi għall-kontribut temporanju mill-Unjoni ta' EUR 36 000 000 għall-2010 għalkemm dak l-ammont jinkludi l-kontribut tal-EFTA;
5. Jaċċerta mir-rapport tagħha dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja (RBFM) li l-Aġenzija impenjat ruħha li tagħti lura l-kontribut temporanju tal-Unjoni kollu kemm hu lill-Kummissjoni malli tirċievi n-nota ta' debitu korrispondenti; jirrikonoxxi mill-Aġenzija li r-rimborż tal-kontribut temporanju sar f'Marzu 2011 u li l-interessi tħallsu lill-Kummissjoni;
6. Jirrikonoxxi mill-RBFM tagħha li l-baġit inizjali tal-Aġenzija għall-2010 ammonta għal EUR 86 481 700; jinnota, madankollu, li tul is-sena l-Bord ta' Tmexxija adotta żewġ baġits ta' emenda li naqqsu l-infiq baġitarju b'total ta' EUR 11 000 000 (12,75 %);
7. Jinnota mill-RBFM li l-baġit adottat għat-Titolu I fl-2010, EUR 47 214 285, kien emendat bi tnaqqis ta' 8 %, jiġifieri b'EUR 3 787 650,18; jirrikonoxxi l-kumment tal-Aġenzija li r-raġuni prinċipali għat-tnaqqis kienet rata ta' reklutaġġ iktar baxxa meta mqabbla mal-pjani inizjali; jinnota wkoll li r-rata ta' eżekuzzjoni għat-Titolu I laħqet 97,2 %;
8. Josserva wkoll mill-RBFM li l-infiq fit-Titolu II irrappreżenta 92,4 % tal-baġit emendat (EUR 10 739 727,92 vs. EUR 11 624 281,05), li huwa r-riżultat tal-kanċellazzjoni ta' diversi proġetti ta' konsulenza IT li se jkunu implimentati b'kuntratt futur ta' esternalizzazzjoni fl-2011;
9. Jistabbilixxi mir-rapport annwali dwar l-attività (AAR) li l-Aġenzija rnexxielha tipproċessa kważi 23 000 ħlas ta' miżata lilha, li rriżulta fi dħul mill-miżati ta' EUR 349 700 000;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 447.

10. Jinnota mill-Qorti tal-Awdituri li fl-2010 l-Aġenzija saret kapaċi tiffinanzja lilha nfisha kompletament, iżda li għad hemm lok għar-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju tagħha biex jinkludi mekkaniżmu għaż-żamma tal-ammont ta' dħul tal-Aġenzija li jaqbeż id-dħul li teħtieġ għall-finanzjament tal-attivitajiet futuri tagħha;
11. Jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li tgħid li se tinkludi proposta għal mekkaniżmu għall-ġestjoni tad-dħul żejjed fir-rieżami li jmiss tar-Regolament Finanzjarju tagħha; jifhem mill-AAR tal-Aġenzija li sar arrangement ma' kustodju estern ta' reputazzjoni tajba u li qed jitħejja arrangement ieħor sabiex ikun żgurat li r-riżervi ta' flus akkumulati jinżammu b'mod sikur u jkun iddiversifikat ir-riskju fejn jidħlu dawn ir-riżervi li għandhom ikunu s-sors prinċipali ta' finanzjament għall-Aġenzija sakemm jidħol fis-seħħ il-Qafas Finanzjarju 2014-2020; jirrikonoxxi mill-Aġenzija li r-riżervi tal-flus ġew allokati għall-immanniġġjar ta' assi fil-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Ċentrali tal-Finlandja;

Ir-riporti tal-appropjazzjonijiet

12. Jistabbilixxi mill-RBFM tal-Aġenzija li r-riporti tal-appropjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament, EUR 12 254 740,59, huma marbuta prinċipalment mal-ispejjeż għall-appoġġ tal-IT għall-operazzjonijiet (EUR 5 747 560,42), kif ukoll mal-amministrazzjoni ġenerali tal-Aġenzija (EUR 1 555 943,82);
13. Jistabbilixxi wkoll mill-RBFM li l-ammont totali ta' EUR 2 533 156,09 kien ikkanċellat mill-appropjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament riportati mill-baġit tal-2009; jinnota li dan jikkonċerna b'mod partikolari t-Titolu II;
14. Jiddispjaċih li l-Qorti tal-Awdituri, fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010, ma ssemmix l-appropjazzjonijiet tal-Aġenzija li ġew riportati u kkanċellati;
15. Jilqa' l-isforzi tal-Aġenzija fit-titjib tal-ippjanar u l-monitoraġġ tar-riżorsi u l-introduzzjoni ta' linji gwida biex trawwem il-prinċipju tal-annwalità; jirrikonoxxi b'mod partikolari li l-Aġenzija mrexxiha tnaqqas ir-rata ta' riporti minn 29,7 % fl-2009 għall-16,3 % fl-2010;
16. Jenfasizza wkoll li l-Aġenzija taħdem bi krediti li mhumiex dissoċjati bejniethom fit-Titoli kollha tagħha, u għalhekk mhux realistiku li wieħed jistenna li l-operazzjonijiet kollha bbaġitjati għal sena kalendarja waħda jkunu kemm impenjati u kemm imħallsa fl-istess sena baġitarja, speċjalment għan-nefqa operazzjonali bħal dik fuq il-proġetti (eż. l-iżvilupp tas-sistemi IT);

Il-proċedura tal-akkwist

17. Jinnota wkoll mill-AAR tal-Aġenzija li saru 350 akkwist fl-2010, inklużi l-kuntratti ta' qafas multiannwali għall-IT, għal servizzi ta' konsulenza dwar is-sigurtà, il-kwalità u l-ġestjoni, għall-kwistjonijiet differenti relatati mal-komunikazzjoni u għat-taħriġ fil-lingwi;
18. Jirrikonoxxi b'mod partikolari li volum għoli ta' kkuntrattar sar taħt kuntratti ta' qafas eżistenti fil-qasam tas-servizzi ta' konsulenza għall-IT, kif ukoll fir-rigward ta' mistoqsijiet xjentifiċi, tekniċi, ambjentali u soċjo-ekonomiċi b'raba ma' REACH;

Il-ġestjoni tar-riżorsi umani (HR)

19. Jinnota mill-AAR tal-Aġenzija li fl-2010 l-Aġenzija rreklutat iktar minn 120 membru tal-persunal ġdid; jirrikonoxxi b'mod partikolari li saret enfasi qawwija fuq ir-reklutaġġ ta' persunal espert biex tissaħħaħ il-kapaċità xjentifika tal-Aġenzija; jinnota wkoll li r-reklutaġġ ta' maniġers f'karigi ta' livell medju u għoli kien ukoll prijorità sabiex tkun żgurata l-implimentazzjoni tal-istruttura organizzattiva l-ġdida minn Jannar 2011;
20. Jistieden lill-Aġenzija biex ittejjeb il-mod kif tippjana l-attivitajiet u l-proġetti tal-HR tagħha meta tistabbilixxi l-AWP tagħha; josserva b'mod partikolari mill-AAR tagħha li minħabba r-rata għolja u l-impatt fuq is-servizzi tal-HR tal-iskadenzi għar-reġistrazzjoni, naqas il-livell ta' prijorità tal-attivitajiet ta' taħriġ u diversi proġetti tal-HR ġew posposti jew amministrati fuq livell aktar baxx minn dak inizjalment previst;

Kunflitt ta' interessi

21. Waqt li jinnota li l-Aġenzija hija involuta f'deċiżjonijiet ta' importanza kbira għall-konsumaturi, u waqt li jqis l-espożizzjoni tagħha minħabba l-importanza tagħha għall-industrija, huwa jinsab ħerqan li jirċievi u jiddiskuti s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet mir-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi li għandu joħroġ qabel tmiem Ġunju 2012;
22. Iqis li, wara l-fażi inizjali ta' tnedija b'enfasi fuq il-proċeduri, l-Aġenzija teħtieġ tiżgura li l-baġit u l-persunal tagħha jkunu allokatu b'mod li jippermettilha rendiment sħiħ rigward is-sustanza, partikolarment fir-rigward tal-evalwazzjoni, ir-restrizzjonijiet u l-awtorizzazzjoni;

L-awditjar intern

23. Iqis li l-Aġenzija tejbet il-proċessi amministrattivi (inklużi ċ-ċirkwiti finanzjarji) u l-fluss operazzjonali tagħha bl-iżvilupp ta' Sistema Integrata ta' Ġestjoni ta' Kwalità (ISO9001); jilqa' wkoll il-fatt li l-Aġenzija integrat l-evalwazzjonijiet tar-riskju fl-istabbiliment tal-prioritajiet u l-programm ta' ħidma annwali tagħha, u, fejn ikun xieraq, bħala bażi għat-tehíd tad-deċiżjonijiet; iqis li din hija waħda mill-aqwa Prattiki u li għandha tiġi segwita mill-aġenziji oħra;
24. Jirrikonoxxi li skont l-Aġenzija, is-Servizz tal-Awditjar Intern wettaq ħidma ta' konsulenza dwar it-tnejja għar-reġistrazzjoni u r-riżultat kien maħruġ u trażmess lid-Direttur Eżekuttiv fl-14 ta' April 2010; jenfasizza li din il-verifika għandha l-għan li tevalwa kemm hi ppreparata l-Aġenzija biex tlaħħaq mal-iskadenzi tar-reġistrazzjoni fil-ġejjieni;
25. Jilqa' f'dan ir-rigward l-istabbiliment mill-Aġenzija ta' unità ta' reġistrazzjoni u sottomissjoni separata kif ukoll ta' task force ta' kontinġenza; jitlob, madankollu, lill-Aġenzija ttejjeb il-konsistenza fit-trattament tal-fajls; jinnota li dan huwa prerekwiżit għal attivitajiet ta' reġistrazzjoni u li l-Aġenzija għandha żżid l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward billi tistabbilixxi proċess standard għall-aġġornamenti tar-regoli ta' reġistrazzjoni, u traċċa suffiċjenti tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni dwar deċiżjonijiet meħuda dwar l-aġġornamenti tar-regoli;
26. Jistieden ukoll lill-Aġenzija tipprepara l-persunal tal-unità tar-reġistrazzjoni tagħha għal ammont ta' xogħol akbar mil-livell attwali, billi tħarrġu (u b'mod partikolari lill-manigera ta' livell medju tal-unità) u billi tistabbilixxi arranġamenti biex il-persunal l-iktar importanti ikollu sostituti biex jappoġawh; jenfasizza li l-kompitu tal-unità tar-reġistrazzjoni għandu jkun iffukat fuq l-attivitajiet ċentrali li għalihom huwa meħtieġ għarfien speċifiku dwar ir-reġistrazzjoni;
27. Jistieden lill-Aġenzija biex issegwi metodoloġija għar-rappurtar li tkun strettament minn fuq għal isfel/ minn isfel għal fuq u bi prinċipji ta' gwida ċari sabiex tiddefinixxi l-indikaturi rilevanti u l-għodda li għandhom jintużaw;
28. Jirrikonoxxi dak li qalet l-Aġenzija li l-Kapaċità tal-Awditjar Intern għamlet żewġ verifiki interni ta' assigurazzjoni fl-2010: waħda dwar il-"Proċess ta' Sostituzzjoni tal-Persunal" u l-oħra dwar il-"Proċess ta' Fatturazzjoni għall-Miżati";

Il-Prestazzjoni

29. Jinnota li lejn l-aħħar tal-2010 għaddew żewġ skadenzi importanti għal REACH u għar-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikettar u l-Imballaġġ; jilqa', għalhekk, il-fatt li l-Aġenzija kienet kapaċi timmaniġġja b'suċċess l-ilqugħ u l-ipproċessar ta' 25 000 dossier ta' reġistrazzjoni dwar 4 300 sustanza kimika li jew huma komunement użati fl-Ewropa jew huma l-aktar perikolużi, u ta' aktar minn 3 miljun notifika għal aktar minn 100 000 sustanza klassifikata u li trid tiġi ttikkettata għall-protezzjoni tal-utent;
30. Jilqa' l-inizjattivi tal-Aġenzija għat-tisħiħ tal-attenzjoni lill-kljent u l-proċeduri għall-kummenti b'rispons għas-servizzi tagħha; huwa partikolarment sodisfatt li l-Aġenzija tat attenzjoni partikolari lill-attivitajiet ta' komunikazzjoni tagħha bħall-ġranet għall-partijiet interessati, il-pubblikazzjonijiet u l-għajnuna għall-utenti;

31. Jinsab sodisfatt mis-suċċess tal-ħidma tal-Aġenzija fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi tal-Unjoni;
32. Iqis l-iżviluppi fil-kuntest tal-kuntratti tal-IT bħala riżultat tal-kost sinifikanti tagħhom u d-dewmien li kien hemm fil-faġi ta' tħejjija;

Ir-rwol tal-koordinatur tan-netwerk tal-aġenziji

33. Jifraħ lill-Aġenzija tax-xogħol effikaċi tagħha bħala koordinatur tan-netwerk tal-aġenziji waqt il-proċedura ta' kwittanza tal-2010;
34. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu fir-rapporti dwar il-kwittanza preċedenti, kif stabiliti fl-Anness għal din ir-riżoluzzjoni;
35. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	2008	2009
Il-Prestazzjoni	L-Aġenzija tibbenefika jekk tiżviluppa proċeduri biex min juża s-servizz tagħha jkun jista' jikkumentalha dwaru u jekk tiżviluppa konċentrazzjoni aktar qawwija fuq il-kljent	Jitlob li l-Qorti tal-Awdituri twettaq awditjar tal-prestazzjoni tal-Aġenzija
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	<ul style="list-style-type: none"> — Jitlob lill-Aġenzija tieħu miżuri bil-għan li ttejjeb l-ippjanar u l-monitoraġġ tar-riżorsi u l-appropriazzjonijiet tagħha (41 % tal-appropriazzjonijiet għall-impenji allokatu għall-attivitajiet operazzjonali kienu riportati u 37,5 % ġew annullati) — Jitlob lill-Kummissjoni teżamina modi biex tassigura li l-prinċipju ta' ġestjoni abbażi tal-ħtiġijiet jiġi implimentat bis-sħiħ (riżervi ta' flus kontanti fl-2008: EUR 18 747 210,75) 	Jistieden lill-Aġenzija sabiex tiżviluppa aktar l-ippjanar u l-monitoraġġ tal-akkwist pubbliku u l-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha sabiex tnaqqas il-proporzjon ta' appropriazzjonijiet li jkunu ttrasferiti għas-sena ta' wara; jinnota, fil-fatt, li l-Qorti tal-Awdituri reġistrat trasferiment għas-sena ta' wara ta' EUR 20 000 000 (29 % tal-appropriazzjonijiet) għas-sena baġitarja 2010, li madwar 88 % minnu jikkorrispondu għal attivitajiet li għadhom ma kinux implimentati (jew, fxi każijiet, prodotti li ma waslux) fl-aħħar tas-sena; jirrimarka, barra minn hekk, li 5 % tal-appropriazzjonijiet (EUR 3 000 000) kienu kkanċellati
Riżorsi Umani	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tieħu ħsieb l-implimentazzjoni tal-proċedura tar-reklutaġġ — Kwistjonijiet ta' trasparenza: f'erbatax-il proċedura ta' reklutaġġ, l-indipendenza tal-membri tal-kumitati tal-għażla ma kinitx garantita minħabba l-fatt li d-direttur tal-Aġenzija nnifsu kien ippresieda dawn l-istess kumitati - JIFRAĦ lill-Aġenzija għad-deċiżjoni tagħha li d-Direttur ma jipparteċipax aktar fil-ħidmiet tal-kumitati tal-għażla — Jistieden lill-Aġenzija biex tistabbilixxi proċeduri ta' trasferiment li jkunu definiti b'mod ċar 	Hu importanti li l-Aġenzija tibqa' timmonitorja l-implimentazzjoni tal-baġit u tal-pjan ta' reklutaġġ tagħha
Il-Verifika Interna	L-awditjar ta' tliet proċeduri wera nuqqasijiet fid-dokumentazzjoni ta' sommarju tax-xogħol tal-kumitati tal-għażla (nuqqas ta' ġustifikazzjoni)	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija biex jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-kontenut tal-pjan ta' awditjar tagħha — Jistieden lill-Aġenzija biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-passi meħuda għat-titjib tas-sistema ta' kontroll tagħha bit-tisħiħ taċ-ċirkwiti finanzjarji, tal-flussi tax-xogħol, tal-awditjar, tal-pjanijiet ta' azzjoni, u tal-evalwazzjonijiet tar-riskju tagħha — Iħeġġeġ lill-Aġenzija biex effettivament tiżgura li: <ul style="list-style-type: none"> — il-komponenti kollha għal deċiżjonijiet ta' finanzjament ikunu ġew stabbiliti; — l-informazzjoni meħtieġa f'kull livell ġewwa l-organizzazzjoni tkun iddefinita u indirizzata kif suppost; — il-programm ta' ħidma annwali juri r-riżorsi kollha disponibbli permezz tal-baġit; — id-dokumentazzjoni tal-proċeduri finanzjarji u l-listi ta' kontroll tkun iffinalizzata u aġġornata

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/575/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u b'mod partikolari l-Artikolu 97 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0126/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 33.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010

(2012/576/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Istitut ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0132/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 173.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Meju 2012

li tinkludi l-kummenti li huma parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Istitut ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0132/2012),
- A. billi l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ("l-Istitut") kien stabbilit fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru 1922/2006 u kiseb l-indipendenza tiegħu fil-15 ta' Ġunju 2010,
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri stqarret li kiseb assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Istitut għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- C. billi l-baġit kumplessiv għall-Istitut għas-sena finanzjarja 2010 kien ta' EUR 6 500 000; billi l-baġit tal-Istitut hu ffinanzjat għal kollox mill-kontribut tal-Unjoni;

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 173.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

1. Jilqa' l-ewwel rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut, għas-sena finanzjarja 2010;

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

2. Jinnota li l-Istitut ingħata awtonomija amministrattiva u finanzjarja fil-15 ta' Ġunju 2010;
3. Jemmen li għandha tiġi kkunsidrata l-amalgamazzjoni tal-Istitut mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali sabiex tkun evitata d-duplikazzjoni u jonqsu l-ispejjeż;
4. Jaċċerta mir-rapport annwali ta' attività (AAR) tal-Istitut li mill-1 ta' Jannar sal-15 ta' Ġunju 2010 d-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni (DG EMPL), id-DG li taħtu jaqa' l-Istitut, kellu r-responsabilità tal-ġestjoni finanzjarja f'isem l-Istitut, b'mod partikolari, għall-persunal u n-nefqa amministrattiva, u li f'dak il-perjodu, id-DG EMPL għamel ħlasijiet għal ammont totali ta' EUR 846 876,91;
5. Jirrikonoxxi mill-AAR li fiż-żmien limitat ta' sitt xhur bejn l-adozzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali 2010 u l-kisba tal-indipendenza amministrattiva u finanzjarja, l-Istitut kellu rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit ta' 65 % f'termini ta' approprjazzjonijiet impenjati u 26 % f'termini ta' approprjazzjonijiet imħallsa; jistieden lill-Istitut jieħu passi immedjati biex jiżgura rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit sodisfaċenti fil-futur;
6. Jinnota mill-AAR tal-Istitut li waqt ir-reviżjoni tal-abbozz tal-baġit tiegħu għas-sena finanzjarja 2010, il-Bord ta' Tmexxija enfasizza żewġ żbilanċi baġitarji li jammontaw għal żbilanċ totali ta' EUR 415 000:
 - żbilanċ baġitarju ta' EUR 195 000 taħt it-Titolu II, li kien relatat man-nefqa iktar baxxa milli suppost fl-ispejjeż tal-kiri għaliex il-Gvern Litwan kopra l-ispejjeż tal-kirja tal-bini tal-Istitut fil-Litwanja għall-ewwel sentejn ta' attività tiegħu;
 - żbilanċ baġitarju ta' EUR 220 000 taħt it-Titolu III minħabba n-nefqa iktar baxxa milli suppost li fil-fatt kienet mistennija fl-infiq relatat mal-operazzjonijiet;

jinnota li f'Ottubru 2010 l-Bord ta' Tmexxija qabel li ma jallokax dawn il-fondi ffriżati lill-Istitut; jistieden lill-Istitut biex jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjoni meħuda fir-rigward ta' dawk il-fondi ffriżati;

Il-kontabilità

7. Jistabbilixxi li fl-2010 l-Istitut iddefinixxa r-responsabilitajiet tal-atturi finanzjarji rigward il-membri tal-persunal u żviluppa ċirkwiti finanzjarji għall-impenji; jinnota, barra minn hekk, li l-Istitut innomina l-atturi finanzjarji kollha u ddefinixxa r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom sa tmiem l-2010;
8. Jinnota mill-AAR tal-Istitut li d-Direttur tiegħu ddelega s-setgħa ta' Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni lill-Kap tal-Amministrazzjoni għal ammont massimu ta' EUR 500 000 għat-Titoli I u II, u b'limitazzjoni ta' sena għat-Titolu III; jieħu nota wkoll li kien innominat sostitut għall-Uffiċjal tal-Kontabilità;
9. Jaċċerta mill-AAR li, sa tmiem l-2010, kienu stabbiliti u bdew jiġu implimentati proċeduri għall-oqasma amministrattivi li ġejjin: il-missjonijiet, il-ġestjoni tal-ilmenti, il-mistoqsijiet u r-risposti dwar l-akkwist, il-VAT, il-kontabilità ta' kwalità, ir-rikonċiljazzjoni bankarja, l-operazzjonijiet ta' ħlas, l-impenji u l-ħlasijiet u li ġew żviluppatti u implimentati politika dwar it-telekomunikazzjoni u qafas għar-reġistrazzjoni ta' dokumenti;

L-akkwist pubbliku

10. Josserva li fl-2010, twettqu 63 operazzjoni ta' akkwist u kienu ffirmati kuntratti għas-servizzi akkwistati; jinnota li l-ammont ikkuntrattat totali kien ta' EUR 1 974 626;
11. Jistabbilixxi mill-AAR li kien hemm żewġ diffikultajiet maġġuri fil-proċess ta' akkwist:
 - il-perjodu ta' żmien disponibbli għall-implimentazzjoni ta' proċedura ta' akkwist kien qasir ħafna u dan qiegħed friskju l-eżekuzzjoni ta' studji ppjanati u l-baġit rilevanti,
 - in-nuqqas ta' appoġġ ikkwalifikat għall-Unità tal-Operazzjonijiet, fejn il-maġġoranza tal-persunal f'it jew xejn kellha għarfien ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku;

b'konsegwenza, dawn il-komplikazzjonijiet ħolqu ċertu dewmien u numru ta' proċeduri ta' akkwist kellhom ikunu kanċellati, u kaġun ta' dan il-parti l-kbira tal-impenn baġitarju kienet riportata għall-2011; jistieden għalhekk lill-Istitut itejjeb is-sitwazzjoni u jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda;
12. Jinnota wkoll li 85 % tal-kuntratti akkwistati, EUR 1 628 122, kienu relatati ma' servizzi ta' appoġġ għall-attivitajiet operazzjonali, u li l-ammont li jibqa', EUR 292 504 (15 %), kien għal prodotti u servizzi akkwistati ta' appoġġ għall-attivitajiet amministrattivi;

Ir-riżorsi umani

13. Jieħu nota mill-AAR tiegħu li l-Istitut irrekłuta 23 Aġent Temporanju u 6 Aġenti Kuntrattwali, u laħaq 92,3 % mill-oġġettiv tiegħu għat-Tabella tal-Persunal;
14. Jenfasizza l-ħtieġa li jimtlew il-karigi vakanti kollha li huma meħtieġa għall-funzjonament effikaċi tal-Istitut u għat-twettiq tal-miri ddikjarati tiegħu;

Il-prestazzjoni

15. Jinnota li, skont l-Artikolu 20 tar-Regolament li jstabilixxi l-Istitut (KE) Nru 1922/2006, l-Istitut kellu jikkummissjona evalwazzjoni esterna indipendenti tal-kisbiet tiegħu sat-18 ta' Jannar 2010; jirrikonoxxi mill-AAR li l-Bord tat-Tmexxija ppospona l-evalwazzjoni *ex post* ladarba l-Istitut ma' kienx operattiv sa mit-19 ta' Jannar 2010, iżda ddeċieda li jikkummissjona evalwazzjoni *ex ante* fl-2010 u evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu sal-2013; jitlob lill-Istitut jikkomunika immedjatament ir-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni *ex ante* lill-awtorità ta' kwittanza;
16. Jirrikonoxxi li l-Istitut, appoġġat mid-DĠ EMPL, nieda f'Diċembru 2010 speċifikazzjonijiet għat-tieni evalwazzjoni *ex ante* tal-ElGE li tiffoka fuq l-oġġettivi u l-operazzjonijiet speċifiċi tal-Istitut;
17. Jistieden lill-Istitut biex jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-eżekuzzjoni ta' dawk l-evalwazzjonijiet u dwar il-konklużjonijiet rispettivi tagħhom;
18. Ifakkar lill-Qorti tal-Awdituri li l-ħidma tal-Istitut hi ta' importanza ewlenija għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Unjoni; jinnota għalhekk li rapporti futuri għandhom jiżvelaw fid-detall jekk l-attività tal-Istitut hix qed tixxekkel minn diffikultajiet fi kwalunkwe stadju tal-proċedura baġitarja;
19. Jinnota li, fi żmien ta' kriżi ekonomika u awsterità, hu ta' importanza vitali li l-Istitut Ewropew joffri l-aħjar valur għall-flus mingħajr ma jipperikola l-implimentazzjoni b'suċċess tal-mandat importanti tiegħu;

Is-sit

20. Jinnota mill-AAR tal-Istitut li fl-1 ta' Marzu 2010 l-persunal tal-Istitut kien rilokat mill-post temporanju fi Brussell għas-sit permanenti tiegħu f'Viljnus, il-Litwanja;

Il-verifika interna

21. Jinsab infurmat mill-Istitut li l-ewwel awditjar mis-Servizz tal-Awditjar Intern se jitwettaq fl-2012;
22. Jaċċerta mill-AAR li l-OLAF żar l-Istitut u pprova l-ewwel sessjoni ta' taħriġ għall-persunal dwar il-prinċipji tal-verifika u l-istandards ta' kontroll intern f'Novembru 2010; jirrikonoxxi barra minn hekk li ftehim ta' kooperazzjoni bejn l-OLAF u l-Istitut tħejja fl-2010 u ġie addottat mill-Bord ta' Tmexxija tal-Istitut fis-26 ta' Jannar 2011;
23. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/577/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definitivi tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Istitut ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1922/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0132/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 173.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 403, 30.12.2006, p. 9.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2010

(2012/578/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0134/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn isfel;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 156.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 376 27.12.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 – C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0134/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri affermat li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li l-operazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-risoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza, inter alia:
- jitlob liċ-Ċentru jstabilixxi struzzjonijiet u proċeduri adegwati għall-analiżi ta' riporti potenzjali, u jtejjeb il-programmazzjoni u l-monitoraġġ tal-attivitajiet bl-għan li jnaqqas ir-riporti,
 - jitlob liċ-Ċentru jiżgura implimentazzjoni konsistenti tal-proċedura approvata ta' evalwazzjoni tal-persunal,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 156.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 167.

- ihegġegħ liċ-Ċentru jimplementa, mingħajr dewmien, disa' rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna" tas-Servizz tal-Awdiċjar Intern (IAS) u jinforma lill-awtorità tal-kwittanza bil-progress li jkun sar,
- C. billi l-baġit inizjali taċ-Ċentru għas-sena 2010 kien ta' EUR 15 900 323 meta mqabbel ma' EUR 14 700 000 fl-2009, u dan ifisser żieda ta' 8,16 % meta mqabbel mal-2009; billi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit taċ-Ċentru għall-2010 kienet ta' EUR 14 800 000 ⁽¹⁾, li jfisser żieda ta' 4,59 % meta mqabbla mal-2009,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Josserva mill-Kontijiet Annwali Final li d-dħul reali taċ-Ċentru għas-sena finanzjarja 2010 ammonta għal EUR 16 245 886; jinnota li d-differenza bejn id-dħul reali tal-2010 u d-dħul imniżżel fil-baġit 2010 hi dovuta għal fatturi li ġejjin:
 - il-ħlas fl-2010 ta' EUR 362 000 mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni relatata mad-dħul baġitarju 2008 u 2009 taċ-Ċentru,
 - kumpens ta' EUR 16 437 li jikkorrispondi għall-bilanċ pożittiv tal-eżitu tal-kontribuzzjoni 2008 u 2009 tan-Norveġja għall-baġit taċ-Ċentru,
 - is-somma ta' EUR 1 980, 00 tikkorrispondi għal ammont inkassat fl-2010 li ma ġiex imdaħħal fil-baġit 2010;
2. Jinnota li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2010 tammonta għal total ta' EUR 14 800 000, li minnhom EUR 200 000 li ġejjin mill-irkupru ta' surplus ġew miżjuda mal-ammont ta' EUR 14 600 000 imdaħħal fil-baġit;
3. Jinnota mill-Kontijiet Annwali Finali taċ-Ċentru li r-rata ta' eżekuzzjoni rigward l-appropriazzjonijiet għall-baġit 2010 hi ta' 98,82 % (-0,03 % meta mqabbla mal-2009) għall-appropriazzjonijiet għall-impenji, 94,85 % għall-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet meta mqabbla mal-appropriazzjonijiet għall-impenji (-1,66 % meta mqabbla mal-2009) u 93,73 % għall-ħlasijiet meta mqabbla mal-baġit finali (-1,67 % meta mqabbla mal-2009);
4. Josserva, barra minn hekk, li d-data relatata mal-eżekuzzjoni baġitarja ta' Titoli I u II (persunal u attivitajiet ta' appoġġ) turi żieda ta' +0,57 % u + 13,4 % meta mqabbla mar-rata ta' eżekuzzjoni tal-2009 f'termini ta' impenji kif ukoll ta' ħlasijiet rispettivament; jinnota li r-rata ta' eżekuzzjoni hi ta' 99,15 % għall-appropriazzjonijiet għall-impenji u 96,64 % għall-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet, filwaqt li fl-2009 dawn kienu 98,58 % u 95,30 % rispettivament;
5. Jistabbilixxi li r-rata ta' eżekuzzjoni għat-Titolu III (proġetti u attivitajiet operattivi) turi tnaqqis fl-użu tal-appropriazzjonijiet għall-impenji ta' (-9,58 %) meta mqabbla mal-2009 u tnaqqas żgħir fl-appropriazzjonijiet impenjati fl-appropriazzjonijiet finali tal-baġit ta' 1,37 %; jinnota wkoll li r-rata ta' eżekuzzjoni hi ta' 98,04 % għall-appropriazzjonijiet għall-impenji u 88,83 % għall-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet; jinnota miċ-Ċentru li s-sitwazzjoni kienet dovuta għall-fatturi li ġejjin:
 - aktar minn 70 % tal-Punti Fokali Nazzjonali irnexxielhom jitolbu l-ħlas tal-ewwel parti biss tal-konfinanzjament tal-Reitox 2010,
 - ma kinitx possibli l-eżekuzzjoni, qabel tmiem l-2010, ta' xi ħlasijiet marbuta mal-finanzjament mill-ġdid tal-ispejjeż għal laqgħat tekniċi li saru fl-aħħar parti tas-sena,
 - numru residwu ta' ħlasijiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' kuntratti żgħar għal studji/stħarriġ tekniċi esterni ma setgħux jiġu eżegwiti, minħabba l-konklużjoni tardiva tal-operazzjonijiet rilevanti ta' akkwist/kuntrattar.

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, pp. 1056-1057.

Hu tal-fehma li rata ta' eżekuzzjoni baxxa għall-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet taħt Titolu III jeffettwa l-iżvilupp tal-proġetti u l-attivitajiet taċ-Ċentru u jista' jkollhom impatt negattiv fuq ir-riżultati pplanati; jitlob għaldaqstant liċ-Ċentru biex jieħu azzjoni immedjata biex iżid ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprijazzjonijiet għall-ħlasijiet fil-futur, u biex iżomm lill-awtorità ta' kwittanza informata dwar il-progress miksub;

6. Jistieden liċ-Ċentru jikkonsolida l-ġestjoni finanzjarja tiegħu; jirrikonoxxi li kwestjonijiet relatati madroga għandhom ikunu rappreżentati b'mod adegwat fil-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid (2014-2020);

Approprijazzjonijiet riportati

7. Jilqa' l-inizjattiva taċ-Ċentru li jkompli jnaqqas il-volum ta' approprijazzjonijiet riportati; jirrikonoxxi, b'mod partikolari, li skont ir-Rapport ta' Attività Annwali tiegħu, iċ-Ċentru ħa l-miżuri li ġejjin:

— ħames sessjonijiet ta' taħriġ dwar l-operazzjonijiet tal-baġit u l-proċessi tal-akkwist li saru għall-atturi finanzjarji u operattivi differenti taċ-Ċentru,

— ġew stabbiliti struzzjonijiet u proċeduri aktar ċari u aktar strutturati għall-analiżi u l-prevenzjoni tar-riporti,

— il-proċess tas-sejħiet għall-offerti għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma Annwali/Baġit safejn kien possibbli ġie antiċipat minn qabel biex bħala regola dawn il-proċessi jsiru waqt l-ewwel semestru tas-sena,

— ġie impjegat membru tal-persunal AD biex itejjeb il-kapaċità taċ-Ċentru li jippjana u jissorvelja l-attivitajiet tiegħu;

Jitlob madankollu lill-Qorti tal-Awdituri biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-effikaċja ta' dawn il-miżuri;

Sistema ta' kontabilità

8. Jirrikonoxxi mill-Kontijiet Annwali Finali li iċ-Ċentru implimenta struttura tad-dħul ġdida li nħolqot bl-ABAC biex tissimplifika u tiġġestixxi aħjar l-ordnijiet ta' rkupru;
9. Jinnota wkoll li iċ-Ċentru rreveda s-sistema tal-ġestjoni tiegħu ibbażata fuq l-attivitajiet u ddefinixxa sistema ta' kontabilità bbażata fuq l-ispejjeż; jirrikonoxxi b'mod partikolari li l-applikazzjonijiet ABAC u SAP CO relevanti ġew konfigurati u l-fażi tal-produzzjoni kellha tibda fl-ewwel tliet xhur tal-2011; jitlob liċ-Ċentru jinforma lill-awtorità ta' kwittanza bil-progress li jsir f'din il-kwistjoni;

L-akkwist pubbliku

10. Jinnota mill-Kontijiet Annwali Finali li numru residwu ta' ħlasijiet marbuta mal-implimentazzjoni ta' kuntratti żgħar għal studji/stħarriġ tekniċi esterni ma ġie eżegwit minħabba l-konklużjoni tardiva tal-operazzjonijiet relevanti ta' akkwist/kuntrattar, f'konformità mal-istat ta' avvanz mal-proġetti konċernati tal-Programm ta' Ħidma taċ-Ċentru;

Il-prestazzjoni

11. Jitlob liċ-Ċentru jqis debitament il-livell ta' rappurtar fl-ippjanar tal-attivitajiet tiegħu; iħeġġeġ, b'mod partikolari, liċ-Ċentru biex jiżgura li l-Rapport ta' Attività Annwali jkun jirrifletti realment il-Programm ta' Ħidma Annwali u li l-ippjanar tar-riżorsi għall-attivitajiet (ABB) ikun allinjat mal-istruttura organizzattiva taċ-Ċentru biex jippermetti l-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tal-baġit;
12. Jilqa' t-tixrid permezz tal-web bħala parti effettiva u kosteffikaċi tal-istrateġija ġenerali ta' komunikazzjoni u tal-attivitajiet ta' informazzjoni taċ-Ċentru; barra minn hekk, jistieden liċ-Ċentru jipproponi elementi ta' titjib li jsostnu, bl-appoġġ tarReitox, il-politika multilingwali taċ-Ċentru;

13. Jinnota li d-diffikultajiet ekonomiċi fl-Unjoni Ewropea għandhom jingħelbu u għalhekk iħeġġeġ flessibilita mġedda, miżuri ta' organizzazzjoni innovattivi u koordinament aħjar fost l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-Unjoni u l-awtoritajiet nazzjonali;
14. Jilqa' l-kooperazzjoni mtejba bejn iċ-Ċentru u l-Proġett Ewropew ta' Stħarriġ Skolastiku dwar l-Alkoħol u Drogi Oħrajn (ESPAD); jemmen li l-monitoraġġ tal-alkoħol, it-tabakk u ta' imġiba li twassal għal dipendenzi li mhumiex relatati mas-sustanzi għandu jiġu inkluż bħala prijorita fl-Istrateġija tal-Unjoni dwar id-Drogi li jmiss.

Valutazzjoni tar-Riskji

15. Jinnota mir-Rapport Annwali ta' Attivitajiet li iċ-Ċentru approva metodoloġija komprensiva għat-twettiq tal-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji bħala għodda għat-titjib tal-ġestjoni tar-riskji fi ħdan iċ-Ċentru; jitlob madankollu lill-Qorti tal-Awdituri biex tinforma lill-awtorita ta' kwittanza dwar l-effikacija tal-miżuri meħuda miċ-Ċentru; jitlob ukoll lill-IAS jivverifika debitament li r-reġistru ċentrali tar-riskji ġie stabbilit b'mod effettiv, f'konformita mar-rakkomandazzjoni u r-rekwiżiti tal-IAS kif stipulati fl-Istandards għall-Kontroll Intern ta-Ċentru;

Il-verifika interna

16. Jirrikonoxxi li fl-2010 l-IAS wettaq awditjar tal-ġestjoni tal-outputs għall-komunikazzjoni esterna biex jivvaluta u jagħti assigurazzjoni dwar il-kontrolli interni applikabli għall-outputs għall-komunikazzjoni esterna; jinnota b'mod partikolari li matul is-snin ħarġu diversi dokumenti stratefici li jkopru l-qasam tal-komunikazzjoni iżda dawn ma ġewx marbuta mal-Programm ta' Ħidma Annwali 2010 u l-Programm ta' Ħidma Multi-Annwali 2010-2012, u li ma ġie ppjanat l-ebda aggnament perjodiku tal-gruppi fil-mira tul iċ-ċiklu tal-ħajja tad-dokumenti tal-ippjanar, minkejja li dan hu mitlub fl-Istrateġija tal-Komunikazzjoni ta-Ċentru;
17. F'dan ir-rigward iħeġġeġ liċ-Ċentru jorbot l-istrateġija tal-Komunikazzjoni ġejjiena tiegħu mad-dokumenti tal-ippjanar (multi)annwali tiegħu u li jirrieżamina l-ħtiġijiet tal-gruppi fil-mira;
18. Jirrikonoxxi li iċ-Ċentru għadu jrid jimplementa 5 rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna" mill-awditjar tal-IAS dwar "ġestjoni tal-għotjiet" (magħmula fl-2009) u "L-Istat ta' tħejjija għall-Bidla" (2008); jinsab imħasseb dwar il-fatt li għal 3 rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna", l-implimentazzjoni twalet lil hinn mid-data defnita miċ-Ċentru fil-pjan ta' azzjoni oriġinali tagħha; jinnota wkoll li rakkomandazzjoni waħda oħra ġiet rapportata bħala li ġiet implimentata miċ-Ċentru sa tmiem l-2010 u qed tistenna segwitu mill-IAS bil-għan li tkun konfermata l-implimentazzjoni effettiva tagħha; iħeġġeġ liċ-Ċentru, għaldaqstant, biex jieħu passi immedjati biex jirrimedja s-sitwazzjoni u jinforma lill-awtorita ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda;
19. Jinnota wkoll li rakkomandazzjoni dwar il-kontumacija mal-Ftehim dwar l-Għoti ġiet miċ'ħuda miċ-Ċentru; iħeġġeġ liċ-Ċentru, għaldaqstant, biex jispjega d-deċiżjoni tiegħu lill-awtorita ta' kwittanza;
20. Jagħti attenzjoni lir-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti dwar il-kwittanza preċedenti, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
21. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

(1) Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

IR-RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW FIS-SNIN PREĊEDENTI

Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga	2006	2007	2008	2009
Il-prestazzjoni	Il-prinċipji baġitarji tal-annwalità u l-ispeċifikazzjoni ma kinux osservati b'mod strett: numru kbir ta' trasferimenti ta' approprijazzjonijiet bejn il-linji baġitarji u f'ħafna każijiet, id-dokumentazzjoni ġustifikattiva ma kinitx dettaljata biżżejjed	n.a.	Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi objettivi SMART u indikaturi RACER, kif ukoll tagħmel dijagramma ta' Gannt→biex tippromwovi approċċ orjentat lejn il-ksib tar-riżultati	Jitlob liċ-Ċentru jagħmel dijagramma ta' Gannt bħala parti mill-programmazzjoni għall kull attività operattiva tiegħu
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	Ir-regoli tal-akkwist ma kinux implimentati b'mod strett	Iċ-Ċentru għandu nuqqas ta' qbil man-Norveġja dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tan-Norveġja għall-parteċipazzjoni tagħha fil-ħidma taċ-Ċentru. Iċ-Ċentru għandu jipprova jirrisolvi dan in-nuqqas ta' qbil malajr kemm jista' jkun għax dan għandu impatt fuq il-baġit u fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji taċ-Ċentru (l-istima taċ-Ċentru hi EUR 80 000 ogħla minn dik tal-awtoritajiet Norveġiżi)	n.a.	<ul style="list-style-type: none"> — Jitlob liċ-Ċentru jistabbilixxi struzzjonijiet u proċeduri adegwati għall-analiżi ta' riporti potenzjali, u jtejjeb il-programmazzjoni u l-monitoraġġ tal-attivitajiet bl-għan li jnaqqas ir-riporti — Il-Qorti tal-Awdituri irrappurtat riporti ta' EUR 339 000 mill-approprijazzjoni tal-2009 għal Titolu II Nefqa Amministrattiva (26 %)
Riżorsi Umani	n.a.	n.a.	n.a.	Jitlob liċ-Ċentru jiżgura implimentazzjoni konsistenti tal-proċedura approvata ta' evalwazzjoni tal-persunal
Il-Verifika Interna	n.a.	n.a.	Jitlob liċ-Ċentru jissodisfa 26 mill-41 rakkomandazzjoni li saru mis-Servizz tal-Verifika Interna fl-2006: jiġifieri l-kontroll tal-kwalità tal-post il-ġdid, il-prekawzzjonijiet kontra ħsara minħabba xi dħul ta' ilma, pjan ta' kontinwità tan-negozju u l-investment fit-tagħmir; l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontrol intern (promozzjoni tal-persunal, valutazzjoni tal-persunal, ġestjoni tar-riskji)	<ul style="list-style-type: none"> — Jitlob liċ-Ċentru jinforma lill-awtorità ta' kwittanza bil-progress li jsir dwar il-ġestjoni tar-riskji u l-analiżi annwali tar-riskji — Iħeġġeġ liċ-Ċentru jimplimenta bla dewmien 9 rakkomandazzjonijiet importanti ħafna u jinforma lill-awtorità ta' kwittanza bil-progress li jkun sar

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Droga u d-Dipendenza mid-Droga għas-sena finanzjarja 2010

(2012/579/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet taċ-Ċentru ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0134/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 156.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 376 27.12.2006, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010

(2012/580/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 – C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0137/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 52.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li huma parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0137/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011, il-Parlament ta lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija l-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
- stieden lill-Aġenzija tikkunsidra l-fatt li tinkludi dijagramma ta' Gantt fil-programmazzjoni ta' kull attività operattiva tagħha, bil-għan li tindika sintetikament l-ammont ta' ħin li kull membru tal-persunal iqatta' fuq proġett u tinkoraġġixxi approċċ orjentat lejn il-ksib tar-riżultati; jstieden, għaldaqstant, lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-passi meħuda mill-Aġenzija f'dak ir-rigward;

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 52.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 181.

— hegġegħ lill-Aġenzija tapplika l-proċeduri tal-akkwist b'mod korrett, iżda laqa' l-fatt li fir-Rapport ta' Attività Annwali tagħha tal-2009, l-Aġenzija inkludiet Anness speċifiku dwar il-proċeduri nnegozjati, sabiex tinforma lill-awtorità baġitarja,

- C. billi l-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010 kien ta' EUR 54 400 000 meta mqabbel ma' EUR 53 300 000 fl-2009, li jfisser żieda ta' 6,1 %; billi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kienet ta' EUR 31 949 360 meta mqabbla ma' EUR 24 435 000 fl-2009 ⁽¹⁾, li jfisser żieda ta' 30,75 %,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jirrikonoxxi li l-Aġenzija rċeviet EUR 54 400 000 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u EUR 50 600 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet; jieħu nota li dan ifisser żieda ta' 11,21 % f'approprjazzjonijiet għall-impenji, iżda tnaqqis ta' 5,33 % f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet meta mqabbla mal-2009;
2. Jinnota mir-Rapport tal-Aġenzija dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja li, fl-2010, l-Aġenzija kellha rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit ta' 98 % f'dak li jirrigwarda approprjazzjonijiet għall-impenji u ta' 89 % f'dak li jirrigwarda approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet; jinnota wkoll li, meta mqabbla mal-2009, ir-rati ta' eżekuzzjoni tal-baġit tal-Aġenzija żdiedu kemm għall-approprjazzjonijiet għall-impenji (+ 4 %) kif ukoll għall-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet (+ 8 %); jistieden lill-Aġenzija tieħu l-azzjoni meħtieġa biex ittejjeb aktar l-implimentazzjoni tal-baġit tagħha u li żżomm lill-awtorità tal-kwittanza infurmata regolament dwar din il-kwistjoni;

Riporti

3. Jinnota mir-Rapport tal-Aġenzija dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja li l-ammont ta' approprjazzjonijiet riportati mill-2010 għall-2011 biex ikopru l-impenji mhux imħallsa fi tmiem is-sena ammontaw għal EUR 1 214 272,92; jifhem mir-rapport tal-Aġenzija li dan il-livell ta' riporti huwa ta' 43 % anqas meta mqabbel mal-2009; jistieden, madankollu, lill-Aġenzija tieħu azzjoni ulterjuri biex tnaqqas ir-riporti tagħha u tirrispetta l-prinċipju tal-annwalità;
4. Jiddispjaċih li l-Qorti tal-Awdituri ma semmiex l-approprjazzjonijiet riportati u kkanċellati tal-Aġenzija fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;

Impenji a posteriori

5. Jirrikonoxxi l-fatt li, b'segwitu għat-talba tal-Parlament, l-Aġenzija inkludiet fir-Rapport ta' Attività Annwali tagħha tal-2010 informazzjoni speċifika dwar impenji *a posteriori* (i.e. impenji legali li ttieħdu qabel ma saru l-impenji baġitarji korrispondenti); jinnota l-isforzi tal-Aġenzija biex tnaqqas l-impenji *a posteriori* (minn aktar minn 20 fl-2007 għal 5 fl-2010); iżda huwa preokkupat li tali impenji jikkositwixxu ksur tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju qafas u li l-Aġenzija ilha tipperpetwa dan in-nuqqas mill-2006;

Il-proċedura tal-akkwist

6. Jirrikonoxxi mir-Rapport ta' Attività Annwali tal-Aġenzija li l-Unità għall-Affarijiet Legali u Finanzjarji trattat total ta' 54 proċedura tal-akkwist fl-2010;
7. Ihegġegħ lill-Aġenzija tapplika l-proċeduri tal-akkwist b'mod korrett u tiżgura data xierqa dwar l-akkwist pubbliku ppjanat fil-Programm ta' Ħidma Annwali tagħha; b'mod partikolari, iqis li huwa preokkupanti li l-Programm ta' Ħidma Annwali ma jiżvelax espliċitament l-informazzjoni kollha msemmija fir-Regolament Finanzjarju u fir-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu; ifakkar lill-Aġenzija li jekk deċiżjoni ta' finanzjament dwar akkwist operattiv ippjanat ma tkunx appoġġjata kif xieraq mid-data sottostanti, dan jista' jqajjem dubji dwar il-validità tad-deċiżjoni tal-Aġenzija; jinnota mir-rapport tal-Aġenzija li, mill-2011, iddaħħal anness speċifiku fil-Programm ta' Ħidma Finali, b'indikazzjoni tal-pakkett baġitarju globali riżervat għall-akkwisti matul is-sena, numru indikattiv tal-kuntratti u perjodi ta' żmien indikattivi kklassifikati skont l-attività;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 615.

8. Jistieden lill-Aġenzija tiżgura rappurtar eżatt u f'waqtu fir-rigward tal-proċeduri nnegozjati lill-Bord Amministrattiv; jirrikonoxxi, fil-fatt, li l-proċeduri nnegozjati tal-Aġenzija, li għandhom jintużaw taħt kundizzjonijiet definiti b'mod strett, mhumiex neċessarjament irrappurtati lill-Bord Amministrattiv;

Ir-riżorsi umani

9. Huwa preokkupat li l-indipendenza tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Aġenzija għet irrappurtata li qiegħda friskju fl-2010; josserva, fil-fatt, li:
 - il-ħatra tiegħu kienet għadha “interim” fil-bidu tas-sena;
 - ir-responsabbiltajiet tiegħu ma kinux definiti formalment; u
 - l-evalwazzjoni tat-tweqqi ta' dmirijietu saret mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija mingħajr ebda involviment tal-Bord Amministrattiv;
10. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija tal-14 ta' Ġunju 2010 li jifformalizza l-ħatra tal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Aġenzija; jinnota d-deċiżjoni tal-Bord Amministrattiv tal-10 ta' Novembru 2011 li temenda d-dispożizzjoni ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal li jikkjarifika r-rwol tal-Bord Amministrattiv fir-rigward tal-Uffiċjal tal-Kontabilità;
11. Jissottolinja, madankollu, li għad fadal dgħufijiet fir-rigward tal-Uffiċjal tal-Kontabilità, partikolarment rigward id-definizzjoni tar-responsabbiltajiet tiegħu u l-evalwazzjoni tat-tweqqi ta' dmirijietu; jinnota li l-Aġenzija ħadet azzjonijiet biex tirrimedja s-sitwazzjoni rrapurtata preċedentement;

Prestazzjoni

12. Jilqa' l-fatt li, f'Marzu 2010, l-Aġenzija adottat il-programm ta' ħidma multiannwali tagħha fuq ħames snin; jinnota wkoll li r-Rapport Annwali 2010 tal-Aġenzija jirrapporta għal kull attività operattiva l-input, l-eżitu tal-attività tagħha u, biex dak li jkun ikun jista' jqabbel, kull entrata tipprowdi wkoll l-input u l-output ipplanati, kif iddikjarat fil-Programm ta' Ħidma tal-Aġenzija għall-2010;
13. Jiddispaċi li, fir-rapport annwali tagħha għall-2010, il-Qorti tal-Awdituri m'għamlet l-ebda referenza għat-trasferimenti baġitarji tal-Aġenzija; iqis li n-numru għoli ta' trasferimenti baġitarji fl-Aġenzija kien fatt preokkupanti għall-Parlament matul is-snin preċedenti (49 fl-2009, 52 fl-2008 u 32 fl-2007); jitlob, għalhekk, lill-Qorti tal-Awdituri tinforma minnufih lill-awtorità tal-kwittanza dwar is-sitwazzjoni fir-rigward tat-trasferimenti fl-2010;
14. Itenni l-istedina tiegħu lill-Aġenzija biex tikkunsidra l-fatt li tinkludi dijagramma ta' Gantt parti fil-programmazzjoni ta' kull attività operattiva tagħha, sabiex tindika sintetikament l-ammont ta' ħin li kull membru tal-persunal iqatta' fuq proġett u tinkoraġġixxi approċċ orjentat lejn il-ksib tar-riżultati; jistieden, għaldaqstant, lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-passi konkreti meħuda;
15. Jiġbed l-attenzjoni għall-kompiti l-ġodda li ngħataw lill-Aġenzija fil-proposta għal regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 li jstabilixxiha; jistieden lill-Kummissjoni żżid ir-riżorsi allokat li lill-Aġenzija, u jistieden lill-Aġenzija timmaniġġja dawk ir-riżorsi b'mod sod u effikaċi sabiex twettaq adegwatament ir-responsabbiltajiet il-ġodda fdati lilha abbażi ta' dak ir-Regolament;

Verifika interna

16. Jirrikonoxxi l-fatt li l-Aġenzija għad trid timplimenta 15-il rakkomandazzjoni “importanti ħafna” mis-Servizz tal-Awditjar Intern; huwa preokkupat li l-implimentazzjoni ta' tmienja minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet għet posposta b'bejn sitt xhur u 12-il xahar, filwaqt li waħda għet irrifutata; jinnota li l-ewwel 11-il rakkomandazzjoni “importanti ħafna” jirrigwardaw il-proċess legali u finanzjarju ta' teħid ta' deċiżjonijiet, il-ġestjoni tar-riżorsi umani u l-istandards tal-kontroll intern; jinnota wkoll li r-rakkomandazzjoni rifjutata tikkonċerna r-responsabbiltà għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-Uffiċjal tal-Kontabilità; iħeġġeġ, għalhekk, lill-Aġenzija tispejga lill-awtorità tal-kwittanza r-raġunijiet għal dan ir-rifjut u jistieden lill-Aġenzija tieħu azzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet posposti;

17. Jinnota l-inizjattiva tal-Aġenzija li tikkondividi funzjoni tal-Awditjar Intern (Kapaċità tal-Awditjar Intern) mal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd;
18. Jirrikonoxxi b'mod partikolari li l-Kapaċità tal-Awditjar Intern ipprovdiet konsulenza interna dwar kwistjonijiet ta' kontroll intern bħal:
 - l-iżvilupp tal-Pjan ta' Kontinwità tal-Attivitajiet għall-applikazzjonijiet marittimi,
 - l-iżvilupp tal-Pjan ta' Kontinwità tal-Attivitajiet għall-attivitajiet ta' appoġġ,
 - il-proċedura għar-Reġistrazzjoni tal-Eċċezzjonijiet;jinnota li d-dikjarazzjoni tal-Aġenzija li l-Pjan ta' Kontinwità tal-Attivitajiet għall-applikazzjonijiet marittimi, il-Pjan ta' Kontinwità tal-Attivitajiet għall-attivitajiet ta' appoġġ u l-proċedura għar-Reġistrazzjoni tal-Eċċezzjonijiet ġew adottati;
19. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu minn rapporti preċedenti dwar il-kwittanza, kif stipulat fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
20. Jirreferi lill-Aġenzija lir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2011 dwar il-kwittanza 2009: rendiment, ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-Aġenziji ⁽¹⁾;
21. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽²⁾ dwar ir-rendiment, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 269.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima	2006	2007	2008	2009
Prestazzjoni	n.a.	<ul style="list-style-type: none"> — Preżentazzjoni inkorretta tal-baġit 	<ul style="list-style-type: none"> — L-Aġenzija ma ħejjietx programm ta' ħidma multiannwali u l-programm ta' ħidma annwali tagħha ma kienx marbut mal-baġit għall-impenji tagħha — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi objettivi SMART u indikaturi RACER, kif ukoll tagħmel dijagramma ta' Gantt → biex tippromwovi approċċ orjentat lejn il-ksib tar-riżultati — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi analiżi dijakronika tal-operazzjonijiet imwettqa f'din is-sena u fis-snin preċedenti 	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tqis li tagħmel dijagramma ta' Gantt parti mill-programmazzjoni għall kull attività operattiva — Jistieden lill-Aġenzija tippreżenta tqabbil tal-operazzjonijiet li saru matul is-sena li għaliha għandha tingħata l-kwittanza u dawk li saru matul is-sena finanzjarja ta' qabel
Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja	<p>Il-proċeduri għall-istabbiliment tal-baġit u tal-organigramma ma kinux rigorużi biżżejjed → ippjanar inadegwat tar-reklutaġġ tal-persunal u preżentazzjoni inkorretta tal-baġit</p> <ul style="list-style-type: none"> — Il-prinċipju tal-eżattezza tal-baġit ma kienx osservat b'mod strett — Xi kuntratti ppermettew prefinanzjament ta' 100 %: din il-prattika mhijiex konformi mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda 	<ul style="list-style-type: none"> — Preżentazzjoni inkorretta tal-baġit: għal approprjazzjonijiet differenzjati, il-baġit ma inkludix l-iskeda ta' ħlasijiet dovuti matul is-snin finanzjarji sussegwenti sabiex jiġu ssodisfati l-impenji baġitarji meħuda fis-snin finanzjarji preċedenti — L-impenji legali ttiēdu qabel l-impenji baġitarji korrispondenti — Il-proċeduri biex jiġi stabbilit il-baġit ma kinux rigorużi biżżejjed → numru għoli ta' trasferimenti baġitarji (32 fl-2007) 	<ul style="list-style-type: none"> — Dgħufijiet fl-ippjanar u l-monitoraġġ tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet għal attivitajiet operattivi (EUR 7 500 000 diġà ġew ikkanċellati) — Jistieden lill-Aġenzija żżid l-isforzi tagħha ta' taħriġ u komunikazzjoni sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet li fihom jittieħdu impenji legali qabel ma jsiru l-impenji baġitarji korrispondenti — Jistieden lill-Kummissjoni teżamina modi kif tiżgura li l-prinċipju tal-ġestjoni tal-flus abbażi tal-ħtiġijiet ikun implimentat 	<ul style="list-style-type: none"> — Il-Qorti tal-Awdituri nnotat in-numru għoli ta' trasferimenti baġitarji fl-2009, tħeġġeġ lill-Aġenzija ttejjeb l-ippjanar u l-monitoraġġ tagħha sabiex tnaqqas in-numru ta' trasferimenti baġitarji — Iħeġġeġ lill-Aġenzija tapplika l-proċeduri tal-akkwist b'mod korrett

L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima	2006	2007	2008	2009
Ir-riżorsi umani	n.a.	<ul style="list-style-type: none"> — Kwistjonijiet ta' trasparenza fil-proċeduri ta' reklutaġġ: Għall-proċeduri ta' reklutaġġ verifikati, il-kriterji tal-għażla u r-riżultati minimi?? biex wieħed jgħaddi għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjonijiet ma ġewx deċiżi qabel ma beda l-proċess ta' evalwazzjoni 	<ul style="list-style-type: none"> — Jitlob li tittejjeb l-istrateġija dwar ir-riżorsi umani → Kwistjonijiet ta' trasparenza (ara l-Verifika Interna) 	<ul style="list-style-type: none"> — Jinnota nuqqasijiet fil-proċeduri tal-għażla tal-persunal, ihegġegħ lill-Aġenzija tirmedja d-dgħufijiet attwali
Il-Verifika Interna	n.a.	n.a.	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tieħu passi biex tissodisfa 7 mit-32 rakkomandazzjoni li saru mis-Servizz tal-Verifika Interna → i.e. l-adozzjoni tar-Regoli ta' Implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal rigward ir-reklutaġġ ta' persunal temporanju skont ir-Regolamenti tal-Persunal; il-kontrolli fil-proċedura tal-għażla biex jiżguraw aktar trasparenza u trattament ugwali tal-kandidati; l-iżvilupp ta' strateġija għall-ippjanar tal-karriera 	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija timplimenta malajr ir-rakkomandazzjonijiet importanti ħafna tal-IAS, jenfasizza b'mod partikolari: <ul style="list-style-type: none"> — il-provvediment ta' ppjanar strateġiku u l-monitoraġġ tal-partijiet interessati tal-Aġenzija b'ħarsa ġenerali lejn ir-riskji residwi ta' tniġġis miż-żejt; — il-konformità mal-proċeduri amministrattivi; — l-analiżi ta' għażliet possibbli għall-ġestjoni tat-tagħmir u l-evalwazzjoni tal-impatt finanzjarju u operattiv tagħhom — id-dokumentazzjoni ta' deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni ta' bastimenti — jinnota li r-rakkomandazzjonijiet tal-IAS li għad iridu jiġu implimentati mill-Aġenzija jinkludu l-istabbiliment ta': <ul style="list-style-type: none"> — valutazzjoni interna tar-riskji; — inventarju tal-proċeduri interni eżistenti; — pjan direzzjonali għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proċeduri li fadal; — reġistru tal-proċeduri ta' eċċezzjoni; & — rieżami tas-sistema ta' kontroll intern

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/581/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jstabbilixxi l-Aġenzija Marittima Ewropea tas-Sigurtà ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0137/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 52.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

**dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-
Netwerks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/582/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0136/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t' hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 15.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 – C7-0051/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0136/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri affermat li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li l-operazzjonijiet li jaqgħu taħtom huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
 - esprima t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri rrapportat approprjazzjonijiet riportati għas-sena ta' wara li ammontaw għal 19 % tal-baġit totali tal-Aġenzija,
 - ħeġġeġ lill-Aġenzija tapplika inventarju fiżiku eżawrjenti u tiżgura l-korrettezza tar-reġistri tal-kontabilità,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 15.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 186.

- ħeġġeġ lill-Aġenzija biex:
 - ittejjeb it-trasparenza tal-estimi u ta' min huwa responsabbli,
 - issaħħaħ l-awtorizzazzjoni tal-akkwist tagħha fil-livell tad-deċiżjoni ta' finanzjament u tal-programm ta' ħidma,
 - tiżgura li l-iżvelar tal-eċċezzjonijiet fir-Rapport tal-Attività Annwali (AAR) tagħha jsir b'mod komprensiv,
 - tiżgura segwitu xieraq tal-irregolaritajiet potenzjali,
 - tiżviluppa u tirrapporta dwar il-kontroli *ex post*,
- C. billi l-baġit globali tal-Aġenzija għas-sena 2010 kien EUR 8 113 188, li huwa 0,05 % inqas mill-baġit tagħha għall-2009; billi għall-2010 l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija ammontat għal EUR 7 288 200 ⁽¹⁾ meta mqabbla ma' EUR 7 800 000 fl-2009,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Ifakkar li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni lill-Aġenzija għall-2010 ammontat għal EUR 7 288 200; josserva madankollu li EUR 640 000, li ġejjin mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv, żdiedu ma' dak l-ammont, ħaġa li fessret li, konsegwentement, il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni laqgħet l-ammont ta' EUR 7 928 200 għall-2010;
2. Jirrikonoxxi mill-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010 li l-baġit inizjali tagħha ammonta għal EUR 7 928 200; jinnota madankollu li l-Bord ta' Ġestjoni emenda l-baġit biex jirrifletti l-kontribuzzjoni tal-pajjiżi tal-EFTA, li ammontat għal EUR 184 988;
3. Jistabbilixxi mill-kontijiet annwali li l-appropriazzjonijiet ġew impenjati b'rata ta' 99,95 % meta mqabbla ma' 94,40 % fl-2009, filwaqt li l-ħlasijiet laħqu l-livell ta' 76,46 % tal-appropriazzjonijiet totali mmaniġġjati, meta mqabbla ma; 75,67 % fl-2009;

L-appropriazzjonijiet riportati

4. Jinnota mill-kontijiet annwali tal-Aġenzija li EUR 1 987 011 tal-appropriazzjonijiet għall-impenji kkuntrattati sal-aħħar tal-2010 iżda li kienu għadhom ma tħallsux ġew riportati għall-2011; jinnota wkoll li t-total ta' appropriazzjonijiet riportati kkanċellati fl-2010 huwa ta' EUR 89 185;
5. Huwa mħasseb li, għal darba oħra, il-Qorti tal-Awdituri rrapportat 52 % f'riporti mill-baġit operattiv tal-Aġenzija (Titolu III); jesprimi tħassib li din is-sitwazzjoni tindika dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija li huma ffinanzjati mit-Titolu III u mhijiex konformi mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità; għal darba oħra, iħeġġeġ lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjoni meħuda mill-Aġenzija biex tindirizza dan in-nuqqas;

Il-proċeduri ta' akkwist

6. jirrikonoxxi li fl-2011 l-Aġenzija implimentat kontrolli *ex post* biex ittejjeb il-prestazzjoni tal-kontrolli interni fil-proċeduri ta' akkwist; iħeġġeġ lill-Aġenzija minkejja dan biex, apparti dan, tibda tħaddem miżuri ta' verifika *ex ante* effikaċi biex tevita d-dgħufijiet fl-akkwist; u jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tikkontrolla l-effikacija ta' dawk il-miżuri;
7. Huwa infurmat mill-Aġenzija li tejbet it-trasparenza kemm fir-rigward tal-estimi kif ukoll ta' min għandu r-responsabilità għall-proġetti; saħħet l-awtorizzazzjoni tal-akkwist tagħha fil-livell tad-deċiżjoni ta' finanzjament u tal-programm ta' ħidma; żgurat li l-iżvelar tal-eċċezzjonijiet fl-AAR tagħha sar b'mod komprensiv; u żgurat segwitu adegwat tal-irregolaritajiet potenzjali; jistieden madankollu lill-Qorti tal-Awdituri taġti assigurarazzjoni lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-effiċjenza ta' dawn il-miżuri;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 759.

8. Josserva mill-AAR tagħha li l-Aġenzija kellha l-eżitu li ġej ta' kuntratti mogħtija konsegwenza ta' proċeduri ta' akkwist immedija fl-2010:

- kuntratti: 52, inklużi 20 kuntratti ta' servizzi u 9 kuntratti ta' servizzi qafas;
- ordnijiet ta' xiri: 233 li minnhom 79 inħarġu skont kuntratt ta' servizzi qafas eżistenti;
- proċeduri ta' akkwist immedija: 36, inkluż 13-il proċedura miftuħa;

Rimborż mill-awtoritajiet fiskali tal-Istat Membru ospitanti

9. Jinnota għal darba oħra, b'diżappunt, li ma kien hemm ebda progress meta mqabbel mas-sena preċedenti rigward ir-rimborż ta' EUR 45 000, li huwa l-ammont ta' VAT imħallsa minn qabel mill-Aġenzija lill-awtoritajiet fiskali tal-Istat Membru ospitanti; iħeġġeġ lill-Aġenzija, għalhekk, tinforma lill-awtorità ta' kwittanza meta jsir dan ir-rimborż mill-Istat Membru ospitanti;

Ir-Riżorsi Umani

10. Huwa mħasseb li, għal darba oħra, in-nuqqasijiet fil-proċeduri għall-għażla tal-persunal għadhom jeżistu u jipperikolaw it-trasparenza tal-proċeduri; jirrikonoxxi li l-Qorti tal-Awdituri rrappurtat li la l-livelli limitu li l-kandidati kellhom jissodisfaw biex jiġu mistiedna għall-intervista u lanqas daww l-istandards meħtieġa biex jiġu inklużi fil-lista ta' riżerva ma ġew stabbiliti minn qabel mill-bordijiet tal-għażla; iħeġġeġ għalhekk lill-Aġenzija tindirizza din is-sitwazzjoni u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjoni meħuda; jinnota wkoll li l-miżuri meħuda mill-Aġenzija s'issa ntweru li ma kinux biżżejjed f'dan ir-rigward; huwa tal-opinjoni li l-awtorità ta' kwittanza m'għandhiex tibqa' taċċetta ripetizzjoni ta' dan in-nuqqas;
11. Josserva mill-kontijiet annwali tagħha li l-persunal tal-Aġenzija fl-aħħar tal-2010 kien magħmul minn 40 Aġent Temporanju (TA) u 11-il Aġent Kuntrattwali (CA); jinnota wkoll li 4 karigi TA u 2 CA kienu battala fl-aħħar tal-2010 u li l-proċeduri ta' reklutaġġ għal 3 karigi battala TA tlestew fir-raba' kwart tal-2010, filwaqt li l-proċeduri ta' reklutaġġ għas-CA tnedew fil-bidu tal-2011;

12. Jinnota barra minn hekk mill-AAR li l-prijoritajiet tas-sezzjoni Riżorsi Umani tal-Aġenzija għall-2010 kienu:

- l-ippjanar tar-riżorsi rikorrenti (Pjan tal-Politika tal-Persunal);
- miżuri pożittivi miżurabbli għaż-żamma tal-persunal;
- servizzi permezz ta' flussi ta' ħidma elettroniċi;

jitlob għalhekk lill-Qorti tal-Awdituri tikkonferma lill-awtorità ta' kwittanza li dawn il-prijoritajiet ġew fil-fatt implimentati;

Is-sistemi ta' kontroll intern

13. Jirrikonoxxi li l-Aġenzija qed timplimenta u tikkonsolida l-proċeduri interni u l-kontrolli interni tagħha għaċ-ċirkwiti finanzjarji kollha kif previst fil-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2010;

L-Awditjar Intern

14. Jirrikonoxxi barra minn hekk li s-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) wettaq valutazzjoni ta' riskji żgħar għall-Aġenzija biex jaġġorna l-prijoritajiet tal-awditjar u l-pjan tal-awditjar tal-IAS għall-perjodu 2010-2012; jinnota b'mod partikolari li l-Aġenzija għandha riskju akbar fl-ippjanar, fil-kontabilità, fl-eżekuzzjoni tal-baġit, fl-iżvilupp u l-ġestjoni tal-IT, fil-kontinwità kummerċjali, fir-relazzjonijiet mal-partijiet interessati, fil-komunikazzjoni esterna u fil-valutazzjoni u fl-evalwazzjoni tal-impatt tagħha; iħeġġeġ lill-Aġenzija għalhekk biex tistabbilixxi minnufih il-miżuri meħtieġa biex tnaqqas ir-riskji fl-oqsma msemmija hawn fuq;

15. Jinnota li fl-2010 l-IAS wettqet awditjar ta' "l-ippjanar: partijiet interessati u objettivi operattivi" biex tivvaluta u tipprovdi assigurazzjoni raġonevoli dwar l-adeqwatezza u l-effikaċja tas-sistema ta' kontroll intern, relatata mal-produzzjoni u l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati u l-effikaċja tal-allokkazzjoni tar-riżorsi fir-rigward tal-prijoritajiet fl-attivitajiet operattivi;
16. Jirrikonoxxi li l-IAS tal-Aġenzija għamel 10 rakkomandazzjonijiet, li tlieta minnhom kienu kklassifikati "importanti ħafna" u sebgħa "importanti"; jinnota li dawn ir-"rakkomandazzjonijiet importanti ħafna" jikkonċernaw:
 - l-iżvilupp ta' stampa ġenerali tal-aspettattivi tal-partijiet interessati;
 - l-involvement tal-partijiet interessati fl-ippjanar tal-proġetti;
 - it-titjib tal-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet interessati permezz ta' għodda adattata tal-IT;
17. Ihegġegħ għalhekk lill-Aġenzija biex tkompli:
 - tinvolvi lill-partijiet interessati qabel/matul l-abbozzar tal-Programm ta' Ħidma proviżorju tagħha;
 - tiżviluppa qafas multiannwali li jiddetermina l-oqsma ewlenin ta' interess u li jstabbilixxi l-prijoritajiet;
 - issaħħaħ l-użu tar-reazzjonijiet tal-partijiet interessati;jistieden barra minn hekk lill-Aġenzija tinforma lil-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda f'dan ir-rigward;
18. Jinnota li l-erba' rakkomandazzjonijiet importanti ħafna relatati mal-awditjar tal-2009 dwar l-akkwist huma rrappurtati li ġew implimentati mill-Aġenzija u bħalissa qed jiġu rieżaminati mill-IAS;
19. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti dwar il-kwittanza preċedenti, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
20. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni	2006	2007	2008	2009
Prestazzjoni	mhux applikabbli	mhux applikabbli	— Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi analiżi dijakronika tal-operazzjonijiet imwettqa f'din is-sena u f'dik preċedenti	mhux applikabbli
Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja	— L-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija ma osservax strettament il-prinċipji tal-annwalità u l-ispeċifikazzjoni: fl-aħħar kwart tas-sena kien hemm konċentrazzjoni ta' operazzjonijiet	— Dgħufijiet fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet operattivi: 40 % tal-impenji u iktar minn 50 % tal-ħlasijiet rigward attivitajiet operattivi ġew eżegwiti f'Novembru u Diċembru — Dgħufijiet fil-proċedura ta' akkwist (il-preselezzjoni tal-offerti ma kinitx ġustifikata, id-dokumenti ta' valutazzjoni ma ġewx iffirmati mill-kumitat ta' valutazzjoni, id-dossiers ma kinux strutturati u ma kinux kompluti)	— Il-QEA sabet nuqqasijiet fil-proċeduri: sottostima tal-baġits ta' kuntratt qafas (jiġifieri għal tliet kuntratt ta' servizzi qafas ta' tliet snin, il-ħtiġijiet kienu sottovalutati u l-baġit disponibbli għal dan l-infiq għas-sena kollha ntuzja fi żmien sitt xhur) — Jistieden lill-Kummissjoni teżamina modi kif tiżgura li l-prinċipju tal-ġestjoni tal-flus abbażi tal-ħtiġijiet ikun implimentat għalkollox. — Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li r-riżervi ta' flus kontanti tal-Aġenzija jinżammu fl-aktar livell baxx possibbli u fit-tul	— Huwa mħasseb dwar il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri rrapportat approprazzjonijiet riportati għas-sena ta' wara li ammontaw għal 19 % tal-baġit totali tal-Aġenzija
L-awditjar intern u r-riżorsi umani	— Il-proċeduri tal-kontroll intern mhux dokumentati: għandhom jiżguraw trasparenza u ġestjoni finanzjarja tajba	mhux applikabbli	— Kisbiet fl-implimentazzjoni tat-tmien rakkomandazzjonijiet li huma tas-Servizz tal-Awditjar Intern: jiġifieri l-politika tal-persunal, it-tiġdid ta' kuntratti li jispiċċaw fl-2008, l-indipendenza tal-kumitati tal-għażla, is-servizzi tat-taħriġ u trasparenza fil-proċedura ta' promozzjoni	— Nuqqasijiet fil-proċedura tal-għażla tal-persunal — Jistieden lill-Aġenzija tibda tħaddem kontrolli <i>ex post</i> bl-għajnuma ta' fornitur professjonali — Iħeġġeġ lill-Aġenzija tapplika inventarju fiżiku eżawrjenti u tiżgura l-korrettezza tar-reġistri tal-kontabilità

L-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni	2006	2007	2008	2009
Il-proċedura tal-akkwist	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija ssaħħaħ il-kontrolli interni tagħha biex tiżgura li l-kuntratti u l-proċeduri ta' akkwist tagħha jkunu applikati korrettament — Ihegġegħ lill-Aġenzija biex: — Ittejjeb it-trasparenza fir-rigward tal-estimi u min ikollu r-responsabilità; — issaħħaħ l-awtorizzazzjoni tal-akkwist tagħha fil-livell tad-deċiżjoni ta' finanzjament u tal-programm ta' ħidma; — tiżgura li l-iżvelar tal-eċċezzjonijiet fir-Rapport tal-Attività Annwali tagħha jsir b'mod komprensiv; — tiżgura segwitu xieraq tal-irregolaritajiet potenzjali; — tiżviluppa u tirrapporta dwar il-kontrolli <i>ex post</i>

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2010

(2012/583/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0136/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (Serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 15.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010

(2012/584/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi l-aġenzija ferrovarja Ewropea ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0118/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t' hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 100.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 – C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi l-aġenzija ferrovjarja Ewropea ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0118/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea l-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
- stieden lill-Aġenzija tindirizza l-problema tal-appropriazzjonijiet li ġew ittrasferiti 'l quddiem minn sena għas-sena ta' wara. It-trasferiment 'il quddiem ta' 41 % tat-Titolu II jirrappreżenta ksur serju tal-prinċipju baġitarju ta' annwalità,
 - innota li l-Qorti tal-Awdituri enfasizzat kanċellazzjonijiet u dewmien fil-proċeduri ta' akkwist, dewmien rikorrenti fl-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet u tibdiliet sinifikanti li saru fil-programm ta' ħidma matul is-sena,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 100.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 191.

— ħeġġeġ lill-Aġenzija toħloq proċedura konsolidata ta' reklutaġġ li għandha tintuża bħala manwal għall-persunal kollu involut fir-reklutaġġ ġdid,

- C. billi l-baġit globali tal-Aġenzija għas-sena 2010 kien ta' EUR 24 147 240, li huwa 14,9 % aktar meta mqabbel ma' dak tas-sena preċedenti, billi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kienet ta' EUR 23 260 000 meta mqabbla ma' EUR 16 060 000 fl-2009, li jfisser żieda ta' 44,83 %,

Il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja

1. Ifakkar li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni Ewropea lill-Aġenzija għall-2010 ammontat għal EUR 23 260 000; jinnota madankollu li EUR 214 000, li ġejjin mill-irkupru tal-bilanċ favorevoli, żdiedu magħhom li konsegwentement, meta dawn jitqiesu wkoll, il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni Ewropea tilħaq l-ammont ta' EUR 23 474 000 għall-2010;

2. Jinnota mir-Rapport dwar l-Attività Annwali tal-Aġenzija li 99 % tal-appropriazzjonijiet kienu għall-impjenji u 77 % ġew użati għall-ħlasijiet; jinnota, b'mod partikolari, li:

— skont it-Titolu I, l-appropriazzjonijiet għall-impjenji totali ammontaw għal EUR 14 507 149 li minnhom 99 % intużaw għall-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet filwaqt li 77 % tal-appropriazzjonijiet trasferiti għall-2010 ntużaw għall-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet;

— skont it-Titolu III, kważi 100 % tal-appropriazzjonijiet ntużaw għall-impjenji u 62 % ntużaw għall-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet filwaqt li 92 % tal-appropriazzjonijiet trasferiti għall-2010 ntużaw għall-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet;

— skont it-Titolu II, kważi 100 % tal-appropriazzjonijiet ntużaw għall-impjenji u minnhom 62 % ġew ikkonsmati għall-ħlasijiet filwaqt li 95 % tal-appropriazzjonijiet ittrasferiti għall-2010 ntużaw għall-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet

japprezza l-fatt li l-Aġenzija tipprovi informazzjoni dwar l-użu tal-appropriazzjonijiet ittrasferiti l'quddiem mill-2009 għall-2010;

3. Jikkunsidra li fid-dawl tal-kriżi finanzjarja huwa importanti ħafna li l-użu tal-appropriazzjonijiet jiġi ottimizzat, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija janalizzaw u jistabbilixxu r-rekwiżiti baġitarji reali biex l-Aġenzija tkun tista' ttwettaq il-kompiti kollha fdati lilha;

Trasferimenti

4. Jirrikonoxxi mir-Rapport dwar Informazzjoni Baġitarja u Ġestjoni Finanzjarja (RBFMI) li f'Diċembru 2009 l-Aġenzija ndunat li l-Kapitolu 11 (infiq għall-persunal) ma ġiex previst b'mod korrett għall-baġit tal-2010 peress li t-Titolu I kien ġie sottovalutat b'madwar EUR 1 500 000; jifhem mill-Aġenzija li s-sitwazzjoni kienet dovuta minħabba:

— kalkolu ħażin u sistemiku tat-tbassir tal-infiq għall-persunal, peress li l-kalkolu tat-tbassir kien ibbażat fuq l-iskeda tas-salarji bażiċi tal-2007, u għalhekk kienu neqsin tliet indiċjar annwali;

— iż-żieda fin-numru ta' aġenti fuq kuntratt li tirriżulta minn tnaqqis fil-postijiet permanenti ġodda kif intalab mill-Aġenzija stess;

5. Jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Aġenzija li tittrasferixxi ammont ta' EUR 500 000 mit-Titolu II għat-Titolu I u li tittrasferixxi ammont ta' EUR 500 000 mit-Titolu III għat-Titolu I; jinnota mill-Aġenzija li d-deċiżjoni ġiet approvata mill-Bord Amministrattiv u mill-Kummissjoni Ewropea;

6. Jinnota wkoll li biex tkopri d-distakk li baqa', l-Aġenzija implimentat miżuri kumplimentari għat-tnaqqis tal-infiq skont it-Titolu I; jinnota mill-Aġenzija li dawn il-miżuri ħallew tfaddil żejjed ta' anqas minn EUR 300 000; jinnota li dan l-ammont ġie trasferit lura għat-Titolu II;
7. Jiddispijaci li l-iżbalji fil-previżjonijiet baġitarji rriżultaw fil-kanċellazzjoni jew fid-dewmien ta' ċerti investimenti; iħeġġeġ lill-Aġenzija tinforma immedjatament lill-awtorità ta' kwittanza bil-miżuri implimentati sabiex ikun jista' jsir tbassir aħjar tal-infiq;
8. Jinsab imħasseb li s-sitwazzjoni ma ġietx rapportata mill-Qorti tal-Awdituri fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tispjega din l-omissjoni lill-awtorità ta' kwittanza;

It-trasferiment 'il quddiem tal-appropjazzjonijiet

9. Jirrikonoxxi mill-Qorti tal-Awdituri li l-appropjazzjonijiet ittrasferiti 'l quddiem għall-2011 ammontaw għal EUR 5 500 000, li minnhom EUR 4 300 000 (78 %) huma relatati ma' oġġetti u servizzi li kellhom jiġu fornuti fl-2011;
10. Ifakkar li l-Aġenzija, fis-snin finanzjarji 2008 u 2009, ukoll kienet ittrasferiet appropjazzjonijiet f'ammonti konsiderevoli għal fuq is-sena finanzjarja 2010; huwa tal-fehma li dan il-ksur serju tal-prinċipju baġitarju tal-annwalità ma jistax jiġi aċċettat aktar fil-futur u li l-kwittanza fokkazzjoni oħra għandha tiġi rrifjutata, f'każ ta' ksur ieħor ta' dak il-prinċipju baġitarju; jitlob lill-Aġenzija tieħu mingħajr dewmien il-miżuri meħtieġa għat-titjib tas-sitwazzjoni;
11. Huwa tal-opinjoni li l-Aġenzija ma indirizzatx b'mod adegwat il-problema tal-appropjazzjonijiet li ġew ittrasferiti 'l quddiem minn sena għall-oħra; ifakkar fl-importanza tal-prinċipju baġitarju ta' annwalità; jistieden lill-Aġenzija tinforma l-awtorità tal-kwittanza dwar azzjonijiet li tieħdu biex titjeb l-implimentazzjoni tal-baġit annwali u jitnaqqsu t-trasferimenti tal-appropjazzjonijiet tal-baġit;
12. Madankollu jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija li targumenta li qiegħda tanalizza l-possibbiltà li tikkonkludi kuntratti ta' qafas għal studji ħafna aktar kmieni minn kif antiċipat, wara l-adozzjoni tal-baġit; jinnota wkoll li l-Aġenzija impenjat ruħha, għas-snin 2011 u 2012, li tirrevedi it-tbassir tal-baġit tagħha biex ikun aktar konformi mal-bżonnijiet reali tagħha u biex tottimizza l-użu tar-riżorsi baġitarji tagħha;
13. Jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza meta se jkun lest ir-rapport li għandu jiġi mehmuż mal-baġit ta' kull sena, dwar l-appropjazzjonijiet li ma ntefqux u li ġew trasferiti minn snin preċedenti; ifakkar lill-Aġenzija li din it-talba diġà saret matul il-proċedura ta' kwittanza preċedenti;

L-akkwist pubbliku

14. Jinnota li fil-Programm ta' Ħidma Annwali (PHA) l-Aġenzija, sabiex tiffaċilita l-ippjanar annwali tal-akkwisti, se tintroduċi Kuntratt ABAC biex isostni l-ġestjoni deċentralizzata tal-kuntratti;
15. Josserva mir-Rapport Annwali tal-Aġenzija li 21 proċedura ta' akkwist (innegożjati u miftuħa) tnediu fl-2010 u 12 minnhom ġew kompletati fl-2010;

Sistema ta' kontabilita

16. Josserva mir-Rapport Annwali tal-Aġenzija li l-Aġenzija aġġornat il-Manwal tagħha għall-proċeduri finanzjarji b'konformità mal-moduli tal-Fluss tax-Xoġhol ABAC u l-assi ABAC;
17. Jilqa' l-implimentazzjoni tal-Aġenzija, mill-1 ta' Settembru 2010, ta' sistema ċentralizzata għar-reġistrazzjoni ta' fatturi li deħlin; jenfasizza li din il-miżura hija meħtieġa biex tiżgura r-reġistrazzjoni fil-ħin tal-fatturi kollha u tikkontribwixxi għall-evitar ta' dewmien fil-ħlasijiet ta' pprocessor;

Ir-Riżorsi Umani

18. Jinnota mir-Rapport tal-Aġenzija dwar Informazzjoni Baġitarja u Ġestjoni Finanzjarja li fil-31 ta' Diċembru 2010 l-Aġenzija impjegat 133 aġenti temporanji (TAs) u 9 aġenti fuq Kuntratt (CAs); jinnota wkoll li l-proċeduri ta' reklutaġġ għadhom għaddejjin sabiex jilhqnu l-139 TAs previsti fil-pjan ta' stabbiliment 2010 u sussegwentement il-144 TAs previsti fl-2011;
19. Jinnota mir-RBFMI li l-Aġenzija kellha 6 esperti nazzjonali sekondati fl-2010;
20. Jirrikonoxxi mill-Aġenzija li hija żviluppat manwal konsolidat dwar regoli, istruzzjonijiet u linji gwida differenti li jirregolaw ir-reklutaġġ tal-persunal; jenfasizza li huwa importanti li jiġi pproċessat u ġestit ir-reklutaġġ individwali mingħajr ma jiġi kompromess il-prinċipju ta' trattament ugwali tal-kandidati;

Prestazzjoni*AWP u ppjanar strateġiku*

21. Jistieden lill-Aġenzija tinkludi fil-PHA tagħha informazzjoni aktar ċara dwar il-pakkett baġitarju globali riżervat għall-akkwisti u l-għadd indikattiv u tipi ta' kuntratti previsti; fil-fatt jinnota li l-Artikolu 60(3) tar-Regolament Finanzjarju tal-Aġenzija jeħtieġ li dan isir meta jiddikjara li "il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għandu jkun ekwivalenti għal deċiżjoni ta' finanzjament għall-attivitatiet li jkopri, sakemm dawn huma identifikati b'mod ċar u l-kriterji ta' bażi huma spjegati b'mod preċiż";
22. Barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Aġenzija toħloq Pjan Multiannwali li jittraduċi objettivi fit-tul f'kompiti multi-annwali u Indikaturi Prinċipali tal-Prestazzjoni assoċjati; jenfasizza li dan se jżomm il-partijiet interessati infurmati aħjar dwar l-objettivi jew l-attivitatiet, il-prijoritajiet strateġiċi u l-allokkazzjoni tar-riżorsi;
23. Jinnota mir-Rapport Annwali li l-istruttura tal-Aġenzija għall-ippjanar tan-negozju u għall-baġit kienet ġiet rieżaminata fl-2010 bil-ħsieb li mill-2012 jiġi introdott ippjanar ibbażat fuq l-attivitatiet;

Żewġ postijiet

24. Iqis li l-użu ta' żewġ postijiet (Lille u Valenciennes) biex fihom jitwettqu l-attivitatiet tagħha jesponi lill-Aġenzija għal spejjeż addizzjonali; jinnota ukoll, li din l-osservazzjoni saret għall-ewwel darba fl-2006 u li l-ebda azzjoni ma ttehdet mill-Kunsill biex tinbidel id-Deċiżjoni 2004/97/KE ⁽¹⁾, li tobbliga lill-Aġenzija jkollha sede doppja;

Verifika Interna

25. Jirrikonoxxi mill-Aġenzija li s-servizz ta' Verifika Interna (IAS) wettaq verifika fuq il-proċessi ta' ppjanar u baġitjar fl-2010 sabiex jipprovdu assigurazzjoni raġjonevoli dwar is-sistema ta' kontroll intern tal-Aġenzija fir-rigward tal-ippjanar u l-proċessi ta' bbaġitjar tagħha; jinnota li r-rakkomandazzjonijiet tal-IAS jikkonċernaw l-ippjanar strateġiku, il-koerenza u l-eżattezza tal-abbozz tal-istima tad-dħul u l-infiq, il-PHA bħala deċiżjoni finanzjarja u l-istrateġija intermedja tal-IT; għalhekk jistieden lill-Aġenzija timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tissodisfa dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-IAS;
26. Jistieden lill-Aġenzija timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-IAS relatati mal-verifika dwar il-ġestjoni tar-Riżorsi Umani (HR) li saret mill-IAS fl-2009; jinnota li l-implimentazzjoni ta' tlieta minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet (dwar il-ġestjoni tal-HR f'ippjanar annwali, dwar il-konformità mar-regoli u l-prinċipji ta' trasparenza fl-evalwazzjoni tal-persunal, dwar l-iżvelar ta' eċċezzjoni għall-regolament tal-persunal) esperjenzaw dewmien ta' bejn sitt u tnax-il xhar; jistieden lill-Aġenzija biex tinforma l-awtorità tal-kwintanza dwar il-progress tal-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet tal-IAS;

⁽¹⁾ Deċiżjoni 2004/97/KE, Euratom meħuda bi ftehim komuni minn rappreżentanti tal-istati membri, laqgħa fl-livell ta' kap ta' stat jew livell governattiv tat-13 ta' Diċembru 2003 dwar il-lok tas-sedji ta' ċerti ufficiji u aġenziji tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 29, 3.2.2004, p. 15). Ara l-Artikolu 1(f) tagħha.

27. Jilqa' favorevolment l-inizjattiva tal-Aġenzija li waqqfet fl-aħħar tal-2007 Funzjoni ta' Awditjar Intern li hija ddedikata biex tagħti sostenn u konsulenza lid-Direttur Eżekuttiv u lill-maniġment tal-Aġenzija dwar il-kontroll intern, il-valutazzjoni tar-riskju u l-verifika interna;
28. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu minn rapport ta' kwittanza preċedenti, kif stipulat fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
29. Jiġbed l-attenzjoni tal-Aġenzija għar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2011 dwar il-kwittanza tal-2009: rendiment, ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-Aġenziji tal-UE ⁽¹⁾; jistieden lill-Aġenzija tkun konformi magħha;
30. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽²⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 269.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

Aġenzija Ferrovarja Ewropea	2006	2007	2008	2009
Prestazzjoni	L-Aġenzija twestaq l-operazzjonijiet tagħha f'żewġ postijiet, b'hekk ikollha spejjeż addizzjonali s'issal-aġenzija ma sabitx modi ta' kif tpatti għall-ispejjeż li jirriżultaw mill-obbligu tagħha li tkun f'żewġt ibliet	<ul style="list-style-type: none"> — Il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba ma ġiex sodisfat b'mod rigoruż: il-previżjoni tal-flus f'kontanti tal-Aġenzija ma ġiex ippreparata sew — L-Aġenzija twestaq l-operazzjonijiet tagħha f'żewġ postijiet, b'hekk ikollha spejjeż addizzjonali (postijiet diretti: EUR 450 000) 	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi analiżi dijakronika tal-operazzjonijiet imwettqa f'din is-sena u fis-snin preċedenti — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi objettivi SMART u indikaturi RACER, kif ukoll tagħmel dijagramma ta' Gantt → biex tippromwovi approċċ orjentat lejn il-ksib tar-riżultati — ineffiċjenza minħabba li hemm żewġ postijiet għal aġenzija waħda — L-Aġenzija twestaq l-operazzjonijiet tagħha f'żewġ postijiet, b'hekk ikollha spejjeż addizzjonali 	<ul style="list-style-type: none"> — L-użu ta' żewġ postijiet jesponi l-Aġenzija għal spejjeż addizzjonali — Jistieden lill-Aġenzija tippreżenta tqabbil tal-operazzjonijiet li saru matul is-sena li għaliha għandha tingħata l-kwittanza u dawk li saru matul is-sena finanzjarja ta' qabel
Appropjazzjonijiet riportati	Il-prinċipju tal-eżattezza tal-baġit ma kienx osservat b'mod strett l-Aġenzija implimentat 72 % tal-appropjazzjonijiet għall-impenji tagħha. Il-livelli ta' trasferiment 'il quddiem għal infiq amministrattiv u nfiq operattiv kienu 37,5 % u 85 % rispettivament	<ul style="list-style-type: none"> — L-aġenzija kellha diffikultajiet fil-programmazzjoni u l-ibbaġitjar tal-attivitàjiet tagħha: aktar minn 35 % tal-appropjazzjonijiet finali għall-2007 ma ntużawx matul is-sena — Jitlob lill-aġenzija biex tistinka ħalli tgħolli l-livell ta' implimentazzjoni tal-baġit 	L-aġenzija kellha diffikultajiet fil-programmazzjoni u l-ibbaġitjar tal-attivitàjiet tagħha:	<ul style="list-style-type: none"> — L-Aġenzija naqset milli tindirizza l-problema tal-appropjazzjonijiet li ġew trasferiti 'l quddiem minn sena għal ta' wara. It-trasferiment 'il quddiem ta' 41 % tat-Titolu II jirrappreżenta ksur serju tal-prinċipju baġitarju ta' annwalità, — Jitlob li rapport ikun meħmuż mal-baġit ta' kull sena, dwar l-appropjazzjonijiet li ma ntefqux u li ġew trasferiti minn snin preċedenti — Il-Qorti tal-Awdituri enfasizzat kanċellazzjonijiet u dewmien fil-proċeduri ta' akkwist, dewmien rikorrenti fl-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet u tibdiliet sinifikanti li saru fil-programm ta' ħidma matul is-sena

Aġenzija Ferrovarja Ewropea	2006	2007	2008	2009
Il-proċeduri ta' akkwist	L-Aġenzija għandha tniedi proċeduri ta' akkwist għal dawk l-oqsma li bħalissa huma koperti bil-kuntratti li ma kinux is-soġġett ta' proċedura regolari	<ul style="list-style-type: none"> — Kwistjonijiet ta' trasparenza fil-livell tal-kriterji għall-għażla u fil-livell tal-kriterji għall-għotjiet: l-użu ta' proċedura nneqozjata ma kienx ġustifikat — Ifakkar li għandha titjeb il-ġestjoni tal-akkwist 	Kwistjonijiet ta' trasparenza fil-livell tal-kriterji għall-għażla u fil-livell tal-kriterji għall-għotjiet:	mhux applikabbli
Ir-Riżorsi Umani	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tirrifletti aħjar l-allokazzjoni pplanata tar-riżorsi tal-persunal fil-programm ta' ħidma u fir-Rapport ta' Attività Annwali tagħha — Jesprimi tħassib li l-Aġenzija naqset milli ssegwi Regolamenti tal-Persunal u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom b'mod retroattiv — Iħeġġeġ lill-Aġenzija tohq proċedura konsolidata ta' reklutaġġ li għandha tintuża bħala manwal għall-persunal kollu involut fir-reklutaġġ ġdid,
Awditjar intern	Is-sistema ta' kontroll intern uriet nuqqasijiet: l-Aġenzija ma adottatx regoli ta' implimentazzjoni għar-regolamenti finanzjarji tagħha	L-aġenzija ma ssegwix strettament ir-Regolamenti tal-Persunal	Jistieden lill-aġenzija tieħu passi biex tissodisfa 4 minn 36 rakkomandazzjoni li saru mis-Servizz ta' Verifika Interna → jiġifieri, biex timplimenta ċerti standards ta' kontroll intern għall-frem tal-bank, is-segregazzjoni tad-dmirijiet, postijiet sensitivi u ż-żamma ta' setgħat ta' delegazzjoni	Jirrikonoxxi li 6 minn 10 rakkomandazzjonijiet li saru mill-IAS dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani għad iridu jiġu implimentati

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010

(2012/585/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi l-aġenzija ferrovarja Ewropea ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 39 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0118/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 100.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/586/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0135/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t' hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 145.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Meju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0135/2012),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li l-operazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Meju 2011 il-Parlament ikkonċeda lid-Direttur Eżekuttiv tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-risoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
- ħeġġeġ lill-Fondazzjoni tfassal proċeduri baġitarji b'aktar rigorożità ħalli tevita l-għadd konsiderevoli ta' trasferimenti baġitarji,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 145.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 196.

- talab lill-Fondazzjoni taqdi l-obbligu tagħha li turi rendikont sommarju tal-iskeda ta' ħlasijiet dovuti fi snin finanzjarji sussegwenti għal impenji baġitarji meħudin fi snin baġitarji preċedenti,
 - talab lill-Fondazzjoni tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Bord Governattiv tagħha meta jkun hemm bżonn it-trasferimenti, kif jesiġi r-Regolament Finanzjarju tal-Fondazzjoni,
- C. billi l-baġit kumplessiv għall-Fondazzjoni għas-sena 2010 kien jammonta għal EUR 19 300 000, meta mqabbel ma' EUR 20 200 000 fl-2009, somma li tikkostitwixxi tnaqqis ta' 4,46 %,
- D. billi l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni għall-baġit tal-Fondazzjoni għall-2010 ammontat għal EUR 18 282 000 meta mqabbla ma' EUR 14 772 000 fl-2009 ⁽¹⁾,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2009 laħqet total ta' EUR 19 872 000, u li dan l-ammont kien kompost mill-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni, jiġifieri EUR 14 772 000, flimkien ma' EUR 5 100 000 li ġejjin mill-irkupru tas-surplus minn snin preċedenti; ifakkar, barra minn hekk, li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni lill-Fondazzjoni għall-2010 ammontat għal EUR 18 282 000; jinnota madankollu li ma' din is-somma żdiedu EUR 1 178 000, li ġejjin mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv, u konsegwentement il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni laħqet total ta' EUR 19 460 000 għall-2010 ⁽²⁾;
2. Jieħu nota li d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Annwali tal-Fondazzjoni jsemmu li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2010 fil-fatt ammontat għal EUR 19 196 840,29; jirrikonoxxi d-dikjarazzjoni tal-Fondazzjoni li l-kontribuzzjoni reali mogħtija mill-Unjoni fl-2010 ammontat għal EUR 19 297 822, jiġifieri, EUR 19 460 000 tnaqqas EUR 162 178 li jirrappreżentaw il-kontribuzzjoni tal-Unjoni in natura; jieħu nota wkoll mill-Fondazzjoni li, mill-ammont li rċeviet mill-Unjoni, użat EUR 19 196 840,29 u raddet lura l-ammont ta' EUR 100 981,71 li kien fadal lill-Kummissjoni;
3. Jistabbilixxi, mid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Annwali tal-Fondazzjoni, li l-baġit tagħha għall-2010 ġie emendat f'Novembru 2010 sabiex parzjalment ipaċi t-tnaqqis mhux previst fid-dħul tal-Fondazzjoni;
4. Josserva, mir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet tal-Fondazzjoni, li l-Fondazzjoni laħqet rata ta' 99,9 % rigward l-impenji, imqabbla ma' 99,8 % fl-2009 u 98,5 % fl-2008, u rata ta' eżekuzzjoni tal-ħlasijiet ta' 96,5 %, imqabbla ma' madwar 90 % fl-2009 u fl-2008;

Trasferimenti u riporti

5. Jinnota, mir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet tal-Fondazzjoni, li din naqqset l-għadd ta' trasferimenti baġitarji għal 15 fl-2010, imqabbel ma' 33 fl-2009, u li riportat biss 12,8 % tal-ammont impenjat għall-2010, imqabbel ma' 17 % fl-2009 u 15 % fl-2008;

Ir-reġistrazzjoni tal-eċċezzjonijiet

6. Jinnota, mir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet tal-Fondazzjoni, li fl-2010 tniżżlu 10 eċċezzjonijiet fir-Reġistru tal-Eċċezzjonijiet, imqabbla ma' 12 fl-2009;
7. Jinnota li l-ebda waħda minnhom ma tinvolti riskju finanzjarju akbar minn EUR 50 000; jinnota b'mod partikolari li dawn l-eċċezzjonijiet għandhom valur finanzjarju totali ta' EUR 100 183, ammont li jirrappreżenta 0,53 % tal-baġit totali tal-Fondazzjoni fl-2010;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 926.

⁽²⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 927.

L-akkwist pubbliku

8. Jagħraf, mir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet tal-Fondazzjoni, li l-Fondazzjoni stipulat tmien ftehimiet diretti ma' kuntratturi esterni, minn liema ftehiiet l-ebda wieħed ma għandu espożizzjoni finanzjarja ta' EUR 50 000 jew aktar; jinnota li l-valur totali ta' ftehimiet diretti huwa EUR 93 575, li jirrappreżenta 0,50 % tal-baġit totali tal-Fondazzjoni fl-2010;

Riżorsi Umani

9. Jinnota, mir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet tal-Fondazzjoni, li fi tmiem l-2010, il-Fondazzjoni kellha erba' karigi battala fl-organigramma tagħha, minflok l-10 li kellha fi tmiem l-2009;
10. Josserva wkoll li l-għadd ta' membri tal-persunal fil-Fondazzjoni issa laħaq 128, bi 15-il persuna li nġhaqdu mal-Fondazzjoni filwaqt li 10 ħallewha fl-2010;
11. Jieħu nota mir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet li l-għadd ta' karigi disponibbli għall-implimentazzjoni tal-mandat tal-Fondazzjoni huwa kompost minn:

— 96 kariga temporanja,

— 33 aġent kuntrattwali u lokali, kif ukoll

— 6 esperti nazzjonali ssekondati;

Prestazzjoni

12. Josserva, mir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet, li l-Fondazzjoni żviluppat lista riveduta ta' Indikaturi tal-Prestazzjoni Korporattiva bil-għan li l-oġġettivi tagħha jsiru aktar rilevanti u jkunu jistgħu jitkejlu aħjar, kif ukoll li jipprovdu data dwar il-prestazzjoni tal-Fondazzjoni fil-livell aggregat f'relazzjoni mal-attivitajiet tal-qalba u l-funzjonament tagħha;
13. Jinnota, barra minn hekk, li l-Fondazzjoni żviluppat il-proġett ta' "dashboard" (tabella sinottika) li huwa maħsub biex jiżgura li jkun hemm data ewlenija attwalizzata għall-monitoraġġ ta' kuljum tal-attivitajiet tagħha, u b'mod partikolari għall-ġestjoni u r-rappurtar;
14. Josserva, barra minn hekk, li differenzjazzjoni taċ-ċirkwiti ta' pagament abbażi tar-riskju ġiet implimentata b'suċċess kmieni fl-2010, u introduċiet ċirkwiti simplifikati għat-tranżazzjonijiet b'riskju baxx;
15. Jilqa' l-fatt li l-Fondazzjoni implimentat b'suċċess l-ewwel sena tal-Proċess ta' Turin, li jipprovdi analiżi konċiża, dokumentata u komprensiva tar-riforma tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali f'kull pajjiż, u li tinkludi l-identifikazzjoni ta' xejriet ewlenin fil-politiki, sfidi u restrizzjonijiet, kif ukoll pratiki tajba u opportunitajiet;

Koperazzjoni maċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop)

16. Jinnota li, f'Novembru 2009, il-ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Fondazzjoni u s-Cedefop iġġedded għall-perjodu 2010-2013; jagħraf li, kull sena, il-Fondazzjoni u s-Cedefop jabbozzaw, fil-kuntest tal-ftehim ta' kooperazzjoni, programm konġunt ta' ħidma li jiġi anness mal-programmi ta' ħidma taż-żewġ aġenziji; jilqa' l-intenzjoni tal-Fondazzjoni li tiddedika aktar spazju għar-rappurtar dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-programm konġunt ta' ħidma f'Rapporti Annwali tal-Attivitajiet tal-ġejjieni;

Verifika Interna

17. Jagħraf li s-Servizz ta' Awditjar Intern (IAS) wettaq awditu tal-ippjanar u l-monitoraġġ fl-2010; jinnota b'mod partikolari li l-IAS għamel tmien rakkomandazzjonijiet, li waħda minnhom, immarkata bħala "importanti ħafna", tikkonċerna l-ħtieġa li l-Fondazzjoni tiddefinixxi u tiddekrivi b'mod ċar l-utilità tal-approċċ tagħha rigward il-pjanifikazzjoni annwali;

18. Ihegġegħ lil-Fondazzjoni, f'dan il-kuntest, biex tiffoka fuq ir-rappurtar kosteffikaċi rilevanti għall-Bord ta' Governanza tal-Fondazzjoni u għall-partijiet interessati ewlenin, li jippermettathom li jeżaminaw il-prestazzjoni tal-Fondazzjoni;
19. Jitlob ukoll lill-Fondazzjoni biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet l-oħra tal-IAS li għadhom pendenti mill-awditi preċedenti;
20. Jagħraf, mir-Rapport Annwali tal-Attivitajiet, li l-Fondazzjoni adottat 16-il standard rivedut għall-ġestjoni effikaċi, kif stipulat fil-qafas tal-istandards ta' kontroll intern;
21. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu minn rapporti preċedenti dwar il-kwittanza, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
22. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ	2006	2007	2008	2009
Prestazzjoni	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi analiżi dijakronika tal-operazzjonijiet imwettqa f'din is-sena u f'dawk preċedenti — Jitlob, fid-dawl tal-fatt li xi oqsma ta' interess huma kondiviżi, għal kooperazzjoni mill-qrib u għal sinerġiji bejn il-Fondazzjoni u s-Cedefop, u jitlob li d-Diretturi taż-żewġ Aġenziji jagħtu informazzjoni regolament fir-rapporti dwar l-attività — Jeżistu diffikultajiet biex dak li jkun jistabbilixxi rabta diretta bejn ir-riżultati tal-proġetti ta-Fondazzjoni u l-attività tal-istituzzjoni 	Jitlob lill-Fondazzjoni tippreżenta tqabbl tal-operazzjonijiet li saru matul is-sena li għaliha għandha tingħata l-kwittanza u dawk li saru matul is-sena finanzjarja ta' qabel
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	Il-Fondazzjoni ma rrispettatx ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-baġit: il-Fondazzjoni ppubbikat biss l-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-2006, bla ma qieset l-appropriazzjonijiet ta' ħlas	Fil-baġit emendatorju, l-ammont tal-dħul assenjat mhuwiex korrett. Dan kellu jkun EUR 1 200 000, minflok l-ammont muri ta' EUR 3 400 000, li bi żball inkluda dħul assenjat riportat mis-sena ta' qabel	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Iħeġġeġ lill-Fondazzjoni tfassal proċeduri baġitarji b'aktar rigorożità ħalli tevita l-għadd konsiderevoli ta' trasferimenti baġitarji — Jitlob lill-Fondazzjoni tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Bord Governattiv tagħha meta jkun hemm bżonn it-trasferimenti, kif jesiġi r-Regolament Finanzjarju tal-Fondazzjoni — Ifakkar lill-Fondazzjoni li għandha taqdi l-obbligu tagħha li tagħti dikjarazzjoni sommarja tal-iskeda ta' ħlasijiet dovuti fi snin finanzjarji sussegwenti għal impenji baġitarji meħudin fi snin baġitarji preċedenti

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ	2006	2007	2008	2009
Riżorsi Umani	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Jitlob lill-Fondazzjoni (ara l-awditu intern) jindirizza dgħufijiet fil-proċeduri ta' rejklutaġġ → Jeħtieġ li l-Bordijiet ta' Valutazzjoni għar-Reklutaġġ jipprovdu biżżejjed informazzjoni dwar il-proċeduri mħaddma, inklużi ġustifikazzjonijiet għad-deċiżjonijiet meħuda u d-dati meta dawn id-deċiżjonijiet ittieħdu, biex jiżguraw it-trasparenza ta' dawn il-proċeduri — Jitlob lill-Aġenzija tottempera ruħha mad-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE ⁽¹⁾ 	mhux applikabbli
Verifika Interna	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Jitlob lill-Fondazzjoni tieħu passi biex taqdi 15 mis-27 rakkomandazzjoni magħmula mis-Servizz ta' Awditjar Intern, jiġifieri li timplimenta bla dewmien ċerti standards ta' kontroll intern (rigward id-dokumentazzjoni tal-proċeduri, is-supervizzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-kontinwità tal-operazzjonijiet) u ċerti rakkomandazzjonijiet dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani (dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani fil-pjanifikazzjoni annwali u r-rappurtar dwar l-attività; id-definizzjoni tal-obiettivi; ir-reġistrazzjoni tal-ħinijiet tal-persunal)	Jagħraf li 11 mill-15-il rakkomandazzjoni magħmula mill-IAS ingħalqu fl-2009

⁽¹⁾ ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/587/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1339/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0135/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 145.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 82.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010

(2012/588/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0117/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-direttur tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 45.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjeggi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0117/2012),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li l-operazzjonijiet li jaqgħu taħtom huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011, il-Parlament ta l-kwittanza lid-direttur tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza, inter alia:
- stieden lill-Aġenzija tnaqqas ir-rata akbar ta' kanċellazzjoni u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bl-azzjonijiet meħuda,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 45.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 201.

- stieden lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Aġenzija jiddeskrivi l-metodoloġija utillizzata fil-validazzjoni tas-sistema tagħha ta' kontabilità, jappoġġja l-idea li tkun żviluppata l-kooperazzjoni fi ħdan in-Netwerks Inter Aġenzija tal-Accountants eżistenti ħalli jitfasslu rekwiżiti komuni u tkun żviluppata metodoloġija komuni għall-validazzjoni tal-aġenziji tas-sistemi tal-kontabilità;
 - saħaq li r-riporti ta' EUR 3 500 000 (47 % tal-approprijazzjonijiet operattivi tal-Aġenzija) marbutin mal-attivitajiet operattivi jdedmu l-implementazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija u ma taqbilx mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità, li huwa parzjalment minħabba fil-multiannwalità tal-proġetti importanti,
- C. billi l-baġit globali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010 kien ta' EUR 15 500 000 li jirrappreżenta żieda ta' 3,3 % fuq is-sena finanzjarja 2009; billi l-kontribut inizjali tal-Unjoni Ewropea għall-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kien ta' EUR 13 743 434 meta mqabbel ma' EUR 13 800 000 fl-2009 ⁽¹⁾, li jirrappreżenta żieda ta' 0,41 %,

Il-ġestjoni tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja

1. Ifakkar li l-kontribut inizjali tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kien jammonta għal EUR 13 743 434; jinnota b'dana kollu li EUR 506 566, ġejjin mill-irkupru tal-eċċess, kien magħdud ma' dan, li b'riżultat ta' hekk wassal għall-kontribut totali tal-Unjoni ta' EUR 14 250 000 għal 2010;
2. Jistabbilixxi mill-kontijiet annwali li l-baġit oriġinarju tal-Aġenzija għall-2010 kien emendat darbtejn u li seħħew xi trasferimenti; jistieden lill-Aġenzija tipprovdi lill-awtorità tal-kwittanza b'informazzjoni dwar ir-raġunijiet wara dawn il-bidliet;
3. Jirrikonoxxi mir-Rapport Annwali tal-Aġenzija (AAR) li mill-baġit disponibbli fl-2010, 96,1 % kien impenjat sa għeluq dik is-sena;

Approprijazzjonijiet riportati

4. Jinnota titjib fl-approprijazzjonijiet riportati tal-Aġenzija matul is-snin; jinnota b'mod partikolari li fl-2010, naqqset ir-rata tagħha ta' tħassir għal 11 % mid-19 % tal-2009; jistieden, b'dana kollu, lill-Aġenzija tissokta ttejjeb il-qagħda billi tevita d-dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tagħha;

Riżorsi Umani

5. Josserva mir-Rapport Annwali tal-Aġenzija li l-għadd totali ta' persunal fil-31 ta' Diċembru 2010 kien ta' 66; jinnota, barra minn hekk, li r-reklutaġġ kien magħmul minn 44 aġent temporanju (AT), 21 aġenti kontrattwali (AK) u post wieħed ta' AK fin-Netwerking u Koordinazzjoni ffinanzjata mill-programm IPAC2;
6. Jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri li l-Aġenzija ħadet biex twettaq l-oġettivi msemmijin hawn taħt fil-Programm Annwali tal-Ħidma tagħha:
 - l-organizzazzjoni u l-monitoraġġ tal-proċeduri ta' selezzjoni għall-AT u għall-AK;
 - il-ġestjoni u l-amministrazzjoni tar-riżorsi umani jiffunzjonaw b'mod effettiv u f'waqtu;
 - il-ksib ta' persunal ikkwalfikat kif imiss għalbiex l-Aġenzija tlaħħaq mal-istrateġija u l-oġettivi tagħha li timplimenta l-pjani annwali tagħha ta' ġestjoni;

Prestazzjoni

7. Jirrikonoxxi mir-Rapport Annwali tal-Attività tagħha li l-Aġenzija tat data dettalja li tqabbel sena ma' oħra billi jippermetti lill-awtorità ta' kwittanza tivvaluta b'mod aktar effettiv il-prestazzjoni tal-Aġenzija; iqis dan bħala l-aħjar Prattika li għandha tiġi segwita mill-Aġenziji l-oħra;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 507.

8. Jilqa' l-inizjattiva tal-Aġenzija li tnedi "valutazzjoni minn qabel" tal-impatt li se jkollhom sal-2020 fuq is-sigurtà u s-saħħa l-innovazzjonijiet teknoloġiċi fl-impjiegi ekoloġiċi; jinnota li t-tixrid tar-riżultati ta' dawn il-proġetti lill-udjenzi li għalihom kienu intiżi issa beda fil-Kongress Dinja u f'sensiela ta' seminari; japprezza għalhekk jekk jirċievi l-feedback għal dawn l-inizjattivi mill-Aġenzija;

Il-verifika interna

9. Jilqa' l-inizjattiva tal-Aġenzija li tagħti awtomatikament lill-awtorità ta' kwittanza r-Rapport Annwali dwar l-Awditjar Intern tal-Aġenzija mħejji mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS); iqis li dan huwa indikazzjoni ta' trasparenza u eżempju ta' Prattika tajba li għandu jiġi segwit mill-Aġenziji l-oħra kollha; iqis li r-rapporti ta' verifika tal-IAS spiss jgħinu l-proċessi u miżuri żviluppatti aktar li jimmitigaw/jikkontrollaw ir-riskji tal-Aġenzija;
10. Jirrikonoxxi mill-Aġenzija li l-IAS bdiet segwitu għar-rakkomandazzjoni miftuħin tal-verifiki mgħoddi-jin; jilqa' b'mod partikolari li f'dak li għandu x'jaqsam mas-segwitu ta' rakkomandazzjonijiet preċedenti mill-IAS, l-awditur intern iwwaluta li r-rakkomandazzjonijiet importanti ħafna kollha ġew adegwament implementati u magħluqin għajr il-waħda dwar il-validazzjoni tas-sistemi ta' kontabilità, li sfat downgraded għal "importanti" kaġun ta' implimentazzjoni parzjali; jistieden, għalhekk, lill-Aġenzija timplimenta bis-sħiħ din ir-rakkomandazzjoni u barra minn hekk tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda;
11. Jinnota, barra minn hekk, li l-IAS wettaq verifika dwar il-websajt u l-komunikazzjoni esterna f'Novembru 2010; jinnota b'mod partikolari li dwar din il-verifika l-IAS qanqlet seba' rakkomandazzjonijiet, li l-ebda waħda minnhom ma tqieset "kritika" imma tnejn tqiesu bħala "importanti ħafna" u kienu marbutin mas-segwent:
 - id-dokumentazzjoni dwar il-ftehim dwar il-livell ta' servizz,
 - l-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika ta' sigurtà;jistieden, għalhekk, lill-Aġenzija timplimenta mill-ewwel dawn iż-żewġ rakkomandazzjonijiet u tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-azzjonijiet meħuda;
12. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti preċedenti ta' kwittanza, kif jingħad fl-Anness ma' din ir-riżoluzzjoni;
13. Jirreferi, f'dan ir-rigward għall-kummenti l-oħra li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-Aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW FIS-SNIN IMGĦODDIJA

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol	2006	2007	2008	2009
Prestazzjoni	n.a.	n.a.	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tagħmel analiżi dijakronika tal-operazzjoni mwettqin f'din is-sena u fis-snin imgħoddija — Jifraħ lill-Aġenzija talli tejbet b'mod konsiderevoli l-ġestjoni finanzjarja tagħha waqt dawn l-aħħar tliet snin; iħeġġeġ lill-Aġenzija biex tkompli timpenja ruħha biex tassigura l-ogħla kwalità f'dak li għandu x'jaqsam mal-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-kontroll baġitarji 	Jistieden lill-Aġenzija li, ftabella li għandha tiġi annessa mar-rapport li jmiss tal-Qorti tal-Awdituri, tippreżenta paragun tal-operazzjonijiet li twettqu matul is-sena li għaliha għandha tingħata l-kwittanza u daww imwettqa matul is-sena finanzjarja preċedenti, sabiex l-awtorità ta' kwittanza tkun tista' tevalwa b'mod aktar effikaċi l-prestazzjoni tal-Aġenzija minn sena għal oħra;
Il-governanza tal-Aġenzija	n.a.	n.a.	<ul style="list-style-type: none"> — Il-kostijiet tal-governanza tal-Aġenzija ma humiex żgħar (Bord ta' Gvernaturi ta' 84 membru li jimpjega persunal ta' 64) 	
Appropriazzjonijiet operattivi trasferiti	Il-prinċipju baġitarju tal-ispeċifikazzjoni ma kienx ġie osservat strettament. (Id-Direttur iffirma l-19-il deċiżjoni għal madwar EUR 880 000 li jawtorizzaw it-trasferimenti baġitarji minn artikolu għal ieħor fil-kapitolu. Kuntrarjament għar-Regolament Finanzjarju, il-Bord tal-Gvernaturi ma rċevix l-informazzjoni rikjesta.	n.a.	<ul style="list-style-type: none"> — Jitlob għall-finijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, li t-tbassir tal-baġit għandu jkun aġġustat ħalli jirrifletti l-ħtiġiet attwali (il-qagħda bħalissa ma taqbilx mal-prinċipju tal-annwalità) 	<ul style="list-style-type: none"> — Jirrikonoxxi li l-Aġenzija rriportat EUR 3 500 000 (47 % tal-appropriazzjonijiet tagħha tal-operazzjonijiet) f'dak li għandu x'jaqsam mal-attivitajiet tal-operazzjonijiet. Jisħaq li din il-qagħda ddewwem l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija u li ma taqbilx mal-prinċipju tal-annwalità, li hu parzjalment dovut għall-multianwalità tal-proġetti importanti — Jistieden lill-Aġenzija tnaqqas ir-rata akbar ta' kanċellazzjoni u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bl-azzjonijiet meħuda
Proċeduri ta' akkwist	n.a.	n.a.	Jistieden lill-Aġenzija ssolvi l-problema tal-użu ta' kuntratt ta' qafas għall-akkwist pubbliku lil hinn mill-valur massimu tiegħu, sabiex jingħata effett lil-liġi tal-baġit Ewropea	

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol	2006	2007	2008	2009
Riżorsi Umani u Verifiki Interni	n.a.	n.a.	<p>Jistieden lill-Aġenzija tieħu l-passi ħalli twettaq 14 mit-33 rakkomandazzjoni magħmulin mis-Servizz Intern tal-Verifika, jinnota li sitta minnhom meqjusin importanti ħafna: jiġifieri, il-ġestjoni tal-istennijiet tal-istakeholders u l-implementazzjoni ta' ċerti standards interni ta' kontroll, ossija dawk li jitrattaw mal-problemi tal-faxxikli individwali, ir-rapport annwali dwar il-kontroll intern u l-promozzjoni tal-proċeduri ta' kontroll intern</p>	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Aġenzija jiddeskrivi l-metodoloġija uttilizzata fil-validazzjoni tas-sistema tagħha ta' kontabilità, jappoġġja l-idea li tkun żviluppata l-kooperazzjoni fi ħdan in-Netwerks Inter Aġenzija tal-Accountants eżistenti ħalli jifasslu rekwiżiti komuni u tkun żviluppata metodoloġija komuni għall-validazzjoni tal-aġenziji tas-sistemi tal-kontabilità — Jinkoraġġixxi lill-Aġenzija tirrevedi l-listi biex tqabbel l-ispeċifitajiet tat-tranżazzjonijiet finanzjarji differenti u tagħmilhom disponibbli għall-persunal — Jistieden lill-Aġenzija tiffinalizza l-proċeduri tagħha ta' dokumentazzjoni — Jistieden lill-Aġenzija tipproduċi lista eżawrjenti ta' proċessi ewlenin li għandhom jitqabblu mal-proċeduri rikjesti u li din il-lista tiġi aġġornata sistematikament

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/589/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2062/94 tat-18 ta' Lulju 1994 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0117/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 45.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 216, 20.8.1994, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010

(2012/590/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7—0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, il-Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li stabilixxa l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi Euratom ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħhom,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0131/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur-Ġenerali tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur-Ġenerali tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 6.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit għall-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7—0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li stabilixxa l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi Euratom ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħhom,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0131/2012),
- A. billi, skont id-Deċiżjoni 2008/114/KE, il-Euratom ("l-Aġenzija"), għall-Forniment tal-Euratom stabilita fil-Lussemburgu fl-1958, għandha Statuti ġodda u saret Aġenzija,
- B. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li l-operazzjonijiet koperti bihom huma legali u regolari,
- C. billi l-Qorti tal-Awdituri wkoll saħqet fir-rapport tagħha għas-sena finanzjarja 2010 dwar in-nuqqas ta' ottemperanza fl-Istatuti tal-Aġenzija mat-termini tal-Artikolu 54 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
1. Jieħu nota li fl-2010 l-Aġenzija ma rċeviet l-ebda sussidju għall-finanzjament tal-attivitajiet operattivi tagħha u li l-Kummissjoni tgħabbiet bl-ispejjeż kollha mġarrba minnha fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2010; jinnota li din is-sitwazzjoni ilha mill-ħolqien tal-Aġenzija fl-2008;
 2. Jinnota li fl-assenza ta' baġit awtonomu, l-Aġenzija ġiet integrata de facto fil-Kummissjoni u li din is-sitwazzjoni ma tikkonformax mal-Istatuti tagħha;

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 6.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3. Jinnota, b'dana kollu, li b'itra tal-31 ta' Marzu 2011 id-Direttur Ġenerali jirrikonoxxi l-problema msemmiya u jagħti dettalji dwar l-azzjonijiet li ttieħdu kif mitlub mill-awtorità ta' kwittanza; jinnota, b'mod partikolari li, biex tkun riżolta din is-sitwazzjoni, għandu jintlaħaq ftehim ħalli jkun propost ir-ristabiliment tal-linja baġitarja speċifika għall-Aġenzija fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2012;
4. Jinnota li nhar l-20 ta' April 2011 il-Kummissjoni pproponiet il-linja 32 01 06 ħalli l-Aġenzija tkun ikkreditata b'EUR 98 000 mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea; iqis li ladarba tkun adottata mill-awtoritajiet baġitarji tal-Unjoni, din tkun tirrappreżenta kisba ewlenija fl-indirizz tat-tħassib kurrenti;
5. Jagħti attenzjoni lir-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti dwar il-kwittanza preċedenti, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
6. Jirreferi, f'dak li għandu x'jaqsam mal-osservazzjoni li jakkumpanja d-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ANNEX

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

Aġenzija tal-Forniment tal-Euratom	2007	2008	2009
Prestazzjoni	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	38,7 % tal-approprijazzjonijiet ġew riportati	Fl-assenza ta' baġit awtonomu, l-Aġenzija tkun de facto integrata fil-Kummissjoni. Din is-sitwazzjoni tqajjem il-kwestjonijiet tal-hteġa taż-żamma tal-Aġenzija fil-forma u organizzazzjoni kurrenti tagħha.	Fl-2009 l-Aġenzija ma rċeviet l-ebda sussidju biex tkopri bihom l-operazzjonijiet tagħha u li l-Kummissjoni sostniet l-ispejjeż kollha inkorsi mill-Aġenzija għall-implementazzjoni tal-baġit tal-2009. L-Aġenzija hija integrata <i>de facto</i> fil-Kummissjoni.
Riżorsi Umani	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Jirrikonoxxi li, skont it-termini tal-Artikolu 3 tal-Istatuti tagħha, l-Aġenzija għażlet l-awditur intern tagħha, li beda jaqdi dmirijietu mhux qabel l-1 ta' Lulju 2009
Il-Verifika Interna	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010

(2012/591/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/114/KE, il-Euratom tat-12 ta' Frar 2008 li stabilixxa l-Istatuti tal-Aġenzija Fornitriċi Euratom ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tagħhom,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li japplika għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u partikolarment għall-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0131/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur-Ġenerali tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 6.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 41, 15.2.2008, p. 15.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010

(2012/592/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7—0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarjiet Soċjali (A7-0116/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 150.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7—0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0116/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri sŕarret li kisbet assigurarazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li t-transazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ikkonċeda lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, inter alia:
- stieden lill-Fondazzjoni tressaq provi tad-deċiżjonijiet tagħha fir-rigward tal-għażla tal-istaff (pereżempju provi li kien għe stabbilit limitu minimu fir-rigward tal-kandidati fil-bidu tal-proċess ta' reklutaġġ) bil-għan li tiġi ggarantita t-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 150.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 210.

- stieden lill-Fondazzjoni tiżgura li l-appropriazzjonijiet ikunu disponibbli biss meta jkun intlaqa' d-dħul assenjat korrispondenti,
 - innota li l-Qorti tal-Awdituri kellha bilfors tikkummenta dwar id-dikjarazzjoni baġitarja u finanzjarja tal-Fondazzjoni li kien fiha nuqqasijiet serji, li kienu juru dgħufijiet fl-organizzazzjoni finanzjarja tagħha,
- C. billi l-baġit ġenerali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010 kien ta' EUR 20 900 000, li jirrappreżenta żieda ta' 3,4 % fuq is-sena finanzjarja 2009; billi l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kienet ta' EUR 19 067 159 meta mqabbla ma' EUR 19 450 000 fl-2009 ⁽¹⁾, li tirrappreżenta żieda ta' 0,97 %,

Segwitu tal-kummenti tal-2009 tal-Qorti tal-Awdituri

1. Jirrikonoxxi mir-Rapport Annwali tal-Attività (RAA) tiegħu li l-Fondazzjoni daħlet għall-impenji u l-azzjonijiet li jidhru hawn taħt wara l-osservazzjonijiet tal-2009 tal-Qorti tal-Awdituri:
 - il-Fondazzjoni impenjat ruħha li tagħti attenzjoni aktar mill-qrib lill-fatt li, fil-ġejjieni, l-appropriazzjonijiet għandhom isiru disponibbli biss meta jkun intlaqa' d-dħul assenjat korrispondenti;
 - il-Fondazzjoni impenjat ruħha li ttejjeb b'mod sostanzjali l-isforzi għall-għeluq tal-kontijiet tal-2010 permezz ta' taħriġ u riżorsi addizzjonali; ġie assigurat li l-iskadenzi kollha ġew rispettati fir-rigward tal-kontijiet tal-2010 u li ma nstabu l-ebda dgħufijiet maġġuri fil-kontijiet proviżorji tal-2010;
 - ir-Reġistru tal-Eċċezzjonijiet li kien nieqes ġie implimentat fl-1 ta' Lulju 2010;
 - għall-proċeduri tal-għażla tal-istaff ma nstabu l-ebda provi li l-limiti minimi li l-kandidati kellhom jissodisfaw biex jiġu mistiedna għall-intervisti u biex jiffurmaw parti mil-lista ta' riserva ġew stabbiliti qabel ma ġew eżaminati l-applikazzjonijiet; il-Fondazzjoni issa inkludiet il-limiti minimi fir-rapporti tal-Kumitat tal-Għażla tagħha;
 - il-Fondazzjoni ħadet miżuri biex tkompli ssaħħaħ aktar il-proċeduri ta' evalwazzjoni u ta' rieżami fi sforz biex tevita li fil-ġejjieni jsiru xi żbalji fil-proċedura tal-akkwisti;
2. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tikkonferma lill-awtorità tal-kwittanza li dawn l-azzjonijiet u l-impenji huma biżżejjed biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet li nstabu fil-Fondazzjoni mill-Qorti fl-2009;

Il-baġit u l-ġestjoni finanzjarja

3. Ifakkar li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni lill-Aġenzija għall-2010 ammontat għal EUR 19 067 159; josserva madankollu li ma' din il-kontribuzzjoni żdied l-ammont ta' EUR 762 841, li ġie mill-irkupru tal-bilanċ favur u li, konsegwentement, lill-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni għabha tilħaq l-ammont ta' EUR 19 830 000 għall-2010;
4. Jieħu nota mill-entrati li hemm fil-Kontijiet Annwali tagħha li l-Fondazzjoni ppubblikat baġit emendat li jammonta għal total ta' EUR 20 848 000 meta kien qorob sew tmiem is-sena 2010; jiddispaċiħ minħabba n-nuqqas għalkollox ta' tagħrif mill-Aġenzija dwar ir-raġunijiet għal dawn it-tibdiliet; jistieden lill-Aġenzija tirrimedja s-sitwazzjoni u tgħarraf lill-awtorità tal-kwittanza b'din il-kwistjoni;
5. Jinnota mir-RAA tagħha li l-Fondazzjoni kellha rata ta' eżekuzzjoni ta' 98 % fdawk li huma approprijazzjonijiet impenjati; jinnota b'mod partikolari mill-Kontijiet Annwali li r-rata ta' utilizzazzjoni tal-Fondazzjoni taħt it-Titolu I (Spejjeż tal-persunal), it-Titolu II (Amministrazzjoni) u t-Titolu III (Spejjeż operattivi) kienet ta' 99,8 %, 95,1 % u 96 % rispettivament;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 505.

6. Jistabbilixxi mill-Kontijiet Annwali tal-Fondazzjoni li l-utilizzazzjoni tal-appropriazzjonijiet li ġew ittrasferiti mill-2009 għall-2010 kienet telgħet għal-96,1 % f'dawk li huma ħlasijiet meta mqabbla ma' 94,2 % fl-2009;

Riżorsi Umani

7. Josserva mir-RAA tal-Fondazzjoni li l-persentaġġ tal-postijiet tal-personal mimlija, 91 %, kien ittejjeb fl-2010 meta mqabbel mal-2009 (78 %);

Prestazzjoni

8. Jenfasizza li l-attività prinċipali tal-Fondazzjoni hi li tikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' kondizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol aħjar billi żżid u xxerred l-għarfien rilevanti għal dan is-suġġett permezz ta' networks u sħarriġ; josserva li 68 % tal-persunal tal-Fondazzjoni huwa allokat għal dawn l-attivitajiet operattivi filwaqt li l-bqija tal-istaff huwa allokat għal kompiti amministrattivi; iqis għalhekk li huwa ta' importanza kbira li l-awtorità tal-kwittanza tivvaluta l-effiċjenza u l-effikaċja tal-proċess ta' mmaniġġjar tal-istħarriġ fil-Fondazzjoni;

9. Jinnota b'mod partikolari li fl-2010 l-Fondazzjoni daħlet għall-attivitajiet li ġejjin fi ħdan in-Netwerk tagħha ta' Osservatorji Ewropej u sħarriġ:

— fi ħdan l-Osservatorju Ewropew tar-Relazzjonijiet Industrijali (EIRO): ġew miżjuda 357 aġġornament tal-informazzjoni; ħames studji ta' rappreżentattività; aġġornamenti annwali dwar salarji u ħinijiet tax-xogħol u azzjoni industrijali; rieżami annwali dwar ir-relazzjonijiet industrijali; sitt rapporti analitiċi komparattivi;

— fi ħdan l-Osservatorju Ewropew tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol (EWCO) tiegħu: ġew miżjuda 107 aġġornament tal-informazzjoni; sitt rapporti analitiċi komparattivi dwar il-promozzjoni professjonali tal-ħaddiema migranti u dawk li jaħdmu għal rashom;

— fi ħdan il-Monitur Ewropew tar-Ristrutturazzjoni (ERM) tiegħu: ġew miżjuda 1 258 skeda informativa tar-ristrutturazzjoni; erba' rapporti analitiċi komparattivi;

— fi ħdan it-tieni Sħarriġ Ewropew tiegħu fuq il-Kwalità tal-Għajxien: rapport ta' analiżi sekondarja dwar il-ħajja tal-familja u x-xogħol;

— fi ħdan it-tielet Sħarriġ Ewropew tiegħu fuq il-Kwalità tal-Għajxien: tħejjija ta' xogħol fuq il-post;

— fi ħdan il-ħames Sħarriġ Ewropew tiegħu fuq il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol: xogħol fuq il-post b'44 000 intervista f'34 pajjiż: pubblikazzjoni tal-fatti preliminari li nstabu (sintesi);

— fi ħdan l-Istħarriġ Ewropew tagħha fuq il-Kumpaniji: ġie ppubblikat rapport li jagħti deskrizzjoni qasira, analiżi sekondarja dwar il-profilu tal-flessibilità tal-kumpaniji u dwar ix-xogħol part-time;

10. Iħeġġeġ lill-Fondazzjoni tirreġistra d-deċiżjonijiet kollha tal-Bord ta' Tmexxija dwar l-istħarriġ peress li l-effiċjenza u l-effikaċja fl-ikkomunikar ta' dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jiġu affettwati fin-nuqqas ta' standards xierqa għad-dokumentazzjoni tad-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu; jagħraf il-fatt, b'mod partikolari, li l-Fondazzjoni hija defiċjenti f'dan ir-rigward u li l-President tal-Bord ta' Tmexxija mhux neċessarjament jiffirma d-deċiżjonijiet u jniżżel fuqhom id-data meta jkunu ttieħdu;

11. Jinnota, barra minn hekk, li l-Kumitati Konsultattivi tal-Fondazzjoni, li huma responsabbli għall-Bord ta' Tmexxija fejn jikkontribwixxu għall-fażi tat-tħejjija u għall-fażi tal-evalwazzjoni tal-istħarriġ, la għandhom Termini ta' Referenza u l-anqas Regoli ta' Proċedura għall-organizzazzjoni tal-laqqhat tagħhom; iqis li dawn id-defiċjenzi jistgħu jwasslu biex ir-rwoli u r-responsabilitajiet tal-Kumitati Konsultattivi jiġu mifhuma ħażin u din is-sitwazzjoni jkollha effetti detrimental fuq it-tħejjija tal-istħarriġ; jistieden għalhekk lill-Fondazzjoni tindirizza din is-sitwazzjoni u tgħarraf lill-awtorità tal-kwittanza bil-miżuri meħuda f'dan ir-rigward;

12. Jistieden ukoll lill-Fondazzjoni tistabbilixxi proċeduri bil-miktub li jiddeskrivu l-attivitajiet ewlenin tagħha; jenfasizza li din il-ħaġa tista' tgħin lill-Fondazzjoni tuża r-riżorsi tagħha b'mod effikaċi u tidentifika d-dgħufijiet li jista' jkun hemm;
13. Jinnota, madankollu, l-isforzi magħmula mill-Fondazzjoni biex issaħħaħ il-miżuri ta' kontroll ħalli ttejjeb il-kwalità tal-istħarriġ tagħha; jinnota, b'mod partikolari, li l-persunal tagħha jżur xi ffit pajjiżi fejn isir l-istħarriġ biex jivvaluta kif il-kuntratturi jmessu l-intervisti u l-persunal tagħha jittestja l-kwestjonarju li jintuża biex jitmexxa l-istħarriġ billi f'xi pajjiżi jwettaq intervisti konoxxittivi fuq għadd limitat ta' elementi mill-kampjun;

Verifika interna

14. Jinnota li, minn Frar 2010 'l quddiem, id-Deputat Direttur tal-Fondazzjoni jwettaq ir-rwol ta' Koordinatur tal-Kontroll Intern; jieħu nota li l-pjan ta' ħidma annwali għall-kontroll intern huwa mmoniterjat f'laqgħat li jsiru kull tliet xhur tal-Kumitat għall-Kontroll Intern mal-Kap tal-Amministrazzjoni, il-Kap tar-Riżorsi Umani u l-Kap tal-Operazzjonijiet;
15. Jirrikonoxxi mir-RAA tal-Fondazzjoni li l-attivitajiet ta' verifika interna fl-2010 kienu mibnija fuq il-pjan ta' verifika strateġiku tal-2009-2011 li huwa bbażat fuq il-valutazzjoni tar-riskju tal-2008; jinnota wkoll li valutazzjoni tar-riskju ġdida twettqet fi Frar 2011 u rriżultat fi pjan ta' verifika strateġiku ġdid għall-2011-2013 bis-suġġetti li ġejjin:
 - Il-Verifika fuq il-Ġestjoni tal-Istħarriġ — it-tieni fażi (2011),
 - Ir-Rappurtar/L-Elementi Fundamentali tal-Assigurazzjoni (2012);
16. Jinnota, barra minn hekk, li għall-2012–2013 is-suġġetti prospettivi huma:
 - Il-Ġestjoni tar-Riżorsi Umani: Ir-Reklutaġġ, it-Taħriġ, il-Valutazzjoni u s-Sistema ta' Promozzjonijiet,
 - Il-Ġestjoni tal-Kwalità tal-Prodotti/Ir-Relazzjonijiet mal-Klijenti/Il-Ġestjoni tar-Relazzjonijiet tal-Partijiet Interessati,
 - Il-Ġestjoni tad-Dokumenti,
 - Il-Ġestjoni tal-Laqgħat;
17. Jinnota li s-Servizz tal-Awditjar Intern (SAI) ippjana li fl-2010 jwettaq verifika fuq il-ġestjoni tal-istħarriġ min-naħa tal-Fondazzjoni; jinsab imħasseb li minħabba d-disponibilità limitata ta' persunal essenzjali tal-Fondazzjoni waqt li tkun għaddejja l-verifika u d-dokumentazzjoni inkompleta tal-ġestjoni tal-istħarriġ, is-SAI ma kienx jista' jiġbor evidenza biżżejjed tal-ivverifikar fir-rigward ta' xi moduli tal-parametri bbażati fuq ir-riskju; jinnota, madankollu, li fażi addizzjonali ta' din il-verifika tmexxiet fil-bidu tas-sena 2011 u li r-riżultati se jiġu ppreżentati fir-rapport annwali tal-awditjar intern għall-2011; jistieden lill-Fondazzjoni tagħti dan ir-rapport lill-awtorità tal-kwittanza b'mod li jkun f'waqtu;
18. Jinsab imħasseb li r-rakkomandazzjoni tas-SAI dwar il-validazzjoni tas-Sistemi ta' Kontabilità iddewmet ma nġhatat; jinnota b'mod partikolari li din ir-rakkomandazzjoni hija meqjusa mis-SAI bħala waħda "kritika"; ihegġegħ lill-Fondazzjoni, għalhekk, tieħu passi minnufih f'dan ir-rigward u tgħarraf lill-awtorità tal-kwittanza bil-miżuri li jkunu ttieħdu biex jiġi rrimedjat dan in-nuqqas;
19. Jistabbilixxi li ħames rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna" tas-SAI kienu għadhom miftuħa fi tmiem is-sena 2010; jinnota li dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma relatati mal-ħtieġa li:
 - tiġi ddokumentata l-proċedura għall-ġestjoni tal-istħarriġ;
 - jiġi żgurat li t-tagħrif għall-ippjanar tal-istħarriġ huwa eżatt u ta' kwalità tajba u li l-attivitajiet ippjanati jiġu mmoniterjati;
 - jiġi aġġornat il-manwal tal-proċeduri għall-akkwist u jiġu msaħħa l-konformità u l-prattika tajba;

- jiġu ddokumentati ċ-ċirkwiti finanzjarji;
- tiġi stabbilita metodoloġija tal-kontrolli *ex post*;

jinnota mir-RAA tal-Fondazzjoni li t-tliet rakkomandazzjonijiet “importanti ħafna” fuq il-Ġestjoni Finanzjarja huma rrappurtati li ġew implimentati mill-Fondazzjoni filwaqt li r-Rapport Annwali tal-Awditjar Intern jistabilixxi li qed jesperjenzaw dewmien fir-rigward tal-pjan ta’ azzjoni oriġinali tal-Fondazzjoni; jistieden, għalhekk, lill-Fondazzjoni u lis-SAI jgħarrfu lill-awtorità tal-kwittanza bl-istatus attwali ta’ dawn ir-rakkomandazzjonijiet partikolari;

20. Ihegġegħ lill-Fondazzjoni tindirizza kif jixraq ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mis-SAI u tgħarraf lill-awtorità tal-kwittanza bil-miżuri meħuda f’dan ir-rigward;
21. Josserva, madankollu, fir-RAA tal-Fondazzjoni li wara r-rakkomandazzjoni tas-SAI fuq il-Ġestjoni Finanzjarja fl-2009, il-proċedura għall-verifika *ex post* ġiet eżaminata mill-ġdid u aġġornata b’valutazzjoni tar-riskju għall-ġustifikazzjoni tal-għażla tad-daqs tal-kampjun;
22. Jiġbed l-attenzjoni lejn ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu minn rapporti ta’ kwittanza preċedenti, kif spjegat fl-Anness ta’ din ir-riżoluzzjoni;
23. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkompanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta’ natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta’ Majju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta’ dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TUL IS-SNIN PREĊEDENTI

Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol	2006	2007	2008	2009
Prestazzjoni	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Jistieden lill-Fondazzjoni tħejji analiżi diakronika tal-operazzjonijiet imwettqa din is-sena u fis-snin preċedenti, b'mod simili għall-analiżijiet <i>ex post</i> li twettqu fis-snin preċedenti	<ul style="list-style-type: none"> — Jinkoraġġixxi lill-Fondazzjoni tkompli tiżviluppa aktar is-“Sistema ta” Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Eurofound” biex tiżgura li r-riżultati tal-monitoraġġ tagħha tal-prestazzjoni jiġu utilizzati biex jinfurmaw l-għemil tad-deċiżjonijiet u l-ippjanar tal-ġestjoni u li jsir stħarriġ perijodiku bil-għan li tinkiseb ir-reazzjoni tal-udjenzi speċifikati — Jappoġġja r-rakkomandazzjoni tal-evalwaturi esterni biex jiġu ddefiniti aħjar l-udjenzi speċifikati tal-Fondazzjoni fil-livell nazzjonali u biex jiġi stabbilit netwerk ta’ punti fokali bbażat fuq l-awtoritajiet nazzjonali rrappreżentati fuq il-Bord ta’ Tmexxija tiegħu
L-appropriazzjonijiet operazzjonali trasferiti	Ir-rata ta’ implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet għall-impenji tal-2006 kienet ta’ aktar minn 97 %. Ir-rati ta’ trasferiment kienu ta’ 43 % għall-attivitajiet operazzjonali. B’hekk, il-prinċipju baġitarju tal-annwalità ma kienx osservat strettament	mhux applikabbli	Il-Fondazzjoni jmissha tieħu azzjoni biex tipprevjeni li jkun hemm nuqqasijiet fl-ippjanar u fil-programmazzjoni, bil-għan li twettaq il-prinċipju tal-annwalità	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Fondazzjoni tiżgura li l-appropriazzjonijiet ikunu disponibbli biss meta jkun intlaqa’ d-dħul assenjat korrispondenti — Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri kellha bilfors tikkummenta dwar id-dikjarazzjoni baġitarja u finanzjarja tal-Fondazzjoni li kien fiha nuqqasijiet serji, li kienu juru dgħufijiet fl-organizzazzjoni finanzjarja tal-Fondazzjoni
Trasferimenti tal-baġit mingħajr evidenza dokumentata	mhux applikabbli	mhux applikabbli	It-trasferimenti tal-baġit ma kinux iġġustifikati kif jixraq	mhux applikabbli
Proċeduri ta’ akkwist	mhux applikabbli	Anomaliji rigward il-proċedura tal-evalwazzjoni finanzjarja u l-kriterji tal-għażla li ma jippermettux it-twettiq xieraq tal-evalwazzjoni tal-kapaċità finali tal-kandidati	Jistieden lill-Fondazzjoni tieħu passi biex ittejjeb il-monitoraġġ tal-kuntratti tagħha u l-ipprogrammar tal-proċeduri ta’ akkwist tagħha	Jistieden lill-Fondazzjoni tieħu passi biex ittejjeb il-proċedura tagħha ta’ evalwazzjoni u ta’ rieżami biex tiġi evitata r-ripetizzjoni tal-iżbalji fil-proċedura ta’ akkwist tagħha fil-ġejjieni

Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol	2006	2007	2008	2009
Riżorsi Umani	Il-proċedura ta' reklutaġġ mhijiex trasparenti u nondiskriminatorja għalkollox	Il-proċedura ta' reklutaġġ mhijiex trasparenti u nondiskriminatorja għalkollox	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Fondazzjoni tieħu passi biex tagħmel provvedimenti aħjar minn qabel għat-tluq ta' membri essenzjali tal-persunal; tniżżel bil-miktub il-għadd ta' membri tal-persunali fir-rapport tal-attività b'mod trasparenti; — Saret ħidma li ġabet għadd ta' titjibiet fil-proċeduri tar-reklutaġġ tal-Fondazzjoni 	Jistieden lill-Fondazzjoni tipprovdi evidenza tad-deċizzjonijiet tal-għażla tal-persunal tagħha biex tiggarantixxi t-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ. Iħeġġeġ lill-Fondazzjoni tirrimedja s-sitwazzjoni rapidament u tgħarraf lill-awtorità tal-kwittanza fir-rigward il-progress li jkun sar.
Verifika Interna	Jitlob għal titjib tal-ġestjoni finanzjarja: jiġifieri żewġ kuntratti ma tħallsux mill-baġit tas-sena relatata	— Jitlob għal titjib tal-ġestjoni finanzjarja: jiġifieri taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) li tammonta għal EUR 376 611 u li setgħet tiġi rkuprata għas-sena finanzjarja 2007 ma ġietx mitluba lura sa tmiem is-sena	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Fondazzjoni tieħu passi biex ittejjeb ir-rendikontijiet finanzjarji tagħha — Jistieden lill-Fondazzjoni tieħu passi biex twettaq 28 minn 54 rakkomandazzjoni magħmula mis-Servizz tal-Awditjar Intern → jiġifieri tistabbilixxi l-istandards tal-kontroll intern; biex issegwi l-implimentazzjoni tal-istandards tal-kontroll intern oħra; biex tintroduċi sistema ta' ppjanar u monitoraġġ effikaċi 	<ul style="list-style-type: none"> — Ġew implimentati 2 mit-8 rakkomandazzjonijiet tas-SAI — Iħeġġeġ lill-Fondazzjoni timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-Ġestjoni Finanzjarja tas-SAI mingħajr dewmien u tgħarraf lill-awtorità tal-kwittanza bil-progress li jkun sar f'dan ir-rigward

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/593/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Fondazzjoni ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1365/75 tas-26 ta' Mejju 1975 dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0116/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 150.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 139, 30.5.1975, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010

(2012/594/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Eurojust ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tagħha,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0128/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 140.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Eurojust ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-ġlieda kontra l-kriminalità serja ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tagħha,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0128/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri affermat li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li l-operazzjonijiet li jaqgħu taħtom huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
 - talab lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-passi meħuda biex jiġi evitat ir-riport tal-approprijazzjonijiet;
 - esprima tħassib dwar il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri kienet għal darba oħra nnutat nuqqasijiet fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' reklutaġġ; innota b'mod partikolari li l-livell ta' karigi battala (24 %) kien għadu għoli wisq, għalkemm inqas milli kien fl-2008 (26 %) u fl-2007 (33 %);

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 140.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 215.

— talab lill-Aġenzija tieħu azzjoni immedjata biex ittejjeb il-proċedura ta' reklutaġġ, tnaqqas in-numru ta' persunal interim, tirristruttura l-Unità għar-Riżorsi Umani, tiżviluppa pjan ta' ġestjoni tar-riżorsi umani, issaħħaħ il-monitoraġġ tal-attivitajiet tar-riżorsi umani u terġa' teżamina l-kontenut tar-reġistru tal-eċċezzjonijiet;

- C. billi l-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010 kien ta' EUR 32 300 000, li jfisser żieda ta' 14,5 % fuq is-sena finanzjarja 2009,
- D. billi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kienet ta' EUR 30 163 220 meta mqabbla ma' EUR 24 799 400 fl-2009 ⁽¹⁾, li jfisser żieda ta' 21,62 %,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota mir-Rapport Annwali tal-Attività (AAR) li l-Aġenzija eżegwiet 97,8 % tal-appropriazzjonijiet għall-impenji tagħha mill-baġit operattiv fl-2010; jinnota b'mod partikolari li meta mqabbel mal-2009 il-baġit eżegwiet żdied bi:
- 18,6 % fit-Titolu I (Infiq għall-persunal);
 - 6 % fit-Titolu II (Amministrazzjoni);
 - 34 % fit-Titolu III (Infiq operattiv);
2. Jirrikonoxxi li l-Aġenzija nġhatat EUR 2 159 000 mill-Kummissjoni għal parteċipazzjoni fi programmi tal-ġustizzja kriminali (Timijiet Konġunti ta' Investigazzjoni) u rċeviet 95 % ta' dan l-ammont fl-2010;

Trasferimenti u riporti ta' appropriazzjonijiet

3. Jistabbilixxi mill-AAR li saru sitt trasferimenti baġitarji fl-2010;
4. Jaċċerta mill-AAR li r-riporti awtomatiċi tal-appropriazzjonijiet għall-impenji (esklużi l-għotjiet) żdiedu minn 16 % fl-2009 għal 20 % fl-2010 b'total ta' EUR 6 100 000 fl-2010;
5. Jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-passi meħuda biex jiġi evitat ir-riport tal-appropriazzjonijiet; jinsab imħasseb b'mod partikolari dwar ir-riporti eċċessivi fit-Titolu III, li ammontaw għal 38 % tal-baġit totali tat-Titolu III, u jenfasizza li dan in-nuqqas ġie enfasizzat mill-Qorti tal-Awdituri għal bosta snin;
6. Jiddispijaċih għal-livell għoli ta' nefqa operattiva riportata għall-2011; jieħu nota tat-tweġiba tal-Aġenzija li dan kien l-aktar minħabba l-proġett ta' Rieżami tal-Istruttura Organizzattiva, infrastruttura ġdida tal-kompjuter u l-ispejjeż relatati mal-ipproċessar tad-data; jilqa' l-miżuri li l-Aġenzija se tieħu fl-2012, speċjalment l-istabbiliment ta' pjanijiet speċifiċi ta' akkwist għal kull unità; jistieden lill-Aġenzija timplimenta dawk il-miżuri mingħajr aktar dewmien; jilqa' l-garanzija li l-awtorizzazzjonijiet u l-impenji meħtieġa għall-akkwisti se jingħataw kemm jista' jkun bikri fis-sena, u jistieden lill-Aġenzija taderixxi ma' din il-garanzija;

Il-proċeduri ta' akkwist

7. Jirrikonoxxi mill-AAR li fl-2010 tlestew disa' proċeduri miftuħa, seba' proċeduri nnegożjati, tliet proċeduri interistituzzjonali u proċedura waħda konġunta ma' organizzazzjoni internazzjonali u li dawn wasslu għal 29 kuntratt ġdid;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 1052.

8. Jirrikonoxxi l-kummenti tal-Qorti tal-Awdituri li f'każ wieħed il-kumitat ta' valutazzjoni naqas milli japplika l-fatturi ta' korrezzjoni ppubblikati fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta; jitlob għalhekk lill-Aġenzija tevita żbalji simili oħra u tiżgura li l-istandards tal-kwalità tal-proċedura użata għall-offerta jiġu rispettati;

Ir-Reġistru tal-Eċċezzjonijiet

9. Jistabbilixxi mill-AAR li fl-2010 ddaħħlu sitt deċiżjonijiet ġodda ta' eċċezzjoni fir-Reġistru ta' Eċċezzjonijiet, li minnhom erba' kienu jikkonċernaw kwistjonijiet Baġitarji, Finanzjarji u tal-Akkwist Pubbliku u tnejn kienu jikkonċernaw kwistjonijiet ta' Riżorsi Umani;
10. Jinnota b'mod partikolari li fir-rigward ta' kwistjonijiet Baġitarji, Finanzjarji u tal-Akkwist Pubbliku, l-erba' eċċezzjonijiet kienu rispettivament relatati:

— mad-delega tad-dritt li jsiru trasferimenti skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament Finanzjarju tal-Eurojust;

— mal-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju tal-Eurojust, mal-għoti ta' għotja mill-Eurojust — Network Ġudizzjarju Ewropew u mal-fatt li l-eċċezzjoni skadiet fil-31 ta' Diċembru 2010;

— mal-estensjoni ta' kuntratt li kellu jitwaqqaf, kif fil-fatt twaqqaf fis-27 ta' Diċembru 2010 bil-firma ta' kuntratt ġdid wara t-tlestija ta' proċedura ta' offerta;

— maż-żieda tal-ammont allokat ta' deċiżjoni ta' għoti tal-2008 (fl-2008);

jitlob lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-istatus taż-żewġ eċċezzjonijiet, li kienu għadhom għaddejnin fl-aħħar tal-2010;

11. Jinnota, fir-rigward tar-Riżorsi Umani, li ż-żewġ eċċezzjonijiet kienu relatati:

— mal-estensjoni tal-ħatra ta' membru tal-persunal, li permezz tagħha dak il-membru tal-persunal kompli temporanjament jokkupa l-kariga ta' Kap ta' Unità;

— mat-trasferiment temporanju ta' membru tal-persunal fl-interess tas-servizz skont l-Artikolu 7 tar-Regolamenti tal-Persunal;

Jirrikonoxxi d-dikjarazzjoni tal-Aġenzija li ż-żewġ sitwazzjonijiet intemmu fil-15 ta' Ottubru 2010;

Ir-Riżorsi Umani

12. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri għal darba oħra osservat nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' reklutaġġ; jinnota b'mod partikolari li l-livell ta' karigi battala (13 %) għadu għoli wisq, għalkemm inqas milli kien fl-2009 (24 %), fl-2008 (26 %) u fl-2007 (33 %); jitlob għalhekk lill-Aġenzija tistabbilixxi pjan ta' azzjoni komprensiv dwar ir-reklutaġġ biex tnaqqas b'mod sinifikanti r-rata ta' karigi battala u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar dan;
13. Jirrikonoxxi l-kumment tal-Qorti tal-Awdituri li, minkejja l-fatt li r-reklutaġġ ma jstax isir minn listi ta' riżerva skaduti, fl-2010 ġie rreklutat uffiċjal bl-użu ta' lista ta' riżerva li kienet skadiet f'Jannar 2009 u li l-estensjoni tagħha ma kinitx ġiet aċċettata; jitlob lill-Aġenzija tiżgura li d-deċiżjonijiet kollha rigward ir-reklutaġġ ikunu ddokumentati kif suppost biex tiġi evitata sitwazzjoni bħal din fil-futur;
14. Jiddeplora dak il-fatt u jistieden lill-Aġenzija timmoniterja mill-qrib il-validità tal-listi kollha ta' riserva biex għar-reklutaġġ biex tevita dawn it-tip ta' żbalji fil-ġejjieni; jilqa' t-tweġiba tal-Aġenzija li l-ħatriet minn listi ta' riserva se jseħħu biss wara li tkun saret verifika tal-adeqwatezza tal-ħatriet individwali;

15. Jitlob lill-Aġenzija żżomm lura minn prattiki bħal dawn u tirrispetta r-regoli tar-reklutaġġ;
16. Jiddeplora l-fatt li l-kumitat ta' evalwazzjoni naqas milli japplika l-koeffiċjenti korrettivi ppubblikati fl-ispeċifikazzjonijiet tal-offerta; jilqa' l-informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija li turi li ttieħdu miżuri li jinkludu l-preżentazzjoni ta' dokumentazzjoni sħiħa lid-Direttur Amministrattiv dwar l-evalwazzjoni sostanzjali u kummerċjali ta' kull akkwist qabel ma jingħata kwalunkwe kuntratt; jilqa' l-impenn tal-Aġenzija li taħdem b'mod ġust, trasparenti u korrett meta tagħti kuntratti, bil-għan li tikkontribwixxi għall-kredibilità finanzjarja tal-organizzazzjoni u jistieden lill-Aġenzija tieħu miżuri biex tiżgura għalkollox li tissodisfa dak l-impenn;

Il-Prestazzjoni

Ir-Rieżami tal-Istruttura Organizzattiva

17. Jinnota mill-AAR li r-Rieżami tal-Istruttura Organizzattiva, li beda fl-2009, kompla fl-2010, u li ġew abbozzati proposta għall-Pjan Multiannwali għall-Politika tal-Persunal 2012-2014 u l-Organigrammi għas-snin 2011 u 2012; jieħu nota wkoll li ġie ppreżentat pjan dettaljat għall-fażi ta' implimentazzjoni minn kumpanija ta' konsulenza sal-aħħar tal-2010 u finalment ġie diskuss u approvat mill-Kulleġġ tal-Aġenzija;

Ir-Rappurtar u l-Analiżi Finanzjarji

18. Jirrikonoxxi d-dikjarazzjoni fl-AAR tal-Aġenzija li l-Baġit tal-Unità tagħha għall-Baġit, il-Finanzi u l-Akkwist Pubbliku introduċa metodu ta' rappurtar u analiżi finanzjarji fil-livell tal-Unità; jifhem li l-Kapijiet tal-Unitajiet issa jirċievu informazzjoni sħiħa dwar l-infiq u l-impenni tagħhom skont il-linja baġitarja u li l-informazzjoni tinħareġ kull xahar u kull tliet xhur, u tipprovi tqabbil mal-baġit għal dik is-sena u għas-sena preċedenti, skont ix-xahar u b'mod kumulattiv;
19. Huwa tal-opinjoni li implimentazzjoni komprensiva ta' dan il-metodu għandha twassal għal ġestjoni baġitarja u finanzjarja aħjar; jitlob lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati konkreti wara l-implimentazzjoni ta' dan il-metodu;

Ir-responsabilitajiet tad-Direttur Amministrattiv

20. Ifakkar li d-Direttur Amministrattiv tal-Aġenzija irid jaġħti rendikont lill-awtorità ta' kwittanza għall-implimentazzjoni tad-dħul u tal-infiq tal-baġit u huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-istruttura organizzattiva, is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll interni u l-proċduri rilevanti għat-tfassil ta' kontijiet finali li jkunu ħielsa minn dikjarazzjonijiet ħżiena materjali, u sabiex jiżgura li l-operazzjonijiet li jaqgħu taħt dawk il-kontijiet ikunu legali u regolari;
21. Jirrikonoxxi, madankollu, il-kumment tal-Qorti tal-Awdituri li d-Direttur Amministrattiv mhuwiex de facto responsabbli għall-maġġoranza tad-deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' kuljum, li jittieħdu mill-Kulleġġ tal-Aġenzija abbażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni kostitwenti tagħha 2002/187/ĠAI; jistieden lill-Aġenzija tindirizza u terġa' teżamina din l-anomalija mill-aktar fis; jirrimarka li, jekk l-ambigwitajiet jippersistu, ir-Regolament il-ġdid dwar l-Aġenzija għandu jindirizza dan in-nuqqas strutturali;
22. Jinnota mill-istqarrija tal-Aġenzija li l-Kulleġġ tagħha m'għandu l-ebda mezzi biex jirridefinixxi r-rwoli u r-responsabilitajiet rispettivi tad-Direttur Amministrattiv u tal-Kulleġġ biex isolvu d-duplikazzjoni tal-obbligu ta' rendikont, iżda li ġew implimentati miżuri biex ikun żgurat li d-Direttur Amministrattiv ikun jista' jaġixxi skont ir-responsabilitajiet tiegħu;

Il-Programm ta' Ħidma Annwali (AWP)

23. Jenfasizza l-importanza li ssir konnessjoni bejn l-indikaturi tal-Aġenzija u l-oġettivi, il-baġit u l-AWP tagħha biex il-partijiet interessati jkunu jistgħu jivvalutaw il-prestazzjoni tal-Aġenzija; ihegġegħ lill-Aġenzija, għalhekk, tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-indikaturi ewlenin stabbiliti mill-Aġenzija u r-rabtiet tagħhom mal-oġettivi, il-baġit u l-AWP tagħha;

24. Iqis li l-proċess intern tal-Aġenzija li jappoġġa l-istabbiliment tal-AWP tagħha għandu impatt sinifikanti fuq l-affidabilità tal-informazzjoni li l-Aġenzija tipprovdi lill-partijiet interessati tagħha u lill-awtorità ta' kwittanza; iħeġġeġ lill-aġenzija, għalhekk, tiżgura konsistenza fl-ippjanar tagħha, proċeduri u linji gwida adegwati, u tipprovdi biżżejjed dokumentazzjoni li tappoġġa l-AWP biex tingħata informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha mwettqa u dwar ir-riżorsi ppjanati skont l-attività;
25. Huwa mħasseb li l-allokazzjoni tar-responsabilitajiet għat-tħejjija u l-adozzjoni tal-AWP mhijiex stipulata fid-Deċiżjoni kostitwenti tagħha 2002/187/ĠAI; iqis li dan jista' joħloq konfużjoni u nuqqas ta' sjieda għat-tħejjija u l-adozzjoni tal-AWP; jitlob għalhekk lill-Aġenzija tindirizza b'mod rapidu dan in-nuqqas u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bl-azzjoni meħuda;
26. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tieħu azzjoni biex tiżgura li l-bażi legali għall-eżekuzzjoni tal-baġit ma tiġix ikkontestata u li l-AWP tagħha jkun sħiħ u jkun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa (jiġifieri l-informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha mwettqa mill-Aġenzija u r-riżorsi ppjanati għal kull attività);
27. Jitlob ukoll lill-aġenzija tistabbilixxi pjan strateġiku multiannwali għall-IT kemm għall-attivitajiet operattivi kif ukoll għal dawk ta' appoġġ;

Il-Verifika Interna

28. Jirrikonoxxi li 12-il rakkomandazzjoni "importanti ħafna" mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) għadhom miftuħa, inklużi tnejn li ġew irrappurtati bħala implimentati mill-Aġenzija, u jistieden lill-IAS tiċċara l-istadju attwali ta' implimentazzjoni tagħhom;
29. Jinnota li għal tmien rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna", l-implimentazzjoni waqgħet lura lil hinn mid-data definita mill-Aġenzija fil-pjan ta' azzjoni oriġinali tagħha; jinnota li d-dewmien huwa aktar minn 12-il xahar fil-każ ta' sitt minnhom, relatati:
 - mar-rieżami tal-kontenut tar-Reġistru tal-Eċċezzjonijiet u l-azzjonijiet korrettivi tiegħu;
 - mal-iżvilupp ta' pjan ta' ġestjoni tar-Riżorsi Umani;
 - mat-tisħiħ tal-monitoraġġ tal-attivitajiet tar-Riżorsi Umani;
 - mat-tnaqqis tan-numru tal-persunal interim;
 - mad-definizzjoni mill-ġdid tal-istruttura tal-Unità għar-Riżorsi Umani;
 - mal-implimentazzjoni ta' għodda integrata tal-IT għar-Riżorsi Umani;
30. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tindirizza kif jixraq ir-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-IAS u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda f'dan ir-rigward;
31. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti dwar il-kwittanza preċedenti, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
32. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkompanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

(1) Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

Eurojust	2006	2007	2008	2009
Il-Prestazzjoni		mhux applikabbli	In-nuqqas ta' indikaturi, id-defiċits fil-kejl tas-sodisfazzjon tal-utenti u n-nuqqas ta' koordinament bejn il-baġit u l-programm ta' ħidma jagħmluha diffiċli li tiġi vvalutata l-prestazzjoni ta' Eurojust	Jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-indikaturi Ewlenin ta' Prestazzjoni u l-konnessjonijiet tagħhom mal-objettivi, mal-baġit u mal-programmi ta' ħidma tal-Aġenzija
Appropjazzjonijiet riportati	Il-prinċipji ta' annwalità u ta' speċifikazzjoni mhumiex osservati b'mod strett: il-ġestjoni tal-baġit uriet numru kbir ta' trasferimenti ta' appropjazzjonijiet bejn il-linji baġitarji u f'ħafna każijiet id-dokumentazzjoni ġustifikattiva ma kinitx dettaljata biżżejjed	Il-prinċipju tal-annwalità ma kienx osservat b'mod strett: kien hemm livelli għolja ta' riporti u dgħufijiet fl-ipprogrammar u fil-monitoraġġ (baġit: EUR 18 900 000; appropjazzjonijiet: EUR 18 000 000; riporti: EUR 5 200 000)	<ul style="list-style-type: none"> — Il-prinċipju tal-annwalità ma kienx osservat b'mod strett: il-livell ta' appropjazzjonijiet riportati mis-sena preċedenti u li mbagħad tħassru (EUR 1 000 000, jew 25% ta' appropjazzjonijiet riportati) kien għoli — Jistieden lill-Kummissjoni żżomm il-pussessi ta' flus tal-Eurojust fl-iktar livell baxx possibbli; Eurojust għandha livell ta' pussessi ta' flus li huwa għoli b'mod permanenti (Diċembru 2008: EUR 4 612 878,47) 	<ul style="list-style-type: none"> — Il-Qorti tal-Awdituri ma tikkumentax dwar il-livell ta' riporti u kanċellazzjonijiet tal-appropjazzjonijiet fl-2009 — Jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bil-passi meħuda biex jiġi evitat li jsir ir-riport tal-appropjazzjonijiet, peress li dan kien kwistjoni kostanti matul il-proċeduri preċedenti ta' kwittanza
Il-proċeduri ta' akkwist	Dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist	Dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist, bħal fis-sentejn preċedenti (jiġifieri l-Aġenzija estendiet il-kuntratti b'mod li jmur kontra r-regoli)	Dgħufijiet fil-proċeduri ta' akkwist, bħal fit-tliet snin preċedenti: fil-parti l-kbira tal-każijiet ta' akkwist l-istima preċedenti tal-valur tas-suq saret qabel ma tnediet il-proċedura; dgħufijiet il-monitoraġġ tal-kuntratti u l-ipprogrammar tal-akkwisti; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-pjan biex tingħeleb din is-sitwazzjoni	Jifraħ lill-Aġenzija talli stabbiliet miżuri biex tagħmel stima tal-valur tas-suq tal-prodotti/servizzi rilevanti qabel ma tibda proċedura ta' akkwist; iqis din l-inizjattiva Prattika importanti li għandha tiġi segwita għal aġenziji oħra; jilqa', barra minn hekk, il-pjan annwali tal-Aġenzija għall-2009 fil-qasam tal-akkwisti, li għen ħafna lill-unitajiet u s-servizzi tal-Aġenzija fil-ġestjoni tal-kuntratti tagħhom; iqis li dawn l-inizjattivi jtejbju l-gwida u l-kontroll tal-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni

Eurojust	2006	2007	2008	2009
Riżorsi Umani	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Dgħufijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ — Tnaqqis fir-rata ta' karigi battala minn 34% fl-aħħar tal-2007 għal 25% fl-aħħar tal-2008 — Nuqqasijiet fl-ippjanar tar-reklutaġġ 	<ul style="list-style-type: none"> — Nuqqasijiet fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' reklutaġġ: 26% tal-karigi għadhom battala — Eurojust ma rrispettatx il-prinċipju ta' speċifikazzjoni — Jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-proċedura l-għdida tagħha għar-reklutaġġ 	<ul style="list-style-type: none"> — Il-Qorti tal-Awdituri tinnotta nuqqasijiet fl-ippjanar u fl-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' reklutaġġ (24% tal-karigi għadhom battala) — Jitlob lill-Aġenzija tistabbilixxi pjan ta' azzjoni komprensiv dwar ir-reklutaġġ biex tnaqqas b'mod sinifikanti r-rata ta' karigi battala u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar dan — Jitlob lill-Aġenzija tnaqqas in-numru ta' persunal temporanju għan-numru rakkomandat mill-IAS — Jesprimi tħassib li l-Qorti tal-Awdituri rappurtat li tlieta minn sitt karigi tal-manġment intermedju fl-Aġenzija mtlew fuq bażi temporanja minn membri "fil-kariga" tal-persunal
Il-Verifika Interna	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<p>Jistieden lill-Aġenzija timplimenta s-26 rakkomandazzjoni li saru mis-Servizz tal-Awditjar Intern; jistieden lill-Aġenzija tapplika mingħajr dewmien ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani: tipprepara fuq perjodu qasir biex timla l-karigi battala; tiddefinixxi mill-għdid l-istruttura tal-Unità għar-Riżorsi Umani; tnaqqas in-numru ta' persunal temporanju; issaħħaħ il-proċedura tar-reklutaġġ; tadotta r-regoli implimentattivi għall-iżvilupp professjonali; tiżgura l-indipendenza tal-membri tal-Bord tal-Għażla; u tiżgura li l-proċeduri tal-akkwist pubbliku jiġu implimentati kif suppost</p>	<p>Jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza bir-raġunijiet għad-dewmien fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li saru mill-IAS fil-31 ta' Diċembru 2008 u tiegħu azzjoni immedjata biex ittejjeb il-proċedura ta' reklutaġġ, tnaqqas in-numru ta' staff interim, tirristruttura l-unità tar-riżorsi umani, tiżviluppa pjan ta' ġestjoni tar-riżorsi umani, issaħħaħ il-monitoraġġ tal-attivajiet tar-riżorsi umani u teżamina mill-għdid il-kontenut tar-reġistru tal-eċċezzjonijiet</p>

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW
tal-10 ta' Mejju 2012
dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010
(2012/595/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Eurojust ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi Eurojust bil-għan li tiġi msaħħa l-għlieda kontra l-kriminalità serja ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tagħha,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0128/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Amministrattiv tal-Eurojust, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 140.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 63, 6.3.2002, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/596/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Uffiċċju ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tagħha,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0111/2012),
1. Jagħti lid-Direttur tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn isfel;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 179.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Uffiċċju ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tagħha,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0111/2012),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li l-operazzjonijiet koperti bihom huma legali u regolari,
- B. billi l-baġit globali tal-Aġenzija għas-sena 2010 kien ta' EUR 92 800 000 filwaqt li l-kontribut tal-Unjoni għall-baġit tal-Uffiċċju kien ta' EUR 79 724 150 ⁽⁵⁾,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jiddeplora l-livell għoli ta' approprijazzjonijiet riportati flimkien mal-livell baxx ta' infiq akkumulat; jieħu nota tat-tweġiba tal-Aġenzija li ammont sinifikanti tar-riport kien dovut għall-ġarr tal-Aġenzija lejn il-kwartieri ġenerali l-ġodda tagħha; jilqa' l-miżuri addizzjonali meħuda mill-Aġenzija u l-impenn għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-baġit fuq bażi ta' kull xahar fl-2012, b'fokus partikolari fuq ir-riporti.

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 179.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 1046.

2. Jirrikonoxxi mill-Rapport Annwali tal-Attività (AAR) tiegħu li l-baġit inizjali tal-Uffiċċju għall-2010 kien ta' EUR 80 100 000; jinnota li l-baġit ġie emendat b'madwar EUR 12 700 000 li ġew mill-appropriazzjonijiet riporatati mill-2009 għall-2010 integrati fil-baġit tal-2010, għotjiet mill-Kummissjoni u xi dħul addizzjonali ieħor; jieħu nota tal-osservazzjoni mill-Uffiċċju li r-raġuni għall-emendar tal-baġit inizjali kienet li tkun iffaċilitata t-tranżizzjoni lejn Aġenzija;
3. Jistabbilixxi mir-Rapport Annwali tal-Attività li r-rata globali ta' implementazzjoni tal-Uffiċċju fl-aħħar tal-2010 kienet 98,3 % għall-impenji u 73,6 % għall-pagamenti;
4. Jilqa' l-fatt li, wara t-talba tal-awtorità tal-kwittanza, il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2010 saru disponibbli pubblikament fuq il-websajt tal-Uffiċċju fis-17 ta' Frar 2012; Jenfasizza madankollu li l-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2010 imisshom saru disponibbli pubblikament immedjatament wara l-adozzjoni tagħhom fit-13 ta' Settembru 2011; jistieden, għalhekk, lill-Uffiċċju biex jagħmel dan fil-futur sabiex jippromwovi t-trasparenza tiegħu;

Appropriazzjonijiet riporatati

5. Jistieden lill-Uffiċċju jieħu azzjoni minnufih ħalli jirriduċi l-ammont kbir ta' riporti; jinnota li l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li hemm riporti ta' EUR 22 600 000 li jirrappreżentaw 25 % tal-baġit tal-2010; jinnota wkoll b'diżappunt li r-rata ta' riporti kienet ta' 49 % fit-Titolu II - Infiq Amministrattiv u 59 % fit-Titolu III — Infiq Operattiv;
6. Jinnota li l-breakdown tar-riporti (EUR 22 600 000) kien kif ġej:
 - EUR 11 300 000 għall-infiq marbut mal-kwartieri ġenerali l-ġodda tal-Europol,
 - EUR 1 800 000 marbutin mal-Kapitolu 26 (Artikolu 58(4) Deċiżjoni tal-Kunsill tal-Ewropa — ECD: obligazzjonijiet dwar il-qafas legali preċedenti tal-Europol),
 - EUR 9 500 000 għal infiq ieħor;
7. Iqis li l-livell għoli ta' appropriazzjonijiet riporatati meta mqabbel mal-livell baxx ta' nfiq akkumulat (EUR 2 900 000) huwa eċċessiv u ma jaqbilx mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità;
8. Jinnota, b'dana kollu, li l-ammont sinifikattiv tar-riporti kien dovut għaċ-ċirkostanza unika taċ-ċaqliqa tal-Uffiċċju għall-kwartieri ġenerali tiegħu fl-2011, minħabba fid-dewmien fil-konsenja tal-bini fl-2010;

Riżorsi Umani

9. Josserva mir-Rapport Annwali tal-Attività tal-Uffiċċju li r-rata ta' tbatil f'għeluq is-sena kienet ta' 4,5 % minflok it-2,5 % smat;
10. Jistieden lill-Uffiċċju jadotta r-Regoli ta' Implementazzjoni għar-Regolamenti tal-Persunal (u strumenti internati marbutin) u jħejji qafas ta' taġlim u żvilupp;

Il-prestazzjoni

11. Jilqa' l-fatt li l-Programm ta' Ħidma Annwali tal-Uffiċċju (AWP) huwa allinjat mal-Istrateġija 2010-2014 u fil-indikaturi kjavi ta' prestazzjoni, riskji kritiċi u riżorsi assenjati għal kull objettiv annwali;
12. Jistieden b'dana kollu lill-Uffiċċju jinkludi fl-AWP tiegħu l-informazzjoni dwar il-veduta globali tal-attivitajiet ipplanati ta' akkwist pubbliku ħalli sservi ta' "deċiżjoni ta' finanzjament", kif rikjest mid-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni tar-Regolament għall-Qafas Finanzjarju;

13. Jistieden ukoll lill-Uffiċċju jiffinalizza t-traduzzjoni tal-istqarrija tal-missjoni tiegħu bħala organizzazzjoni f'deskrizzjonijiet konċiżi tar-rwoli u l-oġettivi għad-dipartimenti u l-unitajiet;
14. Jinnotta fir-Rapport tal-Attività Annwali tal-Uffiċċju li l-pjattaforma ta' informazzjoni SIENA 2,0 li tikkonnetti l-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni tal-liġi bdiet taħdem b'suċċess nhar it-22 ta' Ottubru 2010 u li sa għeluq l-2010, 21 Stat Membru kienu konnessi mas-SIENA u l-uffiċċji tal-irkupru tal-beni nazzjonali ta' 8 Stati Membri wkoll kienu konnessi magħha;
15. Jinnotta, barra minn hekk, fir-Rapport ta' Attività Annwali tal-Uffiċċju li mill-31 ta' Diċembru 2010, fuq il-bażi tal-valutazzjoni tal-AWP 2010, sar progress tajjeb ħafna fuq 14 (82 %) mill-oġettivi tal-AWP u progress tajjeb fuq it-tliet oġettivi (18 %) l-oħrajn;
16. Jinnotta wkoll li l-Istrateġija tal-Uffiċċju 2010–2014 u l-Pjan ta' Implementazzjoni tal-Istrateġija kienu adottati mill-Bord tal-Ġestjoni fl-2010;
17. Jirrakkomanda li l-Uffiċċju, għall-iskop tat-tkattir tat-trasparenza, jagħti elenku tal-membri tal-Bord tal-Ġestjoni tiegħu li għandu jinkludi l-isem, id-dikjarazzjoni tal-interess u l-curriculum vitae, flimkien max-xogħol u l-isfond edukattiv tagħhom; Jinnotta b'sodisfazzjon li l-attivitajiet ta' akkwist pubbliku u l-elenu tal-kuntratturi konklużi għall-2010 ġew ippubblikati fil-websajt tal-Uffiċċju;

Awditjar Intern

18. Jirrikonoxxi li s-Servizz ta' Verifika Interna (IAS) wettaq verifika fuq l-implementazzjoni tal-istandards interni ta' kontroll biex jivvaluta l-istatus tal-implementazzjoni tagħhom, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-oqsma tal-missjoni u l-valuri, ir-riżorsi umani, il-proċess ta' ppjanar u ġestjoni tar-riskju, l-operazzjonijiet u l-attivitajiet ta' kontroll, ir-rapportaġġ tal-informazzjoni u l-finanzjament, u l-valutazzjoni u l-verifika;
19. Jinnotta li l-IAS ħarġet ħames rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna" marbutin ma'
 - is-segregazzjoni tal-mansjonijiet,
 - il-kontrolli *ex post*,
 - l-eċċezzjonijiet għall-proċessi,
 - il-pjani tal-kontinwità tan-negozji,
 - il-kontinwità tal-operazzjonijiet;jistieden lill-Uffiċċju jimplementa r-rakkomandazzjonijiet kollha tal-IAS u jinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-azzjonijiet li jkunu ttieħdu;
20. Filwaqt li ġew meqjusal-kumplementaritajiet bejn il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija u l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija, kif ukoll is-sinerġiji potenzjali, jitlob lill-Kummissjoni tħejji valutazzjoni komprensiva tal-impatt rigward il-fużjoni potenzjali ta' dawn iż-żewġ aġenziji filwaqt li tistipula l-ispiża u l-benefiċċji sa mhux aktar tard minn Marzu 2013.
21. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti oħrajn li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-aġenziji tal-UE.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/597/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Uffiċċju ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 43 tagħha,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0111/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 179.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/598/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0122/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 9.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0122/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri stqarret li kisbet garanziji raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ("l-Aġenzija") għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tagħha għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
- ħeġġeġ lill-Aġenzija ttejjeb l-ippjanar baġitarju u ta' reklutaġġ tagħha sabiex tindirizza n-nuqqas ta' konsistenza bejn il-previżjonijiet baġitarji u dawk tal-persunal,
 - stieden lill-Aġenzija tagħmel progress fl-iżgurar ta' evalwazzjoni realistika tas-sejthiet għall-offerti,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 220.

- stieden lill-Aġenzija ssib soluzzjoni għall-erba' rakkomandazzjonijiet li fadal tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS),
- C. billi l-baġit globali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010 kien ta' EUR 20 200 000, li huwa 17,44 % aktar meta mqabbel mal-2009,
- D. billi l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kienet ta' EUR 19 100 000 meta mqabbla ma' EUR 17 000 000 fl-2009 ⁽¹⁾, li tfisser żieda ta' 12,35 %,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Ifakkar li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni lill-Aġenzija għall-2010 ammontat għal EUR 19 100 000; josserva madankollu, li EUR 900 000, li ġejjin mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv, żiedu ma' dan l-ammont u, konsegwentement, il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni laħqet l-ammont ta' EUR 20 000 000;
2. Jirrikonoxxi mir-Rapport tal-Aġenzija dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja li kien hemm żewġ baġits emendatorji tul is-sena finanzjarja 2010 u ammontaw għal EUR 212 010; jinnota, b'mod partikolari, li ż-żewġ baġits emendatorji kellhom żewġ skopijiet:
 - biex jikkunsidraw il-parteċipazzjoni tal-Kroazja fil-ħidma tal-Aġenzija;
 - biex jirrikonoxxu li l-Aġenzija rċeviet terz mill-kera tax-xahar mingħand l-awtoritajiet Awstrijaċi għall-perjodu bejn Jannar u Ġunju 2010;
3. Jinnota mir-Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja li ġew allokati EUR 13 830 000 għal spejjeż amministrattivi filwaqt li EUR 6 170 000 ġew allokati għan-nefqa operattiva; jinnota li dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw żieda ta' 13 % għan-nefqa amministrattiva u żieda ta' 26 % għan-nefqa operattiva meta mqabbla mal-baġit finali tal-2009;
4. Jaċċerta ruħu mill-Aġenzija li r-rata ta' implimentazzjoni tal-kontribut tal-Unjoni segwa dak tas-sena l-oħra u baqa' 100 %, u li r-rata tal-implimentazzjoni tal-baġit f'termini ta' ħlasijiet laħqet 61,65 % fl-2010 meta mqabbla ma' 60,64 % fl-2009; jinnota bi tħassib li taħt it-Titolu III (Nefqa operattiva), ir-rata tal-implimentazzjoni tal-baġit f'termini ta' ħlasijiet laħqet biss 28,08 %; għalhekk jistieden lill-Aġenzija biex tagħmel aktar sforzi u tieħu azzjonijiet xierqa biex tiżgura livell oġhla ta' implimentazzjoni tal-baġit f'termini ta' ħlasijiet, b'mod partikolari taħt it-Titolu III;
5. Jilqa' l-iżvilupp tas-softwer ICT tal-Aġenzija għall-immaniġġjar tal-proġetti (jiġifieri MATRIX) li jikkostitwixxi għodda effettiva meġhuna mill-kompjuter għat-twaqqif ta' pjanijiet ta' proġetti u d-dokumentazzjoni tagħhom b'mod uniformi u għall-implimentazzjoni u l-immaniġġjar ta' proġetti, u li, skont l-awditjar tal-IAS dwar l-ippjanar u l-immonitorjar ta' Marzu 2011, ġie ddikjarat li jikkostitwixxi l-aħjar Prattika u sors ta' saħħa; jilqa' wkoll l-inizjattiva tal-Aġenzija li tgħaqqad MATRIX ma' ABAC, is-sistema baġitarja, sabiex tiġi pprovduta informazzjoni dwar il-livell ta' implimentazzjoni tal-appropriazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet;

Ir-riporti ta' approprjazzjonijiet u trasferimenti

6. Ihegġegħ lill-Aġenzija ttejjeb l-ippjanar implimentattiv baġitarju tagħha sabiex tnaqqas il-livell għoli ta' riporti tagħha (EUR 6 900 000); jinnota b'mod partikolari skont il-Qorti tal-Awdituri li l-Aġenzija impenjat 48 %, jiġifieri EUR 4 600 000, taħt it-Titolu III annwali tagħha (Nefqa operattiva) f'Diċembru 2010; huwa tal-opinjoni li tali konċentrazzjoni ta' nfiq fl-aħħar ġimgħat tas-sena jħalli impatt sinifikanti fuq il-livell ta' riporti u jindika hteġġa ċara li jittejjeb l-ippjanar implimentattiv baġitarju tal-Aġenzija; jinnota mill-Aġenzija li reċentament adottat modulu tal-baġit li għandu jippermettilha tippjana b'mod annwali l-livell ta' trasferimenti tagħha;
7. Jirrikonoxxi madankollu d-dikjarazzjoni tal-Aġenzija, li din ħadet miżuri xierqa (pereżempju ppjanar minn sentejn qabel) għat-titjib fit-tqassim tal-implimentazzjoni tal-baġit tul is-sena, biex b'hekk jiġu evitati konċentrazzjonijiet tul l-aħħar xahar;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 1037.

8. Jaċċerta ruħ mill-Aġenzija li r-rata ta' implimentazzjoni ta' approprjazzjonijiet riportati awtomatikament mill-2009 għall-2010 laħqu 94 % fl-2010, li fisser li EUR 414 633 ma ġewx utilizzati;
9. Jinnota mir-Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja li l-Bord Amministrattiv approva żewġ trasferimenti baġitarji bit-total ta' EUR 2 791 055; jinnota li dawn it-trasferimenti kienu marbuta mal-allokkazzjoni ta' bilanċ pożittiv iġġenerat taħt Titolu I (Nefqa tal-persunal) minħabba dewmien fir-reklutaġġ;
10. Jistabbilixxi mir-Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja, li d-Direttur tal-Aġenzija awtorizza 14-il trasferiment baġitarju bit-total ta' EUR 228 111; jinnota, skont l-Aġenzija, li dawn it-trasferimenti fil-maġġorparti tagħhom huma relatati ma' azzjonijiet korrettivi meħtieġa għall-implimentazzjoni effiċjenti tal-Programm ta' Ħidma Annwali tagħha kif ukoll għan-nefqa amministrattiva;
11. Jinnota bi tħassib l-kumment tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-impenn ta' 48 % tan-nefqa operattiva fl-aħħar xahar tal-2010 u b'konsegwenza, il-livell għoli ta' trasferimenti; jappoġġa l-isforzi tal-Aġenzija biex tevita din is-sitwazzjoni fil-futur, b'mod partikolari billi tippjana l-attivitajiet tagħha sentejn qabel u billi tfassal objettivi tul is-sena fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit; jistieden lill-Aġenzija tiżgura li l-ippjanar baġitarju tagħha jippermetti talbiet ad hoc mill-Parlament; jinnota li ntużaw kważi l-ammonti kollha trasferiti għall-2011, li wasslu għal riżultat finali għall-2010 ta' 98,55 %;
12. Jistieden lill-Aġenzija twettaq il-miżuri meħtieġa biex tiddetermina u ssolvi l-ostakoli ewlenin marbutin man-nefqa baġitarja, finanzjament ta' proġetti, reklutaġġ u ma' restrizzjonijiet legali u amministrattivi, sabiex tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-baġit tagħha;

Ir-riżorsi umani

13. Jinnota mir-Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tagħha li l-Aġenzija affaċċjat diffikultajiet biex tħajjar kandidati sabiex jirrispondu għal sejħiet ta' espressjoni ta' interess għall-pożizzjonijiet ta' Esperti Nazzjonali Sekondari; jinnota b'dispijacer li żewġ kandidati li kellhom suċċess irtiraw l-espressjonijiet ta' interess tagħhom għal sekondar fl-Aġenzija;
14. Jinnota li l-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għandha tkompli tiġi bbażata fuq il-prestazzjoni tagħha matul is-sena.
15. Jinnota bi tħassib li d-dewmien fit-tlestija ta' proċeduri ta' reklutaġġ, fisser li 59 kariga biss minn 72 setgħu jintlew tul l-2010; jistieden lill-Aġenzija tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tevita li din is-sitwazzjoni tirrepeti ruħha; jinnota bi tħassib l-allegazzjonijiet ta' fastidju fil-konfront ta' persunal u l-kawża li nfetħet; jitlob li l-Aġenzija tindirizza dawn l-allegazzjonijiet b'mod xieraq; jistieden lill-Aġenzija tiċċara t-trattament tal-informaturi u tippreżenta rapport bil-miktub lill-Parlament dwar l-applikazzjoni tar-regoli fis-seħħ għall-protezzjoni tagħhom;
16. Jinnota bi tħassib, li tul il-proċedura ta' kwittanza tal-2009, il-Qorti tal-Awdituri diġà kkummentat li l-Aġenzija tista' ttejjeb l-ippjanar baġitarju u ta' reklutaġġ tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tar-rata għolja ta' karigi battala (21 %) u l-volum għoli ta' approprjazzjonijiet trasferiti; itenni li l-Aġenzija għandha tieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex ittejjeb is-sitwazzjoni;

Il-prestazzjoni

17. Jirrikonoxxi mir-Rapport annwali ta' attività tagħha, li l-Aġenzija adottat kodiċi ta' mġiba amministrattiva tajba li, flimkien mar-Regolamenti tal-Persunal, ifittex li jiżgura mġiba etika, jevita kunflitti ta' interess, jimpedixxi l-frodi u jinkoraġġixxi r-rappurtar ta' irregolaritajiet; jinnota barra minn hekk, li jittieħdu miżuri speċifiċi għaż-żieda fl-għarfien u biex jiġu evitati kunflitti ta' interess (dikjarazzjonijiet) waqt proċeduri ta' reklutaġġ u f'bordijiet ta' għażla rigward l-akkwist;
18. Jinnota b'sodisfazzjon, li sabiex jissaħħaħ ulterjorment dan il-kontroll intern, l-Aġenzija timmira li ttejjeb l-applikazzjoni ta' regoli għar-rappurtar ta' irregolaritajiet u l-protezzjoni tal-informaturi u li dan it-tiġib huwa ppjanat li jseħħ fl-2012; jistieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri adottati u implimentati f'dan ir-rigward;

L-awditjar intern

19. Jirrikonoxxi li l-IAS segwa l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li kien għamel fl-2010; jinnota b'mod partikolari li dawk ir-rakkomandazzjonijiet kollha nqas;
20. Jinnota mill-Aġenzija li l-IAS għamel awditjar dwar l-ippjanar u l-immonitorjar f'Marzu 2011 u fformula 11-il rakkomandazzjoni, fejn waħda minnhom ġiet meqjusa bħala "verament importanti", sebgħa "importanti" u tlieta bħala "mixtieqa"; jinnota d-dikjarazzjoni tal-Aġenzija li l-IAS qies li 10 mill-11-il rakkomandazzjoni jridu jiġu implimentati u li l-bqija tar-rakkomandazzjonijiet "importanti" tqiesu li għadhom fil-proċess;
21. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu minn rapporti preċedenti dwar il-kwittanza, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
22. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TUL DAWN L-AĦĦAR SNIN

L-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali	2006	2007	2008	2009
Il-prestazzjoni	mhux applikabbli	— L-Aġenzija għandha timpenja ruħha għal sinerġiji ma' istituzzjonijiet oħrajn attivi fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem	— Obiettivi SMART u indikaturi RACER għandhom jiġu introdotti fil-valutazzjonijiet tal-kisbiet	mhux applikabbli
Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja: il-proċeduri ta' akkwist	— L-Aġenzija ma rrispettatx ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-baġit — Kwistjonijiet fil-ġestjoni baġitarja	— Il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda kien mhedded bil-metodu ta' valutazzjoni ppubblikat dan naqqas l-importanza relattiva tal-kriterju tal-prezz (fl-istennija ta' metodu ta' valutazzjoni ġdid) — Kważi l-appropriazzjonijiet kollha ġew impenjati (EUR 13 900 000 minn EUR 14 200 000)	— Il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda kien mhedded bil-metodu ta' valutazzjoni ppubblikat naqqas l-importanza relattiva tal-kriterju tal-prezz	— Iħeġġeġ lill-Aġenzija ttejjeb l-ippjanar baġitarju u ta' reklutaġġ taġġha sabiex tirrimedja għan-nuqqas ta' konsistenza bejn il-previżjonijiet baġitarji u dawk tal-persunal taġġha — Jistieden lill-Aġenzija taġġmel progress fl-iżgurar ta' valutazzjoni realista tas-sejħiet għall-offerti
Ir-riżorsi umani	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli	mhux applikabbli
L-awditjar intern	mhux applikabbli	mhux applikabbli	— L-Aġenzija ssodisfat ir-rakkomandazzjonijiet kollha magħmula mis-Servizz tal-Awditjar Intern	— Minn disa' rakkomandazzjonijiet tal-IAS, għad fadal erbġħa x'jiġu implimentati mill-Aġenzija

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010

(2012/599/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 —C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jstabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0122/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 9.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 53, 22.2.2007, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/600/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2004 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0133/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jagħti kwittanza rigward l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 39.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni ta' hawn taħt;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex) għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2004 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0133/2012),
- A. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li l-operazzjonijiet li jaqgħu taħtom huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni l-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 39.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 224.

- ihegġegħ lill-Aġenzija ttejjeb il-livell tal-użu tal-appropriazzjonijiet billi tfassal struzzjonijiet adegwati u proċeduri għall-analiżi ta' ammonti potenzjali ta' trasferimenti 'l quddiem li għandhom jtnaqqsu għal ammont minimu ta' appropriazzjonijiet ittrasferit 'il quddiem,
 - wera tħassib minħabba li l-Aġenzija kellha tikkanċella appropriazzjonijiet ta' EUR 13 900 000 għall-2009 u ta' EUR 13 000 000 għall-2008,
 - stieden lill-Aġenzija tippreżenta tqabbil tal-operazzjonijiet li saru matul is-sena li għaliha għandha tingħata l-kwittanza u dawk li saru matul is-sena finanzjarja ta' qabel
- C. billi l-baġit ġenerali tal-Aġenzija għas-sena 2010 kien EUR 93 200 000 li huwa żieda ta' 4,95 % meta mqabbel mas-sena finanzjarja 2009, billi l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għas-sena 2010 kienet EUR 83 000 000 meta mqabbla ma' EUR 78 000 000 fl-2009 ⁽¹⁾, li jirrappreżenta żieda ta' 6,41 %,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Ifakkar li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni lill-Aġenzija għall-2010 ammontat għal EUR 83 000 000; josserva madankollu li EUR 2 550 000, li ġejjin mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv, żiedu ma' dan l-ammont, u għaldaqstant il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni tilħaq l-ammont ta' EUR 85 550 000 għall-2010;
2. Jistabbilixxi mill-adozzjoni definittiva tal-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2010 li skont it-Titolu I (Infiq tal-persunal) u t-Titolu II (Amministrazzjoni), l-appropriazzjonijiet tal-Unjoni għas-sena 2010 ammontaw għal EUR 23 633 000 f'termini tal-impenji u EUR 19 000 000 f'termini ta' ħlasijiet; jinnota wkoll li skont it-Titolu III (Infiq operattiv) l-appropriazzjonijiet kienu jammontaw għal EUR 59 367 000 f'termini ta' impenji u EUR 38 000 000 f'termini ta' ħlasijiet;
3. Jirrikonoxxi mir-Rapport Ġenerali tiegħu li fl-2010 l-Aġenzija kkonsmat 95 % tal-baġit tal-appropriazzjonijiet għall-impenji għad-dispożizzjoni tagħha u li d-differenzi bejn it-titolu kienu limitati, 99 % għat-Titolu I, 80 % għat-Titolu II u 97 % għat-Titolu III;
4. Jistabbilixxi mill-Kontijiet Finali li l-livell ta' ħlasijiet tal-baġit għall-2010 tjeb minn 61 % fl-2009 għal 69 % fl-2010; jinnota, barra minn hekk, mill-Aġenzija li l-livelli tal-ħlasijiet għall-baġit operattiv għall-2010 laħqu 79 % meta mqabbla ma' 65 % fl-2009;

Appropriazzjonijiet riportati

5. Jinsab imħasseb li l-Qorti tal-Awdituri ilha tirrapporta trasferimenti 'il quddiem mill-2006; jinnota b'mod partikolari li għas-sena 2010 ammont ta' EUR 26 500 000, li jirrappreżenta 28 % tal-baġit disponibbli, ġie trasferit 'il quddiem għall-2011 u li EUR 12 000 000 biss minn dan l-ammont kienu jikkorrispondu għal ammonti dovuti. jistieden lill-Aġenzija tressaq informazzjoni lill-awtorità ta' kwittanza sa mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru 2012; jieħu nota tal-ġustifikazzjonijiet mogħtija mill-Aġenzija, jiġifieri l-ħtieġa li tkun żgurata l-kontinwità fl-attivitajiet operazzjonali tal-Aġenzija u l-alkazzjoni tal-fondi għall-użu fl-ewwel kwart tas-sena ta' wara; itenni li l-prattika tar-riport tal-appropriazzjonijiet għandha tiġi limitata strettament u m'għandhiex ixxekkel il-prattiki ta' ġestjoni finanzjarja tajba; jitlob li l-Aġenzija ssegwi l-prinċipju tal-annwalità fil-futur;
6. Jenfassizza għal darba oħra, li livell għoli ta' trasferimenti 'l quddiem u kanċellazzjonijiet huma indikattivi tan-nuqqas ta' kapaċità tal-Aġenzija li tiġġestixxi żieda daqstant kbira fil-baġit tagħha. jistaqsi jekk l-awtorità baġitarja tkunx aktar responsabbli jekk fil-futur turi kawtela meta tkun qegħda tiddeċiedi dwar żidiet fil-baġit tal-Aġenzija, fid-dawl taż-żmien meħtieġ għat-twettiq ta' attivitajiet ġodda. għalhekk jistieden lill-Aġenzija tipprovdi b'dettalji aktar kompluti dwar il-vijabbiltà ta' impenji futuri;
7. Huwa konxju li, minħabba n-natura permanenti jew fit-tul tal-operazzjonijiet konġunti tal-Aġenzija huwa inevitabbli li l-eżekuzzjoni tal-impenji korrispondenti testendi lil hinn minn tmiem is-sena; madankollu, ihegġegħ lill-Aġenzija, biex tibqa' tnaqqas kemm jista' jkun il-volum tal-appropriazzjonijiet trasferiti 'l quddiem billi ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-attivitajiet konġunti sabiex taġġusta l-għotjiet kmieni kemm jista' jkun.
8. Jinnota xi azzjoni fl-2010, dwar ir-reviżjoni tal-Aġenzija tal-hekk imsejħa skedi REM (spejjeż kontinwi tal-mezzi) sabiex jittejjeb l-ipprogrammar u l-monitoraġġ;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 1016.

Sistema ta' kontabilita'

9. Jirrikonoxxi l-osservazzjonijiet min-naħa tal-Qorti tal-Awdituri, ta' dgħufijiet fir-rigward tas-sistema kontabilistika tal-Aġenzija; jinnota fil-fatt li dawn għad iridu jiġu validati mill-Uffiċjal ta' Kontabilità, kif rekwiżit mir-Regolament Finanzjarju; madanakollu jinnota t-tweġiba tal-Aġenzija, li tiddikjara li bdiet proġett dwar il-Kompilazzjoni ta' Proċess tan-Negozju għal proċessi finanzjarji fil-bidu tas-sena 2011 u li l-validazzjoni kellha titlesta matul l-aħħar sitt xhur tal-2011; għalhekk jitlob li l-Qorti tal-Awdituri tkun assigurata dwar dan il-punt;
10. Jinnota li l-osservazzjonijiet min-naħa tal-Qorti tal-Awdituri, ta' dgħufijiet fis-sistema għar-rikonċiljazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-fornituri ma' rekords korrispondenti fl-Aġenzija; jieħu nota tar-risposta tal-Aġenzija li l-biċċa l-kbira tal-entitajiet pubbliċi ma għandhomx sistemi ta' kontabilità ċentralizzati u xi wħud minnhom ma jimplimentawx kontabilità bbazzata fuq l-arretrati, u dan jagħmel ir-rikonċiljazzjoni tal-bilanċji dovuti lill-fornituri, diffiċli; jinnota li l-impenn tal-Aġenzija biex tagħmel kuntatt mal-awtoritajiet nazzjonali biex tipprova timplimenta proċeduri alternattivi bil-ħsieb li tirrikonċilja l-bilanċji tagħha ma' dawk tal-fornituri tagħha; jistieden lill-Aġenzija tinforma b'mod regolari lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li sar mal-awtoritajiet nazzjonali biex din il-kwestjoni tissolva;
11. Jitlob li l-Qorti tal-Awdituri, fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2011, tevalwa iktar bir-reqqa l-infiq tal-baġit operazzjonali b'rabta mal-oġġettivi li ssegwi l-Aġenzija u l-kisbiet tagħha;

Akkwisti u għotjiet pubbliċi

12. Jirrikonoxxi mill-Kontijiet Definitivi li l-Aġenzija għandha żewġ kawżi ta' litigazzjoni pendenti relatati mal-proċeduri għall-offerti pubbliċi u li l-Applikanti talbu kumpens ta' EUR 10 794 806 għad-danni li ġarrbu; iħeġġeġ lill-Aġenzija tinforma b'mod regolari lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-iżviluppi f'dawn iż-żewġ kawżi;
13. Jista' jara fil-Kontijiet Finanzjarji li l-Aġenzija kkonkludiet 751 ftehimiet ta' għotjiet jew Deċiżjonijiet Speċifiċi ta' Finanzjament mal-imsieħba tagħha, fejn l-ammont totali tal-attivitajiet kofinanzjati kien EUR 53 000 000;
14. Barra minn hekk, jinnota li fost il-751 għotja, 270 minnhom ma ġewx ipproċessati mill-Aġenzija għal ħlas finali u li fir-rigward ta' 92 minnhom l-Aġenzija ħallset l-ammont ta' prefinanzjament ta' EUR 5 100 000;

Il-ġestjoni tal-għotjiet

15. Jistieden lill-Aġenzija twettaq kontrolli ex-post fil-forma ta' żjarat fuq il-post;
16. Madankollu, jinnota li l-Aġenzija eżaminat mill-ġdid l-iskedi REM, li huma l-bażi għal stimi tal-baġit u talbiet għal rifużjoni;

Riżorsi Umani

17. Jistabilixxi mir-Rapport Ġenerali li 74 proċedura ta' reklutaġġ twettqu fl-2010; jinnota li l-proċeduri ta' reklutaġġ għal erba' karigi ġodda mill-2010, kienu għaddejnin u kienu mistennija li se jitlestew fl-ewwel kwart tal-2011 u li l-għadd totali tal-persunal tal-Aġenzija fi tmien l-2010 kien 294 membru miċ-ċifra totali approvata mill-Pjan ta' Stabbiliment, ta' 298 membru;

Il-prestazzjoni

18. Jistieden lill-Aġenzija tiżviluppa aktar il-koerenza fl-ippjanar strateġiku u annwali tal-operazzjonijiet tagħha; jinnota, fil-fatt, li l-oġġettivi tal-Programme ta' Ħidma Annwali (AWP) għall-2010 mhumiex marbuta biċ-ċar ma' dawk għall-istess sena fil-Pjan Multi-Annwali 2010-2013; ifakkar lill-Aġenzija li n-nuqqas ta' rabta ċara u ta' konsistenza bejn d-dokumenti ta' pjanar differenti jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq l-implimentazzjoni tal-pjan strateġiku;

19. Jista' jara mir-Rapport Ġenerali li minkejja l-fatt li l-baġit tal-Aġenzija żdied fl-2010, l-attivitajiet ta' tħaddim netti allokatu naqqsu minn EUR 48 200 000 għal EUR 47 400 000 iżda n-numru ta' s'għat tax-xogħol tal-persunal żdied b'27 % għal 6 411;
20. Jilqa' l-isforzi tal-Aġenzija li ttejjeb il-monitoraġġ tagħha tal-baġit operazzjonali; jirrikonoxxi li l-ewwel Timijiet ta' Intervent Rapidu fil-Fruntieri ntbagħtu f'Novembru 2010 u li dan irriżulta f'bidliet sinifikanti fil-baġit tal-Aġenzija;
21. Jinnota li l-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit għall-Aġenzija għandha tkompli tiġi bbażata aktar fuq il-prestazzjoni tagħha matul is-sena.

Verifika Interna

22. Jirrikonoxxi li fl-2010 s-Servizz ta' Verifika Interna (SVI) wettaq verifika dwar il-pjan operattiv, ibbażata fuq l-input tal-partijiet interessati interni u esterni; jinnota b'mod partikolari li l-iskop ta' din il-verifika jkopri:
 - il-konsistenza tal-ippjanar strateġiku u l-ippjanar annwali tal-operazzjonijiet,
 - l-adeqwatezza tal-proċess għat-tħejjija tal-ippjanar operattiv b'attenzjoni speċjali għall-involviment tal-partijiet interessati rilevanti,
 - l-adeqwatezza tal-proċess għall-ġbir ta' opinjonijiet b'rispons mill-attivitajiet operattivi u l-użu tiegħu għat-tħejjija ta' ppjanar futur,
 - l-adeqwatezza tal-proċess għall-ġestjoni ta' talbiet *ad hoc* min-naħa tal-partijiet interessati dwar l-ippjanar operattiv;
23. Jistieden, f'dan il-kuntest, lill-Aġenzija tiżgura li l-oġġettivi kollha tal-Pjan Multiannwali huma tradotti b'mod ċar u xieraq fil-PHA;
24. Madanakollu, jilqa' l-fatt li l-Aġenzija tindirizza r-riskji għal kull operazzjoni speċifikafil-pjanijiet operattivi tagħha, jinnota wkoll, bi pjaċir, li l-Aġenzija tuża t-tagħlimiet miksuba waqt l-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tagħha sabiex ittejjeb it-tħejjija tal-pjan operattiv sussegwenti;
25. Jirrikonoxxi li s-SVI xorta jeħtieġ li jirrive di l-implimentazzjoni min-naħa tal-Aġenzija, ta' seba rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna" li haġġu mill-verifiki preċedenti tas-SVI; jinnota b'mod partikolari li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw:
 - l-verifika tal-2009 dwar il-ġestjoni tal-għotjiet, u b'mod notevoli l-valutazzjoni tal-ħtieġa li jintalab ċertifikat biex tiġi pproċessata talba għall-ħlas, it-tħejjija ta' politika dwar verifiki u kontrolli, il-ftehim legali dwar il-pjan operattiv mal-imsieħba, u d-deskrizzjoni tal-kriterji ta' valutazzjoni,
 - l-verifika ta' segwitu 2008 dwar Sistema ta' Kontroll Intern, u b'mod partikolari persunal adegwat biex tikseb l-oġġettivi tagħha,
 - l-verifika 2007 dwar Sistema ta' Kontroll Intern, u b'mod partikolari r-reviżjoni tal-proċedura ta' reġistrazzjoni u deskrizzjoni u komunikazzjoni tajba u kompluta tal-impjeg, lill-persunal;

26. Jagħti attenzjoni lir-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti dwar il-kwittanza preċedenti, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
27. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkupanjaw id-Deċiżjoni tiegħu għal kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

Frontex	2006	2007	2008	2009
Il-prestazzjoni	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi fil-pront rabta bejn il-programm ta' ħidma tagħha u l-istituzzjoni finanzjarja tagħha → L-Aġenzija adottat pjan multiannwali għall-perjodu 2010-2013 minkejja n-nuqqas ta' dispożizzjoni għal dan fir-regolament bażiku tagħha. — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi analiżi dijakronika tal-operazzjonijiet imwettqa f'din is-sena u f'dik preċedenti 	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tistabbilixxi rabta mill-aktar fis possibli bejn il-programm ta' ħidma tagħha u l-previżjonijiet finanzjarji tagħha — Jistieden lill-Aġenzija tippreżenta tqabbil tal-operazzjonijiet li saru matul is-sena li għaliha għandha tingħata l-kwittanza u dawk li saru matul is-sena finanzjarja ta' qabel — Madankollu jitlob lill-Aġenzija tipprovdni informazzjoni dwar l-impatt tal-operazzjonijiet tagħha u biex tinforma l-awtorità tal-kwittanza b'dan;
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	<ul style="list-style-type: none"> — L-impenji legali ttehdqu qabel l-impenji baġitarji korrispondenti — Il-prinċipji baġitarji tal-annwalità u l-ispeċifikazzjoni ma kinux osservati b'mod strett: ir-rata ta' ammonti trasferiti għas-sena ta' wara kienet ta' aktar minn 70 % globalment u kważi 85 % għan-nefqa operazzjonali 	<ul style="list-style-type: none"> — Problemi rekorrenti fis-sistema tal-impenji tal-Aġenzija: impenji baġitarji saru wara impenji legali (25 każ) u ftehimiet ta' għoti mal-pajjiżi sħab ġew iffirmati għal azzjonijiet li nbdew jew li saħansitra nqas — Dgħufijiet fl-ipprogrammar u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-Aġenzija (70 % tal-appropriazzjonijiet disponibbli ma ntefqux; l-impenji li ġew trasferiti li saru abbażi ta' stimuli eċċessivi tal-ispejjeż) 	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija teżerċita l-funzjoni tagħha bis-sħiħ u biex tkompli ttejjeb il-ġestjoni finanzjarja tagħha — Jistieden lill-Aġenzija ttejjeb il-ġestjoni finanzjarja tagħha fir-rigward tar-rimborż tal-ispejjeż ikkuntrattati mill-Istati Membri bl-identifikazzjoni tal-għeruq tal-problema — L-Aġenzija għandha tintroduċi sistema effikaċi għall-iskedar u l-monitoraġġ tal-iskadenzi kuntrattwali stipulati; proċess għall-valutazzjoni tar-riskju għall-attivitajiet tagħha; sistema ta' impenji differenzjati f'baġits futuri biex isiru l-għotjiet sabiex jiġi rremedjat il-livell għoli ta' trasferimenti u kanċellazzjonijiet; il-fatt li l-impenji legali daħlu fis-seħħ qabel l-impenji baġitarji korrispondenti, il-fatt li l-proċeduri ta' reklutaġġ ma jżommux mar-regoli (proċeduri ta' trasparenza non-diskriminatorji) 	<ul style="list-style-type: none"> — Ihegġegħ lill-Aġenzija ttejjeb il-livell tal-użu tal-appropriazzjonijiet billi tfassal struzzjonijiet adegwati u proċeduri implimentattivi għall-analiżi ta' ammonti potenzjali ta' trasferimenti 'l quddiem li għandhom jitnaqqsu għal ammont minimu ta' appropriazzjonijiet ittrasferiti 'il quddiem, — Jinsab imħasseb li l-Aġenzija kellha tikkancalla appropriazzjonijiet (EUR 13 900 000 għall-2009, EUR 13 000 000 għall-2008) — Livell għoli ta' trasferimenti u kanċellazzjonijiet huwa indikattiv tan-nuqqas ta' kapaċità tal-Aġenzija li tiġġestixxi żieda daqstant kbir fil-baġit tagħha, għalhekk jistieden lill-Aġenzija tipprovdi b'dettalji aktar kompleti dwar il-vijabbiltà tal-impenji futuri — Jistieden lill-Aġenzija biex ittejjeb il-Ġestjoni tagħha tal-Għotjiet

Frontex	2006	2007	2008	2009
Riżorsi Umani	mhux applikabbli	mhux applikabbli	— Kwestjonijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ	mhux applikabbli
Il-Verifika Interna	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Jistieden lill-Aġenzija tissodisfa 4 mit-23 rakkomandazzjoni magħmula mill-IAS: jiġifieri t-tlestija tad-deskrizzjonijiet tal-impjegi u l-istipular tal-oġġettivi għall-membri tal-persunal, it-tisħiħ tas-sigurtà, it-titjib tar-reġistrazzjoni tal-posta, it-tisħiħ tal-proċess tal-ġestjoni tal-għotjiet u li tiġi żgurata l-konformità mar-Regolament Finanzjarju	— Jirrikonoxxi li minn 19-il rakkomandazzjoni maħruġa mill-IAS, 6 ġew implimentati b'mod inadegwat, 10 minnhom għadhom għaddejjin u 3 tlestew iżda għad iridu jiġu verifikati mill-IAS.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010

(2012/601/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 2007/2004 tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2004 li jstabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 30 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0133/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 39.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 349, 25.11.2004, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/602/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 – C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-22 ta' Settembru 2010 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea GNSS ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0127/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea GNSS għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur tal-Aġenzija Ewropea GNSS, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (Serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 112.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Meju 2012****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2010**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 – C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-22 ta' Settembru 2010 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea GNSS ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0127/2012),
- A. billi l-Aġenzija Ewropea GNSS ("l-Aġenzija") saret finanzjarjament awtonoma fl-2006,
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li ma setgħatx tiffirma opinjoni dwar il-kontijiet tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2007 u jinnota li l-istruttura sħiħa tal-proġett Galileo kienet qed tiġi riveduta fl-2007 u li l-kontijiet tal-Aġenzija ġew ippreparati f'ambjent legali fraġli,
- C. billi l-Qorti tal-Awdituri sfummat id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha dwar l-affidabilità tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2008, u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti,
- D. billi l-Qorti Ewropea tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2009 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 112.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- E. billi l-Qorti tal-Awdituri fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010 kkwalifikat l-opinjoni tagħha fir-rigward tal-affidabilità tal-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010,
- F. billi fl-10 ta' Mejju 2011, il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea GNSS għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2009 ⁽¹⁾, u billi, fir-risoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni ta' kwittanza, il-Parlament inter alia:
- ihegġegħ lill-Aġenzija tirrimedja l-baġit finali ppubblikat mill-Aġenzija fil-31 ta' Marzu 2010 peress li dan ma kienx jirrifletti l-baġit finali għall-2009 approvat mill-Bord Amministrattiv u ma kienx jinkludi d-dħul tiegħu;
 - ihegġegħ lill-Aġenzija tirrimedja n-nuqqasijiet fil-proċeduri tal-għażla tal-persunal li jksru l-prinċipju ta' trattament ugwali fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà fil-proċeduri ta' reklutaġġ miftuħa kemm għal kandidati interni kif ukoll għal dawk esterni;
 - jistieden lill-Aġenzija tirrimedja l-kriterji ta' esklużjoni għas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7) li la ġew ippubblikati u lanqas verifikati,
 - jinnota li l-awtorità ta' kwittanza ma urietx b'mod sistematiku li kienu ġew verifikati l-kriterji għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-benefiċjarji potenzjali f'wieħed mis-suġġetti li l-għanijiet tiegħu ma ntlaħqux,
- G. jinnota li fl-2011 l-Aġenzija ħadet il-passi meħtieġa biex tiggarantixxi t-trasparenza, it-trattament ugwali, u effikaċja fil-proċeduri għas-selezzjoni tal-persunal,
- H. billi l-baġit tal-Aġenzija għas-sena 2010 kien ta' EUR 15 900 000 meta mqabbel mal-EUR 44 400 000 fl-2009, li juri tnaqqis ta' 64,19 %; billi l-Aġenzija rrapportat kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-baġit tagħha għall-2010 ta' EUR 8 690 000,

L-affidabilità tal-kontijiet

1. Jinnota li, f'konformità mal-prattika tal-kontabilità tal-programm Galileo, komponenti fl-ammont ta' EUR 4 400 000, jiġifieri Magnetotorquers tas-satelliti, magni ta' propulsjoni għas-satelliti, tankijiet tal-fjuwil għas-satelliti (Validazzjoni fl-Orbita) u arloġġi atomiċi tar-rubidju fuq l-art (Kapaċità Operattiva Sħiħa), ġew reġistrati mill-Aġenzija fl-2010 bħala nefqa fuq ir-riċerka;
2. Jinnota li dawn l-assi ġew irreġistrati bħala nefqa għal riċerka minflok ma ġew ikklassifikati bħala assi miżmum għal trasferiment mill-Aġenzija lill-Kummissjoni; jinnota li din il-prattika ta' kontabilità hija konformi mar-rekwiżiti tal-Unjoni għat-trattament tal-kontabilità tal-komponenti ta' Galileo;
3. Jinnota li fir-rapport mibgħut lill-Parlament fit-28 ta' Frar 2012 l-Aġenzija spjegat għaliex dawn il-komponenti ġew trattati fil-kontijiet tagħha kif deskritt hawn fuq;
4. Jinnota r-risposta tal-Aġenzija lill-Qorti tal-Awdituri f'dan ir-rigward u jirrikonoxxi li l-Aġenzija ġġustifikat li ma rreġistratx dan it-tagħmir bħala assi fil-kontijiet tagħha għar-raġunijiet li ġejjin:
 - l-oġġettiv tal-fażi IOV/FOC huwa li jivvaluta il-fattibbiltà teknika tas-sistema li ma ġietx invalidata fl-2010, meta jitqies li l-Kummissjoni, li tamministra l-programm Galileo u tiegħu ħsiebu hi, m'għandhiex l-intenzjoni li twettaq il-validazzjoni ħliet aktar tard;
 - skont l-Arranġament Matimop, qatt ma kien hemm ħsieb li l-Aġenzija takkwista dan it-tagħmir u dan la qatt kien u lanqas qatt ser ikun fil-kontroll tagħha; din hija waħda mill-kundizzjonijiet għar-rikonnoxximent ta' assi skont l-istandards ta' kontabilità tal-Unjoni;

⁽¹⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 232.

- mill-perspettiva tal-kontabbiltà ma deherx għaqli li t-tagħmir jiġi rikonossut għadarba ma kellu l-ebda benefiċċju/valur ekonomiku għall-Aġenzija;
 - abbażi tal-punti msemmija hawn fuq u b'konformità mal-prattiki tal-kontabbiltà li tħaddem il-Kummissjoni ftali sitwazzjonijiet, l-ispejjeż tat-tagħmir tniżżlu bħala nfiq fuq ir-riċerka fl-2010;
5. Jirrikonoxxi b'żieda ma' dan li l-Qorti tal-Awdituri tosserva, li wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar l-implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo) ⁽¹⁾, bosta mill-attivitajiet u assi marbutin mal-programmi EGNOS u Galileo kienu trasferiti lill-Kummissjoni f'Diċembru tal-2009, iżda li sal-31 ta' Diċembru 2010, l-istatus ta' EUR 2 000 000 miżmum mill-Aġenzija fir-rigward ta' appoġġ tekniku mill-Aġenzija Spazjali Ewropea kien għad irid jiġi vverifikat; jinnota mill-Aġenzija li t-trasferiment ta' EUR 2 000 000 ġie ffinalizzat fit-3 ta' Ottubru 2011;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

6. Jieħu nota mill-Aġenzija li l-kontribuzzjoni finali magħmula mill-Unjoni lill-Aġenzija għall-2010 ammontat għal EUR 8 690 000 u li dan l-ammont jinkludi l-baġit inizjali ta' EUR 5 135 000 kkompletati bl-irkupru ta' bilanċ pożittiv ta' EUR 2 755 000 u ammont addizzjonali ta' EUR 800 000 ta' approprjazzjoni ta' pagament biex jiġi msaħħaħ it-Titolu III (nefqiet operattivi);
7. Jirrikonoxxi skont ir-Rapport dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja (RBFM) li l-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010 kien soġġett għal emenda waħda mill-Bord Amministrattiv; jinnota li l-baġit emendatorju jirrifletti deċiżjoni mid-DĠ ENTR għat-tisħiħ b'EUR 800 000 f'approprjazzjonijiet ta' ħlas tal-Aġenzija skont l-intestatura tal-baġit 3100 "Nefqa għall-Istudji" sabiex tinżamm il-kapaċità ta' pagament għall-impenji riportati mis-snin preċedenti u għal dawk li ttieħed impenn dwarhom fl-2010;
8. Jistabbilixxi mill-RBFM li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit tal-Aġenzija laħqet is-97 % tan-nefqa ffinanzjata mis-sussidju għall-operat tal-Unjoni u d-89 % għal attivitajiet operattivi ffinanzjati minn dħul allokat; jinnota b'mod partikolari li l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-Aġenzija ilaħħaq:
- 96 % ftermini ta' impenji u 89 % ftermini ta' pagamenti skont it-Titolu I (Nefqa għall-personal);
 - 99 % ftermini ta' impenji u 78 % ftermini ta' pagamenti skont it-Titolu II (Nefqa Amministrattiva);
 - 99 % ftermini ta' impenji u 60 % ftermini ta' pagamenti skont it-Titolu III (Nefqa Operattiva);
- jinsab imħasseb li skont it-Titolu III, ir-rata ta' eżekuzzjoni tal-Aġenzija ftermini ta' pagamenti kienet biss ta' 60 % meta mqabbel mas-97 % fl-2009; jilqa' l-fatt li l-Aġenzija ħadet il-miżuri neċessarji biex tirmidja s-sitwazzjoni, li fil-fatt irriżultaw f'ammont għoli ta' pagamenti fl-2011 (90 % fil-każ tat-Titolu III u 94 % għall-baġit b'mod ġenerali);
9. Jaċċerta mill-RBFM li d-Direttur Eżekuttiv kien awtorizza żewġ trasferimenti interni b'valur totali ta' EUR 205 000 fl-2010;
10. Jinnota r-Rapport ta' Attività Annwali (AAR) li jistipula li l-Aġenzija rċeviet prefinanzjament mill-Kummissjoni għall-valur ta' EUR 2 606 675 u ta' EUR 4 556 158 bi qbil mal-Ftehim tad-Delegazzjoni għall-FP7;

(1) ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.

Proċeduri ta' għotjiet

11. Jitlob lill-Aġenzija tirrettifika n-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti tal-Awdituri fil-proċess ta' ewalazzjoni fir-rigward ta' proċeduri ta' għotjiet tal-FP7/Galileo/it-Tieni Sejħa li għandu baġit ta' EUR 26 000 000; jirrikonoxxi b'mod partikolari l-kummenti tal-Qorti tal-Awdituri li l-kriterji għall-valutazzjoni tal-kapaċità finanzjarja tal-applikanti ma kienux definiti u għalkemm l-istatus tal-applikant jiddetermina r-rata massima ta' rimborż, dan l-istatus ma kienx ivverifikat mill-Aġenzija;
12. Iħeġġeġ lill-Aġenzija sabiex tirrimedja ukoll d-dgħufijiet misjuba mill-Qorti tal-Awdituri fiż-żewġ ftehimiet ta' għotja fi ħdan is-Sitt Programm Kwadru ta' Riċerka (FP6)/it-Tielet Sejħa; jinnota b'mod partikolari li t-talbiet għall-ispejjeż imressqa mill-benefiċjarji kienu bbażati fuq rati standard minflok fuq spejjeż reali; ifakkar lill-Aġenzija li dan mhux konformi mal-prinċipju tan-nuqqas ta' qligħ għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni u li l-Aġenzija għandha tindirizza din is-sitwazzjoni minnufih;
13. Jirrikonoxxi, b'żieda ma' dan, il-kummenti tal-Qorti tal-Awdituri dwar ħames għotjiet ivverifikati, li kienu relatati mal-FP6, u li urew dewmien ta' bejn sena u tliet snin fl-implimentazzjoni tagħhom u fejn innutat żidiet sussegwenti fil-valur inizjali; jinnota li l-Aġenzija ġġustifikat dan id-dewmien billi ddikjarat li n-natura teknoloġikament fuq quddiem nett tal-attivitajiet hi soġġetta għal bidla kostanti u għalhekk l-Aġenzija ħadet deċizzjoni li dawn l-emendi u l-estensjonijiet kienu meħtieġa u utli għall-programm Galileo kollu kemm hu; jinnota li, fi kwalunkwe każ, l-Aġenzija tiddikjara li qatt ma eċċediet il-limitu stipulat fil-baġit għall-kuntratti b'mod ġenerali;

Attivitajiet ta' akkwist pubbliku;

14. Jinnota mill-AAR li l-Aġenzija kellha dawn l-attivitajiet ta' akkwist pubbliku fl-2010:
 - 65 ordni ta' xiri li jikkorrispondu għal amonnt totali ta' madwar EUR 900 000;
 - 6 proċeduri negozjati li jikkorrispondu għal ammont globali ta' EUR 470 000;
 - 3 sejħiet pubbliċi li jikkorrispondu għal ammont globali ta' EUR 9 400 000;

Konsistenza tal-Programm ta' Ħidma Annwali (AWP) u tal-AAR

15. Jinnota li l-AAR tal-Aġenzija mhux bilfors jirrifletti l-AWP; jistabbilixxi, b'żieda ma' dan li l-obbjettivi tal-AWP tagħha huma kemmxejn vagi u għalhekk hu diffiċli ħafna li dawn jiġu vvalutati u li jiġi vverifikat jekk dawn twettqux; iħeġġeġ, għalhekk lill-Aġenzija ttejjeb l-AWP tagħha sabiex tippermetti lill-awtorità ta' kwintanza tevalwa aħjar l-effikaċja ta' din l-Aġenzija; jinnota li l-Aġenzija ħadet nota tar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri, u jilqa' l-fatt li, bħala riżultat, il-format tal-AWPs li jmiss se jkun konformi mar-reqwiziti;

Riżorsi Umani.

16. Iħeġġeġ lill-Aġenzija ttejjeb l-proċeduri ta' għażla tagħha mhux biss biex ma tipperikolax it-trasparenza ta' reklutaġġ; jirrikonoxxi l-kummenti tal-Qorti tal-Awdituri li fil-proċeduri ta' għażla tal-persunal li ġew ivverifikati, li ma ġewx determinati limitu tal-punti għall-ammissjoni għat-testijiet bil-miktub u intervisti jew għall-inklużjoni fil-lista ta' kandidati adegwati;
17. Jinnota mill-AAR li l-Aġenzija nediet 16-il proċess ta' reklutaġġ u laħqet in-numru totali ta' 40 impjegat sa tmiem l-2010;
18. Jinnota ukoll li l-Aġenzija fl-AWP tagħha kienet ħasbet għal total ta' 42 impjegat, filwaqt li n-numru totali ta' persunal impjegat sal-31 ta' Diċembru 2010 kien ta' 40 (5 aktar mis-sena ta' qabel): 18-il impjegat operattiv, 14-il impjegat amministrattiv u 8 imħallta;

Verifika interna

19. Jirrikonoxxi mill-AAR li l-Aġenzija ffinalizzat il-Politika għall-Ġestjoni tar-Riskju tagħha u kien żviluppat reġistru tar-riskju;
20. Jinnota, b'żieda ma' dan, il-kummenti tal-Aġenzija fl-AAR tagħha li sal-aħħar tal-2010, ma kien hemm l-ebda rakkomandazzjoni kritika miftuħa mis-Servizz tal-Awditjar Intern, iżda kien hemm 5 rakkomandazzjonijiet miftuħa fir-rigward ta':
 - żvelar ta' objettivi u indikaturi ta' prestazzjoni fl-AWP,
 - ħtieġa li l-ħatra ta' Uffiċjal Kontabbli tiġi fformalizzata mill-Bord Amministrattiv,
 - ħolqien ta' deċiżjonijiet finanzjarji adegwati,
 - infurzar mill-ġdid ta' kontrolli ewlenin fil-ġestjoni tal-għotjiet,
 - aġġornament tad-delegazzjonijiet finanzjarji u l-valutazzjoni regolari tad-drittijiet tal-utenti tal-ABAC;
21. Jilqa' l-fatt li skont ir-rieżami tal-implimentazzjoni annwali tal-Aġenzija tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa f'Diċembru 2011, il-ħames rakkomandazzjonijiet msemmija hawn fuq ġew implimentati;
22. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti ta' kwittanza preċedenti, kif stipulat fl-Anness għal din ir-riżoluzzjoni;
23. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkompanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW MAGĦMULA TUL IS-SNIN PREĊEDENTI

L-Aġenzija Ewropea GNSS	2006	2007	2008	2009
Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja	<ul style="list-style-type: none"> — Dhjufijiet fl-operat ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll: fi 12-il każ, l-uffiċjal tat-tneġġja tat-transazzjoni ma kellux l-awtorità delegata u ma kienx segwit iċ-ċiklu finanzjarju xieraq — Inċertezzi rigward l-assi tal-proġetti Galileo u EGNOS 	<ul style="list-style-type: none"> — Dhjufijiet fil-ġestjoni tal-baġit: l-assenza ta' rabta ċara bejn il-programm ta' ħidma tal-Awtorità u l-baġit, trasferimenti li la kienu ġġustifikati u lanqas iddokumentati, prenotazzjonijiet ta' ordnijiet ta' rkupru fil-kontijiet baġitarji li saru ripetutament tard u turija inkonsistenti tal-implimentazzjoni tal-baġit. — Anke b'tnaqqis de facto ta' 50 % fil-baġit, il-livell ta' konsum ta' approprijazzjonijiet ta' impenn u ta' pagamenti għall-attivitajiet operattivi kien baxx: 63 % għall-impenji u 51 % għall-pagamenti. — Jiddispijaci li l-Qorti tal-Awdituri sfumat id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha dwar l-affidabilità tal-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2007, u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti; — Inċertezzi rigward l-assi tal-proġetti Galileo u EGNOS 	<ul style="list-style-type: none"> — Dhjufijiet fil-ġestjoni tal-baġit: Ma ġiex stabbilit baġit ta' emenda xieraq. — Jiddispijaci li l-Qorti tal-Awdituri sfumat id-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha dwar l-affidabilità tal-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2008, u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti; — Inċertezzi rigward l-assi tal-proġetti Galileo u EGNOS 	<ul style="list-style-type: none"> — Il-kriterji ta' esklużjoni għas-Seba' Programm Kwadru ma ġewx ippubblikati u vverifikati u l-Awtorità ma tatx prova sistematika li kienet ivverifikat li ma kienux intlaħqu l-kriterji għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għall-benefiċjarji potenzjali li kienu qegħdin jipparteċipaw f'wieħed mis-suġġetti — Il-baġit finali ppubblikat mill-Awtorità fil-31 ta' Marzu 2010 ma rriflettix il-baġit finali għall-2009 approvat mill-Bord Amministrattiv u ma kienx jinkludi id-dħul tiegħu, għalhekk iħeġġeġ lill-Awtorità tirrimedja din is-sitwazzjoni u tinforma lill-Awtorità ta' Kwittanza dwar din il-bidla
Riżorsi Umani	n.a.	n.a.	n.a.	<ul style="list-style-type: none"> — Nuqqasijiet fi proċeduri ta' għażla tal-personal — -Il-ħtieġa li jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet li jiksru l-prinċipju ta' trattament ugwali fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà fil-proċeduri ta' reklutaġġ miftuħa kemm għal kandidati interni kif ukoll għal dawk esterni;
Verifika Interna	n.a.	n.a.	Jitlob lill-Aġenzija twestaq l-aħħar żewġ rakkomandazzjonijiet magħmula mis-Servizz għall-Awditjar Intern fl-2007: jiġifieri dwar impjegji sensitivi u d-deskrizzjoni tax-xogħol	Jirrikonoxxi li ż-żewġ rakkomandazzjonijiet tal-IAS importanti li fadal biex jiġu implimentati huma relatati ma' karigi sensitivi u deskrizzjonijiet tax-xogħol;

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/603/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-22 ta' Settembru 2010 li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea GNSS ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0127/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea GNSS, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 112.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010

(2012/604/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-istabbiliment tal-“Impriża Konġunta ARTEMIS” għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Konġunta Teknoloġika ta' Sistemi ta' Kompjuters Inkorporati ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0109/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ARTEMIS fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn isfel;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-direttur tal-Impriża Konġunta ARTEMIS, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 52.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-istabbiliment tal-“Impriża Konġunta ARTEMIS” għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Konġunta Teknoloġika ta' Sistemi ta' Kompjuters Inkorporati ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0109/2012),
- A. billi l-Impriża Konġunta ARTEMIS twaqqfet f'Diċembru 2007 għal perjodu ta' 10 snin biex tiddefinixxi u timplimenta “Aġenda ta' Riċerka” għall-iżvilupp ta' teknoloġiji ewlenin għas-sistemi integrati tal-kompjuter f'diversi oqsma ta' applikazzjoni biex issaħħaħ il-kompetittività u s-sostenibbiltà Ewropea, u tippermetti l-ħolqien ta' swieq ġodda u applikazzjonijiet soċjetali,
- B. billi l-Impriża Konġunta bdiet tiffunzjona b'mod awtonomu f'Ottubru 2009,
- C. billi l-Qorti tal-Awdituri tiddikjara li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet koperti bihom huma legali u regolari,
- D. billi l-kontribuzzjoni massima mill-Unjoni għall-Impriża Konġunta għall-10 snin hija EUR 420 000 000 li għandhom jitħallsu mill-baġit tas-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka,
- E. billi għas-sena finanzjarja 2010 l-baġit tal-Impriża Konġunta kien jammonta għal EUR 38 500 000,

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 52.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota bi tħassib li l-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010 ma kienx adottat sa tmiem is-sena ta' qabel; jieħu nota tat-tweġiba tal-Impriża Konġunta li l-baġit tal-2010 tagħha ġie adottat f'Janar 2011 minħabba li l-parti operazzjonali tal-baġit tiddependi fuq l-impenji tal-Istati Membri, u li, għall-parti l-kbira tagħhom, l-ammont tal-impenn jista' jingħaraf biss wara l-adozzjoni tal-baġits nazzjonali tagħhom; jistieden lill-Impriża Konġunta u lill-Istati Membri kontributuri biex jaqblu fuq skeda ta' żmien u fuq arranġamenti prattiċi għall-iżvelar tal-impenji rispettivi tagħhom ħalli jippermettu li l-baġit tal-impriża Konġunta jiġi adottat f'waqtu, u jistedinhom iżommu lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar dan;
2. Huwa mħasseb li l-istruttura u l-preżentazzjoni tal-baġit tal-2010 tal-impriża Konġunta ma kinux skont id-dispożizzjonijiet tar-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta; ingħata x'jifhem mill-Impriża Konġunta li l-istruttura u l-preżentazzjoni tal-baġit ġew adattati fil-baġit tal-2011; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex tiżgura lill-awtorità ta' kwittanza li l-istruttura u l-preżentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta issa huma għalkollox skont ir-regoli finanzjarji tagħha;
3. Jagħraf mir-Rapport Annwali 2010 dwar l-Attività (RAA) tal-Impriża konġunta li l-kreditu ta' impenn implimentati mill-Impriża Konġunta għall-Infq Operazzjonali kienu jammontaw għal EUR 36 000 000; jieħu nota li, rigward l-infiq amministrattiv, l-Impriża Konġunta u l-Kummissjoni qablu fuq it-tqassim li ġej:

— l-Impriża Konġunta u l-ARTEMISIA: EUR 1 000 000;

— Il-Kummissjoni: EUR 1 500 000;

jinnota, madankollu, li l-ħtiġijiet tal-Impriża Konġunta għall-infiq amministrattiv laħqu EUR 1 900 000 u li, konsegwentement, il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni kienet limitata għal EUR 935 315,91;

4. Jinnota li l-baġit finali tal-Impriża Konġunta kien fih approprjazzjonijiet ta' ħlas għall-ammont ta' EUR 27 000 000; jagħraf mill-Kontijiet Annwali Finali li l-appropriazzjonijiet kienu impenjati b'rata ta' 99,9 %, imma jiddispaċih li r-rata ta' utlizzazzjoni laħqet biss il-livell ta' 37,78 %;
5. Huwa mħasseb dwar l-implimentazzjoni baxxa tal-baġit, u barra minn hekk, dwar l-attivitajiet sottostanti tal-Impriża Konġunta; jissottolinja li d-depożiti f'kontijiet bankarji fl-aħħar tas-sena 2010 laħqu total ta' EUR 16 600 000, somma li tirrappreżenta 60 % tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas disponibbli;

Is-sistemi ta' kontroll intern

6. Jistieden lill-Impriża Konġunta biex timplimenta għalkollox il-kontrolli interni u s-sistemi tal-informazzjoni finanzjarja, b'mod partikolari dwar il-verifika operazzjonali tal-klejms għall-ispejjeż, l-assigurazzjoni pprovduta miċ-ċertifikati tal-awtoritajiet nazzjonali u l-istrateġija ta' awditu ex-post;
7. Huwa mħasseb minħabba li, fil-qasam tal-verifika ex-ante, l-Impriża Konġunta sserraħ bis-sħiħ fuq iċ-ċertifikati pprovduti mill-awtoritajiet nazzjonali u ma twettaq l-ebda kontrol ieħor biex tiżgura li l-ispejjeż iddikjarati mill-benefiċjarji jkunu legali u regolari; ihegġegħ lill-Impriża Konġunta biex tistabbilixxi mekkaniżmu ta' verifika ex-ante ħalli tevita l-iżbalji u/jew il-frodi fl-ispejjeż iddikjarati;
8. Jinnota li l-awditu ex-post ta' klejms relatati mal-proġetti ġie ddelegat għalkollox lill-Istati Membri; huwa tal-fehma, għaldaqstant, li l-Impriża Konġunta se ssibha diffiċli tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Membri tagħha jitħarsu b'mod adegwat u li t-tranżazzjonijiet sottostanti jkunu legali u regolari; jistieden lill-Impriża Konġunta biex terġa' taħseb l-istrateġija tagħha rigward l-awditjar ex-post tal-klejms tal-ispejjeż u biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmu implimentat ħalli jiżgura l-ottemperanza mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 74/2008 li jistabbiliha;

9. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-Impriża Konġunta għandha livell adegwat ta' governanza u ta' Prattika tal-IT skont id-daqs u l-missjoni tagħha; jenfazizza, madankollu, li għadhom lura ċ-ċiklu tal-ippjanar strateġiku u l-monitoraġġ tal-IT, il-politiki u r-regoli tas-sigurtà, il-ġestjoni tar-riskji tal-IT u l-Pjan tal-Kontinwazzjoni tal-Attività u l-Irkupru mid-Diżastri; jistieden lill-Impriża Konġunta biex tagħmel tajjeb għas-sitwazzjoni u tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza rapport aġġornat dwar dan;
10. Jieħu nota li l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Impriża Konġunta vvalida s-sistemi finanzjarji u ta' kontabilità (ABAC u SAP); jinnota, madankollu, li l-proċessi ta' attività sottostanti ma ġewx invalidati, b'mod partikolari s-sistema li tipprovdu informazzjoni finanzjarja dwar il-validazzjoni tal-klejms tal-ispejjeż li waslu mill-awtoritajiet nazzjonali. Jitlob lill-Impriża Konġunta tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-qagħda tal-validazzjoni tal-proċessi ta' attività sottostanti;

L-Awditu Intern

11. Jieħu nota li r-regoli finanzjarji tal-impriża Konġunta għadhom ma ġewx emendati biex jinkludiu d-dispożizzjoni li tirreferi għas-setgħat tal-awditur intern tal-Kummissjoni rigward il-baġit ġenerali fl-intier tiegħu;
12. Jinnota, madankollu, li l-Kummissjoni u l-Impriża Konġunta ħadu passi biex jiżguraw li jkunu definiti biċ-ċar ir-rwoli operazzjonali rispettivi tas-Servizz tal-Awditar Intern tal-Kummissjoni u tal-uffiċċju tal-awditjar intern tal-Impriża Konġunta;

Is-Sejħa għall-Proposti u n-Negożjati dwar il-Proġetti

13. Jagħraf mir-RAA tal-Impriża Konġunta dwar l-Attività li s-Sejħa tal-2010 tal-Impriża Konġunta ġiet ippubblikata fis-26 ta' Frar 2010 u li tressqu 73 proposta għal proġetti ta' riċerka b'risposta għall-fażi ta' Deskrizzjoni tal-Proġett (PO) ta' din is-Sejħa, li 72 minnhom issodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà; jinnota li d-daqsijiet tal-11-il proġett magħżul ivarjaw minn EUR 45 000 000 għal EUR 3 400 000, b'erba' proġetti ta' EUR 15 000 000 jew aktar li bejniethom jirrappreżentaw 66 % tal-investment totali; jinnota, madankollu, li mill-11-il proġett oriġinali li d-Direttur Eżekuttiv inġhata l-mandat li jinneozja dwarhom, wieħed kellu jitqies li ma rnexxiex irrevokabbilment, b'tali mod li baqa' total ta' 10 proġetti li ġew innegożjati b'suċċess;
14. Jinnota li matul is-Sejħa tal-2010 ddaħħal il-kunċett ta' "Indiċi tal-Maturità"; jifhem li din l-għodda, maħsuba biex tgħin l-analiżi ulterjuri, intużat fil-fażi tal-PO biex tiġġudika l-kwalità soġġettiva tal-POs u biex tosserva l-livell ta' maturità tar-risposta tal-komunità tal-ARTEMIS għall-programm ta' ħidma;
15. Jistabbilixxi abbażi tar-RAA li, rigward in-negożjati u l-bidu tal-proġetti tal-R&D, ġie rreġistrat dewmien fit-tweqqi tal-"ambjent ta' produzzjoni" għan-negożjati kuntrattwali tal-Impriża konġunta minħabba xi bidla fil-prijoritajiet ġewwa s-servizzi tal-Kummissjoni responsabbli għall-ġestjoni tal-għodod tal-IT tal-FP7; jieħu nota tat-tagħrif mill-Impriża Konġunta li issa nstab irkaptu tad-dewmien tekniku u li ambjent ta' produzzjoni operazzjonali kien mistenni li jkun implimentat sa nofs Jannar 2011; jinnota, madankollu, li, bħala mezz ta' taffija biex jipprevjeni aktar dewmien fin-negożjati kuntrattwali tal-impriża Konġunta, hemm implimentata soluzzjoni alternattiva bbażata fuq l-ipproċessar manwali li tippermetti li n-negożjati kollha jingħalqu fl-ewwel kwart tal-2011 (dejjem jekk jiġu ffirmati l-kuntrattui Nazzjonali kollha), jekk l-għodod tal-IT ma jkunx għadhom tlestew;
16. Jagħraf mir-RAA li, fi tmiem is-sena 2010, il-Ftehimiet ta' Għoti tal-Impriża Konġunta ġew iffirmati għat-13-il proġett tas-Sejħa tal-2009, u li l-proġetti kollha ġew varati;
17. Iqis li hija ħaġa pożittiva li l-Impriża konġunta mmonitorjat u eżaminat mill-ġdid il-proġetti tas-Sejħa tal-2008; josserva, madankollu, li l-valutazzjoni tal-eżitu tal-proġetti spiss tkun nieqsa mid-dettall meħtieġ għal evalwazzjoni tal-prestazzjoni tagħhom; jinnota b'mod partikolari li l-eżitu rispettiv tal-proġetti CHARTER, eDIANA, SYSMODEL, iLAND, INDEXYS, CHESS u CESAR huwa kklassifikat biess bħala "pożittiv"; jistieden lill-Impriża Konġunta biex tiżviluppa u timplimenta indikaturi tal-prestazzjoni aktar preċiżi għall-monitoraġġ u r-rieżami tal-proġetti tagħha fil-ġejjieni;

Il-Prestazzjoni

18. Jinnota mir-RAA li r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-ewwel evalwazzjoni interim tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti ARTEMIS u ENIAC kien adottat fis-16 ta' Diċembru 2010;
19. Jissottolinja li l-evalwazzjoni interim għamlet tliet rakkomandazzjonijiet lill-Impriża konġunta:
 - biex issolvi l-problema ta' "rikbiet b'xejn", l-Impriża Konġunta għandha tistabbilixxi sistema fejn kull benefiċjarju li ma jkunx membru jħallas perċentwal tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni tiegħu bħala ħlas għall-ispejjeż tal-Impriża Konġunta;
 - il-proċessi ta' evalwazzjoni u għażla għandu jinbidlu biex il-portafoll ta' proġetti appoġġati jaqbel aktar mal-għanijiet strateġiċi Ewropej tal-programm;
 - L-Istati Membri u l-Assoċjazzjonijiet Industrijali għandhom jaħdmu flimkien biex jistabbilixxu proċessi fejn il-proponenti potenzjali jistgħu jingħataw informazzjoni kostruttiva dwar il-prospett li jingħataw appoġġ;

jitlob lill-Impriża Konġunta tinforma lill-awtorita ta' kwittanza dwar il-miżuri mdaħħla wara r-riżultati tal-ewwel evalwazzjoni interim;

20. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-programm speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) – li fiha l-Kummissjoni tqajjem possibbiltà li l-Impriżi Konġunti ARTEMIS u ENIAC jingħaqdu f'inizjattiva waħda, kif ukoll il-possibbiltà li jitwaqqfu Impriżi konġunti ġodda fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-parti ta' Orizzont 2020 dwar "Sfidi soċjetali"; jistieden lill-Kummissjoni żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar dan;

In-nuqqas ta' ftehim ta' Stat Ospitanti

21. Itenni li l-Impriża Konġunta għandha tikkonkludi malajr ftehim ospitanti mal-Belġju dwar l-uffiċċji, il-privileġġi, l-immunitajiet u appoġġ ieħor li l-Belġju għandu jipprovdi lill-Impriża Konġunta kif jistipula r-Regolament (KE) Nru 74/2008 li jistabbililha;

Kummenti orizzontali dwar l-Impriżi Konġunti

22. Jissottolinja li, sal-lum, il-Kummissjoni stabbiliet seba' Impriżi Konġunti skont l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jinnota li sitt Impriżi konġunti (IMI, ARTEMIS, ENIAC, CLEAN SKY, FCH u ITER-F4E) huma fl-arja ta' riċerka koperta mid-DG RTD u INFOS, filwaqt li waħda għandha l-inkariku li tiżviluppa sistema ġdida tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fil-qasam tat-trasport, u li l-attivitatiet tagħha huma sorveljati mid-DG MOVE;
23. Jinnota li r-riżorsi totali indikattivi meqjusa neċessarji għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu jammontaw għal EUR 21 793 000 000;
24. Jinnota li l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni meqjusa neċessarja għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu tammonta għal EUR 11 489 000 000;
25. Jinnota li, għas-sena finanzjarja 2010, il-kontribuzzjoni kumplessiva tal-Unjoni għall-baġit tal-Impriżi Konġunti laħqet EUR 505 000 000;
26. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti lill-awtorità ta' kwittanza kull sena informazzjoni konsolidata dwar l-ammont totali tal-finanzjament annwali għal kull Impriża Konġunta li jkun sar mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, biex tiżgura t-trasparenza u ċ-ċarezza dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni u biex terġa' tikseb il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej li jħallu t-taxxi;

27. Jilqa' l-inizjattiva tal-ARTEMIS li fir-RAA tagħha tinkludi informazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rieżami tal-proġetti li jinsabu għaddejnin; jemma li din hija Prattika li għandhom jimxu fuqha l-Impriżi Konġunti l-oħra;
 28. Ifakkar li l-Impriżi konġunti huma sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u li, b'konsegwenza ta' dan, l-interessi tas-settur pubbliku u ta' dak privat huma magħgħuna flimkien; huwa ta-fehma li, fiċ-ċirkustanzi, il-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess m'għandhiex tiġi skartata, imma għandha tiġi indirizzata sewwa; jistieden għalhekk lill-Impriżi Konġunti jinfurmaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmi ta' verifika li hemm fl-istrutturi rispettivi tagħhom, biex ikun jista' jkun hemm ġestjoni tajba u prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi;
 29. Jinnota li, bl-eċċezzjoni notevoli tal-Impriża Konġunta għall-Proġett ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, l-Impriżi Konġunti huma strutturi relattivament żgħar u ġeografikament ikkonċentri; jemma għalhekk li għandhom jiġmgħu r-riżorsi tagħhom kull fejn dan ikun possibbli;
 30. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza azzjonijiet ta' segwitu għall-kummenti li għamlet għal kull waħda mill-Impriżi Konġunti fir-rapport rispettiv dwar il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2011;
 31. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex, fi żmien raġonevoli, tipprovdurapport speċjali lill-Parlament dwar il-valur miżjud tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti għat-twettiq effiċjenti tal-programmi ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni tal-Unjoni; jirrimarka wkoll li l-istess rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-effikaċja tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti.
-

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/605/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar l-istabbiliment tal-“Impriża Konġunta ARTEMIS” għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Konġunta Teknoloġika ta' Sistemi ta' Kompjuters Inkorporati ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0109/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ARTEMIS, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 52.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010

(2012/606/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky, adottati b'Deċiżjoni tal-Bord Governattiv tagħha fis-7 ta' Novembru 2008,
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2011 dwar ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky, maħruġa mill-Qorti tal-Awdituri fit-8 ta' Frar 2011,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0115/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Clean Sky fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t' hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Clean Sky, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky, adottati bid-deċiżjoni tal-Bord Governattiv tagħha fis-7 ta' Novembru 2008,
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2011 dwar ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky, maħruġa mill-Qorti tal-Awdituri fit-8 ta' Frar 2011,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0115/2012),
- A. billi l-Impriża Konġunta Clean Sky ("l-Impriża Konġunta") ġiet stabbilita f'Diċembru 2007 għal perjodu ta' 10 snin biex taċċellera l-iżvilupp, il-validazzjoni u d-demonstrazzjoni ta' teknoloġiji nodfa tat-trasport bl-ajru fl-Unjoni bil-għan li jibdew jintużaw mill-aktar fis possibbli,
- B. billi l-Impriża Konġunta bdiet taħdem awtonomament f'Novembru 2009,
- C. billi l-Qorti tal-Awdituri tiddikjara li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet koperti bihom huma legali u regolari,

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 8.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- D. billi l-kontribuzzjoni massima mill-Unjoni għall-Impriża Konġunta għall-10 snin hija EUR 800 000 000, somma li għandha titħallas mill-baġit tas-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka,
- E. billi għas-sena finanzjarja 2010 l-baġit tal-Impriża Konġunta kien jammonta għal EUR 168 553 053,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li l-istruttura u l-preżentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għall-2010 la kienu skont ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 71/2008 li jstabbilha u lanqas skont ir-Regoli Finanzjarji tagħha; ingħata x'jifhem mill-Impriża Konġunta li l-istruttura u l-preżentazzjoni tal-baġit ġew adattati fil-baġit tal-2011; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex tiżgura lill-awtorità ta' kwittanza li l-istruttura u l-preżentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta issa huma għalkollox konformi mar-Regolament (KE) Nru 71/2008 u r-Regoli Finanzjarji tagħha;
2. Jagħraf li l-baġit finali tal-Impriża Konġunta kien jinkludi EUR 168 000 000 f'approprazzjonijiet ta' impenn u EUR 129 000 000 f'approprazzjonijiet ta' ħlas;
3. Jenfasizza, mill-kontijiet finali, li filwaqt li r-rata ta' utilizzazzjoni tal-Impriża Konġunta għall-appropriazzjonijiet ta' impenn kienet 96 %, ir-rata tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas kienet biss 58 %; jinnota bi tħassib li dan jirrifletti d-dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-attivitàjiet meta mqabbel mal-pjan inizjali;
4. Huwa mħasseb dwar ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni tal-baġit u jiddispaċih li hemm bilanċ ta' EUR 53 000 000 fi flus kontanti fi tmiem is-sena, somma li tirrappreżenta 41 % tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas disponibbli għall-2010;

Is-sistemi ta' kontroll intern

5. Jinnota mill-Qorti tal-Awdituri li l-Impriża Konġunta għadha ma implimentatx għalkollox is-sistemi tagħha ta' kontroll intern u ta' informazzjoni finanzjarja matul l-2010, u li għad jeħtieġ isir aktar xogħol fuq il-proċeduri ta' kontroll *ex ante* mħaddma għall-validazzjoni tal-klejms tal-ispejjeż; iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta biex timplimenta l-miżuri meħtieġa sabiex tiffinalizza s-sistemi tagħha ta' kontroll intern u ta' informazzjoni finanzjarja;
6. Jagħraf mir-Rapport Annwali 2010 dwar l-Attività (RAA) li l-Impriża Konġunta ħolqot lista ta' verifika għad-Dimostraturi tat-Teknoloġija Integrata biex itejbu l-kwalità tal-klejms tal-ispejjeż imressqa u jiċċaraw il-ħtiġijiet ta' rappurtar għal ċerti aspetti tal-klejms;
7. Jagħraf li l-Impriża Konġunta rrifjutat klejms tal-ispejjeż f'każijiet fejn membru jew assoċjat ma ppreżentax iċ-ċertifikat ta' awditu meħtieġ skont it-termini ta' referenza tal-ftehimiet tal-għoti; jinnota, b'mod partikolari, mill-Kontijiet Finali li, fl-2010, l-Impriża Konġunta vvalidat klejms tal-ispejjeż imressqa mill-Membri għat-twettiq ta' proġetti fl-2008 u l-2009, u li l-valutazzjoni tal-eliġibbiltà ta' ċerti spejjeż kellha r-riżultat li madwar 11 % tal-ispejjeż ġew rifjutati; jinnota b'sodisfazzjon li l-Impriża Konġunta rkuprat il-prefinanzjament li kien tħallas żejjed;
8. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li, hija u tivvalida l-klejms tal-ispejjeż, ferba' każijiet l-Impriża Konġunta ma qisix eċċezzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikati tal-awditu; jitlob għalhekk lill-Impriża Konġunta tqis dovutement l-eċċezzjonijiet inklużi fiċ-ċertifikati tal-awditu meta tkun qed tivvalida l-klejms tal-ispejjeż sottostanti;
9. Jistabbilixxi mir-RAA li l-Impriża Konġunta żviluppat strateġija ta' awditu *ex post* li ġiet adottata f'Diċembru 2010; jitlob lill-Impriża Konġunta biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-livell ta' implimentazzjoni tal-istrateġija u dwar ir-riżultati milħuqa; jitlob lill-Qorti tal-Awdituri, barra minn hekk, biex tevalwa l-istrateġija u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-konklużjonijiet tagħha;
10. Jagħraf mir-RAA li l-Impriża Konġunta, flimkien mal-Impriża Konġunta tal-Inizjattiva tal-Mediċini Innovattivi u l-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, varat il-proċedura ta' akkwist għal servizzi ta' awditu *ex post* minn ditti esterni; jinnota li l-ewwel awditu *ex post* se jsiru fit-tieni tliet xhur tal-2011 wara l-iffirmar tal-kuntratti mal-offerenti magħżula;

11. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-Impriża Konġunta għandha livell adegwat ta' governanza u ta' prattika tal-IT skont id-daqs u l-missjoni tagħha; jenfasizza, madankollu, li għadhom lura l-formalizzazzjoni tal-politiki u l-proċeduri fiċ-ċiklu tal-ippjanar strateġiku u l-monitoraġġ tal-IT, il-politiki u r-regoli tas-sigurtà, il-ġestjoni tar-riskji tal-IT u l-Pjan tal-Kontinwazzjoni tal-Attività u l-Pjan ta' Rkupru; jistieden lill-Impriża Konġunta biex tagħmel tajjeb għas-sitwazzjoni u tipprovd lill-awtorità ta' kwittanza rapport aġġornat dwar dan;
12. Jieħu nota li l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Impriża Konġunta vvalida s-sistemi finanzjarji u ta' kontabilità (ABAC u SAP); jinnota, madankollu, li l-proċessi ta' attività sottostanti ma ġewx ivalidati, b'mod partikolari s-sistema li tipprovd informazzjoni finanzjarja dwar il-validazzjoni tal-klejms tal-ispejjeż; jistieden lill-Impriża Konġunta biex tagħmel tajjeb għas-sitwazzjoni u tipprovd lill-awtorità ta' kwittanza rapport aġġornat dwar dan;
13. Jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta adottat pjan strateġiku komprensiv dwar il-verifika interna għall-perjodu 2010-2012; jiddispjaċih, madankollu, li wħud mill-proċessi ewlenin, bħalma huma l-validazzjoni tal-klejms tal-ispejjeż u l-awditi *ex post*, mhumiex maħsubin li jinbdew qabel l-2011;

Is-Sejħa għal Proposti u n-Negozjati dwar il-Proġetti

14. Jinnota mill-Impriża Konġunta li varat ħames Sejħiet fl-2010; jirimarka li l-istatistika marbuta ma' dawn is-Sejħiet, li kellha tkun inkluża fl-Anness 6, hija nieqsa mir-RAA; iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta biex tippubblika din l-istatistika;
15. Jagħraf mir-RAA li l-Impriża Konġunta fl-2010 stiednet lil tliet osservaturi differenti biex tiżgura t-trasparenza fil-proċess ta' evalwazzjoni; jinnota mill-Impriża Konġunta li kull wieħed minnhom kellu aċċess sħiħ għall-istadji kollha tal-evalwazzjoni kif ukoll għal laqgħat ta' kunsens;
16. Jitlob lill-Impriża Konġunta tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmi ta' verifika li timplimenta biex tiżgura l-indipendenza sħiħa tal-esperti u l-osservaturi u b'hekk ittaffi r-riskji ta' kunflitti ta' interess tul l-evalwazzjoni tal-offerti mixħuta;
17. Jenfasizza li l-Impriża Konġunta fir-RAA tagħha semmiet li r-rapporti ta' evalwazzjoni tal-osservaturi kienu disponibbli mis-sit tal-Internet tagħha; jiddispjaċih, madankollu, li dan mhuwiex il-każ, u għalhekk jitlob lill-Impriża Konġunta biex tippubblika dawn ir-rapporti minnufih;

Il-Protezzjoni tal-Proprietà Intellettwali

18. Jirimarka li, sa tmiem l-2010, l-Impriża Konġunta kienet għadha ma kkompletatx il-proċeduri interni biex tissorvelja l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet inklużi fil-ftehimiet dwar il-konsorzji u l-għoti rigward il-protezzjoni, l-użu u t-tixrid ta' riżultati tar-riċerka;

Il-Prestazzjoni

19. Jinnota li l-ewwel evalwazzjoni interim tal-Kummissjoni dwar l-Impriża Konġunta saret fi tmiem l-2010; jagħraf li l-evalwazzjoni interim identifikat id-dgħufijiet li ġejjin:
 - il-kumulu ta' dewmien sinifikanti, meta mqabbel mal-pjanijiet inizjali, minħabba diffikultajiet fl-istabbiliment tal-proċeduri u r-regoli interni tal-Impriża Konġunta, kif ukoll fil-bini tal-ekwipaġġi;
 - dewmien ta' natura teknika identifikat mill-pjan ta' ħidma "minn isfel 'il fuq" f'Ġunju 2010;
 - in-nuqqas ta' tħejjija, sew fil-livell amministrattiv kif ukoll f'dak tekniku, meta nbdiet l-Impriża Konġunta;

20. Josserva li l-ewwel evalwazzjoni interim fasslet lista ta' 34 rakkomandazzjoni lill-Impriża Konġunta u lista ta' 8 rakkomandazzjonijiet lill-Bord ta' Tmexxija tagħha; jitlob lill-Impriża Konġunta tinforma lill-awtorita ta' kwittanza dwar il-miżuri mdaħħla wara r-riżultati ta' din l-ewwel evalwazzjoni interim;

L-Awditu Intern

21. Jieħu nota li r-regoli finanzjarji tal-impriża Konġunta għadhom ma ġewx emendati biex jinkludu dispożizzjoni li tirreferi għas-setgħat tal-awditur intern tal-Kummissjoni rigward il-baġit ġenerali fl-intier tiegħu;
22. Jinnota, madankollu, li l-Kummissjoni u l-Impriża Konġunta ħadu passi biex jiżguraw li jkunu definiti biċ-ċar ir-rwoli operazzjonali rispettivi tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni u tal-funzjoni tal-awditjar intern tal-Impriża Konġunta.

In-nuqqas ta' ftehim ta' Stat Ospitanti

23. Itenni li l-Impriża Konġunta għandha tikkonkludi malajr ftehim ospitanti mal-Belġju dwar l-uffiċċji, il-privileġġi, l-immunitajiet u appoġġ ieħor li l-Belġju għandu jipprovdi lill-Impriża Konġunta kif jistipula r-Regolament (KE) Nru 71/2008 li jstabbiliha; jieħu nota tat-tweġiba tal-Impriża Konġunta li abbozz tal-ftehim ta' Stat Ospitanti tressaq għall-approvazzjoni tal-Gvern Belġjan.

Kummenti orizzontali dwar l-Impriżi Konġunti

24. Jenfasizza li, sal-lum, il-Kummissjoni stabbiliet seba' Impriżi Konġunti skont l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jinnota li sitt Impriżi konġunti (IMI, ARTEMIS, ENIAC, CLEAN SKY, FCH u ITER-F4E) huma fl-arja ta' riċerka koperta mid-DĠ RTD u INFOS, filwaqt li waħda għandha l-inkariku li tiżviluppa sistema ġdida tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fil-qasam tat-trasport, u li l-attivitajiet tagħha huma sorveljati mid-DĠ MOVE;
25. Jinnota li r-riżorsi totali indikattivi meqjusa neċessarji għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu jammontaw għal EUR 21 793 000 000;
26. Jinnota li l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni meqjusa neċessarja għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu tammonta għal EUR 11 489 000 000;
27. Jinnota li, għas-sena finanzjarja 2010, il-kontribuzzjoni kumplessiva tal-Unjoni għall-baġit tal-Impriżi Konġunti laħqet EUR 505 000 000;
28. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti lill-awtorità ta' kwittanza kull sena informazzjoni konsolidata dwar l-ammont totali tal-finanzjament annwali għal kull Impriża Konġunta li jkun sar mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, biex tiżgura t-trasparenza u ċ-ċarezza dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni u biex terġa' tikseb il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej li jħallsu t-taxxi;
29. Jilqa' l-inizjattiva tal-ARTEMIS li fir-RAA tagħha tinkludi informazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rieżami tal-proġetti li jinsabu għaddejjin; jemmen li din hija Prattika li għandhom jimxu fuqha l-Impriżi Konġunti l-oħra;
30. Ifakkar li l-Impriżi konġunti huma sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u li, b'konsegwenza ta' dan, l-interessi tas-settur pubbliku u ta' dak privat huma magħgħuna flimkien; huwa ta-fehma li, fiċ-ċirkustanzi, il-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess m'għandhiex tiġi skartata, imma għandha tiġi indirizzata sewwa; jistieden għalhekk lill-Impriżi Konġunti jinfurmaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmi ta' verifika li hemm fl-istrutturi rispettivi tagħhom, biex ikun jista' jkun hemm ġestjoni tajba u prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi;

31. Jinnota li, bl-eċċezzjoni notevoli tal-Impriża Konġunta għall-Proġett ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, l-Impriża Konġunti huma strutturi relattivament żgħar u ġeografikament ikkonċentrati; jemmaen għalhekk li għandhom jiġmgħu r-riżorsi tagħhom kull fejn dan ikun possibbli;
 32. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza azzjonijiet ta' segwitu għall-kummenti li għamlet għal kull waħda mill-Impriżi Konġunti fir-rapport rispettiv dwar il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2011;
 33. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex, fi żmien raġonevoli, tipprovdirapport speċjali lill-Parlament dwar il-valur miżjud tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti għat-twettiq effiċjenti tal-programmi ta' riċerka, iżvilupp teknoloġiku u dimostrarazzjoni tal-Unjoni; jirimarka wkoll li l-istess rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-effikaċja tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti.
-

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010

(2012/607/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 - C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 71/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta Clean Sky ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(4) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky, adottati bid-deċiżjoni tal-Bord Governattiv tagħha fis-7 ta' Novembru 2008,
 - wara li kkunsidra l-Opinjoni Nru 2/2011 dwar ir-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta Clean Sky, maħruġa mill-Qorti tal-Awdituri fit-8 ta' Frar 2011,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0115/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Clean Sky, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/608/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal- 20 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0112/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ENIAC fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn isfel;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ENIAC, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 48.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 21.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 – C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal- 20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0112/2012),
- A. billi l-Impriża Konġunta ENIAC ("l-Impriża Konġunta") twaqqfet fl-20 ta' Diċembru 2007 għal perjodu ta' 10 snin biex tiddefinixxi u timplimenta "aġenda ta' riċerka" għall-iżvilupp ta' kompetenzi ewlenin tan-nanoelettronika f'oqsma ta' applikazzjoni differenti;
- B. billi l-Impriża Konġunta nġhatat l-awtonomija finanzjarja tagħha f'Lulju 2010;
- C. billi l-Impriża Konġunta tinsab fil-fażi inizjali u sa tmiem l-2010 kienet għadha ma stabbilietx għalkollox is-sistemi tagħha ta' kontroll intern u rappurtar finanzjarju,
- D. billi l-Qorti tal-Awdituri fir-rapporti tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010 kkwalifikat l-opinjoni tagħha fir-rigward tal-affidabbiltà tal-kontijiet, għar-raġuni li l-Impriża Konġunta ma inkludietx fil-kontijiet tagħha l-Kont tal-Eżitu tal-Baġit u r-rikonċiljazzjoni ta' dan mal-Kont tal-Eżitu Ekonomiku,
- E. billi l-Qorti tal-Awdituri, fir-rapporti tagħha dwar il-kontijiet finali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010, tiddikjara li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 48.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 21.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

F. billi l-kontribuzzjoni massima mill-Unjoni għall-Impriża Konġunta għall-10 snin hija EUR 450 000 000, somma li għandha titħallas mill-baġit tas-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka,

G. billi l-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010 kien jammonta għal EUR 38 440 000,

L-affidabbiltà tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta

1. Huwa mħasseb li l-Impriża Konġunta rċeviet opinjoni kkwalfikata mill-Qorti tal-Awdituri dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet, minħabba li l-Impriża Konġunta ma inkludietx fil-kontijiet tagħha l-Kont tal-Eżitu tal-Baġit u r-rikonċiljazzjoni ta' dan mal-Kont tal-Eżitu Ekonomiku kif tirrikjedi r-Regola tal-Kontabilità tal-KE Nru 16 "Preżentazzjoni tal-informazzjoni baġitarja fil-kontijiet annwali";
2. Jieħu nota mill-Impriża Konġunta li l-opinjoni kwalifikata hija minħabba l-fatt li l-Impriża Konġunta u l-Qorti tal-Awdituri rreferew għal dati differenti biex jistabbilixxu meta bdiet taħdem b'mod awtonomu l-Impriża Konġunta;

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

3. Jagħraf li d-DĠ INFSO kellha fidejha l-ġestjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta mill-1 ta' Jannar 2010 sal-4 ta' Mejju 2010; jinnota li l-appropriazzjonijiet amministrattivi ġew trasferiti lill-Impriża Konġunta f'Mejju 2010, iżda li l-linji tal-baġit operazzjonali ma ġewx trasferiti u baqgħu inaċċessibbli fis-sistema ta' kontabilità sal-waqt meta l-Impriża Konġunta uffiċjalment ingħatat l-awtonomija finanzjarja fis-26 ta' Lulju 2010; jenfasizza li l-Impriża Konġunta kisbet il-kapaċità li timplimenta l-baġit proprju tagħha mit-22 ta' Settembru 2010, mat-trasferiment tal-appropriazzjonijiet għall-attivitajiet operazzjonali;
4. Jinnota mill-Impriża Konġunta li l-baġit finali kien fih appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas għall-ammont ta' EUR 38 440 000, li minnhom is-somma ta' EUR 36 168 000 hija ddedikata għas-Sejħa tal-2010;
5. Jagħraf li r-rati ta' utlizzazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas disponibbli kienu 99 % u 24 % rispettivament; huwa mħasseb dwar l-implimentazzjoni baxxa tal-baġit tal-has, u barra minn hekk tal-attivitajiet sottostanti tal-Impriża Konġunta; jissottolinja li l-bilanċ ta' flus kien jammonta għal EUR 20 000 000 fi tmiem is-sena, somma li tirrappreżenta 53 % tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas disponibbli għall-2010;
6. Jirrimarka li l-implimentazzjoni baxxa tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas hija r-riżultat tad-dewmien fit-trasferiment tal-attivitajiet operazzjonali u tal-finanzjament korrispondenti mill-Kummissjoni lill-Impriża Konġunta;
7. Jinnota, minn kummenti ta-Impriża Konġunta, li tfassal Manwal ta' Proċeduri li jiżgura s-segregazzjoni tal-funzjonijiet li ppermetta li jiġu identifikati l-ħames eċċezzjonijiet li ġejjin li sehew fil-fażi inizjali tal-implimentazzjoni tal-baġit proprju:
 - tliet kuntratti ġew iffirmati waqt li t-tranżazzjonijiet tal-ABAC kienu għadhom għaddejnin, minħabba sottostima tat-tul ta' żmien meħtieġ għall-proċedura tal-ABAC;
 - kuntratt marbut ma' impenn eżistenti kien ffirmat qabel ma ġie konkluż li kien jirrikjedi impenn ġdid;
 - fit-trasferiment waqt il-ksib tal-awtonomija nstab li kien hemm kuntratt nieqes li ġie ffirmat wara li kienu ġew approvati l-ewwel pagamenti;

jieħu nota li l-azzjonijiet korrettivi ġew implimentati u li ma ġiet irreġistrata l-ebda eċċezzjoni oħra;

Is-sistemi ta' kontroll intern

8. Ihegġegħ lill-Impriża Konġunta biex tikkompleta s-sistemi ta' kontroll intern u ta' informazzjoni finanzjarja; jistieden lill-Impriża Konġunta, b'mod partikolari, biex tistabilixxi u tiddokumenta elementi importanti tas-sistema tagħha ta' kontroll intern, bħalma huma proċeduri tal-kontabilità u kontrolli relatati mal-għeluq tal-kontijiet u mal-għarfien u l-kejl tal-infiq operazzjonali;
9. Jieħu nota li l-Qorti tal-Awdituri sabet li nkixfu dgħufijiet ta' kontroll fil-qasam tal-verifika ex-ante tal-pagamenti ta' prefinanzjament, b'mod partikolari rigward il-kalkolu u l-validazzjoni tal-ammonti mħallsa; jenfasizza li kien hem serħan sħiħ fuq iċ-ċertifikati li waslu mill-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Finanzjament għall-pagamenti ta' prefinanzjament u għall-aċċettazzjoni tal-kostijiet, u li ma sar l-ebda kontroll ieħor biex ikun żgurat li l-ispejjeż dikjarati kienu legali u regolari;
10. Jinnota li l-awditu ex-post ta' klejms ta' kosts relatati mal-proġetti ġie ddelegat għalkollox lill-Istati Membri; iqisha importanti, madankollu, li l-Impriża Konġunta tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-membri tagħha jitħarsu b'mod adegwat u li t-tranżazzjonijiet sottostanti jkunu legali u regolari; huwa tal-fehma, għaldaqstant, li l-Impriża Konġunta se ssibha diffiċli tiżgura li l-interessi finanzjarji tal-Membri tagħha jitħarsu b'mod adegwat u li t-tranżazzjonijiet sottostanti jkunu legali u regolari; jistieden lill-Impriża Konġunta biex terġa' taħseb l-istrateġija tagħha rigward l-awditjar ex-post tal-klejms tal-ispejjeż u biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmu implimentat ħalli jiżgura l-ottemperanza mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 72/2008 li jistabbiliha;
11. Jieħu nota li l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Impriża Konġunta vvalida s-sistemi finanzjarji u ta' kontabilità (ABAC u SAP); jinnota, madankollu, li l-proċessi ta' attività sottostanti ma ġewx ivvalidati, b'mod partikolari s-sistema li ttipprovdu informazzjoni finanzjarja dwar il-validazzjoni u l-pagamenti tal-klejms għall-ispejjeż li waslu mill-awtoritajiet nazzjonali; jitlob lill-Impriża Konġunta tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-qagħda tal-validazzjoni tal-proċessi ta' attività sottostanti;
12. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-Impriża Konġunta għandha livell adegwat ta' governanza u ta' Prattika tal-IT skont id-daqs u l-missjoni tagħha; jenfasizza, madankollu, li għadhom lura ċ-ċiklu tal-ippjanar strateġiku tal-IT, il-klassifikazzjoni tad-data skont ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u l-Pjan ta' Rkupru mid-Diżastri; jistieden lill-Impriża Konġunta biex issewwi din il-qagħda u ttipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza rapport aġġornat dwar dan;

L-Awditjar Intern

13. Jirrimarka li r-regoli finanzjarji tal-impriża Konġunta għadhom ma ġewx emendati biex jinkludu dispożizzjoni li tirreferi għas-setgħat tal-awditur intern tal-Kummissjoni rigward il-baġit ġenerali fl-intier tiegħu;
14. Jinnota madankollu li l-karta tal-mandat tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni ġiet adottata mill-Bord Governattiv tal-Impriża Konġunta;

Dewmien fl-ilħiq tal-awtonomija finanzjarja

15. Itenni li Impriża Konġunta twaqqfet fi Frar 2008, iżda bdiet taħdem awtonomament f'Lulju 2010; jesprimi t-tħassib kbir tiegħu li l-Impriża Konġunta ħadet kwart tat-tul ta' żmien maħsub għaliha, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru 2017, biex tilħaq l-awtonomija finanzjarja; jinnota li kien f'it wara Settembru 2010, meta sar it-trasferiment ta' flus mill-Kummissjoni lill-Impriża Konġunta biex ikopri l-appropriazzjonijiet operazzjonali, li l-Impriża Konġunta setgħet tagħmel pagamenti operazzjonali; jinsisti li dan id-dewmien, madankollu, m'għandux jikkawża prolongament tal-perjodu ta' 10 snin tal-eżistenza tagħha, imma għandu jixpruna lit-tmexxija tal-Impriża Konġunta biex tindirizza n-nuqqasijiet kollha u tilħaq l-oġettivi tagħha matul il-perjodu previst ta' 10 snin;

Is-Sejħa għal Proposti u t-Tmexxija tal-Proġetti*Is-Sejħa tal-2010*

16. Jinnota, mill-Impriża Konġunta, li kien hemm risposta qawwija għat-tielet Sejħa għal Proposti; jieħu nota li għaxar proposti ntgħażlu għall-finanzjament, imma 11-il proġett 'il fuq mil-limitu ma setgħux jiġu ffinanzjati minħabba li l-baġit disponibbli kien eżawrit;

Is-Sejħiet tal-2008 u l-2009

17. Huwa mħasseb ħafna bil-progress kajman tal-proġetti tal-ewwel Sejħa (2008) u tat-tieni Sejħa (2009);
18. Jinnota, mir-Rapport Annwali dwar l-Attività (RAA) tal-Impriża Konġunta, li fi tmiem is-sena 2010, is-sitwazzjoni għall-ewwel Sejħa hija kif ġej:

— mit-total ta' 166 sieħeb, sitt sħab (3,6 %) ma kellhomx Ftehimiet ta' Għoti Nazzjonali, l-aktar minħabba xogħol amministrattiv wara tibdiliet;

— 15,1 % tas-sħab (25, l-aktar sħab Taljani) ikkonkludew Ftehim ta' Għoti Nazzjonali, iżda ma ffirmawx il-Formola ta' Adeżjoni;

19. Jagħraf, minn kummenti tal-Impriża Konġunta, li mxew b'pass saħansitra aktar kajman il-kuntratti għall-proġetti mit-tieni Sejħa, li għalihom sa tmiem l-2010 setgħu jiġu ffirmati biss sitt Ftehimiet ta' Għoti tal-Impriża Konġunta, filwaqt li l-ħames proġetti l-oħra ġarrbu dewmien għar-raġunijiet li ġejjin:

— tliet proġetti għandhom koordinaturi tal-proġett Taljani, li għadhom qed jistennew id-digriet nazzjonali, u li ma qablux li jiġu sostitwiti minn sħab minn pajjiżi oħrajn;

— il-proġett SMART kien definit mill-ġdid wara li Franza kkanċellat il-finanzjament minħabba qtuġh fil-baġit diversi xhur wara d-deċizzjoni tal-Bord tal-Awtoritajiet Pubbliċi;

— il-proġett MIRANDELA kien lest għall-iffirmar, imma fl-aħħar minuta nbidlet il-persuna responsabbli awtorizzata li tiffirma;

20. Jistabbilixxi, mir-RAA, li mill-bidu tal-programm sa tmiem l-2010, l-Impriża Konġunta eżegwiewt aktar minn 300 pagament ta' għoti għal ammont totali ta' EUR 9 800 000; jinnota li l-Impriża Konġunta tqis li s-sitwazzjoni tal-kuntratti utal-pagamenti mhijiex aċċettabbli, u li ddeċidiet tiegħu azzjonijiet biex:

— tiżgura li l-entitajiet involuti fil-proċess ikollhom għarfien tajjeb dwar il-proċeduri;

— tikkjarifika s-segwenza tal-passi u tal-iskambji li jeħtieġ li jsiru mal-Awtoritajiet Nazzjonali ta' Finanzjament;

— tiddefinixxi l-passi li għandhom jittieħdu u tħaffef il-proċeduri;

— issegwi l-progress permezz ta' żjajjar lill-awtoritajiet nazzjonali biex tagħmel rieżami tal-istatus jew tikkjarifika l-proċeduri;

21. Jitlob lill-Impriża Konġunta biex tipprowdi lill-awtorità ta' kwittanza:

— rapport aġġornat dwar is-sitwazzjoni attwali rigward proġetti tal-ewwel u t-tieni Sejħa, f'termini tal-progress tal-kuntratti u ta' pagamenti tal-għoti;

— rapport ta' evalwazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex iħaffu l-proċess kuntrattwali u tal-pagamenti u dwar il-progress li jsir permezz tal-implimentazzjoni tagħhom;

— rapport aġġornat dwar is-sitwazzjoni attwali rigward il-proġetti tat-tielet Sejħa, sew f'dak li jirrigwarda l-kuntratti kif ukoll il-pagamenti;

Il-Prestazzjoni

22. Jinnota mir-RAA li, fis-16 ta' Diċembru 2010, ġie adottat ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-ewwel evalwazzjoni interim tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti ARTEMIS u ENIAC;

23. Jissottolinja li l-evalwazzjoni interim għamlet tliet rakkomandazzjonjiet lill-Impriża Konġunta:

— biex issolvi l-problema ta' "rikkbiet b'xejn", l-Impriża Konġunta għandha tistabbilixxi sistema fejn kull benefiċjarju li ma jkunx membru jħallas perċentwal tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni tiegħu bħala ħlas għall-ispejjeż tal-Impriża Konġunta;

— il-proċessi ta' evalwazzjoni u għażla għandhom jinbidlu biex il-portafoll ta' proġetti appoġġati jaqbel aktar mal-għanijiet strateġiċi Ewropej tal-programm;

— L-Istati Membri u l-Assoċjazzjonijiet Industrijali għandhom jaħdmu flimkien biex jistabbilixxu proċessi fejn il-proponenti potenzjali jistgħu jingħataw informazzjoni kostruttiva dwar il-prospett li jingħataw appoġġ;

jitlob lill-Impriża Konġunta tinforma lill-awtorita ta' kwittanza dwar il-miżuri mdaħħla wara r-riżultati tal-ewwel evalwazzjoni interim;

24. Jinnota li l-Impriża Konġunta tqis li l-infiq aktar baxx milli kien previst tal-baġit operazzjonali tagħha bħala l-aktar kwistjoni importanti li qed taffettwalha l-kapaċità li taqdi l-missjoni tagħha; jinnota li, bħala konsegwenza, l-Impriża Konġunta ħadet azzjoni fl-2010 biex tidentifika punti ta' azzjoni li jistgħu jiżviluppaw is-sitwazzjoni f'sens pożittiv, fosthom:

— l-istimolazzjoni tad-definizzjoni ta' proġetti ta' rilevanza strateġika;

— l-identifikazzjoni ta' programmi nazzjonali li jistgħu jibbenefikaw jekk jittellgħu fil-kuntest Ewropew;

— l-ingaġġ ta' entitajiet nazzjonali ta' finanzjament addizzjonali;

— l-ottimizzazzjoni tat-tqassim tal-finanzjament bejn ir-raggruppament CATRENE tal-EUREKA u l-Impriża Konġunta;

jitlob lill-Impriża Konġunta biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-istat ta' implimentazzjoni ta' dawn il-punti ta' azzjoni u dwar ir-riżultati milħuqa;

25. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Programm Speċifiku li jimplementa Orizzont 2020 – Il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) – li fiha l-Kummissjoni tqajjem possibbiltà li l-Impriżi Konġunti ARTEMIS u ENIAC jingħaqdu f'inizjattiva waħda, kif ukoll il-possibbiltà li jitwaqqfu Impriżi Konġunti ġodda fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-parti ta' Orizzont 2020 dwar "Sfidi soċjetali"; jistieden lill-Kummissjoni biex iżżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar dan;

In-nuqqas ta' ftehim ta' Stat Ospitanti

26. Itenni li l-Impriża Konġunta għandha tikkonkludi malajr ftehim ospitanti mal-Belġju dwar l-uffiċċji, il-privileġġi, l-immunitajiet u appoġġ ieħor li l-Belġju għandu jipprovdi lill-Impriża Konġunta kif jistipula r-Regolament (KE) Nru 72/2008 li jstabbiliha;

Kummenti orizzontali dwar l-Impriżi Konġunti

27. Jissottolinja li, sal-lum, il-Kummissjoni stabbiliet seba' Impriżi Konġunti skont l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jinnota li sitt Impriżi konġunti (IMI, ARTEMIS, ENIAC, CLEAN SKY, FCH u ITER-F4E) huma fl-arja ta' riċerka koperta mid-DĠ RTD u INFSO, filwaqt li waħda għandha l-inkariku li tiżviluppa sistema ġdida tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fil-qasam tat-trasport, u li l-attivitajiet tagħha huma sorveljati mid-DĠ MOVE;
 28. Jinnota li r-riżorsi totali indikattivi meqjusa neċessarji għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu jammontaw għal EUR 21 793 000 000;
 29. Jinnota li l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni meqjusa neċessarja għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu tammonta għal EUR 11 489 000 000;
 30. Jinnota li, għas-sena finanzjarja 2010, il-kontribuzzjoni kumplessiva tal-Unjoni għall-baġit tal-Impriżi Konġunti laħqet EUR 505 000 000;
 31. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti lill-awtorità ta' kwittanza kull sena informazzjoni konsolidata dwar l-ammont totali tal-finanzjament annwali għal kull Impriża Konġunta li jkun sar mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, biex tiżgura t-trasparenza u ċ-ċarezza dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni u biex terġa' tikseb il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej li jħallsu t-taxxi;
 32. Jilqa' l-inizjattiva tal-ARTEMIS li fir-RAA tagħha tinkludi informazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rieżami tal-proġetti li jinsabu għaddejjin; jemmen li din hija Prattika li għandhom jimxu fuqha l-Impriżi Konġunti l-oħra;
 33. Ifakkar li l-Impriżi konġunti huma sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u li, b'konsegwenza ta' dan, l-interessi tas-settur pubbliku u ta' dak privat huma magħgħuna flimkien; huwa ta-fehma li, fiċ-ċirkustanzi, il-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess m'għandhiex tiġi skartata, imma għandha tiġi indirizzata sewwa; jistieden għalhekk lill-Impriżi Konġunti jinfurmaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmi ta' verifika li hemm fl-istrutturi rispettivi tagħhom, biex ikun jista' jkun hemm ġestjoni tajba u prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi;
 34. Jinnota li, bl-eċċezzjoni notevoli tal-Impriża Konġunta għall-Proġett ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, l-Impriżi Konġunti huma strutturi relattivament żgħar u ġeografikament ikkonċentri; jemmen għalhekk li għandhom jiġmgħu r-riżorsi tagħhom kull fejn dan ikun possibbli;
 35. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza azzjonijiet ta' segwitu għall-kummenti li għamlet għal kull waħda mill-Impriżi Konġunti fir-rapport rispettiv dwar il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2011;
 36. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex, fi żmien raġonevoli, tipprovdirapport speċjali lill-Parlament dwar il-valur miżjud tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti għat-twettiq effiċjenti tal-programmi ta' riċerka, iżvilupp teknoloġiku u dimostrarazzjoni tal-Unjoni; jirrimarka wkoll li l-istess rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-effikaċja tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti.
-

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/609/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal- 20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta ENIAC ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0112/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta ENIAC, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 48.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 21.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta FCH għas-sena finanzjarja 2010

(2012/610/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jstabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1183/2011 tal-14 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 521/2008 li jstabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0110/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn isfel;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-direttur tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 40.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 302, 19.11.2011, p. 3.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta FCH għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1183/2011 tal-14 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 521/2008 li jistabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0110/2012),
- A. billi l-Impriża Konġunta FCH ("l-Impriża Konġunta") ġiet stabbilita f'Mejju 2008 għal żmien sal-31 ta' Diċembru 2017 biex tiffoka fuq l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tas-suq u b'hekk tiffaċilita sforzi industrijali addizzjonali bil-għan li jinfirxu rapidament it-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u tal-idroġenu,
- B. billi l-Impriża Konġunta bdiet tgawdi awtonomija finanzjarja biss minn Novembru 2010,
- C. billi l-Qorti tal-Awdituri tiddikjara li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet koperti bihom huma legali u regolari,

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 40.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 302, 19.11.2011, p. 3.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- D. billi l-Membri Fundaturi tal-Impriża Konġunta huma l-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u l-Grupp Industrijali Ewropew għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu (Grupp Industrijali),
- E. billi l-kontribuzzjoni massima mill-Unjoni għall-Impriża Konġunta għall-perjodu sħiħ hija EUR 470 000 000, li għandha titħallas mill-baġit tas-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka,
- F. billi għas-sena finanzjarja 2010 l-baġit tal-Impriża Konġunta kien jammonta għal EUR 97 400 000,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota mill-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010 li l-baġit kien taħt il-ġestjoni tad-DG RTD mill-1 ta' Jannar 2010 sal-14 ta' Novembru 2010; jieħu nota li l-Impriża Konġunta saret awtonoma fil-15 ta' Novembru 2010;
 2. Jagħraf mill-kontijiet annwali finali li, matul is-sena 2010, l-Impriża Konġunta għamlet żewġ emendi fil-baġit; jagħraf, b'mod partikolari, li:
 - l-ewwel emenda tal-baġit kienet maħsuba biex tirruttura l-linji tal-infiq skont il-ħtiġijiet tal-Impriża Konġunta u tqassam id-dħul mill-ġdid, fil-qies tal-awtonomija tal-Impriża Konġunta tard fl-2010;
 - it-tieni emenda tal-baġit gemgħet flimkien żewġ linji tad-dħul abbażi ta' talba mill-Kummissjoni;
 3. Jistabbilixxi mill-Kontijiet Annwali Finali li, fl-2010, id-Direttur Eżekuttiv awtorizza tliet trasferimenti baġitarji li jirrapreżentaw total ta' 0,11 % tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas għall-2010;
 4. Jinnota mill-kontijiet annwali finali li, fl-2010, l-Impriża Konġunta kellha rata ta' eżekuzzjoni tal-baġit ta' 99,01 % f'dak li jirrigwarda appropriazzjonijiet ta' impenn u 88,7 % rigward appropriazzjonijiet ta' ħlas; jieħu nota partikolari ta':
 - ir-rata baxxa ta' eżekuzzjoni fl-appropriazzjonijiet tal-Persunal, sew rigward appropriazzjonijiet ta' impenn kif ukoll appropriazzjonijiet ta' ħlas, jiġifieri 19,14 % u 13,63 % rispettivament, dovuta l-aktar għal dewmien fir-reklutaġġ;
 - ir-rata baxxa ta' eżekuzzjoni fl-appropriazzjonijiet ta' ħlas tal-Infrastruttura, jiġifieri 15,39 %, marbuta mal-fatt li l-Impriża Konġunta laħqet l-awtonomija tard;
- jitlob lill-Impriża Konġunta tispjega lill-awtorità ta' kwittanza dwar id-dewmien fir-reklutaġġ; ihegġegħ lill-Impriża Konġunta, barra minn hekk, tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri adottati u implimentati biex jagħmlu tajjeb għas-sitwazzjoni u jippermettu rata akbar ta' eżekuzzjoni tal-baġit tagħha, sew rigward l-impjenji kif ukoll rigward il-ħlasijiet;
5. Jinnota li l-pagamenti operazzjonali lill-benefiċjarji tal-2010 saru fl-aħħar sitt ġimgħat tal-2010;

Is-Sistemi Interni ta' Kontroll

6. Jistieden lill-Impriża Konġunta, u b'mod partikolari lill-Uffiċjal tal-Kontabilità tagħha, biex t/jifformalizza u t/jivvalida l-proċessi sottostanti ta' attività kif jesigū r-regoli finanzjarji;

7. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-Impriża Konġunta għandha livell adegwat ta' governanza u ta' prattika tal-IT skont id-daqs u l-missjoni tagħha; jenfazizza, madankollu, li għadhom lura l-formalizzazzjoni tal-politiki u l-proċeduri taċ-ċiklu tal-ippjanar strateġiku rigward l-IT, il-klassifikazzjoni tad-data skont ir-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità u integrità u l-Pjan tal-Kontinwazzjoni tal-Attività u l-Irkupru mid-Diżastri; jistieden lill-Impriża Konġunta biex tagħmel tajjeb għas-sitwazzjoni u ttipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza rapport aġġornat dwar dan;
8. Itenni li Impriża Konġunta twaqqfet f'Mejju 2008, iżda bdiet taħdem awtonomament f'Novembru 2010; jesprimi t-tħassib tiegħu li l-metodoloġija għall-evalwazzjoni ta' kontribuzzjonijiet in natura, f'konformità mar-regoli finanzjarji tagħha u abbażi tar-Regoli dwar il-Parteċipazzjoni tas-Seba' Programm ta' Qafas, għadha ma ġietx żviluppata; jinnota mit-tweġiba tal-Impriża Konġunta lill-Qorti tal-Awdituri li abbozzat metodoloġija fit-tieni kwart tal-2011 u li din tressqet għall-adozzjoni quddiem il-Bord ta' Tmexxija f'Novembru 2011; jitlob lill-Impriża Konġunta biex taġġorna lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-aħħar żviluppi rigward l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-metodoloġija;

L-Awditu Intern

9. Jieħu nota li r-regoli finanzjarji tal-impriża Konġunta għadhom ma ġewx emendati biex jinkludu dispożizzjoni li tirreferi għas-setgħat tal-awditur intern tal-Kummissjoni rigward il-baġit ġenerali fl-intier tiegħu;
10. Jinnota, madankollu, li l-Kummissjoni u l-Impriża Konġunta ħadu passi biex jiżguraw li jkunu definiti biċ-ċar ir-rwoli operazzjonali rispettivi tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni u tal-funzjoni tal-awditjar intern tal-Impriża Konġunta;

Is-Sejħa għal Proposti u t-Tmexxija tal-Proġetti

11. Jinnota mir-Rapport Annwali ta' Attività (RAA) li, matul l-2009, l-Impriża Konġunta ffinalizzat il-proċess ta' għażla għas-Sejħa għal Proposti tal-2009, billi ffirmat Ftehim ta' Għoti għal 28 proġett u li l-ewwel pagamenti, għall-konsorzji kollha għajr wieħed, saru sa tmiem is-sena 2010;
12. Jistabbilixxi mir-RAA li s-Sejħa għal Proposti tal-2010 ġiet ippubblikata fit-18 ta' Ġunju 2010 u li l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta kienet EUR 89 100 000; jieħu nota li 71 proposta tressqu sal-iskadenza, li minnhom 43 issodisfaw il-kriterji tal-evalwazzjoni, u li n-negożjati kuntrattwali saru fl-2011;
13. Jitlob lill-Impriża Konġunta ttipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza:
 - rapport aġġornat dwar is-sitwazzjoni attwali rigward proġetti tas-Sejħa għal Proposti tal-2009, f'termini ta' pagamenti u riżultati preliminari;
 - rapport aġġornat dwar is-sitwazzjoni attwali rigward proġetti tas-Sejħa għal Proposti tal-2010, sew f'dak li jirrigwarda l-kuntratti kif ukoll il-pagamenti;
14. Jagħraf li l-evalwazzjoni tas-Sejħa għal Proposti tal-2010 għamluha 32 espert indipendenti flimkien ma' president, u li żewġ osservaturi indipendenti ssorveljaw il-proċedura ta' evalwazzjoni biex jiżguraw li din titwettaq b'mod ġust, imparzjali u kunfidenzjali; jitlob lill-Impriża Konġunta tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmi ta' verifika li timplimenta biex tiżgura l-indipendenza sħiħa tal-esperti u l-osservaturi u b'hekk ittaffi r-riskji ta' kunflitti ta' interess tul l-evalwazzjoni tal-offerti mixħuta;

In-nuqqas ta' ftehim ta' Stat Ospitanti

15. Itenni li l-Impriża Konġunta għandha tikkonkludi malajr ftehim ospitanti mal-Belġju dwar l-uffiċċji, il-privileġġi, l-immunitajiet u appoġġ ieħor li l-Belġju għandu jipprovdi lill-Impriża Konġunta kif jistipula r-Regolament (KE) Nru 521/2008 li jstabbililha;

Kummenti orizzontali dwar l-Impriżi Konġunti

16. Jissottolinja li, sal-lum, il-Kummissjoni stabbiliet seba' Impriżi Konġunti skont l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jinnota li sitt Impriżi konġunti (IMI, ARTEMIS, ENIAC, CLEAN SKY, FCH u ITER-F4E) huma fl-erja ta' riċerka koperta mid-DĠ RTD u INFOS tal-Kummissjoni, filwaqt li waħda għandha l-inkariku li tiżviluppa sistema ġdida tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fil-qasam tat-trasport, u li l-attivitajiet tagħha huma sorveljati mid-DĠ MOVE;
17. Jinnota li r-riżorsi totali indikattivi meqjusa neċessarji għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu jammontaw għal EUR 21 793 000 000;
18. Jinnota li l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni meqjusa neċessarja għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu tammonta għal EUR 11 489 000 000;
19. Jinnota li, għas-sena finanzjarja 2010, il-kontribuzzjoni kumplessiva tal-Unjoni għall-baġit tal-Impriżi Konġunti laħqet EUR 505 000 000;
20. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti lill-awtorità ta' kwittanza kull sena informazzjoni konsolidata dwar l-ammont totali tal-finanzjament annwali għal kull Impriża Konġunta li jkun sar mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, biex tiżgura t-trasparenza u ċ-ċarezza dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni u biex terġa' tikseb il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej li jħallu t-taxxi;
21. Jilqa' l-inizjattiva tal-Impriża Konġunta ARTEMIS li fir-RAA tagħha tinkludi informazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rieżami tal-proġetti tagħha li jinsabu għaddejjin; jemmen li din hija Prattika li għandhom jimxu fuqha l-Impriżi Konġunti l-oħra;
22. Ifakkar li l-Impriżi konġunti huma sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u li, b'konsegwenza ta' dan, l-interessi tas-settur pubbliku u ta' dak privat huma magħgħuna flimkien; huwa ta-fehma li, fiċ-ċirkustanzi, il-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess m'għandhiex tiġi skartata, imma għandha tiġi indirizzata sewwa; jistieden għalhekk lill-Impriżi Konġunti jinfurmaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmi ta' verifika li hemm fl-istrutturi rispettivi tagħhom, biex ikun jista' jkun hemm ġestjoni tajba u prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi;
23. Jinnota li, bl-eċċezzjoni notevoli tal-Impriża Konġunta għall-Proġett ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, l-Impriżi Konġunti huma strutturi relattivament żgħar u ġeografikament ikkonċentrati; jemmen għalhekk li għandhom jiġmgħu r-riżorsi tagħhom kull fejn dan ikun possibbli;
24. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri ttiprovdi lill-awtorità ta' kwittanza azzjonijiet ta' segwitu għall-kummenti li għamlet għal kull waħda mill-Impriżi Konġunti fir-rapport rispettiv dwar il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2011;
25. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex, fi żmien raġonevoli, tippovdirapport speċjali lill-Parlament dwar il-valur miżjud tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti għat-tweġġ effiċjenti tal-programmi ta' riċerka, iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni tal-Unjoni; jirimarka wkoll li l-istess rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-effikaċja tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2010

(2012/611/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 521/2008 tat-30 ta' Mejju 2008 li jstabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu ⁽³⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1183/2011 tal-14 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 521/2008 li jstabbilixxi Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu ⁽⁴⁾,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0110/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2010
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta FCH, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 40.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 153, 12.6.2008, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 302, 19.11.2011, p. 3.⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010

(2012/612/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi ⁽³⁾, u b'mod speċjali l-Artikolu 11(4) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0108/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-riżoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 17.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Meju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi ⁽³⁾, u b'mod speċjali l-Artikolu 11(4) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi adottati bid-Deċiżjoni tal-Bord Governattiv tagħha tat-2 ta' Frar 2009,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0108/2012),
- A. billi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi ("l-Impriża Konġunta") twaqqfet f'Diċembru 2007 għal perjodu ta' 10 snin biex ittejjeb b'mod sinifikanti l-effiċjenza u l-effikaċja tal-proċess tal-iżvilupp tal-mediċini, bil-mira fit-tul li s-settur farmaċewtiku jipproduċi mediċini innovattivi li jkunu aktar effikaċi u sikuri,
- B. billi l-Impriża Konġunta bdiet tiffunzjona b'mod awtonomu fis-16 ta' Novembru 2009,
- C. billi l-Qorti tal-Awdituri tiddikjara li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet koperti bihom huma legali u regolari,

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 17.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- D. billi l-kontribuzzjoni massima mill-Unjoni għall-Impriża Konġunta għall-perjodu ta' 10 snin hija EUR 1 000 000 000, somma li għandha tiffallas mill-baġit tas-Seba' Programm ta' Qafas għar-Riċerka,
- E. billi, għas-sena finanzjarja 2010, il-baġit tal-Impriża Konġunta kien jammonta għal EUR 107 150 584,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota bi tħassib li l-baġit annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010 u l-pjan ta' implimentazzjoni ġew adottati mill-Bord Governattiv mhux qabel is-16 ta' Marzu 2010, u b'hekk għal kważi t-tul kollu tal-ewwel trimestru, l-Impriża Konġunta kellha tuża r-regola baġitarja tad-dodi-ċeżmu provviżorju biex tkun tista' tagħmel il-pagamenti;
2. Huwa mħasseb li l-Membri tal-Impriża Konġunta ma setgħux fil-ħin jistabbilixxu u jaqblu fuq il-prijoritajiet xjentifiċi li kellhom ikunu inklużi fil-pjan ta' implimentazzjoni annwali, u b'hekk dewmu l-varar tas-sejħa għal proposti annwali tal-2010 sat-22 ta' Ottubru 2010;
3. Jinnota li l-baġit finali tal-Impriża Konġunta għall-2010 kien jinkludi EUR 107 150 584 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u EUR 29 009 840 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet; jinnota li r-rati ta' utlizzazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' impenn u ħlas disponibbli niżlu fil-livelli hekk baxxi ta' 6 % u 35 % rispettivament;
4. Huwa mħasseb dwar l-implimentazzjoni baxxa tal-baġit, u barra minn hekk, dwar l-attivitajiet sottostanti tal-Impriża Konġunta; jissottolinja li l-bilanċ ta' flus kien jammonta għal EUR 70 731 612,03 fi tmiem is-sena, somma li tirrappreżenta 65 % tal-approprijazzjonijiet ta' ħlas disponibbli għall-2010;
5. Jinnota li l-Impriża Konġunta sostniet li r-rati baxxi tal-implimentazzjoni tal-approprijazzjonijiet ta' impenn u ħlas u l-livell għoli tal-bilanċ ta' flus kienu kkawżati:
 - mid-dewmien fid-definizzjoni tal-prijoritajiet xjentifiċi u t-temi tas-sejħa tal-Impriża Konġunta, li wassal għal dewmien fil-publikazzjoni tas-sejħiet għal proposti u fil-proċess relatat ta' evalwazzjoni u għażla;
 - mill-pagamenti ta' prefinanzjament lil proġetti kollaborattivi tat-tielet Sejħa li saru fl-2011 minflok fl-2010 bħal ma kien ibbaġitjat oriġinalment, minħabba dewmien fil-konsorzji magħżula li affettwa l-iffirmar tal-ftehimiet ta' għoti;

jitlob, madankollu, lill-Impriża Konġunta u lill-membri tagħha biex jieħdu azzjonijiet f'lokhom ħalli jiżguraw definizzjoni f'waqtha tal-prijoritajiet xjentifiċi u t-temi tas-sejħiet, u ħalli jippermettu li l-baġit ikun ibbilanċjat fis-snin finanzjarji tal-ġejjieni;

L-evalwazzjoni ta' kontribuzzjonijiet in natura

6. Ifakkar li Impriża Konġunta twaqqfet f'Diċembru 2007 u bdiet taħdem awtonomament fis-16 ta' Novembru 2009; jesprimi t-tħassib gravi tiegħu għall-fatt li l-metodoloġija għall-evalwazzjoni ta' kontribuzzjonijiet *in natura*, li għandha tkun definita fir-regoli interni tal-Impriża Konġunta skont ir-regoli finanzjarji tagħha, għadha ma ġietx approvata mill-Bord Governattiv u li, għaldaqstant, il-membri tal-Impriża Konġunta mill-Fondazzjoni Ewropea tal-Industriji u l-Assoċjazzjonijiet Farmaċewtiċi (EFPIA) ma kinux fil-qagħda li jirrapportaw dwar l-ispejjeż imġarrba fl-ewwel perjodu ta' rappurtar, kif jistipulaw il-ftehimiet tal-għoti;
7. Jinnota mit-tweġiba tal-Impriża Konġunta li qed isiru konsultazzjonijiet dwar il-metodoloġija li għandha tintuża għall-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet in natura mill-kumpaniji membri tal-EFPIA fil-proġetti tal-Impriża Konġunta, u li r-rapporti individwali dwar kontribuzzjonijiet in natura se jitressqu wara li l-Bord Governattiv japprova l-mudell rivedut tal-ftehim tal-għoti; iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta u lill-Bord Governattiv tagħha biex jaġġornaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar dan;

Il-Proċeduri ta' Akkwist

8. Jistabbilixxi mir-Rapport Anwali dwar l-Attività (RAA) tagħha li, fl-2010, l-Impriża Konġunta adottat il-*"Linji gwida tal-IMI għal proċeduri ta' akkwist ta' valur baxx"*, maħsuba biex jiffaċilitaw l-ottemperanza tagħha mal-Gwida Ġenerali għall-Akkwist Pubbliku tal-Kummissjoni Ewropea, u li jirriflettu l-livelli massimi tal-Akkwist Pubbliku stabbiliti fir-regoli finanzjarji tagħha għal Proċeduri ta' Akkwist;
9. Jinnota, barra minn hekk, li l-Impriża Konġunta kellha żewġ Proċeduri ta' Akkwist ta' valur għoli fl-2010, għall-infrastruttura tal-IT u għall-awditi ex-post rispettivament, li wasslu biex il-kuntratti ta' qafas jġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali; jissottolinja li dawn il-proċeduri ġew varati b'mod konġunt ma' Impriżi Konġunti oħra; isib li l-inizjattiva tal-Impriżi Konġunti li joħorġu proċeduri ta' akkwist konġunti hija interessanti; jemmen li dan jippermetti li l-Impriżi Konġunti jgawdu minn ekonomiji tal-kobor u jiffrankaw il-flejjes pubbliċi; iħeġġeġ lill-Impriżi Konġunti, għaldaqstant, biex jirrikorru għal proċeduri ta' akkwist konġunti kemm jista' jkun spiss;
10. Jagħraf li l-Impriża konġunta varat proċeduri ta' akkwist ta' valur baxx għall-iżvilupp tas-sit tal-Internet tagħha, għall-organizzazzjoni ta' avvenimenti ta' komunikazzjoni li saru matul is-sena, kif ukoll għax-xiri ta' għamara tal-uffiċċji fis-sede l-ġdida;
11. Jinnota li, bħala parti mill-obbligi legali tagħha, l-Impriża Konġunta ppubblikat fuq is-sit tal-Internet tagħha lista tal-kuntratti mġotija; jinnota li l-lista tippreżenta l-kuntratti mogħtija mill-ħolqien tal-Impriża Konġunta sal-31 ta' Ottubru 2010; iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta biex taġġorna regolarment il-lista tal-kuntratti mogħtija;

Is-Sejħa għal Proposti u n-Negożjati dwar il-Proġetti

12. Ifakkar li l-Impriża Konġunta haġġet it-tielet sejħa għal proposti, li ġiet varata fit-22 ta' Ottubru 2010;
13. Jagħraf li, fl-2010, l-Impriża Konġunta ffinalizzat il-proċess tan-negożjati għat-tieni sejħa għal proposti kif ukoll bdiet tirċievi u tħallas klejms tal-isejjeż mill-benefiċjarji li qed jieħdu sehem fil-proġetti ffinanzjati taħt l-ewwel sejħa għal proposti, ġestita mill-Kummissjoni u varata f'April 2008;
14. Jinnota mir-RAA tal-Impriża Konġunta li, fil-kuntest tat-tieni sejħa għal proposti, esperti indipendenti ħadu sehem fil-bordijiet ta' evalwazzjoni, ħliet għall-valutazzjoni finali u bla dritt tal-vota, u li, barra minn hekk, l-Uffiċċju Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta stieden lil osservaturi indipendenti għall-proċess ta' evalwazzjoni f'żewġ fażijiet; jitlob lill-Impriża Konġunta tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmi ta' verifika li timplimenta biex tiżgura l-indipendenza sħiħa tal-esperti u l-osservaturi u b'hekk ittaffi r-riskji ta' kunflitti ta' interess tul l-evalwazzjoni tal-offerti mixħuta;
15. Jieħu nota, mir-RAA li l-osservaturi indipendenti huma responsabbli għall-ħruġ ta' rapport dwar kull stadju tal-proċess ta' evalwazzjoni; jinnota wkoll li pjan ta' azzjoni bbażat fuq ir-Rapport tal-Osservaturi Indipendenti tat-Tieni Stadju ġie ppubblikat f'Settembru 2010, u li l-Uffiċċju Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta qed jimplementa dawn l-azzjonijiet għat-tielet sejħa għall-proposti; jitlob lill-Impriża Konġunta biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-livell ta' implimentazzjoni ta' kull waħda mill-miżuri inklużi fil-pjan ta' azzjoni;
16. Jagħraf mill-Impriża Konġunta li diversi miżuri implimentattivi ġew stabbiliti fil-proċessi operazzjonali tagħha biex jipprevjenu l-kunflitti tal-interess; jinnota, b'mod partikolari, li kull min ikun involut fl-attivitajiet tal-Impriża Konġunta jeħtieġu jottempera ruħu ma' regoli preskrittivi stabbiliti sewwa u infurzati; jitlob lill-Impriża Konġunta biex tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni b'miżuri konkreti u bi skadenzi ħalli tipprevjeni l-kunflitti tal-interess u ssaħħaħ it-trasparenza, u jitlobha tipprovdi dan il-pjan lill-awtorità ta' kwittanza;

Is-sistemi ta' kontroll intern

17. Ihegġegħ lill-Impriża Konġunta biex tikkompleta s-sistemi ta' kontroll intern u ta' informazzjoni finanzjarja; jistieden lill-Impriża Konġunta, b'mod partikolari, biex tistabbilixxi u tiddokumenta elementi importanti tas-sistema tagħha ta' kontroll intern, bħalma huma proċeduri tal-kontabilità u kontrolli relatati mal-għeluq tal-kontijiet u mal-għarfien u l-kejl tal-infiq operazzjonali;
18. Jistieden lill-Impriża Konġunta, barra minn hekk, u b'mod partikolari lill-Uffiċjal tal-Kontabilità tagħha, biex t/jifformalizza u t/jivvalida fil-waqt il-proċessi sottostanti ta' attività kif jesigū r-regoli finanzjarji; jinnota li t-tweġiba tal-Impriża Konġunta li l-validazzjoni tal-proċessi sottostanti ta' attività ta' appoġġ għas-sistema ta' kontabilità għet konklużi f'Ġunju 2011; jitlob lill-Impriża Konġunta biex tispjega dan id-dewmien lill-awtorità ta' kwittanza;
19. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-Impriża Konġunta għandha livell adegwat ta' governanza u ta' prattika tal-IT skont id-daqs u l-missjoni tagħha; jenfasizza, madankollu, li għadhom lura l-formalizzazzjoni tal-politiki u l-proċeduri fiċ-ċiklu tal-ippjanar strateġiku u l-monitoraġġ tal-IT, il-ġestjoni tar-riskji tal-IT u l-Pjan tal-Kontinwazzjoni tal-Attività u l-Pjan ta' Rkupru mid-Diżastri; ihegġegħ lill-Impriża Konġunta biex tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni b'miżuri konkreti u bi skadenzi ħalli tħaffef il-formalizzazzjoni tal-politiki u l-proċeduri fl-oqsma msemmija hawn fuq u tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li jsir;
20. Jirrimarka li l-istrateġija tal-Impriża Konġunta dwar l-awditjar ex-post għet adottata b'deċiżjoni tal-Bord Governattiv fl-14 ta' Diċembru 2010; ihegġegħ lill-Impriża Konġunta biex timplimenta l-istrateġija bla dewmien billi twestaq kontrolli fil-post u awditi finanzjarji fost il-parteċipanti tal-Attivitajiet ta' Riċerka ffinanzjatji mill-Impriża Konġunta, u biex tissottometti lill-awtorità ta' kwittanza rapport annwali mfassal mid-Direttur tagħha bil-konklużjonijiet ta' tali awditi, ir-rakkomandazzjonijiet li jkunu saru u l-korrezzjonijiet finanzjarji li jkunu ġew imposti;

Il-Verifika Interna

21. Jirrimarka li r-regoli finanzjarji tal-impriża Konġunta għadhom ma ġewx emendati biex jinkludu dispożizzjoni li tirreferi għas-setgħat tal-awditur intern tal-Kummissjoni rigward il-baġit ġenerali fl-intier tiegħu;
22. Jinnota, madankollu, li l-Kummissjoni u l-Impriża Konġunta ħadu passi biex jiżguraw li jkunu definiti biċ-ċar ir-rwoli operazzjonali rispettivi tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni (IAS) u tal-uffiċċju tal-awditjar intern tal-Impriża Konġunta;
23. Jieħu nota ta' kummenti mill-Impriża Konġunta li l-ħtieġa għal kjarifika ulterjuri tar-rwol tal-IAS fir-regoli finanzjarji tal-Impriża Konġunta se tiġi vvalutata wara l-finalizzazzjoni tar-rieżami li qed isir tar-Regolament Finanzjarju ta' Qafas;
24. Jagħraf mir-RAA tal-Impriża Konġunta għall-2010 li hija stabbiliet Kapaċità proprja tal-Awditjar Intern (IAC) f'Novembru 2010;
25. Jagħraf mit-tweġiba tal-Impriża Konġunta lill-Qorti tal-Awdituri li r-rwoli tal-funzjoni tal-awditjar intern tal-Impriża Konġunta u tal-IAS ġew ikkjarifikati u fformalizzati permezz tal-approvazzjoni tal-Karti tal-Awditjar tal-IAS u tal-IAC f'Marzu 2011; jieħu nota wkoll tal-fatt li qed jitħejja wkoll pjan strateġiku koordinat dwar l-awditjar għall-perjodu 2012-2014 biex jiżgura li l-impatt tal-awditi ppjanati jkun ottimizzat u li titnaqqas kemm jista' jkun id-duplikazzjoni ta' xogħol ta' awditjar bejn l-IAS u l-IAC; jitlob lill-Impriża Konġunta, għalhekk, biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-istat ta' thejjiha u implimentazzjoni tal-pjan strateġiku dwar l-awditjar għall-perjodu 2012-2014;

Il-prestazzjoni

26. Jinnota li l-Kummissjoni qabdet li jsir rieżami interim skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2008 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta, u li r-rieżami ffoka fuq il-kwalità, l-effiċjenza, u l-kontribut tal-Impriża Konġunta lejn l-ilħiq ta' miri stabbiliti;
27. Jagħraf li l-evalwazzjoni interim identifikat ċerti dgħufijiet:
- l-istrutturi ta' governanza interna għadhom mhux qed jaħdmu bl-aħjar mod;
 - kien hemm nuqqas ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni proattivi;
 - għad mhuwiex sfruttat għalkollox il-potenzjal ta' konsulenza ta' bosta persuni interessati;
 - in-nuqqas ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni identifikati u użati mill-Impriża Konġunta jfisser li hemm ir-riskju li r-riżultati tal-inizjattiva sħiħa jkunu diffużi;
- jinnota li l-evalwazzjoni interim intemmet f'Diċembru 2010 u li fformulat seba' rakkomandazzjonijiet; jieħu nota li l-Impriża Konġunta kkommettiet ruħha li tindirizza l-konklużjonijiet tal-evalwazzjoni interim u tieħu azzjonijiet ta' segwitu fuqhom;
28. Jesiġi li l-Impriża Konġunta, għalhekk, tikkomunika lill-awtorità ta' kwittanza l-miżuri adottati, bl-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom, biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tar-rieżami interim, u tipprovdi wkoll aġġornamenti regolari dwar il-progress li jkun sar;

In-nuqqas ta' Ftehim ta' Stat Ospitanti

29. Itenni li l-Impriża Konġunta għandha tikkonkludi malajr ftehim ospitanti mal-Belġju dwar l-uffiċċji, il-privileġġi, l-immunitajiet u appoġġ ieħor li l-Belġju għandu jipprovdi lill-Impriża Konġunta kif jistipula r-Regolament (KE) Nru 73/2008 li jistabbiliha.

Kummenti orizzontali dwar l-Impriżi Konġunti

30. Jissottolinja li, sal-lum, il-Kummissjoni stabbiliet seba' Impriżi Konġunti skont l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jinnota li sitt Impriżi konġunti (IMI, ARTEMIS, ENIAC, CLEAN SKY, FCH u ITER-F4E) huma fl-arja ta' riċerka koperta mid-DG RTD u INFISO, filwaqt li waħda għandha l-inkariku li tiżviluppa sistema ġdida tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fil-qasam tat-trasport, u li l-attivitajiet tagħha huma sorveljati mid-DG MOVE;
31. Jinnota li r-riżorsi totali indikattivi meqjusa neċessarji għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu jammontaw għal EUR 21 793 000 000;
32. Jinnota li l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni meqjusa neċessarja għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu tammonta għal EUR 11 489 000 000;
33. Jinnota li, għas-sena finanzjarja 2010, il-kontribuzzjoni kumplessiva tal-Unjoni għall-baġit tal-Impriżi Konġunti laqgħet EUR 505 000 000;
34. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti lill-awtorità ta' kwittanza kull sena informazzjoni konsolidata dwar l-ammont totali tal-finanzjament annwali għal kull Impriża Konġunta li jkun sar mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, biex tiżgura t-trasparenza u ċ-ċarezza dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni u biex terġa' tikseb il-fiducia taċ-ċittadini Ewropej li jħallsu t-taxxi;
35. Jilqa' l-inizjattiva tal-ARTEMIS li fir-RAA tagħha tinkludi informazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rieżami tal-proġetti li jinsabu għaddejjin; jemmen li din hija Prattika li għandhom jimxu fuqha l-Impriżi Konġunti l-oħra;

36. Ifakkar li l-Impriżi konġunti huma sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u li, b'konsegwenza ta' dan, l-interessi tas-settur pubbliku u ta' dak privat huma magħgħuna flimkien; huwa ta-fehma li, fiċ-ċirkustanzi, il-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess m'għandhiex tiġi skartata, imma għandha tiġi indirizzata sewwa; jistieden għalhekk lill-Impriżi Konġunti jinfurmaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmi ta' verifika li hemm fl-istrutturi rispettivi tagħhom, biex ikun jista' jkun hemm ġestjoni tajba u prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi;
 37. Jinnota li, bl-eċċezzjoni notevoli tal-Impriża Konġunta għall-Proġett ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, l-Impriżi Konġunti huma strutturi relattivament żgħira u ġeografikament ikkonċentrate; jemmnen għalhekk li għandhom jiġmgħu r-riżorsi tagħhom kull fejn dan ikun possibbli;
 38. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tippovdi lill-awtorità ta' kwittanza azzjonijiet ta' segwitu għall-kummenti li għamlet għal kull waħda mill-Impriżi Konġunti fir-rapport rispettiv dwar il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2011;
 39. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex, fi żmien raġonevoli, tippovdirapport speċjali lill-Parlament dwar il-valur miżjud tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti għat-tweqqif effiċjenti tal-programmi ta' riċerka, iżvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni tal-Unjoni; jirrimarka wkoll li l-istess rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-effikaċja tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti.
-

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010

(2012/613/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabilixxi l-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi ⁽³⁾, u b'mod speċjali l-Artikolu 11(4) tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0108/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 17.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 30, 4.2.2008, p. 38.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010

(2012/614/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tad-Delegazzjoni Konġunta tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew għall-ITER f'Cadarache mis-16 sat-18 ta' Mejju 2011,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferilha vantaġġi ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0113/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn isfel;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-direttur tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 24.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tad-Delegazzjoni Konġunta tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew għall-ITER f'Cadarache mis-16 sat-18 ta' Mejju 2011,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferilha vantaġġi ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,
 - wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni adottata permezz ta' deċiżjoni tat-22 ta' Ottubru 2007 mill-Bord Governattiv tal-Impriża Konġunta (minn hawn 'il quddiem "Regolament Finanzjarju tal-ITER");
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0113/2012),
- A. billi Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (l-Impriża Konġunta) twaqqfet f'Marzu 2007 għal perjodu ta' 35 sena,
- B. billi l-Qorti tal-Awdituri tiddikjara li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet koperti bihom huma legali u regolari,
- C. billi r-Regolament Finanzjarju tal-ITER huwa bbażat fuq il-qafas tar-Regolament Finanzjarju, li ġie emendat reċentement biex jiġi allinjat mat-tibdiliet li saru fir-Regolament Finanzjarju Ġenerali,

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 24.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- D. billi fid-9 ta' Ottubru 2008 l-Qorti tal-Awdituri ħarġet l-Opinjoni Nru 4/2008 dwar ir-Regolament Finanzjarju tal-ITER,
- E. billi l-Impriża Konġunta bdiet tiffunzjona b'mod awtonomu fit-18 ta' Marzu 2008,
- F. billi fil-ħolqien tal-Impriża Konġunta it-total indikattiv tar-riżorsi li tqiesu meħtieġa għall-perjodu mill-2007 sal-2014 kien EUR 9 653 000 000;
- G. billi l-baġit finali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010 kien fih approprjazzjonijiet ta' impenn għall-ammont ta' EUR 444 100 000 u approprjazzjonijiet ta' ħlas għall-ammont ta' EUR 241 700 000;

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota li f'Janar 2010, il-Bord Governattiv aċċetta r-riżenja tal-ewwel Direttur tal-Impriża Konġunta;
2. Jinnota bi tħassib li l-Qorti tal-Awdituri tiġbed l-attenzjoni għar-rekwiżit ta' riżorsi sostanzjalment miżjuda għall-proġett ITER meta mqabbla mat-total indikattiv ta' riżorsi li kien tqies neċessarju għall-perjodu 2007-2014;
3. Jinnota li l-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010 kien ġie adottat inizjalment għall-ammont kollettiv ta' EUR 447 400 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 254 900 000 f'approprjazzjonijiet ta' ħlas; jifhem mill-Kontijiet Finali tal-Impriża Konġunta li l-baġit tagħha għall-2010 kien emendat darbtejn; jagħraf, b'mod partikolari, li l-aħħar żewġ baġits emendatorji kellhom erba' finijiet:
 - li l-kontribuzzjoni amministrattiva tal-Euratom titnaqqas b'EUR 3 300 000 bil-għan li jintlaħaq qbil totali bejn il-baġit inizjali tal-Impriża Konġunta u l-baġit ġenerali tal-Unjoni għall-2010;
 - li tiġi aġġornata l-Kontribuzzjoni tal-Istat Ospitatnti tal-ITER: nota ta' debitu għall-ammont sħiħ provdut fil-baġit, EUR 13 600 000, inħarġet għall-pagament tal-kontribuzzjoni Franċiża tal-2010; abbażi ta' previżjoni reali fil-pagament, EUR 8 000 000 ġew inkassati fl-2010;
 - li jiġu aġġornati l-kontribuzzjonijiet ta' sħubija: l-Impriża Konġunta rċeviet il-kontribuzzjonijiet ta' sħubija kollha għall-2009, iżda l-Italja u l-Ungerija ma ħallsux il-kontribuzzjonijiet tagħhom relatati mal-baġit tal-2010, minkejja diversi tfakkiriet;
 - li jirreġistraw dħul addizzjonali minn imġax bankarju fuq il-kontribuzzjoni Franċiża (EUR 104 506,54), imġax fuq il-"kont kurrenti" (EUR 34 629,49), u rimborż miċ-Ċentru ta' Traduzzjoni tal-Korpi tal-Unjoni Ewropea (EUR 1 389,00);
4. Jieħu nota, minn kummenti li għamlet il-Impriża Konġunta, li hija implimentat 99,9 % tal-baġit tagħha għall-2010 fdak li jirrigwarda l-approprjazzjonijiet ta' impenn; huwa mħasseb, madankollu, minħabba d-dewmien fl-implimentazzjoni ta' attivitajiet li rriżulta frata ta' utilizzazzjoni ta' biss 63,4 % rigward l-approprjazzjonijiet ta' ħlas;
5. Jagħraf bi tħassib li t-trasferimenti mill-2009 ammontaw għal EUR 106 800 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 52 200 000 f'approprjazzjonijiet ta' ħlas, u li l-parti l-kbira ta' dawn l-approprjazzjonijiet ġejjin mill-Istat Ospitanti tal-ITER u huma allokatu għall-kostruzzjoni tal-ITER;

6. Jinnota mill-Kontijiet Finali tal-Impriża Konġunta li, fl-2010, l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' ħlas ikkanċellati għall-infiq amministrattiv ammontaw għal EUR 1 090 550,73, filwaqt li appropriazzjonijiet ta' ħlas ikkanċellati għall-infiq operazzjonali ammontaw għal EUR 50 713 452,82;
7. Jissottolinja bi tħassib il-bilanċ kbir ta' flus, li kien jammonta għal EUR 78 800 000 fi tmiem is-sena, somma li tirrappreżenta 26,8 % tal-appropriazzjonijiet ta' ħlas disponibbli fl-2010;

Akkwist u Għotjiet

8. Jinnota mir-Rapport Annwali dwar l-Attività (RAA) tal-Impriża Konġunta għall-2010 li ngħataw total ta' 44 kuntratt ta' akkwist, għal valur totali ta' EUR 826 000 000; jinnota, b'mod partikolari, li nbdew 42 proċedura ta' akkwist operazzjonali, tlestew 43 evalwazzjonijiet ta' akkwist u ġew iffirmati 43 kuntratt ta' akkwist; jistabbilixxi wkoll mir-RAA li l-Impriża Konġunta ħarġet total ta' ħames proċeduri ta' akkwist amministrattiv, tat seba' kuntratti ta' akkwist amministrattiv għal valur totali ta' EUR 6 000 000 u ffirmat sitt kuntratti ta' akkwist;
9. Jagħraf li nħarġu total ta' 16-il proċedura ta' għoti, tlestew 21 evalwazzjoni, ingħataw 23 ftehimiet u ġew iffirmati 29 ftehimiet;
10. Jagħraf li l-Qorti tal-Awdituri eżaminat kampjun ta' disa' proċeduri ta' akkwist u sitt proċeduri ta' għoti; huwa mħasseb li, mid-disa' proċeduri ta' akkwist li ngħaddew minn awditu, tlieta rċewew biss offerta waħda; barra minn hekk, huwa mħasseb li għall-għotjiet, l-għadd medju ta' proposti riċevuti kien biss proposta waħda għal kull sejħa; iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta biex tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni b'miżuri konkreti u bi skadenzi ħalli timmassimizza l-kompetizzjoni u timxi fuq il-prinċipju ta' valur għall-infiq fil-fażijiet tat-thejjja, il-pubblikazzjoni, l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tal-kuntratti;
11. Jinnota li l-kontrolli magħmula mill-Impriża Konġunta qabel ma jsiru pagamenti skont ftehimiet ta' għoti mħumiex dokumentati biżżejjed biex jipprovdu ċertezza rigward l-ottemperanza mar-rekwiżiti finanzjarji u dwar l-eliġibbiltà tal-kostijiet sottostanti; jissottolinja li l-Awditur Intern tal-Impriża Konġunta nnota wkoll li l-approċċ ta' kontroll *ex ante* għall-ħlas ta' klejms tal-ispejjeż la huwa effikaċi u lanqas imħejji sewwa biex jipproċessal-klejms tal-ispejjeż; jitlob lill-Impriża Konġunta biex tieħu l-miżuri meħtieġa ħalli ssaħħaħ il-kontrolli qabel ma jsiru l-pagamenti, u biex iżżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata dwar dan;
12. Jinnota li l-lista ta' benefiċjarji ta' kuntratti u għotjiet mhijiex disponibbli għall-pubbliku fis-sit tal-Internet tal-Impriża Konġunta, u huwa mħasseb dwar dan in-nuqqas ta' trasparenza; jitlob lill-Impriża Konġunta, għaldaqstant, biex timxi fuq l-eżempju tal-Impriża Konġunta CLEAN SKY, FCH, IMI u SESAR u taġġorna s-sit tal-Internet tagħha b'lista kompluta ta' benefiċjarji ta' kuntratti u għotjiet għall-2010, kif ukoll għas-snin finanzjarji preċedenti;

Is-sistemi ta' kontroll intern

13. Jinnota bi tħassib li s-sistemi ta' kontroll intern tal-Impriża Konġunta għadhom ma ġewx stabbiliti u implimentati għalkollox kif jesiġi r-Regolament Finanzjarju tagħha; jiddispijaċih ukoll li tqajjem tħassib dwar iċ-ċirkwiti finanzjarji u l-firda tal-funzjonijiet; jagħraf li struttura organizzattiva ġdida bdiet tapplika fl-1 ta' Jannar 2011; jinnota, madankollu, li r-responsabbiltà għaċ-ċirkwiti finanzjarji għadha ma ġietx assenjata kompletament u li karigi ewlenin tal-Impriża Konġunta kienu għadhom battala;
14. Jitlob lill-Impriża Konguntabiex tivvalida l-proċessi ta' attività li jipprovdu informazzjoni finanzjarja lis-sistemi tal-kontabilità (ABAC u SAP); iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta wkoll biex timplimenta għodda adegwata għall-ġestjoni tal-kuntratti operazzjonali li tkun integrata mas-sistemi ta' rappurtar baġitarju u finanzjarju;

15. Japprezza li l-Impriża Konġunta waqqfet Kumitat tal-Awditjar li jirrapporta direttament lill-Bord Governattiv, kif talbet l-awtorità ta' kwittanza;
16. Jinnota li l-Impriża Konġunta bdiet tiżviluppa strateġija tal-awditjar *ex post*, bil-għan li tivvaluta kemm huma legali u regolari t-tranżazzjonijiet sottostanti, li għandha tkun implimentata sal-2012; jissottolinja li l-Impriża Konġunta bdiet taħdem awtonomament f'Marzu 2008;

L-Awditjar Intern

17. Jirimarka li r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta għadhom ma ġewx emendati biex jinkludu dispożizzjoni li tirreferi għas-setgħat tal-awditur intern tal-Kummissjoni rigward il-baġit ġenerali fl-intier tiegħu;
18. Jinnota, madankollu, li l-Kummissjoni u l-Impriża Konġunta hađu passi biex jiżguraw li jkunu definiti biċ-ċar ir-rwoli operazzjonali rispettivi tas-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni u tal-funzjoni tal-awditjar intern tal-Impriża Konġunta.

Id-dewmien fil-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet ta' sħubija u l-Ftehim tal-Istat Ospitanti

19. Iqis li huwa essenzjali li l-Membri kollha tal-Impriża Konġunta jirrispettaw l-iskadenza għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet ta' sħubija; jinnota li l-Bord Governattiv approva miżuri biex, fil-każ ta' ħlas tard tal-kontribuzzjonijiet ta' sħubija, ikun impost l-imgħax;
20. Jagħraf li, minkejja li ftehim ospitanti dwar is-sit u l-appoġġ, il-privileġġi u l-immunitajiet ġie ffirmat bejn ir-Renju ta' Spanja u l-Impriża Konġunta, is-sede permanenti għadha ma tqegħditx għad-dispożizzjoni tal-Impriża Konġunta; jinnota, madankollu, li l-Impriża Konġunta tokkupa sede temporanja sponsorizzata mir-Renju ta' Spanja;

Kummenti orizzontali dwar l-Impriżi Konġunti

21. Jissottolinja li, sal-lum, il-Kummissjoni stabbilit seba' Impriżi Konġunti skont l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jinnota li sitt Impriżi konġunti (IMI, ARTEMIS, ENIAC, CLEAN SKY, FCH u ITER-F4E) huma fl-arja ta' riċerka koperta mid-DĠ RTD u INFOS, filwaqt li waħda għandha l-inkariku li tiżviluppa sistema ġdida tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fil-qasam tat-trasport, u li l-attivitatiet tagħha huma sorveljati mid-DĠ MOVE;
22. Jinnota li r-riżorsi totali indikattivi meqjusa neċessarji għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu jammontaw għal EUR 21 793 000 000;
23. Jinnota li l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni meqjusa neċessarja għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu tammonta għal EUR 11 489 000 000;
24. Jinnota li, għas-sena finanzjarja 2010, il-kontribuzzjoni kumplessiva tal-Unjoni għall-baġit tal-Impriżi Konġunti laħqet EUR 505 000 000;
25. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti lill-awtorità ta' kwittanza kull sena informazzjoni konsolidata dwar l-ammont totali tal-finanzjament annwali għal kull Impriża Konġunta li jkun sar mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, biex tiżgura t-trasparenza u ċ-ċarezza dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni u biex terġa' tikseb il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej li jħallsu t-taxxi;
26. Jilqa' l-inizjattiva tal-ARTEMIS li fir-RAA tagħha tinkludi informazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rieżami tal-proġetti li jinsabu għaddejjin; jemmen li din hija Prattika li għandhom jimxu fuqha l-Impriżi Konġunti l-oħra;
27. Ifakkar li l-Impriżi konġunti huma sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u li, b'konsegwenza ta' dan, l-interessi tas-settur pubbliku u ta' dak privat huma magħgħuna flimkien; huwa ta-fehma li, fiċ-ċirkustanzi, il-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess m'għandhiex tiġi skartata, imma għandha tiġi indirizzata sewwa; jistieden għalhekk lill-Impriżi Konġunti jinfurmaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmi ta' verifika li hemm fl-istrutturi rispettivi tagħhom, biex ikun jista' jkun hemm ġestjoni tajba u prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi;

28. Jinnota li, bl-eċċezzjoni notevoli tal-Impriża Konġunta għall-Proġett ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, l-Impriżi Konġunti huma strutturi relattivament żgħar u ġeografikament ikkonċentrati; jemmaen għalhekk li għandhom jiġmgħu r-riżorsi tagħhom kull fejn dan ikun possibbli;
 29. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza azzjonijiet ta' segwitu għall-kummenti li għamlet għal kull waħda mill-Impriżi Konġunti fir-rapport rispettiv dwar il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2011;
 30. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex, fi żmien raġonevoli, tipprovdirapport speċjali lill-Parlament dwar il-valur miżjud tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti għat-twettiq effiċjenti tal-programmi ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni tal-Unjoni; jirrimarka wkoll li l-istess rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-effikaċja tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti.
-

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010

(2012/615/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tad-Delegazzjoni Konġunta tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit tal-Parlament Ewropew għall-ITER f'Cadarache mis-16 sat-18 ta' Mejju 2011,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferilha vantaġġi ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5 tagħha,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A7-0113/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 24.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010

(2012/616/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4b tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0114/2012),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SESAR fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni ta' hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hija parti integrali minnha, lid-direttur tal-Impriża Konġunta SESAR, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 32.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 — C7-0050/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4b tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta SESAR adottati mill-Bord Amministrattiv tas-SESAR fit-28 ta' Lulju 2009 ("Regoli Finanzjarji tas-SESAR"),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0114/2012),
- A. billi l-Impriża Konġunta SESAR ("l-Impriża Konġunta") twaqqfet fi Frar 2007 biex topera l-programm ta' Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru fis-Sema Uniku Ewropew (SESAR),
- B. billi l-Impriża Konġunta bdiet taħdem awtonomament f'Awwissu 2007,
- C. billi l-Impriża Konġunta se jkollha s-sjieda tal-assi tanġibbli u intanġibbli li toħloq jew li jiġu ttrasferiti fuqha għall-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR skont il-ftehimiet speċifiċi mal-membri tagħha,
- D. billi l-Qorti tal-Awdituri tiddikjara li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet koperti bihom huma legali u regolari,
- E. billi f'April 2010 l-Qorti tal-Awdituri haġġet l-Opinjoni Nru 2/2010 dwar ir-Regoli Finanzjarji ta' SESAR,

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 32.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- F. billi l-baġit għall-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR mill-2008 sal-2013 huwa EUR 2 100 000 000,
- G. billi għas-sena finanzjarja 2010 l-baġit tal-Impriża Konġunta kien jammonta għal EUR 143 000 000,

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jieħu nota li l-baġit finali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2010 kien fih approprjazzjonijiet ta' impenn għall-ammont ta' EUR 135 000 000 u approprjazzjonijiet ta' ħlas għall-ammont ta' EUR 143 000 000; jagħraf, barra minn hekk, li r-rati ta' utlizzazzjoni għall-approprijazzjonijiet ta' impenn u ħlas kienu 97,3 % u 82,2 % rispettivament;
2. Jistabbilixxi mill-Qorti tal-Awdituri li, fi tmiem is-sena 2010, l-Impriża konġunta kellha bilanċ pożittiv tal-baġit ta' EUR 53 500 000 u li d-depożiti f'kontijiet bankarji kienu jammontaw għal EUR 57 200 000; jinnota li din is-sitwazzjoni kienet ir-riżultat ta':
 - il-kontribuzzjonijiet mill-membri: EUR 55 600 000,
 - il-bilanċ tas-sena preċedenti: EUR 86 500 000,
 - il-pagamenti lill-Impriża Konġunta: EUR 84 900 000,
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet minn ta' qabel: EUR 3 700 000;
3. Ifakkar lill-Impriża Konġunta li din is-sitwazzjoni tmur kontra l-prinċipju baġitarju tal-ekwilibriju; jinnota, madankollu, t-tweġiba tal-Impriża Konġunta lill-Qorti tal-Awdituri li l-bilanċ ta' flus kontanti tal-2010 naqas b'34 % meta mqabbel mal-2009 u li, mill-EUR 55 600 000 f'kontribuzzjonijiet mill-membri, EUR 43 800 000 daħlu fl-aħħar ġimgħat tas-sena biex jiżguraw il-finanzjament tal-operazzjonijiet fl-2011; jitlob lill-Impriża Konġunta biex tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni b'miżuri konkreti u bi skadenzi ħalli żżomm il-baġit tagħha bbilanċjat, u biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar dan;
4. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta, l-ebda nfiq ma jista' jiġi kommess jew awtorizzat lil hinn mill-approprijazzjonijiet awtorizzati mill-baġit; huwa mħasseb serjament li, għal żewġ intestaturi tal-baġit — infiq amministrattiv, studji u żvilupp — l-infiq awtorizzat qabeż l-approprijazzjonijiet baġitarji bi 11 % u b'9 % rispettivament; jieħu nota li l-Impriża Konġunta tqis li l-approprijazzjonijiet ta' ħlas tista' tirreġistrahom darba biss fil-baġit komprensiv għall-2007-2016, biex tevita li taqbeż l-ammont totali tal-baġit sa tmiem il-fażi ta' żvilupp ta' SESAR fl-2016; ifakkar lill-Impriża Konġunta li għandha tottempera ruħha mar-Regoli Finanzjarji tagħha stess u jistenna li, fi snin finanzjarji tal-ġejjieni, ma jerġax iseħħ li l-infiq awtorizzat jaqbeż l-approprijazzjonijiet baġitarji;

Is-sistemi ta' kontroll intern

5. Jinnota li, fl-2010, l-Impriża Konġunta bdiet tuża s-sistemi ta' rappurtar finanzjarju li tużahom ukoll il-Kummissjoni (ABAC u SAP); jiddispijaċih li s-sistema tal-ġestjoni tal-programmi operazzjonali tal-Impriża Konġunta ma ġietx integrata f'dawn is-sistemi ta' rappurtar finanzjarju u li, fi tmiem l-2010, il-proċessi ta' attività sottostanti kienu għadhom ma ġewx invalidati mill-Uffiċċjal ta' Kontabilità kif jesigū r-Regoli Finanzjarji tal-Impriża Konġunta;
6. Ingħata x'jifhem mill-Impriża Konġunta li żviluppat sistema tal-ġestjoni tal-programmi operazzjonali li tikkomplementa l-informazzjoni finanzjarja u baġitarja, u tikkunsidra li s-sistemi tagħha integrathom kemm jista' jkun, fid-dawl tal-limitazzjonijiet fuq l-użu tagħha ta' ABAC u SAP; jinnota, barra minn hekk, li l-Impriża Konġunta ppjanat li timplimenta ABAC Assets u ABAC Contract sa tmiem l-2011, u li r-rapport tal-Uffiċċjal ta' Kontabilità dwar il-validazzjoni tas-sistemi lokali kellu jitlestha fl-2011;

7. Jitlob lill-Impriża Konġunta biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar:

- in-natura tal-limitazzjonijiet li l-Impriża Konġunta esperjenzat fl-użu tagħha ta' ABAC u SAP;
- l-istat ta' validazzjoni tal-proċessi ta' attività sottostanti u b'mod partikolari s-sistemi lokali;

8. Iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta, minkejja dan, biex tintegra s-sistemi ta' rappurtar finanzjarju tagħha (ABAC u SAP) mas-sistema tal-ġestjoni tal-programmi operazzjonali tagħha b'tali mod li l-kostijiet ikunu jistgħu jiġu allokati lil pakketti tax-xogħol speċifiċi u li s-sorsi ta' finanzjament tal-kostijiet operazzjonali jkunu jistgħu jiġu identifikati;

Il-Ġestjoni tal-Proġetti

9. Jagħraf mir-Rapport Annwali dwar l-Attività (RAA) tal-Impriża Konġunta li, fl-2010, il-Programm SESAR kien ikopri 304 proġetti li minnhom 171 inbdew fl-2009 filwaqt li 114-il proġett addizzjonali ġew varati fl-2010; jinnota li 80,9 % tal-proġetti jinsabu fil-fażi ta' eżekuzzjoni, għajr dawk il-proġetti li ġew ikkanċellati (3) jew sospiżi (10); jinnota li, għal kull proġett li safa kkanċellat jew sospiż, l-Impriża Konġunta pprovdiet ġustifikazzjoni u spjegat l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu; jinnota b'mod partikolari, fir-rigward tal-proġetti sospiżi, li:

- madwar 60 % tal-proġetti li bħalissa jinsabu sospiżi jorbtu ma' attivitajiet li, biex jerġgħu jinbdew, jirrikejdu li proġetti oħrajn iħallu l-ewwel riżultati maturi;
- madwar 20 % huma relatati ma' proġetti li m'għandhomx irbit affidabbli ma' attivitajiet ta' programmi oħra;

l-20 % l-oħra sfaw sospiżi minħabba nuqqas ta' rabta ċara mal-kunċett futur tal-operazzjonijiet, jew inkella minħabba nuqqas ta' rbit mal-Pjan Kumplessiv;

10. Iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta biex tkompli tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-istadju tal-implimentazzjoni tal-proġetti fil-Programm SESAR u biex tippreżenta r-riżultati li jkunu ntlaħqu;

Il-Prestazzjoni

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-effikaċja ta' kif ir-Regolamenti b'rabta mal-Ajru Uniku Ewropew huma applikati, sabiex tiżdied l-effikaċja tal-investimenti fil-proġett SESAR;
12. Jiġbed l-attenzjoni għall-ġestjoni tajba tar-riżorsi finanzjarji u jenfasizza l-importanza tal-Impriża Konġunta għat-twettiq tal-Ajru Uniku Ewropew;
13. Jistabbilixxi mir-RAA li sar rieżami komprensiv tal-approċċ ta' implimentazzjoni tal-Programm SESAR, u li l-konklużjonijiet tiegħu wrew il-hteġa li l-objettivi ta' livell għoli tal-Programm jissarrfu fl-livell aktar tekniku u operazzjonali, li jiddefinixxi fid-dettall x'ikun jeħtieġ isir, minn min u meta, u b'hekk jidentifika biċ-ċar ir-riżultati konkreti vvalidati ta' SESAR li sejrjn jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-objettivi tal-Fażi ta' Żvilupp ta' SESAR, kif ukoll għall-ilħiq tal-Objettivi Strateġiċi speċifiċi għall-2012; jistieden lill-Impriża Konġunta biex tiżviluppa Pjan ta' Azzjoni b'miżuri konkreti u bi skadenzi ħalli tindirizza r-riżultati tar-rieżami komprensiv;
14. Jinnota, barra minn hekk, li, fi tmiem l-2009, ittieħdet id-deċiżjoni li jiġi stabbilit qafas ta' eżekuzzjoni komuni ta' SESAR biex jippermetti ġestjoni adegwata tal-programmi/proġetti permezz ta' attivitajiet simplifikati ta' monitoraġġ u kontroll; jieħu nota li, fi tmiem l-2010, il-qafas ta' eżekuzzjoni kien għalkollox definit u madwar 85 % minnu huwa implimentat u mħaddem; jitlob lill-Impriża Konġunta biex tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-livell ta' implimentazzjoni u tħaddim tal-qafas ta' eżekuzzjoni kif ukoll dwar il-progress li jsir;

15. Jagħraf li l-Kummissjoni għamlet l-ewwel evalwazzjoni interim tal-Impriża Konġunta fl-2010; jinnota li l-evalwazzjoni tissottolinja li l-Impriża Konġunta hija kapaċi taqdi bl-aqwa mod il-ħtiġijiet ta' min juża l-isparju tal-ajru u tal-fornituri tas-servizzi; huwa tal-fehma, madankollu, li l-evalwazzjonijiet interim u l-evalwazzjonijiet għandhom jagħmluhom esperti esterni u indipendenti;

L-Awditjar Intern

16. Jilqa' l-fatt li, fi tmiem l-2010, id-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta stabbilixxa l-Kapaċità ta' Awditjar Intern (IAC), ta l-inkariku tar-rwol ta' IAC lil dak li dari kien l-Awditur Intern tal-Impriża Konġunta, u approva l-programm ta' ħidma u awditjar tal-IAC għal-2011;
17. Jagħraf mill-kontijiet annwali finali li l-Impriża Konġunta ffirmat kuntratt ta' qafas għas-servizzi ta' awditjar f'Mejju 2010;
18. Jilqa' l-fatt li l-Impriża Konġunta u l-Kummissjoni ħadu passi biex jiżguraw definizzjoni aktar ċara tar-rwoli operazzjonali rispettivi tas-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) tal-Kummissjoni u l-funzjoni tal-awditjar intern tal-Impriża Konġunta; jinnota, madankollu, li l-Istatuti tal-Impriża Konġunta ma ġewx emendati;
19. Jinnota b'sodisfazzjon li l-IAS kkonferma r-responsabbiltajiet tiegħu skont ir-Regolament Finanzjarju ġenerali bħala l-Awditur Intern tal-Impriża Konġunta, u li l-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta emenda l-mandat tal-funzjoni tal-awditjar intern b'mod korrispondenti;

Id-dewmien fil-pagamenti tal-kontribuzzjonijiet ta' sħubija

20. Huwa mħasseb li l-membri ma rrispettawx l-iskadenza għall-pagamenti ta' kontribuzzjonijiet ta' flus lill-Impriża Konġunta; jinnota li d-dewmien tal-pagamenti varja minn 12-il ġurnata sa 113-il ġurnata, u li, fi tmiem l-2010, żewġ membri ma kienu ħallsu l-ebda kontribuzzjoni; jinnota r-riposta tal-Impriża Konġunta li dawn il-kontribuzzjonijiet daħlu fil-bidu tal-2011;

Kummenti orizzontali dwar l-Impriżi Konġunti

21. Jissottolinja li, sal-lum, il-Kummissjoni stabbiliet seba' Impriżi Konġunti skont l-Artikolu 187 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jinnota li sitt Impriżi konġunti (IMI, ARTEMIS, ENIAC, CLEAN SKY, FCH u ITER-F4E) huma fl-arja ta' riċerka koperta mid-DĠ RTD u INFOS, filwaqt li waħda għandha l-inkariku li tiżviluppa sistema ġdida tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) fil-qasam tat-trasport, u li l-attivitajiet tagħha huma sorveljati mid-DĠ MOVE;
22. Jinnota li r-riżorsi totali indikattivi meqjusa neċessarji għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu jammontaw għal EUR 21 793 000 000;
23. Jinnota li l-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni meqjusa neċessarja għall-Impriżi Konġunti kemm idumu jeżistu tammonta għal EUR 11 489 000 000;
24. Jinnota li, għas-sena finanzjarja 2010, il-kontribuzzjoni kumplessiva tal-Unjoni għall-baġit tal-Impriżi Konġunti laħqet EUR 505 000 000;
25. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti lill-awtorità ta' kwittanza kull sena informazzjoni konsolidata dwar l-ammont totali tal-finanzjament annwali għal kull Impriża Konġunta li jkun sar mill-baġit ġenerali tal-Unjoni, biex tiżgura t-trasparenza u ċ-ċarezza dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni u biex terġa' tikseb il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej li jħallsu t-taxxi;
26. Jilqa' l-inizjattiva tal-ARTEMIS li fir-RAA tagħha tinkludi informazzjoni dwar il-monitoraġġ u r-rieżami tal-proġetti li jinsabu għaddejjin; jemmen li din hija Prattika li għandhom jimxu fuqha l-Impriżi Konġunti l-oħra;

27. Ifakkar li l-Impriżi konġunti huma sħubijiet bejn il-pubbliku u l-privat u li, b'konsegwenza ta' dan, l-interessi tas-settur pubbliku u ta' dak privat huma magħgħuna flimkien; huwa ta-fehma li, fiċ-ċirkustanzi, il-possibbiltà ta' kunflitti ta' interess m'għandhiex tiġi skartata, imma għandha tiġi indirizzata sewwa; jistieden għalhekk lill-Impriżi Konġunti jinfurmaw lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mekkaniżmi ta' verifika li hemm fl-istrutturi rispettivi tagħhom, biex ikun jista' jkun hemm ġestjoni tajba u prevenzjoni ta' kunflitti ta' interessi;
 28. Jinnota li, bl-eċċezzjoni notevoli tal-Impriża Konġunta għall-Proġett ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni, l-Impriżi Konġunti huma strutturi relattivament żgħar u ġeografikament ikkonċentrati; jemmin għalhekk li għandhom jiġmgħu r-riżorsi tagħhom kull fejn dan ikun possibbli;
 29. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza azzjonijiet ta' segwitu għall-kummenti li għamlet għal kull waħda mill-Impriżi Konġunti fir-rapport rispettiv dwar il-kontijiet finali għas-sena finanzjarja 2011;
 30. Jistieden lill-Qorti tal-Awdituri biex, fi żmien raġonevoli, tipprovdi rapport speċjali lill-Parlament dwar il-valur miżjud tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti għat-twettiq effiċjenti tal-programmi ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrarzjoni tal-Unjoni; jirrimarka wkoll li l-istess rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-effikaċja tal-istabbiliment tal-Impriżi Konġunti.
-

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010

(2012/617/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-twegġibiet tal-Impriża Konġunta ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-21 ta' Frar 2012 (06086/2012 – C7-0050/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR) ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4b tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0114/2012),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SESAR, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 368, 16.12.2011, p. 32.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/618/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Ambjent Ewropew u n-network tal-informazzjoni u l-osservazzjoni tal-ambjent Ewropew ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent u n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0105/2012),
1. Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti tal-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;

2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 57.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 —C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Ambjent Ewropew u n-network tal-informazzjoni u l-osservazzjoni tal-ambjent Ewropew ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0105/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet koperti bihom huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁶⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 57.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

⁽⁶⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 155.

- ħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex tkompli tiżviluppa l-metodi ta' komunikazzjoni tagħha sabiex tattira aktar kopertura tar-riżultati tagħha mill-midja, peress li dawn il-miżuri jistgħu jwasslu għal metodi aktar trasparenti tax-xogħol u interess pubbliku akbar fil-ħidma tal-Aġenzija;
 - kien imħasseb dwar il-prattika tal-Aġenzija li twestaq trasferimenti sabiex iżżid linja baġitarja sabiex tħallas il-kera għall-bini tal-Aġenzija għall-ewwel tliet xhur tal-2010 u tniżżilhom fil-baġit tal-2009, peress li din il-prattika tmur kontra l-prinċipju tal-annwalità,
 - jistieden lill-Aġenzija tindirizza n-nuqqasijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ li jpoġġu f'riskju t-trasparenza ta' dawn il-proċeduri,
- C. billi l-baġit tal-Aġenzija għas-sena 2010 kien ta' EUR 50 600 000, li huwa 26 % aktar minn dak tal-2009; billi l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kienet EUR 35 258 000, meta mqabbla mal-EUR 34 560 000 fl-2009 ⁽¹⁾, li tirrappreżenta żieda ta' 2 %;
1. Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-ġoti ta' kwittanza lill-Aġenzija fl-istennija ta' tweġibiet u azzjonijiet sostanzjali dwar il-kummenti kritiċi u t-talbiet li saru;

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

2. Jinnota li l-livelli ta' eżekuzzjoni tal-baġit min-naħa tal-Aġenzija, f'termini tal-appropriazzjonijiet għall-impnjenji u tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet kienu rispettivament 100 % u 90,75 %;
3. Jaċċerta, mill-kontijiet definittivi tal-Aġenzija li, għas-sena finanzjarja 2010, il-ħlasijiet totali tal-Aġenzija kienu EUR 38 898 533,88;
4. jinnota li, għal ħames xhur, mit-22 ta' Mejju 2010 sa Ottubru 2010, l-Aġenzija ksiet il-binja tagħha b'faċċata ħadra li ġiet tqum EUR 294 641 u li l-kuntratt ġie eżegwit mill-kumpaniji Ramboll, bħala kuntrattur ġenerali, u Green Fortune; huwa sorpriż li ma kien hemm l-ebda sejħa għall-offerti; jitlob lid-Direttur tal-Aġenzija jagħtih dettalji dwar kif il-kumpaniji ntgħażlu bħala kuntratturi; jieħu nota, mill-ittra tal-11 ta' April 2012 tad-Direttur tal-Aġenzija, li dawn l-ispejjeż kienu koperti bil-linja tal-baġit "2 1 4 0 — Sistemazzjoni tal-uffiċċji" (EUR 180 872) u "3 3 2 3 — Komunikazzjonijiet" (EUR 113 769); jissottolinja li l-appropriazzjonijiet ta' impenn taħt il-linja tal-baġit 2 1 4 0 żdiedu minn EUR 85 000 għal EUR 271 049 kontra l-opinjoni tal-Kap tal-Amministrazzjoni tal-Aġenzija; jinnota wkoll li, f'Mejju 2010, il-Kap tal-Amministrazzjoni beda assenza minħabba l-mard u li, minn dak iż-żmien 'l hawn, il-kariga jokkupaha Kap interim; jinnota mill-ittra tad-Direttur tat-30 ta' April 2012 li l-linja tal-baġit 2 1 4 0 issaħħet bi trasferiment baġitarju ta' EUR 180 872 mil-linja tal-baġit "2 1 0 0 — Kera"; ifakkar li f'Diċembru 2009 l-Aġenzija ħallset il-kera għall-ewwel trimestru tal-2010, u b'hekk evitat li jitnaqqas l-ammont li għandu jerġa' jitħallas lill-Kummissjoni; għalhekk jitlob lill-Aġenzija biex tispjega lill-awtorità ta' kwittanza għaliex ħarġet EUR 180 872 mil-linja tal-baġit "Kera", meta l-kera kuntrattwalment hija somma fissa, u biex tagħti informazzjoni u evidenza bil-miktub dwar il-proċeduri rigward it-trasferimenti baġitarji; jistenna li l-Aġenzija tikkompleta l-azzjonijiet mitluba kollha sa tmien Awwissu 2012;
5. Jinnota li, f'Diċembru 2011, l-Aġenzija tat Kuntratt ta' Qafas rigward is-Servizzi għall-forniment ta' monitoraġġ tal-midja għal tul ta' 48 xahar, b'valur totali ta' EUR 250 000, li huwa bil-wisq aktar għali mill-kostijiet ta' servizzi simili fis-snin mgħoddija; josserva li, fuq il-bażi ta' dan il-kuntratt, l-Aġenzija se tonfoq medja ta' EUR 62 500 fis-sena għall-monitoraġġ tal-midja, u jemmen li dawn il-kostijiet huma eċċessivi u jmorru kontra l-prinċipju tal-użu effiċjenti tal-flus pubbliku;

Appropriazzjonijiet riportati

6. Jinnota mill-Kontijiet Annwali Definittivi tal-Aġenzija li EUR 12 809 551,05 mill-appropriazzjonijiet għall-2010 ġew riportati għall-2011; jirrikonoxxi li mill-ammont kumplessiv riportat, 'il fuq minn EUR 8 941 279 huwa dħul assenjat estern li huwa multiannwali u għalhekk mhux suġġett għall-prinċipju tal-annwalità;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 677.

7. Jinnota mill-Kontijiet Annwali Definittivi tal-Aġenzija li l-kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mhux użati riportati mis-sena preċedenti ammontaw għal EUR 585 282,87; jagħraf, mill-Aġenzija, li dan l-ammont huwa anqas mill-ammont kanċellat fl-2009, li kien ta' EUR 693 127,02; jinnota, għalhekk, li rata ta' kanċellazzjoni ta' 1,5 % biss tirrappreżenta antiċipazzjoni mtejba tal-ħtiġijiet finanzjarji;
8. Jiddispaċi li l-Qorti tal-Awdituri ma kkunsidratx li l-livell tal-appropriazzjonijiet riportati u kkanċellati tal-Aġenzija kien għoli biżżejjed li jkun jisthoqli li jissemma fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;

Il-Proċeduri ta' Akkwist

9. Jinnota mid-dikjarazzjoni tal-Aġenzija li l-Qorti tal-Awdituri f'Ottubru 2011 għamlet awditu tal-proċeduri ta' akkwist rigward is-servizzi tal-kantin, is-servizzi tat-tindif, is-servizzi tas-sigurtà u l-għamara; jitlob lill-Aġenzija biex, sa tmiem Settembru 2012, tagħti lill-awtorità ta' kwittanza r-riżultati ta' dan l-awditu, flimkien ma' twegibietha u rendikont tal-azzjonijiet imwettqa;
10. Jistieden lis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS) jawditja l-kuntratti tal-Aġenzija fir-rigward tas-servizzi tal-canteen, tas-servizzi tat-tindif, tas-servizzi tas-sigurtà u tal-għamara biex jiġi stabbilit jekk il-fażijiet ta' tħejjija, publikazzjoni, evalwazzjoni u ġestjoni tal-kuntratti jirrispettawx iż-żewġ prinċipji: dawk tal-akbar kompetizzjoni u tal-valur għall-flus, u sabiex eventwalment jgħarraf lill-awtorità ta' kwittanza dwar is-sejbiet tiegħu;

Riżorsi umani

11. Jinnota li l-Aġenzija rrevediet il-proċessi ta' reklutaġġ tagħha b'konformità mal-kummenti magħmula mill-awtorità ta' kwittanza u mill-Qorti tal-Awdituri sabiex tindirizza n-nuqqasijiet fir-rigward tal-avviżi ta' vakanzi, id-dokumentazzjoni tad-deċiżjoni tal-bords ta' selezzjoni, il-livelli minimi biex wieħed jiġi mistieden għal intervista għal xogħol, u l-minuti tal-intervisti;
12. Jagħraf ukoll mill-Pjan Annwali ta' Ġestjoni tagħha li l-Aġenzija implimentat il-"Politika tal-Persunal tal-EEA" li ttiprovdi l-bażi għall-iżvilupp tal-istaff;
13. Kien informat li 7 kandidati interni u 40 applikant estern ġew reklutati fl-2010; jirrikonoxxi li fost il-kategoriji, il-kandidati interni kienu mqasma f'uffiċjal wieħed, 5 aġenti temporanji u aġent kuntrattwali wieħed, u fost il-persunal reklutat esternament f'uffiċjal wieħed, 13-il aġent temporanju, 29 aġent kuntrattwali u 4 esperti nazzjonali; jieħu nota li, għall-aħħar ħames snin, l-Aġenzija ospitat 12-il xjenzat mistieden li ħadmu fl-uffiċċji tagħha; għall-finijiet tat-trasparenza, jistieden lill-Aġenzija tippubblika l-curriculum vitae — inkluż mill-inqas il-perkors edukattiv u professjonali — tax-xjenzati mistiedna, biex tiżdied it-trasparenza;

L-Istrateġija tal-Aġenzija għall-2009-2013

14. Jilqa' l-fatt li l-attivitajiet tal-istaff u tal-maniġment tal-Aġenzija, il-proċessi tal-kontroll tal-kwalità, il-prodotti u s-servizzi, u s-servizzi amministrattivi u tal-binjiet inġiebu flimkien fil-qasam strateġiku fl-"Istrateġija tal-Aġenzija għall-2009-2013";
15. Jistieden lill-Aġenzija tagħmel rabta aktar espliċita bejn il-miżuri, ir-riżorsi u r-riżultati;

Kunflitt ta' interess

16. Jinnota li, minn Ġunju 2010 sa April 2011, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija kienet trustee u membru tal-Bord Konsultattiv Internazzjonali tal-Earthwatch, organizzazzjoni ambjentali internazzjonali li tinvolvi lil persuni madwar id-dinja friċerka u edukazzjoni xjentifika, u kienet irrappurtata li kienet Membru tal-Bord Konsultattiv Ewropew tal-Worldwatch Europe; jirrikonoxxi li, bi qbil mad-dikjarazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv, hija rriżenjat mill-karigi tagħha f'Earthwatch f'April 2011 wara parir mill-President tal-Qorti tal-Awdituri fil-kuntest ta' kunflitt ta' interessi possibbli;

17. Jinsab serjament imħasseb li fl-2010, waqt li d-Direttur Eżekuttiv kienet direttament involuta mal-Earthwatch, 29 membru tal-istaff tal-Aġenzija, inkluż id-Direttur Eżekuttiv, marru jwettqu sa 10 ijiem ta' riċerka fi proġetti differenti ta' bijodiversità fil-Karibew jew fil-Mediterran immaniġġjati mill-Earthwatch u li l-Aġenzija ħallset lill-NGO it-total ta' EUR 33 791,28, kif ġie ddikjarat mid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija;
18. Jirrikonoxxi t-taħriġ speċjali tal-istaff bħala parti mill-iżvilupp professjonali u jieħu nota tal-ammont totali mħallas għat-taħriġ;
19. Jiskanta li l-Worldwatch Institute Europe, stabbilit fil-5 ta' Novembru 2010, indika bħala l-indirizz tiegħu dak tal-Aġenzija, u uża l-binja tagħha bħala s-sede tiegħu bla ma ħallas l-ebda kera lill-Aġenzija, u b'hekk uża binja mħallsa mill-baġit tal-UE; jiddispijaċih li l-ittra tad-Direttur tat-30 ta' April 2012 tirreferi biss għall-Worldwatch Institute ibbażat fl-Istati Uniti, u mhux għall-Worldwatch Institute Europe li uża l-binja tal-Aġenzija bla ma ħallas kera; jinnota wkoll li d-direttur eżekuttiv tal-Worldwatch Institute Europe kien xjenzat mistieden tal-Aġenzija; jitlob lill-Aġenzija biex, sa tmiem Awwissu 2012, tagħti lill-awtorità ta' kwittanza dettalji konkreti u provi dokumentarji dwar din il-kwistjoni, inkluża isem il-persuna fl-Aġenzija li dan awtorizzatu, id-data speċifika meta l-Worldwatch Institute Europe ma baqax juża l-binja tal-Aġenzija, kif ukoll jekk ix-xogħol li għamel ix-xjenzat mistieden tal-Aġenzija ġie xpubblikat taħt isem il-Worldwatch Institute Europe jew inkella taħt dak tal-Aġenzija;
20. Ifaħħar il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-NGOs li jaħdmu fil-qasam ambjentali, bħal mhu l-każ ma' aġenziji speċjalizzati oħra, iżda jfakkar li anke s-sempliċi impressjoni ta' kunflitt ta' interess qed jagħmel ħsara lill-fiduċja fl-istituzzjonijiet u jqajjem tħassib min-naħa tal-kontributori tat-taxxa;
21. Jistieden lill-Aġenzija, fi sforz biex tippromwovi aktar trasparenza f'termini tal-prevenzjoni tal-kunflitti tal-interessi u l-ġlieda kontribom, tadotta immedjatament pjan ta' azzjoni biex tippubblika fuq il-websajt tagħha dikjarazzjonijiet tal-interessi u, meta ma jkunux disponibbli, il-*curriculum vitae* — li jkun jinkludi tal-inqas l-isfond edukattiv u professjonali — għall-istaff maniġerjali, il-membri tal-kumitat xjentifiku, l-esperti u l-membri tal-Bord ta' Tmexxija sat-30 ta' Ġunju 2012; huwa tal-opinjoni li miżuri bħal dawn jippermettu lill-awtorità ta' kwittanza u lill-pubbliku josservaw il-kwalifiki tagħhom u jipprevjenu kunflitt ta' interessi potenzjali;

Il-prestazzjoni

22. Jinnota li l-inizjattiva tal-Aġenzija li tippovdi, fuq bażi regolari, evalwazzjoni esterna indipendenti abbażi tar-Regolament ta' twaqqif tagħha (KEE) Nru 1210/90 u l-programmi ta' ħidma adottati mill-Bord ta' Tmexxija; jinnota b'mod partikulari li l-evalwazzjoni li jmiss se titwettaq fl-2012 u se tiffoka fuq l-efċjenza u l-effettività fit-twettiq tal-istrateġija korporattiva tagħha;
23. Jinnota l-inizjattiva tal-Aġenzija li tkejjel il-prestazzjoni tagħha permezz tal-iskema Komunitarja għall-immaniġġjar tal-ambjent u verifika (EMAS) u s-sistemi ta' mmaniġġjar interni bl-użu ta' erba' perspettivi inter-relatati — il-perspettiva finanzjarja, il-perspettiva tal-klijent, il-perspettiva tan-negozju u l-perspettiva tat-tagħlim u tkabbir;
24. Jirrikonoxxi, mill-kummenti tal-Pjan ta' Ġestjoni Annwali tal-Aġenzija, l-isforzi tal-Aġenzija ma' diversi entitajiet internazzjonali u tal-Unjoni, l-Eionet u mal-Kumitat Xjentifiku, biex titwaqqaf struttura ta' networking sabiex ikunu jstgħu jinżammu rabtiet mal-komunità tar-riċerka u xjentifika, sabiex jinxterrdu u jintużaw b'mod aktar sistematiku r-riżultati, partikolarment l-informazzjoni u d-data, mill-attivitajiet ta' riċerka fil-livell Ewropew u nazzjonali;
25. Jinnota, barra minn hekk, li wara t-talba tal-awtorità ta' kwittanza għall-kwittanza għall-2009, fl-2011, l-Aġenzija żidiet l-isforzi tagħha biex tilħaq lill-pubbliku aktar wiesa' u nediet proġetti pilota billi użat il-midja soċjali bħala mezz ta' komunikazzjoni mal-pubbliku;

26. Jistieden lill-Aġenzija tgħarraf b'dettall lill-awtorità baġitarja, b'mod partikulari lill-Awtorità għall-Kontroll Baġitarju, dwar:
- is-sorsi użati mill-Aġenzija biex tibni r-rapporti, dokumenti u “prodotti” relatati oħrajn;
 - in-numru ta' rapporti, u prodotti oħra, li saru fl-2010;
 - l-evidenza tal-valur miżjud possibbli miksub mir-rapporti tal-Aġenzija meta jitqabbel mar-rapporti ta' korpi oħrajn dwar kwistjonijiet ambjentali;
 - il-proċess, jekk kien hemm wieħed, tal-verifika tad-data mibgħuta mill-Istati Membri, il-perjodiċità ta' din il-verifika u l-mod kif id-data mibgħuta mill-Istati Membri tintuża mill-Aġenzija;
27. Jinsab sodisfatt li fl-2010 l-Aġenzija għamlet enfasi akbar fuq il-bijodiversità, il-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES), il-pjattaforma “Eye on Earth” u r-rapport dwar l-Istat tal-Ambjent (SOER) 2010;
28. Iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli fl-isforzi tagħha li tiżviluppa aktar il-metodi ta' komunikazzjoni tagħha sabiex tattira aktar rappurtaġġ medjatiku dwar is-sejbiet tagħha u b'hekk tikkontribwixxi għad-dibattitu pubbliku u tassigura li jkun hemm tixrid akbar tal-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku dwar kwistjonijiet ambjentali importanti, bħat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità u l-ġestjoni ta' riżorsi naturali;

Awditjar intern

29. Jirrikonoxxi li fl-2010 l-IAS ikkonkludiet awditu tas-“sistema ta' pjan ta' ġestjoni (MPS)/monitoraġġ tal-attivitajiet” li l-għan tiegħu kien li ssir evalwazzjoni u tingħata garanzija dwar l-adegwatezza tal-ippjanar u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-Aġenzija; jinnota, b'mod partikulari, li l-IAS għamlet tmien rakkomandazzjonijiet, li sitta minnhom kienu gradati “importanti” u t-tnejn l-oħra “mixtieqa”;
30. Jistieden, f'dan ir-rigward, lill-Aġenzija:
- tippromwovi linji gwida għall-oġġettivi u indikaturi li jitkejlu fl-ippjanar tal-proġetti u fil-monitoraġġ tal-progress,
 - talloka n-nefqa għad-diversi proġetti,
 - tippromwovi ġestjoni aktar effettiva tal-proġetti u proċeduri biex tikkontrolla u tivverifika data ġdida mdaħħla fl-MPS;
31. Jistieden, barra minn hekk, lill-Aġenzija tadotta mingħajr aktar dewmien miżuri biex tindirizza n-nuqqasijiet misjuba mill-IAS fl-awditu preċedenti tagħha dwar il-ġestjoni tal-kwalità u l-ġestjoni tal-għotjiet sabiex:
- tiżviluppa u tuża checklist ta' Assigurazzjoni tal-Kwalità/Kontroll tal-Kwalità (QA/QC) għar-Rapport tal-Inventarju tal-gassijiet b'effett ta' serra,
 - tippjana, tiddekrivi u tiddokumenta l-kontrolli ta' kwalità rilevanti,
 - tiżgura superviżjoni tal-kontrolli ta' kwalità,
 - tantiċipa l-kwistjonijiet ta' kontinwità tal-attivitajiet,

- twettaq kontrolli fil-post u verifiki tal-għotjiet,
 - timmoniterja u tagħti segwitu għall-implimentazzjoni tal-għotjiet;
32. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu mir-rapporti dwar il-kwittanza preċedenti, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-risoluzzjoni;
33. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (Ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent	2006	2007	2008	2009
Il-prestazzjoni	mhux applikabbli	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tistabilixxi analiżi dijakronika tal-operazzjonijiet imwettqa f'din is-sena u f'dik preċedenti — Jistieden lill-Aġenzija tkompli tipprowdi, kull ħames snin, evalwazzjoni esterna indipendenti abbażi tar-Regolament ta' twaqqif tagħha u l-programmi ta' ħidma adottati mill-Bord ta' Tmexxija; — Xejriet pożittivi: l-Aġenzija bniet sistema ta' ġestjoni bbażata fuq l-attivitajiet li hija ferm żviluppata, programm ta' ħidma mutliannwali, scorecard b'indikaturi bilanċjata, u sistema integrata ta' kontroll tal-ġestjoni 	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija twettaq tqabbil tal-operazzjonijiet imwettqa matul is-sena li fihom il-kwittanza trid tingħata u matul is-sena finanzjarja preċedenti — Jistieden lill-Aġenzija tindirizza bi prijorità l-4 oqsma ewlenin u biex tagħmel aktar sabiex tavanza l-iżvilupp tagħhom — Iħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha biex tkompli tiżviluppa l-metodi ta' komunikazzjoni tagħha sabiex tattira aktar kopertura tar-riżultati tagħha mill-midja, peress li dawn il-miżuri jistgħu jwasslu għal metodi aktar trasparenti tax-xogħol u interess pubbliku akbar fil-ħidma tal-Aġenzija — Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri twettaq awditi tal-prestazzjoni għall-Aġenzija
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	Il-prinċipju baġitarju tal-annwalità ma kienx applikat strettament: aktar minn 30 % tal-impenji u 50 % tan-nefqa operazzjonali kellhom jiġu ripożitati	<ul style="list-style-type: none"> — Nuqqasijiet fil-proċeduri tas-sejħa għall-offerti: għoti dirett ta' servizzi mingħajr ma ġew rispettati r-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju, għoti ta' kuntratt speċifiku ta' servizzi mhux konformi mat-termini tal-kuntratt ta' qafas — Nuqqasijiet fil-ġestjoni ta' ftehimiet ta' għotja (European Topic Centre) 	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Iħeġġeġ lill-Aġenzija ssaħħaħ ir-rabta bejn il-baġit u l-programm ta' ħidma — Huwa mħasseb dwar il-prattika tal-Aġenzija li twettaq trasferimenti sabiex iżżid linja baġitarja sabiex tħallas il-kera għall-bini tal-Aġenzija għall-ewwel tliet xhur tal-2010 u tniżżilhom fil-baġit tal-2009, peress li din il-prattika tmur kontra l-prinċipju tal-annwalità — Jistieden lill-Aġenzija ttejjeb l-preċiżjoni tal-informazzjoni mogħtija mid-dipartimenti operazzjonali dwar l-istima tan-nefqa operazzjonali akkumulata

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent	2006	2007	2008	2009
Riżorsi umani	mhux applikabbli	Nuqqasijiet fil-proċeduri tar-reklutaġġ: kandidati li ma ssodisfawx il-kriterji tas-selezzjoni ġew ikkunsidrati għal evalwazzjoni ulterjuri, u l-kriterji biex jiġu identifikati l-aħjar kandidati biex jiġu mistiedna għal intervista tax-xogħol ma kinux dokumentati	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Aġenzija tirrimedja n-nuqqasijiet fil-proċeduri ta' reklutaġġ li jpoġġu friskju t-trasparenza ta' dawn il-proċeduri — Il-Qorti tal-Awdituri nnutat in-nuqqasijiet li ġejjin: l-avviżi ta' vakanzi ma kinux jispeċifikaw l-għadd massimu ta' kandidati li jitpoġġew fuq il-lista ta' riserva, il-mistoqsijiet użati waqt l-eżamijiet bil-miktub u waqt l-intervisti ma ġewx deċiżi qabel l-eżami tal-applikazzjonijiet, id-deċiżjonijiet tal-bords tas-selezzjoni ma kinux dokumentati biżżejjed, il-minuti ma ttiħdux u l-livell minimu biex wieħed jiġi mistieden għal intervista jew sabiex jitqiegħed fuq lista ta' riserva ma ġewx iffissati minn qabel
Il-Verifika Interna	Bi ksur tal-prinċipju tas-segregazzjoni tal-kompiti, l-istess uffiċjali li jawtorizza b'sottodelega mhux biss wettaq kontrolli <i>ex ante</i> iżda wkoll immaniġġja d-drittijiet tal-aċċess għas-sistema tal-IT għall-kontabilità baġitarja	mhux applikabbli	Jistieden lill-Aġenzija twestaq is-17-il rakkomandazzjoni minn 27 magħmula mill-IAS: jiġifieri, li tistabbilixxi ċirkwiti finanzjarji, tippromwovi kontrolli fil-post/verifiki tal-għotjiet, u timmoniterja u tagħti segwitu l-implimentazzjoni tal-għotjiet u l-implimentazzjoni tal-istandards ta' kontroll interni	Jagħraf li 3 rakkomandazzjonijiet mill-follow-up tal-IAS dwar rakkomandazzjonijiet minn awditi passati għad iridu jiġu implimentati, dawn jikkonċernaw l-aktar pożizzjonijiet sensittivi, kontrolli fil-post/verifiki tal-għotjiet u ċirkwiti finanzjarji, u huma meqjusa importanti ħafna

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/619/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1210/90 tas-7 ta' Mejju 1990 dwar l-istabbiliment tal-Aġenzija tal-Ambjent Ewropew u n-network tal-informazzjoni u l-osservazzjoni tal-ambjent Ewropew ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 401/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent n-Netwerk Ewropew ta' Informazzjoni u Osservazzjoni tal-Ambjent ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁵⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0105/2012),

1. Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 57.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 120, 11.5.1990, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 126, 21.5.2009, p. 13.

⁽⁵⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/620/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Awtorità ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 – C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0106/2012),
1. Jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 106.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010**

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Awtorità ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 – C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0106/2012),
- A. billi l-Qorti tal-Awdituri stqarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- B. billi fl-10 ta' Mejju 2011 il-Parlament ta lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2009 ⁽⁵⁾, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
- stieden lill-Awtorità ssaħħaħ il-proċeduri baġitarji marbuta mal-approprijazzjonijiet differenzjati tagħha u l-ippjanar u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni multiannwali,

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 106.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 162.

— barra minn hekk, ħeġġeġ lill-Awtorità ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha sabiex tnaqqas l-ammonti kbar ta' riporti tagħha,

— stieden lill-Awtorità twestaq sħarriġ dwar il-kunflitti ta' interess potenzjali tax-xjentisti ewlenin tagħha, il-Bord ta' Tmexxija tagħha u l-membri tal-panels tagħha, sabiex jistgħu jiġu identifikati omissjonijiet possibbli fid-dikjarazzjonijiet ta' interess u tkun tista' tittieħed azzjoni f'waqtha,

C. billi l-baġit kumplessiv tal-Awtorità għall-2010 kien jammonta għal EUR 74 700 000 meta mqabbel ma' EUR 71 400 000 fl-2009, ammont li jirrappreżenta żieda ta' 4,6 %; billi l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni għall-baġit tal-Awtorità għall-2010 kienet ta' EUR 69 041 000, li tirrappreżenta żieda ta' 4,36 % meta mqabbla mal-kontribuzzjoni inizjali tagħha fl-2009 ⁽¹⁾,

D. billi l-ammont ta' xogħol qed ikompli bit-tendenza tiegħu li jiżdied kemm fil-volum u kemm fil-kumplessità bl-adozzjoni ta' aktar minn 560 kontribuzzjoni xjentifika;

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Ifakkar li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni lill-Awtorità għall-2010 ammontat għal EUR 69 041 000; josserva madankollu li EUR 3 950 000 li ġejjin mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv, żdiedu ma' dan l-ammont, u għaldaqstant il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni tilħaq l-ammont ta' EUR 72 991 000 għall-2010;

2. Jirrikonoxxi mir-Rapport Annwali dwar l-Attivitajiet (AAR) tagħha li, fl-2010, l-Awtorità kellha rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 98,8 % f'dak li jirrigwarda approprjazzjonijiet għall-impenji u ta' 83,5 % f'dak li jirrigwarda approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet; jieħu nota li taħt it-Titolu 1 (Persunal) u t-Titolu 2 (Infrastruttura) il-baġit ġie implimentat għalkollox filwaqt li taħt it-Titolu 3 (Operazzjonijiet) ir-rata ta' implimentazzjoni laqgħet is-96,5 %;

3. Jinnota, madankollu, mill-AAR li fl-2010 l-Awtorità kellha rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 83,5 % biss fir-rigward tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet, li hija 11 % anqas mill-mira stabbilita mill-Awtorità; jinnota minn kummenti mill-Awtorità li r-rata ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet hija anqas minn dik mistennija għar-raġunijiet ewlenin li ġejjin:

— proġetti ewlenin ta' pproċessar tad-dejta u ta' appoġġ operattiv tal-IT nbdew f'Novembru 2010 u għalhekk wasslu għal ħlasijiet ta' EUR 4 300 000 fl-2011 biss;

— dewmien fl-għoti ta' kuntratti għal attivitajiet ta' kooperazzjoni xjentifika u livelli ta' ħlasijiet aktar baxxi fil-programm eżistenti għall-akkwist u l-għotjiet wasslu għal nefqa anqas tal-krediti differenzjati relatati li tammonta għal EUR 1 300 000;

— ħlasijiet li jammontaw għal EUR 1 100 000 għal proġetti speċifiċi fl-amministrazzjoni u l-komunikazzjoni ġew posposti għall-2011;

4. Jirrikonoxxi mir-rapport tal-Awtorità li l-implimentazzjoni tal-baġit għet irrappurtata lill-Bord ta' Tmexxija kull xahar, devjazzjonijiet mill-miri ta' implimentazzjoni tal-baġit skont l-attività jew b'rabta mal-programm ta' kooperazzjoni xjentifika ġew innutati u ttieħdet azzjoni korrettiva;

5. Madankollu, iħeġġeġ lill-Awtorità tieħu azzjoni addizzjonali biex tippermetti implimentazzjoni sodisfaċenti tal-baġit kemm fir-rigward tal-appropriazzjonijiet għall-impenji kif ukoll fir-rigward tal-appropriazzjonijiet għall-ħlasijiet u tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-progress li sar;

6. Jinnota mir-rapport tal-Awtorità li b'konformità mal-iskeda tal-Kummissjoni, il-migrazzjoni għas-sistema ta' kontabilità bbażata fuq id-dovuti (ABAC) kienet skedata għal Settembru 2011 u implimentata kif xieraq;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 991.

7. Iħoss li hu inaċċettabbli li filwaqt li l-Bord ta' Tmexxija tal-Awtorità jikkonsisti biss minn 15-il membru, kull laqgħa tiswa' medja ta' EUR 92 630, ammont li jirrappreżenta EUR 6 175 għal kull membru; jenfasizza li dan l-ammont hu kważi tliet darbiet ogħla mit-tieni l-aktar Bord ta' Tmexxija għali ta' aġenzija deċentralizzata; hu tal-opinjoni li l-ispejjeż tal-laqgħat tal-Bord ta' Tmexxija huma eċċessivi u għandhom jitnaqqsu b'mod drastiku; jistieden lill-Awtorità u lill-Bord ta' Tmexxija tagħha biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni immedjatament u jinformat lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-miżuri meħuda sat-30 ta' Ġunju 2012;

Ir-riporti u l-proċess ta' ġestjoni tal-kuntratti

8. Jirrikonoxxi mir-rapport tal-Awtorità li 6 % (EUR 270 000 000) tal-impenji għal attivitajiet operattivi riportati mill-2009 kellhom jiġu kkanċellati; jinnota li dan huwa titjib meta mqabbel mas-sena preċedenti li fih 19 % tal-impenji għal attivitajiet operattivi ġew riportati mill-2008, 37 % ta' tali impenji ġew riportati mill-2007 u 26 % ta' tali impenji ġew riportati mill-2006;
9. Iħeġġeġ, għal darb'oħra, lill-Awtorità ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha sabiex tnaqqas l-ammonti kbar ta' riporti tagħha; jinnota, b'mod partikolari, li din is-sitwazzjoni turi dgħufijiet fil-ġestjoni tal-kuntratti u l-monitoraġġ tal-preżentazzjoni tar-rapporti u d-dikjarazzjonijiet tal-kostijiet tal-Awtorità;
10. Jistieden lill-Awtorità tiżviluppa u timplimenta sistema komuni ta' monitoraġġ għall-ġestjoni tal-kuntratti kollha tagħha; jirrikonoxxi, b'mod partikolari, in-nuqqas ta' kapaċità ċentrali u koordinata fil-livell tad-direttorati responsabbli għall-monitoraġġ tal-kuntratti; jissottolinja l-fatt li dan jinvolvi riskju ta' użu ineffiċjenti tar-riżorsi u monitoraġġ mhux koordinat tal-kuntratti u għalhekk jitlob lill-Awtorità tiċċentralizza dawn ir-responsabbiltajiet fil-livell ta' kull direttorat;
11. Barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Awtorità ttejjeb ir-rappurtar dwar l-implimentazzjoni tal-kuntratti sabiex tiggarantixxi superviżjoni u ġestjoni effikaċi tal-attivitajiet operattivi tagħha;

L-akkwist

12. Jinnota mill-AAR tagħha li, fl-2010, l-Awtorità ffinalizzat 24 proċedura tal-akkwist fil-qasam tal-Komunikazzjoni u l-Amministrazzjoni li jammontaw għal EUR 48 800 000, kif ukoll 75 kuntratt tal-akkwist u 10 ftehimiet ta' għotjiet bħala parti mill-programm ta' kooperazzjoni xjentifika b'ċifri ta' EUR 5 700 000 u EUR 2 100 000 rispettivament;
13. Jinnota li l-Awtorità kellha Gwida dwar l-Akkwist Prattiku mill-2008 biex tagħti linji gwida lill-persunal tagħha fit-thejgħija u l-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-akkwist u tal-kuntratti sussegwenti, u li l-Gwida tiġi aġġornata regolarment; jinnota wkoll li l-Gwida qed tiġi riveduta sabiex jitqiesu r-regoli li ġew adottati reċentement mill-Kummissjoni dwar l-akkwist pubbliku u r-reviżjoni tar-Regolament Finanzjarju;

Ir-riżorsi umani

14. Jinnota mir-rapport tal-Awtorità li 99 % tal-karigi ppjanati ttieħdu jew kienu qed jiġu offruti sa tmiem l-2010;
15. Jistieden lill-Awtorità tindirizza d-dgħufijiet tagħha fil-proċeduri tar-reklutaġġ, li jipperikolaw it-trasparenza tal-proċeduri; jirrikonoxxi, b'mod partikolari, mir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri li l-Awtorità ma żgurax l-anonimità tal-eżamijiet bil-miktub u kien biss wara li kien diġà beda l-proċess ta' evalwazzjoni li ddeċidiet il-marki li bihom wieħed jgħaddi għad-diversi stadji tal-proċess ta' għażla;
16. Huwa preokkupat li l-Awtorità pposponiet b'aktar minn 12-il xahar ir-rakkomandazzjoni "importanti ħafna" tas-Servizz tal-Verifika Interna (IAS) li stiednet lill-Awtorità tiddefinixxi l-proċessi ta' tiġdid tal-kuntratti u tiżgura t-trasparenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet; għalhekk, jistieden lill-Awtorità tispeġja lill-awtorità tal-kwittanza r-raġunijiet għal dan id-dewmien u tindirizza dan in-nuqqas malajr;

Il-kunflitt ta' interess u l-każijiet "revolving door"

17. Jinnota, b'mod partikolari, li f'Settembru 2010, ġie rrapportat li l-President tal-Bord ta' Tmexxija kellu rabtiet diretti mal-industrija tal-ikel, u li kien membru tal-Bord tad-Diretturi tal-International Life Science Institute (ILSI) — Europe;
18. Iqis li, filwaqt li hu leġittimu u neċessarju li jsir djalogu mal-industrija dwar metodoloġiji tal-valutazzjoni tal-prodott, dan id-djalogu m'għandux idgħajef l-indipendenza tal-Awtorità u lanqas l-integrità tal-proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju; jitlob, għalhekk, lill-Awtorità tikkunsidra bħala konflitt ta' interess il-parteċipazzjoni attwali jew tal-passat reċenti tal-Bord ta' Tmexxija tagħha, il-panel u l-membri tal-grupp ta' ħidma jew il-persunal f'attivitajiet tal-ILSI bħal taskforces, kunitati xjentifiċi jew presidenzi ta' konferenzi;
19. Ihegġegħ lill-Qorti tal-Awdituri tiffinalizza u tippreżenta l-verifika tagħha ta' konflitt ta' interess fl-Awtorità;
20. Ifakkar li fl-2010 l-President attwali tal-Bord ta' Tmexxija naqset li tiddikjara s-shubbija tagħha fil-Bord tad-Diretturi tal-ILSI; josserva li l-ILSI huwa ffinanzjat minn kumpaniji fis-setturi alimentari, kimiċi u farmaċewtiċi;
21. Għalhekk, iqis li għandha ssir analiżi bir-reqqa każ każ ta' dawn ir-rapporti u ta' kunflitt ta' interess attwali u possibbli sabiex jiġu evalwati l-oġġettività u l-imparzjalità tal-Awtorità fil-livelli kollha u l-ħidma li twettaq; barra minn hekk, jistieden lill-Awtorità twettaq analiżi bir-reqqa tad-dikjarazzjonijiet ta' interess ippreżentati mill-persunal, l-esperti u l-membri tal-Bord ta' Tmexxija tagħha, u mbagħad tieħu miżuri konkreti biex twaqfak kunflitti ta' interess u tipprovdni informazzjoni lill-pubbliku; jistieden lill-Awtorità tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-proċess ta' analiżi u l-miżuri konkreti adottati, permezz ta' rapport bil-miktub u dettaljat sat-30 ta' Ġunju 2012;
22. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri osservat li l-proċess ta' rieżami tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-membri tal-Bord ta' Tmexxija mhuwiex rigoruż u dettaljat biżżejjed u dan jipperikola l-kompletezza u t-trasparenza tal-proċedura;
23. Iqis li l-valutazzjoni tal-prodott m'għandhiex tkun ibbażata biss fuq id-data tal-industrija, imma għandha tqis sew ir-riċerka xjentifika ppubblikata f'ġurnali riveduti mill-pari; jenfasizza li għandha tingħata attenzjoni addizzjonali fir-rigward tal-influenza tal-industrija fl-iżvilupp tal-linji gwida u l-metodoloġiji ta' valutazzjoni, li m'għandhomx jiffavorixxu riċerka sponsorjata mill-industrija fuq bażi spekulattiva u li għandhom ikunu żviluppatti b'mod miftuħ, trasparenti u bbilanċjat;
24. Ifakkar lill-Awtorità li r-regoli marbuta mad-dikjarazzjonijiet ta' interess għandhom ikunu akkumpanjati wkoll minn serje ta' konsegwenzi li japplikaw f'każ li dawn ir-regoli jinkisru; barra minn hekk, jinnota li l-Awtorità għandha wkoll tikkonċentra fuq l-interess pubbliku, fil-qafas tal-proċess deċiżjonali indipendenti tagħha, billi tieħu kont tad-data u t-tagħrif rilevanti kollu;
25. Jinnota li f'Marzu 2010 NGO Ġermaniża ressqet ilment quddiem l-Ombudsman Ewropew dwar il-fatt li l-Awtorità ma indirizzatx b'mod xieraq kunflitt ta' interess potenzjali rigward il-fatt li l-Kap tal-Unità għall-Organiżmi Modifikati Ġenetikament tagħha ġie impjegat ma' kumpanija tal-bijoteknoloġija anqas minn xahrejn wara li l-membri tal-persunal inkwistjoni telaq mill-Awtorità, mingħajr perjodu ta' "cooling off";
26. Jissottolinja l-fatt li l-Ombudsman ikkonkluda li l-Awtorità ma wettqitx valutazzjoni bir-reqqa tal-allegat kunflitt ta' interess potenzjali u stieden lill-Awtorità ttejjeb il-mod li bih tapplika r-regoli u l-proċeduri tagħha f'każijiet "revolving door" futuri; barra minn hekk, jenfasizza li l-Ombudsman osserva wkoll li negozjati minn membru tal-persunal rigward impjeg futur li jista' jikkostitwixxi każ ta' "revolving doors", jikkostitwixxu fihom infushom kunflitt ta' interess u rrakkomanda li l-Awtorità għandha ssaħħaħ ir-regoli u l-proċeduri tagħha kif xieraq; jistieden lill-Awtorità tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-miżuri konkreti adottati, u l-iskadenzi rispettivi tagħhom, biex il-konklużjonijiet tal-Ombudsman jiġu indirizzati kif xieraq;

27. Għal darb'oħra, ihegġegħ lill-Awtorità tiegħi miżuri xierqa f'każijiet ta' kunflitt ta' interess u każijiet ta' "revolving doors", anke meta l-każijiet iseħħu fil-Bord ta' Tmexxija, u tinforma kemm lill-awtorità tal-kwittanza kif ukoll lill-pubbliku minnufih dwar il-miżuri meħuda;
28. Jinnota mill-AAR tagħha li fl-2010 l-Awtorità ħadet diversi inizjattivi fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess:
- l-ikkummissjonar ta' rapport indipendenti biex jivvaluta l-implimentazzjoni mill-Awtorità tal-politika tal-2007 tagħha dwar id-dikjarazzjoni tal-interessi;
 - l-ikkummissjonar ta' rapport indipendenti biex is-sistema ta' indipendenza tal-Awtorità titqabbel ma' dik ta' organizzazzjonijiet analogi kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali;
 - il-konklużjoni ta' eżami indipendenti estern tal-valutazzjonijiet tagħha tad-dikjarazzjoni ta' interess;
29. Jilqa' l-fatt li l-Awtorità adottat definizzjoni ġdida ta' konflitti ta' interess, ibbażata fuq id-definizzjoni tal-OECD, imma jwissi li jeħtieġ isir aktar titjib biex tissaħħaħ il-politika tal-Awtorità dwar l-indipendenza; jenfasizza b'mod partikolari li l-kriterji li jiddefinixxu konflitti ta' interess għandhom ikunu ċċarati u mwessgħa, u jinkludu attivitajiet attwali u dawk tal-passat reċenti;
30. Jieħu nota mir-rapport tal-Awtorità li rieżami tal-politika tagħha dwar id-dikjarazzjonijiet tal-interess sar fl-2011 u li l-Bord ta' Tmexxija tagħha adotta politika ġdida dwar l-indipendenza u l-proċessi xjentifiċi ta' teħid ta' deċiżjonijiet;
31. Josserva li l-Awtorità qed tkun sfidata b'mod repetut dwar każi ta' allegat konflitti ta' interess li jinvolvu membri tal-panels ta' esperti, speċjalment fil-każ tal-panels dwar "Addittivi tal-Ikel u sorsi ta' nutrijenti miżjuda mal-ikel" (ANS) u "Organiżmi modifikati ġenetikament" (GMO); jenfasizza li tmienja mill-panels tal-Awtorità u l-kumitat xjentifiku tagħha kienu waslu biex jiġġedidilhom il-kuntratt f'Marzu 2012 u li l-kapaċità tal-Awtorità li timplimenta l-politika l-ġdida qiegħda taħt skrutinju; jistieden għalhekk lill-Awtorità tinforma bil-miktub lill-awtorità tal-kwittanza sat-30 ta' Ġunju 2012 dwar il-passi meħuda biex timplimenta l-politika l-ġdida dwar l-indipendenza u l-proċessi xjentifiċi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u biex tikkonforma mad-definizzjoni tal-OECD dwar konflitti ta' interess meta għedded il-panels tagħha u l-kumitat xjentifiku tagħha; fl-istess ħin, jistieden lill-Awtorità tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-kompożizzjoni ġdida tal-panels u l-kumitat xjentifiku sat-30 ta' Ġunju 2012;
32. Jieħu nota tar-rieżami tal-proċeduri tal-Awtorità f'Diċembru 2010 biex tiżgura l-implimentazzjoni tal-obbligi li joħorġu mill-Artikoli 16(2), 17 u 19 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u l-Kondizzjonijiet tal-Impjeg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68⁽¹⁾; ġie infurmat li fl-2010, 20 membru tal-persunal telqu mill-Awtorità, u li kollha rċevew ittra mat-tluq li tfakkarhom fl-obbligi tagħhom vis-à-vis l-Awtorità; jistieden lill-Awtorità ttejjeb aktar il-mod li bih tapplika r-regoli u l-proċeduri tagħha sabiex ikunu evitati il-każijiet ta' "revolving door" riċentement imsemmija mill-Ombudsman Ewropew; iqis li kwalunkwe problema fir-rigward tal-infurzar tar-Regolamenti tal-Persunal u d-dikjarazzjonijiet ta' interessi se timmina l-kredibilità tal-Awtorità;
33. Jinnota li l-Awtorità kienet ivverifikata mill-Qorti tal-Awdituri fil-qafas tar-Rapport Speċjali dwar it-tmexxija tal-konflitti ta' interess fl-Aġenziji tal-Unjoni u jagħraf, mill-Qorti tal-Awdituri, li r-Rapport Speċjali se jkun ippubblikat sa tmiem Ġunju 2012;
34. Jirrikonoxxi mir-Rapport Speċjali li l-Kummissjoni qed tqis modifika tal-finanzjament futur tal-Awtorità u pproponiet li l-awtorità tal-kwittanza u l-Kunsill iqisu struttura ta' finanzjament parzjalment ibbażata fuq onorarji għall-Awtorità; jinnota li l-Kummissjoni qed twettaq valutazzjoni tal-impatt dwar il-kwis-tjoni; madankollu, huwa preokkupat li l-iskema ġdida ta' finanzjament proposta mill-Kummissjoni tista' taffettwa l-indipendenza tal-Awtorità;

(¹) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

Il-prestazzjoni

35. Jinnota mill-AAR tagħha li rieżami tal-effiċjenza tagħha, immexxi minn konsulenti esterni, beda fl-2010 bit-tnedija tal-programm e3; jirrikonoxxi li l-fażi inizjali tal-programm ikkonċerna l-istabbiliment tal-attivitajiet tal-programm, tal-istruttura u tal-governanza tal-programm bi tħejjija għar-riorganizzazzjoni strutturali li jiġi implimentat fl-2011; jistieden lill-Awtorità tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-konklużjonijiet tar-rieżami u l-miżuri li adottat u implimentat biex tindirizzahom;
36. Jilqa' l-pjanijiet tal-Awtorità li ssaħħaħ l-ippjanar tagħha fuq terminu medju ta' żmien bl-għan ta' aktar involviment tal-Istati Membri fix-xogħol tal-Awtorità u li tiġbor b'mod aħjar ir-riżorsi tagħha fl-Ewropa kollha; jappoġġa l-Awtorità fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Membri fil-qasam tal-valutazzjoni tar-riskju;
37. Jissottolinja l-ħtieġa li l-Awtorità tiżgura li l-pariri tagħha jkunu ta' kwalità għolja u indipendenti, sabiex tiggarrantixxi l-konformità mal-istandards ta' sikurezza, l-eċċellenza xjentifika u l-indipendenza tal-unjoni rigward il-kwistjonijiet kollha b'impatt dirett jew indirett fuq is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, u l-protezzjoni tal-pjanti; jirrakkomanda, b'mod partikolari fl-interess tat-trasparenza, miżuri biex jiġu mħeġġa u mmonitorjati regoli interni dwar id-dikjarazzjonijiet tal-interess tal-persunal tal-Awtorità u tal-esperti li jaħdmu għall-Awtorità;
38. Iqis li l-kompiti prinċipali tal-Awtorità huma l-forniment ta' konsulenza xjentifika indipendenti dwar kwistjonijiet b'impatt dirett jew indirett fuq is-sigurtà fl-ikel, it-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju biex l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-korpi ta' teħid ta' deċiżjoni jkunu pprovduti b'bażi xjentifika soda sabiex ikunu definiti miżuri leġiżlattivi jew regolatorji orjentati lejn il-politika u l-għbir u l-analiżi ta' data xjentifika;

Il-verifika interna

39. Jirrikonoxxi l-fatt li sitt rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna" mill-IAS għad iridu jiġu implimentati u li tlieta minnhom diġà ġew posposti għal aktar minn 12-il xahar; jinnota b'mod partikolari li dan id-dewmien jirrigwarda: il-ġestjoni tas-sigurtà tal-informazzjoni, il-proċess tat-tiġdid tal-kuntratti u t-trasparenza tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u l-politika tal-iffajljar u l-arkivjar; għalhekk, jistieden lill-Awtorità tindirizza malajr dawn in-nuqqasijiet, u tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar ir-riżultati miksuba;
40. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu minn rapporti preċedenti dwar il-kwittanza, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
41. Jirreferi, f'dan ir-rigward għall-osservazzjonijiet l-oħra li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽¹⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-Aġenziji.

⁽¹⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164. (Ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)

RAKKOMANDEZZJONIJIET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel	2006	2007	2008	2009
Il-prestazzjoni	L-ebda valutazzjoni tar-riskji jew indikaturi tal-prestazzjoni xierqa definiti, jew l-ebda sistemi dokumentati jew proċeduri ta' kontroll intern li jirregolaw l-attivitajiet tagħha	n.a.	Jistieden lill-Awtorità tistabbilixxi objettivi SMART u indikaturi RACER, kif ukoll tagħmel dijagramma ta' Gantt → biex tippromwovi approċċ orjentat lejn il-ksib tar-riżultati	<ul style="list-style-type: none"> — Jagħti parir lill-Awtorità ssaħħa l-ippjanar u l-monitoraġġ tal-proċeduri baġitarji marbuta mal-approprijazzjonijiet differenzjati — Jissottolinja l-ħtieġa li l-Awtorità tiżgura li l-pariri tagħha jkunu ta' kwalità għolja u jkunu indipendenti. Jirrakkomanda miżuri biex jiġu mħeġġa u mmonitorjati aktar ir-regoli dwar id-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-persunal jew tal-Awtorità u tal-esperti li jaħdmu għall-Awtorità — Jitlob li l-Qorti tal-Awdituri twettaq verifiki tal-prestazzjoni tal-Awtorità
Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja/l-akkwist	<ul style="list-style-type: none"> — Il-prinċipju tal-annwalità ma kienx osservat b'mod strett: Kien hemm numru kbir ta' trasferimenti bil-biċċa l-kbira minnhom isiru fl-aħħar tas-sena (31 mid-49 trasferiment) — Dgħufijiet fil-proċeduri tal-akkwist: il-kriterji tal-għażla ma kinux iddikjarati; il-metodu ta' evalwazzjoni tal-prezzijiet ma ġiex definit qabel ma bdiet il-proċedura ta' evalwazzjoni; deskrizzjoni vaga tal-kriterji tal-kwalità 	<ul style="list-style-type: none"> — Il-prinċipju tal-annwalità ma kienx osservat b'mod strett: dgħufijiet fil-programmazzjoni u l-ibbaġitjar tal-attivitajiet ippjanati — Dgħufijiet fil-ġestjoni baġitarja: fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni lill-Kroazja u lit-Turkija (strategġija ta' qabel l-adeżjoni), kellhom jitqiesu bħala dħul allokati fil-baġit. Madankollu, tqiesu bħala parti mis-sussidju Komunitarju normali 	<ul style="list-style-type: none"> — Il-prinċipju tal-annwalità ma kienx osservat b'mod strett: dgħufijiet fil-programmazzjoni, fil-monitoraġġ tal-iskadenzi kuntrattwali u tal-baġit tal-Awtorità → <ul style="list-style-type: none"> 1) Jistieden lill-Awtorità ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha sabiex tnaqqas l-ammont ta' riporti tagħha: 23 % fl-2008; 16 % fl-2007; 20 % fl-2006; 2) Ammont kbir ta' impenji kellhom jiġu kkanċellati (37 % tal-impenji għal attivitajiet operattivi riportati mill-2007 u 26 % mill-2006) — Jistieden lill-Kummissjoni teżamina modi kif tiżgura li l-prinċipju tal-ġestjoni tal-flus abbażi tal-ħtiġijiet ikun implimentat għalkollox → riżervi kbar ta' flus (EUR 19 990 492,26) 	<ul style="list-style-type: none"> — Jistieden lill-Awtorità ssaħħa il-proċeduri baġitarji marbuta mal-approprijazzjonijiet differenzjati tagħha u l-ippjanar u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni multianwali tagħha — Iħeġġeġ lill-Awtorità ttejjeb il-ġestjoni baġitarja tagħha sabiex tnaqqas l-ammonti kbar ta' riporti tagħha, jenfazizza li l-Qorti tal-Awdituri ssenjalat riporti ta' approprijazzjonijiet għas-sena ta' wara, din is-sitwazzjoni turi dgħufijiet fil-ġestjoni tal-kuntratti u l-monitoraġġ ta-preżentazzjoni tar-rapporti u d-dikjarazzjonijiet tal-kostijiet tal-Awtorità — Il-Qorti tal-Awdituri nnotat li l-impenji għal attivitajiet operattivi riportati mis-sena preċedenti kellhom jiġu kkanċellati, iħeġġeġ lill-Awtorità tirrimedja din is-sitwazzjoni u tinnotifika lill-Qorti tal-Awdituri dwar il-miżuri meħuda — Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri rrapportat diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma 2009, jistieden lill-Awtorità tieħu l-miżuri meħtieġa biex tirmedja dawn in-nuqqasijiet

L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel	2006	2007	2008	2009
Ir-riżorsi umani	L-ebda objettiv ta' reklutaġġ realistiku	— L-Awtorità rnexxielha tilħaq l-objettivi ta' reklutaġġ tagħha u timla 273 mit-300 post fl-organigramma tagħha: il-verifika tal-proċeduri tar-reklutaġġ uriet li ġeneralment la l-ippeżar tal-kriterji tal-għażla li għandhom jiġu applikati u lanqas ir-riżultati minimi biex wieħed jgħaddi għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjonijiet ma kienu ġew deċiżi mill-bord tal-għażla qabel l-iskadenza stabbilita fl-avviż dwar il-postijiet vakanti	n.a.	n.a.
Il-verifika interna	n.a.	n.a.	20 mill-25 rakkomandazzjoni (80 %) li saru mill-IAS u mill-IAC ġew implimentati	<p>— Huwa preokkupat li mit-48 rakkomandazzjoni, waħda titqies bħala kritika, 27 jitqiesu bħala importanti iżda ma nġhatat l-ebda informazzjoni lill-awtorità tal-kwittanza dwar il-kontenut ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, iħeġġeġ lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità jipprovdi din l-informazzjoni</p> <p>— Itenni t-talba tiegħu biex l-Awtorità tieħu miżuri xierqa f'każijiet ta' kunflitti ta' interess, jistieden lill-Awtorità tniedi sħarriġ dwar il-kunflitti ta' interess potenzjali tax-xjentisti ewlenin, kif ukoll tal-membri tal-bordijiet u tal-panels tagħha, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati omissjonijiet fid-dikjarazzjonijiet ta' interess u mbagħad tittieħed azzjoni f'waqtha</p>

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tal-10 ta' Mejju 2012****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010**

(2012/621/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Awtorità ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 – C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, u b'mod partikolari l-Artikolu 44 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0106/2012),
1. Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President

Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali

Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 106.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Meju 2012

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010

(2012/622/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 – C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat Kunitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0107/2012),
1. Jipposponi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti tal-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t'hawn taħt;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, kif ukoll ir-risoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2002, p. 27.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 – C7-0051/2012),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0107/2012),
- A. billi fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2009, il-Qorti tal-Awdituri esprimiet riżervi fl-opinjoni tagħha dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti,
- B. billi fid-Deċiżjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2011, il-Parlament iddeċieda li jipposponi d-deċiżjoni tiegħu dwar l-għoti ta' kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tiegħu għall-2009 ⁽⁵⁾, iżda mbagħad ta kwittanza fid-Deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2011 ⁽⁶⁾,
- C. billi fil-25 ta' Ottubru 2011 il-Parlament ta l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2009, u fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni dwar il-kwittanza, fost affarijiet oħra:
 - issottolinja li l-awtorità ta' kwittanza għandha tkompli tissorvelja sew matul il-proċeduri ta' kwittanza li jmiss il-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri li ttieħdu biex jindirizzaw in-nuqqasijiet serji tal-Aġenzija żvelati mir-rapporti mill-Qorti tal-Awdituri kif ukoll mis-Servizz tal-Awditjar Intern (IAS),

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 27.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.⁽⁵⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 173.⁽⁶⁾ ĠU L 313, 26.11.2011, p. 27.

- stieden lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-azzjoni meħuda rigward kwistjonijiet relatati mal-konformità effikaċi mal-Kodiċi ta' Kondotta tagħha rigward il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess,
 - insista, iżda wissa wkoll lill-Aġenzija, li l-azzjonijiet kollha msemmija fir-rapporti ta' awditjar rispettivi, inkluż dak għas-sena 2010, għandhom ikunu implimentati bis-sħiħ qabel il-bidu tal-proċedura ta' kwittanza li jmiss,
- D. billi l-Qorti tal-Awdituri sqaqarret li kisbet assigurazzjonijiet raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet sottostanti huma legali u regolari,
- E. billi l-baġit tal-Aġenzija għall-2010 kien ta' EUR 208 400 000, li jfisser żieda ta' 7,20 % fuq is-sena finanzjarja 2009;
- F. billi l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni lill-Baġit tal-Aġenzija għall-2010 kienet ta' EUR 28 279 600 meta mqabbla mas-somma ta' EUR 36 390 000 fl-2009 ⁽¹⁾, u billi l-kontribuzzjoni globali tal-Unjoni lill-Baġit tal-Aġenzija għall-2010 kienet ta' EUR 36 600 100,

Is-segwitu tal-kwittanza tal-2009

1. Jistenna li l-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati tal-azzjoni meħuda rigward dawn il-kwistjonijiet li ġejjin:
 - il-proċess tal-adozzjoni mill-Bord Amministrattiv tal-pjan ta' azzjoni b'miżuri speċifiċi u kalendarju għall-implimentazzjoni biex jinstab rimedju għan-nuqqasijiet fil-proċeduri ta' akkwist,
 - il-verifikazzjoni dettaljata tal-użu effikaċi tal-proċeduri eżistenti rigward l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-persunal u l-esperti tagħha;

jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tagħti assigurazzjoni raġonevoli li l-Aġenzija indirizzat b'mod effikaċi n-nuqqasijiet tagħha relatati mal-proċeduri ta' akkwist, u jstieden lill-IAS jiżgura lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-użu effikaċi tal-proċeduri eżistenti dwar il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess għall-persunal u l-esperti tal-Aġenzija;
2. Jistieden lill-Aġenzija u lill-IAS jivverifikaw minnufih jekk l-azzjonijiet kollha msemmija fir-rapporti ta' awditjar, inkluż dak għall-2010, kinux implimentati bis-sħiħ u jinformaw l-awtorità tal-kwittanza b'dan;
3. Jinnota li skont l-Aġenzija fil-15 ta' Diċembru 2011 il-Bord Amministrattiv approva l-proposta li l-Aġenzija tippreżenta, matul il-Bord Amministrattiv ta' Ġunju 2012, il-miżuri implimentattivi dettaljati relatati ma':
 - l-istabbiliment tal-istruttura l-ġdida u l-qasam ta' kompetenza l-ġdid tal-Kumitat Konsultattiv dwar l-Akkwisti u l-Kuntratti,
 - l-implimentazzjoni ta' pian ta' akkwist pubbliku multiannwali,
 - l-istabbiliment tar-responsabbiltajiet tal-preċedenti;

jinsisti li l-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija jibgħat il-Pjan ta' Azzjoni lill-awtorità tal-kwittanza sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2012;

⁽¹⁾ ĠU L 64, 12.3.2010, p. 445.

Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja

4. Ifakkar li l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni lill-Aġenzija għall-2010 ammontat għal EUR 26 335 100; josserva madankollu li EUR 10 265 000, li ġejjin mill-irkupru tal-bilanċ pożittiv, żdiedu magħhom, ħaġa li fessret li, konsegwentement, il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni laqgħet l-ammont ta' EUR 36 600 100 għall-2010;
5. Jissottolinja li l-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, kif adottat definitivament, jippreżenta żewġ ċifri differenti bħala l-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni lill-baġit tal-Aġenzija, jiġifieri EUR 28 279 600 u EUR 26 335 100; għalhekk ihegġegħ lill-Kummissjoni tinforma lill-awtorità ta' kwit-tanza dwar is-sussidju preċiż allokati lill-Aġenzija;
6. Jirrikonoxxi li l-baġit tal-Aġenzija huwa ffinanzjat kemm mill-baġit tal-Unjoni kif ukoll mit-tariffi mħallsa mill-industrija farmaċewtika meta tapplika jew iżżomm awtorizzazzjoni tal-Unjoni għat-tqegħid fis-suq; jistabbilixxi mir-Rapport Annwali tal-Attività li, fl-2010, 73 % tad-dħul tal-Aġenzija huwa smat li ġej mid-dħul tat-tariffi u li, b'mod parallel maż-żieda tad-dħul ibbażat fuq it-tariffi, il-persentaġġ tad-dħul relattiv mill-kontribuzzjoni tal-Unjoni naqas minn 23 % fl-2006 għal 14 % fl-2010;
7. Jistabbilixxi mir-Rapport Annwali tal-Attività li 17-il eċċezzjoni ddaħħlu fir-reġistru tal-eċċezzjonijiet fl-2010;
8. Jinnota dgħufijiet fis-sistema tal-Aġenzija għall-validazzjoni tal-klejms tal-kredituri fir-rigward tal-kuntratturi tal-IT; jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Aġenzija li d-dgħufijiet nnutati mill-Qorti tal-Awdituri kienu relatati ma' żball uman u kkoreġuti, li hija saħħet il-kontroll *ex ante* operattiv u finanzjarju tal-fatturi u li ma għet identifikata l-ebda dgħufija oħra; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tivverifika u tinforma l-Parlament dwar din il-kwistjoni;

Riporti ta' approprjazzjonijiet u kanċellazzjonijiet

9. Jirrikonoxxi mir-Rapport tal-Aġenzija dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja li r-riport totali awtomatiku għas-sena finanzjarja 2011 kien ta' EUR 4 165 504 944, jew 20,90 % tal-appropriazzjonijiet għall-impenji u li kien rikjest riport wieħed mhux awtomatiku għas-sena finanzjarja 2011 li ammonta għal EUR 3 500 000, jew 1,68 % tal-appropriazzjoni finali;
10. Jinsab imħasseb li l-Qorti tal-Awdituri rrapportat għal darb'oħra riport għoli ta' EUR 17 600 000 fit-Titolu II (Nefqa Amministrattiva); jenfazizza li din is-sitwazzjoni tindika dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet iffinanzjati mit-Titolu II tal-baġit tal-Aġenzija u li l-Aġenzija mhijiex konformi mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità;
11. Jinnota bi tħassib il-kumment addizzjonali mill-Qorti tal-Awdituri li 36 % biss tal-appropriazzjonijiet riportati għall-2011 jikkorrispondu għal infiq akkumulat tal-2010 filwaqt li 64 % li fadal tal-ammonti riportati ma rrilatawx mas-sena finanzjarja 2010;
12. Jirrimarka li l-Qorti tal-Awdituri diġà rrapportat livell għoli ta' riporti fis-snin finanzjarji preċedenti; jinnota, b'mod partikolari li fil-baġit tal-2009 il-Qorti tal-Awdituri rrapportat riport ta' EUR 19 500 000 (38 % tal-impenji tal-Aġenzija) u fl-2008 dan kien EUR 36 000 000 (19,7 % tal-baġit tal-2008);
13. Jistabbilixxi mir-Rapport tal-Aġenzija dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja li, fl-2010, approprjazzjonijiet totali ta' EUR 9 074 296,49 ġew ikkanċellati meta mqabbla ma' EUR 7 693 276,58 fl-2009; jinnota r-risposta tal-Aġenzija li l-livell ta' approprjazzjonijiet ta' nfiq ikkanċellati huwa r-riżultat ta' monitoraġġ strett tal-introjtu u l-aġġustamenti attwali għall-infiq; ihegġegħ lill-Aġenzija tieħu azzjoni minnufih biex tnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ikkanċellati u tadotta Pjan ta' Azzjoni b'miżuri konkreti — inklużi miżuri ntiżi sabiex ikun hemm stima aktar rigoruża tad-dħul ibbażat fuq it-tariffi u l-perjodu ta' meta jiġi rċevut — u skadenzi biex tindirizza din il-problema persistenti sat-30 ta' Ġunju 2012;

Proċeduri ta' Akkwist u Trasferimenti

14. Jaċċerta mir-Rapport Annwali tal-Attività li, b'żieda mal-165 kuntratt speċifiku konklużi minn kuntratti qafas, 70 kuntratt ta' akkwist ġdid li jeċċedu EUR 25 000 fil-valur ġew konklużi mill-Aġenzija matul l-2010;
15. Jinnota mir-Rapport tal-Aġenzija dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja li, matul l-2010, 13-il trasferiment ta' ammont totali ta' EUR 13 714 500 (15,29 % tal-appropriazzjonijiet finali) ġew approvati; jinnota wkoll li l-Aġenzija diġà adottat 10 trasferimenti ta' ammont totali ta' EUR 9 609 000 fl-2009; jistieden lill-Aġenzija tadotta Pjan ta' Azzjoni b'miżuri u skadenzi konkreti biex issolvi din il-problema persistenti;

Sistema ta' remunerazzjoni għas-servizzi

16. Ihegġegħ lill-Aġenzija tintroduċi sistema ta' remunerazzjoni għas-servizzi mogħtija minn awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri abbażi tal-ispejjeż reali tal-Istati Membri; jistieden lill-Aġenzija tinforma minnufih lill-awtorità ta' kwittanza meta titwaqqaf din is-sistema; f'dan ir-rigward jinnota li sistema ġdida ta' ħlasijiet diġà għet ippreżentata lill-Bord Amministrattiv fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2009 iżda, fl-aħħar, irrifjuta l-proposta;
17. Jappoġġa l-isforzi kollha fil-livell eżekuttiv u amministrattiv tal-Aġenzija biex tirrifirma s-sistema ta' ħlasijiet għas-servizzi pprovduti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri li għandha tkun espressament ibbażata fuq spejjeż reali; ihegġegħ lill-Bord Maniġerjali jimxi 'l quddiem fir-rigward ta' din il-kwistjoni;
18. Jinnota li billi rrifjuta sistema ġdida ta' ħlasijiet, il-Bord Amministrattiv jaċċetta u jieħu responsabilità diretta għal riskji importanti ħafna, bħal pereżempju n-nuqqas ta' konformità ma' rekwiżiti leġislattivi, l-impatt finanzjarju potenzjali tas-sistema ta' remunerazzjoni attwali, u r-reputazzjoni; għalhekk mhuwiex lest jaċċetta din l-attitudni dubjuża mill-Bord Amministrattiv u jistieden l-Aġenzija tadotta Pjan ta' Azzjoni dwar din il-kwistjoni u tinforma l-awtorità tal-kwittanza sat-30 Ġunju 2012;

Ġestjoni tar-riżorsi umani

19. Ihegġegħ lill-Aġenzija ssaħħaħ il-proċess ta' reklutaġġ tagħha u tiżgura li d-dokumentazzjoni tagħha hija amministrata sew; jistieden partikolarment lill-Aġenzija ttejjeb id-dokumentazzjoni tal-fajls ta' reklutaġġ għall-aġenti kuntrattwali u lill-Awtorità tal-Ħatra tadotta l-listi ta' riżerva proposti mill-komitati tal-għażla;
20. Jirrikonoxxi wkoll mill-Qorti tal-Awdituri li l-Aġenzija ma għamlitx biżżejjed distinzjoni bejn ir-reklutaġġi ta' persunal tal-aġenzija tal-impjiegi u dawk tal-persunal fuq kuntratt; għalhekk jistieden lill-Aġenzija tuża persunal tal-aġenzija tal-impjiegi biex tkopri biss ħtiġijiet fuq terminu ta' żmien qasir u tagħti aċċess trasparenti lil pożizzjonijiet ta' persunal fuq kuntratt;

Ġestjoni tal-kunflitti ta' interess;

21. Ihegġegħ lill-Aġenzija tipprovdi koordinazzjoni ċentrali għall-iżvilupp ta' metodoloġija ta' valutazzjoni tal-esperti komuni applikabbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha u għall-monitoraġġ tagħha; jinnota li, wara li l-Memorandum ta' Qbil (MtQ) bejn l-Aġenzija u kull awtorità nazzjonali kompetenti dwar il-monitoraġġ tal-livell xjentifiku tal-esperti sar effettiv fl-4 ta' Lulju 2011, l-Aġenzija għad għandha r-responsabilità li tiżviluppa u tikkoordina valutazzjoni tal-esperti komuni u metodoloġija tal-esperti;
22. Jenfasizza li l-Aġenzija trid tiffinalizza l-iffirmar ta' MtQ dwar l-indipendenza ta' evalwazzjoni xjentifika, temenda proċeduri interni b'mod korrispondenti, u taġġorna d-database tal-esperti; jieħu nota tar-risposta tal-Aġenzija li l-MtQ fuq l-indipendenza ta' evalwazzjoni xjentifika għet iffirmata f'Ottubru 2011 u li d-databases tal-esperti għet aġġornata sabiex tippermetti li jittellgħu d-dikjarazzjonijiet ta' interess elettroniċi direttament fid-databases. jitlob lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza dwar l-istatus tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri sat-30 ta' Ġunju 2012; jistieden ukoll lill-IAS jinforma lill-awtorità tal-kwittanza meta dawn ir-rakkomandazzjonijiet importanti ħafna jiġu implimentati b'mod effikaċi mill-Aġenzija;

23. Jitlob lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-mod kif tiżgura li l-proċeduri dwar l-involviment tal-esperti huma applikati bis-sħiħ sakemm il-MtQs dwar l-indipendenza tal-evalwazzjoni xjentifika ikunu ġew iffirmati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha;
24. Jistieden lill-Aġenzija tirrapporta dwar l-involviment tagħha fl-organizzazzjoni ta' konferenzi minn organizzazzjonijiet privati bħall-Organisation for Professionals in Regulatory Affairs (TOPRA);
25. Josserva li l-Aġenzija indikat l-adozzjoni fl-1 ta' Frar 2012 tad-“Decision on rules relating to Articles 11a and 13 of the Staff Regulations concerning the handling of declared interests of employees of the European Medicines Agency” mill-Bord Amministrattiv u tad-“Decision on rules concerning the handling of declared interests of national experts on secondment, visiting experts, trainees and interims of the European Medicines Agency” mid-Direttur Eżekuttiv; jitlob lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità tal-kwittanza bil-miżuri konkreti li ttieħdu sabiex jiġu implimentati dawn id-deċiżjonijiet sat-30 ta' Ġunju 2012 sabiex il-Parlament ikun jista' jevalwa l-indirizzar konkret tal-kunflitti ta' interess potenzjali għall-kategoriji kollha elenkati fiż-żewġ deċiżjonijiet, kif ukoll il-membri tal-Bord Amministrattiv;
26. Jinnota bi tħassib li anke fiċ-ċirkwiti finanzjarji hemm potenzjal ta' kunflitti ta' interessi fl-iproċessar tal-ħlasijiet minħabba segregazzjoni mhux biżżejjed ta' dmirijiet; għalhekk iħeġġeġ lill-Aġenzija tikkunsidra kif xieraq dan ir-riskju importanti ħafna u tiegħu azzjoni minnufih biex tindirizza dan in-nuqqas;
27. Jinnota li d-Direttur Eżekuttiv preċedenti tal-Aġenzija kiteb lill-Aġenzija fit-28 ta' Diċembru 2010 fejn iddeskriva fil-qosor l-attivitajiet li kien biħsiebu jwettaq sa tmiem il-perjodu tal-mandat tiegħu; iqis li l-ewwel deċiżjoni tal-11 ta' Jannar 2011 li ttieħdet mill-President tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija biex jawtorizza l-attivitajiet l-ġodda tad-Direttur Eżekuttiv preċedenti, tmur kontra r-regoli tal-Unjoni relatati mal-kunflitt tal-interess, b'mod partikolari rigward it-Titolu II, Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea; ifakkar li skont it-Titolu II, Artikolu 11 u t-Titolu IV, Artikolu 91 tal-Kundizzjonijiet tal-Impjeg ta' Aġenti Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, din id-dispożizzjoni tapplika b'analoġija għall-aġenti temporanji u għall-aġenti kuntrattwali; iqis li, il-fatt li l-Bord Amministrattiv adotta limitazzjonijiet dwar l-attivitajiet futuri tad-Direttur Eżekuttiv preċedenti fis-17 ta' Marzu 2011 — biss wara protesta qawwija min-naħa tal-pubbliku — huwa prova ċara li l-Aġenzija fil-bidu ma applikatx ir-Regolamenti tal-Persunal kif suppost, li terġa' u tgħid, iqajjem dubji serji dwar l-applikazzjoni ġenerali tar-regoli min-naħa tagħha. Jitlob lid-Direttur Eżekuttiv tal-EMA jippreżenta rapport dettaljat tal-Implimentazzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal fi ħdan l-Aġenzija;
28. Jinsab serjament imħasseb dwar in-nuqqas tal-Aġenzija u tal-Bord Amministrattiv tagħha li jindirizzaw b'mod effikaċi din il-kwistjoni tal-kunflitt ta' interessi; jieħu nota li, f'April 2012, l-Aġenzija adottat politika riveduta dwar l-ittrattar tal-kunflitti ta' interessi tal-membri u l-esperti tal-Kumitat Xjentifiku, kif ukoll proċedura għall-ksur tal-fiducia għall-membri u l-esperti tal-Kumitat; jinsisti li l-implimentazzjoni u r-riżultati konkreti huma l-uniċi elementi li huma prova tal-effiċjenza tal-politika u l-proċedura l-ġodda; jemmen li, waqt l-2012, l-Aġenzija għandha tivverifika d-dikjarazzjonijiet kollha tal-interessi tal-esperti u l-membri tal-Kumitat Xjentifiku; jistieden għalhekk lill-Aġenzija tipprovdi data - biċ-ċifri u l-ismijiet inklużi - bħala segwitu għall-inforzar ta' din il-proċedura; jistieden ukoll lill-Aġenzija biex, sal-aħħar ta' Awwissu 2012, tkun ivverifikat tal-anqas 75 % tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-esperti u tal-anqas 75 % tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi tal-membri tal-Kumitat Xjentifiku u tipprovdi lill-awtorità tal-kwittanza bir-riżultati tal-verifika u bi Pjan t'Azzjoni li jinkludi kalendarju għall-bqija tal-proċess ta' verifika għad-dikjarazzjonijiet tal-interessi;
29. Ifakkar li, wara r-reklutaġġ tad-Direttur Eżekuttiv preċedenti tal-Aġenzija minn uffiċċju ta' konsulenza li jagħti pariri, fost oħrajn, lill-kumpaniji farmaċewtiċi kważi immedjatament wara li telaq mill-Aġenzija, l-awtorità tal-kwittanza qajmet dubji dwar l-indipendenza reali tal-Aġenzija u l-mod ta' kif il-Bord Amministrattiv implimenta l-Artikolu 16 tar-Regolamenti tal-Persunal; jinsab imħasseb ukoll dwar l-allegazzjonijiet li d-Direttur Eżekuttiv preċedenti tal-Aġenzija stabbilixxa kumpanija ta' konsulenza tiegħu stess waqt li kien għadu fil-kariga; jitlob lill-Aġenzija tipprovdi lill-awtorità tal-kwittanza b'aktar informazzjoni dwar din il-kwistjoni sat-30 ta' Ġunju 2012;
30. Iħeġġeġ lill-Qorti tal-Awdituri tiffinalizza u tippreżenta l-awditjar attwali tagħha tal-kunflitt ta' interessi fl-Aġenzija;

31. Jiddispijaciħ mill-fatt li ħafna mill-esperti naqsu milli jippubblikaw id-dikjarazzjonijiet tal-interessi tagħhom u li l-paragun tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi ppubblikati mill-aġenziji nazzjonali rilevanti u mill-Aġenzija juru differenzi sinifikanti f'ċerti każijiet; barra minn hekk jiddeplora l-fatt li tal-anqas membru wieħed tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija, u wkoll membru sostitut tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem, naqsu milli jiddikjara r-responsabbiltajiet maniġerjali riċenti tiegħu f'kumpanija farmaċewtika;
32. Jilqa' l-inizjattiva tal-Aġenzija li tippubblika d-dikjarazzjonijiet ta' interessi tal-membri tal-persunal tagħha li għandhom pożizzjonijiet maniġerjali u tal-esperti involuti fil-valutazzjoni tal-prodotti mediċinali fil-websajt tagħha; jinnota b'interess li l-lista ta' esperti wkoll tindika l-livell ta' riskju tagħhom f'termini ta' kunflitt ta' interess; jemmaen li tal-anqas il-postijiet tax-xogħol preċedenti – sfond professjonali – għandhom ukoll ikunu ppubblikati flimkien mad-dikjarazzjonijiet ta' interessi sabiex jiġu vverifikati d-dikjarazzjonijiet ta' interessi u jiġu identifikati kunflitti eventwali; jistieden għalhekk lill-Aġenzija tipprovdli lill-Parlament informazzjoni dwar l-istatus tal-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri sat-30 ta' Ġunju 2012;
33. Ihegġegħ lill-Aġenzija twettaq kontrolli fuq id-dikjarazzjonijiet tal-interessi li tressqulha u kontroll dettaljat għal għarrieda, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni ta' sistema li biha d-dikjarazzjonijiet huma kontrollati kontra informazzjoni fidejn l-industrija u l-aġenziji nazzjonali rilevanti;
34. Huwa madankollu mħasseb dwar l-approċċ tal-Aġenzija fir-rigward tal-iskrutinju tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi li hija primarjament ibbażata fuq fiduċja pjuttost milli fuq verifika; huwa mħasseb, b'mod partikolari, dwar il-fatt li l-paragun tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi tal-esperti ppubblikati mill-aġenziji nazzjonali rilevanti u mill-Aġenzija juru differenzi sinifikanti f'ċerti każijiet; jitlob għalhekk l-Aġenzija tistabbilixxi mekkaniżmu ġenwin li jippermetti skrutinju xieraq tad-dikjarazzjonijiet ta' interessi riċevuti mill-Aġenzija u tinforma l-awtorità tal-kwittanza dwar din il-kwistjoni sat-30 ta' Ġunju 2012;
35. Ihegġegħ lill-Aġenzija tapplika l-politika tagħha fil-qasam tal-kunflitt ta' interessi għall-Bord Amministrattiv tagħha;
36. Josserva li l-Aġenzija kienet is-suġġett ta' awditjar mill-Qorti tal-Awdituri fil-qafas tar-Rapport Speċjali dwar il-ġestjoni ta' kunflitti ta' interessi fl-aġenziji tal-Unjoni; josserva li skont il-Qorti tal-Awdituri r-Rapport Speċjali msemmi aktar 'il fuq se jkun ippubblikat sal-aħħar ta' Ġunju 2012; huwa tal-opinjoni li, fid-dawl tal-volum ta' kritiki li qiegħdu inkwistjoni l-kwistjonijiet tal-kunflitt ta' interessi fl-Aġenzija, id-deċiżjoni fuq il-kwittanza għandha tiġi posposta sal-pubblikazzjoni tar-Rapport Speċjali sabiex jitqiesu l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri fuq din il-kwistjoni;
37. Iqis li l-ġestjoni effikaċi tal-kunflitt ta' interess hija kruċjali sabiex tinżamm il-fiduċja pubblika fix-xogħol tal-Aġenzija;
38. Jirrikonoxxi r-rieda tal-Aġenzija li tippubblika d-Dikjarazzjonijiet tal-Interessi tal-esperti involuti fl-ewwazzjoni ta' prodotti mediċinali; iżda jiddeplora l-fatt li ħafna esperti għad iridu jippubblikaw id-Dikjarazzjonijiet tal-Interessi tagħhom;
39. Jieħu nota tal-fatt li l-Bord Maniġerjali adotta restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet professjonali sussegwenti tad-Direttur Eżekuttiv preċedenti fis-17 ta' Marzu 2011 wara protesta min-naħa tal-pubbliku appoġġata mill-Parlament Ewropew dwar id-deċiżjoni tiegħu f'Jannar 2011 li tawtorizza l-attivitajiet l-ġodda tiegħu kompletament; ifakkar f'dan il-kuntest li delegazzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-lkel żaret l-Aġenzija f'Ġunju 2011 sabiex issegwi dan il-każ u tirċievi aktar informazzjoni dwar il-proċeduri mtejba; ifakkar, barra minn hekk, li l-Kumitat kellu skambju ta' fehmiet fl-Lulju 2011 mad-Direttur Eżekuttiv maħtur li matulu reġġhet ġiet indirizzata l-kwistjoni sabiex jiġi evitat li jkun hemm każijiet ta' din in-natura fil-futur;

Prestazzjoni

40. Iqis il-valutazzjoni tal-adeqwatezza u l-effikaċja tas-sistemi mwaqqfa biex jingħata appoġġ għall-għoti tal-parir xjentifiku għall-mediċini tal-bniedem fl-Aġenzija bħala għodda importanti biex tittejjel il-prestazzjoni tal-Aġenzija;

41. Jieħu nota taż-żieda fl-għadd ta' prodotti u servizzi (opinjonijiet, rapporti, konsulenti xjentifiċi, ispezzjonijiet) meta mqabbel mal-2009; hu sodisfatt bl-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni ⁽¹⁾ u jħeġġeġ lill-Aġenzija tkompli bl-azzjoni tagħha biex tipprovdi inċentivi għar-riċerka, l-iżvilupp u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali orfni nominati;

L-awditjar intern

42. Jirrikonoxxi mill-Aġenzija li 11-il rakkomandazzjoni "importanti ħafna" mill-IAS għadhom iridu jiġu implimentati; jinnota li waħda minnhom ġiet irrapportata li kienet implimentata mill-Aġenzija u bħalissa tinsab taħt rieżami mill-IAS;

43. Jinsab imħasseb li seba' minn dawn ir-rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna" ddewmu sa iktar minn 12-il xahar; jinnota li dawn ir-rakkomandazzjonijiet jikkonċernaw:

- il-konformità mal-Artikolu 110 tar-Regolamenti tal-Persunal;
- il-proċess ta' reklutaġġ;
- l-użu ta' databases;
- id-definizzjoni ta' regoli dwar ir-reġistrazzjoni għall-prodotti;
- il-linji gwida dwar il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess potenzjali tal-persunal;
- il-proċeduri dwar l-involviment tal-esperti;
- is-segregazzjoni tad-dmirijiet fiċ-ċirkwiti finanzjarji;

għalhekk iħeġġeġ lill-Aġenzija tindirizza minnufih dawn in-nuqqasijiet identifikati mill-IAS u tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda;

44. Jinsab imħasseb ukoll dwar il-fatt li l-Aġenzija rrifjutat żewġ rakkomandazzjonijiet "importanti ħafna" relatati ma':

- it-tariffi mħallsa lill-aġenziji nazzjonali;
- it-tnaqqis tan-numru ta' konsulenti li jaħdmu internament;

iħeġġeġ lill-Aġenzija tispjega minnufih lill-awtorità ta' kwittanza r-rifjut ta' dawn iż-żewġ rakkomandazzjonijiet;

45. Josserva li jekk l-IAS fir-rapport ta' segwitu tiegħu ta' Settembru 2010 jibqa' jinnota "valutazzjoni inadegwata tal-indipendenza tal-esperti", id-Direttur Eżekuttiv għandu jippubblika lista tal-prodotti mediċinali awtorizzati kkonċernati kollha u jispjega kif l-Aġenzija se ttejjeb dawn il-proċeduri;
46. Jiġbed l-attenzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu minn rapporti preċedenti dwar il-kwittanza, kif stabbilit fl-Anness ta' din ir-riżoluzzjoni;
47. Jirreferi, fir-rigward ta' kummenti oħrajn li jakkumpanjaw id-Deċiżjoni tiegħu għal kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 ⁽²⁾ dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

⁽¹⁾ ĠU L 18, 22.1.2000, p. 1.

⁽²⁾ Testi adottati, P7_TA(2012)0164 (ara l-paġna 388 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

RAKKOMANDEZZJONIJET TAL-PARLAMENT EWROPEW TA' DAWN L-AĦĦAR SNIN

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini	2006	2007	2008	2009
Prestazzjoni	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba ma ġiex sodisfat b'mod rigoruż: il-previżjoni tal-flus tal-Aġenzija ma ġiex ippreparata sew — L-Aġenzija twettaq l-operazzjonijiet tagħha f'żewġ postijiet, b'hekk ikollha spejjeż addizzjonali (postijiet diretti: EUR 450 000) 	<ul style="list-style-type: none"> — Riżultati tajbin talli waqqfet sistema ta' baġit sofistikata bbażata fuq l-attivitajiet u l-monitoraġġ tas-sodisfazzjon tal-utenti — Jistieden lill-Aġenzija terġa' tivvaluta l-politika tagħha ta' senserija fid-dawl tar-riskji finanzjarji mġarrba matul is-sena — L-Aġenzija twettaq l-operazzjonijiet tagħha f'żewġ postijiet, b'hekk ikollha spejjeż addizzjonali 	<ul style="list-style-type: none"> — Huwa inaċċettabbli li l-Aġenzija ma tapplikax ir-regoli rilevanti għall-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess b'mod effikaċi — tna-x il rakkomandazzjoni importanti ħafna u waħda kritika minn diversi Rapporti ta' Awditjar Annwali preċedenti tal-IAS għadhom ma kinux implimentati fl-2009 <p>Huwa inaċċettabbli li l-Aġenzija mhijiex tikkonforma mal-Kodiċi ta' Kondotta, iħeġġeġ lill-Aġenzija tiddokumenta u tivvaluta l-kontrolli tagħha u tippreżenta d-deċiżjonijiet ta' allokazzjoni rilevanti li għandhom ikunu disponibbli fuq il-websjiet</p> <ul style="list-style-type: none"> — Iħeġġeġ lill-Aġenzija tinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-passi li ħadet biex tiżgura l-indipendenza tal-esperti tagħha mill-bidu tagħha — Jistieden lill-Aġenzija tikkompleta u taġġorna regolament id-Database tal-Esperti Ewropej kif meħtieġ mir-Regolament (KE) Nru 726/2004
Appropjazzjonijiet riportati	Il-prinċipju tal-eżattezza tal-baġit ma kienx osservat b'mod strett: ir-rata ta' użu għall-appropjazzjonijiet għall-impjenji kienet inqas minn 60 %. iktar minn 40 % tal-impjenji kienu riportati għas-sena finanzjarja 2007	L-aġenzija kellha diffikultajiet fil-programmazzjoni, l-ibbaġitar tal-attivitajiet tagħha, u l-implimentazzjoni tagħhom: EUR 32 000 000 kienu riportati u EUR 4 000 000 kienu kkanċellati. Jistieden lill-Aġenzija tissodisfa l-prinċipju ta' annwalità	Jistieden lill-Aġenzija tissodisfa l-prinċipju ta' annwalità: l-appropjazzjonijiet tal-baġit riportati u kkanċellati ammontaw rispettivament għal EUR 36 000 000 (19,7 % tal-baġit) u EUR 9 700 000 (5,3 % tal-baġit)	Il-Qorti tal-Awdituri tirraporta riport ta' EUR 19 500 000 (38 % tal-impjenji tal-Aġenzija), EUR 14 800 000 minnhom kienu għall-attivitajiet li ma kinux għadhom implimentati sa tmiem is-sena, jindika dewmien fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ffinanzjati mit-Titolu II. L-Aġenzija mhijiex konformi mal-prinċipju baġitarju tal-annwalità
Proċeduri ta' akkwist	mhux applikabbli	<ul style="list-style-type: none"> — Kwistjonijiet ta' trasparenza fil-livell tal-kriterji ta' għażla u fil-livell tal-metodi ta' evalwazzjoni għall-kriterji tal-prezz u l-proċedura tal-akkwist konġunt — Ifakkar it-titjib tal-ġestjoni tal-akkwist 	Jistieden lill-Aġenzija ttejjeb il-kwalità tal-proċeduri ta' akkwist tagħha sabiex twaqqaf in-nuqqasijiet: jiġifieri rigward l-applikazzjoni tal-metodi ta' evalwazzjoni għall-kriterji tal-prezz u rigward il-ħtieġa essenzjali għall-ġustifikazzjonijiet għall-proċedura ta' għażla	<ul style="list-style-type: none"> — Jinsab imħasseb li s-sejbiet ta' żbalji tal-Qorti tal-Awdituri fil-proċeduri ta' akkwist jikkorrispondu għal ammont sinifikanti tal-baġit totali tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja tal-2009. Nuqqasijiet fil-kriterji ta' evalwazzjoni bħal pereżempju prezz u għażla tal-proċeduri — Jistieden lill-Aġenzija ttejjeb il-kwalità tal-proċeduri ta' akkwist tagħha sabiex twaqqaf in-nuqqasijiet identifikati mill-Qorti tal-Awdituri

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini	2006	2007	2008	2009
				<p>— Jistieden lill-Aġenzija tfassal programm ta' ħidma multiannwali</p> <p>— Jistieden lill-Aġenzija tiżgura li r-riżultati tal-proċeduri ta' akkwist ikunu verifikati qabel ma jingħataw kuntratti</p>
Dħul minn tariffi	L-Aġenzija ma kinitx kapaċi tagħmel analiżi komprensiva tal-kostijiet imġarrba mir-rapporteurs tal-Istati Membri sabiex tikseb bażi oġġettiva u ddokumentata li fuqha tista' tadatta l-ħlasijiet għalihom, u konsegwentement it-tariffa li jridu jħallsu l-konsumaturi tagħha: Din is-sitwazzjoni kienet tmur kontra r-Regolament dwar it-Tariffi	Kwistjonijiet ta' trasparenza dwar l-ammont imħallas lura lir-rapporteurs tal-Istati Membri	Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-livell għoli endemiku ta' flus kontanti tal-Aġenzija (EUR 41 887 000)	Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura koordinazzjoni aħjar bejn is-servizzi finanzjarji u xjentifiċi tagħha sabiex issib soluzzjoni għad-dewmien inaċċettabbli għall-ordnijiet ta' rkupru
Awditjar intern	mhux applikabbli	mhux applikabbli	Jistieden lill-Kummissjoni tissodisfa "rakkomandazzjoni kritika" magħmula mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni relatata mal-qasam tal-kunflitti ta' interessi tal-esperti, u tmien rakkomandazzjonijiet oħra "importanti ħafna" fl-oqsma tad-dokumentazzjoni tal-kunflitti ta' interess għall-persunal tal-Aġenzija, id-databases użati biex jappoġġaw il-proċeduri amministrattivi għall-evalwazzjoni, u l-iżvilupp ta' linji gwida għar-reġistrazzjoni u implimentazzjoni sħiħa ta' dawn il-linji gwida	<p>Huwa inaċċettabbli li d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv ma ssemmiex kwalunkwe riservazzjoni li mhijiex konsistenti mal-impenn mogħti fil-Kodiċi tal-Kondotta adottat mill-Aġenzija fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet ta' assigurazzjoni mill-IAS u l-Qorti tal-Awdituri</p> <p>Jitlob lill-Aġenzija tippreżenta r-rapporti tal-IAS sa mill-2007 lill-awtorità ta' kwittanza sat-30 ta' Ġunju 2011</p> <p>Ihegġegħ lill-Aġenzija timplimenta malajr ir-rakkomandazzjonijiet tal-IAS, tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza b'ħarsa ġenerali tal-miżuri meħuda u implimentati</p>

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010

(2012/623/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali finali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010, flimkien mat-tweġibiet tal-Aġenzija ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 (06083/2012 — C7-0051/2012),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u b'mod partikolari l-Artikolu 68 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju strutturali għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat Kunitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0107/2012),
1. Jipposponi l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Martin SCHULZ

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

⁽¹⁾ ĠU C 366, 15.12.2011, p. 27.

⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2012

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010: prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra r-rapport tal-14 ta' Novembru 2011 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar is-segwitu għar-rilaxx għas-sena finanzjarja 2009 (COM(2011) 736) u d-Dokumenti ta' Ħidma tal-Istaff tal-Kummissjoni li jakkumpanjawha (SEC(2011) 1350 u SEC(2011) 1351),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2008 bl-isem ta' "L-Aġenziji Ewropej – Il-mixja 'l quddiem" (COM(2008) 135),
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2011 dwar il-kwittanza 2009: prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-Aġenziji tal-UE ⁽¹⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽²⁾,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar il-qafas tar-Regolament Finanzjarju għall-entitajiet imsemmijin fl-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 96 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 5/2008 tal-Qorti tal-Awdituri bl-isem 'L-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea: niksbru r-riżultati',
- wara li kkunsidra r-rapporti annwali speċifiċi ⁽⁴⁾ tal-Qorti tal-Awdituri dwar kontijiet annwali tal-Aġenziji deċentralizzati għas-sena finanzjarja 2010,
- wara li kkunsidra l-istudju tiegħu bl-isem "Opportunità u fattibilità tat-twaqqif ta' servizzi ta' appoġġ komuni għall-Aġenziji tal-UE" li ħareġ fis-7 ta' April 2009,
- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Settembru 2011 dwar l-isforzi tal-UE biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni ⁽⁵⁾, id-dikjarazzjoni tat-18 ta' Mejju 2010 tiegħu dwar l-isforzi tal-Unjoni biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni ⁽⁶⁾, u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew: Nissieltu kontra l-korruzzjoni fl-UE (COM(2011) 308);
- wara li kkunsidra r-Regola 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjigi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0103/2012),

⁽¹⁾ ĠU L 250, 27.9.2011, p. 269.⁽²⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.⁽⁴⁾ ĠU C 368, 16.12.2011.⁽⁵⁾ Testi adottati, P7_TA(2011)0388.⁽⁶⁾ ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 62.

- A. billi din ir-Riżoluzzjoni fiha, għal kull wieħed mill-korpi riferuti fis-sens tal-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, l-osservazzjonijiet orizzontali li jakkumpanjaw id-deċiżjonijiet ta' kwittanza skont l-Artikolu 96 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 u l-Artikolu 3 tal-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament,
- B. billi f'dawn l-aħħar għaxar snin kien hemm żieda sostanzjali fin-numru ta' Aġenziji, minn 3 fis-sena 2000 sa 24 fl-2010,
- C. billi d-deċiżjonijiet dwar l-istabbiliment u l-allokkazzjoni ta' Aġenziji meħuda mill-Kunsill matul is-snin reċenti, huma responsabbli għall-infiq għoli u n-nuqqas ta' effikaċja tal-funzjonament tal-Aġenziji kkonċernati, minħabba li mhumiex ibbażati fuq kunsiderazzjonijiet tal-effiċjenza, fost affarijiet oħra wasslu għal lokazzjonijiet remoti u bi spejjeż kbar,
- D. billi l-baġit tal-Aġenziji deċentralizzati żdied b'mod sostanzjali bejn l-2007 u l-2010 minn EUR 1 055 000 000 (għal 21 Aġenzija) għal EUR 1 658 000 000 (għal 24 Aġenzija),
- E. billi l-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni għall-Aġenziji deċentralizzati għas-sena finanzjarja 2010 ammontaw għal iktar minn EUR 620 000 000,
- F. billi, b'segwitu tal-adozzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2008 msemmija hawn fuq, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni nedew mill-ġdid il-proġett tad-definizzjoni ta' qafas komuni għall-Aġenziji u, fl-2009, waqqfu Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-Aġenziji,
- G. billi dan il-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-Aġenziji ltaqa' għas-seba' darba fil-livell politiku fit-13 ta' Diċembru 2011 u billi ġew diskussi l-punti li ġejjin: il-kriterji għat-twaqqif ta' Aġenziji ġodda, l-għażla tal-uffiċċju ewlieni tal-Aġenziji u l-ftehim dwar is-sede, il-kompożizzjoni tal-bords tat-tmexxija, il-proċedura ta' ħatra għad-diretturi, l-evalwazzjoni u l-prestazzjoni, il-programm multiannwali, u l-appoġġ amministrattiv,
- H. billi r-Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-valutazzjoni komparattiva tal-ispejjeż tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea, kien ipplanat li joħroġ qabel tmim l-2011, u billi ittra mibgħuta fil-15 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Awdituri pprovdiet dokument ta' sintesi b'data misluta, li jkopri mill-2008 sal-2010, dwar l-ispejjeż ta' governanza, il-ġestjoni finanzjarja u l-effiċjenza operattiva tal-Aġenziji, billi l-Qorti tal-Awdituri għarrfet lill-awtorità tal-kwittanza, permezz ta' ittra tat-18 ta' April 2012, li ma kenitx l-intenzjoni tagħhom li joħorġu r-Rapport Speċjali dwar il-valutazzjoni komparattiva tal-ispejjeż tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea,

I. SFIDI KOMUNI DWAR IL-ĠESTJONI FINANZJARJA

Ġestjoni tar-riżorsi tal-baġit (inkużi t-trasferimenti 'l quddiem u l-kanċellazzjonijiet)

1. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovd i lill-awtorità tal-kwittanza b'informazzjoni konsolidata dwar il-finanzjament totali annwali għal kull Aġenzija li jkun sar mill-baġit ġenerali tal-Unjoni; jisħaq li d-dokument għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:
 - il-kontribuzzjoni inizjali tal-Unjoni mdaħħla fil-baġit għall-Aġenzija;
 - l-ammont ta' fondi li ġej mill-irkupru tal-bilanċ favorevoli;
 - il-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni għall-Aġenzija;
 - l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA);

jstieden lill-Kummissjoni tipprovd i lill-awtorità ta' kwittanza informazzjoni kkonsolidata dwar, jekk ikun applikabbli, il-livell ta' dħul li jiġġeneraw l-Aġenziji, u l-livell ta' kontribuzzjonijiet li jirċievu mill-Istati Membri u minn partijiet terzi;

2. Jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi l-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 1 għas-sena finanzjarja 2010, b'mod komparabbli u trasparenti, kif ukoll għas-snin finanzjarji preċedenti biex tippermetti lill-Parlament u lill-pubbliku jqabblu l-kontributi tal-Unjoni għal kull Aġenzija tul medda ta' żmien; dan jiżgura wkoll ċarezza, trasparenza u kontroll tal-pubbliku fuq l-infiq tal-flus tal-Unjoni;
3. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex twaqqaf iż-żidiet fil-baġits tal-Aġenziji, u biex saħansitra tikkunsidra tnaqqas il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-baġits tagħhom, ihegġegħ ukoll lill-Aġenziji jnaqqsu l-ispejjeż kurrenti u l-ispejjeż ġenerali tagħhom, inter alia permezz tal-amalgamazzjoni tal-Aġenziji b'kompiti simili jew li jkopru l-istess ambitu jew siti multipli, u jistabbilixxu mekkaniżmi biex b'mod ċar juru l-użu u l-kontabbiltà ta' kull EUR u jfaddlu sostanzjalment mill-fondi tal-Unjoni;
4. Jitlob li l-Aġenziji kollha jiġġustifikaw, b'mod sistematiku, il-baġits emendatorji, trasferimenti u trasferimenti 'l quddiem fir-rapport tagħhom dwar il-kontijiet finali annwali u r-rapport annwali dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja;
5. Jinnota li xi Aġenziji għandhom diffikultajiet biex jonfqu l-baġit tagħhom b'mod f'waqtu u li jiġu impenjati fondi għal proġetti li ma jkunux relatati mas-sena finanzjarja; huwa imħasseb bil-fatt li ammonti sinifikanti tal-baġit jiġu allokati fl-aħħar tas-sena finanzjarja; jikkunsidra dan bħala sinjal possibbli li l-fondi tal-Unjoni, f'xi każijiet, qed jintużaw bla bżonn; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri u speċjalment lill-Aġenziji stess jiiprovdu informazzjoni addizzjonali u ġustifikazzjoni fil-każijiet taċ-Cedefop, is-CPVO, l-EFSA, l-EMSA, l-ENISA, l-ERA, il-Eurojust u l-FRA li nefqu iktar minn 25 % tal-baġits tagħhom fix-xahrejn finali tal-2010, kif ukoll dwar il-każijiet taċ-CEPOL, is-CPVO, il-Frontex u għal darb' oħra l-EMSA li kontinwament ikollhom persentaġġi għoljin ta' trasferimenti 'l quddiem li jridu jiġu kkanċellati;
6. Huwa imħasseb bil-fatt li fil-każijiet tal-ECHA, l-ENISA, l-ERA, il-Eurofound, l-FRA, is-CEPOL, l-EU-OSHA, l-EFSA, il-Eurojust, l-ECDC, il-Frontex u l-OHIM il-proporzjon tad-dovuti apparagun tat-trasferimenti 'l quddiem fl-2010 kien inqas minn 50 %; jitlob informazzjoni addizzjonali u ġustifikazzjoni mill-Aġenziji msemmija hawn fuq minħabba li dan jindika li iktar minn nofs it-trasferimenti 'l quddiem tagħhom huwa relatat ma' attivitajiet inwettqa fis-sena ta' wara, u dan, jekk ma jkunx ġustifikat, imur kontra l-prinċipju tal-annwalità;
7. Jinnota livell għoli ta' trasferimenti u ta' kanċellazzjonijiet ta' approprijazzjonijiet operattivi minn diversi Aġenziji fis-sena finanzjarja 2010 li l-Qorti tal-Awdituri ma qiesx bħala sinifikanti jew mhux iġġustifikati fir-rapporti tiegħu dwar il-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2010; għalhekk jilqa' l-informazzjoni mill-Qorti dwar il-kriterji użati biex jiġi ġġudikat x'jikkostitwixxi riport sinifikanti jew mhux iġġustifikat;
8. Jinnota li livell għoli ta' trasferimenti 'l quddiem u kanċellazzjonijiet huwa ġeneralment indikattiv tal-inkapaċità ta' Aġenzija li timmaniġġja żieda kbira fil-baġit tagħha; jirrikjedi li l-kapaċità ta' assorbiment u ż-żmien meħtieġ biex isiru l-ħidmiet addizzjonali għandu jkollhom rwol akbar f'deċiżjonijiet baġitarji; ihegġegħ sabiex il-baġit annwali għall-Aġenzija kkonċernata jitnaqqas jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni strutturali biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni;
9. Ihegġegħ lill-Aġenziji jtejbu l-ġestjoni tal-impenji kif ukoll l-ippjanar intern u l-previżjonijiet tad-dħul ġenerali tagħhom sabiex jottimizzaw ir-riporti u r-rati ta' kanċellazzjoni tagħhom kif ukoll l-infiq tagħhom; ifakkar lill-Aġenziji li jeħtieġu jirfinaw is-sistemi tagħhom ta' programmazzjoni u sorveljanza u jibdew il-kuntratti aktar kmieni fis-sena biex inaqqsu l-ħtieġa ta' trasferimenti 'l quddiem ta' approprijazzjonijiet; barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi gwida u żżomm livell riġidu ta' superviżjoni f'dan ir-rigward;
10. Jirrikonoxxi, madankollu, li minħabba l-istrutturi finanzjarji tagħhom, xi Aġenziji, bħala pereżempju l-EMA, ġeneralment jispiċċaw b'livelli għolja ta' trasferimenti 'l quddiem fl-aħħar ta' kull sena finanzjarja; jitlob lil dawn l-Aġenziji jistabbilixxu mekkaniżmu ġenwin li jippermettilhom jistabbilixxu, fil-ħin dovut, stima tal-livell ta' trasferimenti 'l quddiem tagħhom; huwa tal-fehma li tali mekkaniżmu huwa esenzjali biex jiġi evalwat jekk il-livell ta' riporti fl-aħħar tas-sena jkun ġustifikat u jekk l-Aġenziji humiex kapaċi jiġġestixxu l-baġit tagħhom b'mod xieraq;

11. Jirrikonoxxi l-fatt li xi aġenziji fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja huma operattivi u li l-implimentazzjoni tal-baġit tagħhom jista' jiddependi minn fatturi esterni;
12. Jilqa' l-intenzjoni tas-Cedefop biex tkompli tnaqqas ir-riporti tagħha billi tissorvelja permezz ta' mudelli standardizzati tal-implimentazzjoni tal-baġit (impenji, pagamenti) u l-proċeduri ta' akkwist; iqis din il-miżura bħala Prattika li għandha tiġi segwita minn Aġenziji oħra;
13. Jinnota li qabel kwalunkwe esternalizzazzjoni jew amalgamazzjoni, jeħtieġ li ssir analiżi profonda tal-ispejjeż meta mqabbla mal-benefiċċji biex ikun valutat jekk l-ispejjeż amministrattivi jistgħux jitnaqqsu, pereżempju fl-oqsma tal-ippjanar tal-baġit u l-ġestjoni tal-persunal; jirreferi f'dan ir-rigward għar-riċerka dwar 'L-Opportunità u l-Fattibilità tat-Twaqqif ta' Servizzi ta' Appoġġ Komuni għall-Aġenziji tal-UE' li diġà saret mill-Parlament sa mill-2009.
14. Ifakkar li l-baġit tal-Aġenziji għandu jkun bilanċjat; jisħaq li xi Aġenziji jiġġeneraw profitti permezz tal-attivitajiet tagħhom, li xi kultant iwasslu għal bilanċ favorevoli; huwa tal-fehma li, għall-Aġenziji kompletament finanzjati mill-baġit tal-Unjoni Ewropea, il-bilanċ favorevoli ġġenerat fis-sena n għandu jtnaqqas b'mod ċar mis-sussidju tal-Unjoni għas-sena n + 1;
15. Jitlob lill-Aġenziji jeżaminaw il-proċessi amministrattivi interni tagħhom bl-għan li jnaqqsu l-piż amministrattivi; jinnota b'mod partikolari l-proċessi ta' akkwist u ta' reklutaġġ fejn jaf ikun hemm ambitu għal tnaqqis sinifikanti;
16. Ipoġġi pressjoni fuq l-Aġenziji biex jikkunsidraw l-ispejjeż amministrattivi tagħhom apparagun ta' dawk tal-pari tagħhom fit-tnejja tal-pjanijiet ta' riżorsi futuri u biex jikkunsidraw it-tabella ta' klassifikazzjoni komparattiva tal-persunal amministrattivi waqt ħatriet futuri f'tali karigi;
17. Jikkunsidra, barra minn hekk, li għall-Aġenziji parzjalment iffinanzjati minnhom infushom, il-klijenti għandhom iħallsu l-ispejjeż kollha għas-servizzi pprovduti lilhom minn dawn l-Aġenziji, inkluż il-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għall-iskema tal-pensjoni; rigward il-kwistjoni ta' kif għandha tiġi ttrattata l-possibbiltà ta' tnaqqis mit-tbassir tad-dħul mill-ħlasijiet tal-klijenti u l-bżonn li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-fondi neċessarji għall-Aġenziji, jitlob lill-Kummissjoni tinvestiga l-ħtieġa u l-modalitajiet possibbli għall-ħolqien ta' fond ta' riserva separat u limitat li jopera b'mod trasparenti;
18. Jistieden lill-partiċipanti baġitarji rilevanti kollha biex jirrispettaw id-dmirijiet tagħhom, fi ħdan il-proċedura tal-baġit, li jipprovdu ġustifikazzjoni adegwata għat-talbiet tagħhom rigward il-baġits tal-Aġenziji (jiġifieri talba għall-baġit inizjali, żidiet, tnaqqis) u fil-futur, biex tingħata aktar attenzjoni fid-deċiżjoni dwar iżidiet f'baġit tal-Aġenzija fid-dawl taż-żmien meħtieġ biex jitwettqu l-attivitajiet il-ġodda; huwa tal-opinjoni li l-baġits tal-Aġenziji għandhom ikunu bbażati fuq il-bżonnijiet reali attwali tagħhom; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni u lill-partijiet rilevanti kollha involuti fil-proċedura tal-baġit biex jimplementaw kemm jista' jkun malajr ir-rakkomandazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri għal approċċ ta' bbaġitjar fuq bażi zero għall-Aġenziji fit-tfassil tal-baġits tal-Aġenziji, jiġifieri li l-baġit ta' kull Aġenzija jtfassal mingħajr referenza għall-ammonti storiċi u jiġi ddeterminat skont il-bżonnijiet individwali ta' kull Aġenzija;
19. Iħeġġeġ lill-Aġenziji jimminimizzaw in-numru ta' ħlasijiet tard billi jimplementaw miżuri korrettivi; jinsab l-aktar imħasseb minħabba li d-dewmien fil-ħlasijiet iżid ir-riskju li jkollhom jitħallsu interessi u multi għall-ħlasijiet tard li għalihom m'hemm l-ebda approprjazzjoni prevista fil-baġit;
20. Jitlob ukoll lill-Aġenziji jirrapportaw b'mod preċiż u komplet dwar eċċezzjonijiet b'konformità mal-Istandard għall-Kontroll Intern Nru 16;

Nuqqasijiet fil-proċeduri ta' akkwist

21. Jinnota n-nuqqasijiet fil-proċeduri ta' akkwist; jitlob lill-Aġenziji jżidu l-effiċjenza tas-sistema tal-kontroll intern tagħhom biex jevitaw u jindunaw bl-iżbalji persistenti li jheddu l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet tal-Aġenziji;

22. Ihegġegħ, għaldaqstant, lill-Aġenziji biex isaħħu l-proċeduri ta' akkwist tagħhom u, b'mod partikolari, l-awtorizzazzjoni tal-akkwisti tagħhom fil-livell tad-deċiżjoni ta' finanzjament u tal-programm ta' ħidma; jinnota, pereżempju, li n-nuqqas ta' data bażi tal-EMSA biex tappoġġa d-deċiżjoni ta' finanzjament dwar il-pjan ta' akkwist operazzjonali jista' jpoġġi friskju il-validità tad-deċiżjoni tal-Aġenzija;
23. Jitlob ukoll lill-Aġenziji biex jinkludu fil-Programm ta' Ħidma Annwali (AWP) tagħhom informazzjoni ċara dwar l-ammont baġitarju globali riservat għall-akkwisti u n-numru indikattiv u t-tipi ta' kuntratti previsti; jinsab imħasseb li ħafna drabi l-AWP tal-Aġenziji ma jiżvelax b'mod espliċitu l-informazzjoni kollha msemmija fir-Regolament Finanzjarju u r-regoli ta' implimentazzjoni tiegħu; jinnota li dan in-nuqqas jinsab l-aktar fl-EMSA u l-ERA;
24. Jitlob lill-Aġenziji jiżguraw rappurtar preċiż u fil-ħin għall-iżvelar tal-eċċezzjonijiet fir-Rapporti Annwali tal-Attività b'mod komprensibbli, listi dettalji ta' kontroll u ta' ċirkulazzjoni jippermettu lill-Aġenziji jiddefinixxu b'mod ċar id-dmirijiet ta' kull rwol tal-persunal u jiżguraw segwitu adegwat għal irregolaritajiet potenzjali;
25. Ihegġegħ, barra minn hekk, lill-Aġenziji jiżguraw li l-proċedura negozjata, li għandha tintuża taħt kundizzjonijiet strettament definiti, tiġi rappurtata debitament fil-ħin lill-Bord Amministrattiv sabiex ikun kompletament infurmat dwar safejn iwasslu dawn il-proċeduri;
26. Jitlob lill-Aġenziji, għaldaqstant, jiżviluppaw u jirrappurtaw dwar kontrolli ex-post biex jiżguraw segwitu adegwat għall-irregolaritajiet potenzjali; jappoġġa f'dan ir-rigward l-inizjattivi li jiżviluppaw kapaċità ċentrali u koordinata fil-livell tad-direttorat intern ta' kull Aġenzija sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' użu ineffiċjenti tar-riżorsi u sorveljenza mhux ikkoordinata tal-kuntratti;
27. Jilqa' l-inizjattiva tal-EFSA għall-abbozzar ta' manwal prattiku għall-akkwist bid-dettalji dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet għal kull pass tal-proċess li għandu jiġi aġġornat b'mod regolari; iqis din l-inizjattiva bħala prattika li għandha tiġi segwita minn Aġenziji oħra;
28. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri nrexxielha tikseb garanziji raġonevoli dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Aġenziji kollha fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja għas-sena finanzjarja 2010 f'kull aspekk materjali u li t-tranżazzjonijiet sottostanti kienu legali u regolari; jinnota li l-kwittanza kwantu għall-implimentazzjoni tal-baġit ta' dawk l-Aġenziji għandha tibqa' tissegjes fuq il-prestazzjoni tagħhom matul is-sena;

II. SFIDI KOMUNI DWAR IL-PRESTAZZJONI

Programm Multiannwali (PM)

29. Ihegġegħ lill-Aġenziji jfasslu programmi u gwidi strateġiċi multiannwali, imfassla skont il-partikolaritajiet tal-attivitajiet tagħhom; iqis importanti li dan l-ippjanar multiannwali tal-attivitajiet (objettivi u mezzi biex jintlaħqu) ikun marbut mal-ippjanar multiannwali tar-riżorsi (b'mod partikolari baġit u persunal) u li jiġi tradott b'mod ċar fl-AWP; jitlob ukoll lill-Aġenziji biex jikkonsultaw lill-Parlament f'dan ir-rigward;
30. Jinkoraġġixxi lill-Aġenziji biex jistabbilixxu pjan strateġiku multiannwali għall-IT biex jappoġġaw l-attivitajiet operazzjonali tagħhom;

Programm ta' Ħidma Annwali (AWP)

31. Iqis li l-proċess intern tal-Aġenziji li jappoġġa l-istabbiliment tal-AWP tagħhom għandu impatt kbir fuq l-affidabbiltà tal-informazzjoni li l-Aġenzija tipprovdi lill-partijiet interessati tagħha u lill-awtorità tal-kwittanza; Ihegġegħ, għaldaqstant, lill-Aġenziji jipprovdu konsistenza fl-ippjanar tagħhom, proċeduri u gwidi adegwati, u dokumentazzjoni suffiċjenti li tappoġġa l-AWP sabiex jipprovdu informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha li għandhom isiru u dwar ir-riżorsi pplanati għal kull attività;

32. Jikkunsidra li huwa meħtieġ, b'mod urġenti, li l-kumitati responsabbli mill-Aġenziji jeżaminaw bl-aktar mod preċiż l-AWP tal-Aġenziji u jiżguraw li jirriflettu ċ-ċirkustanzi attwali u l-prijoritajiet politiċi;
33. F'dan ir-rigward, jistenna lill-Aġenziji li jaħdmu aktar mill-qrib mal-Kummissjoni fit-tħejija tal-AWP tagħhom;
34. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Aġenziji, sabiex jiżguraw li jkun hemm koordinazzjoni effikaċi tal-AWP tagħhom;
35. Iħeġġeġ b'mod partikolari lill-Aġenziji jieħdu azzjoni sabiex jiżguraw li l-AWP tagħhom jitlestha b'mod xieraq u jkun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa (jiġifieri informazzjoni dwar l-attivitajiet kollha li saru mill-Aġenzija u dwar ir-riżorsi ppjanati għal kull attività) u jinkludu barra minn hekk stimi u informazzjoni dettaljata għall-approprijazzjonijiet ittrasferiti 'l quddiem għas-sena sussegwenti;
36. Jinkoraġġixxi, f'dan ir-rigward, lill-Aġenziji jibbażaw l-AWP tagħhom fuq mudell sabiex jiffaċilitaw it-tqabbil; jitlob, f'dan ir-rigward, lill-Kummissjoni tfassal gwida għal dan il-mudell;
37. Jinsab imħasseb minħabba li l-assenjar tar-responsabbiltà għat-tħejija u l-adozzjoni tal-AWP mhux imsemmi fid-Deċiżjoni li biha ġew stabbiliti ċerti Aġenziji (eż. il-Eurojust); iqis li dan jista' jwassal għal konfużjoni u nuqqas ta' responsabbiltà għat-tħejija u l-adozzjoni tal-AWP; qed jistenna l-proposta tal-Kummissjoni għal bidla tal-bażi legali;

Rapport ta' Attività Annwali (AAR)

38. Iħeġġeġ lill-Aġenziji jistandardizzaw l-istruttura tal-AAR tagħhom skont il-format użat mid-Direttorati Ġenerali (DG) tal-Kummissjoni, u għaldaqstant, jipprovdu informazzjoni dettaljata u kompleta dwar: l-implimentazzjoni tal-AWP tagħhom, il-pjan politiku tal-baġit u l-persunal, indikaturi għall-ġestjoni baġitarja bħall-infiq fl-aħħar tas-sena (jiġifieri impenji baġitarji li jsiru mill-Aġenzija fit-tliet xhur finali tas-sena), sistemi ta' ġestjoni u kontroll intern, konklużjonijiet tal-awditjar interni/esterni, is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar, ir-rakkomandazzjoni tal-kwittanza, u d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv; jitlob ukoll lill-Aġenziji jipprovdu fl-AAR tagħhom informazzjoni li tirriżulta mid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarja u mir-rapport dwar ġestjoni baġitarja u finanzjarja prevista fil-kuntest tal-proċedura tal-kwittanza, sakemm il-limiti taż-żmien għat-tħejija tal-kontijiet konsolidati annwali tal-Unjoni jiġu rispettati;
39. Jeħtieġ li l-istruttura tal-AAR għal kull Aġenzija tinkludi numru ta' elementi komuni bbażati fuq l-aqwa prattiki fl-Aġenziji kollha, bil-għan li jiġi ffaċilitat it-tqabbil; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa mudell indikattiv b'kooperazzjoni mal-Aġenziji;
40. Jistieden ukoll lid-Diretturi tal-Aġenziji jittrażmettu l-AARs tagħhom tas-sena n u l-valutazzjoni tal-Bord tat-Tmexxija lill-Qorti tal-Awdituri, il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju tas-sena n + 1;
41. Jilqa' l-fatt li fl-AAR tagħha għall-2010, l-EU-OSHA ppreżentat data dettaljata fejn tqabbel sena ma' oħra sabiex tippermetti lill-awtorità tal-kwittanza tevalwa b'mod aktar effettiv il-prestazzjoni tal-Aġenzija; din iqisha bħala prattika li għandha tiġi segwita minn Aġenziji oħra;
42. Jitlob ukoll lill-Aġenziji jagħmlu aktar sforzi sabiex jiżguraw li l-AAR tagħhom jirrifletti b'mod effettiv l-AWP tagħhom; jisħaq li dan huwa element kruċjali għal evalwazzjoni xierqa tal-attivitajiet u r-riżultati tal-Aġenziji meta mqabbla mal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, u għaldaqstant jiddetermina l-pres-tazzjoni tagħhom; ifaħħar f'dan ir-rigward l-AARs u l-AWPs b'mod partikolari tal-ECHA, l-EMSA u l-Europol; jinnota, madankollu, li ċerti Aġenziji (eż. EMCCDA u GSA) urew nuqqas f'dan ir-rigward u r-riżorsi ta' ppjanar tagħhom għall-attivitajiet (ABB) ma kinux allinjati mal-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija tagħhom biex jippermetti s-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-baġit;

43. Jilqa' l-inizjattiva tas-Cedefop li jagħmlu disponibbli iċ-ċarts ta' Gantt għall-attivitajiet operattivi ewlenin fl-AAR tagħhom għall-2010; ifakkar lill-Aġenziji li dawn iċ-ċarts juru, b'mod konċiż, l-ammont ta' ħin li kull membru tal-persunal jiddedika għal proġett u jħeġġeġ approċċ immirat lejn il-ksib ta' riżultati; jinkoraġġixxi lill-Aġenziji jagħmlu dijagramma ta' Gantt parti mill-programm għall-attivitajiet operattivi kollha;

L-evalwazzjoni tal-Aġenziji

44. Jistieden lill-Aġenziji jagħmlu u jippreżentaw evalwazzjoni ġenerali darba kull sentejn, ikkummissjonata mill-Kummissjoni, mill-Parlament u/jew mill-Qorti tal-Awdituri, dwar l-attivitajiet, il-prestazzjoni u l-effikaċja tagħhom, u jagħmlu r-rapport disponibbli fuq il-websajt tagħhom; l-Aġenziji, u mbagħad għandhom jintalbu jħejju pjan direzzjonali bi pjan ta' azzjoni bħala segwitu bbażat fuq il-konklużjonijiet ta' dawh l-evalwazzjonijiet u jirrapportaw dwar il-progress kull sena;

Rapport dwar l-Artikolu 96

45. Ifakkar li skont l-Artikolu 96(2) tal-qafas tar-Regolament Finanzjarju, l-Aġenziji jeħtieġu jipprovdu lill-awtorità tal-kwittanza rapport dwar il-miżuri meħuda bbażat fuq l-osservazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-awtorità tal-kwittanza fir-rapporti tal-kwittanza preċedenti tagħha;
46. Jiddispjaċih li l-informazzjoni pprovduta mill-Aġenziji fir-rapporti skont l-Artikolu 96 saru mill-Aġenziji nfushom u għalhekk, bħala konsegwenza, il-preċiżjoni tad-dikjarazzjonijiet tagħhom ma tistax tiġi aċċertata u titqies bħala kompletament korretta; jistieden għaldaqstant lill-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar l-Aġenziji biex jikkunsidra jinkludi dispożizzjoni dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' verifika rigward l-informazzjoni pprovduta mill-Aġenziji fir-rapport skont l-Artikolu 96, sabiex jippermetti lill-awtorità tal-kwittanza li jkollha fiduċja fil-validità tal-informazzjoni li tkun irċeviet u tippermetti sewgita bir-reqqa tal-osservazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tagħha dwar il-kwittanza;

Tabella annessa mar-rapport annwali tal-Qorti tal-Awdituri

47. Jilqa' l-fatt li l-Aġenziji stabbilixxew, ftabella annessa mar-rapporti annwali speċifiċi tal-2010 tal-Qorti tal-Awdituri, paragon bejn l-operazzjonijiet li saru fl-2009 u l-2010 sabiex jippermettu lill-awtorità tal-kwittanza tevalwa b'mod iktar effettiv il-prestazzjoni tagħhom minn sena għall-oħra; jinnota li din kienet meħtieġa mill-awtorità tal-kwittanza sa mill-proċedura tal-kwittanza tal-Aġenziji tal-2008;

Ir-rwol tal-koordinatur tan-netwerk tal-Aġenziji

48. Ifaħħar lill-ECHA għall-ħidma effikaċi tagħha bħala koordinatur tan-netwerk tal-Aġenziji matul il-proċedura ta' kwittanza tal-2010; din iqisha bħala Prattika li għandha tiġi segwita mill-Intrapriżi Konġunti li qegħdin dejjem jiżdiedu;

III. SFIDI KOMUNI DWAR IT-TRASPARENZA

Il-websajt tal-Aġenziji

49. Iħeġġeġ lill-Aġenziji jipprovdu, permezz tal-websajts tagħhom, l-informazzjoni neċessarja biex jiżguraw trasparenza, speċjalment trasparenza finanzjarja; iħeġġeġ b'mod partikolari lill-Aġenziji biex jagħmlu disponibbli fuq il-websajt tagħhom il-lista tal-kuntratti kollha mogħtija matul dawn l-aħħar tliet snin u l-lista tal-Membri tal-Bord tat-Tmexxija bid-Dikjarazzjoni tal-Interessi tagħhom u lista tal-impriżi kollha involuti f'kontratti PPP jew li jkollhom rabtiet kummerċjali mal-Aġenziji; jitlob lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex tagħmel din l-informazzjoni kompletament aċċessibbli u tintegraha fis-sistema tagħha ta' trasparenza finanzjarja;

Relazzjonijiet mal-partijiet interessati

50. Jitlob lill-Aġenziji jiżguraw li jeżerċitaw ir-rwoli tagħhom b'koordinazzjoni mal-partijiet interessanti differenti;

51. Iħeġġeġ lill-Aġenziji jsaħħu l-involvement tal-istituzzjonijiet Ewropej, b'mod partikolari l-Parlament, fl-ippjanar annwali tagħhom;

Kunflitt ta' interess

52. Jitlob lill-Aġenziji jadottaw proċessi effettivi li jindirizzaw kif dovut l-allegazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi fi ħdan l-Aġenziji u/jew il-Bord tat-Tmexxija, b'mod partikolari fl-EASA, l-EEA u l-EFSA;
53. Jilqa' l-inizjattivi ta' xi Aġenziji, bħal pereżempju l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd li l-Kapaċità tal-Awditjar Intern tagħha żviluppat kors ta' taħriġ intern u pprovdiet it-taħriġ neċessarju relatat mal-Etika u l-Integrità fl-Aġenzija; jilqa' b'mod partikolari l-fatt li t-taħriġ huwa obligatorju għall-persunal kollu biex tiġi żgurata konsapevolezza tal-valuri etiċi u organizzazzjonali, b'mod partikolari l-imġiba etika, l-evitar tal-kunflitti ta' interess, il-prevenzjoni tal-frodi u r-rappurtar tal-irregolaritajiet;
54. Jitlob lill-Aġenziji jorganizzaw u jevalwaw bir-reqqa s-sistemi ta' kontroll tagħhom sabiex jevitaw kunflitt ta' interessi bejn il-persunal tagħhom u l-esperti li jaħdmu fl-Aġenzija tagħhom; jitlob, għaldaqstant, lill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenziji jadottaw u japplikaw l-aktar regoli u mekkaniżmi ta' verifika stretti għall-Membri tagħhom biex jiżguraw l-indipendenza totali tagħhom mill-interessi privati; ifakkar għal darba oħra li r-reputazzjoni ta' Aġenzija tiġi affettwata f'każijiet fejn ikun hemm allegazzjonijiet ta' kunflitti ta' interessi, b'impatt negattiv fuq ir-reputazzjoni tal-Unjoni;
55. Ifakkar li l-Ombudsman Ewropew ikkritika lill-EFSA għal mod kif evalwat każijiet potenzjali ta' kunflitti ta' interess u ta' "revolving door"; jistieden lil Aġenziji oħra biex iħaddmu proċeduri effiċjenti biex tiġi individwata u evitata kwalunkwe sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess; hu tal-fehma li għandu jiġi ċċarat il-perjodu ta' inkompatibbiltà ta' kull persuna li tkun ħadmet bħala direttur ta' aġenzija jew li kellha responsabilitajiet ewlenin fi ħdan aġenzija;
56. Iħeġġeġ, għaldaqstant, lill-Aġenziji biex jipprovdu lill-kumitati responsabbli tagħhom u l-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit fil-Parlament b'ħarsa dettaljata tal-proċeduri, il-kriterji u l-mekkaniżmi ta' verifika applikati biex jiġu evitati każijiet ta' "revolving door" u kwalunkwe sitwazzjoni ta' kunflitti ta' interess; meta dan ir-rwol jiġi żgurat flimkien mal-kontropartijiet nazzjonali tagħhom, iħeġġeġ lill-Aġenziji jiċċaraw it-tqassim tar-rwoli biex jevitaw lakuni rigward responsabbiltà f'każijiet ta' kunflitti ta' interess;
57. Itenni, barra minn hekk, it-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tipprovdi informazzjoni dwar l-eżistenza u l-implimentazzjoni ta' regolamenti u regoli dwar perjodi ta' inkompatibbiltà u f'każijiet komparabbli fl-Aġenziji kollha qabel tmiem l-2012;
58. Huwa sodisfatt bl-intenzjoni tal-Qorti tal-Awdituri li tagħmel analiżi komprensiva tal-approċċ tal-politiki u l-prattika konkreta tal-Aġenziji għall-ġestjoni tas-sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess, sabiex jiġu evitati l-kunflitti ta' interess filwaqt li titqies id-definizzjoni tal-OECD tal-kunflitti ta' interess u r-regoli relatati tagħha;
59. Ifakkar li fir-Riżoluzzjoni tiegħu hawn fuq imsemmija tal-15 ta' Settembru 2011 dwar l-isforzi tal-UE biex tiġġieled kontra l-korruzzjoni, il-Parlament talab, inter alia, lill-Kummissjoni u lill-Aġenziji tal-Unjoni jiżguraw aktar trasparenza billi jfasslu kodiċi ta' kondotta jew itejbu l-kodiċi eżistenti, biex bħala minimu jstabbilixxu regoli ċari dwar il-kunflitti ta' interess;
60. Ifakkar li l-kunflitti ta' interess huma kawża ta' korruzzjoni, frodi, ġestjoni ħażina tal-fondi u r-riżorsi umani, favoritiżmu u għandhom impatt negattiv fuq l-imparzjalità tad-deċiżjonijiet u l-kwalità tax-xogħol u jimminaw il-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni, inklużi l-Aġenziji;

Ir-reklutaġġ tad-Diretturi tal-Aġenziji

61. Jistieden lill-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali (IWG) jindirizza l-modalitajiet għall-ħatra tad-Diretturi tal-Aġenziji sabiex ikun hemm proċedura ta' reklutaġġ miftuħa, trasparenti u ta' min jafdaha; f'dan ir-rigward jitlob lill-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali jiżgura li l-Istqarrija Konġunta tiegħu ssemmi li l-kandidati magħżula għall-kariga ta' Diretturi tal-Aġenziji jgħaddu minn intervista pubblika mill-kumitati tal-Parlament;
62. Jinnota li, għall-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà u s-Swieq, l-Awtorità Ewropea tal-Banek u l-Awtorità Ewropea għall-Assigurazzjonijiet u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (Aġenziji li ġew stabbili fl-2010 u bdew joperaw fl-2011), id-Direttur Eżekuttiv inġenier mill-Bord ta' Superviżuri iżda biss wara konferma mill-Parlament bħala awtorità tal-kwittanza; jisħaq li din il-proċedura għandha tkun ir-regola għall-ħatra tad-Diretturi Eżekuttivi tal-Aġenziji kollha;

Il-prevenzjoni tal-frodi

63. Jistieden lill-Aġenziji jkunu aktar attivi fil-qasam tal-identifikar u l-prevenzjoni ta' frodi, u biex b'mod xieraq u regolari jikkomunikaw dwar dawn l-attivitajiet; jisħaq li r-rwol tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi fil-konfront tal-Aġenziji għandu jiġi formalizzat, imsaħħaħ u magħmul aktar viżibbli;

Sistema ta' allarm

64. Iqis li meta l-Kummissjoni jkollha raġunijiet serji għal tħassib minħabba li Aġenzija tkun se tiegħu deċiżjoni jew sehem f'attivitajiet li mhumiex konformi mal-mandat tal-Aġenzija, tikser il-liġi tal-Unjoni jew tkun f'kontradizzjoni manifesta mal-oġġettiv tal-politika tal-Unjoni, għandha d-dmir tinforma immedjatament lill-Parlament u l-Kunsill biex tippermettilhom jieħdu azzjoni xierqa;

IV. SFIDI KOMUNI GĦAR-RIŻORSI UMANI**Proċeduri ta' reklutaġġ**

65. Ihegġegħ lill-Aġenziji biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex iżidu l-legalità, it-trasparenza u l-oġġettività tal-proċess tar-reklutaġġ tagħhom; jinnota fil-fatt li għal darba oħra f'diversi Aġenziji hemm nuqqasijiet fil-proċeduri tal-għażla tal-persunal li jqiegħdu friskju t-trasparenza ta' dawn il-proċeduri u/jew jiksru l-prinċipju tat-trattament indaqs fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà; jirrikonoxxi, partikularment, li l-Qorti tal-Awdituri rappurtat ripetutament in-nuqqasijiet li ġejjin:

— ma teżisti ebda evidenza dwar jekk il-kriterja tas-selezzjoni u l-livelli li l-kandidati għandhom ikollhom biex jiġu mistiedna għat-testijiet/interviews bil-kitba humiex stabbiliti qabel ma jibda l-proċess tal-evalwazzjoni,

— nuqqas ta' dokumentazzjoni dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ,

— trattament mhux ugwali fil-proċeduri ta' reklutaġġ għall-kandidati interni/esterni,

— kompetizzjoni limitata;

iqis li dawn in-nuqqasijiet inaqqsu l-abbiltà tal-Aġenziji li: iwieġbu għal allegazzjoni possibbli ta' deċiżjoni arbitrara dwar reklutaġġ tal-persunal; u jieħdu d-deċiżjonijiet ta' riparazzjoni xierqa;

66. Jilqa' l-inizjattiva tas-Cedefop għal għodda onlajn għar-reklutaġġ RECON – Reklutaġġ Onlajn fl-2010 li jgħin liċ-Ċentru jżid il-ħeffa, l-effikaċja u t-trasparenza fil-proċess ta' reklutaġġ tiegħu; jitlob lill-Aġenziji kollha jseguw din il-proċedura;
67. Jemmen li kull sena jkun hemm impjegati, inklużi diretturi, li jagħmlu rotazzjoni bejn l-Aġenziji; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament b'tabella tal-membri kollha tal-persunal, b'mod partikolari d-diretturi u l-persuni f'kariga maniġerjali li bidlu l-post tax-xogħol minn Aġenzija għal oħra jew għal istituzzjoni oħra tal-Unjoni, tal-inqas mill-2008;

68. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Parlament b'tabella dettaljata tal-kriterji applikati sabiex tiżgura l-indipendenza, l-imparzjalità, u l-kwalifiki xierqa għar-reklutaġġ tal-persunal, inklużi dawk il-kriterji li għandhom l-għan li jwaqqfu jew jevitaw kunflitti ta' interess, u biex tapplika sanzjonijiet dissważivi għal kull irregolarità misjuba;
69. Jiddispaċi li xi Aġenziji kien għad kellhom rata għolja ta' postijiet battala fl-2010; jistieden lil dawk l-Aġenziji jieħdu l-passi neċessarji kollha ħalli jevitaw li din is-sitwazzjoni ttenni ruħha;

Xogħlijiet sensittivi mogħtija lill-persunal temporanju

70. Jistieden għal darba oħra lill-Aġenziji jiżguraw li xogħlijiet sensittivi ma jiġux mogħtija lill-persunal temporanju; jikkundanna l-fatt li f'xi każijiet l-Aġenziji rreklutaw persunal temporanju tali biex iwettaq xogħlijiet sensittivi jew ikollu aċċess għal informazzjoni sensittiva; jisħaq dwar ir-riskji potenzjali ta' ksur tas-sigurtà marbuta mal-aċċess tal-persunal temporanju għall-informazzjoni sensittiva, u n-nuqqas ta' għarfien tagħhom dwar il-proċedura li għandhom isegwu jew ukoll mal-kunflitti ta' interess;

Sigħat tax-xogħol flessibbli – liv

71. Jistieden lill-Aġenziji kollha jinfirmaw lill-awtorità ta' kwittanza relevanti bl-għadd ta' ġranet ta' liv awtorizzat lil kull grad taħt l-iskemi ta' liv tal-flexitime u ta' kumpens fl-2010;

V. SFIDI DWAR IS-SISTEMA TA' KONTROLL INTERN

72. Ihegġegħ lill-Aġenziji biex itejbu aktar is-sistemi ta' kontroll intern tagħhom biex isostnu l-istqarrija ta' assigurazzjoni annwali tad-Direttur tagħhom; jisħaq, barra minn hekk, fuq l-importanza għal Aġenzija li tistabbilixxi b'mod effikaċi funzjoni ta' ġestjoni tar-riskju għar-reġistrazzjoni ta' riskji u l-ħolqien ta' planijiet għall-azzjonijiet mitiganti;

Servizz tal-Awditjar Intern (IAS)

73. Jinnota li skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ, l-Aġenziji mhumiex obbligati li jagħmlu r-rapporti tal-IAS disponibbli lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit innifsu; iqis dan bħala difett fil-leġiżlazzjoni; hu tal-fehma li r-rapporti tal-Awditjar Intern għandhom jiġu magħmula disponibbli għall-membri tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, possibbilment fuq bażi ta' aċċess ristrett; ihegġegħ lill-koleġiżlaturi jemendaw ir-Regolamenti Finanzjarji matul in-negozjati attwali biex l-Awditjar Intern jintalab jgħaddi r-rapporti tiegħu lill-awtorità ta' kwittanza permezz tas-segretarjat tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit;
74. Iqis li r-rwol tal-IAS bħala awditur intern tal-Aġenziji deċentralizzati huwa kruċjali; jenfasizza, partikularment, li l-IAS toħroġ opinjonijiet indipendenti dwar il-kwalità ta' ġestjoni u s-sistemi ta' kontroll u tagħti rakkomandazzjonijiet għat-titjib fil-kondizzjonijiet ta' implimentazzjoni ta' operazzjonijiet u għall-promozzjoni ta' ġestjoni finanzjarja soda tal-Aġenziji;
75. Jitlob, għaldaqstant, lill-Bords tat-Tmexxija tal-Aġenziji biex debitament jieħdu inkonsiderazzjoni r-rakkomandazzjonijiet tal-IAS, bil-għan li jirrimedjaw malajr għan-nuqqasijiet identifikati u jiġġustifikaw lill-awtorità tal-kwittanza ċaħdiet u dewmien fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-IAS;

VI. SFIDI DWAR IS-SISTEMA TA' KONTROLL ESTERN

L-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Aġenziji

76. Jinnota li kemm l-IAS kif ukoll il-Qorti tal-Awdituri taw rakkomandazzjonijiet lill-Aġenziji biex jindirizzaw in-nuqqasijiet tagħhom; jilqa' l-isforzi taż-żewġ istituzzjonijiet tal-awditjar li jissupplixxu l-Aġenziji b'pariri siewja biex ikunu jistgħu jikkoreġu in-nuqqasijiet tagħhom; ifakkar b'vuċi soda lill-Aġenziji biex jieħdu r-rakkomandazzjonijiet bis-serjetà u jwettqu l-miżuri neċessarji biex jikkoreġu n-nuqqasijiet tagħhom; talab lill-IAS jinforma lill-awtorità baġitarja dwar in-nuqqasijiet fir-rapporti miġbura mid-diretturi tal-Aġenziji li jikkorrispondu għall-Artikolu 72(5) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2343/2002 u jippubblika apertament ir-rakkomandazzjonijiet magħmula lill-Aġenziji biex ikun iggarantit l-interess pubbliku u b'hekk l-effikaċja tal-kompiti tal-awditjar tagħhom;

77. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri ħarġet 32 dokument pubbliku dwar l-Aġenziji fl-2010, li kienu kollha ppubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u huma disponibbli fuq il-websajts tal-Qorti tal-Awdituri u tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit; jinkoraġġixxi lill-Qorti tal-Awdituri, għaldaqstant, biex tkompli l-funzjonijiet tagħha ta' awditjar tal-Aġenziji b'mod dettaljat u imparzjali u tirrifletti s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħha permezz tar-rapporti annwali jew speċjali pubbliċi tagħha biex tagħti lok lill-awtorità baġitarja twettaq kompletament il-funzjoni tal-kwittanza tagħha u tiżgura li ċ-ċittadini tal-Unjoni jkunu infurmati;
78. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri tkopri l-proċeduri ta' akkwist bħala parti mill-awditjar annwali tagħha tal-Aġenziji; jappoġġa l-Qorti tal-Awdituri fir-rwol tagħha bħala awditur estern, bil-għan li jiġi żgurat li tagħmel mill-aħjar biex takkwista l-aktar informazzjoni sħiħa possibbli dwar il-proċeduri tal-akkwist ħalli tistabbilixxi li s-sejħiet tal-Aġenziji għall-fażijiet ta' preparazzjoni, pubblikazzjoni, evalwazzjoni u mmaniġġjar tal-kuntratti jirrispettaw għal kollox il-prinċipju tal-kompetizzjoni massima u miftuħa u l-prinċipju ta' valur għall-flus u li l-Qorti tal-Awdituri tkun tista' tivverifika d-dħul reali tal-kumpaniji b'kuntratt ma' kwalunkwe Aġenzija sabiex tiżgura li d-dħul ma' jkunx relatat ma' bidliet li jseħħu fl-isem uffiċjali tal-kuntrattur;
79. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri, waqt li d-data rilevanti tinġabar fil-proċess tal-awditjar, tipprovi bażi tad-data pubblika li tinkludi inter alia l-elementi li ġejjin f'format aċċessibbli faċilment (pereżempju Excel Files u/jew CSV Files):
- l-impenji baġitarji magħmula fl-aħħar tliet xhur tas-sena,
 - l-approprijazzjonijiet riportati meta meqjusa mal-baġit tal-Aġenziji,
 - id-diskrepanza bejn l-approprijazzjonijiet stmati (ex-ante) u reali (ex-post) riportati tal-Aġenziji,
 - ir-riserva għall-infiq (cash-holding) medja ta' kull xahar,
 - l-approprijazzjonijiet kanċellati meqjusa mar-ir-riserva għall-infiq medja tul perjodu ta' sena,
 - il-qliġh ta' imgħax meqjus mar-riservi għall-infiq medji tal-Aġenziji,
 - ir-riservi għall-infiq medji meqjusa mal-ispejjeż medji għal kull ġurnata,
 - l-utenti uniċi fuq il-websajts tal-Aġenziji ul-pubblikazzjonijiet/stqarrijiet għall-istampa magħmula mill-Aġenziji, meqjusa mar-riżorsi allokatati għar-relazzjonijiet pubbliċi;
- iħeġġeġ, għaldaqstant, lill-Aġenziji jipprovdur fil-ħin id-data u l-istimi meħtieġa lill-Qorti tal-Awdituri;
80. Jitlob lill-Qorti tal-Awdituri tħejji proċeduri ta' klassifikazzjoni aċċessibbli apertament u trasparenti għall-Aġenziji billi tuża indikaturi importanti fl-oqsma tal-ġestjoni finanzjarja u baġitarja tajba, ta' spejjeż tal-governanza baxxi u tal-effikaċja operattiva effiċjenti, u tipprovi d-data sottostanti f'format aċċessibbli faċilment (pereżempju Excel Files u/jew CSV Files);

Rapporti dwar il-Kont Annwali mill-Qorti tal-Awdituri:

81. Ifakkar li fil-kwittanzi preċedenti tal-Aġenziji, l-awtorità tal-kwittanza talbet lill-Qorti tal-Awdituri tipprovi aktar informazzjoni dwar:
- l-effiċjenza u s-sistemi ta' kontroll intern ta' kull Aġenzija;
 - il-kunflitti ta' interess potenzjali fl-Aġenziji,

— evalwazzjoni tal-AAR ta' kull Aġenzija,

— il-prestazzjoni tal-Aġenziji;

82. Jilqa' l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri pprovdiet, fl-evalwazzjoni tagħha tal-AAR tal-Aġenziji, tabella speċifika annessa li tinkludi tqabbil tal-operazzjonijiet tal-2009 ma' dawk tal-2010 li tagħti informazzjoni lill-pubbliku rigward dawn l-attivitàjiet;
83. Ifakkar li l-Qorti tal-Awdituri taġġixxi bħala awtorità ta' kontroll indipendenti esterna biex tissodisfa wkoll id-dritt taċ-ċittadini Ewropej li jkunu jafu kif qed jintefqu l-flus tagħhom u kif qed jiġu ġestiti l-Aġenziji; ifakkar, f'dan il-kuntest, li l-Aġenziji jaqdu l-interessi pubbliċi u għandhom jagħtu rendikont liċ-ċittadini minħabba li l-interessi taċ-ċittadini stess iridu jinqdew; jistieden lill-Qorti tal-Awdituri tipprovdi lill-awtorità ta' kwittanza bid-dettalji kollha possibbli tal-azzjoni meħuda f'awditjar preċedenti u tal-irregolaritajiet li l-Qorti ma tqisx li hu importanti biżżejjed biex jissemmew, biex tassisti lill-awtorità ta' kwittanza fil-kompitu tagħha li tissorvelja l-Aġenziji;

Żewġ Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri: wieħed ippjanat, iżda ma sarx, l-ieħor għandu jitlesta fl-2012

84. Jinsab imħasseb minħabba li, minkejja l-informazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri pprovduta fl-AWP tagħha tal-2011 u t-talbiet persistenti tal-Parlament, ir-Rapport Speċjali relatat mal-valutazzjoni komparattiva tal-ispejjeż tal-Aġenziji tal-Unjoni ma nħariġx; jirrikonoxxi l-isforzi tal-Qorti tal-Awdituri biex tipprovdi lill-Parlament b'informazzjoni li tittratta l-valutazzjoni komparattiva tal-ispejjeż tal-Aġenziji; jinsab madankollu sorpriż li fil-15 ta' Frar 2012, il-President tal-Qorti tal-Awdituri bagħat ittra b'anness lill-President tal-Parlament fejn bażikament qal li l-anness (i) ma kienx ir-Rapport Speċjali dwar il-valutazzjoni komparattiva tal-ispejjeż tal-Aġenziji, (ii) hu ta' natura mhux pubblika u (iii) li seta' jintuża għall-kwittanza 2011, għalkemm id-data fl-anness tkopri s-snin 2008-2010; jiddispaċih li l-Qorti tal-Awdituri m'għandhiex il-ħsieb li joħorġu ir-Rapport Speċjali dwar il-valutazzjoni komparattiva tal-ispejjeż tal-Aġenziji skont ma hemm iddikjarat fl-ittra tal-Qorti lill-awtorità tal-kwittanza tat-18 ta' April 2012;
85. Jinnota li l-Qorti tal-Awdituri ser tippubblika Rapport Speċjali dwar il-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess fl-Aġenziji sa tmiem Ġunju 2012; billi jinsab imħasseb li diversi Aġenziji qed jiffaċċaw sfidi ripetuti minħabba każijiet li jinvolvi l-kunflitti ta' interess, jilqa' din id-deċiżjoni u jħeġġeġ lill-Qorti tal-Awdituri biex iżżid l-isforzi tagħha biex tippubblika dan ir-Rapport Speċjali fil-perjodu ppjanat;

Esternalizzazzjoni tal-awditjar tal-Qorti tal-Awdituri dwar l-Aġenziji

86. Iqis li, jekk l-awdituri tas-settur privat għandhom jiġu involuti fl-awditjar estern tal-kontijiet tal-Aġenziji, l-għażla u l-ħatra tal-awdituri privati għandha ssir b'konformità mar-regoli applikabbli, inklużi dawk dwar akkwist pubbliku trasparenti, u għandhom jinħolqu mekkaniżmi ta' kontroll xierqa sabiex jiġi żgurat ix-xogħol dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul u l-infiq u l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-Aġenziji jsiru b'konformità mal-istandards meħtieġa; iqis ukoll li l-aspetti ta' tali awditjar esternalizzat, inklużi s-sejbiet tal-awditjar rappurtati, għandhom jibqgħu r-responsabbiltà totali tal-Qorti tal-Awdituri, li jkollha timmaniġġja l-proċeduri amministrattivi u ta' akkwist meħtieġa u tiffinanzjahom mill-baġit tagħha mingħajr ma titlob għal baġit addizzjonali, peress li dan ix-xogħol huma kompetenza tal-Qorti tal-Awdituri; barra minn hekk, il-kriżi attwali ma tippermettix baġit addizzjonali biex isir xogħol ta' waħda mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, f'dan il-każ il-Qorti tal-Awdituri;
87. Iħeġġeġ lill-Qorti tal-Awdituri tevita kwalunkwe kunflitt ta' interess meta tiffirma kuntratt għal awditjar indipendenti għall-Aġenziji;
88. Iqis ukoll li jekk issir din l-esternalizzazzjoni, ir-rapport tal-awdituri indipendenti għandu jkun disponibbli għall-pubbliku immedjatament kemm mill-awdituri indipendenti kif ukoll mill-Qorti tal-Awdituri; għal dan il-għan, il-Parlament jeħtieġ li l-Qorti tal-Awdituri tastjeni milli timponi klawżoli kunfidenzjali fil-kuntratt mal-kuntrattur indipendenti eventwali fir-rigward tal-pubblikazzjoni tar-rapporti fil-forma li jsiru mill-kuntrattur indipendenti; fl-istess ħin, il-Qorti tal-Awdituri għandha tieħu r-responsabbiltà ta' dan l-awditjar indipendenti u taġixxi kif xieraq;

VII. IT-TMEXXIJA TAL-AĠENZJI**Il-Bord tat-Tmexxija**

89. Jinnota li d-daqs kbir ta' ċerti bords tat-tmexxija tal-Aġenziji u n-natura u r-rata għolja ta' bidla fil-membri tagħhom jista' jwassal għal korp li jieħu d-deċiżjonijiet mingħajr ma jkun effettiv; jitlob, għaldaqstant, lill-IWG dwar l-Aġenziji biex jindirizza din il-kwistjoni flimkien ma' rievalwazzjoni tan-natura tal-istatus tal-membri tagħhom, l-ambitu tal-kompetenzi tagħhom u kwistjonijiet relatati ma' kunflitti tal-interess; jissuġġerixxi, barra minn hekk, li tingħata kunsiderazzjoni lill-possibbiltà li l-bordijiet tat-tmexxija tal-Aġenziji li jaħdmu f'oqsma relatati jingħaqdu biex jitnaqqsu l-ispejjeż tal-laqgħat;
90. Jinnota r-responsabilità li għandhom il-Bords tat-Tmexxija għall-ġestjoni u s-supervizzjoni tal-Aġenziji; hu tal-fehma li xi deċiżjonijiet tal-Bord ta' Tmexxija, bħal dik li tiġi miċħuda xi waħda jew diversi mir-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Intern mingħajr motivazzjoni valida, jista' jkollhom impatt negattiv fuq il-mod ta' kif titmexxa l-Aġenzija; jitlob li tiġi rieżaminata l-pożizzjoni tal-Kummissjoni fi ħdan il-Bords tat-Tmexxija tal-Aġenziji biex ikun jista' jingħata dritt li tivvota u li tikkostitwixxi 'minoranza li tibblokkja' fir-rigward ta' deċiżjonijiet relatati mal-ġestjoni baġitarja, finanzjarja u amministrattiva; jitlob, barra minn hekk, lill-Kummissjoni biex tinnotifika lill-awtorità ta' kwittanza bi kwalunkwe deċiżjonijiet meħuda mill-Bords tat-Tmexxija li jmorru kontra l-prinċipju tal-ġestjoni baġitarja u finanzjarja soda tal-Aġenziji jew ir-Regolament Finanzjarju;
91. Jilqa' l-fatt li ttieħdu passi bħala reazzjoni għas-suġġerimenti li saru mill-Qorti tal-Awdituri rigward l-introduzzjoni ta' sorveljanza aktar mill-qrib u ta' kontroll tat-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet u jistenna, minbarra dan, li fil-futur il-baġits tal-Aġenziji jibqgħu jiġu suġġetti għal skrutinju mill-qrib; huwa tal-fehma li l-problemi relatati mal-baġitjar fuq il-bażi ta' attivitajiet jirriżultaw minħabba diffikultajiet prattiċi fis-separazzjoni tal-infiq tal-persunal, dak amministrattiv u operattiv meta l-oqsma ta' attività jkopru l-informazzjoni, is-servizzi ta' konsulenza u l-miżuri biex tiżdied il-kunfidenza;
92. Jistieden lill-Aġenziji jindikaw b'mod aktar trasparenti n-numri tal-persunal, inklużi l-impjegati kuntrattwali, fir-rapporti tal-attivitajiet tagħhom; qed jistenna l-ftehim tal-IWG dwar l-Aġenziji peress li dan se jagħti input konsiderevoli dwar l-ibbaġitjar u t-tħaddim tal-Aġenziji;
93. Jinnota bi tħassib li fil-każ ta' tmien Aġenziji, jiġifieri CEPOL, ECHA, EFSA, EMCDDA, EMSA, ETF, FRA u Frontex, fl-2010 l-ispejjeż medji tal-Bord tat-Tmexxija għall-kull laqgħa u għal kull membru kienu ta' EUR 1 017 u EUR 6 175; hu tal-fehma li dawn l-ispejjeż huma eċċessivi u jeħtieġ jitnaqqsu drastikament;

L-appoġġ amministrattiv

94. Jistieden, barra minn hekk, lill-Aġenziji jipprevedu l-possibbiltajiet li ġejjin meta jikkunsidraw il-possibbiltà ta' appoġġ amministrattiv li jopera bl-aktar mod effiċjenti:
- amalgamazzjoni tal-Aġenziji iżgħar sabiex jiksbu tfaddil u jieqfu u/jew jevitaw objettivi li jkopru l-istess ambitu, u jevitaw aktar infiq mill-baġit tal-Unjoni,
 - kondivizzjoni tas-servizzi bejn l-Aġenziji, jew bil-prossimità tal-postijiet jew bil-qasam politiku; ifaħħar f'dan ir-rigward l-inizjattiva tal-EMSA-CFCA li jaqsmu l-funzjoni ta' Awditjar Intern; madankollu, dan iqisu bħala bidu li għandu jtkompla bir-ristrutturazzjoni u l-amalgamazzjoni li tinkludi l-Aġenziji;
95. Jistieden lill-Kummissjoni u/jew il-Qorti tal-Awdituri biex jagħmlu evalwazzjoni dwar l-Aġenziji kollha biex jagħrfu u janalizzaw:
- is-sinerġiji potenzjali u l-okkorrenzi ta' attivitajiet mhux neċessarji jew li jkopru l-istess ambitu tal-Aġenziji,
 - spejjeż għolja żejjeż mhux meħtieġa minħabba l-post fejn tinsab is-sede,

u biex jiġu ppreparati valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji komprensivi u valutazzjoni tal-impatt biex tiġi analizzata l-amalgamazzjoni jew l-għeluq ta' ċerti Aġenziji jekk il-valur miżjud jew l-effikaċja tal-aġenzija ma jkunx suffiċjenti, u biex jiġi infurmat il-Parlament dwar din il-kwistjoni mill-aktar fis għall-kwittanza tal-2011;

96. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Kunsill jieħdu inkonsiderazzjoni n-neċessità reali għal kull Aġenzija u l-bżonn ta' tfaddil tal-flus taċ-ċittadini tal-Unjoni li jħallsu t-taxxi f'dan iż-żmien ta' kriżi finanzjarja u ekonomika, mingħajr ma jikkunsidraw l-interessi ta' ċerti Stati Membri li għandhom Aġenzija li tinsab f'pajjiżhom għal raġunijiet oħra barra dik ta' interess pubbliku tal-Unjoni;

Proċedura dixxiplinarja

97. Ifakkar għal darba oħra li l-Parlament, sa mir-riżoluzzjoni tiegħu tal-kwittanza tal-2006, talab lill-Aġenziji jikkunsidraw li jistabbilixxu bord tad-dixxiplina bejn l-Aġenziji li jimponi, b'mod imparzjali, sanzjonijiet dixxiplinarji li jaslu sa tkeċċija; jinnota li dan il-proġett jibqa' diffiċli biex jitwettag; jitlob lill-Aġenzija responsabbli għall-koordinazzjoni tan-netwerk tal-Aġenziji biex iwaqqfu netwerk ta' persunal fil-grad meħtieġ biex ikunu membri imparzjali tal-bord tad-dixxiplina;

VIII. RIFLESSJONI DWAR L-AĠENZJI: APPROĊĊ KOMUNI

98. Jilqa' l-ħidma kontinwa tal-IWG dwar l-Aġenziji li għandha l-għan li teżamina mill-ġdid ir-rwol u l-pożizzjoni tal-Aġenziji deċentralizzati fl-ambjent istituzzjonali tal-Unjoni, kif ukoll il-ħolqien, l-istruttura u t-tħaddim ta' dawk l-Aġenziji, flimkien mal-kwistjonijiet ta' finanzjament, baġit, superviżjoni u ġestjoni; jitlob lill-IWG biex ifassal abbozz ta' proposta dwar Ftehim Komuni bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-Aġenziji;
99. Jitlob lill-Kummissjoni tfassal possibiltajiet ta' kif il-ġestjoni professjonali tar-riservi għall-infiq li jkollhom l-aġenziji tista tiġi organizzata u implimentata;
100. Jitlob lill-IWG biex jidentifika oqsma ta' duplikazzjoni u ħidma fuq ambiti simili fost l-Aġenziji eżistenti u jqis jekk xi Aġenziji jistgħux jiġu amalgamati;
101. Jemmen li l-Aġenziji jaf jibbenefikaw minn servizzi amministrattivi kondiviżi b'mod simili għall-kooperazzjoni bejn il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew; iħeġġeġ lill-IWG biex jikkunsidra l-kwistjoni tat-tifrix ġeografiku tal-Aġenziji li jżid l-ispejjeż tagħhom b'mod sinifikanti u jxekkel il-kooperazzjoni; jemmen li jekk l-Aġenziji ikunu miġbura flimkien f'għadd żgħir ta' postijiet, ikunu jistgħu jaqsmu l-ispejjeż u l-kost tal-ġestjoni, b'mod partikolari għall-amministrazzjoni tal-IT u tal-persunal u l-amministrazzjoni finanzjarja;
102. Jikkonkludi billi jiddikjara li b'mod partikolari f'dan iż-żmien ta' kriżi l-veru valur miżjud tal-Aġenziji għandu jiġi analizzat serjament u rapidament sabiex jiġi evitat kwalunkwe nfiq mhux mandatorju u assolutament neċessarju, sabiex iwieġeb kif xieraq għall-bżonnijiet stretti tal-Unjoni u tal-bżonnijiet u t-tħassib taċ-ċittadini tagħha u għat-talba tal-fiduċja tagħhom fl-istituzzjonijiet tagħna; jisħaq li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha ma jistgħux jitolbu liċ-ċittadini tal-Unjoni jfaddlu l-flus mingħajr ma jaġhmlu dan huma wkoll; jitlob għal ekwità fir-rigward ta' tfaddil kbir mill-korpi tal-Unjoni – inklużi l-Aġenziji – flimkien mal-ħtieġa ta' tali tfaddil miċ-ċittadini tagħha li huma persuni li jħallsu t-taxxa biex jikkontribwixxu għall-baġit tal-Unjoni.
103. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Aġenziji suġġetti għal din il-proċedura tal-kwittanza, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri.

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima IV — Il-Qorti tal-Ġustizzja	101
2012/555/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima V — Il-Qorti tal-Awdituri	104
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima V — Il-Qorti tal-Awdituri	105
2012/556/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	109
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VI — Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	110
2012/557/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VII — Kumitat tar-Reġjuni	113
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VII — Il-Kumitat tar-Reġjuni	114
2012/558/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew	117
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima VIII — L-Ombudsman Ewropew	118
2012/559/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima IX — Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data	120



Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsima IX — Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data 121

2012/560/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010 123

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tat-tmien, id-disa' u l-għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010 125

2012/561/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tat-Tmien, id-Disa' u l-Għaxar Fond Ewropew għall-Iżvilupp għas-sena finanzjarja 2010 139

2012/562/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 141

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 142

2012/563/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 147

2012/564/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010 148

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010 149

2012/565/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali għas-sena finanzjarja 2010 155



2012/566/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010 156

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010 158

2012/567/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010 167

2012/568/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010 169

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010 170

2012/569/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd għas-sena finanzjarja 2010 174

2012/570/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar kwittanza b'rabta mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010 175

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010 176

2012/571/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2010 183

2012/572/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għas-sena finanzjarja 2010 184



Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għas-sena finanzjarja 2010	185
2012/573/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għas-sena finanzjarja 2010	191
2012/574/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010	192
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010	193
2012/575/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għas-sena finanzjarja 2010	199
2012/576/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010	200
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li huma parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010	201
2012/577/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi għas-sena finanzjarja 2010	205
2012/578/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2010	206
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga għas-sena finanzjarja 2010	207

2012/579/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ għad-Drogi u d-Dipendenza mid-Drogi għas-sena finanzjarja 2010** 212

2012/580/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010** 213

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li huma parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010 214

2012/581/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima għas-sena finanzjarja 2010** 220

2012/582/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2010** 221

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2010 222

2012/583/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni għas-sena finanzjarja 2010** 228

2012/584/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010** 229

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 230

2012/585/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ferrovarja Ewropea għas-sena finanzjarja 2010** 237

2012/586/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010** 238



Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010	239
2012/587/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ għas-sena finanzjarja 2010	245
2012/588/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010	246
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010	247
2012/589/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010	252
2012/590/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Fornitriċi tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010	253
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit għall-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010	254
2012/591/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija għall-Provvista tal-Euratom għas-sena finanzjarja 2010	257
2012/592/UE:	
★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010	258
Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010	259



2012/593/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2010 266

2012/594/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010 267

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010 268

2012/595/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Eurojust għas-sena finanzjarja 2010 275

2012/596/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010 276

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010 277

2012/597/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2010 280

2012/598/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010 281

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010 282

2012/599/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Meju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali għas-sena finanzjarja 2010 287



2012/600/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 288

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (Frontex) għas-sena finanzjarja 2010 290

2012/601/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni ta' Koperazzjoni Operazzjonali fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 297

2012/602/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea ta' Sorveljanza tal-GNSS għas-sena finanzjarja 2010 298

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2010 299

2012/603/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea GNSS għas-sena finanzjarja 2010 305

2012/604/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010 306

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010 307

2012/605/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta ARTEMIS għas-sena finanzjarja 2010 312

2012/606/UE:

- ★ Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010 313



Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010 314

2012/607/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Clean Sky għas-sena finanzjarja 2010 319**

2012/608/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010 320**

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010 321

2012/609/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta ENIAC għas-sena finanzjarja 2010 327**

2012/610/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta FCH għas-sena finanzjarja 2010 328**

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2010 329

2012/611/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu għas-sena finanzjarja 2010 333**

2012/612/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010 334**

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010 335



2012/613/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta għall-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta dwar il-Mediċini Innovattivi għas-sena finanzjarja 2010** 341

2012/614/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010** 342

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010 343

2012/615/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni għas-sena finanzjarja 2010** 348

2012/616/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010** 349

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010 350

2012/617/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2010** 355

2012/618/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010** 356

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010 358

2012/619/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għas-sena finanzjarja 2010** 366



2012/620/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010** 367

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010 368

2012/621/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2010** 376

2012/622/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010** 377

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010 378

2012/623/UE:

- ★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għas-sena finanzjarja 2010** 387

- ★ **Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010: prestazzjoni, ġestjoni finanzjarja u kontroll tal-Aġenziji tal-Unjoni Ewropea** 388



PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

